ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 161 E
## tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi — **Volum 54** — **31 ta' Mejju 2011**

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2010-2011

Dati tas-seduti: 18-20 Mejju 2010

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 256 E, 23.9.2010.

*It-testi adottati tat-19 t' Mejju 2010 rigward il-kwittanzi għall-baġit tas-2008 ġew ippublikati fil-ĠU L 252, 25.9.2010, p. 22.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2011/C 161 E/01 — It-twaqqif ta' programm konġunt dwar ir-risistemazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar it-twaqqif ta' programm konġunt dwar ir-risistemazzjoni (2009/2240(INI)) . . . . 1

2011/C 161 E/02 — Kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ 2010

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 (2010/2013(INI)) . . . . 8

2011/C 161 E/03 — Kwistjonijiet deontoloġiċi marbuta mal-ġestjoni tal-kumpaniji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-kwistjonijiet ta' etika professjonali marbuta mal-ġestjoni tal-intrapriżi (2009/2177(INI)) . . . . 16

2011/C 161 E/04 — Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni" (2009/2159(INI)) . . . . 21

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
| --- | --- | --- |
| 2011/C 161 E/05 | Semplifikazzjoni tal-PAK<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar is-semplifikazzjoni tal-PAK (2009/2155(INI)) | 32 |
| 2011/C 161 E/06 | Żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi (2009/2175(INI)) | 38 |
| 2011/C 161 E/07 | Koerenza tal-Politiki tal-UE għall-Iżvilupp - L-Istabbiliment ta' qafas ta' politika għall-approċċ uniku tal-Unjoni<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Koerenza tal-Politiki tal-UE għall-Iżvilupp u l-kunċett ta' "Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp u iktar" (2009/2218(INI)) | 47 |
| 2011/C 161 E/08 | Penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq (2009/2154(INI)) | 58 |
| 2011/C 161 E/09 | L-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni<br>Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni | 62 |
| | **L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010** | |
| 2011/C 161 E/10 | L-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa (trombina tal-ifrat u/jew tal-ħnieżer)<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kummissjoni dwar li temenda l-Annessi tad-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/374/KE | 63 |
| 2011/C 161 E/11 | "Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015)"<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni:Pjan ta' azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri (2009/2104(INI)) | 65 |
| 2011/C 161 E/12 | Aspetti istituzzjonali tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-aspetti istituzzjonali tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (2009/2241(INI)) | 72 |
| 2011/C 161 E/13 | Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda | 78 |
| | **Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010** | |
| 2011/C 161 E/14 | Ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini (2010/2011(INI)) | 84 |
| 2011/C 161 E/15 | Sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet Ewropej<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar id-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji: sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet Ewropej (2009/2099(INI)) | 95 |

MT

*(Tkompli fuq paġna 283)*

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## It-twaqqif ta' programm konġunt dwar ir-risistemazzjoni

P7_TA(2010)0163

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar it-twaqqif ta' programm konġunt dwar ir-risistemazzjoni (2009/2240(INI))**

(2011/C 161 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 78 u 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali u Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), u d-drittijiet u l-garanziji li dawn jagħtu lir-refuġjati u lill-persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-interess prijoritarju tal-Istati Membri biex jipproteġu l-aħjar interessi tat-tfal,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar is-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea tal-ġejjieni (COM (2007)0301) tas-6 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra l-Programm tal-Kummissjoni ta' Politika dwar l-Ażil: Approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE (COM(2008)0360) tas-17 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-2908 laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Intern fit-28 ta' Novembru 2008 ((16325/1/08 REV 1 (Presse 344)) b'kunsiderazzjoni speċjali għall-akkoljenza tar-refuġjati Iraqini,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-Twaqqif ta' Programm Konġunt dwar ir-Risistemazzjoni (COM(2009)0447),

— wara li kkunsidra l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 (COM(2009)0456),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini - Il-Programm ta' Stokkolma ([1]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2009)0090.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-kummenti tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar twaqqif ta' Programm Konġunt dwar ir-Risistemazzjoni u l-Proposta għall-emenda tad-Deċiżjoni 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew tar-Refuġjati għall-perjodu mill-2008 sal-2013,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0131/2010),

A. billi politika tal-migrazzjoni ġusta u realistika fl-Unjoni Ewropea, li tinvolvi t-twaqqif tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (CEAS), trid tinkludi programm effettiv, b'saħħtu u sostenibbli dwar ir-risistemazzjoni, li jipprovdi soluzzjoni fit-tul għar-refuġjati li ma jistgħux jirritornaw fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom u li l-protezzjoni jew l-għajxien tagħhom ma jistgħux jiġu żgurati fl-ewwel pajjiżi tal-asil,

B. billi r-risistemazzjoni sservi mhux biss għan umanitarju għall-persuni li jiġu allokati pajjiż ġdid fejn jgħixu, iżda wkoll biex tħaffef lill-pajjiżi terzi mill-piż assoċjat mal-ospitalità ta' numru kbir ta' refuġjati u hija strument utli ħafna għat-tqassim tar-responsabilità,

C. billi attwalment 10 Stati Membri biss jirrisistemaw refuġjati fuq bażi annwali, bi ftit li xejn koordinazzjoni bejniethom dwar il-prijoritajiet tar-risistemazzjoni, sitwazzjoni li twassal għal nuqqas tal-użu strateġiku tar-risistemazzjoni bħala strument ta' politika esterna tal-UE,

D. billi l-użu strateġiku tal-programm ta' risistemazzjoni jista' jkollu benefiċċji diretti u indiretti mhux biss għar-refuġjati li qed jiġu risistemati iżda wkoll għal refuġjati oħra li jibqgħu fl-ewwel pajjiż ta' asil, għall-pajjiż ospitanti u għal pajjiżi oħra u anke fir-rigward tal-arranġamenti internazzjonali kollha għall-protezzjoni tagħhom,

E. billi l-programm ta' risistemazzjoni jista' jgħin biex l-immigrazzjoni illegali ssir anqas attraenti għar-refuġjati li qed jippruvaw jidħlu fl-Unjoni Ewropea,

F. billi l-ħtieġa li tintwera solidarjetà mal-pajjiżi terzi li jkunu qed jagħtu kenn lil għadd kbir ta' refuġjati li jkollhom bżonn protezzjoni internazzjonali hija fattur ewlieni u tirrifletti l-ħtieġa li tintwera solidarjetà fl-UE wkoll,

G. billi s-sehem tal-UE fir-risistemazzjoni globali tar-refuġjati għadu pjuttost modest; billi dan għandu impatt negattiv fuq l-ambizzjoni tal-UE li jkollha rwol prominenti fil-kwistjonijiet umanitarji globali u fix-xena internazzjonali,

H. billi s-solidarjetà effettiva għandha tkun fil-qalba tal-politiki komuni tal-immigrazzjoni u tal-asil fost l-Istati Membri, li għandhom jippermettu sehem ġust tar-responsabilità għall-konformità mal-obbligi internazzjonali rigward il-protezzjoni tar-refuġjati, kif ukoll għall-pajjiżi terzi li għandhom il-piż ta' numru kbir ta' refuġjati ospitati,

I. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009, il-Parlament Ewropew talab ukoll għal solidarjetà obbligatorja fir-risistemazzjoni tar-refuġjati fl-UE f'każijiet fejn, fost affarijiet oħra, il-kapaċitajiet tal-akkoljenza fi Stat Membru wieħed mhumiex biżżejjed, biex tiffaċilita r-risistemazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fi Stati Membri oħra, sakemm dawk ikkonċernati jagħtu l-kunsens tagħhom u sakemm jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tagħhom,

([1]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 348.

J. billi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi li diġà għamlu diversi programmi ta' risistemazzjoni għandha titrawwem, sabiex nibbenefikaw, permezz tal-iskambju tal-aqwa prattiki, mill-esperjenza tagħhom ta' miżuri ta' akkoljenza u integrazzjoni u l-kwalità ġenerali tal-inizjattivi ta' risistemazzjoni,

K. billi kemm l-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali, governattivi u nongovernattivi, b'mod partikulari l-UNHCR, għandhom ikunu involuti fl-istadji kollha tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE, filwaqt li jikkontribwixxu permezz tal-informazzjoni speċifika, il-kompetenza teknika, il-previżjoni loġistika u l-esperjenza li jkollhom,

L. billi l-Programm Ewropew ta' Risistemazzjoni m'għandux jagħmel il-proċess ta' risistemazzjoni aktar ikkumplikat,

M. billi l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil (EASO) hu mistenni li jsir operazzjonali fl-2010; billi dan se jkun jista' joffri appoġġ lill-Istati Membri biex iwettqu inizjattivi ta' risistemazzjoni, filwaqt li jiżguraw il-koordinazzjoni tal-politiki fi ħdan l-UE; billi l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil għandu jipparteċipa b'mod attiv fid-deliberazzjonijiet bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-UNHCR,

N. billi għandha tingħibed l-attenzjoni mhux biss għall-bżonn li jiġu involuti aktar Stati Membri fir-risistemazzjoni tar-refuġjati iżda anke dwar il-kwalità, is-sostenibilità u l-effettività tar-risistemazzjoni, b'enfasi fuq il-miżuri ta' integrazzjoni,

O. billi r-refuġjati għandhom jingħataw b'mod immedjat aċċess għall-korsijiet tal-lingwa u tal-kultura u, fejn meħtieġ, għall-kura medika u psikoloġika,

P. billi l-aċċess għall-opportunitajiet tax-xogħol għall-adulti u l-integrazzjoni immedjata tal-minuri fl-iskejjel jikkostitwixxu pass importanti lejn is-suċċess ta' inizjattiva tar-risistemazzjoni effettiva u għalhekk dawn għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' gwida edukattiva u professjonali,

Q. billi hemm diversi entitajiet, fl-amministrazzjoni pubblika (bħalma huma l-muniċipalitajiet) kif ukoll fis-soċjetà ċivili, li jvarjaw minn NGOs għal dawk ta' karità u mill-iskejjel għas-servizzi soċjali, li għandhom l-esperjenza u l-kompetenza neċessarji biex iwettqu miżuri ta' segwitu,

R. billi l-kooperazzjoni mal-entitajiet imsemmija hawn fuq – b'mod speċjali l-muniċipalitajiet – kienet ta' valur kbir fl-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati fil-pajjiżi bi prattika kkonsolidata tar-risistemazzjoni,

S. billi l-iffissar tal-prijoritajiet għandu jsir flessibbli kemm jista' jkun, mingħajr ma' tiġi injorata l-prijorità effettiva li għandha tingħata lill-kategoriji tal-iktar persuni vulnerabbli kif indikata mill-UNHCR,

T. billi r-risistemazzjoni għandha tiġi implimentata biex tikkumplementa u mhux biex tinjora s-soluzzjonijiet dewwiema l-oħra pprovduti għall-persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-UE, u billi l-isforzi fir-rigward tar-risistemazzjoni tar-refuġjati m'għandhomx inaqqsu l-isforz biex ikun żgurat aċċess ġust u effettiv għall-asil fl-UE,

U. billi l-programmi ta' rilokazzjoni interna għandhom rwol importanti wkoll u għandhom ikunu appoġġati flimkien mal-attivitajiet ta' risistemazzjoni li huma indirizzati f'dan ir-rapport,

V. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009, il-Parlament Ewropew talab ukoll għal skema li talloka mill-ġdid il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati għal oħrajn, b'konsultazzjoni mal-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli Uniti għar-Refuġjati, filwaqt li tiżgura li l-allokazzjoni mill-ġdid issegwi regoli mhux diskrezzjonali, trasparenti u mhux ekwivoċi, li jridu jiġu implimentati wkoll wara talba tal-Parlament,

W. billi mingħajr aċċess għall-informazzjoni, għar-riżorsi umani, għal pariri tal-esperti u għal segwitu permanenti dwar l-isforzi tar-risistemazzjoni, l-Istati Membri li qatt ma pparteċipaw fil-programmi ta' risistemazzjoni se jiffaċċjaw diffikultajiet kbar biex jissieħbu u se jkun diffiċli li jintlaħaq l-objettiv li jiġu involuti aktar Stati Membri,

***Programm ta' risistemazzjoni tal-UE reali u effettiv***

1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tipproponi bidla fil-Fond Ewropew tar-Refuġjati sabiex tinkorpora l-impatt tal-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE;

2. Japprezza l-objettivi ġenerali stabbiliti fil-Kommunikazzjoni dwar il-Programm ta' Risistemazzjoni kif imsemmi hawn fuq u l-attenzjoni dejjem tikber li hija ddedikata għar-risistemazzjoni fil-politika globali tal-asil tal-UE;

3. Jitlob li jkun hemm miżuri biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali jiġu infurmati dwar il-benefiċċji li jirriżultaw mir-risistemazzjoni tar-refuġjati;

4. Ifakkar, madankollu, li linja tal-baġit u appoġġ finanzjarju mhumiex suffiċjenti biex jiġi stabbilit programm ta' risistemazzjoni reali madwar l-UE kollha;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' finanzjament privat u inizjattivi pubbliċi u privati iktar mifruxa sabiex jappoġġaw il-Programm Ewropew ta' Risistemazzjoni;

6. Jitlob għal programm aktar ambizzjuż li jiżgura l-kwalità u l-effettività tar-risistemazzjoni, li jkun fih linji gwida speċifiċi fuq mudell ġdid tal-iffissar tal-prijoritajiet, inċentivi biex aktar Stati Membri jibdew jirrisistemaw ir-refuġjati, konsistenza tar-risistemazzjoni ma' politiki oħra tal-asil tal-UE u standards għall-kondizzjonijiet tal-akkoljenza kif ukoll miżuri ta' segwitu li għandhom jittieħdu f'kull inizjattiva ta' risistemazzjoni;

7. Iqis li skont il-perspettivi finanzjarji l-ġodda (2013-2017) għandu jiġi stabbilit pakkett speċifiku għar-risistemazzjoni. Tali pakkett jista' jkun f'forma ta' fond apposta għar-risistemazzjoni u għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju għal programm aktar ambizzjuż ta' risistemazzjoni;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftuħ taċ-Ċentru ta' Tranżitu tal-Evakwazzjoni (ETC) il-ġdid fir-Rumanija li joffri akkomodazzjoni temporanja lir-refuġjati li jkollhom bżonn urġenti ta' risistemazzjoni u/jew lir-refuġjati li ma jkunux jistgħu jibqgħu fil-pajjiż tal-ewwel asil tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu minnu u wkoll biex tippromwovi r-risistemazzjoni permezz taċ-Ċentru ta' Tranżitu tal-Evakwazzjoni;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi ad hoc li ħadu għadd ta' Stati Membri fir-rigward tal-akkomodazzjoni ta' refuġjati li jkollhom bżonn urġenti ta' risistemazzjoni filwaqt li jirrikonoxxi l-bżonn li tali inizjattivi jkollhom forma aktar strutturata;

***Il-ħtiġijiet għall-effiċjenza u l-kapaċità ta' rispons tal-miżuri ta' risistemazzjoni***

10. Jenfasizza li Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE għandu jipprovdi protezzjoni u soluzzjonijiet dewwiema kemm għal sitwazzjonijiet ta' rifuġjati li qed idumu iktar mis-soltu u għal reazzjonijiet rapidi u adegwati f'każ ta' emerġenza jew urġenza mhux prevista, u li t-twaqqif ta' prijoritajiet annwali ikun tali mod li jippermetti reazzjoni pronta f'każ ta' kriżijiet umanitarji għal għarrieda li jistgħu jinqalgħu matul is-sena;

11. Jisħaq fuq l-importanza li jkun permess ix-xogħol fil-kamp bi tħejjija għar-risistemazzjoni tar-refuġjati, li ssir evalwazzjoni tal-bżonnijiet tagħhom u jkun hemm lok għal ippjanar adegwat għal fażijiet ġejjiena tar-risistemazzjoni, apparti mill-informazzjoni li tista' tiġi pprovduta mill-UNHCR u mill-NGOs u organizzazzjonijiet oħra;

12. Jinkoraġġixxi sħubija pubblika u privata mal-NGOs u ma' aktar imsieħba soċjali bħal organizzazzjonijiet reliġjużi u etniċi biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-risistemazzjoni u l-promozzjoni ta' xogħol volontarju f'dan il-qasam;

13. Huwa tal-fehma li l-muniċipalitajiet li diġà huma involuti, jew li qed jinvolvu ruħhom, fir-risistemazzjoni għandhom joħolqu sħubiji u ġemellaġġi ma' muniċipalitajiet oħra fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom u fl-Istati Membri tal-UE sabiex jiskambjaw l-esperjenzi tagħhom f'dan il-qasam u jsaħħu l-kooperazzjoni fl-UE;

14. Jenfasizza l-bżonn li jiġi stabbilit qafas ta' kooperazzjoni strutturata permezz ta' miżuri biex jinġabar l-għarfien espert, u biex jiffaċilitaw il-ġbir u l-iskambju tal-informazzjoni; jenfasizza wkoll li l-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE għandu jipprovdi lill-Istati Membri (dawk li diġà qegħdin jipparteċipaw fil-programm u dawk li jixtiequ jipparteċipaw) b'aċċess għar-riżorsi umani, għall-pariri tal-esperti u għall-informazzjoni komuni li jistgħu jkunu utli fi kwalunkwe fażi tal-inizjattiva tar-risistemazzjoni; jirrikonoxxi li dawk kollha involuti fir-risistemazzjoni, u partikolarment ir-refuġjati risistemati, huma sors siewi ta' informazzjoni għall-evalwazzjoni ta' inizjattivi ta' risistemazzjoni;

15. Jitlob għall-konsiderazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki li jrawmu l-effiċjenza bejn l-Istati Membri, li jistgħu jinkludu l-promozzjoni ta' programmi konġunti, l-evalwazzjoni minn esperti oħra, it-twaqqif ta' missjonijiet konġunti, l-użu ta' infrastrutturi komuni (bħalma huma ċ-ċentri ta' tranżitu) u l-organizzazzjoni ta' missjonijiet fl-Istati Membri għall-evalwazzjoni tar-risistemazzjoni li qed issir;

16. Jitlob li ma tkunx injorata r-relevanza ta' miżuri ta' segwitu dwar il-kwalità tal-akkoljenza u l-integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti; iqis li s-suċċess tar-risistemazzjoni għandu jkun iddefinit mhux biss f'termini ta' ċaqliq fiżiku tar-refuġjati minn pajjiż terz għal Stat Membru iżda wkoll f'termini tal-implimentazzjoni tal-miżuri li jippermettu l-integrazzjoni tar-refuġjati fil-pajjiż ospitanti;

17. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lir-riżorsi umani involuti fi kwalunkwe Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE fil-preżent jew fil-futur sabiex tkun iggrantita proċedura li tippermetti prattiki tajba ta' adattament u integrazzjoni tar-refuġjati fis-soċjetà ospitanti, għaliex l-esperjenza turi li l-isforzi ta' risistemazzjoni jeħtieġ li jsiru taħt is-sorveljanza tal-uffiċjali u l-esperti xierqa;

***Unità ta' Risistemazzjoni permanenti, il-pedament ta' Programm Konġunt ta' Risistemazzjoni tal-UE effikaċi***

18. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' kooperazzjoni strutturata fir-rigward ta' attivitajiet ta' risistemazzjoni fi ħdan l-UE, li tirrikjedi tħejjija loġistika kbira, bħall-għażla u l-orjentazzjoni tal-missjonijiet, is-sorveljanza medika u ta' sigurtà, l-arranġamenti għall-ivjaġġar u l-viża, il-programmi ta' akkoljenza u integrazzjoni, hekk kif imsemmija fil-Kommunikazzjoni COM(2009)0447;

19. Jikkonferma, barra minn hekk, il-fehma li l-assenza ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri żżid l-ispejjeż tal-operazzjonijiet relatati mar-risistemazzjoni, tagħmilhom anqas attraenti u tnaqqas l-impatt strateġiku tagħhom;

20. Jirrakkomanda, għaldaqstant, il-ħolqien ta' unità speċifika bil-persunal xieraq inkarigat mill-koordinazzjoni meħtieġa bejn l-attivitajiet ta' risistemazzjoni li għaddejjin fl-Istati Membri;

21. Jemmen li l-iktar qafas istituzzjonali xieraq għal din l-Unità ta' risistemazzjoni jkun fi ħdan l-EASO, fejn din tkun tista' tikkoopera fl-ambitu tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-asil u tal-migrazzjoni;

22. Iqis li din l-unità tista' tistabbilixxi kuntatti mill-qrib mal-UNHCR u l-NGOs lokali, sabiex tikseb informazzjoni importanti biex tibgħatha lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE rigward, pereżempju, il-prijoritajiet urġenti, it-teknika tal-integrazzjoni, eċċ;

23. Jisħaq ukoll li l-Unità ta' Risistemazzjoni jista' jkollha rwol importanti fis-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-effettività u l-kwalita tal-Programm ta' Risistemazzjoni fil-livell tal-UE, billi toħroġ rapporti annwali dwar l-attivitajiet kollha, ibbażati fuq l-informazzjoni miġbura mill-istituzzjonijiet/awtoritajiet involuti fl-inizjattivi ta' risistemazzjoni fl-Istati Membri;

24. Jixtieq jenfasizza li l-Unità ta' Risistemazzjoni għandha żżomm ruħha infurmata dwar NGOs, karitajiet u entitajiet oħra li jistgħu jikkooperaw mal-awtoritajiet pubbliċi fil-proċess tar-risistemazzjoni tar-refuġjati; jinnota, barra minn hekk, li l-Unità msemmija hawn fuq għandha tippubblika b'mod regolari dokumenti li jindikaw l-istandards u l-kriterji li magħhom iridu jikkonformaw dawn l-entitajiet sabiex ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fl-iskemi ta' risistemazzjoni tal-UE;

25. Jenfasizza li l-EASO jista' jipprovdi kontribut utli ħafna sabiex jiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà bejn il-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE u politiki oħra tal-asil tal-UE;

***L-iffissar tal-prijoritajiet b'mod flessibbli***

26. Jirrikonoxxi li programm ta' risistemazzjoni adegwat jeħtieġlu aġġornament regolari tan-nazzjonalitajiet u l-kategoriji ta' refuġjati li għandhom jingħataw il-prijorità fil-proċess ta' risistemazzjoni, b'attenzjoni speċjali għall-emerġenzi ġeografiċi u b'mod partikulari għall-persuni vulnerabbli li jeħtieġu l-aktar il-protezzjoni;

27. Jemmen li l-prijoritajiet annwali tal-UE għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni, kif propost, b'involviment b'saħħtu u effettiv tal-UNHCR u tal-Parlament Ewropew fl-istadji kollha tal-identifikazzjoni u tal-evalwazzjoni tal-kandidati għar-risistemazzjoni;

28. Jissuġġerixxi li delegazzjoni ta' Membri mill-Kumitati tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), għall-Affarijiet Barranin (AFET) u għall-Iżvilupp (DEVE) jipparteċipaw fil-laqgħa annwali tal-grupp tal-esperti tar-risistemazzjoni;

29. Iqis li l-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE għandu jinkludi proċeduri speċifiċi biex jinvolvu lill-Parlament Ewropew fl-elaborazzjoni tal-prijoritajiet annwali tal-UE;

30. Iħeġġeġ lill-EASO biex jassumi rwol importanti fid-definizzjoni tal-aġenda ta' risistemazzjoni ġewwa l-UE;

31. Jiddefendi l-prinċipju li, skont il-bżonn tal-adattabilità fil-prijoritajiet annwali tal-UE, għandu jkun hemm kategoriji li jibqgħu stabbli kull sena, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrisistemaw persuni partikolarment vulnerabbli fi kwalunkwe żmien tas-sena;

32. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri individwali jistgħu jkunu awtorizzati jippreparaw għall-proċeduri ta' emerġenzja f'każ ta' ċirkustanzi umanitarji mhux previsti – pereżempju, meta r-refuġjati jkunu taħt attakk armat jew meta l-aċċidenti naturali jew il-katastrofi jaffettwaw b'mod qawwi l-kampijiet tar-refuġjati; iqis li dawn il-proċeduri jippermettu li r-risistemazzjoni ssir f'perjodu qasir ta' żmien, b'passi amministrattivi li jsiru permezz ta' skeda aċċelerata jew, f'ċerti każijiet, wara l-ispostament tar-refuġjati; jirrakkomanda li dan l-isforz jitqies fost l-għanijiet tal-Programm ta' Ristabbilizzazzjoni tal-UE;

***Ħidma biex ikun żgurat li aktar Stati Membri jipparteċipaw fir-risistemazzjoni***

33. Jiddispjaċih li 10 Stati Membri biss attwalment għandhom programmi ta' risistemazzjoni, stabbiliti mingħajr koordinazzjoni bejniethom;

34. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tibqa' volontarja, minħabba d-diverġenzi fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, is-sħab li jikkollaboraw u l-kriterja legali li jintużaw biex jiddeċiedu min għandu jiġi risistemat;

35. Jirrikonoxxi li ċerti Stati Membri, b'mod partikulari fin-Nofsinhar tal-Ewropa, jiffaċċaw sfidi partikulari minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-fruntiera esterna tal-Unjoni;

36. Jitlob, minkejja dan, għal aktar inċentivi biex jinkoraġġixxi aktar Stati Membri biex jipparteċipaw fil-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE; jirrikonoxxi li filwaqt li żieda fl-għajnuna finanzjarja hija importanti, ma għandux jiddgħajjef il-kontribut li l-EASO jista' jipprovdi fir-rigward ta' dan l-aspett billi jgħin sabiex jekwalizza s-sitwazzjoni billi jżid il-kwalità tas-servizzi offruti lir-refuġjati fl-Istati Membri u joffri l-għajnuna bl-aktar prattiki effettivi għall-ospitalità u l-integrazzjoni;

37. Jissuġġerixxi li tingħata għajnuna finanzjarja aktar sostanzjali lill-Istati Membri li jixtiequ jibdew jipparteċipaw fil-Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE, sabiex dawn jiġu megħjuna joħolqu programm ta' risistemazzjoni sostenibbli u sabiex jittaffa l-piż tat-twaqqif ta' tali inizjattiva; jissuġġerixxi li sabiex jiġi evitat impatt eċċessiv fuq il-Fond Ewropew tar-Refuġjati, il-valur tal-għajnuna finanzjarja għandu jiġi ekwalizzat għal Stati Membri oħra wara l-ewwel snin ta' parteċipazzjoni fil-programm;

38. Jemmen li mhux se jkun possibbli li jiżdied in-numru ta' refuġjati risistemati fl-UE mingħajr qafas amministrattiv u kompetenti li jsostni l-programm u l-ħolqien ta' strutturi permanenti għar-risistemazzjoni u s-segwitu tal-proċess ta' integrazzjoni;

***Miżuri ta' segwitu***

39. Iqis li Programm ta' Risistemazzjoni tal-UE effikaċi għandu jinkludi dispożizzjonijiet fuq miżuri ta' segwitu, filwaqt li jinsisti fuq il-kwalità tar-risistemazzjoni f'kull Stat Membru, standards tajbin f'kull stadju mir-rikonoxximent għall-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-refuġjati;

40. Jistieden lill-Istati Membri involuti fil-programm ta' risistemazzjoni biex jevalwaw il-miżuri li ħadu fil-proċedura ta' risistemazzjoni sabiex jiżguraw u jtejbu l-integrazzjoni tar-refuġjati. L-Istati Membri għandhom ukoll isegwu b'mod regolari l-integrazzjoni tar-refuġjati;

41. Huwa tal-opinjoni li l-awtoritajiet governattivi għandhom irawmu kooperazzjoni massima ma' entitajiet mhux governattivi (NGOs internazzjonali u lokali, pereżempju) u jibbenifikaw mill-kompetenzi ta' dawn tal-aħħar, u mill-fatt li jkunu fil-post, fil-provvediment tal-aħjar u l-aktar inizjattivi effiċjenti għar-risistemazzjoni tar-refuġjati; il-parteċipazzjoni mis-soċjetà ċivili fil-Programm Ewropew ta' Risistemazzjoni se ssaħħaħ l-inizjattivi ta' appoġġ u akkoljenza mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet lokali;

42. Jappoġġa sforzi intensivi min-naħa tal-entitajiet kollha involuti biex jagħtu lir-refuġjati, b'mod speċjali lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli, aċċess għal dar adegwata, kura tas-saħħa, edukazzjoni, korsijiet tal-lingwa u għajnuna psikoloġika, kif ukoll aċċess għas-suq tax-xogħol, sabiex tiġi żgurata integrazzjoni b'suċċess;

43. Jistieden lill-EASO, partikolarment permezz tal-Unità ta' risistemazzjoni proposta tiegħu, biex jistabbilixxi kriterji ċari għar-risistemazzjoni ta' kwalità f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR, l-NGOs u mal-awtoritajiet lokali u jsegwi r-risistemazzjoni tar-refuġjati, sabiex jikkontribwixxi għall-evalwazzjoni u t-titjib ulterjuri tal-attivitajiet ta' risistemazzjoni fl-Istati Membri;

44. Jenfasizza għal darb'oħra l-irwol tal-EASO bħala korp li jista' jqajjem aktar kuxjenza dwar ċerti nuqqasijiet fl-inizjattivi tar-risistemazzjoni, filwaqt li jgħin lill-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet speċifiċi, u jinkoraġġixxi prattiki aħjar jekk ikollu Unità tar-Risistemazzjoni permanenti;

45. Jitlob li jkun organizzat dibattitu annwali konġunt bejn il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-programm;

*

* *

46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

# Kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ 2010

P7_TA(2010)0164

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 (2010/2013(INI))**

(2011/C 161 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2009 bit-titlu "Kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel" (COM(2009)0640),

— wara li kkunsidra t-tmien ħiliet ewlenin spjegati fir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 intitolata "Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja - Qafas ta' Referenza Ewropew" ([1]),

— wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma ta' 10 snin "Edukazzjoni u Taħriġ 2010" u r-rapporti interim konġunti sussegwenti dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Esperti dwar Ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda bit-titlu "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda: Nieħdu Azzjoni Minnufih",

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2008 dwar it-tagħlim għall-adulti: qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-għoti ta' tagħlim tul il-ħajja għat-tagħrif, il-kreattività u l-innovazzjoni – l-implimentazzjoni tal-"Programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010" ([5]),

— wara li kkunsidra l-Qafas ta' Koperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ adottat f'Novembru 2009,

— wara li kkunsidra "Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp tal-Edukazzjoni", qafas strateġiku mfassal minn rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u partijiet oħra interessati f'Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni ddettaljata tal-prestazzjoni u r-rapporti nazzjonali fi sfond ta' sensiela ta' indikaturi u standards referenzjarji (SEC(2009)1598 u SEC(2009)1616),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([2]) ĠU C 290, 4.12.2007, p. 1.
([3]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([4]) ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 46.
([5]) ĠU C 45 E, tad-23.2.2010, p. 33.

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0141/2010),

A. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja huma assolutament neċessarji f'termini ta' sodisfazzjon personali tal-individwu, l-ugwaljanza, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, ċittadinanza attiva u koeżjoni soċjali,

B. billi t-titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-istudenti kollha sabiex jiksbu riżultati u kompetenzi aħjar, inizjalment permezz ta' politiki ġodda u aktar inċiżivi biex ikabbru l-provvista edukattiva, hija prijorità,

C. billi minkejja ċertu titjib fil-prestazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Unjoni Ewropea, il-biċċa l-kbira tal-krieterji tal-UE stabbiliti għall-2010 mhux se jintlaħqu, billi f'livelli partikolari tal-ħiliet jibqgħu inadegwati u billi terz tal-popolazzjoni tal-Ewropa għandha kwalifiki edukattivi ta' livell baxx,

D. billi, għaxar snin wara t-tnedija tal-Proċess ta' Bologna, il-konverġenza mixtieqa bejn l-Istati Membri rigward edukazzjoni ogħla ma nkisbitx,

E. billi l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jagħtu l-possibilità liċ-ċittadini kollha, irrispettivament mill-età, is-sess, il-kundizzjonijiet tas-saħħa fiżika, mentali, u psikiċi u l-isfond lingwistiku, etniku, nazzjonali, reliġjuż u soċjoekonomiku tagħhom, li jiksbu, jaġġornaw u jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom tul ħajjithom kollha,

F. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ huma elementi ewlenin fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda Soċjali Mġedda għal opportunitajiet, aċċess u solidarjetà; billi l-implimentazzjoni tal-aġenda tgħin biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar u jagħtu liċ-ċittadini Ewropej aktar opportunità biex jilħqu l-potenzjal tagħhom,

G. billi jinħtieġ sforz kontinwu biex jiżgura li n-nisa jkollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni fil-livelli kollha u li l-għażliet edukattivi ma jkunux determinati minn qabel skont l-isterjotipi bbażati fuq is-sessi,

H. billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-kompetenzi ewlenin titlob aktar azzjoni politika kemm fil-livell Ewropew u kemm f'dak nazzjonali,

I. billi l-isfida kruċjali għall-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Ewropa hija r-riforma tal-edukazzjoni lejn sistema ta' edukazzjoni olistika mibnija madwar it-tagħlim li tipprepara liż-żgħażagħ biex ikunu ċittadini globali kuntenti u attivi, lesti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol,

J. billi l-implimentazzjoni u t-tkomplija tal-iżvilupp tal-istrateġiji tat-tagħlim tul il-ħajja għadhom sfida kritika għal ħafna Stati Membri; billi jinħtieġ fokus aktar qawwi fuq iċ-ċiklu kollu tal-ħajja flok konċentrazzjoni fuq setturi jew gruppi speċifiċi,

K. billi l-benefiċċji tal-investimenti fl-edukazzjoni jidhru biss fuq medda twila ta' żmien u huwa importanti li jiġi żgurat li ma jitwarrbux fl-aġenda politika; billi jeħtieġ li nistiednu lill-UE tipprovdi gwida fir-rigward tal-kwalità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u għandhom jiġu evitati restrizzjonijiet baġitarji, jew tal-anqas ir-riżorsi allokati għandhom jiżdiedu u mhux jonqsu; billi l-UE teħtieġ għalhekk li tattrezza lilha nnifisha b'mekkaniżmi baġitarji li mhumiex marbuta ma' programmar annwali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ,

L. billi l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fit-taħriġ mill-ġdid u fl-aġġornament u fl-adattament tal-għarfien u l-ħiliet ta' kulħadd huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ħruġ mill-kriżi u l-wasla għall-isfidi fit-tul tal-kompetittività, l-impjiegi, il-mobilizzazzjoni u l-inklużjoni soċjali tal-ekonomija globali,

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

M. billi fl-Unjoni, aktar minn 80 % tal-għalliema tal-iskejjel primarji u 97 % ta' dawk li jgħallmu lit-tfal preskolari huma nisa filwaqt li l-perċentwal ekwivalenti fl-iskejjel sekondarji huwa biss 60 %, u fl-edukazzjoni ogħla u r-riċerka inqas minn 40 %,

N. billi l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-għalliema qed jiżdiedu billi l-ambjenti edukattivi qed isiru aktar kumplessi u eteroġenji, tibdil fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), restrizzjonijiet finanzjarji kkawżati mill-kriżi ekonomika, bidliet fl-istrutturi soċjali u familjari, u l-multikulturaliżmu,

O. billi l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku tal-UE 2020 għall-Koperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ tkun essenzjali biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi kruċjali,

P. billi l-kompetenzi diġitali se jkunu ta' importanza li dejjem tikber fl-ekonomija li qed tevolvi bbażata fuq l-għarfien u s-suq tax-xogħol tal-UE; billi dawn il-kompetenzi joffru opportunitajiet għal irkupru ekonomiku, trawwim tal-intraprenditorija, u aċċess akbar għall-impjiegi,

Q. billi l-isport huwa wieħed mill-mezzi l-aktar effikaċi fil-ġlieda kontra l-abbuż mis-sustanzi (it-tipjip, l-alkoħol u t-teħid tad-droga), peress li l-istudenti fl-edukazzjoni ogħla huma wieħed mill-gruppi soċjali l-aktar fir-riskju f'dan ir-rigward; billi l-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-isports tiddependi primarjament mill-eżistenza ta' infrastruttura xierqa ta' sfond,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq tal-Kummissjoni dwar "Kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel";

2. Jinnota li minkejja l-progress li sar matul dawn l-aħħar snin, ħafna ċittadini Ewropej għadhom mingħajr ħiliet suffiċjenti; jiġbed l-attenzjoni li waħda minn kull 7 persuni żgħażagħ (18-24 sena) titlaq l-iskola kmieni (6 miljun persuna abbandunaw l-iskola fis-27 Stat Membru tal-UE), li waħda minn kull erba' persuni tal-età ta' 15-il sena għandha ħiliet baxxi fil-qari, li madwar 77 miljun persuna (kważi terz tal-popolazzjoni Ewropea bejn il-25 u l-64 sena) huma mingħajr kwalifiki formali jew għandhom kwalifiki formali ta' livell baxx biss, li kwart biss għandhom kwalifiki ta' livell għoli u li ħafna ċittadini tal-UE m'għandhomx ħiliet tal-ICT; jenfasizza li teżisti l-problema persistenti ta' livell baxx ħafna ta' ħiliet fl-UE kollha kemm hi, u jinsab imħasseb dwar iż-żieda fin-numru ta' żgħażagħ li mhumiex kompletament litterati fl-età ta' 15-il sena (21.3 % fl-2000, 24.1 % fl-2006);

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli d-dibattitu dwar "Ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda"; jiġbed l-attenzjoni li sal-2020, 16-il miljun impjieg aktar se jirrikjedu kwalifiki għoljin u erba' miljun impjieg aktar se jirrikjedu kwalifiki medji waqt li se jkun hemm 12-il miljun impjieg inqas li jirrikjedu kwalifiki baxxi; jenfasizza li sal-2015, il- maġġoranza l-kbira tal-impjiegi, fis-setturi kollha, se jkunu jeħtieġu ħiliet tal-ICT; jitlob li dan id-dibattitu jinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-għalliema, l-istudenti, organizzazzjonijiet professjonali konċernati, l-NGOs relevanti u l-għaqdiet tal-ħaddiema, il-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri u l-istudenti, u rappreżentanti tan-negozju;

4. Iqis bħala vitali li jiġu introdotti politiki li jfittxu li jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-istudenti kollha u jenfasizza li, sabiex is-sistemi edukattivi Ewropej jilqgħu l-isfida tal-kompetittività globali, huwa meħtieġ li jiżdiedu l-opportunitajiet edukattivi disponibbli, li għandhom ikunu ta' livell ogħla u ta' firxa usa' sabiex ilaħħqu mad-domandi urġenti tas-setturi professjonali u s-suq tax-xogħol;

5. Iqis t-tagħlim tal-lingwa bħala kruċjali biex jiffaċilita l-aċċess taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol u għall-promozzjoni tal-mobilità tagħhom u opportunitajiet indaqs;

6. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw aktar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

7. Iħeġġeġ li tingħata l-attenzjoni mhux biss lejn l-impjiegi l-ġodda l-hekk imsejħa "ħodor", iżda wkoll lejn l-"impjiegi l-bojod"; jenfasizza li sal-2030 il-proporzjon tal-persuni ta' 'l fuq minn 65 sena, meta mqabbel ma' dak tal-persuni bejn il-15 u l-64 sena, se jiżdied minn 26 % fl-2008 għal 38 % sal-2030; jinnota għalhekk li se jkun hemm żieda dejjem tikber għal politiki komuni dwar anżjanità attiva, b'referenza partikolari għal miżuri li jippromwovu l-litteriżmu u jirrevedu u jaġġornaw il-ħiliet ewlenin fil-qasam tal-ICT sabiex jegħlbu l-qasma diġitali, li hija fattur li qed dejjem iżid l-esklużjoni soċjali tal-anzjani;

8. Jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-UE 2020 tenfasizza li "r-rata ta' impjiegi tan-nisa hija partikolarment baxxa" (63 % biss tan-nisa jaħdmu meta mqabbla ma' 76 % tal-irġiel) u li "l-politiki biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi se jkunu meħtieġa biex iżidu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema"; konsegwentement il-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li jkunu mmirati biex jimlew dan il-vojt fis-suq tax-xogħol, b'hekk jikkontribwixxu għall-ksib ta' tkabbir sostenibbli u l-koeżjoni soċjali; jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni li ma tkunx ibbażata fuq is-sessi mill-iżgħar età possibbli;

9. Jitlob li tingħata attenzjoni partikulari għall-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fl-edukazzjoni u t-taħriġ, irrispettivament mill-età tagħhom, b'referenza partikolari għall-integrazzjoni ġenwina ta' tfal b'diżabilità minn età bikrija fl-istabbilimenti edukattivi; jenfasizza l-ħtieġa għal investimenti xierqa u għal strateġija fuq medda twila ta' żmien biex tneħħi kwalunkwe limitu f'dan il-qasam;

10. Jemmen li l-edukazzjoni kollha għandha trawwem il-ksib ta' kompetenzi demokratiċi billi tappoġġa l-kunsilli tal-istudenti u tippermetti lill-istudenti li jieħdu responsabilità konġunta għall-edukazzjoni tagħhom kif jiġi stabbilit f'Karta dwar id-Drittijiet tal-Istudenti; f'dan ir-rigward, jitlob li jsir dibattitu bir-reqqa fis-soċjetà Ewropea dwar il-funzjonament u r-rwol tal-edukazzjoni u jissuġġerixxi li l-Agora taċ-Ċittadini Ewropej tista' tkun il-post għal tali dibattitu;

11. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri u lill-impjegati, f'koperazzjoni mill-qrib mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, biex iħeġġu t-titjib tal-ħiliet għal persuni minn sfondi żvantaġġati;

12. Jirrikonoxxi li l-globalizzazzjoni bidlet profondament is-soċjetajiet tal-Ewropa u jirrakkomanda li tiġi inkluża l-Edukazzjoni Globali/dwar l-Iżvilupp fl-edukazzjoni kollha biex tippermetti liċ-ċittadini biex jittrattaw it-theddid u l-opportunitajiet ta' dinja li qed tinbidel;

13. Iqisu essenzjali li l-litteriżmu diġitali u tal-midja jiġi stabbilit fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u li tiġi pprovduta introduzzjoni għal teknoloġiji ġodda u li kulħadd jiġi mgħallem japplika ammonti bilanċi ta' għarfien speċjalizzat u ta' ġudizzju kritiku meta wieħed juża l-forom moderni ta' komunikazzjoni u l-kontenut tal-midja; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu mtejba l-ħiliet tal-informatika taċ-ċittadini kollha Ewropej; jenfasizza li t-taħriġ u l-edukazzjoni fl-ICT, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, huma ħtieġa, meta wieħed iqis l-importanza li kulma jmur dejjem qegħda tikber ta' dawn il-ħiliet f'suq tax-xogħol li qed jevolvi;

14. Jenfasizza l-importanza ta' appoġġ suffiċjenti u ta' kwalità għolja għall-iżvilupp tal-kompetenzi tal-għalliema u biex jintroduċu mezzi ġodda ta' organizzazzjoni tat-tagħlim f'ambjenti skolastiċi attraenti;

15. Jisħaq fuq l-importanza tal-arti, il-kultura u l-isport fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-ħtieġa li tingħatalhom attenzjoni partikolari fl-edukazzjoni ta' qabel il-primarja, fl-edukazzjoni primarja u sekondarja, kif wkoll fit-tagħlim tul il-ħajja; iqis li, flimkien mal-iżvilupp ta' ħiliet vokazzjonali u tekniċi, l-edukazzjoni kulturali u soċjali hi parti integrali mill-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ għax din tgħin l-iżvilupp ta' kwalitajiet mhux akkademiċi, u b'hekk issawwar il-sens ta' sodisfazzjon individwali u l-akkwist ta' ħiliet bażiċi;

16. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed fondi għall-investiment fl-isport għall- istituzzjonijiet edukattivi u biex iżidu l-koperazzjoni tal-isferi pubbliċi u privati f'dan il-qasam;

17. Jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm biżżejjed investiment fl-edukazzjoni li jiggarantixxi l-aċċessibilità għas-suq tax-xogħol għall-kategoriji kollha;

18. Jenfasizza l-importanza tal-użu tal-istorja u tal-lingwa bħala mezzi għall-ksib tal-integrazzjoni soċjali u kulturali Ewropea;

***L-edukazzjoni ta' qabel il-primarja***

19. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja waqt it-tfulija bikrija għall-ksib bikri ta' kompetenzi ewlenin, inkluża l-ħila tat-tfal li jikkomunikaw kemm bil-lingwa nattiva tagħhom u kemm bil-lingwa tal-pajjiż ospitanti kkonċernat, u b'mod partikulari għall-appoġġ tat-tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat u dawk bi bżonnijiet (ta' tagħlim) speċjali biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-ġejjieni;

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-promozzjoni ta' kultura favur il-qari mill-istadju preskolastiku 'l quddiem, u l-importanza tal-aċċess għall-materjal ta' qari fl-età preskolastika;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-edukazzjoni fil-lingwa nattiva inkluż fil-każ ta' minoranzi tradizzjonali;

22. Jenfasizza l-importanza tal-multilingwiżmu għall-mobilità: għal din ir-raġuni jitstieden lill-Istati Membri biex jintroduċu t-tagħlim tat-tieni lingwa f'fażi bikrija;

23. Jenfasizza li huwa essenzjali li jiġu implimentati miżuri edukattivi ta' appoġġ għal tfal ta' immigranti sabiex jiġi ffaċilitat l-aġġustament tagħhom għall-ambjent edukattiv u soċjali tal-pajjiż ospitanti;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inkoraġġuti u appoġġati azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kreattività tat-tfal minn fażi bikrija tal-ħajja, u b'hekk titwitta aħjar it-triq li twassal għal kultura tal-innovazzjoni fl-Ewropa;

25. Jiġbed l-attenzjoni għall-objettivi ta' Barċellona, li kienu jimmiraw biex sal-2010 tiġi pprovduta kura tat-tfal għal tal-anqas 90 % tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola u tal-anqas 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin u li l-kura tat-tfal tkun offruta bi prezzijiet li jintlaħqu mill-akbar għadd ta' nies possibbli;

*L-edukazzjoni primarja u sekondarja*

26. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ksib tal-lingwi jkompli jiżviluppa u jiġi kkonfermat fl-iskola primarja u sekondarja, anke fir-rigward ta' tfal immigranti, u l-importanza tat-tagħlim bil-lingwa nattiva tagħhom fil-każ ta' minoranzi tradizzjonali;

27. Jappoġġa l-idea ta' approċċ edukattiv li jippermetti konsultazzjoni aktar regolari minn, u parteċipazzjoni akbar tal-istudenti fil-ġestjoni tal-proċess edukattiv, tal-parteċipazzjoni edukattiv mill-ġenituri tal-istudenti fil-komunità edukattiv u l-iżvilupp ta' relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja bejn l-istudenti u l-għalliema, li jservu biex jistimulaw l-ispirtu ta' inizjattiva u l-ksib ta' ħiliet soċjali u ċiviċi li huma essenzjali għaċ-ċittadinanza attiva;

28. Jenfasizza l-importanza tal-inkorporazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-sillabu bħala għodda neċessarja tat-tagħlim f'sistema edukattiva moderna; jappoġġa l-idea li, taħt superviżjoni xierqa, it-tfal ikunu jistgħu minn età bikrija jakkwistaw ħiliet li jippermettulhom jittrattaw il-kontenut tal-midja, u b'mod partikolari tal-internet, b'sens ta' responsabilità u ġudizzju kritiku, u jqis li huwa essenzjali li t-tfal jitgħarrfu dwar il-kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-privatezza u tad-data professjonali u l-konformità mar-regoli tad-drittijiet tal-awtur;

29. Huwa tal-fehma li l-progress li sar biex jiġu adattati l-kurrikuli tal-iskejjel għall-kompetenzi ewlenin huwa pass pożittiv, iżda huwa ta' importanza deċiżiva li jsiru aktar sforzi, partikolarment permezz tar-rikonoxximent u taċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet miksuba f'edukazzjoni formali u mhux formali, u favur il-ksib ta' kompetenzi ewlenin għall-ġid ta' persuni li jinsabu fis-sogru li jkollhom prestazzjoni mhux daqstant tajba fl-edukazzjoni u li jbatu l-esklużjoni soċjali;

30. Jitlob li tittieħed azzjoni li tippromwovi l-attività fiżika u l-isport u għat-twaqqif ta' kampjonati tal-iskejjel u l-parteċipazzjoni fihom, li jtejbu s-saħħa, irawmu l-integrazzjoni u jgħinu l-iżvilupp ta' valuri li se jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' mudelli pożittivi ta' mġiba;

31. Huwa favur l-edukazzjoni u t-taħriġ għal tfal li jkunu ġejjin minn familji migranti, filwaqt li jenfasizza l-kontribuzzjoni ewlenija tal-edukazzjoni fl-integrazzjoni ta' suċċess tal-migranti fis-soċjetà Ewropea;

32. Jitlob li jkun hemm strateġija komprensiva għall-ksib tal-kompetenzi ewlenin, li għandha tinkludi l-aspetti kollha, mir-riforma tal-kurrikuli tal-iskejjel sal-appoġġ favur taħriġ kontinwu u l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, biex b'hekk ikollna komunità edukattiva mħarrġa sew; iqis li għandhom jiġu offruti inċentivi għall-għalliema sabiex dawn jingħataw lok itejbu t-tagħlim tagħhom u jiffukaw fuq l-iżvilupp professjonali;

33. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu taħlita ta' suġġetti ġodda u materjali ġodda fl-iskejjel li jipprovdu l-edukazzjoni ġenerali sabiex iż-żgħażagħ li jbatu minn waħda mill-aktar kundizzjonijiet frekweni relatati mat-tagħlim – id-dyslexia – itemmu l-istudji tagħhom b'suċċess; minkejja d-diżabilità tagħhom relatata mat-tagħlim;

34. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni integrata sabiex ma jkunx hemm preġudizzji soċjali u diskriminazzjoni u b'hekk tikkontribwixxi għas-solidarjetà soċjali tal-Ewropa;

### *L-edukazzjoni ogħla*

35. Jitlob li titjieb il-mobilità bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, id-dinja tal-kummerċ u t-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali (pereżempju studenti, għalliema, impjegati, ħarrieġa) biex jinġiebu 'l quddiem it-tagħlim iċċentrat fuq l-istudenti u l-ksib ta' kompetenzi bħall-intraprenditorjat, il-fehim interkulturali, il-ħsieb kritiku u l-kreattività, li huma aktar u aktar meħtieġa fis-suq tax-xogħol; iqis li sabiex jintlaħaq dan l-għan għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti l-ostakoli eżistenti fl-UE, b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-ostakoli li jirrigwardaw il-barrieri finanzjarji u ta' rinkonoxximent, sabiex titjieb il-kwalità tal-esperjenzi ta' mobilità għall-istudenti kollha; jappoġġja l-iżgurar ta' kwalità ogħla tal-edukazzjoni bħala mezz li jsaħħaħ il-mobilità għal raġunijiet akademiċi u ta' riċerka u bħala prekundizzjoni għal opportunitajiet ugwali ta' xogħol għaċ-ċittadini tal-UE;

36. Jenfasizza kemm huwa importanti li ż-żgħażagħ kollha jiġu provduti b'bażi sostanzjali fil-ħiliet bażiċi essenzjali għall-promozzjoni tal-mobilità tul il-ħajja sabiex ikunu jistgħu jaffaċċjaw l-iżviluppi fis-suq tax-xogħol u fl-emerġenza tal-ħtiġijiet ġodda ekonomiċi u soċjali;

37. Jappella biex jiġu promossi programmi ta' riċerka sabiex isaħħu t-"trijangolu tal-għarfien" li huwa kruċjali biex tingħata spinta 'l quddiem lit-tkabbir u lill-impjieg fl-Unjoni Ewropea;

38. Jistieden lill-Istati Membri biex jimmoderizzaw l-aġenda tal-edukazzjoni ogħla, u b'mod partikolari, biex jikkoordinaw il-kurrikuli mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

39. Jappella lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla biex jimmoderizzaw il-korsijiet tagħhom u, b'mod ġenerali, biex jaċċelleraw il-Proċess ta' Bologna;

40. Iqis li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla għandhom jinfetħu aktar u jkun aktar mħejjija aktar għall-istudenti kollha, b'mod partikolari l-istudenti mhux tradizzjonali, l-istudenti bi bżonnijiet speċjali u l-gruppi żvantaġġati, u li wieħed mill-aktar mezzi utli sabiex jinkiseb dan l-għan huwa li jkun hemm sistemi tal-għoti li jkunu finanzjati sew fejn iż-żgħażagħ minn familji foqra jkunu jistgħu jiġu inkoraġġiti jibdew kors ta' studju; jikkunsidra wkoll li l-politiki speċifiċi għandhom ikunu implimentati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat id-dritt fundamentali tal-edukazzjoni għal kulħadd, inklużi żgħażagħ b'opportunitajiet finanzjarji inqas, u li fil-ġejjiena għandu jiġi kkunsidrat krieterju għall-ekwità fl-edukazzjoni ogħla, bħala parti mill-qafas strateġiku għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ;

41. Jerġa' jfakkar, f'dan il-kuntest, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ([1]) ta' Mejju 2007 dwar l-indikazzjonijiet imfassla għas-segwitu tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nisa, partikolarment l-edukazzjoni ogħla u r-riċerka; jiddispjaċih, għaldaqstant, li dawn l-indikaturi mhumiex meqjusa bis-sħiħ fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-2010 għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ; jinkoraġġixxi f'dan ir-rigward l-użu tagħhom bħala strument għas-sorveljanza tal-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

42. Jinnota li filwaqt li l-progress sar fir-rigward tal-aċċess tan-nisa għal edukazzjoni ogħla, in-nisa għad għandhom rappreżentazzjoni baxxa fid-dixxipplini tal-matematika, x-xjenzi u t-teknoloġija (32 % biss tal-gradwati huma nisa, filwaqt li 68 % minnhom huma rġiel); jenfasizza li t-tnaqqis ta' żbilanċji fir-rigward tas-sessi f'dawn l-oqsma se twassal għal anqas nuqqasijiet ta' ħiliet iffaċċjati fl-UE f'dawn is-setturi;

43. Iqis li l-edukazzjoni mhux formali hi qasam edukattiv kumplimentarju għall-edukazzjoni formali u jirrakkomanda li għandu jiġi ttrattat b'dan il-mod fit-tfassil tal-politika dwar l-edukazzjoni skont ET 2020;

([1]) Dokument tal-Kunsill 9152/2007.

44. Jitlob li jkun hemm investiment aktar effikaċi u wiesa' fl-edukazzjoni ogħla;

45. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu s-sħubijiet (f'livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali) bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u d-dinja tal-kummerċ u tal-investiment finanzjarju mid-dinja tal-kummerċ fl-edukazzjoni ogħla;

46. Jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw ir-riżorsi neċessarji lis-settur tal-edukazzjoni ogħla, sabiex jippermettuh jirrispondi għall-isfidi globali, bħala strument ewlieni għall-irkupru ekonomiku u soċjali wara l-kriżi ekonomika reċenti;

47. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw, permezz ta' mezzi leġiżlattivi, amministrattivi u finanzjarji, l-edukazzjoni f'ilsien art twelidhom għall-minoranzi tradizzjonali;

*It-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali*

48. Jisħaq li t-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja huma fundamentali għall-provvista ta' professjonisti ġodda u essenzjali għall-azzjoni dwar "ħiliet ġodda għal impjiegi ġodda" billi tingħata attenzjoni partikulari lill-espansjoni tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u l-apprentistati, inkluż għall-gradwati żgħażagħ abbażi ta' ftehimiet bejn l-universitajiet u n-negozji; ikompli jqis li huwa importanti li jiġu promossi perjodi ta' studju u perjodi ta' prattika għall-istudenti tat-taħriġ vokazzjonali f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod simili bħall-programm tal-Erasmus għall-istudenti universitarji; jitlob sabiex jingħata aktar appoġġ u prestiġju lit-taħriġ vokazzjonali;

49. Jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jiġu moderizzati l-programmi ta' taħriġ vokazzjonali billi jitqiesu l-kompetenzi ewlenin, sabiex, min-naħa l-waħda, tiżdied il-kwalità tagħhom u tagħmilhom aktar attraenti għaż-żgħażagħ filwaqt li, min-naħa l-oħra, isiru aktar adegwati għall-ħtiġijiet li qed jiżviluppaw fis-suq tax-xogħol; iqis li l-programmi tat-taħriġ vokazzjonali għandhom itejbu l-kompetenzi ewlenin trasversali;

50. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi adottat, abbażi tal-prattiki tajba eżistenti, mudell għar-rikonoxximent ta' krediti edukattivi li jirrigwardaw ħiliet taċ-ċittadinanza għal żgħażagħ li jkunu qed jieħdu sehem f'xogħol volontarju u servizzi komunitarji mwettqa minn assoċjazzjonijiet mhux għall-qligħ jew fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

51. Jitlob li jkun hemm titjib fit-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'livell sekondarju u l-edukazzjoni ogħla, li jiggarantixxi kwalifiki ogħla;

52. Jenfasizza d-dimensjoni relatata mat-tagħlim tul il-ħajja tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin u jisħaq li sabiex tintlaħaq implimentazzjoni sħiħa tagħha, hemm bżonn ta' aktar progress fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-tagħlim għall-adulti, inkluż permezz tar-rikonoxximent legali tad-dritt universali għall-edukazzjoni tul il-ħajja;

53. Jenfasizza l-importanza tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba u ta' suċċess bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

*It-tagħlim Tul il-Ħajja*

54. Jitlob li tittieħed azzjoni malajr biex tiġi indirizzata ż-żieda fl-għadd ta' persuni b'livell baxx ta' ħiliet fil-qari, filwaqt li jiġi provdut appoġġ partikolari lill-awtoritajiet lokali, ladarba dawn tal-aħħar huma l-aktar l-awtoritajiet li l-aktar aċċessibbli faċilment għall-pubbliku; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-persuni illitterati, li l-għadd tagħhom għadu kbir wisq, u biex jieħdu azzjoni riżoluta biex jegħlbu din il-problema – anke rigward l-adulti;

55. Jinsab ferm imħasseb dwar l-għadd dejjem ikbar ta' żgħażagħ qiegħda, speċjalment fil-kriżi ekonomika attwali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-swieq tax-xogħol ikunu kemm jista' jkun flessibbli sabiex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsibu xogħol faċilment u jiċċaqilqu faċilment minn impjieġ għall-ieħor;

56. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm titjib fl-inklużjoni tal-fornituri tal-edukazzjoni fl-iżvilupp ta' oqfsa nazzjonali ġenerali tal-kwalifiki, u li jkun hemm aktar rikonoxximent tal-edukazzjoni preċedenti, inkluż dik miksuba fuq bażi informali jew ad hoc;

57. Jinnota li fir-rigward ta' erbgħa mill-ħames kriterji adottati fl-2003, il-miri stabbiliti mhux se jintlaħqu; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali u atturi oħrajn biex jeżaminaw ir-raġunijiet ta' dan u biex jieħdu azzjoni adegwata biex jaqilbu s-sitwazzjoni;

58. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu u konsultazzjoni strutturati kontinwi bejn dawk li jinsabu fl-aħħar stadji tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u n-negozji;

59. Jappoġġja l-objettiv li l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja tiżdied minn 12.5 % għal 15 % sal-2020 u jheġġeġ biex tittieħed azzjoni adegwata; għal dan l-għan, jappella lill-universitajiet biex jiffaċilitaw aċċess aktar wiesa' għall-istudju, jiddiversifikaw u jwessgħu l-bażi ta' studenti u biex jemendaw programmi ta' studju sabiex jagħmluhom attraenti għall-adulti li jkunu se jerġgħu jibdew jistudjaw; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni aktar deċiżiva biex jappoġġaw u jxerdu l-istituzzjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja bħal pereżempju l-"Skejjel li jagħtu t-Tieni Ċans"; jappella biex il-perspettiva fir-rigward tas-sessi tittieħed inkunsiderazzjoni u tiġi promossa, fl-implimetazzjoni tal-istrateġiji tat-tagħlim tul il-ħajja; jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-universitajiet tat-tielet età jkollhom rwol essenzjali fit-tagħlim tul il-ħajja;

60. Jinnota li wieħed mill-ostakli ewlenin li jħabbtu wiċċhom miegħu l-adulti li jridu jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ huwa n-nuqqas ta' faċilitajiet ta' appoġġ għall-familji tagħhom; għaldaqstant, jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex joħolqu miżuri ta' appoġġ bħala mezz li jiżgura li l-istudenti u l-ħaddiema kollha b'responsabilitajiet familjari (bħal pereżempju l-kura tat-tfal jew ta' dipendenti oħrajn) ikollhom l-opportunità biex jaġġornaw u/jew ikabbru l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom, abbażi l-prattiki tajba żviluppati f'dan il-qasam taħt il-programmar tal-Fond Soċjali Ewropew, filwaqt li jiġu involuti kupuni għas-servizz u għar-rikonċiljazzjoni; iqis li l-opportunitajiet tat-tagħlim-e, b'mod partikolari, għandhom jiġu studjati minħabba li dawn jagħtu lok għal aktar flessibilità biex wieħed jgħaqqad flimkien l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-kura ta' persuni dipendenti;

61. Jinkoraġġixxi lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jieħu passi bl-għan li jtejjeb il-ġabra u l-analiżi tad-dejta komparabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u biex jiżgura li l-istatistika dwar l-indikaturi relevanti li jirrigwardaw il-Pjattaforma għall-Azzjoni issir disponibbli u tiġi aġġornata regolament;

62. Jirrakkomanda lill-istabbilimenti edukattiv u ta' taħriġ biex jippubbliċizzaw b'mod aktar wiesa' lill-programmi tagħhom li huma miftuħa għall-adulti u biex jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għall-ksib tal-aċċess għal dawn il-programmi;

63. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra b'mod sħiħ l-għarfien speċjalizzat tal-partijiet konċernati u r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ET2020;

64. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tinkludi l-edukazzjoni mhux formali, l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali u l-istudenti tal-iskola fil-Kriterju tal-Mobilità għall-ET 2020 li għadu jrid isir u biex tieħu r-responsabilità tal-kriterju tal-Proċess ta' Bologna dwar il-mobilità tal-istudenti;

*

* *

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## Kwistjonijiet deontoloġiċi marbuta mal-ġestjoni tal-kumpaniji

P7_TA(2010)0165

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-kwistjonijiet ta' etika professjonali marbuta mal-ġestjoni tal-intrapriżi (2009/2177(INI))**

(2011/C 161 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' April 2009 li tikkumplementa r-Rakkomandazzjonijiet 2004/913/KE u 2005/162/KE fir-rigward tar-reġim għar-rimunerazzjoni tad-diretturi ta' kumpaniji kkwotati ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009, dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li takkumpanja ż-żewġ rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, li ġiet ippubblikata fit-30 ta' April 2009 ukoll (COM(2009)0211),

— wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni (COM(2009)0362),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpaniji kkwotati ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0135/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea u l-bqija tad-dinja għaddejjin mill-iktar kriżi serja ta' dawn l-aħħar 60 sena, u l-ekonomija reali qed tiffaċċja l-agħar riċessjoni ta' dak l-istess perjodu, u billi huma mistennija kundizzjonijiet tal-impjieg diffiċli, minkejja l-irkupru relattiv tal-ekonomija,

B. billi, irrispettivament mit-tip ta' kumpanija jew is-settur li fih topera, għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-amministrazzjoni tal-kumpaniji huma importanti fil-kuntest ġenerali tal-etika professjonali ta' kif jitmexxa n-negozju, bħal pereżempju l-obbligu ta' attenzjoni, it-trasparenza, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji, l-immaniġġjar tar-riskju, is-sostenibbiltà ekonomika tad-deċiżjonijiet dwar l-investimenti finanzjarji, il-prattiki tal-bord jew l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-azzjonisti; billi l-kriżi finanzjarja riċenti wriet li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu analizzati kontinwament biex jinstabu soluzzjonijiet li jippermettu lill-kumpaniji jaffaċċjaw l-isfidi attwali u bħala għajnuna biex jiġu promossi t-tkabbir ekonomiku u t-tkattir tal-impjiegi fl-UE,

([1]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 28.
([2]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.
([3]) ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17.
([4]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

C. billi l-kriżi wriet ukoll rabtiet mill-qrib bejn l-immaniġġjar tar-riskju u l-politika dwar ir-rimunerazzjoni u l-importanza ta' din tal-aħħar fil-mekkaniżmi li jirregolaw il-funzjonament adegwat tal-kumpaniji; għal din ir-raġuni, l-immaniġġjar tar-riskji għandu jitqies dovutement fit-tfassil ta' politika ta' rimunerazzjonib'tali mod li sistemi effikaċi tal-immaniġġjar tar-riskji jkunu jistgħu jiddaħħlu f'approċċ usa' u bbilanċjat dwar il-governanza, u biex ikun żgurat li, jekk jiġu stabbiliti sistemi ta' inċentiva, tingħata attenzjoni għall-provvediment ta' istemi adegwati tal-immaniġġjar tar-riskji bħala kontrobilanċ,

D. billi l-kumpaniji fis-setturi kollha għandhom komuni għadd ta' klassijiet tar-riskju, għalkemm ċerti tipi ta' riskji huma speċifiċi għal ċerti setturi (bħal pereżempju r-riskji li jiffaċċjaw kumpaniji li huma attivi fis-settur finanzjarju); billi n-nuqqas ta' mmaniġġjar effettiv tar-riskju ikkawżat minn monitoraġġ inadegwat tal-konformità mar-regoli dwar is-superviżjoni u minn inċentivi mhux allinjati sewwa fil-politiki ta' rimunerazzjoni kellhom rwol ċentrali fil-kriżi finanzjarja riċenti,

E. billi wieħed għandu jifhem x'jinvolvi l-immaniġġjar tar-riskju u japplikah fil-livell tal-organizzazzjoni kollha u mhux biss fl-unitajiet operazzjonali individwali tagħha; barra minn hekk għandu jkun żvelat, trasparenti u suġġett għar-rekwiżiti ta' rappurtar,

F. billi kull soluzzjoni għandha tiżgura li, meta jittieħed riskju, ikun f'konformità mal-għan tan-negozju u l-istrateġija tal-kumpanija u bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tal-immaniġġjar effettiv tar-riskju; l-immaniġġjar effettiv tar-riskju għandu jitqies bħala wieħed mill-iktar elementi importanti ta' tmexxija korporattiva tajba fil-kumpaniji kollha,

G. billi wieħed mill-ewwel passi li ħadet il-Kummissjoni wara l-kriżi kien li indirizzat il-kwistjoni tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni billi kkomplementat ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2004/913/KE u 2005/162/KE, li kellhom l-għan li jiżguraw politika dwar ir-rimunerazzjoni adegwata bl-istabbiliment tal-aħjar prattiki għat-tfassil tagħha permezz ta' rakkomandazzjoni ġdida dwar is-sistema għar-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji kkwotati u permezz tal-pubblikazzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji,

H. billi l-grad ta' rakkomandazzjoni jvarja, skont it-tip ta' kumpanija filwaqt li jitqiesu kif xieraq id-daqs, l-organizzazzjoni interna u l-kumplessità tal-attivitajiet; billi distinzjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru bejn kumpanija finanzjarja (kwotata jew le) u kumpanija kwotata iżda mhux finanzjarja, u bejn setturi differenti tal-industrija finanzjarja bħalma huma s-servizzi bankarji, l-assigurazzjoni u l-immaniġġjar tal-fondi,

I. billi fil-kuntest tar-rimunerazzjoni għandhom jitqiesu diversi punti, bħal pereżempju (i) skemi ta' rimunerazzjoni, inklużi l-istruttura, it-trasparenza u s-simetrija tagħhom u r-rabta bejn ir-rimunerazzjoni u l-inċentiv, (ii) il-proċess ta' determinazzjoni tal-iskemi ta' rimunerazzjoni, inkluża d-definizzjoni ta' atturi, rwoli u responsabilitajiet, (iii) kontroll tal-iskemi ta' rimunerazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-azzjonisti, u (iv) ir-rimunerazzjoni totali inklużi s-salarji u l-pensjonijiet,

J. billi xi aspetti ta' prinċipji ta' l-ogħla importanza li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet għadhom mhumiex ċari u jeħtieġ li jiġu implimentati sewwa fil-prattika, bħall-kunċett ta' kriterji ta' prestazzjoni, li għandhom jgħinu biex tinħoloq ir-rabta bejn il-pagi u l-prestazzjoni, il-kunċett ta' "prestazzjoni mhux adegwata" fil-każ ta' pagamenti ma' tmiem l-impjieg, il-pagament ma' tmiem l-impjieg u komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji,

K. billi, minħabba d-diffikultajiet rikorrenti biex tiġi definita r-rabta bejn il-paga u l-prestazzjoni, l-attenzjoni ewlenija għandha taqa' fuq l-effettività tal-proċess li fih il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tiġi determinata u fuq it-trasparenza, liema żewġ aspetti għandhom ikunu bbażati fuq tmexxija soda definita u vvalutata b'referenza għal qafas ta' żmien xieraq orjentata lejn iż-żmien medju u fit-tul sabiex jiġu evitati politiki tal-immaniġġjar tar-riskju perikolużi u mhux sostenibbli maħsuba għaż-żmien qasir (jekk mhux saħansitra qasir ħafna) bi rwoli definiti u separati u fuq ir-responsabilitajiet ta' dawk involuti,

L. billi kwalunkwe soluzzjoni adottata m'għandhiex timxi fuq il-prinċipju ta' kappell wieħed jiġi lil kulħadd u l-kumpaniji għandhom iżommu ċerta flessibiltà fl-aġġustament tas-sistemi għall-ħtiġijiet tagħhom,

M. billi hemm bżonn ta' valutazzjoni ex-post tal-prestazzjoni u l-politika dwar ir-rimunerazzjoni,

N. billi ntwera li t-trasparenza hija element important tal-governanza tajba; billi din m'għandhiex tiġi ridotta għas-sempliċi żvelar, iżda għandha tfisser li l-kumpaniji jkunu jistgħu jispjegaw l-għażla ta' politika partikolari dwar ir-rimunerazzjoni,

O. billi l-iżvelar tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni tad-diretturi b'mod ċar u li jinftiehem għandu, fil-prinċipju, ikun ta' benefiċċju għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni, partikolarment mill-azzjonisti; tali żvelar jista' jinkludi żvelar dettaljat fil-kontijiet annwali jew fir-rapport dwar ir-rimunerazzjoni fir-rigward tar-rimunerazzjoni totali u benefiċċji oħra li jingħataw lil diretturi individwali,

P. billi l-objettiv tal-kumpanija għandu jkun l-involviment kostruttiv tal-azzjonisti u l-impjegati; billi dan jirrikjedi esplorazzjoni ta' miżuri oħrajn għall-involviment effettiv tal-azzjonisti fit-tfassil tal-politika tal-kumpanija dwar ir-rimunerazzjoni (bħall-possibbiltà introdotta fil-Ġermanja li l-kumpaniji jfittxu l-approvazzjoni tal-azzjonisti fir-rigward tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni bi skali differenti permezz ta' votazzjoni ta' parir), partikolarment peress li l-azzjonisti mhux dejjem ikunu lesti jew preparati li jassumu rwol iktar attiv; billi dan għandu jfisser ukoll li għandhom jiġu esplorati modi ta' kif tiġi żgurata mġiba proattiva iktar milli reattiva mill-azzjonisti vis-à-vis il-bords,

Q. billi, b'mod speċjali fil-kumpaniji kwotati, hemm nuqqas sostanzjali ta' parteċipazzjoni mill-azzjonisti, u billi għaldaqstant il-votazzjoni elettronika għandha tkun inkoraġġita fil-laqgħat tal-azzjonisti,

R. billi l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema rigward il-ġestjoni tal-intrapriżi tagħhom għandha tiġi implimentata b'mod korrett sabiex ikun possibbli djalogu reali mal-maniġment u biex jiġu definiti b'mod ċar l-objettivi u l-prattiki salarjali tal-intrapriżi,

S. billi jaqa' fil-kompetenza legali tal-bordijiet tal-kumpaniji li jistabbilixxu kriterji għar-rimunerazzjoni tal-maniġment u li jiffissaw il-livelli ta' tali rimunerazzjoni,

T. billi standards volontarji huma essenzjali biex titjieb il-prestazzjoni tal-bords u jista' jkun neċessarju li ssir reviżjoni tal-prattiki tajba,

U. billi l-għan għandu jkun li jiġu stabbiliti bords ta' diretturi u bords superviżorji li jkunu kapaċi jgħaddu ġudizzju objettiv u indipendenti; billi l-effikaċja u l-effiċjenza tal-bords għandhom jiġu evalwati,

V. billi, fid-dawl tad-dgħufijiet rikonoxxuti tas-sistema attwali ta' governanza korporattiva, perċentwal (pereżempju 1/3) tad-diretturi (membri tal-bord) għandu jkun magħmul minn professjonisti rimunerati, responsabbli u subordinati biss lill-azzjonisti; billi r-reponsabbiltà u s-subordinazzjoni tagħhom għandhom ikunu ffiltrati minn għarfien espert professjonali,

W. billi, filwaqt li t-tfassil ta' liġijiet f'dan il-qasam jista' jkun għażla iktar diffiċli u li tieħu iktar ħin mill-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet, l-approċċ ta' liġi li mhix vinkolanti mhux wieħed sodisfaċenti,

X. billi l-Kummissjoni beħsiebha ssegwi r-rakkomandazzjonijiet bi proposti leġiżlattivi biex l-iskemi ta' rimunerazzjoni jinġiebu fil-qasam ta' applikazzjoni tas-superviżjoni prudenzjali, u pproponiet notevolment li tirrevedi d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital; billi l-Kummissjoni beħsiebha teżamina miżuri addizzjonali fir-rigward ta' servizzi finanzjarji mhux bankarji,

Y. billi rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni fir-rigward ta' kumpaniji kkwotati mhux neċessarjament jirrappreżentaw linji gwida ġenerali xierqa għall-iżvilupp tal-aħjar prattiki f'kumpaniji li mhumiex ikkwotati,

Z. billi implimentazzjoni uniformi u koerenti ta' kull strument adottat f'dan il-qasam madwar l-UE u mill-partijiet rilevanti kollha hija essenzjali,

1. Jilqa' l-passi li għandhom l-għan li jindirizzaw l-aspetti deontoloġiċi tal-amministrazzjoni tal-kumpaniji, li l-kriżi finanzjarja riċenti żvelat li għadhom 'il bogħod milli jiġu riżolti; jilqa' f'dan il-kuntest iż-żewġ rakkomandazzjonijiet maħruġin mill-Kummissjoni;

2. Jenfasizza li l-approċċ ta' liġi mhix vinkolanti, madankollu, mhuwiex sodisfaċenti;

3. Jilqa', għalhekk, l-ewwel proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni li tippermetti lil-leġiżlatur tal-UE jindirizza adegwatement il-kwistjonijiet rilevanti, jiġifieri l-emenda tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital;

4. Jaqbel mal-prinċipji li l-Kummissjoni ressqet fir-rakkomandazzjonijiet tagħha tat-30 ta' April 2009 dwar, l-ewwel nett, is-sistemi ta' rimunerazzjoni u l-arranġamenti ta' tmexxija fir-rigward tar-rimmunerazzjoni tad-diretturi u l-maniġers ta' kumpaniji kkwotati, u t-tieni, dwar is-sistemi ta' rimunerazzjoni u l-proċess ta' abbozzar u implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni (governanza), it-trasparenza tal-politika ta' rimunerazzjoni u s-superviżjoni prudenzjali (sorveljanza) fis-settur finanzjarju, iżda jenfasizza li dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom ma ġewx ikkonkretizzati fil-prattika b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri;

5. Jisħaq li l-UE teħtieġ mudell industrijali, soċjali u ambjentali mmirat għal perjodu ta' żmien fit-tul, konsistenti mal-interessi ġenerali – tal-kumpaniji, tal-azzjonisti u tal-ħaddiema – u bi struttura finanzjarja ġdida bbażata fuq sistema ta' regoli prudenzjali u deontoloġiċi u fuq awtoritajiet superviżorji Ewropej b'setgħat vinkolanti; jemmen ukoll li s-settur finanzjarju għandu jissodisfa l-bżonnijiet tal-ekonomija reali, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, u juri l-ogħla livell possibbli ta' responsabbiltà soċjali;

6. Ifakkar li, matul il-proċess ta' ristrutturazzjoni tal-ekonomija, minbarra l-miżuri ta' għajnuna għall-ekonomija reali, il-miżuri ta' protezzjoni tal-impjiegi, tat-taħriġ u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ta' importanza fundamentali u għandhom jiġu kkunsidrati mill-partijiet kollha interessati;

7. Jisħaq li l-politiki ta' rimunerazzjoni mmirati lejn governanza soda u sostenibbli huma neċessarji mhux biss minħabba raġunijiet deontoloġiċi, iżda wkoll minħabba raġunijiet partikularment ekonomiċi, minħabba li l-politiki ta' dan it-tip għandhom impatt dirett fir-rigward tal-assi u l-perspettivi ta' żvilupp għall-kumpaniji nnifishom kif ukoll fir-rigward tal-ekonomija b'mod ġenerali u ż-żamma u l-ħolqien ta' livelli ogħla ta' impjieg;

8. Iqis li d-dispożizzjonijiet dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni għad-diretturi tal-banek u l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu aktar minn sempliċi rakkomandazzjonijiet u għaldaqstant għandhom jieħdu l-forma ta' miżuri vinkolanti marbuta ma' sistema ta' superviżjoni, bil-għan li jiġi żgurat li l-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni – il-bonusijiet, l-opzjonijiet fuq l-ishma, u l-inċentivi – ma jwassalx lill-kumpaniji biex jadottaw investiment riskjuż iżżejjed u politiki ta' mmaniġġjar li ma jagħtux kas tar-riperkussjonijiet għall-ekonomija reali;

9. Jenfasizza li l-immaniġġjar korporattiv u l-politiki ta' rimunerazzjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' ugwaljanza fil-pagi u ugwaljanza fit-trattament tan-nisa u l-irġiel stabbiliti bit-Trattati u bid-direttivi tal-UE;

10. Jara l-bżonn għal azzjoni leġiżlattiva Ewropea ulterjuri biex tiġi riżolta l-problema ta' regoli nazzjonali differenti dwar ir-rimunerazzjoni għal kumpaniji f'każijiet fejn il-maniġers jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor fi ħdan kumpanija (possedenti) jew minn kumpanija għal kumpanija oħra fi Stat Membru differenti, jew meta l-kumpaniji jużaw il-moviment ħieles fi ħdan is-suq intern, pereżempju, permezz ta' mergers transkonfinali;

11. Iqis importanti li tiġi enfasizzata r-responsabbiltà soċjali ġenerali tal-bords tal-kumpaniji fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli u fit-tul tal-kumpaniji bbażati fi Stat Membri tal-UE, u li jkun mistenni bħala d-dover ta' tali bords li jistrutturaw ir-rimunerazzjoni tad-diretturi tal-kumpaniji b'tali mod li jirrifletti dak l-objettiv u jkun trasparenti għall-pubbliku Ewropew;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

12. Iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi emendi speċifiċi għas-setturi għal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn l-istituzzjonijiet bankarji u dawk mhux bankarji fil-politika ta' rimunerazzjoni. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti leġiżlattivi fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji ħalli jgħinu biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' tmexxija tal-kumpaniji u biex tiġi żgurata konsistenza fil-politika ta' rimunerazzjoni għal kull tip ta' kumpanija;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi u tappoġġja l-implimentazzjoni effikaċi tal-miżuri adottati fil-livell tal-UE, fejn l-attenzjoni ewlenija tkun fuq il-kumpaniji transkonfinali, u biex taqdi l-obbligu tagħha li tissottometti rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni taż-żewġ rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri; f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni skeda ta' attivitajiet adegwati, kemm leġiżlattivi u kemm mhumiex, li jistgħu jkunu segwitu neċessarju;

14. Jitlob li jiġu implimentati b'mod effikaċi r-regoli li jikkonċernaw il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati magħżula fil-kuntest tad-Direttiva 2001/86/KE [1] li tikkomplementa l-Istatut tal-Kumpanija Ewropea;

15. Iħares lejn il-kumpanija Ewropea bħala pjattaforma adattata għall-aħjar prattiki bil-għan li jinżergħu prinċipji etiċi fil-mod kif jitmexxew il-kumpaniji transnazzjonali u sabiex dawn il-prinċipji jiġu kkonkretizzati fil-prattika;

16. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod effettiv miżuri bħad-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti biex ineħħu l-ostakoli għall-parteċipazzjoni tal-azzjonisti fil-votazzjoni u jtejbuha, b'mod partikolari fir-rigward ta' votazzjoni transkonfinali;

17. Jistieden lill-azzjonisti kollha biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'reviżjoni ta' prattiki tan-negozju u bidliet fil-kultura tan-negozju;

18. Jitlob inkuraġġiment sabiex iktar nisa jingħataw karigi maniġerjali permezz ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex tiġi introdotta sistema biex jimtlew karigi fil-korpi responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpaniji, karigi f'korpi oħrajn u karigi b'mod ġenerali;

19. Jipproponi li filwaqt li jiddefinixxu bl-aktar mod strett l-indipendenza tal-membri tal-korpi fil-livell ta' diriġenti ta' kumpanija, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għandhom ifittxu l-aktar mekkaniżmi effikaċi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li l-implimentazzjoni tagħhom tista' twassal mhux biss għat-tisħiħ fil-ġestjoni etika tal-kumpaniji, iżda wkoll għal żieda fis-suċċess ekonomiku tal-intrapriżi;

20. Jappoġġja l-istabbiliment ta' gwida uniformi u komprensiva rigward l-immaniġġjar tar-riskju, li attwalment jidher li hu indirizzat minn diversi kodiċi u standards applikabbli fl-Istati Membri b'mod frammentarju biss;

21. Jisħaq li, fil-każ ta' reati ekonomiċi, huwa possibbli li jinġiebu proċedimenti kriminali kontra membri individwali tal-bord tad-diretturi responsabbli għal dawn ir-reati;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-użu ta' linji gwida dwar l-aħjar prattika fir-rigward ta' kumpaniji mhux ikkwotati adattati sabiex iqisu l-partikolaritajiet u d-differenzi ta' tali kumpaniji;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni

P7_TA(2010)0166

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni" (2009/2159(INI))**

(2011/C 161 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2000, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Novembru 1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 28 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 24 tagħha,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2009 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni. Metodu miftuħ u mġedded ta' koordinazzjoni biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ" ([1]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni" - Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażagħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-201C) ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2009 dwar il-valutazzjoni tal-qafas attwali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ u dwar il-perspettivi futuri għall-qafas imġedded ([5]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażagħ fl-Unjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni ta' Ċttadinanza Attiva (2011) ([7]),

([1]) COM(2009)0200.
([2]) SEC(2009)0549.
([3]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([4]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([5]) 9169/09.
([6]) ĠU C 319, 13.12.2008, p. 8.
([7]) 15658/09.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ adottat mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 dwar "Aġenda Soċjali Mġedda", li għandha fil-mira tagħha ż-żgħażagħ u t-tfal bħala prijorità ewlenija ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub tiegħu dwar id-dedikazzjoni ta' aktar attenzjoni lir-responsabilizzazzjoni taż-żgħażagħ fil-politiki ta' l-UE ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 2008 dwar il-ġejjieni demografiku tal-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0113/2010),

A. billi l-investiment fiż-żgħażagħ huwa kruċjali għall-ġejjieni tas-soċjetajiet Ewropej, speċjalment fi żminijiet fejn il-proporzjon ta' żgħażagħ fil-popolazzjoni totali qed jonqos b'mod kostanti,

B. billi ż-żgħażagħ kollha huma riżorsa importanti għas-soċjetà u għandhom jiġu rikonoxxuti bħala tali,

C. billi l-ġenerazzjonijiet preżenti, meta jfasslu l-politiki tal-lum, għandhom responsabbiltà qawwija lejn iż-żgħażagħ u l-ġenerazzjonijiet futuri; billi min ifassal il-politika u r-riċerkaturi jeħtieġu jqisu l-opinjonijiet taż-żgħażagħ biex jagħtuhom vuċi,

D. billi l-Unjoni Ewropea għandha strumenti importanti marbuta mal-politiki taż-żgħażagħ, madankollu dawn l-istrumenti għandhom jiġu bis-sħiħ sfruttati, imxandra u integrati mill-Istati Membri,

E. billi impjieg ifisser aktar minn sempliċement xogħol imħallas: huwa fattur ta' soċjalizzazzjoni u jista' jkun sors importanti ta' appoġġ, ta' struttura u ta' formazzjoni tal-identità,

F. billi sitwazzjoni ta' xogħol prekarju tista' twassal liż-żgħażagħ biex jevitaw jew jipposponu li jibdew familja, b'effett fuq l-iżviluppi demografiċi,

G. billi, illum iż-żgħażagħ Ewropej huma esposti għal rati ta' qgħad li qed jikbru u huma affettwati bil-kriżi ekonomika, billi b'mod partikolari ż-żgħażagħ bi kwalifiki baxxi iktar għandhom possibbiltà li jkunu bla xogħol, u billi għalhekk huwa importanti, li jkun żgurat li ż-żgħażagħ jirċievu l-aħjar taħriġ possibbli li jiggarantilhom aċċess malajr u parteċipazzjoni fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol,

H. billi għandu jiġi appoġġjat aċċess ugwali għaż-żgħażagħ kollha għal edukazzjoni u taħriġ ta' livell għoli fil-livelli kollha, u għandhom jiġu promossi aktar l-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja,

I. billi t-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol għandha tiġi ffaċilitata,

([1]) ĠU C 292, 24.11.2005, p. 5.
([2]) 11517/08.
([3]) SOC/349.
([4]) DCE/2008/2193.
([5]) Testi Adottati, P6_TA(2008)0066.

J. billi bħala kwistjoni ta' urġenza għandha tingħata prijorità assoluta lill-problemi ta' tluq bikri mill-iskola u l-illitteriżmu, b'mod partikolari fost l-adolexxenti u l-popolazjoni żagħżugħa tal-ħabs,

K. billi kwistjonijiet marbuta mas-saħħa, mal-akkomadazzjoni u mal-ambjent huma ta' importanza kbira għaż-żgħażagħ u jista' jkollhom impatt serju fuq il-ħajja u l-ġejjieni tagħhom; billi għandu jiġi promoss ambjent favorevoli f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u s-saħħa,

L. billi ż-żgħażagħ, filwaqt li għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq ambjent familjari san, jeħtieġu l-għajnuna biex jissodisfaw il-bżonn ta' awtonomija u indipendenza tagħhom,

M. billi l-aspetti ambjentali mhumiex inklużi b'mod ċar fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill, minkejja li huma kruċjali għaż-żgħażagħ u jħallu impatt serju fuq is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u l-benessri ta' ġenerazzjonijiet futuri; billi, għalhekk, fi strateġija tal-UE għaż-żgħażagħ, il-kwistjonijiet ambjentali għandhom jissemmew b'mod ċar fl-oqsma ta' azzjoni,

N. billi l-parteċipazzjoni attiva f'soċjetà mhux biss hija mezz importanti għar-responsabilizzazzjoni taż-żgħażagħ iżda tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp personali tagħhom, għal integrazzjoni aħjar fis-soċjetà, għall-ksib ta' ħiliet u għall-iżvilupp ta' sens ta' responsabbiltà,

O. billi l-ħidma miż-żgħażagħ hija importanti għall-istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ, bħala attività rikreattiva valida għaż-żgħażagħ u li għandha titwettaq minnhom, iżda anki sabiex jiksbu ħiliet u żvilupp personali,

P. billi li titgħallem u tesperjenza xi tfisser li jkollok parti attiva fis-soċjetà tkattar il-fehim u l-parteċipazzjoni attiva fid-demokrazija u l-proċessi tagħha,

Q. billi l-eżistenza tal-programmi Ewropej li ż-żgħażagħ jibbenefikaw minnhom għandha tiġi mxandra aħjar liż-żgħażagħ sabiex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom,

R. billi politika taż-żgħażagħ effettiva tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' mentalità Ewropea,

***Osservazzjonijiet ġenerali***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni";

2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-201C);

3. Jinnota li n-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-kunċett ta' "żgħażagħ", tvarja fost l-Istati Membri; jinnota li dan il-kunċett huwa influwenzat minn ċirkostanzi soċjali differenti u li dan jagħti l-opportunità għal approċċ differenti minn kull Stat Membru;

4. Huwa tal-fehma li l-programmi u l-fondi tal-Komunità għandhom jirriflettu l-ambizzjonijiet tal-Ewropa għaż-żgħażagħ;

5. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-politika taż-żgħażagħ, bħat-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika, l-attenzjoni speċjali għall-isportivi żgħażagħ u l-infurżar legali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

***Osservazzjonijiet ewlenin dwar l-effettività tal-istrateġija taż-żgħażagħ***

6. Jirrikonoxxi li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC) imsaħħaħ, b'rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, huwa għodda xierqa għall-kooperazzjoni dwar il-kwistjonijiet tal-politiki taż-żgħażagħ, minkejja n-nuqqasijiet tagħhom, bħad-defiċits ta' leġittimità, in-nuqqas ta' kooperazzjoni effettiva bejn l-"esperti" u l-politiċi eletti, in-nuqqas ta' integrazzjoni xierqa mal-prijoritajiet nazzjonali u r-riskju ta' "konfużjoni dwar il-responsabbiltà" fost il-livelli varji; iqis li, biex jintlaħqu riżultati fit-tul, il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għandu jissaħħaħ;

7. Jenfasizza li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jeħtieġ li jitwettaq b'rieda politika soda min-naħa tal-Istati Membri sabiex irendi l-aqwa riżultati; iqis in-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni bħala ostakli fundamentali biex jinksibu l-miri stabbiliti;

8. Jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej biex jintlaħqu l-miri ta' din l-istrateġija u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-rappreżentanti taż-żgħażagħ biex jieħdu rwol attiv fl-implimentazzjoni tal-istrateġija taż-żgħażagħ;

9. Iħeġġeġ kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar kwistjonijiet taż-żgħażagħ bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill u jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni aktar integrata ma' u fost il-parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-proċess tal-OMC;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon id-definizzjoni ċara tal-approċċ doppju, l-introduzzjoni ta' metodi ta' ħimda u speċjalment il-lista ċara tal-istrumenti ta' implimentazzjoni stabbilita mill-Kunsill; jitlob l-involviment tal-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tal-prijoritajiet taċ-ċikli ta' ħidma; jitlob li l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ tkun ibbażata fuq evidenza, pertinenti u kkonċentrata;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi ċari u faċli li jintużaw kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali li jagħmluha possibbli, li jitjieb, jitwessa' u jiġi aġġornat l-għarfien vera tagħna dwar il-qagħda taż-żgħażagħ u li jitkejjel u jiġi kkumparat il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' objettivi stabbiliti b'mod komuni; jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni u monitoraġġ kostanti;

12. Jinnota l-importanza ta' valutazzjoni tal-istat tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ; jenfasizza li r-rapporti ta' progress tal-Istati Membri fil-qasam taż-żgħażagħ għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku sabiex tiżdied il-kuxjenza pubblika; jenfasizza l-bżonn li jiġi ssorveljat il-mod kif il-ħajjiet taż-żgħażagħ fl-Ewropa qed jiżviluppaw u jinbidlu sabiex il-progress effettiv miksub ikun jista' jiġi vvalutat;

13. Iqis li t-tagħlim fost il-pari għandu jkun żviluppat aktar bħala mezz li jiffaċilità l-iskambju ta' prattiki tajba u li jikkontribwixxi għall-konsistenza tal-azzjonijiet meħuda fuq livell nazzjonali;

14. Iqis li sabiex ikun hemm strateġija kompleta tal-UE għaż-żgħażagħ, il-formulazzjoni tal-politiki taż-żgħażagħ u dik tal-programmi u l-azzjonijiet tal-UE għandhom imorru id f'id b'mod korrett u trasparenti; iqis, b'mod partikolari, li r-riżultati li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE għandhom jagħtu reazzjoni għall-formulazzjoni tal-politika taż-żgħażagħ u l-istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ inġenerali, u vice versa;

15. jenfasizza, barra minn hekk, il-bżonn ta' analiżi fil-fond tal-programmi implimentati sabiex tkun possibbli l-ġestjoni tal-kwalità effikaċi u, abbażi tagħha, jitfassal kull titjib li jista' jkun meħtieġ fil-programmi fil-futur;

16. Jinnota l-ħtieġa li jiġu mobilizzati u simplifikati l-proċeduri ta' aċċess għall-programmi tal-UE u l-fondi soċjali u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għalihom; jisħaq fuq kemm huwa importanti li f'dan il-qasam jitfassal approċċ prattiku u mhux burokratiku bil-ħsieb li tiġi implimentata strateġija integrata biex ittejjeb il-ħajja taż-żgħażagħ; jenfasizza l-importanza li ż-żgħażagħ jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-programmi għaż-żgħażagħ sabiex il-ħtiġijiet tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu aħjar;

17. Jenfasizza r-rwol importanti tal-programmi Comenius, Erasmus u Leonardo da Vinci fl-iżvilupp ta' politiki edukattivi u ta' taħriġ Ewropej; itenni l-prijorità politika tiegħu li dawn il-programmi jitqiesu bħala pass fundamentali fl-iżvilupp ta' strateġija tal-UE għaż-żgħażagħ, speċjalment għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi pluriennali;

18. Iqis li għandu jsir saħansitra sforz akbar biex tkun promossa l-mobbiltà taż-żgħażagħ fl-Ewropa u li, fil-programmi ta' mobbiltà, għandu jkun hemm ambitu biżżejjed u attenzjoni mogħtija għal skambji lil hinn mill-edukazzjoni formali taż-żgħażagħ;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan il-programmi ta' mobbiltà l-ġodda, biex tagħti attenzjoni speċjali lill-mobbiltà tal-ħaddiema żgħażagħ u għal dan il-għan jitlob biex is-sistema ta' viża speċjali li fil-preżent teżisti għall-istudenti tiġi estiża għall-ħaddiema żgħażagħ;

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li l-mezzi tax-xandir jiġu involuti biex il-programmi għaż-żgħażagħ isiru popolari;

21. Jirrikonoxxi li t-titjib tal-ħajja taż-żgħażagħ huwa ħidma trasversali li għandha titqies f'kull qasam tal-politika; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ħolqien ta' sezzjoni għaż-żgħażagħ fid-dipartimenti u l-ministeri kollha li għandha tgħin biex jissaħħaħ l-abbozzar ta' politiki taż-żgħażagħ adegwati; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex taħtar "uffiċjali żgħażagħ" fid-direttorati ġenerali tagħha u tagħtihom taħriġ ulterjuri; iqis li l-għan għandu jkun li d-dokumenti tal-Kummissjoni jiġu vvalutati fid-dawl tal-objettivi tal-politika taż-żgħażagħ; għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-approċċ transsettorjali bħala fattur neċessarju biex jinkiseb livell massimu ta' effettività; iqis li l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet taż-żgħażagħ fl-oqsma kollha tal-politika hija fattur ewlieni għas-suċċess tal-istrateġija għaż-żgħażagħ;

22. Jenfasizza l-bżonn għall-istituzzjonalizzazzjoni tal-ġustizzja interġenerazzjonali fil-livell Ewropew u l-adozzjoni ta' dan il-prinċipju mill-Istati Membri għar-regolazzjoni ġusta tar-relazzjonijiet bejn il-ġenerazzjonijiet;

***Oqsma ta' azzjoni***

23. Jenfasizza bil-qawwa li l-kriżi ekonomika globali qed ikollha impatt kbir fuq iż-żgħażagħ u li għaldaqstant għandha tinfluwenza profondament il-prijoritajiet fi ħdan l-oqsma ta' azzjoni; iqis li dan għandu jsir billi tiġi identifikata firxa ta' miżuri biex jirfdu l-istrateġija ta' ħruġ soċjali u li għandha tingħata attenzjoni speċjali għal reviżjoni tax-xbieki ta' sikurezza soċjali u tas-sistemi tas-sigurtà soċjali;

***Prinċipji ġenerali li japplikaw għal kull qasam ta' azzjoni***

24. Jenfasizza l-importanza li jitneħħew it-tipi kollha ta' diskriminazzjoni komuni fost iż-żgħażagħ, bħalma hija d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon, id-diżabbiltà, l-età u l-orjentazzjoni sesswali;

25. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażagħ jiġu kkunsidrati bħala grupp ta' prijorità fil-viżjoni soċjali tal-UE;

26. Jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li ż-żgħażagħ b'diżabbiltà jingħataw appoġġ effettiv u magħmul apposta kif ukoll opportunitajiet reali u ugwali fl-aċċess fiżiku, sensorjali u konoxxittiv għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kultura, id-divertiment, l-isports, l-attivitajiet soċjali u l-involvimwent fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi u ċivili;

27. Jitlob miżuri li jiżguraw ir-rispett tad-diversità u l-integrazzjoni b'suċċess ta' żgħażagħ u tfal;

28. Jistieden lill-Istati Membri biex jidentifikaw ir-rabtiet trasversali bejn il-politiki taż-żgħażagħ u l-politiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi, il-kultura u oħrajn;

29. Jenfasizza l-bżonn għal rabtiet qawwija bejn il-politiki dwar iż-żgħażagħ u t-tfal;

*Edukazzjoni u taħriġ*

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-interazzjoni bejn it-tliet naħat tat-triangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni) bħala element ewlieni għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi; jirrakkomanda bil-qawwa l-promozzjoni ta' kriterji komuni għal rikonoxximent reċiproku aqwa tal-edukazzjoni mhux formali u t-taħriġ vokazzjonali, pereżempju billi titħaffef l-adozzjoni tas-sistema EQF għar-rikonoxximent tal-kwalifiki, għat-trasparenza u gall-validazzjoni tal-ħiliet;

31. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu aktar inizjattivi ħalli jinvestu fil-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi li għalihom hemm domanda, u jinkoraġġihom biex jorbut l-curricula edukattivi mad-domanda fis-suq tax-xogħol, biex jipprovdu leġiżlazzjoni għat-taħriġ vokazzjonali fiż-żmien il-qasir (fejn dan ikun għadu meħtieġ) u li, fejn ikun possibbli, jużaw il-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki;

32. Jiġbed l-attenzjoni għall-problema ta' żgħażagħ li jitilqu l-iskola u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jiżguraw li l-ogħla perċentwali possibbli ta' żgħażagħ jispiċċaw il-perjodu obbligatorju ta' edukazzjoni tagħhom;

33. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri, fil-kuntest ta' aktar finanzjament, biex jippromwovu l-mobbiltà tat-tagħlim u t-taħriġ għaż-żgħażagħ kollha, li hija fattur ewlieni biex wieħed jikseb esperjenza ta' tagħlim u ta' xogħol; jenfasizza l-importanza tal-mobbiltà taż-żgħażagħ ukoll fir-reġjuni konfinanti mal-UE billi tkun garantita parteċipazzjoni wiesgħa fil-programmi Ewropej li minnhom jibbenefikaw iż-żgħażagħ;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha biex jilħqu l-għanijiet strateġiċi u jilħqu l-livelli ta' referenza stabbiliti skont il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020"), b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li jkollhom livell baxx ta' ħiliet bażiċi u dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni;

35. Jistieden lill-Istati Membri biex joħolqu biżżejjed rotot li permezz tagħhom in-nies li jkunu ħallew is-sistema edukattiva jkunu jistgħu jerġgħu jidħlu fiha u biex jiżguraw li ponti adegwati jkunu disponibbli ħalli persuni li jkunu segwew korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem lejn livelli ogħla tal-edukazzjoni, u jħeġġiġhom jieħdu l-miżuri u joffru programmi mmirati għaż-żgħażagħ li jkuu waqgħu lura jew li jkunu ħallew l-iskola aktar kmieni minħabba ċirkustanzi diffiċli jew għażliet ħżiena;

36. Jenfasizza l-importanza li fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol iż-żgħażagħ ikunu pprovduti b'aċċess għal gwida u pariri;

37. Jistieden lil-Istati Membri biex jiżguraw li t-tfal u ż-żgħażagħ, irrispettivament mill-istatus legali tal-familji tagħhom, ikollhom id-dritt għal edukazzjoni statali li tgħinhom jiksbu, bir-rispett dovut għall-kultura u l-lingwa proprja tagħhom, il-ħakma meħtieġa tal-lingwa tal-Istat Membru ospitanti u għarfien tal-kultura tiegħu bħala għodda għall-integrazzjoni;

38. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess ugwali għall-edukazzjoni għaż-żgħażagħ irrispettivament mill-oriġini soċjali u l-kundizzjonijiet finanzjarji, u biex jiggarantixxu aċċess ugwali għall-edukazzjoni liż-żgħażagħ żvantaġġati minn familji bi dħul baxx;

39. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u jagħmlu l-edukazzjoni inklussiva – li tkopri kemm l-edukazzjoni formali kif ukoll dik informali – realtà;

40. Jenfasizza l-importanza ta' sistema ta' taħriġ ġdida, effikaċi u kontinwa għall-għalliema sabiex jgħinu lill-istudenti żgħażagħ biex ikunu jistgħu jlaħħqu aħjar mal-isfidi tas-soċjetà tagħna li qed tinbidel b'rata mgħaġġla;

41. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-litteriżmu tal-midja;

42. Jinnota li l-edukazzjoni għandha rwol fundamentali fl-iżvilupp pożittiv tal-attitudni personali;

***Impjiegi u intraprenditorija***

43. Jinsab ferm imħasseb dwar l-għadd dejjem ikbar ta' żgħażagħ qiegħda, sottoimpjegati jew li m'għandhom l-ebda sigurtà tal-impjieg, speċjalment fil-kriżi ekonomika attwali; jappoġġja bil-qawwa l-istedina indirizzata lill-Kunsill Ewropew biex jiżgura perspettiva taż-żgħażagħ fl-Istrateġija ta' Lisbona għal wara l-2010 u biex jappoġġja l-kontinwazzjoni ta' inizjattivi b'konformità mal-objettivi ġenerali tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ; jappoġġja bil-qawwa l-proposta biex jiġu żviluppati miżuri mmirati għaż-żgħażagħ fil-pjanijiet ta' rkupru mfassla fil-pjanijiet tal-kriżi ekonomika u finanzjarja;

44. Jenfasizza l-ħtieġa essenzjali li jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi u jqis li l-aġenda UE 2020 mġedda għandha tippermetti li l-UE tirkupra bis-sħiħ mill-kriżi billi timxi aktar malajr lejn ekonomija innovattiva u li toħloq ix-xogħol; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ li l-aġenda mġedda tkun aktar iffukata fuq iż-żgħażagħ;

45. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni kontra n-nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg prekarji li ż-żgħażagħ jesperjenzaw fis-suq tax-xogħol u biex jappoġġjaw b'mod attiv ir-rikonċiljazzjoni tad-dinja tax-xogħol mad-dinja tal-ħajja personali u tal-familja;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu d-dimensjoni interġenerazzjonali fil-politiki tagħhom sabiex irawmu l-impjieg;

47. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għal kull tip ta' impjieg b'kundizzjonijiet tax-xogħol tajba sabiex jiġi evitat li jkun hemm diskrepanza bejn il-ħiliet u x-xogħlijiet, li tirrappreżenta ħela ta' talent; f'dan ir-rigward, jirrakkomanda titjib fil-kwalità tal-apprentistati pprovduti kif ukoll fid-drittijiet tal-apprentisti billi jiġi żgurat li l-maġġoranza tal-programmi interni jattribwixxu kwalifiki liż-żgħażagħ u jwassluhom għal karigi bi ħlas;

48. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex joffru aktar opportunitajiet ta' impjieg, jimplimentaw politiki ta' protezzjoni soċjali għal żgħażagħ żvantaġġati, jiżguraw opportunitajiet ugwali għaż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni periferiċi u f'ċentri urbani, u jagħtu appoġġ speċjali lill-ommijiet żgħażagħ;

49. Ifakkar fir-riskju ta' telf tal-imħuħ u l-konsegwenzi negattivi għall-pajjiżi ta' oriġini taż-żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri biex jesploraw u jiżviluppaw strateġiji għaż-żamma taż-żgħażagħ f'pajjiżi u reġjuni suxxettibbli għal migrazzjoni 'l barra, li tieħu diversi forom, bħal pereżempju t-telf tal-imħuħ, il-mili ta' nuqqas ta' ħiliet u x-xogħol irħis, flessibbli, bla sengħa u ta' sikwit staġunali;

50. Jistieden lill-Istati Membri biex jeliminaw il-każijiet fejn tiġi nnutata diskrepanza bejn il-livelli ta' dħul bejn iż-żgħażagħ irġiel u dawk nisa fuq il-bażi tas-sess;

51. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw drittijiet ta' impjieg deċenti u sigurtà soċjali f'era ta' globalizzazzjoni billi jilħqu bilanċ bejn il-flessibbiltà u s-sigurtà;

52. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu t-trasferibbiltà totali tal-benefiċċji soċjali miksuba sabiex ma tiġix ipperikolata l-protezzjoni tal-benessri għall-ħaddiema żgħażagħ li għażlu l-mobbiltà;

53. Jenfasizza l-importanza ta' perjodi ta' taħriġ prattiku f'kumpaniji u istituzzjonijiet waqt il-perjodu ta' studju, li sussegwentement jafu jagħmluha iktar faċli biex wieħed isib xogħol;

54. Jissuġġerixxi l-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ billi tittejjeb il-komunikazzjoni dwar l-intraprenditorija, permezz tal-appoġ għall-iżvilupp ta' strutturi u netwerks Ewropej għal dak il-għan u billi ż-żgħażagħ jiġu inkoraġġiti jibdew jaħdmu għal rashom u billi jużaw għodda ta' mikrokreditu u mikrofinanzjament; jenfasizza l-importanza ta' tagħlim tul il-ħajja;

55. Jappoġġja l-bżonn ta' sinerġiji bejn id-dinja tal-edukazzjoni u dik tal-industrija kif ukoll il-bżonn ta' forom avvanzati ta' integrazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji;

**It-Tlieta 18 ta’ Mejju 2010**

56. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jappoġġjaw inizjattivi privati għaż-żgħażagħ, anke permezz ta’ programmi nazzjonali li jissuplimentaw il-programmi Ewropej;

57. Jiġbed l-attenzjoni għal bżonn li jitfasslu politiki għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata u li jħeġġu liż-żgħażagħ biex jibdew familja; jinnota wkoll l-attenzjoni il-bżonn li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ikollhom dħul biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet indipendenti, inkluża d-deċiżjoni li jibdew familja;

***Saħħa, benesseri u ambjent***

58. Jenfasizza li l-impatt tat-tibdil klimatiku u ambjentali kif ukoll id-degradazzjoni ambjentali għandhom impatt negattiv fuq il-ħajja taż-żgħażagħ u jitlob azzjonijiet sostenibbli f’dan il-qasam;

59. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-curricula tagħhom jinkludu forom xierqa ta’ edukazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskji relatati mas-saħħa u mal-ambjent;

60. Jiddispjaċih ħafna minħabba l-fatt li l-qafas ta’ kooperazzjoni ma jagħmel l-ebda referenza għall-politiki tal-konsumatur; huwa tal-fehma li ċerti problemi jistgħu jkunu relatati mal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta’ ikel ħażin għas-saħħa;

61. Jenfasizza l-ħtieġa li titqies il-vunerabbiltà speċifika taż-żgħażagħ u t-tfal fil-formulazzjoni tal-politiki ambjentali u tal-konsumatur; jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumaturi żgħażagħ permezz ta’ azzjonijiet bħal kampanji ta’ informazzjoni u edukazzjoni;

62. Jenfasizza l-importanza li tkompli tikber il-ġlieda kontra l-użu tad-drogi u l-alkoħol, kontra l-ħsara relatata mal-alkoħol u kontra kwalunkwe forma oħra ta’ vizzju, inkluż il-logħob tal-ażżard, speċjalment permezz ta’ prevenzjoni u riabilitazzjoni; jistieden lill-Istati Membri biex jisfruttaw kemm jista’ jkun il-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi u l-Istrateġija tal-UE fir-rigward tal-għajnuna għall-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ħsara relatata mal-alkoħol u forom oħrajn ta’ vizzji;

63. Ifakkar ukoll li t-tfal u ż-żgħażagħ huma esposti għal numru kbir ta’ xeni ta’ natura vjolenta fil-midja; jissuġġerixxi li l-kwistjoni tkompli tiġi investigata u li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji bil-għan li jinqered l-impatt fuq is-saħħa mentali tagħhom;

64. Jirrakkomanda li ż-żgħażagħ jiġu ggwidati fl-użu tagħhom tat-teknoloġiji l-ġodda permezz ta’ politiki dwar l-edukazzjoni tal-midja u politiki biex titqajjem kuxjenza fir-rigward tal-perikli inerenti fl-użu bla kontroll tagħhom;

65. Jenfasizza r-rwol tal-għoti ta’ informazzjoni liż-żgħażagħ dwar il-kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni sesswali fil-ħarsien ta’ saħħithom;

66. Jiġbed l-attenzjoni għal-livell kontinwament għoli ta’ tqala taħt l-età u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu kuxjenza fost iż-żgħażagħ u jedukawhom dwar din il-problema;

67. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-immigranti tfal u żgħażagħ fit-territorju tagħhom ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa bażika, irrispettivament mill-istatus legali tal-familji tagħhom;

68. Jenfasizza r-rwol tal-isport bħala sett sħiħ ta’ attivitajiet li jippromwovu stili ta’ ħajja b’saħħithom għaż-żgħażagħ u li jħeġġu l-ħidma f’tim, l-ispirtu ta’ korrettezza u r-responsabbiltà u r-rwol tal-informazzjoni għaż-żgħażagħ fil-ġlieda kontra l-vjolenza fil-grawnds sportivi; isejjaħ għal programmi speċjali għaż-żgħażagħ b’diżabbiltà;

69. Jistieden lill-Istati Membri biex, fl-isforzi tagħhom biex iħeġġu liż-żgħażagħ jipparteċipaw fl-isports, iqisu l-kwistjonijiet relatati speċifikament mas-sessi u jipprovdu appoġġ għal sports inqas popolari wkoll;

70. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta’ kampanji ta’ edukazzjoni għaż-żgħażagħ kontra d-doping u favur sport ħieles mid-drogi;

***Parteċipazzjoni***

71. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu strutturat kontinwu u konsultazzjoni maż-żgħażagħ; iħeġġeġ bil-qawwa l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-livelli kollha (lokali, nazzjonali u internazzjonali) fil-formulazzjoni tal-politiki ġenerali u, b'mod partikolari iżda mhux esklussivament, tal-politika dwar iż-żgħażagħ, permezz ta' djalogu strutturat kontinwu;

72. Jenfasizza l-importanza li jiġi kkunsidrat il-metodu ta' konsultazzjoni taż-żgħażagħ, sabiex jiġi żgurat li titqies firxa wiesgħa ta' fehmiet taż-żgħażagħ; huwa favur l-iżvilupp ta' strutturi fejn il-parteċipanti kollha jistgħu jaħdmu flimkien, jinfluwenzaw il-politiki u d-deċiżjonijiet b'mod ugwali u jipprovdu l-mezzi meħtieġa biex jinħolqu dawn l-istrutturi;

73. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fil-proċess tat-tfassil tal-politika, inkluż fil-livell lokali;

74. Jenfasizza l-importanza ta' rappreżentanti taż-żgħażagħ rappreżentattivi fid-djalogu strutturat u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkonsulta lir-rappreżentanti tal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ dwar t-temi prijoritarji taż-żgħażagħ;

75. Jaqbel mal-ħtieġa indirizzata frekwentement tar-rikonoxximent u l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-kontribuzzjoni kbira tagħhom għall-edukazzjoni mhux formali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħeġġu lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu u jipprovdu appoġġ għal parlamenti lokali taż-żgħażagħ u biex iniedu programmi korrispondenti;

76. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti dejjem iżjed żgħażagħ diversi bil-għan li tissaħħaħ ir-rappreżentattività; huwa favur li l-parteċipazzjoni titħeġġeġ minn età bikrija; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ riflessjoni dwar it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-iskejjel, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili u jirrakkomanda bil-qawwa t-trawwim ta' rikonoxximent iktar b'saħħtu tal-edukazzjoni mhux formali;

77. Jissuġġerixxi t-twaqqif ta' skemi ta' għotjiet għaż-żgħażagħ li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà, bl-iskop aħħari li tiġi stabbilita kultura kemm tad-drittijiet kif ukoll tal-obbligi;

78. Jenfasizza l-bżonn ta' sforzi partikulari biex iż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni periferiċi u rurali u fi kwartieri fqar jitħeġġu jipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet Ewropej; f'dan ir-rigward, jiddispjaċih li l-qafas ta' kooperazzjoni ma jipproponi l-ebda azzjoni speċifika sabiex il-programmi tal-UE jiġu kkomunikati aħjar liż-żgħażagħ u b'mod partikulari lil dawk li jgħixu f'żoni remoti u lil dawk li mhumiex organizzati f'organizzazzjonijiet politiċi, soċjali jew mhux governattivi; jitlob mill-Kummissjoni impenn definittiv f'dan ir-rigward;

79. Jenfasizza l-bżonn li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi żgurat skambju ta' fehmiet u informazzjoni effikaċi u trijangolari bejn il-komunitajiet akkademiċi, kummerċjali u politiċi fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

***Kreattività u kultura***

80. Jistieden lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda biex jagħtu spinta lill-kreattività u l-kapaċità ta' innovazzjoni taż-żgħażagħ u jiġġeneraw interess fil-kultura, fl-arti u fix-xjenza;

81. Jinsab sorpriż bin-nuqqas ta' kwalunkwe referenza espliċita għall-kwistjonijiet kulturali fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni; u jiddikjara wkoll li dawn il-kwistjonijiet ma jistgħux jinkludu biss l-intraprenditorija u l-użu ta' teknoloġiji ġodda;

82. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tqis ir-rwol li għandhom l-attivitajiet soċjali u kulturali, li tikkomplementa r-rwol tas-sistemi tal-edukazzjoni u dak tal-familji; jinnota wkoll li dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll b'mod deċiżiv għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza u jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għal attivitajiet ta' divertiment, kultura u sport;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

83. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-kultura taż-żgħażagħ meta l-Istati Membri jallokaw il-fondi, minħabba li dan huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-kreattività taż-żgħażagħ;

84. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta inkluża fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi promoss taħriġ speċjalizzat għall-ħaddiema żgħażagħ fil-kultura, fil-midja ġdida u fil-kompetenzi interkulturali;

85. Jissuġġerixxi l-inklużjoni ta' perspettiva taż-żgħażagħ fil-politiki, il-programmi u l-azzjonijiet fl-oqsma tal-kultura u l-midja;

86. Huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet kulturali (pereżempju l-mużewijiet, il-libreriji u t-teatri) għandhom jitħeġġu biex jinvolvu iktar lit-tfal u liż-żgħażagħ;

87. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex joħolqu pass Ewropew taż-żgħażagħ sabiex iż-żgħażagħ ikollhom aċċess għall-istituzzjonijiet kulturali madwar l-UE bi prezz baxx ħafna;

***Attivitajiet ta' volontarjat***

88. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill li jiddikjara s-sena 2011 bħala s-Sena Ewropea tal-Volontarjat kif ukoll il-miżuri stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà taż-żgħażagħ voluntieri madwar l-Unjoni Ewropea;

89. Huwa tal-fehma li l-volontarjat taż-żgħażagħ għandu jkun appoġġjat, anke billi jiġi estiż il-programm tas-Servizz Volontarju Ewropew, u billi ż-żgħażagħ żvantaġġati jiġu megħjuna jimpenjaw irwieħhom għall-volontarjat;

90. Iqis li, skont ma jkun ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Azzjoni Preparatorja Amicus, għandhom jiġu eżaminati azzjonijiet ulterjuri ta' dan it-tip;

91. Huwa tal-fehma li l-attivitajiet volontarji m'għandhomx jieħdu post l-opportunitajiet ta' impjieg professjonali u bi ħlas iżda għandhom iżidu l-valur għas-soċjetà;

92. Jitlob l-introduzzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' "Pass Ewropew tal-Voluntiera" bħala żieda għall-"Pass Ewropew taż-Żgħażagħ" eżistenti; dan il-pass jipprovdi reġistru tal-ħidma volontarja mwettqa mit-tfal u miż-żgħażagħ u jkun jista' jiġi ppreżentat lil dawk li potenzjalment jistgħu iħaddmuhom bħala prova ta' kwalifika;

***Inklużjoni soċjali***

93. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-2010 hija s-Sena Ewropea tal-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, li qed ikollha impatt qawwi fuq iż-żgħażagħ;

94. Huwa tal-fehma li, fl-isfond ta' soċjetajiet li qed jixjieħu, l-ekwità interġenerazzjonali hija sfida ċentrali; jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-interessi taż-żgħażagħ u tal-ġenerazzjonijiet futuri meta jkunu qed jifformulaw il-politiki tagħhom, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u finanzjarja;

95. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati iktar programmi ta' involviment fil-komunità mal-gruppi emarġinati bħall-immigranti żgħażagħ u dawk kollha bi bżonnijiet speċjali (il-persuni b'diżabbiltà, iż-żgħażagħ li jeħtiġilhom jerġgħu jiġu integrati fis-soċjetà wara perjodu ta' priġunerija, dawk bla dar, dawk f'xogħol każwali, eċċ.);

96. Jirrikonoxxi l-bżonn li titqajjem kuxjenza fir-rigward taż-żgħażagħ b'diżabbiltà u jistieden lill-Istituzzjonijiet Ewropej biex jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li, fil-ġejjieni, iż-żgħażagħ b'diżabbiltà jkunu integrati b'mod sħiħ;

97. Ifakkar it-talba tiegħu biex tiġi żgurata ugwaljanza bejn is-sessi minn età bikrija u fl-oqsma kollha tal-ħajja; għaldaqstant, jilqa' b'mod partikulari l-fatt li r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li ttejjeb il-kura tat-tfal u tippromwovi l-kondiviżjoni tar-responsabilitajiet bejn il-ġenituri sabiex tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik tax-xogħol kemm għaż-żgħażagħ nisa kif ukoll għaż-żgħażagħ irġiel;

98. Jenfasizza l-bżonn li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu konxji mill-fatt li d-diskriminazzjoni mhija aċċettabbli fl-ebda forma u fl-ebda qasam u li tittieħed azzjoni determinata kontra kull forma ta' estremiżmu;

99. Jirrakkomanda li tingħata prijorità f'kull Stat Membru biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm minorenni żgħar li ma jiċċaħdu mill-kura soċjali;

100. Jenfasizza l-importanza ta' ambjent diġitali inklussiv; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, bħala parti mis-sistemi ta' edukazzjoni formali u informali tagħhom, kunċetti li jiggarantixxu aċċess għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura u li jtejbu l-ħiliet taż-żgħażagħ fir-rigward tal-midja;

***Iż-żgħażagħ u d-dinja***

101. Jirrakkomanda għajnuna ta' żvilupp diretta fir-rigward ta' miżuri għall-benefiċċju taż-żgħażagħ u għall-ġlieda kontra l-użu tad-drogi u kontra t-traffikar tad-drogi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

102. Huwa favur it-trawwim ta' attivitajiet ta' interess ġenerali li joħolqu sens ta' responsabbiltà fost iż-żgħażagħ, bħalma huma l-volontarjat għat-tibdil fil-klima, għall-iżvilupp jew għall-għajnuna umanitarja; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon l-opportunitajiet li l-ħolqien ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja se jagħti liż-żgħażagħ biex jipparteċipaw fil-ħidma umanitarja tal-UE, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha jkunu jafu sewwa bl-eżistenza tiegħu;

103. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tesplora l-possibbiltà li jiżdiedu l-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-volontarjat taż-żgħażagħ;

104. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw skambji u skemi ta' ġemellaġġ ma' pajjiżi u komunitajiet terzi sabiex jippromwovu djalogu interkulturali u jħeġġu liż-żgħażagħ biex jidħlu fi proġetti komuni;

105. Jitlob it-titjib u l-implimentazzjoni estensiva tal-programm Erasmus Mundus;

*

* *

106. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## Semplifikazzjoni tal-PAK

P7_TA(2010)0172

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar is-semplifikazzjoni tal-PAK (2009/2155(INI))**

(2011/C 161 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2005 - Semplifikazzjoni u Regolamentazzjoni aħjar għall-Politika Agrikola Komuni (COM(2005)0509),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2009 - PAK semplifikata għall-Ewropa – suċċess għal kulħadd (COM(2009)0128),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0051/2010),

A. billi l-leġiżlazzjoni kollha trid tkun proporzjonata mal-objettiv u għandha tiddaħħal biss wara li ssir verifika sħiħa tal-impatt li tanalizza l-piż finanzjarju li tkun se timponi l-leġiżlazzjoni, u li tinkludi analiżi sħiħa tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż,

B. billi s-semplifikazzjoni għandha l-ewwel u qabel kollox tkun ta' benefiċċju għall-bdiewa u mhux biss għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-aġenziji tal-pagamenti fl-Istati Membri, kif ġie osservat b'mod predominanti,

C. billi l-PAK il-ġdida għandha tippermetti lill-bdiewa jikkonċentraw fuq l-għan ewlieni tal-forniment ta' ikel sigur, ta' kwalità u traċċabbli filwaqt li tappoġġjahom wkoll biex jipprovdu prodotti pubbliċi li mhumiex tas-suq,

D. billi l-objettiv għandu jkun ir-riduzzjoni tal-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-PAK filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-produtturi Komunitarji, ħalli l-bdiewa jkunu jistgħu jiddedikaw aktar ħin jaħdmu r-raba',

E. billi l-PAK il-ġdida għandha tkun kompetittiva b'mod sostenibbli,

F. billi jeħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm leġiżlazzjoni ċara u li tinftiehem u li tipprovdi ċertezza legali għall-awtoritajiet kompetenti u għall-bdiewa, u li tiġi eliminata l-leġiżlazzjoni bla bżonn,

G. billi d-distribuzzjoni tal-pagament uniku għal kull azjenda agrikola għandha tiżgura l-ġustizzja,

H. billi jinħtieġ qafas legali operattiv għall-ġestjoni tal-kwestjonijiet legali importanti li għandhom x'jaqsmu mal-PAK,

I. billi l-KAP il-ġdida għandha tkun aktar orjentata lejn is-suq, in linja mar-riformi reċenti tal-politika agrikola komuni, u aktar iffokata fuq ir-riduzzjoni tal-protezzjoniżmu eċċessiv, filwaqt li żżomm disponibbli l-għodod biex tgħin lill-bdiew fi żminijiet ta' volatilità ekonomika severa,

J. billi l-PAK il-ġdida għandha tkun aktar sempliċi u sensittiva,

K. billi l-leġiżlazzjoni għandha tkun aktar flessibbli, sabiex il-PAK tadatta ruħha b'mod li tirrikonoxxi reġjuni u territorji speċifiċi, mingħajr ma tipperikola l-karattru komuni tal-PAK,

L. billi l-iskambju tal-aħjar prattika għandu jkun promoss fost l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali,

M. billi l-Politika Agrikola Komuni għandha importanza ċentrali fl-UE-27 bħala mezz li mhux biss jiżgura l-provvista adegwata ta' ikel sigur iżda wkoll ikompli jirreaġixxi għal sfidi bħall-konservazzjoni ta' żoni rurali, ta' reġjuni muntanjużi, ta' żoni żvantaġġati u ta' żoni estremament periferali u l-multifunzjonalità tal-agrikoltura Ewropea,

***Prinċipji ġenerali***

1. Jenfasizza li l-PAK għandha tfittex li tarmonizza r-regolamentazzjoni billi tneħħi d-duplikazzjoni; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex meta tintroduċi regolament ġdid fl-istess waqt tagħmel ħilitha biex tneħħi l-piżijiet bla bżonn;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkonsulta b'mod wiesa' u regolari mal-partijiet agrikoli interessati sabiex tkun tista' tivvaluta aħjar l-impatt tar-regolamentazzjoni fuq il-post, u sabiex tidentifika regoli prattiċi, sempliċi u trasparenti għall-bdiewa;

3. Jenfasizza li s-semplifikazzjoni ulterjuri tal-PAK hija meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet tal-UE, għall-Istati Membri u għall-benefiċjarji nfushom; b'dan il-mod, il-politika għandha tinfthiem aħjar mill-bdiewa u miċ-ċittadini li jħallsu t-taxxi;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tarmonizza r-regoli tal-PAK billi telimina d-duplikazzjoni tal-kompiti u billi tnaqqas il-burokrazija, bil-ħsieb li tiżdied il-kompetittività tas-settur agrikolu fl-Istati Membri kollha;

5. Jenfasizza li l-miżuri tal-PAK għandhom ikunu proporzjonati għall-objettiv u li t-triq leġiżlattiva għandha tintagħżel biss meta din tkun ġenwinament ġustifikabbli, biex b'hekk tiġi evitata kostruzzjoni legali li tkun diffiċli biex tinftiehem mill-bdiewa;

6. Jitlob li l-PAK tkun immexxija mill-eżitu aktar milli ffokata fuq ir-regolamentazzjoni u li l-Istati Membri kollha u l-awtoritajiet reġjonali tagħhom joffru aktar assistenza u konsulenza lill-bdiew permezz ta' għodod ta' konsulenza u permezz ta' metodi ta' komunikazzjoni li jgħoddu għaċ-ċirkostanzi;

7. Jistenna li, b'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar, il-leġiżlazzjoni fil-ġejjieni tkun akkumpanjata minn valutazzjoni sħiħa tal-impatt li tqis il-piżijiet regolatorji u amministrattivi, u li tiżgura li kwalunkwe regolament ġdid ikun proporzjonat għall-miri li jkollu l-għan jilħaq;

8. Jemmen li, fejn ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-awtoċertifikazzjoni;

9. Iqis li l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla, fil-pjanijiet ta' żvilupp rurali, li jintroduċi skemi ta' land parcels b'rata fissa, b'mod partikulari għal azjendi agrikoli żgħar, bil-kundizzjoni li tkun iggarantita l-konformità mal-obbligi li jkunu daħlu għalihom;

10. Jirrikonoxxi l-valur tal-prinċipju tal-kundizzjonalità bħala wieħed mill-kunċetti fundamentali tal-pagamenti diretti tal-PAK, għad li jirrakkomanda li jkun hemm semplifikazzjoni qawwija, mingħajr ma titnaqqas l-effikaċja tagħhom;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li l-PAK tkun aktar sempliċi, aktar trasparenti u aktar ġusta;

12. Jindika li s-semplifikazzjoni tal-PAK mhux bilfors għandha twassal għal anqas appoġġ għall-bdiew u għall-ħatt tal-istrumenti tradizzjonali tal-ġestjoni tas-suq; jistieden lill-Unjoni Ewropea tintroduċi mekkaniżmi effiċjenti ħalli titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet bil-ġejjieni fi ħsiebha;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

13. Jenfasizza li s-semplifikazzjoni tal-PAK għandha timxi id f'id mal-miżuri ta' informazzjoni għall-benefiċjarji, u jistieden lill-Kummissjoni tespandi u tiżviluppa miżuri ta' informazzjoni dwar il-politika agrikola komuni;

14. Jitlob għall-possibbiltà ta' korrezzjoni awtonoma tal-iżbalji li tippermetti lil dawk li jkunu rċivew il-pagamenti u li jkunu kisru r-regoli involontarjament jinformaw lill-awtoritajiet mingħajr ma jkunu soġġetti għal multi;

15. Jirrimarka li s-sistema ta' multi fuq il-bdiewa li tippenalizza l-iżbalji fit-talbiet tal-pagamenti għandha tkun kommensurata mal-iskala tal-infrazzjoni, u li l-penali ma għandhomx jiġu applikati fil-każ ta' żbalji minuri, b'mod partikulari fil-każ ta' żbalji li ma jkunux ħtija tal-bidwi;

16. Jirrimarka li kwalunkwe multa amministrattiva, inkluż l-obbligu li jitħallas lura kwalunkwe pagament miksub mill-bidwi, ma għandhiex tkun ibbażata fuq ċirkustanzi oġġettivament lil hinn mill-kontroll tal-bidwi;

17. Jirrimarka l-problema tal-bdiewa miżżewġa li jmexxu l-ażjendi agrikoli separati, li għaldaqstant għandhom ikollhom drittijiet u obbligi separati fir-rigward tat-talbiet għall-ħlasijiet tal-PAK;

***Il-Kundizzjonalità***

18. Jemmen li l-mira bażika tal-ispezzjonijiet hija li jingħata parir lill-bdiewa u li tiggwidahom fit-triq it-tajba sabiex jottemperaw ruħhom aħjar mar-rekwiżiti leġiżlattivi u bl-inqas piżijiet possibbli; l-ispezzjonijiet għandhom, għalhekk, ikomplu jsiru mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiġi żgurat li jkunu indipendenti u imparzjali;

19. Jenfasizza li, skont in-NU, il-produzzjoni globali tal-ikel għandha tiżdied b'70 % sal-2050 biex tissodisfa d-domanda ta' disa' biljun ruħ;

20. Iqis li għandhom jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-kundizzjonalità u li dawn għandhom ukoll iqisu d-daqs tal-farm sabiex jitnaqqas il-piż minn fuq il-azjendi agrikoli żgħar, fejn ir-riskju jkun iżjed baxx;

21. Jinsisti li, meta l-Istati Membri japplikaw il-penali fuq il-bdiewa minħabba xi nuqqas ta' konformità mar-regolamenti, dawn penali għandhom ikunu applikati b'mod trasparenti, sempliċi u proporzjonat li jqis ir-realtajiet konkreti;

22. Iqis li r-rekwiżiti statutorji għall-kontroll tal-kundizzjonalità u għandhom jinftiehmu faċilment mill-bdiewa u mill-awtoritajiet ta' kontroll;

23. Jemmen li l-objettiv fundamentali tal-verifiki hija li jinkuraġġixxu lill-bdiewa jottemperaw ruħhom bis-sħiħ mal-liġi u li l-kontrolli annwali tal-kundizzjonalità għar-rekwiżiti statutorji ta' tmexxija (SMR) jistgħu jitnaqqsu jew flok isiru l-kontrolli każwali, jekk kemm-il darba jkun hemm biss ftit infrazzjonijiet fis-snin reċenti;

24. Jenfasizza li r-rekwiżit ta' kontrolli ta' segwitu fir-rigward ta' infrazzjonijiet żgħar (limitu de minimis) għandu jitnaqqas għal kampjuni aleatorji;

25. Iqis li l-użu tar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni li ma jistgħux ikunu kontrollati b'mod sempliċi u li ma jistgħux jitkejlu għandu jiġi abolit;

26. Iqis li l-Istati Membri, jew l-awtoritajiet reġjonali u lokali, skont kif jgħodd fiċ-ċirkostanzi, għandhom jitħallew inaqqsu l-kwota ta' spezzjonijiet għal limitu baxx speċifiku jekk ikollhom qafas ta' analiżi tar-riskju li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja, flimkien ma' evidenza ta' ottemperanza għolja;

27. Jitlob li jkun hemm l-introduzzjoni ta' qafas ta' analiżi tar-riskju li jkun ottemperanti mal-liġi Komunitarja f'kull Stat Membru, bil-għan li titnaqqas il-kwota tal-ispezzjonijiet għal limitu speċifiku iżjed baxx;

28. Iqis li aktar assistenza u aktar konsulenza permezz ta' għodod effiċjenti ta' informazzjoni u konsulenza, bħalma huma helpline telefonika jew l-użu tal-Internet, għandhom jgħinu fil-prevenzjoni tal-infrazzjonijiet u lill-Istati Membri għandhom jagħtuhom il-mezzi kif b'mod kostanti jnaqqsu l-kwota tagħhom ta' spezzjonijiet;

29. Iqis li l-kontrolli li jsiru - jew li jkunu se jsiru - fl-azjendi agrikoli mid-diversi partijiet li x-xogħol jew id-dmir statutorju tagħhom huwa li jagħmlu dawn il-kontrolli, għandhom ikunu kkoordinati bil-ħsieb li jitnaqqas l-għadd ta' żjarat ta' spezzjoni fl-azjendi agrikoli;

30. Iqis li għandu jitfassal pjan ta' komunikazzjoni dwar il-kundizzjonalità sabiex jipprovdi informazzjoni kemm jista' jkun, kemm għall-bdiewa u kemm għall-konsumaturi, dwar ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità u l-benefiċċji li joħorġu mill-oġġetti u s-servizzi pubbliċi li jitwasslu minn bdiewa li jkollhom l-attivitajiet tagħhom konformi ma' dawk ir-rekwiżiti;

31. Iqis li n-numru ta' rekwiżiti tal-kundizzjonalità għandu jitnaqqas u li l-ambitu tagħhom għandu jiġi aġġornat;

32. Jitlob l-awtorizzazzjoni ta' sistema prattikabbli u trasparenti ta' indikaturi bil-għan li jiġu ssimplifikati l-istrumenti ta' valutazzjoni tal-kontrolli tal-kundizzjonalità, u jitlob għat-tneħħija tas-sistema attwali u tal-possibbiltà li jiġu imposti żewġ penali jew aktar għal żball wieħed; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-isproporzjon bejn l-infrazzjonijiet tar-regolamenti dwar l-identifikazzjoni tal-annimali, li jammontaw għal madwar 70 % tal-infrazzjonijiet kollha, u rekwiżiti oħra, u biex tagħmel il-bidliet li jgħoddu fiċ-ċirkostanzi;

33. Iqis li għandu jitfassal test leġiżlattiv singolu dwar il-kundizzjonalità, u jikkunsidra li l-esternalitajiet pożittivi ġġenerati mill-azjendi agrikoli, f'termini ta' beni u servizzi pubbliċi, għandhom jiġu remunerati;

34. Jitlob biex jinżammu ċerti regoli fissi u definiti tal-kundizzjonalità, li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaqblu u jikkonformaw magħhom;

***Pagamenti diretti***

35. Iqis li l-bdiewa għandu jkollhom aċċess għal sistemi prattiċi li jippermettulhom, faċilment u mingħajr burokrazija bla bżonn, jressqu applikazzjonijiet għal ħlasijiet diretti, tipikament fil-post fejn jgħixu;

36. Jemmen li, sabiex jiġu ssimplifikati r-regoli għall-iskema ta' pagament uniku, l-obbligu li tingħata l-istess informazzjoni dettaljata fuq bażi annwali għandu jitneħħa;

37. Iqis li mal-applikazzjonijiet għandha tingħata inqas informazzjoni, minħabba li l-informazzjoni meħtieġa tista' tinstab fl-aġenziji tal-pagament tal-Istati Membri;

38. Jitlob li jkun permess li jsiru arranġamenti ta' ħlasijiet aktar flessibbli li jippermettu li l-ħlasijiet isiru anke qabel ma jkunu tlestew il-kontrolli kollha b'mod definittiv;

39. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex teżamina d-definizzjoni ta 'art eliġibbli u l-interpretazzjoni tagħha fl-Istati Membri;

40. Jemmen li d-definizzjoni attwali ta' attività agrikola għall-finijiet ta' pagament singolu għandhom jiġu riveduti sabiex jiġi żgurat li l-atturi li mhumiex bdiewa attivi ma jkunux eliġibbli;

41. Iqis li s-sistema futura għandha tqis il-prinċipji tas-semplifikazzjoni u li s-semplifikazzjoni, it-trasparenza, u t-trattament ġust huma l-prijoritajiet fundamentali għar-riforma tal-PAK;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi s-sistema tal-kontroll u tal-ħlas tal-kontijiet;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

43. Iqis li l-Kummissjoni għandha tadotta approċċ iżjed proporzjonat u fl-aħħar mill-aħħar approċċ ibbażat fuq ir-riskju fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kontrolli regolatorji, tat-twettiq tal-verifiki tal-konformità u tal-impożizzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji;

44. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ bi proposti li bihom il-verifika u l-qafas ta' kontroll tal-PAK jistgħu jittejbu;

45. Iqis li d-disparitajiet maġġuri eżistenti fl-appoġġ dirett bejn l-Istati Membri għandhom jiġu evitati, biex ikun żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa fl-Unjoni Ewropea kollha u biex ma jitħalliex li jkun hemm distorsjonijiet fis-suq u fil-kompetizzjoni;

46. Jirrikonoxxi li, sabiex ikampaw mal-isfidi ambjentali, fosthom l-adattament u l-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima, il-bdiewa għandhom irwol importanti fid-definizzjoni tal-miżuri prattiċi meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-objettivi, u jemmen li l-ftehimiet tar-riżultat, iżjed milli r-regolazzjoni, huma l-aqwa mekkaniżmi sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi;

47. Jenfasizza li kwalunkwe tnaqqis fil-piż amministrattiv relatat mal-monitoraġġ u mar-rapportar li jiġi impost fuq organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex jagħmel lil dawn l-organizzazzjonijiet aktar attraenti għall-bdiewa u jinkuraġġihom jingħaqdu f'assoċjazzjonijiet u jaġixxu flimkien;

***Żvilupp rurali***

48. Jenfasizza li meta l-pagamenti jsiru skont skema eżistenti ta' ċertifikazzjoni (pereżempju, il-produzzjoni organika u l-iskemi ta' għajnuna ambjentali), verifika waħda hija biżżejjed;

49. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' żbalji fl-applikazzjonijiet għall-pagamenti diretti li ġew irreġistrat f'xi Stati Membri; jenfasizza li dawn l-iżbalji huma attribwibbli l-aktar għat-tagħmir ortofotografiku użat, iżjed milli għall-bdiewa; jitlob li tali żbalji jiġi kkastigat biss f'każi ċari ta' attentat ta' frodi;

50. Iqis li l-leġiżlazzjoni li tikkunfliġġi ma' leġiżlazzjoni oħra għandha tkun irregolata qabel ma tiġi imposta fuq il-bidwi (pereżempju, leġiżlazzjoni ambjentali u l-iskema tal-pagamenti singoli);

51. Iqis li d-definizzjonijiet fil-leġiżlazzjonii dwar l-iżvilupp rurali għandhom jiġu riveduti u, jekk ikun meħtieġ, imwessa' sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-leġiżlazzjoni dwar il-pagamenti diretti;

52. Jemmen li t-trasparenza fir-rigward tal-penali u l-obbligi għandha tiżdied;

53. Jitlob li jiddaħħlu obbligi li jkunu ddefiniti b'mod preċiż għall-bdiewa bil-ħsieb li jitneħħa n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-penali;

54. Jittama li jkun jista' jintuża metodu aktar wiesa' u fuq żmien fit-tul, tal-kontroll ta' dawn l-iskemi, b'aktar enfasi fuq l-impatt u r-riżultati aħħarin minflok ma tingħata attenzjoni fuq rati speċifiċi ta' żbalji li jirriżultaw minn miżuri ta' żvilupp rurali jew minn miżuri ambjentali;

55. Jenfasizza li s-sistema kumplessa attwali ta' indikaturi jeħtieġ li tiġi riveduta u simplifikata, u li s-sistema ta' monitoraġġ, ir-rapporti annwali u l-evalwazzjonijiet ex-ante, ta' nofs iż-żmien, u ex-post, ħolqu sistema kkumplikata ferm ta' indikaturi u rapporti;

56. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-użu tal-ftehimiet dwar l-eżitu bħala metodu sempliċi u aktar effiċjenti għall-provvista tal-oġġetti pubbliċi fil-ġejjieni;

57. Jitlob għall-introduzzjoni ta' sistema ta' indikaturi li tkun issimplifikata u konsistenti, li għandha tirriżulta b'mod impliċitu f'aktar tħaffif akbar fil-fehim u fl-applikazzjoni, f'valutazzjonijiet rilevanti u f'anqas burokrazija;

58. Iqis li r-regoli dwar l-eliġibilità tal-VAT li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Pilastru II tal-PAK, speċjalment għal attivitajiet magħmula minn korpi rregolati mid-dritt pubbliku, għandhom jiġu armonizzati ma' dawk użati għall-Fondi Strutturali;

59. Jenfasizza li s-semplifikazzjoni tal-PAK trid timxi id f'id mas-semplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha, u jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-formalitajiet burokratiċi rikjesti mill-benefiċjarji potenzjali tal-PAK, speċjalment fil-qasam ta' l-iżvilupp rurali;

60. Jistieden lill-Istati Membri, biex fil-programmi nazzjonali tagħhom tal-iżvilupp rurali, iqiegħdu disponibbli għall-benefiċjarji potenzjali sistemi li jiggarantixxu t-trasparenza, u biex jagħtuhom il-ħin meħtieġ ħalli jħejju l-applikazzjonijiet għall-finanzjament u ħalli jissodisfaw id-diversi kriterji ta' eliġibilità għall-iskemi ta' għajnuna; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li din il-kwistjoni tkun punt permanenti fid-diskussjonijiet bilaterali mal-Istati Membri;

### *Identifikazzjoni tal-annimali*

61. Iħeġġeġ lill-Kumissjoni teżamina s-sistema ta' identifikazzjoni tal-annimali użata f'kull Stat Membru, u taħdem favur sistema uniforma ta' identifikazzjoni tal-annimali li tkun tiżgura li titneħħa r-regolamentazzjoni mhux neċessarja; b'mod partikolari, l-eżami tan-numri tal-produttur u n-numri tal-azjendi, il-għadd ta' reġistri rikjesti u d-differenzi bejn il-produttur u l-azjenda;

62. Jitlob biex ikumn hemm armonizzazzjoni wiesgħa tar-regolamenti dwar l-identifikazzjoni tal-annimali li bħalissa huma differenzjati bil-kbir;

63. Jemmen li r-rapportaġġ tal-moviment tan-ngħaġ u l-mogħoż u l-għoti tat-tagħrif lid-databases u lill-awtoritajiet għandhom ikunu ssemplifikati kemm jista' jkun, billi jkunu permessi l-għodod kollha tal-komunikazzjoni, inklużi t-teknoloġiji l-ġodda;

64. Iqis li għan-nagħaġ u l-mogħoż, kif ukoll għall-ħnieżer, l-identifikazzjoni tal-merħla hija biżżejjed;

65. Jitlob biex ikun hemm differiment tal-obbligu dwar l-identifikazzjoni elettronika ta' nagħaġ u mogħoż li jibda mill-31 ta' Diċembru 2009, minħabba l-ispiża eċċessiva tiegħu fi żmien ta' kriżi ekonomika;

66. Jitlob għal amnestija ta' tliet snin dwar il-penali tal-kundizzjonalità li huma relatati mal-identifikazzjoni elettronika tan-nagħaġ u tal-mogħoż, minħabba li din hija teknoloġija ġdida u kumplessa u l-bdiewa ser jeħtieġu ż-żmien biex jidrawha u jipprovawha; barra dan, jistieden lill-Kummissjoni tagħmel reviżjoni bir-reqqa tar-regolament;

*

* *

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## Żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi

P7_TA(2010)0173

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar żviluppi ġodda fl-akkwisti pubbliċi (2009/2175(INI))**

(2011/C 161 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'referenza partikolari għall-bidliet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona,

— wara li kkunsidra d-Direttivi 2004/18/KE u 2004/17/KE dwar il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi u d-Direttiva 2007/66/KE fir-rigward tat-titjib fl-effettività ta' proċeduri ta' reviżjoni dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2009 bit-titolu "Il-mobilizzazzjoni tal-investiment privat u pubbliku għall-irkupru u tibdil strutturali fit-tul: l-iżvilupp tal-Partenarjati Pubbliċi Privati" (COM(2009)0615),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-5 ta' Mejju 2009 bl-isem "Minn kriżi finanzjarja għall-irkupru: Ir-rwol tal-Kummerċ Ġust u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ" (COM(2009)0215),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-16 ta' Lulju 2008 bit-titolu "Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar" (COM(2008)0400),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2008 dwar l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar l-Akkwisti Pubbliċi u l-Konċessjonijiet lil Shubijiet Pubbliċi-Privati Istituzzjonalizzati (IPPP) (C(2007)6661),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prassi għat-Tħaffif tal-Aċċess mill-SMEs għall-Kuntratti Pubbliċi" (SEC(2008)2193),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2006 dwar il-ligi Komunitarja applikabbli għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi li ma jkunux suġġetti, jew mhux kompletament suġġetti, għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-Akkwist Pubbliku ([1]),

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja:

  — tad-19 ta' April 2007 fil-każ C-295/05 (Tragsa),

  — tat-18 ta' Diċembru 2007 fil-każ C-532/03, *Il-Kummissjoni vs l-Irlanda* (Is-Servizzi tas-Salvatagg Irlandizi),

  — tat-13 ta' Novembru 2008 fil-każ C-324/07 (Coditel Brabant),

  — tad-9 ta' Ġunju 2009 fil-każ C-480/06, *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Stadtwerke Hamburg),

  — tal-10 ta' Settembru 2009 fil-każ C-206/08 (Eurawasser),

  — tad-9 ta' Ottubru 2009 fil-każ C-573/07 (Sea S.r.l.),

  — tal-15 ta' Ottubru 2009 fil-każ C-196/08, (Acoset),

([1]) ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2.

— tal-15 ta' Ottubru 2009 fil-każ C-275/08, *Il-Kummissjoni vs il-Ġermanja* (Datenzentrale Baden-Württemberg),

— tal-25 ta' Marzu 2010 fil-każ C-451/08 (Helmut Müller),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Frar 2010 dwar "Kontribut għall-Iżvilupp Sostenibbli: Ir-rwol tal-Kummerċ Ġust u l-iskemi mhux governattivi ta' assigurazzjoni ta' sostenibilità relatati mal-kummerċ" (RELEX-IV-026),

— wara li kkunsidra dawn l-istudji:

— "Evaluation of Public Procurement Directives: Markt/2004/10/D Final Report", Europe Economics tal-15 ta' Settembru 2006,

— "The Institutional Impacts of EU Legislation on Local and Regional Governments: A Case Study of the 1999/31/EC Landfill Waste and 2004/18/EC Public Procurement Directives", tal-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar l-akkwist pubbliku pre-kummerċjali: Inrawmu l-innovazzjoni biex niżguraw servizzi pubbliċi sostenibbli u ta' kwalità għolja fl-Ewropa ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar problemi speċifiċi fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwisti pubbliċi u r-relazzjoni tagħha mal-aġenda ta' Lisbona ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar sħubijiet pubbliċi-privati u l-liġi Komunitarja dwar l-akkwisti pubbliċi u l-konċessjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-Kummerċ Ġust u l-Iżvilupp ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, kif ukoll il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0151/2010),

A. billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja enfasizzat l-importanza ekonomika vitali tal-akkwist pubbliku, billi l-effetti tal-kriżi fuq l-awtoritajiet lokali diġà huma evidenti, u billi l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod xieraq fl-interess pubbliku biss jekk ikunu jistgħu jistrieħu fuq iċ-ċertezza legali meħtieġa f'dan il-qasam u l-proċeduri ta' akkwist ma jkunux kumplessi wisq,

B. billi suq tal-akkwisti li jaħdem sew huwa essenzjali għas-suq intern, biex jinkoraġġixxi kompetizzjoni transkonfinali, jistimula l-innovazzjoni, jippromwovi l-ekonomija b'użu baxx tal-karbonju u kif ukoll jilħaq l-aħjar valur għall-awtoritajiet pubbliċi,

C. billi l-liġi tal-akkwist pubbliku sservi biex tiżgura li l-fondi pubbliċi huma mmaniġġati b'mod effettiv u effiċjenti u biex tagħti lill-kumpaniji interessati l-opportunità li jingħataw kuntratti pubbliċi f'kuntest ta' kompetizzjoni ġusta,

D. billi r-reviżjoni tal-2004 tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku kienet maħsuba biex tissimplifika u timmodernizza l-proċeduri relevanti, tagħmilhom aktar flessibbli u tistabbilixxi ċertezza legali akbar,

([1]) ĠU C 67E, 18.3.2010, p. 10.
([2]) ĠU C 146E, 12.6.2008, p. 227.
([3]) ĠU C 313E, 20.12.2006, p. 447.
([4]) Testi adottati, P6_TA(2006)0320.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

E. billi t-Trattat ta' Lisbona inkorpora fil-liġi primarja tal-Unjoni Ewropea l-ewwel rikonoxximent tad-dritt tal-awtonomija ta' entitajiet lokali u reġjonali, saħħaħ is-sussidjarjetà u ta kemm lill-parlamenti nazzjonali u kemm lill-Kumitat tar-Reġjuni d-dritt li jġibu azzjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja,

F. billi l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja eżaminat numru sproporzjonat ta' każijiet ta' ksur f'dan il-qasam, li jindika li ħafna Stati Membri ppruvaw jgħelbu d-diffikultà biex ikunu konformi mad-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi,

G. billi, bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-politiki Ewropej jiżviluppaw b'tali mod li jissodisfaw l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jinkorpora l-kunċett ta' ekonomija tas-suq soċjali, klawżola soċjali u protokoll dwar is-servizzi ta' interess ġenerali li jiddefinixxu l-valuri komuni tal-Unjoni,

H. billi l-Konvenzjoni 94 tal-ILO tistipula li l-kuntratti pubbliċi ġenerali għandhom jinkludu klawżoli li jiżguraw rimunerazzjoni ġusta, u kundizzjonijiet tax-xogħol li mhumiex inqas favorevoli minn dawk stipulati fi ftehimiet kollettivi, pereżempju,

***Osservazzjonijiet ġenerali u rakkomandazzjonijiet***

1. Jiddeplora l-fatt li l-għanijiet tar-reviżjoni tal-2004 tad-direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi għadhom ma ntlaħqux b'mod partikolari fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-regoli tal-akkwist u tal-ħolqien ta' ċertezza legali akbar; jesprimi t-tama, madankollu, li s-sentenzi reċenti mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġusitzzja se jgħinu biex tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet legali pendenti u li n-numru tal-proċeduri ta' appell se jonqos; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra u tipprova tilħaq il-miri ta' simplifikazzjoni u organizzazzjoni tal-proċedura tal-akkwist pubbliku fi kwalunkwe reviżjoni tar-regoli Ewropej;

2. Jiddeplora, barra minn hekk, il-fatt li r-regolamenti eżistenti, flimkien mal-miżuri ta' implimentazzjoni mhux kompluti fil-livell nazzjonali u reġjonali, l-għadd kbir ta' proposti ta' liġijiet mhux vinkolanti mressqa mill-Kummissjoni u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali relevanti mill-qrati Ewropej u nazzjonali, wasslu għal sett ikkumplikat u konfuż ta' regoli li qed joħloq, b'mod partikolari għall-entitajiet pubbliċi, l-intrapriżi privati u l-fornituri ta' servizzi ta' interess ġenerali, problemi legali serji li m'għadhomx jistgħu jingħelbu mingħajr spejjeż amministrattivi sostanzjali jew mingħajr ma wieħed ifittex parir legali estern; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrimedja din is-sitwazzjoni u, bħala parti mill-inizjattiva għat-"tfassil aħjar tal-liġijiet", biex teżamina l-impatt ta' dispożizzjonijiet ta' liġijiet mhux vinkolanti, biex tillimita proposti ta' dan it-tip għal aspetti ewlenin u biex tevalwahom fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, filwaqt li tikkunsidra l-ħames prinċipji stabbilitu fil-White Paper tal-2001 dwar il-Governanza Ewropea (trasparenza, parteċipazzjoni, kontabilità, effikaċja u koerenza);

3. Jenfasizza li b'riżultat ta' dan l-iżvilupp, ix-xerreja pubbliċi spiss ikollhom jipprijoritizzaw iċ-ċertezza legali qabel il-ħtiġijiet tal-politika, u meta wieħed jikkunsidra l-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi, spiss ikollhom jagħtu l-kuntratt jew is-servizz ikkonċernat lill-aktar offerta baxxa, aktar milli lill-offerta li hija l-aktar vantaġġuża ekonomikament; huwa beżgħan li dan se jdgħajjef il-bażi innovattiva tal-UE u l-kompetittività globali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirranġa din is-sitwazzjoni u biex tiżviluppa miżuri strateġiċi biex tħeġġeġ u tawtorizzaw lix-xerrejja pubbliċi biex jagħtu kuntratti lill-offerti li jkunu l-aktar ekonomiċi u tal-aqwa kwalità;

4. Jenfasizza li l-inizjattivi Ewropej fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għandhom jiġu kkoordinati b'mod aktar effettiv sabiex ma jipperikolawx il-konsistenza mad-direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi u joħolqu problemi legali għal dawk li japplikaw ir-regoli; jitlob, għalhekk, li jittieħdu miżuri ta' koordinazzjoni obbligatorji fi ħdan il-Kummissjoni, taħt it-tmexxija tad-Direttorat Ġenerali tas-Suq Intern u tas-Servizzi, li huwa responsabbli mill-akkwist pubbliku, u bil-parteċipazzjoni ta' Direttorati Ġenerali oħra relevanti; jitlob għal preżenza uniformi fl-internet u informazzjoni regolari għall-awtoritajiet kontraenti, bil-ħsieb li d-dispożizzjonijiet legali rilevanti jsiru aktar trasparenti u faċli għall-utent;

5. Jikkritika n-nuqqas ta' trasparenza rigward il-kompożizzjoni u r-riżultati tal-ħidma tal-kumitat konsultattiv intern tal-Kummissjoni dwar l-akkwisti pubbliċi (ACPP) jew ir-rwol u l-kompetenzi tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Ftuħ tal-Akkwisti Pubbliċi (CCO), u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu passi sabiex tiżgura li kemm dan il-kumitat kif ukoll il-kumitat konsultattiv il-ġdid ippjanat dwar is-sħubijiet pubbliċi-privati jkunu bbilanċjati, jinkludu trejdjunjonisti u rappreżentanti tal-komunità kummerċjali, b'mod partikulari l-SMEs, u jaħdmu b'mod trasparenti; jitlob li l-Parlament Ewropew ikun infurmat b'mod xieraq u jiġi pprovdut bl-informazzjoni kollha disponibbli f'kull fażi u fit-tmiem tal-proċess;

6. Huwa tal-fehma li minħabba li l-kuntratti pubbliċi jikkonċernaw il-fondi pubbliċi, għandhom ikunu trasparenti u miftuħa għall-iskrutinju tal-pubbliku; jitlob lill-Kummissjoni għal kjarifika biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi lokali u oħrajn ikollhom ċertezza legali u jistgħu jinfurmaw liċ-ċittadini dwar l-obbligi kuntrattwali tagħhom;

7. Jenfasizza li l-għoti ta' kuntratti pubbliċi għandu jsir taħt il-kundizzjonijiet ta' trasparenza u t-trattament ugwali tal-partijiet kollha interessati bir-relazzjoni tal-prezz mal-prestazzjoni tal-proġett bħala l-kriterju aħħari, sabiex titqies l-aħjar sejħa u mhux biss u esklussivament l-aktar offerta bi prezz baxx;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni ex-post tad-direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi, bil-konsiderazzjoni tal-fehmiet espressi f'dan ir-rapport; jistenna li l-istħarriġ jitwettaq bl-involviment sħiħ tal-partijiet interessati kollha u f'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew; jitkellem favur li reviżjoni ta' dan it-tip għandha tikkunsidra l-qafas kollu u li għandha tinkludi wkoll id-direttiva dwar il-proċeduri ta' reviżjoni li jikkonċernaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, kif ukoll l-analiżi tal-liġijiet nazzjonali li permezz tagħhom issir it-traspożizzjoni tad-direttiva dwar il-proċeduri ta' reviżjoni, sabiex tkun evitata kwalunkwe frammentazzjoni ulterjuri tal-liġi tal-akkwisti pubbliċi; huwa tal-fehma li l-impatt prattiku ta' din id-direttiva għadu ma jistax jiġi stmat, billi għadha ma ġietx trasposta fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri kollha,

***Kooperazzjoni pubblika-pubblika***

9. Ifakkar li t-Trattat ta' Riforma ta' Liżbona, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, jinkorpora fil-liġi primarja tal-Unjoni, għall-ewwel darba, l-għarfien tad-dritt tat-tmexxija awtonoma fil-livell lokali u reġjonali (Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea); jenfasizza li f'diversi sentenzi l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja invokat id-dritt tal-awtogovernanza lokali u semmiet li l-possibilità għall-awtoritajiet pubbliċi li jużaw ir-riżorsi tagħhom stess għat-twettiq tal-ħidmiet ta' interess pubbliku mogħtija lilhom tista' tiġi eżerċitata f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn (C-324/07); jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għas-sentenza tal-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ġunju 2009 fil-Kawża C-480/06 li stipulat li, barra minn hekk, il-liġi Komunitarja ma timponix fuq l-awtoritajiet pubbliċi li jużaw xi forma legali partikolari sabiex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' servizz pubbliku b'mod konġunt; għaldaqstant iqis li s-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi, bħalma huma ftehimiet ta' koperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u forom ta' koperazzjoni nazzjonali, jaqgħu barra mill-ambitu tal-liġi dwar l-akkwisti pubbliċi, fuq il-bażi tal-kriterji kumulattivi li ġejjin:

— dak li huwa involut hawnhekk huwa l-forniment ta' kompitu ta' servizz pubbliku mogħtija lill-awtoritajiet lokali kollha kkonċernati,

— isir biss mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati, jiġifieri mingħajr l-involviment ta' individwi jew impriżi privati, u

— l-attività involuta titwettaq essenzjalment f'isem l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati;

10. Jirrimarka li l-Kummissjoni kkjarifikat li mhux kull azzjoni meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi hija suġġetta għal-liġi tal-akkwsit, u li sakemm id-dispożizzjonijiet tal-liġi Ewropea ma jeħtiġux ħolqien ta' suq f'qasam partikolari, jibqa' f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk u sa liema punt jixtiequ jwettqu l-funzjonijiet pubbliċi huma stess;

11. Jenfasizza li l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fis-sentenza msemmija hawn fuq ma japplikawx biss għal koperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali iżda ġeneralment huma validi, bir-riżultat li huma jistgħu jiġu applikati għal koperazzjoni bejn awtoritajiet kuntrattwali pubbliċi oħra;

12. Jinnota li fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Settembru 2009 fil-każ C-573/07, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sabet li l-ftuħ tal-kapital ta' kumpanija li qabel kienet proprjetà pubblika għall-investituri privati ma jistax jiġi kkunsidrat ħlief jekk in-natura tal-kumpanija tal-kapital pubbliku tinbidel waqt iż-żmien li fih il-kuntratt huwa validu, u b'hekk jinbidlu l-kundizzjonijiet fundamentali tal-kuntratt u tkun meħtieġa għal sejħa kompetittiva ġdida għall-offerti; jinnota li kien hemm żviluppi kbar fir-rigward tar-regoli fil-qasam tal-kooperazzjoni pubblika-pubblika bħala riżultat tal-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, u jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenzi riċenti mogħtija mill-Qorti f'dan il-qasam; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli b'mod wiesa' informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet legali ta' dawn is-sentenzi;

*Konċessjonijiet ta' servizz*

13. Jirrimarka li l-konċessjonijiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2004/17/KE u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/18/KE huma kuntratti li b'konnessjoni magħhom "il-kunsiderazzjoni għall-provvista tas-servizzi tikkonsisti jew unikament fid-dritt li x-xogħol jiġi esplojtat jew f'dan id-dritt kif ukoll fil-ħlas"; jenfasizza li l-konċessjonijiet tas-servizz ġew esklużi mill-kamp tal-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku sabiex joffru lill-awtoritajiet kontraenti u l-kuntratturi flessibilità akbar; jirrimarka li f'bosta sentenzi l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat li l-konċessjonijiet tas-servizzi mhumiex koperti minn dawn id-direttivi, iżda pjuttost mill-prinċipji ġenerali stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni, il-prinċipju ta' trattament ugwali u t-trasparenza), u li l-awtoritajiet kontraenti pubbliċi għandu jkollhom aċċess biex jiżguraw il-provvista ta' servizzi permezz ta' konċessjoni jekk huma jqisu li dan ikun l-aħjar metodu biex jiġi żgurat is-servizz pubbliku kkonċernat, anki jekk ir-riskju marbut ma' operazzjoni ta' dan it-tip huwa limitat, imma dak ir-riskju limitat jiġi ttrasferit kollu lill-konċessjonarju (sentenza fil-każ C-206/08 tal-10 ta' Settembru 2009, punti 7275);

14. Jinnota l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2009 dwar l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati u jistenna l-evalwazzjoni tal-impatt rilevanti b'interess kbir; jistenna li l-Kummissjoni tislet lezzjonijiet mill-PPPs li mhux wed jirnexxu; jenfasizza li wieħed għandu jqis kemm il-kumplessità tal-proċeduri kif ukoll f'termini tal-kultura u l-prattika legali fl-Istati Membri fir-rigward tal-konċessjonijiet tas-servizzi; huwa tal-fehma li bid-direttivi tal-2004 dwar l-akkwist pubbliku u l-każistika supplimentari tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tlestew il-proċess tad-definizzjoni tat-terminu "konċessjoni ta' servizz" u t-twaqqif ta' qafas legali li jirregola konċessjonijiet bħal dawn; jinsisti li kwalunkwe proposta għal att legali li jittratta l-konċessjonijiet tas-servizz tkun ġustifikata biss b'viżjoni li tirrimedja t-tagħwiġ fil-funzjonament tas-suq intern; jirrimarka li tali tagħwiġ għadu ma ġiex identifikat, u li għalhekk, att legali dwar il-konċessjonijiet tas-servizz mhux neċessarju sakemm ma jkunx immirat lejn żvilupp identifikabbli fil-funzjonament tas-suq intern;

*Sħubija pubblika-privata*

15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kjarifika legali tal-kondizzjonijiet li taħthom tapplika l-liġi tal-akkwisti għas-sħubijiet pubbliċi-privati istituzzjonalizzati, b'mod partikolari fid-dawl tal-importanza kbira li l-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Novembru 2009, tagħti lil sħubijiet bħal dawn rigward il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' forom ta' enerġija li jiġġeddu u t-trasport sostenibbli; jirrimarka li d-direttivi dwar l-akkwist pubbliku dejjem japplikaw jekk kompitu għandu jingħata lil impriża li hija proprjetà privata, anki jekk is-sehem privat ikun żgħir ħafna; jenfasizza, madankollu, li kemm il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tal-5 ta' Frar 2008, kif ukoll il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha tal-15 t'Ottubru 2009 fil-Każ C-196/08, għamluha ċara li proċedura ta' sejħa kompetittiva għal offerti doppja mhijiex meħtieġa f'konnessjoni mal-għoti ta' kuntratti jew ta' ċerti ħidmiet lil sħubija pubblika-privata li tkun għadha kif ġiet imwaqqfa, iżda li l-kriterji kollha li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti qabel ma tkun tista' tingħata konċessjoni mingħajr sejħa kompetittiva għall-offerti lil impriża pubblika-privata imħallta stabbilita speċifikament għal dak l-iskop:

— is-sieħeb privat għandu jintgħażel permezz ta' proċedura trasparenti, bil-pubblikazzjoni bil-quddiem tal-kuntratt following a review of the financial, technical, operational and administrative requirements and the characteristics of the tender in the light of the particular service to be provided;

— l-impriża mħallta pubblika-privata għandha żomm l-istess għan korporattiv matul it-tul tal-konċessjoni. Skont il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kull tibdil materjali għal dan il-għan korporattiv jew għall-kompitu li għandu jitwettaq ikun jeħtieġ it-tnedija ta' proċedura ġdida kompetittiva ta' sejħa għall-offerti;

huwa tal-fehma, għalhekk, li l-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-liġi tal-akkwist għas-sħubijiet pubbliċi-privati istituzzjonalizzati ssolviet, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex joħorġu dikjarazzjonijiet dwar dan il-fatt;

16. Jenfasizza, madankollu, li l-kriżi finanzjarja riċenti tefgħet dawl ġdid fuq il-modi li bihom is-sħubijiet pubbliċi-privati huma ħafna drabi ffinanzjati u kif ir-riskji finanzjarji jitqassmu; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa kif xieraq ir-riskji finanzjarji marbuta mal-ħolqien tal-PPPs;

*L-ippjanar tal-ibliet / l-iżvilupp urban*

17. Jilqa' b'sodisfazzjoni is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġusitzzja fil-Każ C-451/08; huwa tal-fehma li l-għanijiet wesgħin u ambizzjużi tad-direttiva għandhom jitqiesu fl-interpretazzjoni tagħha, iżda li wieħed ma għandux jassumi li, billi jappella għall-għan tal-miżura, l-ambitu tagħha jista' jiġi estiż b'mod indefinit, inkella jkun hemm il-periklu li l-attivitajiet kollha marbuta mal-ippjanar tal-ibliet ikunu suġġetti għad-direttiva peress li, skont id-definizzjoni, id-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni possibbli ta' xogħlijiet ta' bini tbiddel sostanzjalment il-valur tal-art in kwistjoni; huwa tal-fehma li fl-aħħar ftit snin il-liġi tal-akkwist nxterdet f'oqsma li mhumiex klassifikati b'mod inerenti taħt ix-xiri pubbliku u jissuġġerixxi, għalhekk, li l-kriterju tax-xiri jiġi enfasizzat aktar bis-saħħa fl-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi tal-akkwist;

*Akkwist inqas mil-livell stabbilit*

18. Jirrimarka li l-Parlament Ewropew huwa parti fil-każ il-Ġermanja vs il-Kummissjoni ppreżentat quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-14 ta' Settembru 2006 kontra l-komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni tal-1 ta' Awwissu 2006 dwar il-liġi tal-Komunità applikabbli għall-għoti tal-kuntratti li ma jkunux suġġetti, jew mhux kompletament suġġetti, għad-dispożizzjonijiet tad-direttivi dwar l-akkwisti pubbliċi, u jistenna deċiżjoni fil-pront;

*Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju*

19. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt tad-direttivi tal-akkwisti pubbliċi dwar l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju speċjalment fir-rwol tagħhom bħala sottokuntratturi u biex tagħmel evalwazzjoni, bil-għan ta'reviżjoni futura tad-direttivi, dwar jekk hemmx ħtieġa ta' regoli ulterjuri għall-għotja tas-sotto-kuntratti, speċifikament biex jiġi evitat li l-SMEs bħala sottokuntratturi jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet agħar mill-kuntrattur prinċipali tal-kuntratt pubbliku;

20. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissimplifika l-proċeduri għall-akkwisti pubbliċi biex teħles lill-gvernijiet lokali u lill-kumpaniji milli jaħlu ammont kbir ta' ħin u flus fuq kwistjonijiet purament burokratiċi; jenfasizza li jekk jeħfiefu l-proċeduri, l-SME's ikollhom aċċess aħjar għal dawn il-kuntratti u jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar ekwu u ġust;

21. Huwa tal-fehma li s-sottokuntrattar huwa forma ta' organizzazzjoni ta' xogħol adattat għall-aspetti speċjalizzati tal-ħidmiet ta' esekuzzjoni; jenfasizza li l-kuntratti sottokuntrattwali jridu jikkonformaw mal-obbligi kollha imposti fuq il-kuntratturi ewlenin, speċjalment fir-rigward tal-liġi tax-xogħol u s-sigurtà. huwa tal-fehma li, għal dan il-għan, tajjeb li tiġi stabbilita rabta bejn il-kuntrattur u s-sottokuntrattur f'termini ta' responsabilità;

22. Jappoġġa l-aċċess sistematika ta' offerti ta' prezz (jew varjanti); jenfasizza li l-kundizzjonijiet tas-sejha, b'mod partikolari l-aċċess għal offerti ta' prezz alternattivi, huma kruċjali għall-promozzjoni u t-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi; jenfasizza li speċifikazzjonijiet li jirreferu għar-rekwiżiti tal-prestazzjoni u l-funzjonalità u l-aċċess espress ta' varjanti jagħti lil dawk li jitfgħu s-sejħiet, l-opportunità biex jipproponu soluzzjonijiet innovattivi;

23. Iħeġġeġ il-ħolqien ta' portal uniku għall-aċċess għall-web għall-informazzjoni kollha li tirrigwarda l-kuntratti pubbliċi, bħala netwerk 'l fuq għas-sejħiet kollha għall-offerti; jinnota li l-għan għandu jkun li jiġu pprovduti t-taħriġ u l-informazzjoni, li jiġu ggwidati l-intrapriżi lejn il-kuntratti u li tiġi spjegata l-leġiżlazzjoni applikabbli, b'mod partikolari għall-SMEs (li ġeneralment ma jkollhomx għadd kbir ta' riżorsi umani u amministrattivi b'ħila fit-terminoloġija u proċeduri marbuta mal-akkwist), u li jkun hemm helpdesks speċjalizzati li jistgħu jgħinuhom ukoll fl-evalwazzjoni dwar jekk jissodisfawx ġenwinament il-kundizzjonijiet tas-sejħa, u jekk iva, jgħinuhom biex ilestu l-offerta tagħhom;

24. Jinnota li l-SMEs stinkaw biex ikollhom aċċess għas-swieq ta' akkwist pubbliku u li għandu jkun hemm aktar sforzi biex tiġi żviluppata "strateġija tal-SMEs"; jappella, għalhekk, bħala parti minn din l-istrateġija, lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-awtoritajiet kuntrattwali biex jinkoraġġixxu opportunitajiet sottokuntrattwali fejn ikun xieraq, biex jiżviluppaw u jxerrdu l-aqwa tekniki ta' prattika, biex jevitaw proċessi ta' qabel il-kwalifikar li jkunu preskrittivi wisq, biex jużaw standards fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti biex jiżguraw li l-fornituri ma jkollhomx jibdew mill-bidu nett u biex jiżviluppaw portal ċentralizzat ta' reklamar għall-kuntratti; jappella wkoll lill-Kummissjoni biex tagħti widen lill-inizjattivi tal-Istati Membri f'dan il-qasam u tinkoraġġixxi tixrid aktar wiesa' tal-Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prattiki tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar;

25. Jinkoraġġixxi l-Istati Membri biex jippromwovu "programm tal-iżvilupp għall-fornitur", kif diġà jinsab żviluppat f'ċerti pajjiżi; jinnota li tali strument jista' jintuża biex jinkoraġġixxi djalogu bejn il-fornituri u l-prokuraturi, u b'hekk jippermetti l-atturi jiltaqgħu flimkien waqt stadju bikri ta' proċess ta' xiri; isostni li tali mekkaniżmu huwa essenzjali biex jistimula l-innovazzjoni u t-titjib tal-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist;

26. Iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar biex tiżgura rwol akbar għall-SMEs Ewropej fl-akkwist pubbliku internazzjonali u biex tintensifika l-isforzi ħalli tevita diskriminazzjoni kontra l-SMEs Ewropej billi tqabbel id-dispożizzjonijiet speċifiċi applikati minn uħud mill-partijiet tal-FAG (bħall-Kanada u l-Istati Uniti); jinnota li miżuri għat-titjib kemm tat-trasparenza u kemm tal-aċċess għas-swieq nazzjonali tal-akkwist jgħinu lill-SMEs biex jidħlu fi swieq bħal dawn;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-inklużjoni, fil-Ftehim tal-Akkwist Pubbliku (FAG) tad-WTO, ta' klawżola li tippermetti lill-Unjoni Ewropea li tagħti preferenza lill-SMEs fl-għoti ta' kuntratti pubbliċi, simili għal dawk il-klawżoli li diġà huma applikati minn Stati oħra li huma parti għal dan il-ftehim;

*L-akkwist ekoloġiku*

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza kbira tal-akkwist pubbliku għall-ħarsien tal-klima u tal-ambjent, l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-istimolu tal-kompetizzjoni, u jtenni li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu mħeġġa u mqiegħda fil-pożizzjoni li jibbażaw l-akkwist pubbliku fuq kriterji ambjentali, soċjali u oħrajn; jilqa' bil-ferħ l-assistenza prattika mogħtija lill-awtoritajiet pubbliċi u entitajiet oħra rigward l-akkwisti sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità li tuża kuntratti pubbliċi favur l-ambjent bħala għodda biex tippromwovi żvilupp sostenibbli;

29. Itenni l-appell preċendenti tiegħu, tar-rapport tiegħu ta' Frar 2009, lill-Kummissjoni biex tipproduċi manwal dwar akkwist prekummerċjali, li għandu jispjega eżempji prattiċi tal-qsim tar-riskji u l-benefiċċji skont il-kundizzjonijiet tas-suq; huwa tal-fehma li, flimkien ma' dan, għandhom jingħataw id-drittijiet ta' propjetà lill-kumpaniji li qed jipparteċipaw f'akkwist prekummerċjali, li jistgħu jrawmu ftehim fost l-awtoritajiet pubbliċi u jinkoraġġixxu l-fornuturi biex jinvolvi lilhom infushom fi proċeduri ta' akkwist prekummerċjali;

30. Jilqa' t-twaqqif tal-helpdesk tal-EMAS tal-Kummissjoni Ewropea li tipprovdi informazzjoni prattika u appoġġ għall-kumpaniji u organizzazzjonijiet oħra biex jevalwaw, jirrappurtaw u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom fil-kuntest tal-akkwist pubbliku; jappella lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tiżviluppa portal onlajn aktar ġeneriku li jkun jista' joffri parir prattiku u appoġġ għal dawk li qed jużaw il-proċessi ta' akkwist pubbliku, partikolarment l-atturi involuti fil-proċeduri kumplessi u kollaborattivi ta' akkwist;

*L-akkwist soċjali responsabbli*

31. Jenfasizza n-nuqqas ta' ċarezza fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi soċjalment responsabbli, u jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi għajnuna f'forma ta' manwali; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-bidliet fil-qafas legali miġjuba mit-Trattat ta' Liżbona u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jistenna lill-Kummissjoni sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti b'mod xieraq; jenfasizza l-problema bażika li l-kriterji soċjali jiffokaw fuq il-proċess tal-manifattura b'tali mod li l-impatt tagħhom ġeneralment ma jkunx jingħaraf fil-prodott finali, u li s-sistemi ta' produzzjoni globalizzati u l-ktajjen tal-provvista kumplessi jwasslu biex ikun diffiċli li wieħed jikkontrolla l-konformità mal-kriterji; jistenna, għalhekk, kriterji dettaljati verifikabbli u bażi ta' data bi kriterji speċifiċi għall-prodotti li għandhom jiġu żviluppati fil-qasam tal-kuntratti tal-akkwisti pubbliċi soċjalment responsabbli wkoll; jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultà li jiffaċċjaw l-awtoritajiet kontraenti u l-ispejjeż li jġarrbu fil-verifika tal-konformità mal-kriterji u jistieden lill-Kummissjoni biex toffri għajnuna adegwata u biex tippromwovi l-istrumenti li jistgħu jintużaw biex jiċċertifikaw l-affidabilità tal-katini tal-provvista;

32. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmilha ċara li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jibbażaw l-akkwist pubbliku fuq kriterji soċjali bħall-ħlas tal-pagi standard relevanti u rekwiżiti oħra; jitlob lill-Kummissjoni biex toħloq linji ta' gwida jew assistenza prattika oħra għall-awtoritajiet pubbliċi u entitajiet pubbliċi oħra rigward l-akkwisti sostenibbli, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw ta' spiss korsijiet ta' taħriġ u kampanji biex iqajmu kuxjenza dwar din il-kwistjoni jappoġġja l-idea ta' proċess trasparenti, li jinvolvi l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali, bil-għan li jkomplu jiġi żviluppati l-kriterji rilevanti; jirrimarka li, fil-qasam tal-kriterji soċjali b'mod partikolari, proċess bħal dan joffri opportunitajiet tajbin ta' suċċess;

33. Jappella lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-awtoritajiet pubbliċi biex jużaw il-kriterji tal- kummerċ ġust fis-sejħiet għall-offerti pubbliċi u politika dwar ix-xiri tagħhom fi ħdan it-tifsira tal-kummerċ ġust kif stabbilit fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kummerċ ġust u l-iżvilupp tas-6 ta' Lulju 2006 u l-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2009; itenni bħal qabel biex il-Kummissjoni tippromwovi dan billi, pereżempju, tipproduċi linji gwida kostruttivi għall-akkwist tal-kummerċ ġust; jilqa' l-adozzjoni unanima tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Frar 2010 għal strateġija komuni Ewropea dwar il-Kummerċ Ġust għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

### *Għajnuna prattika: bazi ta' dejta u korsijiet ta' taħriġ*

34. Jappella sabiex l-iżvilupp ta' bażi ta' data aġġornata ta' spiss rigward l-istandards, b'mod speċjali dawk li jirrigwardaw kriterji ambjentali u soċjali, ikun disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi, biex jiżgura li l-prokuraturi għandhom aċċess għal gwida adegwata u sett ċar ta' regoli meta jkunu qed ifasslu sejħiet għall-offerti, biex jivverifikaw b'mod faċli l-konformità tagħhom mal-istandard relevanti; jistenna li l-Istati Membri u l-partijiet interessati kollha jkunu involuti b'mod sħiħ f'dan il-proċess; jinnota li dan il-proċess minn fuq għal isfel għandu jirrikonoxxi l-esperjenza u l-għarfien prezzjużi li ta' spiss jeżistu f'livell lokali, reġjonali u nazzjonali; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, għall-impatt negattiv li għandu suq frammentat fuq l-innovazzjoni u r-riċerka minħabba l-eżistenza ta' dawn it-tikketti differenti reġjonali, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

35. Jinnota l-importanza tal-istandards għall-akkwisti pubbliċi sabiex ikunu ta' għajnuna għax-xerrejja pubbliċi biex jilħqu l-miri tagħhom, billi jitħallew jużaw proċessi ppruvati u ttestjati biex jipproduċu prodotti u servizzi, billi jwasslu proċedura ta' sejħa tal-offerti aktar effikaċi u billi jiġi żgurat li l-akkwisti jilħqu objettivi ta' politika oħra, bħas-sostenibilità jew xiri min-negozji żgħar;

36. Jirrikonoxxi li t-taħriġ u l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-Kummissjoni huma essenzjali sabiex jintgħelbu ftit mill-kumplessitajiet tas-suq pubbliku tal-akkwist; jinsab imħasseb, madankollu, li malli jonqsu l-baġits pubbliċi, tali inizjattivi jistgħu jiġu mdgħajfa; jappella, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jużaw ir-riżorsi u l-mekkaniżmi eżistenti li għandhom, bħal pereżempju reviżjonijiet mill-pari, stipulati fid-Direttiva dwar is-Servizzi, biex jinkoraġġixxu lil gruppi żgħar ta' esperti tal-akkwist minn reġjun wieħed biex jirrevedu l-attivitajiet f'reġjun ieħor tal-UE, u dan jista' jgħin fil-bini ta' fiduċja u fit-twaqqif tal-aħjar prattiki fost Stati Membri differenti;

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ u kampanji li jqajmu l-kuxjenza fost l-awtoritajiet lokali u għal min ifassal il-politiki u biex jinkludu partijiet interessati oħra, partikolarment fornituri ta' servizzi soċjali;

### *Żvilupp reġjonali*

38. Jenfasizza li l-Qorti tal-Awdituri tagħti indikazzjoni regolari fir-rapporti annwali tagħha tal-implimentazzjoni tal-Baġit tal-UE kif ukoll fl-aħħar rapport annwali għas-sena finanzjarja 2008 li n-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist tal-UE huwa wieħed miż-żewġ raġunijiet l-aktar komuni ta' żbalji u irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-proġetti Ewropej kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-irregolaritajiet ta' spiss huma kkawżati minn traspożizzjoni mhux korretta ta' regoli tal-UE u minn differenzi fir-regoli applikati mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrevedu, f'koperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, id-diversi settijiet ta' regoli applikabbli għall-akkwisti pubbliċi sabiex jiġu unifikati u biex il-qafas legali għall-akkwisti pubbliċi kollu kemm hu jiġi ssimplifikat, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji u jiġi żgurat l-użu aktar effiċjenti tal-Fondi Strutturali;

39. Huwa tal-fehma li mhumiex biss l-ispejjeż u l-kumplessità li jistgħu jkunu projbittivi, iżda wkoll iż-żmien meħtieġ biex jitlesta l-proċess tal-akkwisti pubbliċi, flimkien mat-theddida ta' azzjoni legali fis-sura ta' proċeduri ta' appell, li jieħdu ħafna żmien, u li spiss isibu xkiel minn diversi bnadi, u għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-pjan ta' rkupru jippermetti l-applikazzjoni ta' verżjonijiet aċċellerati tal-proċeduri mfissra fid-direttivi tal-akkwisti pubbliċi għal proġetti pubbliċi kbar b'mod speċifiku fl-2009 u l-2010; jistieden lill-Istati Membri biex jużaw il-proċedura u jgħinu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jimplimentaw u jużaw dawn il-proċeduri, b'konformità, f'kull każ, mar-regoli u r-regolamenti standard tal-akkwisti pubbliċi;

40. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tkompli tuża proċeduri mgħaġġla fir-rigward tal-Fondi Strutturali, anke lil hinn mill-2010, u li testendi ż-żieda temporanja fil-limiti, bl-għan speċifiku li jitħaffef l-investiment;

*Il-kummerċ internazzjonali*

41. Jirrimarka li s-suq intern u s-swieq internazzjonali huma kulma jmur aktar interkonnessi; huwa tal-fehma, f'dan il-kuntest, li l-leġiżlaturi tas-suq intern tal-UE u n-negozjaturi tal-UE fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali għandhom iżommu quddiem għajnejhom il-konsegwenzi reċiproċi possibbli meta jkunu qed iwettqu l-attivitajiet tagħhom u li huma għandhom jadottaw politika koerenti li għandha tkun dejjem orjentata lejn il-promozzjoni tal-valuri tal-UE fil-politiki tal-akkwist pubbliku, inklużi t-trasparenza, pożizzjoni bi prinċipju kontra l-korruzzjoni, u l-avvanz tad-drittijiet soċjali u dawk tal-bniedem; jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali biex jagħmlu sessjonijiet konġunti ta' informazzjoni, bil-għan li jiġu inkuraġġiti s-sinerġiji;

42. Jenfasizza li qafas sod ta' akkwist tal-gvern huwa prekondizzjoni għal suq orjentat lejn kompetizzjoni ġusta u ħielsa u jgħin fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

43. Jenfasizza wkoll, fil-kuntest tal-impenji tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-akkwist pubbliku internazzjonali, l-importanza tat-tisħiħ tal-mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni f'dan il-qasam, u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa tal-iffukar tal-isforzi fuq l-iżgurar tat-trasparenza u l-ekwità fl-użu tal-fondi pubbliċi;

44. Iħeġġeġ lit-22 stat osservatur fil-kumitat tal-FAG sabiex iħaffu l-proċess ta' adeżjoni mal-FAG;

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibiltà li tinkorpora fil-ftehimiet ta' akkwist pubbliku ma' sħab internazzjonali dispożizzjonijiet li jirrikjedu konformità mal-obbligi fundamentali dwar id-drittijiet tal-bniedem stipulati f'konvenzjonijiet u fi ftehimiet internazzjonali;

46. Filwaqt li jargumenta bil-qawwa kontra l-miżuri protezzjonisti fil-qasam tal-akkwist pubbliku fuq livell globali, jemmen bis-sħiħ fil-prinċipju tar-reċiproċità u l-proporzjonalità f'dak il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li timponi restrizzjonijiet proporzjonati b'miri preċiżi fuq l-aċċess għal partijiet mis-swieq tal-akkwist pubbliku tal-UE għal dawk is-sħab kummerċjali li jibbenefikaw mill-ftuħ tas-suq tal-UE, imma li ma wrew l-ebda ħsieb li jiftħu s-swieq tagħhom stess għall-kumpaniji tal-UE, bil-għan li tħeġġeġ lil sħabna sabiex joffru arranġamenti reċiproċi u proporzjonali ta' aċċess għas-suq għall-kumpaniji Ewropej;

47. Jiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 58 u 59 tad-Direttiva 2004/17/KE; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-possibilità li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-problemi dwar l-aċċess mill-intrapriżi tagħhom għas-swieq ta' pajjiżi terzi, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri effettivi ħalli tiżgura li l-intrapriżi tal-UE jgawdu aċċess ġenwin għas-swieq ta' pajjiżi terzi;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Koerenza tal-Politiki tal-UE għall-Iżvilupp - L-Istabbiliment ta' qafas ta' politika għall-approċċ uniku tal-Unjoni

P7_TA(2010)0174

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Koerenza tal-Politiki tal-UE għall-Iżvilupp u l-kunċett ta' "Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp u iktar" (2009/2218(INI))**

(2011/C 161 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 35 tad-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika għall-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew" ([1]),

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u speċjalment l-Artikolu 21(2), li jistabbilixxi l-prinċipji u l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat ta' Lisbona) li jtenni li l-UE se tqis l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hija timplimenta u li x'aktarx li jolqtu l-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat ta' Lisbona) li jafferma mill-ġdid li l-UE għandha tiżgura l-konsistenza bejn il-politiki u l-attivitajiet tagħha, meta jitqiesu l-għanijiet kollha tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE (il-Ftehim ta' Cotonou),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Konġunta bejn l-Afrika u l-UE, adottata f'Lisbona f'Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp: It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju" (COM(2005)0134 - SEC(2005)0455),

— wara li kkunsidra l-ewwel Rapport biennali tal-UE dwar Koerenza fil-Politika għall-Iżvilupp (COM(2007)0545) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SEC(2007)1202),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "il-Kodiċi ta' Mġiba tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika tal-Iżvilupp" (COM(2007)0072),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-UE tal-2009 dwar Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp (COM(2009)0461 finali) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjah (SEC(2009)1137),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp – L-Istabbiliment ta' qafas ta' politika għall-approċċ uniku tal-Unjoni" (COM(2009)0458),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-Koerenza tal-Politiki għall-Programm ta' Ħidma għall-Iżvilupp" (SEC(2010)0421 finali) li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni,

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem "Pjan ta' Azzjoni tal-UE bi tnax-il punt biex jiġu appoġġati l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju" COM(2010)0159),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ilaħħqu mal-kriżi" (COM(2009)0160),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)0163),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax, u b'mod partikolari l-Anness I ([2]) tagħha,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 u tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar l-agrikultura u s-sajd,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2005 dwar it-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2006 dwar l-Integrazzjoni ta' Kunsiderazzjonijiet dwar l-Iżvilupp fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-paragrafu 49 tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 u l-20 ta' Novembru 2007 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra l-paragrafu 61 tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni" tat-18 ta' Mejju 2009 dwar l-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jegħlbu l-kriżi,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2009 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u dwar il-Qafas Operattiv dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' strateġija tal-1996 tal-OKŻE bl-isem Shaping the 21st Century: the Contributions of Development Cooperation ' u d-dikjarazzjoni ministerjali tal-OKŻE tal-2002 "Action for a Shared Development Agenda" u r-rapport tagħha tal-2008 bl-isem "Building Blocks for Policy Coherence for Development",

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Ghajnuna u l-Aġenda ta' Akkra għal Azzjoni,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ministerjali dwar il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp adottata mill-OKŻE fl-4 ta' Ġunju 2008,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0039.
([2]) Testi adottati, P6_TA(2009)0325.

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU tal-2000 u t-tmien Għan ta' Żvilupp tal-Millennju,

— wara li kkunsidra l-laqgħa ministerjali tad-WTO ta' Novembru 2001 u l-Konsensus ta' Monterrey tal-2002,

— wara li kkunsidra s-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 u r-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-qafas tas-Samit Dinji tal-2005,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni dwar ir-rwol tal-Ftehim ta' Shubija ta' Cotonou fl-indirizzar tal-kriżi tal-ikel u dik finanzjarja fil-pajjiżi tal-AKP, adottata waqt is-17-il Assemblea Parlamentari Konġunta bejn l-AKP u l-UE ([1]) li saret fi Praga mill-4 sad-9 ta' April 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu bbażati fuq rapporti mill-Kumitat tiegħu għall-Iżvilupp: Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Marzu 2006 dwar l-impatt tal-iżvilupp ta' Ftehimiet ta' Shubija Ekonomika (EPAs) ([2]); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Frar 2007 dwar l-integrazzjoni tas-sostenibilità fil-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ([3]); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar is-sitwazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika ([4]); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp u l-effetti li qiegħda tħalli l-esplojtazzjoni mill-UE ta' ċerti riżorsi bijoloġiċi naturali fuq l-iżvilupp tal-Afrika tal-Punent ([5]); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2007 dwar l-Avvanz fl-Agrikoltura Afrikana – Proposta għall-iżvilupp agrikolu u s-sigurtà tal-ikel fl-Afrika ([6]); u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-Segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu bbażati fuq rapporti mill-Kumitat tiegħu għall-Kummerċ Internazzjonali: Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-għajnuna tal-UE għall-kummerċ (Aid for Trade) ([8]) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar il-Faqar u l-Kummerċ: it-tfassil tal-politiki tal-kummerċ b'mod li jżidu kemm jista' jkun il-kontribuzzjoni tal-kummerċ sabiex jitnaqqas il-faqar ([9]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-CONCORD tal-2009 bit-titolu "Fokus fuq il-Koerenza tal-Politiki",

— wara li kkunsidra l-istudju tal-2003 tal-ActionAid bit-titolu "Policy (in)coherence in European Union support to developing countries: a three country case study" (" (In)koerenza fil-politiki ta' appoġġ tal-Unjoni Ewropea lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw: studju ta' tliet pajjiżi"),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-2006 ta' Guido Ashoff (2006) bit-titolu "It-tisħiħ tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp: kwistjonijiet kunċettwali, approċċi istituzzjonali u lezzjonijiet minn evidenza komparattiva",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2007 tal-ECDPM bit-titolu "Il-mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri tal-UE għall-promozzjoni tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp: rapport finali",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0140/2010),

([1]) ACP-EU/100.568/09/fin.
([2]) ĠU C 292E, 1.12.2006, p. 121.
([3]) ĠU C 250E, 25.10.2007, p. 77.
([4]) ĠU C 263E, 16.10.2008, p. 633.
([5]) ĠU C 286E, 27.11.2009, p. 5.
([6]) ĠU C 297E, 20.11.2008, p. 201.
([7]) ĠU C 279E, 19.11.2009, p. 100.
([8]) ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 291.
([9]) ĠU C 298E, 8.12.2006, p. 261.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

A. billi l-OKŻE pproponiet li jiġi ddefinit il-kunċett tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD), li jfisser "ħidma biex jiġi żgurat li l-objettivi u r-riżultati tal-politiki ta' żvilupp ta' gvern ma jiġux ipperikolati minn politiki oħra ta' dak il-gvern, liema politiki jolqtu l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li dawn il-politiki jsostnu l-objettivi ta' żvilupp, fejn ikun fattibbli" ([1]); billi l-UE żviluppat kunċett ta' PCD li għandu l-għan li jibni sinerġiji bejn il-politiki tal-UE, u billi n-nuqqas ta' azzjoni politika għal dan l-iskop jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-riżultat mistenni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp,

B. filwaqt li jfakkar fl-impenn tal-Unjoni Ewropea biex tieħu miżuri li jħeġġu l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, f'konformità mal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fl-2005 ([2]),

C. billi hemm differenza bejn il-konsistenza fil-politiki (li jiġu evitati l-kontradizzjonijiet bejn oqsma ta' politiki esterni differenti) u l-koerenza għall-iżvilupp (l-obbligu li l-politiki kollha tal-UE li jħallu impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw iqisu l-għanijiet tal-iżvilupp),

D. billi l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi t-tnaqqis u, fuq perjodu twil ta' żmien, l-eliminazzjoni tal-faqar bħala l-objettiv prinċipali tal-politika tal-UE għall-iżvilupp; billi l-PCD taħdem favur l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni permezz tal-politiki kollha tagħha,

E. billi hemm inkoerenzi ċari fil-politiki tal-UE dwar il-kummerċ, l-agrikoltura, is-sajd, il-klima, id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, il-migrazzjoni, il-finanzi, l-armi u l-materja prima; u billi l-PCD tista' twassal għat-tnaqqis tal-faqar billi ssib sinerġiji fundamentali fil-politiki tal-UE,

F. billi n-nuqqas ta' appoġġ politiku, mandati mhux ċari, riżorsi insuffiċjenti, in-nuqqas ta' għodod u indikaturi effikaċi ta' monitoraġġ, kif ukoll in-nuqqas ta' prijoritizzazzjoni tal-PCD fuq interessi kunfliġġenti huma kollha fatturi li jirrestrinġu l-PCD,

G. billi l-kontributi finanzjarji mogħtija mill-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-settur tas-Sajd (FPAs), ma kkontribwixxewx għat-tisħiħ tal-politiki tas-sajd tal-pajjiżi msieħba, u fil-biċċa l-kbira dan seħħ minħabba nuqqas ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet, minħabba dewmien biex tingħata l-għajnuna, u xi drabi saħansitra minħabba l-fatt li din l-għajnuna ma ntużatx,

H. billi l-ewwel Għan ta' Żvilupp tal-Millennju għandu l-għan li jnaqqas bin-nofs l-għadd ta' persuni li jbatu l-ġuħ sal-2015, iżda minkejja dan għad hemm kważi biljun persuna li ma jkollhomx x'jieklu ta' kuljum, anke jekk id-dinja tipproduċi biżżejjed ikel biex taqdi l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni kollha,

I. billi s-sussidji tal-UE għall-esportazzjonijiet tal-prodotti agrikoli Ewropej għandhom effett diżastruż fuq is-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp ta' settur agrikolu vijabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

J. billi l-UE hija impenjata sabiex tilħaq l-objettiv tan-NU li tagħti 0.7 % tad-dħul gross nazzjonali (GNI) f'għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) sal-2015, u l-objettiv interim ta' għajnuna għall-UE kollha kemm hi huwa ta' 0.56 % sal-2010,

K. billi skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ta' Novembru 2008, l-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jagħtu prijorità lill-iżvilupp, qabel kull għan ekonomiku jew politiku,

L. billi l-kriżi wriet li l-ODA huwa l-uniku strument li għandu fil-mira l-pajjiżi l-aktar foqra u li jipprovdi finanzi għall-iżvilupp b'mod aktar prevedibbli u affidabbli minn flussi finanzjarja oħra,

---

(1) "Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp: Approċċi Istituzzjonali: Workshop Tekniku": Laqgħa ta' ħidma tal-OKŻE li saret f'Pariġi fit-13 ta' Ottubru 2003.

(2) L-Artikolu 35 tad-dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Żvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew" (2006/C 46/01).

M. billi għadd kbir ta' studji wera li hemm madwar EUR 900 biljun kull sena ta' flussi finanzjarji illegali li joħorġu minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jfixkel b'mod serju d-dħul fiskali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u konsegwentement il-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw,

1. Jilqa' ż-żieda fl-attenzjoni u fl-impenn għall-PCD mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Istati Membri, kif muri mir-rappurtar bijennali;

2. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jsaħħaħ il-PCD fl-UE u fil-ħidma parlamentari tiegħu;

3. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija bil-bosta l-akbar donatur ta' għajnuna fid-dinja (fl-2008 l-għajnuna tal-UE żdiedet għal €49 biljun, li tirrappreżenta 0.40 % tal-GNI), u li fl-2010 l-volumi tal-għajnuna mistennija jiżdiedu għal €69 biljun biex titwettaq il-wegħda kollettiva ta' 0.56 % tal-GNI tal-UE li kienet saret waqt is-Samit tal-G8 fi Gleneagles fl-2005; jirrimarka li dan ser jirriżulta fi ħruġ ta' €20 biljun addizzjonali għall-objettivi tal-iżvilupp;

4. Ifakkar fl-adozzjoni, li saret f'Ottubru 2007, tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Għajnuna għall-Kummerċ, b'impenn ħalli l-għajnuna kollettiva tal-UE relatata mal-kummerċ titla' għal €2 biljun fis-sena sal-2010 (€1 biljun mill-Komunità u €1 biljun mill-Istati Membri);

5. Jistieden lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod speċjali dawk li jibbenefikaw l-aktar mill-għajnuna tal-UE, biex jiżguraw li jkun hemm governanza tajba fil-kwistjonijiet pubbliċi kollha, u b'mod speċjali fil-ġestjoni tal-għajnuna li jirċievu, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ħalli tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiżgura li l-għajnuna tkun implimentata b'mod trasparenti u effiċjenti;

6. Jilqa' l-Programm ta' Ħidma tal-PCD 2010-2013 bħala linja gwida għall-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE, u jirrikonoxxi r-rwol tiegħu bħala sistema ta' twissija bikrija għal inizjattivi ta' politika li jkunu se jsiru; jilqa' wkoll l-interkonnessjonijiet bejn l-oqsma differenti tal-politika;

7. Ifakkar fir-responsabilità tal-Unjoni Ewropea li tqis l-interessi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u taċ-ċittadini tagħhom;

8. Iqis li l-oqsma kollha tal-politika tal-UE b'impatt estern iridu jitfasslu biex ikunu ta' appoġġ għall-ġlieda kontra l-faqar u għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u biex ma jikkontradixxuhomx, kif ukoll għall-milja tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu aspetti rilevanti tal-Koerenza Politika għall-Iżvilupp fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali u fil-ftehimiet kummerċjali multilaterali ankrati fis-sistema tad-WTO li hija msejsa fuq ir-regoli, u f'dan il-kuntest iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ħalli jinvolvu ruħhom b'mod attiv mal-imsieħba l-oħra rilevanti tad-WTO li jistgħu jagħtu kontribut biex jinkiseb riżultat ibbilanċjat, ambizzjuż u orjentat lejn l-iżvilupp fir-Rawnd ta' Doha fil-futur qrib ħafna;

10. Jenfasizza l-fatt li l-hekk imsejħa "kwistjonijiet ta' Singapor", bħal-liberalizzazzjoni tas-servizzi, l-investiment u l-akkwist pubbliku, l-introduzzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u l-infurzar aktar b'saħħtu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ma jgħinux l-għan tal-ilħuq tat-tmien Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

11. Jinsisti li l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-BEI ikollhom rwol ċentrali f'dan u li jirrendu l-investimenti operati mir-rifuġji fiskali inqas atttraenti, billi jadottaw regoli dwar il-kuntratti pubbliċi u l-għoti ta' fondi pubbliċi li jipprojbixxu lil kwalunkwe intrapriża, bank jew istituzzjoni oħra reġistrata f'rifuġju fiskali milli jibbenefikaw minn fondi pubbliċi; f'dan is-sens, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex japprofittaw irwieħhom mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-attivitajiet esterni ta' self tal-BEI, sabiex konkretament itejbu l-kapaċitajiet tiegħu ta' evalwazzjoni tal-benefiċjarji tas-self tiegħu u sabiex jiġi żgurat li l-investimenti tiegħu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu effettivament għall-qerda tal-faqar, billi jipprovdu rapporti annwali dwar il-progress tagħhom;

12. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jagħtu evalwazzjoni ġenerali tal-ftehimiet tas-sajd mal-pajjiżi terzi sabiex il-politika esterna tal-Unjoni fil-qasam tas-sajd tkun koerenti mal-politika għall-iżvilupp, hekk li jsaħħu l-ħila tal-pajjiżi msieħba mal-UE li jiggarantixxu s-sajd sostenibbli fl-ilmijiet tagħhom stess, li jtejjeb is-sikurezza tal-ikel u l-impjieg lokali fis-settur;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

13. Ifakkar li l-aċċess tal-UE għall-istokkijiet tal-ħut fil-pajjiżi terzi ma għandu jkun bl-ebda mod kundizzjoni għall-għajnuna għall-iżvilupp għal dawk il-pajjiżi;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex f'diversi klawżoli ta' natura soċjali tinkludi klawżoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPA) kollha, sabiex tippermetti lill-Unjoni Ewropea tirrikorri għal miżuri adegwati f'każ li jkun hemm prova ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi terzi firmatarji ta' FPA mal-UE;

15. Ifakkar li 75 % tal-popolazzjoni l-fqira tad-dinja tgħix f'żoni rurali, imma li biss 4 % tal-ODA hija ddedikata għall-agrikoltura; jitlob lill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex għal-daqstant iqiegħdu l-kwistjoni tal-agrikoltura fuq nett fl-aġendi tal-iżvilupp tagħhom;

16. Jesprimi tħassib dwar l-impatt negattiv, fuq l-iżvilupp fil-pajjiżi terzi, ta' istituzzjonijiet finanzjarji ddedikati prinċipalment għall-evitar tat-taxxa; jitlob lill-Kummissjoni biex tintensifika l-kooperazzjoni fil-qasam tal-governanza fiskali, b'mod partikolari mal-pajjiżi msemmija fl-Anness 1 tal-proposta leġiżlattiva tagħha tal-24 ta' April 2009 (A6-0244/2009) li jibbenefikaw mill-fondi Ewropej għall-iżvilupp;

17. Jilqa' r-rakkomandazzjoni inkluża fil-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2008 li tiġi inkluża klawżola dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fil-ftehimiet kummerċjali, għax dawn jikkostitwixxu l-ewwel pass fil-ġlieda kontra l-miżuri u l-prattiki tat-taxxa li jħeġġu l-evażjoni u l-frodi fiskali; jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi immedjatament klawżola ta' dan it-tip fin-negozjati tagħha ta' ftehimiet kummerċjali futuri;

18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi tal-AKP biex ikomplu d-djalogu tagħhom dwar il-migrazzjoni biex isaħħu l-prinċipju tal-migrazzjoni ċirkulari u l-faċilitazzjoni tagħha billi jagħtu viżi ċirkulari; jishaq li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u t-trattament xieraq taċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-AKP huwa kompromess b'mod serju mill-ftehimiet bilaterali dwar l-ammissjoni mill-ġdid ma' pajjiżi ta' tranżitu f'kuntest ta' esternalizzazzjoni mill-Ewropa tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, li ma jiggarantixxux rispett tad-drittijiet tal-migranti u li jistgħu jirriżultaw f'suċċessjoni ta' ammissjonijiet mill-ġdid li jipperikolaw is-sikurezza u l-ħajjiet tagħhom;

19. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex isib malajr ftehim komprensiv dwar il-proposta għal emenda tad-Direttiva dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiżi msemmija fl-Anness 1 ta' din il-proposta leġiżlattiva li jibbenefikaw mill-fondi Ewropej għall-iżvilupp;

20. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi inkluż il-FEŻ, li huwa l-istrument ta' finanzjament ewlieni għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, fil-qafas tal-PCD; jikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-baġitarizzazzjoni sħiħa tal-FEŻ fil-kuntest ta' kontroll parlamentari demokratiku u tat-trasparenza fl-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari ż-żieda fl-importanza tal-implimentazzjoni ta' politiki tal-iżvilupp tal-UE li jistabbilixxu faċilitajiet speċifiċi (bħal fil-każ tal-Istrateġija UE-Afrika);

21. Jistieden lill-Kummissjoni mhux biss biex timmonitorja l-għanijiet tat-tkabbir ekonomiku, iżda biex tagħti attenzjoni partikolari lit-tnaqqis tal-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tad-dħul kemm fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw individwali u kemm fil-livell globali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tkabbir ta' proċessi parteċipattivi ta' awtożvilupp sostenibbli permezz ta' forom ta' assoċjazzjonijiet bħall-koperattivi u metodoloġiji PRA ("Participatory Reflection and Action") li minħabba li huma bbażati fuq il-kunsens u l-parteċipazzjoni tal-komunitajiet lokali, jiggarantixxu mudelli organizzattivi aktar effettivi u ta' impatt li jibqa', waqt li jippromwovu l-irwol tal-ekonomija soċjali fl-iżvilupp;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi azzjonijiet ta' għajnuna għall-iżvilupp li, b'kunsiderazzjoni għall-effetti tal-kriżi finanzjarja, jistgħu jimpedixxu ż-żieda fin-nuqqas ta' sigurtà u l-kunflitt, l-instabilità politika u ekonomika dinjija u żieda fil-migrazzjoni furzata ("rifuġjati minħabba l-ġuħ");

23. Jistieden lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jipprovdu servizzi pubbliċi bażiċi u jiggarantixxu l-aċċess għall-art, inkluż il-kreditu għall-bdiewa ż-żgħar, biex jippromwovu s-sigurtà tal-ikel u l-ġlieda kontra l-faqar, li jgħinu biex titnaqqas il-konċentrazzjoni tal-farms il-kbar u l-isfruttar intensiv tar-riżorsi għall-ispekulazzjoni, bil-qerda tal-ekosistemi, u jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-politiki msemmija hawn fuq;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt tal-qasma diġitali bejn pajjiżi sinjuri u pajjiżi fqar, b'attenzjoni partikolari għar-risku li t-teknoloġiji tal-informatika jkunu strumentali fid-diskriminazzjoni, peress li jemarġinaw lil dawk li għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi u politiċi huma esklużi mill-aċċess għal dawn il-prodotti l-ġodda, li huma l-mezz li permezz tagħhom qed isseħħ ir-rivoluzzjoni tal-informatika l-ġdida;

25. Jappella għal mandati ċari sabiex il-PCD tiġi evalwata, biex ikun hemm objettivi operazzjonali ċari u preċiżi, u sabiex ikun hemm proċeduri dettaljati sabiex jitwettaq dan l-eżerċizzju;

26. Jenfasizza l-ħtieġa kruċjali li l-PCD titqies bħala sforz fuq żmien fit-tul sabiex jinkiseb appoġġ dejjiemi għall-PCD; jenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni f'waqtha tal-politiki biex jiġu evitati impatti negattivi fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; għal dan l-għan, jitlob li jiġi vvalutat l-impatt tal-attivitajiet tal-atturi privati Ewropej u dawk li mhumiex Ewropej, b'attenzjoni partikolari għal dawk multinazzjonali;

27. Jitlob li jiġu vvalutati, b'analiżi komparattiva, l-approċċ, il-metodoloġija u r-riżultati ta' politiki ta' kooperazzjoni u ta' għajnuna mhux Ewropej u l-livelli relattivi ta' kollaborazzjoni internazzjonali, b'attenzjoni partikolari għall-interventi taċ-Ċina fl-Afrika;

28. Jenfasizza li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jiffoka fuq ħames oqsma wiesgħa għall-eżerċizzju tal-PCD fl-2009 m'għandhiex tissostitwixxi l-monitoraġġ tat-tnax-il qasam tradizzjonali - Kummerċ, Ambjent, Tibdil fil-Klima, Sigurtà, Agrikoltura, Ftehimiet Bilaterali dwar is-Sajd, Politiki Soċjali (impjiegi), Migrazzjoni, Riċerka/Innovazzjoni, Teknoloġiji tal-Informazzjoni, Trasport u Enerġija; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tidentifika każijiet ta' nuqqas ta' koerenza kull fejn il-politiki Ewropej ikollhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp u biex tissuġġerixxi li tipprovdi soluzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq mekkaniżmi sabiex oqsma ġodda tal-politika li ma joqogħdux b'mod sodisfaċenti fit-tnax eżistenti, bħall-materja prima, jiġu inklużi;

29. Ifakkar fl-impenji internazzjonali importanti tiegħu ta' ODA/PGN ta' 0.7 % sal-2015, li għandhom ikunu ddedikati esklużivament għall-qerda tal-faqar; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-"approċċ ODA u iktar" jista' jdgħajjef il-kontribuzzjoni ta' ODA tal-UE għall-ġlieda kontra l-faqar; huwa mħasseb li l-fondi miġbura bl-"approċċ ODA u iktar" m'għandhom l-ebda impenn legali biex jeqirdu l-faqar jew biex jgħinu biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

30. Huwa mħasseb li l-ħruġ ta' kapital lejn l-UE ikkawżat minn politiki inkoerenti fl-"approċċ ODA u iktar" mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma jissemmiex u li ma jitqiesux il-ħsara ikkawżata lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-kompetizzjoni fiskali żleali u l-ħruġ illegali tal-kapital;

31. Huwa mħasseb li l-"approċċ ODA u iktar" jiffoka biss fuq l-influssi finanzjarji mill-UE lejn in-Nofsinhar u jinjora l-flussi finanzjarji min-Nofsinhar lejn l-UE, u dan jagħti stampa qarrieqa tad-direzzjoni tal-flussi finanzjarji;

32. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiċċara aktar l-approċċ tal-Unjoni kollha kemm hi u l-impatt tiegħu fuq il-politika ta' żvilupp tal-UE; jesprimi tħassib li dan l-approċċ jista' jiġi integrat fil-Perspettiva Finanzjarja li jmiss;

33. Jistieden lill-membri Ewropej tad-DAC tal-OECD biex jirrifjutaw kull tentattiv biex titwessa' d-definizzjoni tal-ODA, inklużi l-approċċi tal-"Unjoni kollha" u tal-"ODA+" li ġew proposti reċentament mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll punti mhux relatati mal-għajnuna bħall-flussi finanzjarji, in-nefqa militari, il-kanċellazzjoni tad-djun, b'mod partikolari l-kanċellazzjoni tad-djun tal-kreditu fuq l-esportazzjoni, flus minfuqa fl-Ewropa fuq l-Istudenti u r-refuġjati;

34. Jirrikonoxxi li t-twettiq tal-impenji ta' ODA huwa importanti ħafna iżda xorta mhux biżżejjed biex tiġi indirizzata l-emerġenza tal-iżvilupp, u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tidentifika b'urġenza sorsi innovattivi addizzjonali ta' finanzjament għall-iżvilupp, u biex tippreżenta proposti għall-introduzzjoni ta' taxxa internazzjonali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji biex tiġġenera riżorsi addizzjonali biex jingħelbu l-agħar konsegwenzi tal-kriżi u biex nibqgħu fit-triq sabiex nilħqu l-MDGs;

35. Ifakkar b'determinazzjoni lill-Kummissjoni u l-Istati Membri li l-ODA għandha tibqa' s-sinsla tal-politika Ewropea tal-koperazzjoni għall-iżvilupp li timmira li teqred il-faqar; għalhekk, jenfasizza li jekk is-sorsi innovattivi tal-finanzjament tal-iżvilupp għandhom jiġu promossi b'mod mifrux, għandhom ikunu addizzjonali, użati f'approċċ favur il-fqar u bl-ebda mod ma jistgħu jintużaw biex jissostitwixxu l-ODA;

36. Jibża' li, f'bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw, bosta mill-miri MDG mhux se jintlaħqu sal-2015; iħeġġeġ lill-Istati Membri għalhekk biex jilħqu l-mira kollettiva tagħhom u biex jipproċedu biex jgħaddu leġiżlazzjoni vinkolanti u jippreżentaw skedi ta' żmien annwali biex iżommu l-wegħdiet li għamlu; jilqa', f'dan ir-rigward, l-"Abbozz ta' Liġi dwar l-Iżvilupp Internazzjonali" ippreżentat mill-Gvern tar-Renju Unit f'Jannar 2010;

37. Ifakkar li, f'konformità mal-qafas istituzzjonali tal-UE, jipproponi li jaħtar rapporteur permanenti għall-"koerenza fil-politiki għall-iżvilupp", li jkollu l-mandat li jsegwi każijiet ta' nuqqas ta' koerenza fil-politika tal-UE u li jinforma lill-Kumitat DEVE bihom;

38. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża benchmarks ċari u sistematiċi u indikaturi aġġornati b'mod regolari sabiex tkejjel il-PCD, pereżempju l-Indikaturi ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll ittejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-Parlament Ewropew, Stati li jirċievu l-għajnuna u s-soċjetà ċivili;

39. Jistieden lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex joħolqu indikaturi speċifiċi għall-pajjiż dwar il-PCD f'konformità mal-indikaturi ġenerali tal-UE, sabiex jivvalutaw il-ħtiġijiet reali u l-kisbiet f'termini ta' żvilupp;

40. Huwa tal-fehma li, jekk l-azzjonijiet u l-miżuri fil-politika ta' żvilupp tal-UE ma jirrispettawx il-prinċipji u l-objettivi stipulati fl-Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona u tal-azzjoni esterna tal-UE mniżżla fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ikun ksur tal-obbligu li dwaru jista' jsir rikors il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewoprea skont l-Artikoli 263 u 265 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

41. Jenfasizza l-importanza tal-koerenza bejn il-politiki kummerċjali u dawk tal-iżvilupp għal żvilupp aħjar u implimentazzjoni tanġibbli, u jilqa' f'dan ir-rigward ir-Rapport tal-2009 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp (COM(2009)0461);

42. Itenni l-ħtieġa tal-koerenza bejn il-politika tal-kummerċ u l-politiki l-oħrajn (ambjentali u soċjali), b'mod partikulari fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali li jkun fihom inċentivi għall-produzzjoni ta' bijofjuwils fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

43. Itenni l-importanza tal-koerenza bejn il-politiki tal-kummerċ u tal-iżvilupp u jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' Kapitoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi ftehimiet kummerċjali għandha sservi ta' opportunità għall-Kummissjoni Ewropea biex tippromwovi l-governanza tajba u l-applikazzjoni tal-valuri fundamentali Ewropej;

44. Iqis li d-deċiżjoni riċenti tal-UE li tistabbilixxi mill-ġdid sussidji għall-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib u ta' prodotti oħra tal-ħalib, li b'mod ewlieni jissussidjaw in-negozju agrikolu fl-Ewropa aspejjeż tal-bdiewa foqra f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, hija vjolazzjoni sfaċċata tal-prinċipji ewlenin tal-koerenza politika għall-iżvilupp, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jirrevokaw din id-deċiżjoni minnufih;

45. Jappella sabiex jintemmu s-sussidji fuq l-esportazzjoni; għal dan il-għan, ifakkar fl-impenn li ttieħed f'Doha fl-2001 mill-membri kollha tad-WTO biex jikkonkludu Rawnd ta' negozjati dwar l-Iżvilupp li jimmira biex jirrettifika l-iżbilanċi eżistenti fis-sistema tal-kummerċ, ipoġġi l-kummerċ għas-servizz tal-iżvilupp u jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

46. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li jiġi żgurat li d-DĠ Kummerċ ikollu mandat koerenti għan-negozjati kummerċjali, biex tqis kif jixraq il-prekondizzjonijiet tal-Parlament għall-għoti tal-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehimiet kummerċjali;

47. Jistieden lill-Kummisjoni biex tieħu kull miżura disponibbli biex tiżgura li, meta jiskadi l-Protokoll taz-Zokkor u sseħħ ir-riforma tal-UE tas-sistema taz-zokkor, tissalvagwardja s-sħab rilevanti tagħha minn kwalunkwe taqlib temporanju fis-suq;

48. Jipproponi li jkomplu jiġu żviluppati l-istrumenti eżistenti tal-UE biex jitnaqqsu t-tariffi doganali bħas-Sistema GSP/GSP+ u kapitoli fl-FTAs u fl-EPA, u li jkomplu jiġu integrati f'dawk l-istrumenti standards tax-xogħol u ambjentali maqbula internazzjonalment;

49. Jerġa' jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mill-mekkaniżmi tal-GSP u l-GSP + għall-bini ta' kapaċità isitituzzjonali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex itejbu l-koerenza interna tagħhom fit-tfassil ta' strateġiji għall-iżvilupp;

50. Jenfasizza li l-konsultazzjoni sistematika mal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u mat-trejdjunjins dwar l-implimentazzjoni ta' standards soċjali u ambjentali fil-pajjiżi li mhumiex imsieħba fl-UE, b'mod partikulari qabel il-konklużjoni tal-EPA jew l-għoti tal-GSP +, għandha tiżgura koerenza aħjar fil-politiki kummerċjali u tkun ta' fejda għall-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

51. Jirrikonoxxi li skont ir-rapport ta' monitoraġġ tal-Istrateġija ta' Għajnuna għall-Kummerċ (AfT) tal-Kummissjoni (COM(2009)0160 finali, p. 30), l-impenji tal-AfT tal-UE għall-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) niżlu minn EUR2 975 miljun fl-2005 għal EUR2 097 miljun fl-2007, li s-sehem tal-AKP fl-impenji ġenerali tal-AfT tal-UE niżlu minn 50 % għal 36 % tul l-istess perjodu, u li dan mhux konsistenti mal-wegħdiet preċedenti ta' prijoritizzazzjoni għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp;

52. Jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, l-inizjattivi eżistenti kollha fil-qasam tal-kummerċ mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-livell tal-UE u tad-WTO, b'mod partikolari l-inizjattiva Kollox Ħlief Armi (EBA), il-GSP u l-GSP+, l-assimmetrija u l-perjodi tranżitorji fil-Ftehimiet ta' Sħubija Ewropej eżistenti kollha (EPAs) u l-Programm ta' Ħidma għall-Għajnuna għall-Kummerċ tal-2010-2011, u jitlob li ssir reviżjoni ta' dan tal-aħħar, bil-ħsieb li jingħata aktar qawwa ħalli jrawwem it-tkabbir sostenibbli;

53. Jirrikonoxxi s-sehem importanti li s-sistema GSP+ tal-UE jista' jkollha fl-inkuraġġiment tal-governanza tajba u tal-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li din l-għodda tkun effettiva u li l-konvenzjonijiet tal-ILO u tan-NU jkunu implimentati kif xieraq fil-post;

54. Itenni li l-UE għandha tappoġġa lil dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jużaw il-"flessibilitajiet" tal-Ftehima TRIPS biex ikunu jistgħu jipprovdu mediċini bi prezzijiet li wieħed ikun jiflaħ għalihom skont il-programmi domestiċi tagħhom għas-saħħa pubblika;

55. Jilqa' l-klawsola ta' salvagwardja dwar is-sigurtà tal-ikel li tfasslet fil-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li din tiġi implimentata b'mod effikaċi;

56. Jiddeplora d-dispożizzjonijiet tat-TRIPS+ inklużi fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika CARIFORUM-KE, u fil-ftehimiet li qed jiġu nnegozjati mal-pajjiżi tal-Komunità Andina u tal-Amerika Ċentrali, dispożizzjonijiet li joħolqu ostakoli għall-aċċess għal mediċini essenzjali;

57. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex iġġib fit-tmiem l-approċċ TRIPS + attwali tagħha fin-negozjati EPA dwar il-prodotti farmaċewtiċi u l-mediċini, sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jipprovdu mediċini bi prezzijiet li wieħed ikun jiflaħ għalihom fi programmi nazzjonali tas-saħħa pubblika;

58. Jenfasizza li kwalunkwe miżuri fin-negozjati dwar l-ACTA biex jissaħħu s-setgħat ta' ispezzjoni transkonfinali u l-qbid tal-merkanziji ma għandhomx jagħmlu ħsara lill-aċċess globali għal mediċini legali, li jintlaħqu mill-bwiet ta' kulħadd u sikuri;

59. Huwa mħasseb dwar każijiet reċenti ta' awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-UE li qabdu mediċini ġeneriċi fi tranżitu fil-portijiet u l-ajruporti Ewropej u jenfasizza li tali mġiba tfixkel id-Dikjarazzjoni tad-WTO dwar l-Aċċess għall-Mediċini; jitlob lill-Istati Membri kkonċernati biex iwaqqfu din il-prattika minnufih; jitlob lill-Kummissjoni biex tassigura lill-Parlament li l-ACTA li attwalment qed isiru negozjati dwaru ma jostakolax l-aċċess għall-mediċina għal pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw;

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

60. Jemmen li l-isfida tat-tibdil fil-klima għandha tiġi indirizzata permezz ta' riformi strutturali, u jappella għal valutazzjoni sistematika tar-riskju tat-tibdil fil-klima tal-aspetti kollha tal-ippjanar tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż fil-kummerċ, fl-agrikoltura u fis-sigurtà tal-ikel; jitlob li r-riżultat ta' din il-valutazzjoni jiġi użat biex jifformula dokumenti ta' strateġija reġjonali u tal-pajjiż li jkunu ċari u koerenti, kif ukoll fil-programmi u l-proġetti kollha tal-iżvilupp;

61. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kummenti riċenti tal-Kummissjoni dwar il-ħsieb tagħha li tikkunsidra mill-ġdid ir-Regolament (KE) Nru 1383/2003, li kellu konsegwenzi mhux maħsuba fuq it-tranżitu fl-UE ta' mediċini ġeneriċi li kienu finalment destinati għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

62. Jemmen li inizjattivi bħall-ġabra ta' privattivi tal-Unitaid għall-mediċini tal-HIV/Aids jistgħu jgħinu ħalli jkun hemm koerenza fil-politiki tal-UE dwar is-saħħa u l-proprjetà intellettwali;

63. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ tal-Kummissjoni għal proposti li jgħinu lill-komunitajiet indiġeni jisfruttaw u jibbenefikaw mill-għarfien tradizzjonali u mir-riżorsi ġenetiċi tagħhom;

64. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kummenti tal-Kummissjoni li l-UE tista' traħħas it-tariffi fuq prodotti li jirrispettaw l-ambjent ma' pajjżi tal-istess fehma f'każ li ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim fid-WTO;

65. Jappoġġa lill-Kummissjoni fl-iffaċilitar tat-trasferiment tat-teknoloġija lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċifikament teknoloġiji li jkollhom livell baxx ta' karbonju u li jifilħu għat-tibdil fil-klima, li hi xi ħaġa essenzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

66. Jirrikonoxxi l-importanza ekonomika tar-rimessi għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, iżda jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-ħarba tal-imħuħ fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali, b'mod partikulari fis-settur tas-saħħa;

67. Jenfasizza l-ħidma li saret minn bosta organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq l-evażjoni tat-taxxa mill-kumpaniji multinazzjonali tal-UE fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jitlob lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom fin-negozjati tal-ġejjieni;

68. Jilqa' l-mekkaniżmi sabiex tissaħħaħ il-PCD fi ħdan il-Kummissjoni, l-aktar is-sistema ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi, il-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatt, il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq is-Sostenibilità u l-Grupp bejn is-Servizzi għall-Appoġġ għall-Kwalità u, fejn ikun xieraq, l-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali;jistaqsi, madankollu, liema kriterji uża d-DĠ Żvilupp meta ddeċieda li jreġġa' lura inizjattivi inkoerenti ta' politika, u jappella għal aktar trasparenza fir-rigward tal-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi;jitlob li l-informazzjoni miġbura fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt issir disponibbli għall-Parlament Ewropew b'mod li jinftiehem aħjar, u li l-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali u l-parlamenti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu involuti aktar mill-qrib f'dawn il-mekkaniżmi;

69. Jitlob li l-istrateġija "għajnuna għall-kummerċ" tibbenefika lill-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, u mhux biss lil dawk li jaqblu li jilliberalizzaw aktar is-swieq tagħhom; matul in-negozjati kummerċjali, l-iktar fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija Eknomika, jistieden lill-Kummissjoni biex ma timponix, kontra x-xewqa tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-ftuħ ta' kapitoli ta' negozjati dwar il-"kwistjonijiet ta' Singapor" u s-servizzi finanzjarji, u biex ma tidholx fi ftehimiet ta' dan it-tip sakemm dawn il-pajjiżi ma jkunux l-ewwel stabbilixxew qafas regolatorju u ta' sorveljanza nazzjonali xieraq;

70. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex sistematikament tinkludi standards soċjali u ambjentali li jorbtu legalment fil-ftehimiet kummerċjali nnegozjati mill-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi promoss l-għan ta' kummerċ favur l-iżvilupp;

71. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tibda l-valutazzjonijiet dwar l-impatt minn kmieni, jiġifieri qabel mal-proċess ta' abbozzar tal-inizjattivi ta' politika jkun diġà avvanzat wisq u sabiex tibbażahom fuq studji bbażati fuq l-evidenza eżistenti jew li jitwettqu apposta, u biex tinkludi b'mod sistematiku d-dimensjonijiet soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem, peress li analiżi prospettiva hija utli u prattika l-aktar minħabba n-nuqqas ta' dejta u l-kumplessitajiet tal-kejl tal-PCD; jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt fid-Dokumenti Strateġiċi Reġjonali u tal-Pajjiż tal-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) flimkien ma' suġġerimenti għas-segwitu;

72. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, mit-82 valutazzjoni tal-impatt li saru fl-2009 mill-Kummissjoni, waħda biss minnhom kienet iddedikata għall-iżvilupp; jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ sistematiku ta' kejl tal-prestazzjoni tal-PCD; għalhekk jappella lill-Kummissjoni biex tagħti lill-unità tagħha għall-istudji prospettivi u għall-koerenza politika fid-DĠ DEVE rwol ewlieni fit-titjib tal-kunsiderazzjoni tal-PCD;

73. Jistiden lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Parlament Ewropew fil-proċess tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-PCD, pereżempju fir-rigward tal-kwestjonarju, tal-kalendarju opportun, u filwaqt li tqis r-rapporti ta' inizjattiva proprja tal-Parlament;

74. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinvolvi d-Delegazzjonijiet tal-UE fil-ħidma tagħha ta' PCD billi taħtar punti fokali responsabbli mill-PCD f'kull delegazzjoni biex jimmoniterjaw l-impatt tal-politiki tal-UE fil-livell ta' pajjiżi sħab; jitlob sabiex il-PCD jiddaħħal fit-taħriġ tal-istaff; jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika kull sena r-riżultati tal-konsultazzjonijiet fil-post li għandhom isiru mid-delegazzjonijiet tal-UE; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom biżżejjed kapaċità biex jikkonsultaw b'mod estensiv mal-gvernijiet u l-parlamenti lokali u biex jiggarantixxu opportunitajiet għal parteċipazzjoni attiva minn parteċipanti mhux statali u mis-soċjetà ċivili dwar il-kwistjoni tal-PCD;

75. Jissuġġerixxi li l-istaff tal-Kummissjoni u l-membri tad-delegazzjonijiet tal-Kunsill li jaħdmu fil-qasam tal-PCD jitħarrġu bil-ħsieb li tiżdiedilhom il-kuxjenza dwar dak l-għan tal-politika;

76. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti lill-Kummissarju għall-Iżvilupp ir-responsabilità unika għall-allokazzjonijiet nazzjonali, id-dokumenti Strateġiċi Nazzjonali, Reġjonali u Tematiċi, il-Programmi Indikattivi Nazzjonali u Pluriennali, il-programmi ta' Azzjoni Annwali u l-implimentazzjoni tal-għajnuna fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, b'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissarju għall-Għajnuna Umanitarja, sabiex jiġu evitati approċċi li ma jkunux koerenti fil-Kulleġġ u fil-Kunsill;

77. Jistieden lill-Istati Membri u l-parlamenti nazzjonali tagħhom biex jippromwovu l-PCD permezz ta' programm ta' ħidma speċifiku bi skedi ta' żmien vinkolanti, sabiex jitjieb il-programm ta' ħidma tal-PCD Ewropew kif ukoll l-isforzi tal-għajnuna, filwaqt li jiġi żgurat li din l-aġenda ma tmurx kontra l-istrateġiji tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab;

78. Jissuġġerixxi li l-PCD tiddaħħal fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tad-DCI, speċjalment fil-programmi tematiċi relevanti;

79. Jissuġġerixxi li jiddaħħlu impenji speċifiċi tal-PCD fil-programm ta' ħidma ta' kull Presidenza;

80. Jissuġġerixxi li l-Kunsill itejjeb il-ħidma ta' strutturi eżistenti għat-tisħiħ tal-PCD, pereżempju billi jkun hemm aktar laqgħat konġunti tal-gruppi ta' ħidma u billi l-programm ta' ħidma jkun aċċessibbli għall-pubbliku;

81. Jissuġġerixxi li jabbozza rapport biennali tal-Parlament Ewropew dwar il-PCD; jissuġġerixxi lill-kumitati kollha tiegħu li jabbozzaw rapporti li jindirizzaw il-perspettivi rispettivi tagħhom dwar l-iżvilupp;

82. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni bejn il-kumitati fil-Parlament Ewropew; għal dan il-għan, jissuġġerixxi li, meta tiġi diskussa kwistjoni sensittiva dwar il-PCD minn kumitat, il-kumitati relevanti l-oħra għandhom ikunu assoċjati mill-qrib, u meta kumitat jorganizza smigħ espert dwar kwistjoni sensittiva li tikkonċerna l-PCD, il-kumitati relevanti l-oħra għandhom ikunu parti mill-organizzazzjoni tas-smigħ;

83. Jitlob kjarifika istituzzjonali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Koerenza tal-Politika (COM(2009)0458) rigward sħubija u djalogu mtejba mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar il-kwistjoni tal-PCD; jistaqsi jekk din is-sħubija mtejba tinkludix ukoll mekkaniżmu biex jingħataw pariri lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar dak li jistgħu jagħmlu huma stess biex jippromwovu l-PCD u pjan għall-bini tal-kapaċità fil-livell tal-pajjiż biex jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-PCD;

84. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

# Penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq

P7_TA(2010)0175

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq (2009/2154(INI))**

(2011/C 161 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni li janalizza l-penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq, kif stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri' (COM(2009)0225),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0130/2010),

A. billi matul dawn l-aħħar snin l-Unjoni Ewropea ħolqot sistema ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq bl-adozzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 561/2006 kif ukoll tad-Direttiva 2006/22/KE bil-għan li tiżdied is-sikurezza fit-toroq u li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta,

B. billi s-sistemi ta' penali li hemm fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma riżultat ta' żvilupp storiku u għal din ir-raġuni jippreżentaw differenzi sinifikanti bejniethom, b'multi f'każijiet estremi li jistgħu jkunu sa għaxar darbiet ogħla minn pajjiż għall-ieħor,

C. billi l-pożizzjoni legali rigward it-trasport internazzjonali tant saret kumplessa li l-intraprendituri u fuq kollox anki s-sewwieqa qed isibuha bi tqila li jsibu rkaptu tagħha, l-implimentazzjoni tar-regoli qed toħloq sfidi kbar għall-Istati Membri u s-sitwazzjoni attwali mhijiex kompatibbli mas-suq intern,

D. imħasseb dwar ir-rapporti tan-nuqqasijiet li jaffettwaw it-takografi diġitali li jagħmluhom vulnerabbli ħafna għall-manipulazzjoni,

***Rimarki ġenerali***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tal-penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq, kif stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri; jiddispjaċih però li, minħabba n-nuqqas ta' data minn xi Stati Membri individwali, ma jikkostitwixxix analiżi kompleta tas-sitwazzjoni fl-Ewropa kif inhi bħalissa; jitlob lill-Kummissjoni biex tistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu d-data nieqsa;

2. Jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni jirreferi għall-kategorizzazzjoni tal-ksur skont l-Anness III l-ġdid tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Kummissjoni, mingħajr ma tkun ikkunsidrata l-iskadenza għall-implimentazzjoni stabbilita mill-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/5/KE tal-Kummissjoni;

3. Għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex, diġà fl-2010, tippreżenta rapport aġġornat u komplet dwar l-implimentazzjoni tal-Anness III l-ġdid tad-Direttiva 2006/22/KE;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-perjodi ta' rappurtar ta' qabel kien hemm dewmien sinifikanti, biex b'hekk, pereżempju, ir-rapport attwali tat-3 ta' Awwissu 2009 (l-24 rapport mill-Kummissjoni li janalizza l-penali għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq) jittratta biss id-data mill-2005 u l-2006, u għaldaqstant bilkemm jista' jwassal għal konklużjonijiet dwar l-istat attwali tal-armonizzazzjoni tar-regoli soċjali għall-utenti tat-trasport bit-triq;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu ħilithom kollha biex jiżguraw li l-objettivi stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jiġu sodisfati aktar malajr, sabiex ikun hemm aktar statistika reċenti disponibbli għall-miżuri futuri ta' armonizzazzjoni;

6. Jiġbed l-attenzjoni li anki l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jagħti elenku tal-ksur serju kif definit f'dak ir-Regolament; għaldaqstant huwa tal-fehma li kategorizzazzjoni armonizzata tal-ksur serju ta' regoli soċjali tikkostitwixxi neċessità ta' importanza eċċezzjonali;

*Differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri*

7. Jinnota li d-differenzi fil-penali applikabbli għall-ksur serju ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq kif stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jirrigwardaw mhux biss il-livell tal-multi, iżda wkoll it-tipi ta' penali u l-kategorizzazzjoni tagħhom;

8. Jiġbed l-attenzjoni li dawn id-differenzi jistgħu jiġu spjegati bil-kundizzjonijiet ekonomiċi u ġeografiċi differenti, kif ukoll bis-sistemi legali differenti tal-Istati Membri fejn tidħol il-prosekuzzjoni kriminali u bl-approċċi politiċi differenti fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq;

9. Jinnota li r-regoli soċjali fit-trasport bit-triq, u b'mod partikulari r-Regolamenti (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 561/2006 kif ukoll id-Direttiva 2006/22/KE, iħallu ħafna lok għall-interpretazzjoni tagħhom mill-Istati Membri; jiddispjaċih li l-għadd kbir ta' formulazzjonijiet impreċiżi fir-regolamenti Ewropej inevitabbilment iwassal għal implimentazzjoni inkonsistenti min-naħa tal-Istati Membri; huwa tal-fehma li biex ikun hemm aktar armonizzazzjoni, l-ewwel neħtieġu interpretazzjoni uniformi u vinkolanti ta' dawn ir-Regolamenti u ta' din id-Direttiva;

10. Jiddispjaċih li xi wħud mill-Istati Membri ma jipprovdux għal differenzjazzjoni tal-penali skont il-livell ta' ksur; jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw dispożizzjonijiet legali nazzjonali b'effett effikaċi, proporzjonat u deterrenti u bil-kunsiderazzjoni tal-livell ta' ksur;

*Aktar armonizzazzjoni*

11. Jenfasizza li sistema ta' penali effikaċi, ibbilanċjat u deterrenti jista' jkun imsejjes biss fuq penali ċari, trasparenti u paragunabbli bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet leġiżlattivi u prattiċi biex jitnaqqsu d-differenzi parzjalment kbar ħafna fit-tipi u l-livell tal-penali;

12. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex wara li tikkonsulta mal-entitajiet ta' monitoraġġ u mar-rappreżentanti tas-settur tat-trasport, tħejji interpretazzjoni uniformi u vinkolanti tar-Regolament tas-sewqan u tal-ħinijiet tal-mistrieħ. L-entitajiet ta' monitoraġġ għandu jikkunsidra din l-interpretazzjoni;

13. Huwa tal-fehma li, bil-għan li jitqarrbu aktar lejn xulxin it-tipi tal-penali u l-livell tal-multi, hija meħtieġa kategorizzazzjoni tal-multi marbuta ma' kategorizzazzjoni tal-penali, u għandhom jiġu stabbiliti penali minimi u massimi għal kull tip ta' ksur ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq; jenfasizza li, fis-simplifikazzjoni tal-penalitajiet, il-ħtieġa li l-multi ikunu proporzjonati, fl-Istati Membri differenti, skont kriterji oġġettivi (bħall-PNG jew fatturi ġeografiċi), trid tiġi bbilanċjata permezz ta' detterent effettiv kontra ksur serju;

14. Jiġbed ukoll l-attenzjoni li l-Anness III l-ġdid tad-Direttiva 2006/22/KE, li ġie introdott bid-Direttiva 2009/5/KE tal-Kummissjoni, għandu jitqies bħala bażi għal approċċ uniformi fir-rigward tal-kategorizzazzjoni tal-ksur ta' regoli soċjali fit-trasport bit-triq kif stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw id-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi neċessarji għat-traspożizzjoni rapida tad-Direttiva 2009/5/KE tal-Kummissjoni;

15. Barra minn hekk ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona daħħal Artikolu 83(2) ġdid dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri f'materji kriminali fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga dawn il-mezzi leġiżlattivi l-ġodda fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u biex fi żmien tnax-il xahar tippreżenta rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri possibbli ta' armonizzazzjoni, inklużi l-aspetti relatati mas-sikurezza fit-toroq u l-applikazzjoni transkonfinali tal-multi, jekk għadha m'għamlitx dan;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni ħejjiet "linji gwida" f'konformità mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 biex tipprovdi appoġġ għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri individwali; jinnota però li dawk mhumiex vinkolanti legalment u b'hekk ma laħqux l-għan tagħhom ta' traspożizzjoni uniformi fl-Istati Membri;

17. Iqis li, sabiex ikun hemm suq intern fit-trasport u tiżdied iċ-ċertezza legali għas-sewwieqa u l-impriżi tat-trasport, l-interpretazzjoni tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali għandha tiġi armonizzata; fil-kunsiderazzjoni ta' dan, jistieden lill-Kummissjoni, f'koperazzjoni ma' CORTE, TISPOL u l-Euro Contrôle Route, biex tressaq proposti bl-għan li jtemmu l-applikazzjoni diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal interpretazzjoni komuni, fuq il-bażi ta' Artikolu b'Artikolu tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85;

18. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minn dawn il-linji gwida waqt l-implimentazzjoni tar-regoli soċjali sabiex tkun tista' ssir traspożizzjoni armonizzata;

***Monitoraġġ***

19. Jenfasizza li l-kompetizzjoni żleali tista tiġi evitata u s-sikurezza fit-toroq tista' tkun żgurata biss permezz tal-infurzar konsegwenti u bla diskriminazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ; jenfasizza li t-traspożizzjoni tar-regoli soċjali fit-trasport bit-triq tippresupponi kunċett armonizzat u effikaċi ta' monitoraġġ;

20. Jiġbed l-attenzjoni li s-sitwazzjoni fit-toroq tvarja ħafna fir-rigward tal-infrastruttura, il-volum tat-traffiku u l-livell ta' konġestjoni bejn l-Istati Membri individwali, u għaldaqstant iqis li dawn il-fatturi, fost l-oħrajn, għandhom jitqiesu meta wieħed jiġi biex jiddetermina l-frekwenza tal-monitoraġġ, li tajjeb niftakru li wieħed mill-għanijiet ewlieni tiegħu huwa li jiżgura l-konformità mar-regoli tal-benesseri soċjali;

21. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tippromwovi approċċi armonizzati rigward il-monitoraġġ, u tieħu azzjoni regulatorja biex jingħelbu l-ostakli li jxekklu s-suq intern Ewropew u titjieb is-sikurezza tat-toroq; jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq strument ta' koordinazzjoni fil-livell Ewropew, ħalli jinkisbu dawn l-għanijiet;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rakkomandazzjonijiet u standards minimi Ewropej għat-taħriġ tal-persunal ta' monitoraġġ u tikkoordina l-koperazzjoni fi ħdanu; jitlob lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-ġbir ta' data statistika, bil-għan li ssir analiżi aktar rappreżentattiva dwar l-effikaċja tal-infurzar, u tippromwovi azzjoni armonizzata tal-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' infurzar;

23. Jistieden lill-Istati Membri biex dejjem iħarrġu l-persunal ta' infurzar tagħhom fir-rigward tal-aktar żviluppi reċenti fil-ġbir tad-data u fl-implimentazzjoni tal-istandards komuni, biex jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea għall-promozzjoni ta' approċċ armonizzat lejn il-monitoraġġ, biex b'hekk tinħoloq iċ-ċertezza legali;

24. Huwa tal-fehma li għandu jsir monitoraġġ aktar frekwenti u aktar bir-reqqa tat-toroq u tas-siti tal-impriżi; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw in-numru ta' sessjonijiet ta' monitoraġġ li għandu jiġi organizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2006/22/KE; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-passi li jmiss fir-rigward ta' dan il-monitoraġġ;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq, malajr kemm jista' jkun, rapport dwar il-monitoraġġ li sar fuq in-nuqqasijiet li jaffettwaw it-takografi diġitali u l-miżuri li ttieħdu biex wieħed jipprevieni l-vulnerabilità tagħhom;

26. Jenfasizza li t-takografu diġitali, fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, għandu jitjieb bħala strument għall-monitoraġġ: il-Kummissjoni għandha tinvestiga kif id-data tista' titniżżel mit-takografu diġitali b'rata aktar mgħaġġla mill-awtoritajiet ta' kontroll;

27. Jiġbed l-attenzjoni għad-Disproportionate Fines Complaint Desk (Uffiċċju tal-Ilmenti dwar Multi Sproporzjonati) imwaqqaf mill-Euro Contrôle Route, u jistieden lis-sewwieqa u l-impriżi tat-trasport biex jrrikorru għand dan l-uffiċċju tal-ilmenti f'każ ta' applikazzjoni sproporzjonata tal-leġiżlazzjoni soċjali tat-trasport bit-triq;

***Inizjattivi oħrajn***

28. Huwa tal-fehma li fuljett li jinftiehem tajjeb bil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea jkun utli għall-impriżi u s-sewwieqa tat-trakkijiet; jenfasizza li dan il-fuljett għandu jipprovdi informazzjoni aħjar lis-sewwieqa u lill-impriżi kkonċernati dwar ir-regoli soċjali fis-seħħ u l-penali relatati fl-Istati Membri individwali; huwa tal-fehma li tagħrif bħal dan għandu jkun disponibbli anki għall-impriżi u s-sewwieqa minn stati terzi; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jintużaw sistemi ta' trasport intelliġenti biex is-sewwieqa jingħataw din l-informazzjoni f'ħin reali;

29. Huwa konvint li fil-kuntest tal-użu tal-informazzjoni moderna u t-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' trasport intelliġenti, għandha teżisti l-possibilità għan-negozji u s-sewwieqa biex jiksbu informazzjoni dwar ir-regoli soċjali fis-seħħ u l-penali jekk dawn ir-regoli jinkisru;

30. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu l-koperazzjoni fuq il-bażi tal-istrutturi eżistenti bħall-Euro Contrôle Route u b'hekk itejbu l-koordinazzjoni tal-monitoraġġ komuni, l-iskambju tal-aqwa prattiki u l-organizzazzjoni konġunta ta' programmi ta' taħriġ għall-korpi ta' kontroll;

31. Iqis li t-teknoloġija disponibbli kollha għandha tintuża biex is-sewwieqa tat-trakkijiet, inklużi dawk minn pajjiżi ġirien, jiġu infurmati f'ħin reali dwar ir-regoli soċjali rilevanti u l-penali applikabbli għall-ksur fid-diversi Stati Membri, pereżempju bl-użu tal-GPS jew għodod oħra disponibbli;

32. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu infrastruttura adegwata, inkluż għadd ta' spazji u servizzi ta' parkeġġ sikuri fin-netwerk tat-toroq Ewropew sabiex is-sewwieqa jkunu jistgħu josservaw effettivament ir-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ u l-monitoraġġ ikun jista' jsir b'mod effikaċi; jiġbed l-attenzjoni li fir-rigward ta' dawn l-infrastrutturi, l-aspett tas-sigurtà għandu jingħata attenzjoni speċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika perjodikament, bl-aktar format adegwat, il-faċilitajiet disponibbli, kemm pubbliċi kif ukoll privati, fin-netwerk tat-toroq Ewropew li jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi offruti għall-professjonisti tas-settur tat-toroq;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħeġġu u jiffinanzjaw skemi għall-bini ta' żoni siguri ta' parkeġġ, billi dawn huma indispensabbli jekk is-sewwieqa għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 561/2006;

*

* *

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

# L-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni

P7_TA(2010)0176

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni**

(2011/C 161 E/09)

*Il-Parlament Ewropew.*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura,

A. imħasseb dwar il-fatt li l-korruzzjoni thedded minn ġewwa l-istat tad-dritt, twassal għall-uzu ħażin tal-fondi tal-UE pprovduti minn min iħallas it-taxxi, ixxekkel is-suq u kellha sehem fil-kriżi ekonomika attwali,

B. billi l-Unjoni rratifikat il-Konvenzjoni tal-NU kontra l-Korruzzjoni, u 78 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jaqblu li l-korruzzjoni hija preokkupazzjoni kbira f'pajjiżhom (Ewrobarometru, Diċembru 2009),

C. wara li kkunsidra l-enfasi li l-Parlament għamel fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Programm ta' Stokkolma rigward il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja,

D. waqt li jieħu nota tal-Jum Internazzjonali kontra l-Korruzzjoni (id-9 ta' Diċembru), li fih qed titnieda din id-dikjarazzjoni,

1. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jadottaw politika komprensiva għal kontra l-korruzzjoni u joħolqu mekkaniżmu ċar għall-monitoraġġ b'mod regolari tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi r-riżorsi kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u tiżgura li jkun hemm segwitu effettiv għall-konklużjonijiet u r-riżultati miksuba minnu;

3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji relevanti tal-Unjoni sabiex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u jipprovdu riżorsi suffiċjenti sabiex jiżguraw li l-fondi tal-UE ma jkunux suġġetti għall-korruzzjoni u sabiex jadottaw sanzjonijiet dissważivi fejn jinstab li jkun hemm korruzjoni u frodi;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

---

([1]) Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 1 tal-Minuti tat-18.5.2010 (P7_PV(2010)05-18(ANN1)).

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

## L-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa (trombina tal-ifrat u/jew tal-ħnieżer)

P7_TA(2010)0182

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kummissjoni dwar li temenda l-Annessi tad-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/374/KE**

(2011/C 161 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 28(4) tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa ([3]) u d-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi mal-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([4]) li tħassru u ġew sostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 msemmi hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi tad-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/374/KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88(2) u (4)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-Kummissjoni tista', sakemm jiġu stabbiliti l-listi Komunitarji ta' addittivi tal-ikel ipprovduti fl-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament, tadotta miżuri biex temenda l-Annessi, inter alia, tad-Direttiva 95/2/KE,

B. billi l-Anness IV tad-Direttiva 95/2/KE fih lista ta' addittivi tal-ikel li jistgħu jintużaw fl-Unjoni Ewropea u jippreskrivi l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom,

C. billi, barra minn hekk, il-kriterji ġenerali għall-użu tal-addittivi tal-ikel ġew stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 89/107/KEE u billi dik id-Direttiva tħassret u ġiet sostitwita bir-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-kriterji rilevanti issa jistgħu jinstabu, inter alia, fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament, li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ġenerali għall-inklużjoni u l-użu ta' addittivi tal-ikel fil-listi Komunitarji,

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.
([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1.
([4]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 27.
([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

D. billi l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jipprovdi li addittiv tal-ikel jista' jkun permess għall-użu fl-UE biss jekk ikun jissodisfa ċerti kundizzjonijiet fosthom, skont il-paragrafu 1(c), li ma jqarraqx lill-konsumatur, u skont il-paragrafu 2, li jkollu vantaġġi u benefiċċji għall-konsumaturi,

E. billi l-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jipprovdi wkoll, fil-paragrafu (1)(a), li addittiv tal-ikel jista' jiġi permess għall-użu biss jekk ma joħloqx tħassib għas-sikurezza tas-saħħa tal-konsumatur,

F. billi barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 (magħruf bħala "r-Regolament tal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel") u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tiegħu, jipprovdi, inter alia, li l-liġi dwar l-ikel għandha tkun immirata għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi u għandha tipprovdi bażi biex il-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati fir-rigward tal-ikel li jikkunsmaw, u li għandha tkun immirata lejn il-prevenzjoni ta' prattiki li jistgħu jqarrqu lill-konsumatur,

G. billi l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni, u b'mod partikulari l-premessa 25 u l-punt (3)(h) tal-Anness tagħha, tipprovdi għall-inklużjoni fl-Anness IV tad-Direttiva 95/2/KE ta' preparazzjoni ta' enżima bbażata fuq it-trombina bil-fibrinoġen bħala addittiv tal-ikel għar-rikostituzzjoni tal-ikel,

H. billi, filwaqt li t-trombina hija derivata mill-partijiet li jittieklu tal-annimali, din taġixxi bħala "kolla tal-laħam" u l-iskop tagħha bħala addittiv tal-ikel huwa li tgħaqqad flimkien il-biċċiet separati tal-laħam sabiex tipproduċi prodott tal-laħam wieħed,

I. billi l-iskop tal-użu tat-trombina għalhekk huwa li jiġu ppreżentati biċċiet tal-laħam lill-konsumaturi bħala prodott tal-laħam wieħed, u għaldaqstant ir-riskju li l-konsumatur jiġi mqarraq huwa ovvju,

J. billi l-premessa 25 tal-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni stess tirrikonoxxi li l-użu tat-trombina bil-fibrinoġen bħala addittiv tal-ikel jista' jqarraq lill-konsumatur fir-rigward tal-istat tal-ikel finali,

K. billi l-punt (3)(h) tal-Anness għall-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni jipprovdi għall-inklużjoni tat-trombina ta' oriġini bovina u/jew tal-majjali fil-lista ta' addittivi tal-ikel permessi skont l-Anness IV tad-Direttiva 95/2/KE fi preparazzjonijiet tal-laħam ippakkjati minn qabel u fi prodotti tal-laħam ippakkjati minn qabel għall-konsumatur aħħari sa massimu ta' 1mg/kg, li għandha tintuża flimkien mal-fibrinoġen u bil-kundizzjoni li l-ikel juri t-tagħrif "biċċiet tal-laħam ikkombinati" fil-prossimità tal-isem tal-bejgħ tiegħu,

L. billi, filwaqt li l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni ma jippermettix l-użu tat-trombina bħala addittiv tal-ikel fil-prodotti tal-ikel li jiġu serviti fir-ristoranti u fi stabbilimenti pubbliċi oħrajn li jservu l-ikel, hemm riskju ċar li l-laħam li jkun fih it-trombina jispiċċa fi prodotti tal-laħam serviti fir-ristoranti jew fi stabbilimenti pubbliċi oħrajn li jservu l-ikel, minħabba l-prezzijiet ogħla li jistgħu jinkisbu għall-biċċiet tal-laħam li jisservew bħala prodott tal-laħam wieħed,

M. billi għaldaqstant mhux ċar jekk il-projbizzjoni fuq l-użu tat-trombina fil-prodotti tal-laħam serviti fir-ristoranti jew fi stabbilimenti oħrajn li jservu l-ikel, fil-prattika tirriżultax fil-prevenzjoni li tali prodotti tal-laħam jintużaw fir-ristoranti jew fi stabbilimenti pubbliċi oħrajn li jservu l-ikel, u jinbiegħu lill-konsumaturi bħala prodotti tal-laħam uniċi,

N. billi l-kundizzjonijiet ta' tikkettar imsemmija hawn fuq li hemm fl-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni ma jissalvagwardjawx kontra l-għoti ta' impressjoni falza jew qarrieqa lill-konsumaturi fir-rigward tal-eżistenza ta' prodott tal-laħam wieħed, u għalhekk hemm riskju li l-konsumaturi jiġu mqarrqa u ma jkunux jistgħu jagħmlu għażla infurmata fir-rigward tal-konsum tal-prodotti tal-laħam li jkun fihom it-trombina,

O. billi l-vantaġġi u l-benefiċċji tat-trombina għall-konsumaturi ma ġewx murija,

P. billi l-proċess li bih jingħaqdu flimkien ħafna biċċiet separati tal-laħam iżid b’mod sinifikanti l-wiċċ li jista’ jiġi infettat minn batterji patoġeniċi (bħalma huma l-closidorium u s-salmonella) li, fi proċess bħal dan, jistgħu jibqgħu ħajjin u jirriproduċu mingħajr ossiġenu,

Q. billi r-riskju ta’ infezzjoni b’batterji patoġeniċi huwa partikularment serju minħabba li l-proċess ta’ tgħaqqid jista’ jitwettaq permezz ta’ tgħaqqid kiesaħ bla ma jiżdied il-melħ u mingħajr l-ebda proċess ta’ tisħin sussegwenti, u b’riżultat ta’ dan is-sikurezza tal-prodott finali ma tistax tiġi garantita,

R. billi l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni għalhekk ma jikkonformax, f’dan ir-rigward, mal-kriterji għall-inklużjoni ta’ addittivi tal-ikel fl-Anness IV tad-Direttiva 95/2/KE,

1. Iqis li l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni mhuwiex kompatibbli mal-għan u l-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008;

2. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta’ Direttiva tal-Kummissjoni li temenda l-Annessi tad-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi tal-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/374/KE;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## “Pjan ta’ azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015)”

P7_TA(2010)0183

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta’ Mejju 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni:Pjan ta’ azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b’saħħitha bejn l-Istati Membri (2009/2104(INI))**

(2011/C 161 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta’ organi umani maħsuba għat-trapjant (COM(2008)0818),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem “Pjan ta’ azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b’saħħitha bejn l-Istati Membri” (COM(2008)0819),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 dwar l-iffissar ta’ standards ta’ kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta’ tessuti u ċelloli tal-bniedem [1],

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar it-Trapjant ta’ Organi Umani,

[1] ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u l-Protokoll Addizzjonali tagħha dwar it-Trapjant ta' Organi u Tessuti ta' Oriġini Umana,

— wara li kkunsidra l-Konferenza dwar is-Sikurezza u l-Kwalità fid-Donazzjoni u t-Trapjant tal-Organi fl-Unjoni Ewropea li ġiet organizzata f'Venezja fis-17-18 ta' Settembru 2003,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tal-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7–0103/2010),

A. billi attwalment, fl-UE, hemm 56 000 pazjent li qegħdin jistennew donatur kompatibbli ta' organi u huwa stmat li 12-il persuna jmutu kuljum huma u jistennew trapjant ta' organu solidu,

B. billi l-bżonnijiet tal-pazjenti li qed jistennew trapjant fl-Ewropa mhumiex qegħdin jiġu ssodisfatti minħabba n-numru limitat ta' organi disponibbli kemm minn donaturi mejtin, kif ukoll minn donaturi altruwisti ħajjin,

C. billi jeżistu differenzi wiesgħa bejn l-Istati Membri fir-rati tad-donazzjoni ta' organi minn persuni mejta li jvarjaw minn 34.2 donaturi għal kull miljun tal-popolazzjoni (pmp) fi Spanja sa 1.1 pmp fil-Bulgarija, u l-iskarsezza tal-organi tirrappreżenta fattur ewlieni li jolqot il-programmi tat-trapjanti,

D. billi l-politiki nazzjonali u l-qafas regolatorju għad-donazzjonijiet u għat-trapjant ivarjaw konsiderevolment bejn l-Istati Membri minħabba l-preżenza ta' fatturi ġuridiċi, kulturali, amministrattivi u organizzattivi differenti,

E. billi d-donazzjoni u t-trapjant ta' organi huma kwistjonijiet sensittivi u kumplessi, b'dimensjoni etika importanti, li jeħtieġu l-parteċipazzjoni totali tas-soċjetà għall-iżvilupp tagħhom, kif ukoll l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti kollha,

F. billi t-trapjant ta' organi jagħti l-possibbiltà li jiġu salvati n-nies, joffri kwalità tal-ħajja aħjar, u (fil-każ tat-trapjant tal-kliewi) għandu l-aħjar proporzjon bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji meta mqabbel ma' terapiji oħra ta' sostituzzjoni, kif ukoll iżid il-possibbiltajiet għall-pazjenti biex jieħdu sehem fil-ħajja soċjali u tax-xogħol,

G. billi l-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri diġà huwa prassi komuni, minkejja li jeżistu differenzi kbar fl-għadd ta' skambji transkonfinali ta' organi bejn l-Istati Membri; u billi l-iskambju ta' organi bejn l-Istati Membri ġie ffaċilitat bis-saħħa tal-organizzazzjonijiet ta' skambju internazzjonali bħal Eurotransplant u Scandiatransplant,

H. billi attwalment ma teżisti la *database* li tkopri t-totalità tal-Unjoni Ewropea li tinkludi informazzjoni dwar l-organi maħsuba għad-donazzjoni u għat-trapjant u dwar id-donaturi ħajjin jew mejtin, u lanqas, barra minn hekk, sistema pan-Ewropea ta' ċertifikazzjoni li tagħti prova tal-legalità tal-organi u tat-tessuti umani,

I. billi Spanja u ftit Stati Membri oħra biss irnexxielhom iżidu b'mod sinifikanti n-numru ta' donazzjonijiet minn persuni mejta, u ntwera li dawn iż-żidiet huma marbuta mal-introduzzjoni ta' ċerti prattiki organizzattivi li jippermettu li s-sistemi jidentifikaw id-donaturi potenzjali u jimmassimizzaw l-għadd ta' persuni mejta li jsiru donaturi effettivi,

J. billi d-Direttiva 2004/23/KE se tipprovdi qafas ġuridiku ċar għad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi fl-Unjoni Ewropea, bil-konsegwenza li f'kull Stat Membru se tinħoloq jew tintgħażel awtorità nazzjonali kompetenti biex tiggarantixxi l-konformità mal-istandards tal-kwalità u tas-sikurezza tal-UE,

K. billi t-traffikar tal-organi u tal-bnedmin bil-għan li jitneħħulhom l-organi jikkostitwixxi ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem,

L. billi teżisti rabta qawwija bejn it-traffikar ta' organi illegali u t-traffikar ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi minn naħa waħda u s-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi min-naħa l-oħra minħabba li, l-ewwel nett, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' organi fis-sistema legali jaġixxi bħala inċentiv għall-attivitajiet illegali, u, it-tieni nett, l-attivitajiet illegali jikkompromettu bil-kbir il-kredibbiltà tas-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi,

M. billi r-rati ta' rifjut għad-donazzjoni tal-organi jvarjaw ħafna fl-Ewropa, u li din il-varjabbiltà tista' tiġi spjegata permezz tal-livell ta' taħriġ u għarfien espert tal-professjonisti f'termini ta' komunikazzjoni u assistenza lill-familji, tal-approċċi leġiżlattivi differenti għall-kunsens għad-donazzjoni ta' organi u l-implimentazzjoni prattika tagħhom, kif ukoll fatturi importanti oħra ta' natura kulturali, ekonomika jew soċjali li jinfluwenzaw il-perċezzjoni tas-soċjetà fir-rigward tal-vantaġġi tad-donazzjoni u tat-trapjant,

N. billi d-donazzjoni minn persuni ħajjin tista' tkun miżura addizzjonali utli għall-pazjenti li ma jistgħux jiksbu l-organu li għandhom bżonn permezz tat-trapjant postmortem, iżda billi jeħtieġ li jiġi enfasizzat li d-donazzjoni minn persuni ħajjin tista' titqies biss jekk tiġi eskluża kwalunkwe attività u ħlas illegali għad-donazzjoni,

O. billi l-intervent fil-qasam tas-saħħa jista' jitwettaq biss wara li l-persuna kkonċernata tkun tat il-kunsens liberu u infurmat għalih; billi dik il-persuna għandha tingħata minn qabel informazzjoni adegwata f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskop u n-natura tal-intervent, kif ukoll dwar il-konsegwenzi u r-riskji li jinvolvi; u billi l-persuna kkonċernata tista', fi kwalunkwe ħin, tirtira liberament il-kunsens,

P. billi l-Istati Membri jridu jiggarantixxu li l-organi maħsuba għat-trapjant ma jineħħewx mill-persuna mejta sakemm din il-persuna tkun ġiet iċċertifikata bħala mejta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali,

Q. billi d-donazzjoni minn persuni ħajjin għandha tkun kumplimentari għal dik minn persuni mejta,

R. billi l-użu ta' organi għal finijiet terapewtiċi jinvolvi riskju ta' trasmissjoni ta' mard infettiv jew ta' xorta oħra,

S. billi l-fatt li l-persuni qegħdin jgħixu għal iktar żmien qed iservi biex tonqos il-kwalità tal-organi disponibbli, li f'ħafna każijiet qed iwassal għal tnaqqis fin-numru ta' trapjanti, inkluż f'dawk l-Istati Membri li fihom in-numru ta' donaturi qed jiżdied,

T. billi s-sensibilizzazzjoni u l-opinjoni pubblika jiżvolġu rwol importanti ferm biex jiżdiedu r-rati ta' donazzjoni tal-organi,

U. billi l-ħidma li ssir minn organizzazzjonijiet tal-karità u organizzazzjonijiet volontarji oħra fl-Istati Membri żżid is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tad-donazzjoni ta' organi, u billi l-isforzi tagħhom, fl-aħħar mill-aħħar, jikkontribwixxu għal żieda fin-numru ta' persuni mniżżla f'reġistri ta' donaturi ta' organi,

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015) adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2008, li jistabbilixxi approċċ ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-forma ta' ġabra ta' azzjonijiet ta' prijorità, abbażi tal-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' għanijiet komuni u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' donazzjoni u ta' trapjant permezz ta' indikaturi maqbula li aktarx jgħinu fl-identifikazzjoni ta' punti ta' referenza u l-aħjar prassi;

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-insuffiċjenza ta' organi umani disponibbli għat-trapjant biex iwieġbu għall-bżonnijiet tal-pazjenti; jirrikonoxxi li l-iskarsezza gravi ta' donaturi ta' organi tibqa' ostaklu ewlieni li jimpedixxi l-iżvilupp sħiħ tas-servizzi tat-trapjanti u l-isfida prinċipali li l-Istati Membri jridu jħabbtu wiċċhom magħha fir-rigward tat-trapjant ta' organi;

3. Jieħu nota tas-suċċess tal-iskemi li permezz tagħhom iċ-ċittadini jingħataw l-għażla li jinkitbu direttament f'reġistru ta' donaturi ta' organi huma u jimlew ċerti proċeduri amministrattivi, bħall-applikazzjoni għal passaport jew għal liċenzja tas-sewqan; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jesploraw l-adozzjoni ta' skemi bħal dawn bil-għan li jiżdied in-numru ta' persuni mniżżla f'reġistri ta' donaturi;

4. Iqis li biex jiġi garantit li l-organi disponibbli għal finijiet terapewtiċi ma jinħlewx, huwa importanti li jkun hemm qafas ġuridiku ddefinit biċ-ċar rigward l-użu tagħhom u li s-soċjetà jkollha fiduċja fis-sistema tad-donazzjonijiet u t-trapjanti;

5. Jinnota l-importanza tal-aspetti organizzattivi tal-ksib ta' organi u jenfasizza li l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prassi fost l-Istati Membri se jgħin lill-pajjiżi b'disponibbiltà ta' organi baxxa biex jgħollu r-rati tagħhom ta' donazzjoni, kif jidher, pereżempju, mill-implimentazzjoni ta' elementi tal-Mudell Spanjol f'pajjiżi differenti, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, li rnexxielhom jgħollu r-rati ta' donazzjoni ta' organi;

6. Jisħaq fuq l-importanza ta' koordinaturi tad-donaturi, u l-importanza li jinħatru koordinaturi tad-donaturi fil-livell tal-isptarijiet. Ir-rwol tal-koordinatur tad-donaturi għandu jiġi rikonoxxut bħala wieħed ewlieni għat-titjib, mhux biss tal-effettività tal-proċess tad-donazzjoni u t-trapjant, imma wkoll tal-kwalità u s-sikurezza tal-organi li jridu jiġu trapjantati;

7. Jenfasizza li l-bidliet fl-organizzazzjoni tad-donazzjoni u l-ksib ta' organi jistgħu sostanzjalment jgħollu u jżommu r-rati ta' donazzjoni ta' organi;

8. Jenfasizza li l-identifikazzjoni tad-donaturi potenzjali tqieset waħda mill-fażijiet fundamentali fil-proċess tad-donazzjoni minn persuni mejta; jisħaq fuq il-ħatra ta' persuna ċentrali għad-donazzjonijiet f'livell ta' sptar (il-koordinatur tad-donaturi tat-trapjanti), li l-għan prinċipali tagħha huwa li tiżviluppa programm proattiv ta' identifikazzjoni tad-donaturi u li tottimizza l-proċess kollu tad-donazzjoni tal-organi, tikkostitwixxi l-aktar pass importanti lejn it-titjib tar-rati tal-identifikazzjoni tad-donaturi u tad-donazzjoni ta' organi;

9. Jieħu nota tal-importanza tal-iskambju transkonfinali ta' organi, minħabba l-ħtieġa li d-donaturi u r-riċevituri jridu jkunu jaqblu u l-importanza konsegwenti ta' ġabra kbira ta' donaturi biex tkopri l-bżonnijiet tal-pazjenti kollha fil-listi ta' stennija; iqis li jekk ma jkun hemm l-ebda skambju ta' organi bejn l-Istati Membri, il-pazjenti li jkollhom bżonn kombinazzjoni rara jkollhom probabbiltajiet ferm baxxi li jsibu organu, filwaqt li fl-istess ħin id-donaturi speċifiċi ma jkunux ikkunsidrati billi ma jkunx hemm riċevitur kompatibbli fuq il-listi ta' stennija;

10. Jilqa' l-attivitajiet ta' Eurotransplant u Scanditransplant, iżda jinnota li l-iskambji ta' organi barra minn dawn is-sistemi u bejniethom jistgħu jitjiebu konsiderevolment, speċjalment għall-benefiċċju tal-pazjenti f'pajjiżi żgħar;

11. Jisħaq fuq il-fatt li t-twaqqif ta' standards komuni vinkolanti tal-kwalità u s-sikurezza se jkunu l-uniku mekkaniżmu li jista' jiggarantixxi livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa fl-UE kollha;

12. Jenfasizza li d-donazzjoni għandha tkun volontarja u bla ħlas, u ssir f'kuntesti ġuridiċi u etiċi definiti biċ-ċar;

13. Jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-organi jiġu allokati lil reċipjenti skont kriterji trasparenti, mhux diskriminatorji u xjentifiċi;

14. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu li tkun definita biċ-ċar il-bażi ġuridika biex tiżgura kunsens jew oġġezzjoni validi għad-donazzjoni ta' organi minn persuna mejta jew mill-familjari tagħha; u biex tiżgura li l-organi ma jitneħħewx mill-persuna mejta sakemm dik il-persuna ma tkunx ċertifikata bħala mejta bi qbil mal-liġi nazzjonali;

15. Japprova miżuri li jimmiraw biex iħarsu donaturi ħajjin u li jiżguraw li d-donazzjoni ta' organi ssir b'sens altruwistiku u volontarju, mingħajr l-ebda ħlas għajr kumpens li jkun strettament limitat biex ipatti għall-ispejjeż imġarrba fid-donazzjoni ta' organu, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, spejjeż għal servizzi li jieħdu ħsieb it-tfal, telf ta' dħul jew spejjeż għall-irkupru, u li jiġi projbit kwalunkwe inċentiv jew żvantaġġi finanzjarji għal donatur potenzjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet li bihom jingħata l-kumpens;

16. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-donaturi ħajjin jintgħażlu fuq il-bażi tar-rekord mediku u tas-saħħa tagħhom, inkluż evalwazzjoni psikoloġika jekk jitqies li huwa neċessarju, minn professjonali kwalifikati jew imħarrġa u kompetenti;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibbiltà li tiżgura li d-donaturi ħajja jkunu assigurati legalment mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza l-koperturi differenti tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri kollha ħalli tidentifika l-aħjar prattiki fl-UE kollha kemm hi;

18. Jisħaq fuq il-fatt li t-twaqqif ta' sistemi operattivi strutturati tajjeb u l-promozzjoni ta' mudelli ta' suċċess fuq livell nazzjonali għandhom importanza enormi; jissuġġerixxi li s-sistemi operattivi għandhom jinkludu qafas ġuridiku adegwat, infrastruttura teknika u loġistika u sostenn organizzattiv akkumpanjat b'sistema effikaċi ta' allokazzjoni;

19. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-iżvilupp ta' programmi għat-titjib tal-kwalità għad-donazzjoni ta' organi f'kull sptar fejn jeżisti potenzjal għad-donazzjoni ta' organi, bħala l-ewwel pass, abbażi ta' awtoevalwazzjoni tal-proċess kollu tad-donazzjoni ta' organi minn speċjalisti fil-kura intensiva u l-koordinatur tat-trapjanti f'kull sptar, iżda li jfittxu l-komplementarjetà ma' verifiki esterni għaċ-ċentri, f'każ li dan ikun meħtieġ u fattibbli;

20. Jisħaq fuq il-fatt li l-edukazzjoni kontinwa għandha tifforma parti essenzjali mill-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-Istati Membri kollha rigward din il-kwistjoni; partikolarment, jissuġġerixxi li n-nies għandhom ikunu inkoraġġuti jitkellmu dwar id-donazzjoni ta' organi u jikkomunikaw ir-rieda tagħhom dwar id-donazzjoni lill-familjari tagħhom; jinnota li 41 % biss taċ-ċittadini Ewropej jidhru li ddiskutew id-donazzjoni ta' organi mal-familji tagħhom;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffavorixxu d-dikjarazzjoni ta' rieda espressa minn persuni ħajjin bil-possibbiltà għalihom li jinkitbu mill-internet f'reġistru ta' donaturi nazzjonali u/jew Ewropew, bil-għan li jitħaffu l-proċeduri ta' verifika tal-kunsens għad-donazzjoni ta' organi;

22. Jitlob lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet interessati relevanti, biex teżamina l-possibilità li tiġi żviluppata sistema li biha jitqiesu x-xewqat espressi miċ-ċittadini li jagħtu l-kunsens tagħhom għad-donazzjoni tal-organi f'kemm Stati Membri possibbli wara li jkunu mietu;

23. Jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw it-twaqqif ta' sistemi u reġistri relatati li jkunu faċilment disponibbli għar-raġunijiet li jiġu rrekordjati x-xewqat ta' donaturi futuri;

24. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jiffavorixxu l-inklużjoni, fuq il-karta tal-identità nazzjonali jew fuq il-liċenzja tas-sewqan, ta' referenzi jew simboli li jippermettu l-identifikazzjoni tad-detentur bħala donatur ta' organi;

25. Jistieden, b'konsegwenza ta' dan, lill-Istati Membri biex itejbu l-għerf u l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni tal-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u tal-gruppi ta' appoġġ għall-pazjenti fir-rigward tat-trapjant ta' organi; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jieħdu sehem f'dan l-isforz bil-għan li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika dwar il-possibbiltà ta' donazzjoni ta' organi u, fl-istess ħin, jitqiesu l-partikolaritajiet kulturali ta' kull Stat Membru;

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

26. Jistieden lill-Istati Membri biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tad-donazzjoni minn persuni mejta billi jistabbilixxu sistemi effiċjenti għall-identifikazzjoni tad-donaturi ta' organi u billi jippromwovu l-ħatra ta' koordinaturi tad-donaturi tat-trapjanti fl-isptarijiet tal-Ewropa kollha; jitlob lill-Istati Membri biex jevalwaw u jagħmlu użu aktar frekwenti tal-organi ta' donaturi "marġinali" (jiġifieri donaturi ta' età akbar jew dawk li jbatu minn ċertu mard), bl-użu tal-ogħla standards ta' kwalità u ta' sikurezza permezz, partikolarment, tal-avvanzi bijoteknoloġiċi reċenti li jillimitaw ir-riskju ta' rifjut tal-organi trapjantati;

27. Iqis li jeħtieġ li jinstab bilanċ armonjuż bejn, minn naħa, il-ħarsien tad-donaturi f'termini ta' anonimat u riservatezza u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li tiġi determinata l-oriġini tad-donazzjonijiet ta' organi għal finijiet mediċi, bil-għan li tiġi evitata r-remunerazzjoni, legali jew illegali, għad-donazzjoni tal-organi;

28. Jishaq fuq il-fatt li d-donaturi ħajjin għandhom ikunu ttrattati skont l-ogħla standards mediċi u ma għandhom iġorru l-ebda piż finanzjarju meta jinqalgħu problemi mediċi bħall-pressjoni għolja, il-falliment tal-kliewi u l-konsegwenzi tagħhom li potenzjalment huma kkawżati mill-proċess tat-trapjant, Għandu jiġi evitat kull telf ta' dħul bħala konsegwenza tat-trapjant. Għandha tiġi evitata kull problema medika. Id-donaturi għandhom jiġu protetti kontra d-diskriminazzjoni fis-sistema soċjali;

29. Iqis li r-regoli kollha dwar is-sistema tat-trapjanti (allokazzjoni, aċċess għas-sistemi tat-trapjanti, dejta tal-attivitajiet, eċċ.) għandhom ikunu pubbliċi u kkontrollati sew, bil-għan li tkun evitata kwalunkwe diskriminazzjoni mhux ġustifikata f'termini ta' aċċess għal-listi ta' stennija għal trapjanti u/jew għal proċeduri terapewtiċi;

30. Jinnota li, minkejja li bosta Stati Membri introduċew ir-reġistrazzjoni obbligatorja tal-proċeduri tat-trapjanti u xi reġistri fuq bażi volontarja jeżistu wkoll, ma teżisti l-ebda sistema komprensiva biex tiġbor id-dejta dwar it-tipi differenti ta' trapjant u l-eżiti tagħhom;

31. Jappoġġa bil-qawwa għalhekk il-ħolqien ta' reġistri, kemm nazzjonali, kif ukoll fuq livell tal-UE, u l-istabbiliment ta' metodoloġija biex tqabbel ir-riżultati tar-reġistri eżistenti għas-segwitu ta' wara t-trapjanti tar-riċevituri tal-organi f'konformità mal-qafas ġuridiku Ewropew eżistenti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali;

32. Jappoġġja l-ħolqien ta' protokolli speċjali mal-UE kollha biex jiġu provduti proċeduri għall-fażi ta' matul l-operazzjoni u ta' wara l-operazzjoni taħt ir-responsabilità tat-timijiet rispettivi li jagħmlu l-operazzjonijiet, il-patoloġisti speċjalisti u speċjalisti f'oqsma meħtieġa oħrajn;

33. Jappoġġa l-ħolqien ta' reġistri, kemm nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-UE, dwar is-segwitu ta' donaturi ħajjin, bl-iskop li jiżguraw aħjar il-ħarsien ta' saħħithom;

34. Jenfasizza li kwalunkwe sfruttament ta' organi għal skopijiet kummerċjali li jċaħħad l-aċċess ekwu għat-trapjanti jmur kontra l-etika, huwa inkonsistenti mal-valuri l-aktar bażiċi tal-bniedem, jikser l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u huwa projbit skont l-Artikolu 3(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE;

35. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iskarsezza ta' organi hija marbuta f'żewġ modi mat-traffikar ta' organi u ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi; l-ewwel nett, iż-żieda fid-disponibbiltà ta' organi fl-Istati Membri tkun tikkontribwixxi għal titjib fis-sorveljanza ta' dawn il-prattiki, billi jiġi evitat kull bżonn taċ-ċittadini Komunitarji li jikkunsidraw li jfittxu organu barra mill-UE, u t-tieni nett, l-attività illegali tikkomprometti bil-kbir il-kredibbiltà tas-sistema legali tad-donazzjoni ta' organi;

36. Itenni r-rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-kummerċ ta' organi fir-rapport Adamou dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' organi ([1]) u hu tal-fehma li dawn għandhom jitqiesu bis-sħiħ mill-Kummissjoni hija u tfassal il-pjan ta' azzjoni; jinsisti li għandha tiżdied is-sensibilizzazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni u l-Europol fir-rigward ta' din il-problema;

37. Jenfasizza l-importanza tal-Assemblea Dinjija dwar is-Saħħa li se ssir f'Mejju 2010 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex, fuq livell tad-WHO, jiġġieldu bil-qawwa favur il-prinċipju ta' donazzjoni volontarja u bla ħlas;

38. Jilqa' l-istudju konġunt bejn il-Kunsill tal-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti dwar it-traffikar ta' organi, tessuti u ċelloli u t-traffikar tal-bnedmin bil-għan li jitneħħulhom l-organi;

39. Josserva r-rapport ta' David Matas u David Kilgour dwar il-qtil tal-membri tal-Falun Gong għall-organi tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar dawn l-allegazzjonijiet, flimkien ma' każijiet oħra simili, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunisll;

40. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmu biex jevitaw sitwazzjoni li fiha l-professjonisti, l-istituzzjonijiet jew il-kumpaniji tal-assigurazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa jħeġġu liċ-ċittadini tal-Unjoni jixtru organu f'pajjiż terz permezz ta' prattiki li jinvolvu t-traffikar ta' organi jew ta' persuni bil-għan li jitneħħulhom l-organi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jissorveljaw każijiet ta' din ix-xeħta li jseħħu fit-territorji tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jevalwaw l-introduzzjoni ta' miżuri leġiżlattivi, fosthom sanzjonijiet li japplikaw għal persuni li jippromwovu u/jew jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn;

41. Jirrifjuta bil-qawwa l-imġiba ta' ċerti organizzazzjonijiet tal-assigurazzjoni fil-qasam tas-saħħa li ħeġġew lill-pazjenti biex jipparteċipaw fit-turiżmu tat-trapjanti u jitlob lill-Istati Membri biex jissorveljaw bir-reqqa u jikkastigaw din l-imġiba;

42. Jenfasizza li l-pazjenti li rċevew organu f'ċirkostanzi illegali ma jistgħux jiġu esklużi mill-kura tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, bħal f'kull każ ieħor, għandha ssir distinzjoni bejn il-piena għal attività illegali u l-bżonn ta' trattament;

43. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni ta' bejniethom taħt l-awspiċji tal-Interpol u tal-Europol sabiex jindirizzaw il-problema tat-traffikar tal-organi b'mod iktar effikaċi;

44. Jagħraf li t-titjib tal-kwalità u s-sikurezza tad-donazzjoni u t-trapjant ta' organi huwa assolutament importanti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan se jkollu riperkussjonijiet fuq it-tnaqqis tar-riskji tat-trapjanti u konsegwentement jitnaqqsu l-effetti negattivi; jirrikonoxxi li l-azzjonijiet fil-qasam tal-kwalità u s-sikurezza jistgħu jkollhom riperkussjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' organi u viċiversa; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji biex tiżdied il-kwalità u s-sikurezza;

45. Jenfasizza li kooperazzjoni tajba bejn il-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u l-awtoritajiet nazzjonali jew organizzazzjonijiet leġittimati oħra hija meħtieġa u tipprovdi valur miżjud;

46. Jagħraf ir-rwol importanti li għandha l-kura ta' wara t-trapjant, inkluż l-użu xieraq ta' terapiji kontra r-rifjut tal-organu, sabiex jirnexxi t-trapjant; jirrikonoxxi li l-aqwa użu ta' terapiji kontra r-rifjut tal-organu jista' jissarraf f'titjib fit-tul tas-saħħa tal-pazjenti, f'sopravivenza tal-organu trapjantat u, b'hekk, f'disponibbiltà usa' ta' organi minħabba t-tnaqqis fil-bżonn għal trapjant mill-ġdid, u jsostni li l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-pazjenti jkollhom aċċess għall-aħjar terapiji disponibbli;

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' April 2008 dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' Organi: Azzjonijiet politiċi fil-livell tal-UE (Testi adottati, P6_TA(2008)0130).

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

# Aspetti istituzzjonali tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali

P7_TA(2010)0184

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-aspetti istituzzjonali tal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (2009/2241(INI))**

(2011/C 161 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 216(2), 218(6), 218(8) u 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-protokoll relattiv għall-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem il-KEDB),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-14 ta' Jannar 2010 li awtorizzat l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 (proċedura b'kumitati assoċjati) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0144/2010),

A. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'ġurisprudenza kostanti sa mis-sentenza fil-Każ Internationale Handelsgesellschaft tas-17 ta' Diċembru 1970 ([2]) u fil-Każ Nold tal-14 ta' Mejju 1974 ([3]), innutat li d-drittijiet fundamentali huma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tal-liġi li tagħhom il-Qorti tiżgura r-rispett,

B. billi f'dan l-għemil tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ispirat ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-istrumenti internazzjonali dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri aderew għalihom, bħall-KEDB,

C. billi din il-ġurisprudenza kienet inkorporata fl-essenza tagħha fil-liġi primarja permezz tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ta' Maastricht tal-1993,

D. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti importanza partikulari lill-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif jixhed l-għadd dejjem jikber ta' sentenzi li jirreferu għad-dispożizzjonijiet tal-KEDB,

E. billi fil-prinċipju l-punt tat-tluq tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa l-"preżunzjoni tal-kompatibilità" tal-imġiba ta' Stat Membru tal-Unjoni mal-KEDB meta dan l-Istat ikun qiegħed biss jimplimenta l-liġi tal-Unjoni,

F. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, f'opinjoni tat-28 ta' Marzu 1996, sabet li l-Komunità Ewropea ma setgħatx taderixxi għall-KEDB mingħajr ma temenda qabel it-Trattat, minħabba li l-Komunità ma kellhiex il-kompetenza espliċita jew impliċita biex tagħmel dan,

([1]) Minuti tal-laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti, PE 432.390/CPG, punt 9.1.
([2]) Ġabra tal-ġurisprudenza 1970, p. 1125.
([3]) Ġabra tal-ġurisprudenza 1974, p. 491.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

G. billi, fil-waqt tal-adeżjoni, il-limiti imposti mit-Trattat ta' Lisbona u l-protokolli u l-annessi tiegħu għandhom jiġu rispettati, u partikolarment l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 8 tat-Trattat ta' Lisbona; billi dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkostitwixxux biss għażla li tippermetti lill-Unjoni li taderixxi iżda obbligu għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jaġixxu f'dan is-sens, billi l-ftehim tal-adeżjoni tal-UE għall-KEDB għandu jirrifletti l-ħtieġa li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-Unjoni u l-liġi tal-Unjoni,

H. billi wara l-konklużjoni tal-Protokoll Nru 14 li jemenda l-KEDB, issa hija possibbli l-adeżjoni tal-Unjoni f'isem l-Istati kontraenti tal-KEDB u billi t-termini u l-modalitajiet tal-adeżjoni jridu jiġu miftiehma fl-okkażjoni tal-adeżjoni bejn l-Unjoni, fuq naħa, u l-Istati kontraenti tal-KEDB, fuq in-naħa l-oħra,

I. billi ftehim bħal dan irid ukoll jittratta kwistjonijiet amministrattivi u tekniċi, bħall-prinċipju ta' kontribut tal-Unjoni għall-ispejjeż operattivi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; billi f'dak il-kuntest għandhom isiru pjanijiet biex jiġi stabbilit baġit awtonomu għall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem biex jiffaċilita l-istima tad-diversi kontributi,

J. billi bl-adeżjoni għall-KEDB, l-Unjoni se tiġi inkorporata fis-sistema tagħha ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u, minbarra l-protezzjoni interna ta' dawn id-drittijiet mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, se jkollha entità oħra ta' protezzjoni esterna b'natura internazzjonali,

K. billi l-KEDB ma ġietx żviluppata biss permezz tal-Protokolli addizzjonali, iżda wkoll permezz ta' Konvenzjonijiet, Karti u Ftehimiet oħra, li rriżultaw f'sistema ta' ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali li tevolvi kontinwament,

1. Jenfasizza l-argumenti prinċipali favur l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB, li fil-qosor huma kif ġej:

— l-adeżjoni tikkostitwixxi progress fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea u tinvolvi pass ieħor lejn Unjoni politika,

— filwaqt li s-sistema ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-UE se tkun kompluta u msaħħa permezz tal-integrazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-liġi primarja tagħha, l-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB se tkun sinjal b'saħħtu tal-koerenza bejn l-Unjoni u l-pajjiżi tal-Kunsill tal-Ewropa u r-reġim pan-Ewropew tiegħu fi kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem; din l-adeżjoni se ssaħħaħ ukoll il-kredibilità tal-Unjoni *vis à vis* pajjiżi terzi li minnhom, fil-kuntest tar-relazzjonijiet bilaterali, l-Unjoni titlob regolarment ir-rispett tal-KEDB,

— l-adeżjoni għall-KEDB se tiżgura liċ-ċittadini, *vis à vis* l-azzjoni tal-Unjoni, protezzjoni analoga għal dik li minnha jibbenefikaw diġà *vis à vis* l-Istati Membri kollha. Dan huwa speċjalment rilevanti għaliex l-Istati Membri kkonferew setgħat sostanzjali fuq l-Unjoni,

— l-armonizzazzjoni leġiżlattiva u ġurisprudenzjali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tal-ordinamenti ġuridiċi tal-Unjoni u tal-KEDB se tikkontribwixxi għall-iżvilupp armonjuż tal-ġurisprudenza taż-żewġ qrati Ewropej fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment minħabba l-bżonn ikbar ta' djalogu u ta' koperazzjoni, u se toħloq sistema integrali li fi ħdanha ż-żewġ qrati jistgħu jaħdmu b'sinkronija,

— l-adeżjoni se tikkumpensa wkoll sa ċertu punt għall-fatt li l-ambitu tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa kemxejn limitat fi kwistjonijiet ta' politika esterna u ta' sigurtà, u ta' politika tal-pulizija u ta' sigurtà billi tipprovdi superviżjoni ġudizzjarja esterna utli tal-attivitajiet kollha tal-UE,

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

— l-adeżjoni bl-ebda mod mhi se titfa' dubju fuq il-prinċipju tal-awtonomija tal-liġi tal-Unjoni għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea se tibqa' l-unika qorti suprema għal kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-liġi tal-Unjoni u l-validità tal-azzjonijiet tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' titqies biss bħala awtorità li teżerċita kontroll estern fuq ir-rispett, mill-Unjoni, tal-obbligi fil-liġi internazzjonali li jirriżultaw mill-adeżjoni tagħha għall-KEDB; ir-relazzjoni bejn iż-żewġ ġurisdizzjonijiet Ewropej mhix se tkun relazzjoni ta' ġerarkija iżda ta' speċjalizzazzjoni; il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għalhekk se jkollha status analogu għal dak li għandhom attwalment il-qrati superjuri tal-Istati Membri b'relazzjoni mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Ifakkar li, skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Protokoll Nru 8, l-adeżjoni ma tinvolvix estensjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni u, b'mod partikulari, ma toħloqx kompetenza ġenerali tal-Unjoni fi kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, u b'konformità mal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-tradizzjonijiet u l-identitajiet kostituzzjonali tal-Istati Membri jridu jkunu rrispettati;

3. Jafferma li, skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 8 tat-Trattat ta' Lisbona, il-ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB għandu jiggarantixxi li l-adeżjoni ma taffettwax is-sitwazzjoni partikulari tal-Istati Membri rigward il-KEDB u l-protokolli tagħha in ġenerali, u lanqas rigward derogi u riservi possibbli magħmula mill-Istati Membri b'mod partikulari, u li ċirkustanzi bħal dawn m'għandhomx jinfluwenzaw il-pożizzjoni tal-Unjoni *vis à vis* l-KEDB;

4. Josserva li s-sistema tal-KEDB kienet ikkompletata minn serje ta' protokolli addizzjonali li jikkonċernaw il-ħarsien ta' drittijiet li ma kinux koperti mill-KEDB u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tingħata mandat li tinnegozja wkoll adeżjoni għall-protokolli kollha li jikkonċernaw drittijiet li jikkorrispondu għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, irrispettivament mir-ratifika tagħhom mill-Istati Membri tal-Unjoni;

5. Jenfasizza li, billi l-adeżjoni tal-UE fil-KEDB hija adeżjoni ta' Parti li mhix Stat fi strument legali mwaqqaf għall-Istati, din għandha ssir mingħajr ma jinbidlu l-karatteristiċi tal-KEDB u l-modifiki tas-sistema ġudizzjarja tagħha għandhom ikunu mill-inqas; iqis importanti, fl-interessi tal-persuni li qed jitolbu li ssir ġustizzja kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, li jiġu ppreferuti l-arranġamenti tal-adeżjoni li jkollhom l-inqas impatt fuq l-ammont ta' xogħol tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

6. Jenfasizza li, flimkien mal-impenn politiku, huwa ta' importanza enormi li jinstabu r-risposti u s-soluzzjonijiet adegwati għall-mistoqsijiet tekniċi ewlenin sabiex l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB tintuża għall-benefiċċju taċ-ċittadini; josserva li dettalji mhux definiti u ftit li xejn ċari jistgħu joħolqu konfużjoni u jippreġudikaw l-għan propju ta' din l-adeżjoni; jenfasizza, madankollu, li l-ostakoli tekniċi m'għandhomx idewmu l-proċess;

7. Jenfasizza li l-adeżjoni għall-KEDB ma tagħmilx mill-Unjoni membru tal-Kunsill tal-Ewropa, imma li ċerta parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-entitajiet assoċjati mal-KEDB hija meħtieġa biex tiżgura l-integrazzjoni xierqa tal-Unjoni fis-sistema tal-KEDB u li, għalhekk, l-Unjoni għandha tiddisponi minn ċerti drittijiet hemmhekk, b'mod partikulari:

— id-dritt li tippreżenta lista ta' tliet kandidati għall-kariga ta' imħallef, li minnhom wieħed ikun elett mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa f'isem l-Unjoni Ewropea u jipparteċipa fix-xogħol tal-Qorti fuq bażi ta' ugwaljanza mal-imħallfin l-oħra konformement mal-Artikolu 27(2) tal-KEDB; il-Parlament Ewropew għandu jkun involut fil-kumpilazzjoni tal-lista ta' kandidati konformi ma' proċedura simili għal dik prevista fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kandidati għall-pożizzjoni ta' mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

— id-dritt li tipparteċipa, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, bid-dritt tal-vot f'isem l-UE, fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Ministri meta dan jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' monitoraġġ tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew meta jiddeċiedi dwar jekk ikunx il-każ li jitlob opinjoni mill-Qorti, kif ukoll li tkun irrappreżentata fuq il-Kumitat tat-Tmexxija għad-Drittijiet tal-Bniedem (suborganu tal-Kumitat tal-Ministri),

— id-dritt għall-Parlament Ewropew li jaħtar/jibgħat numru ta' rappreżentanti fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa meta din teleġġi l-imħallfin għall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

8. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom, fil-waqt tal-adeżjoni għall-KEDB, bejniethom u fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom mal-Unjoni biex ma jressqux applikazzjonijiet interstatali għal nuqqas fis-sens tal-Artikolu 33 tal-KEDB meta l-att jew l-ommissjoni li huwa s-suġġett tat-tilwima huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, minħabba li dan ikun kontra l-Artikolu 344 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

9. Iqis li il-valur miżjud ewlieni tal-adeżjoni tal-UE għall-KEDB jinsab fil-possibilità għall-individwi ta' rikors kontra atti għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-Istati Membri u għalhekk kull applikazzjoni ta' persuna fiżika jew legali dwar kwalunkwe att jew nuqqas ta' istituzzjoni jew ta' entità tal-Unjoni għandha tkun indirizzata biss kontra din tal-aħħar; bl-istess mod, kull applikazzjoni li tinvolvi miżura ta' implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni minn Stat Membru għandha tkun indirizzata biss kontra dan tal-aħħar, bla ħsara għall-prinċipju li fejn jista' jkun hemm xi dubju dwar il-qsim ta' responsabbiltà, l-applikazzjoni tista' tkun indirizzata b'mod simultanju kontra l-Unjoni u l-Istat Membru;

10. Iqis li sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 35 tal-KEDB li r-rimedji domestiċi jridu jkunu ġew eżawriti, l-applikant għandu jkun eżawrixxa r-rimedji ġudizzjarji tal-Istat konċernat inkluża referenza għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Lussemburgu; din il-proċedura tal-aħħar titqies issodisfata meta, minkejja t-talba tal-applikant, il-qorti nazzjonali ma tqisx bħala xieraq li għandha ssir tali referenza;

11. Jinnota li wara l-adeżjoni tal-UE fil-KEDB, jista' jagħti l-każ li kemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u kemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkun kompetenti f'ċerti kwistjonijiet, u jindika li mhux se jkun permess ir-rikors għaż-żewġ Qrati fl-istess ħin;

12. Iqis li jkun xieraq li, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u bla ħsara għall-Artikolu 36(2) tal-KEDB, fil-każijiet kollha quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jistgħu jqajmu kwistjoni dwar il-liġi tal-Unjoni, diretti kontra xi Stat Membru, l-Unjoni tkun tista' tintervjeni bħala kokonvenuta fil-każ, u li fi kwalunkwe każ kontra l-Unjoni, kull Stat Membru jista' jintervjeni bħala kokonvenut fil-każ; din il-possibbiltà għandha tkun iddefinita permezz ta' dispożizzjonijiet inklużi fit-trattat ta' adeżjoni b'mod ċar iżda wkoll wiesa' biżżejjed;

13. Iqis li l-adozzjoni ta' status ta' kokonvenut ma jipprekludix possibilitajiet indiretti oħra offruti mill-KEDB (Artikolu 36, I), bħad-dritt tal-Unjoni li tintervjeni bħala parti terza fi kwalunkwe applikazzjoni mressqa minn ċittadin tal-Unjoni;

14. Iqis li, safejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għarfet l-applikabilità ekstraterritorjali tal-KEDB, l-Unjoni għandha tfittex li tirrispetta dan l-obbligu bis-sħiħ fir-relazzjonijiet u l-attivitajiet esterni tagħha;

15. Iqis li ma jkunx għaqli li jkunu fformalizzati r-relazzjonijiet bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bl-introduzzjoni ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari minn din tal-aħħar, jew bil-ħolqien ta' organiżmu jew panel inkarigat li jieħu deċiżjoni meta waħda miż-żewġ qrati jkollha l-intenzjoni li tadotta interpretazzjoni tal-KEBD li tkun differenti mill-interpretazzjoni adottata mill-oħra; ifakkar, f'dan il-kuntest, fid-Dikjarazzjoni Nru 2 dwar l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tinnota l-eżistenza ta' djalogu regolari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, djalogu li għandu jissaħħaħ bl-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEBD;

16. Huwa ferm konxju tal-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tidentifika ksur f'każ li jkun diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jenfasizza li dan bl-ebda mod ma joħloq dubju dwar il-kredibilità tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala arbitru aħħari fis-sistema ġuridika tal-UE;

17. Jenfasizza li, wara din l-adeżjoni, il-KEDB se tikkostitwixxi l-istandard minimu ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fl-Ewropa u li se tkun kruċjali b'mod partikolari f'każijiet fejn il-protezzjoni mogħtija mill-UE tkun inferjuri minn dik prevista fil-KEDB; ifakkar li l-KEDB ssaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u li l-Karta tirrikonoxxi wkoll drittijiet u prinċipji oħra li mhumiex imħaddna fil-KEDB, iżda fi protokolli addizzjonali u fi strumenti marbuta mal-KEDB;

18. Ifakkar li l-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, prinċipju fundamentali tal-UE mħaddan fit-trattat ta' fondazzjoni tagħha, hija bażi komuni għar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi; hu tal-fehma, madankollu, li l-adeżjoni ssaħħaħ iktar il-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u l-kredibilità tal-UE fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; jenfasizza, barra minn hekk, li l-applikazzjoni uniformi u sħiħa tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-livell tal-UE hija tant ieħor essenzjali sabiex tkun żgurata l-kredibilità tal-Unjoni f'dan id-djalogu;

19. Jinnota li l-KEDB għandha funzjoni importanti fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għaliex drittijiet iggarantiti mill-Karta li jikkorrispondu għal drittijiet rikonoxxuti mill-KEDB għandhom jiġu interpretati skont il-Konvenzjoni u li l-KEDB tikkostitwixxi, b'riżultat tal-Artikolu 6(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sors ta' ispirazzjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-formulazzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni; jinnota wkoll li l-KEDB, b'konformità mal-Artikolu 53 tagħha, ma tistax tkun interpretata bħala li tillimita jew li hija ta' ħsara għad-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u għalhekk din tal-aħħar iżżomm is-saħħa ġuridika kollha tagħha;

20. Jenfasizza l-importanza tal-KEDB u tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) għall-provvediment ta' qafas legali u prinċipji ta' gwida għall-azzjoni attwali u futura tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-intern, b'mod partikulari fid-dawl tal-modi ġodda ta' integrazzjoni u armonizzazzjoni tal-libertajiet ċivili, il-ġustizzja u l-intern mibdija mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u l-adozzjoni tal-Programm ta' Stokkolma;

21. Jenfasizza li l-ewwel u qabel kollox l-adeżjoni se tikkontribwixxi għal sistema interna ta' drittijiet tal-bniedem aktar koerenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea; l-adeżjoni se ssaħħaħ il-kredibilità tal-UE f'għajnejn iċ-ċittadini tagħha stess fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tiżgura r-rispett sħiħ u effettiv għad-drittijiet fundamentali kull fejn għandha x'taqsam il-liġi tal-UE;

22. Jenfasizza li, wara l-adeżjoni, il-kompetenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta tiġġudika kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-KEDB ma tistax tkun ikkontestata fuq il-bażi tal-istruttura interna tal-liġi tal-UE; jenfasizza wkoll li l-kompetenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax tkun limitata għaċ-ċittadini Ewropej jew għaż-żona ġeografika tal-Unjoni Ewropea (pereżempju fil-każ ta' missjonijiet jew delegazzjonijiet);

23. Jinnota li l-adeżjoni tal-UE fil-KEDB se tipprovdi mekkaniżmu addizzjonali għall-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri l-possibilità ta' tressiq ta' lment lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni, minn istituzzjoni tal-UE jew Stat Membru fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-liġi Ewropea, li tkun ukoll fl-ambitu tal-kompetenzi tal-KEDB; huwa għaldaqstant jenfasizza li din l-adeżjoni ma tbiddilx is-sistema attwali tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rekwiżit li kull rimedju legali intern għandu jiġi eżawrit se jibqa' l-kundizzjoni għall-eliġibilità ta' kwalunkwe applikazzjoni; jitlob li l-applikazzjonijiet u l-ilmenti jiġu trattati f'perjodu ta' żmien raġonevoli; iheġġeġ lill-Kummissjoni biex tipprovdi element ta' gwida, f'konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar x'jikkostitwixxi r-rimedju domestiku xieraq ġewwa l-Unjoni u dwar is-sentenzi preliminari skont il-liġi tal-Unjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest li jkun meħtieġ li jiġi żgurat li l-qrati tal-Istati Membri jirreferu l-każijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta jiltaqgħu ma' kwistjoni li tista' titqies bħala kwistjoni ta' drittijiet fundamentali;

24. Jenfasizza li fl-istess ħin, l-adeżjoni se tirrikjedi koperazzjoni msaħħa bejn il-qrati nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali; jinnota li l-koperazzjoni bejn iż-żewġ qrati Ewropej se tkompli tiżviluppa sistema ta' ġurisprudenza koerenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

25. Jilqa’, barra minn hekk, il-fatt li l-Artikolu 1 tal-KEDB mhux biss jiżgura l-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u ta’ individwi oħra fit-territorju tal-Unjoni, iżda wkoll barra t-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe individwu li jaqa’ taħt il-ġurisdizzjoni tagħha;

26. Huwa konxju li l-adeżjoni bħala tali ma ssolvix il-problemi serji ħafna li tiffaċja s-sistema tal-KEDB, jiġifieri, min-naħa, l-ammont ta’ xogħol eċċessiv minħabba żieda esponenzjali fl-applikazzjonijiet individwali u, min-naħa l-oħra, ir-riforma tal-istruttura u l-funzjonament tal-Qorti biex tiffaċċjahom; jinnota li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tirrikonoxxi l-fatt li hija topera f’ambjent politiku u legali kumpless u jinnota li d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Nru 14, fl-1 ta’ Ġunju 2010, waqt li żgur se jnaqqas in-numru ta’ proċeduri mhux kompluti, mhux se jisparixxihom; jenfasizza, fil-qafas tar-riforma tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-importanza tad-dikjarazzjoni ta’ Interlaken, b’mod partikolari l-paragrafu 4 tagħha, li ġustament ifakkar li l-kriterji dwar l-ammissibilità u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti għandhom jiġu applikati b’mod uniformi u rigoruż;

27. Iqis li huwa essenzjali li tinżamm l-indipendenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f’termini ta’ persunal u ta’ politika baġitarja;

28. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-importanza kostituzzjonali tal-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB, jistipula kundizzjonijiet stretti għaliha, bil-Kunsill obbligat jadotta d-deċiżjoni tal-konklużjoni tal-ftehim b’mod unanimu wara li l-Parlament Ewropew ikun ta l-approvazzjoni tiegħu, u bid-dħul fis-seħħ ta’ dan il-ftehim biss wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Istati Membri skont ir-regoli kostituzzjonali rispettivi tagħhom;

29. Iħeġġeġ lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE biex jesprimu b’mod ċar id-determinazzjoni u l-volontà tagħhom li jiffaċilitaw il-proċess tal-adeżjoni billi jinvolvu l-qrati nazzjonali u l-Ministeri tal-Ġustizzja tagħhom;

30. Jinnota li l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB timplika rikonoxximent mill-UE tas-sistema kollha tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, kif ġiet żviluppata u kodifikata fid-diversi dokumenti u entitajiet tal-Kunsill tal-Ewropa; f’dan is-sens, l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-KEDB hija l-ewwel pass essenzjali li mbagħad irid ikun ikkompletat bl-adeżjoni tal-Unjoni, fost l-oħrajn, għall-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f’Turin fit-18 ta’ Ottubru 1961 u riveduta fi Strasburgu fit-3 ta’ Mejju 1996, b’koerenza mal-kisbiet diġà mħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll fil-leġiżlazzjoni soċjali tal-Unjoni;

31. Jistieden, ukoll, lill-Unjoni biex tingħaqad mal-organi tal-Kunsill tal-Ewropa, bħall-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) u l-Kummissjoni Ewropea għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ); jishaq ukoll fuq il-bżonn li l-Unjoni tkun involuta fil-ħidma tal-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat Ewropew għad-Drittijiet Soċjali (ECSR), il-Kumitat Governattiv għall-Karta Soċjali u l-Kumitat Ewropew għall-Migrazzjoni, u jitlob li jkun infurmat kif xieraq dwar il-konklużjonijiet u d-deċiżjonijiet ta’ dawn l-organi;

32. Iqis li, għall-benefiċċju taċ-ċittadini, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa u fl-UE, u sabiex ikun żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tagħhom, il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-organi speċjalizzati tal-Kunsill tal-Ewropa trid tkun imsaħħa bl-għan li tikkontribwixxi għal koerenza u komplementarjetà akbar fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell pan-Ewropew;

33. Jissuġġerixxi li, sabiex iċ-ċittadini jkunu konxju mill-valur miżjud tal-adeżjoni, il-Kunsill tal-Ewropa u l-UE ifasslu linji gwida bi spjegazzjonijiet ċari tal-implikazzjonijiet u l-effetti kollha ta’ din l-adeżjoni; isostni li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tal-UE b’informazzjoni tali li tiżgura li dawn ikunu kompletament konxji mis-sinifikat tal-mekkaniżmi addizzjonali u dwar kif jużawhom b’mod adegwat;

34 Jenfasizza li huwa importanti li jkun hemm korp informali sabiex jikkoordina l-qsim tal-informazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa;

35. Jenfasizza li, minħabba li l-adeżjoni fil-KEDB ma tirrigwardax biss l-istituzzjonijiet tal-UE, iżda tirrigwarda wkoll iċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew irid jiġi kkonsultat u involut matul il-proċess kollu ta' negożjar, u jrid jiġi assoċjat u infurmat immedjatament u bis-sħiħ f'kull stadju tan-negozjati, kif stipulat fl-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

36. Jilqa' l-impenn muri mill-Presidenza Spanjola attwali meta ttrattat l-adeżjoni bħala "kwistjoni ta' urġenza" u l-attitudni pożittiva u ta' koperazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan ir-rigward; jistieden lill-Presidenza Belġjana u lil dik Ungeriża sabiex jagħmlu l-almu tagħhom biex jiffinalizzaw l-adeżjoni fl-iqsar żmien possibbli u b'mod kemm jista' jkun sempliċi u aċċessibbli, sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu jistgħu jibbenefikaw malajr kemm jista' jkun mill-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB;

37. Jinsisti, fid-dawl tar-rwol importanti li t-Trattat jagħti lill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-konklużjoni tal-ftehima ta' adeżjoni, li l-Parlament ikun infurmat kif xieraq dwar id-definizzjoni tal-mandat ta' negozjar għall-adezjoni mal-KEDB u li jkun involut mill-qrib fid-diskussjonijiet preliminari u wkoll fit-tmexxija tan-negozjati dwar dak it-test, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda

P7_TA(2010)0185

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda**

(2011/C 161 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Assemblea tal-Istati Partijiet, adottata fit-8 laqgħa plenarja tagħha, fis-26 ta' Novembru 2009 [1], li tlaqqa' l-Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'Kampala, l-Uganda, mill-31 ta' Mejju sal-11 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rapporti preċedenti tiegħu dwar il-Konferenza ta' Analiżi, u b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni ICC-ASP/7/Res.2 dwar il-proċedura għan-nomina u l-ħatra tal-imħallfin, il-prosekutur u l-viċi prosekuturi tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali, b'mod partikolari dawk tad-19 ta' Novembru 1998 [2], tat-18 ta' Jannar 2001 [3], tat-28 ta' Frar 2002 [4], tal-4 ta' Lulju 2002 dwar l-abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Membri tas-Servizzi Amerikani (ASPA) [5] u tas-26 ta' Settembru 2002 [6], kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 [7],

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Lulju 2002,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-1 ta' Lulju 2002 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali mill-Presidenza tal-Kunsill f'isem l-Unjoni Ewropea,

---

(1) Riżoluzzjoni ICC-ASP/8/Res.6.
(2) ĠU C 379, 7.12.1998, p. 265.
(3) ĠU C 262, 18.9.2001, p. 262.
(4) Testi adottati, P5_TA(2002)0082.
(5) Testi adottati, P5_TA(2002)0367.
(6) Testi adottati, P5_TA(2002)0449.
(7) Testi adottati, P6_TA(2008)0238.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-importanza mogħtija kemm mill-QKI kif ukoll mill-UE lill-konsolidament tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, kif ukoll iż-żamma tal-paċi u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u kif previst fl-Artikolu 21(2)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Kunsill tal-UE adotta l-Pożizzjoni Komuni 2003/444/PESK dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali fis-16 ta' Ġunju 2003 ([1]), li tiddikjara li d-delitti serji fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-QKI huma ta' preokkupazzjoni għall-Istati Membri kollha, li huma determinati li jikkoperaw għall-prevenzjoni ta' tali delitti u li jtemmu l-impunità ta' min iwettaqhom, u li għandha l-għan li tappoġġja l-funzjonament effikaċi tal-Qorti u li ttejjeb l-appoġġ universali għall-Qorti billi tippromwovi l-akbar parteċipazzjoni possibbli fl-Istatut,

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni għal segwitu tal-Pożizzjoni Komuni ([2]) ffinalizzat mill-UE fl-4 ta' Frar 2004 għall-koordinament tal-attivitajiet tal-UE, l-universalità u l-integrità tal-Istatut ta' Ruma u l-indipendenza u l-funzjonament effikaċi tal-QKI,

— wara li kkunsidra l-adozzjoni mill-UE ta' sett ta' "Prinċipji ta' Gwida" ([3]) li jistabbilixxu parametri ta' referenza minimi li għandhom jitħarsu mill-Istati Partijiet tal-QKI jekk jidħlu fi ftehimiet bilaterali ta' non kunsinna,

— wara li kkunsidra d-diversi deċiżjonijiet ([4]) adottati mill-Kunsill tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà bil-għan li tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra f'livell nazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma li jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw u jippromwovu l-attività tal-Unjoni u tal-Istati Membri kontra l-impunità u jiġġieldu kontra d-delitti tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra, u "f'dak il-kuntest jippromwovu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri […] u l-QKI",

— wara li kkunsidra l-progress konsiderevoli li sar mill-ħatra tal-ewwel imħallfin u l-ewwel prosekutur tal-QKI, u wara li kkunsidra l-fatt li l-Qorti bħalissa qed twettaq investigazzjonijiet f'ħames pajjiżi (il-Kenja, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, is-Sudan/id-Darfur, l-Uganda u r-Repubblika Ċentru-Afrikana),

— wara li kkunsidra l-fatt li l-Konferenza ta' Analiżi tal-QKI hija mument opportun ta' riflessjoni dwar il-progess tal-Qorti u l-ħidma tagħha għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti armati, b'referenza partikolari għar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà,

— wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Spjega tal-Istatut ta' Ruma li jiddefinixxi l-ġuriżdizzjoni tal-QKI, li tirrikonoxxi l-istupru, l-iskjavitù sesswali, il-prostituzzjoni sfurzata, it-tqala sfurzata, l-isterilizzazzjoni sfurzata, jew "kull forma oħra ta' vjolenza sesswali ta' serjetà paragunabbli" bħala delitti kontra l-umanità,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-Konferenza ta' Analiżi dwar l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, f'Kampala, l-Uganda,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE tappoġġja b'mod qawwi lill-QKI u tippromwovi l-universalità, u tiddefendi l-integrità, tal-Istatut ta' Ruma bil-għan li tħares u ssaħħaħ l-indipendenza, il-leġittimità u l-effikaċja tal-proċess ġudizzjarju internazzjonali,

([1]) ĠU L 150, 18.6.2003, p. 67.
([2]) Dokument tal-Kunsill 5742/04.
([3]) Prinċipji ta' Gwida rigward Arranġamenti bejn Stat Parti għall-Istatut ta' Ruma tal-QKI u l-Istati Uniti dwar il-Kundizzjonijiet għall-Kunsinna ta' Persuni lill-Qorti.
([4]) Id-Deċiżjoni 2002/494/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 167, 26.6.2002, p. 1) li tistabbilixxi network Ewropew ta' punti ta' kuntatt dwar persuni li huma responsabbli għal ġenoċidju, reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra; Id-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 190,18.7.2002, p. 1) dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri; Id-Deċiżjoni 2003/335/ĠAI tat-8 ta' Mejju 2003 (ĠU L 118, 14.5.2003, p. 12) dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

B. billi l-kisba tal-usa' ratifika u implimentazzjoni possibbli tal-Istatut ta' Ruma kienet ukoll għan tal-UE matul in-negozjati mkabbra kif ukoll fil-proċess ta' adeżjoni ta' Stati Membri ġodda tal-UE, u billi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Istatut ta' Ruma għandhom ikunu objettiv importanti għall-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-imseħbin l-oħrajn, b'mod partikolari l-Istati Uniti, iċ-Ċina, ir-Russja, u Iżrael,

C. billi l-UE sistematikament qed tipprova tinkludi klawsola tal-QKI fil-mandati ta' negozjar u fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi,

D. billi r-rispett għall-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, u l-promozzjoni u l-protezzjoni tagħha, huwa parti mill-acquis etiku u legali tal-Unjoni u wieħed mill-pedamenti tal-unità u tal-integrità Ewropea [1],

E. billi r-rwol tal-UE bħala attur dinji kiber fid-deċennji riċenti,

F. billi r-Rappreżentanti Speċjali tagħha jippromwovu l-politiki u l-interessi tal-UE f'reġjuni u f'pajjiżi fejn hemm l-inkwiet u għandhom rwol attiv fl-isforzi biex jiġu kkonsolidati l-paċi, l-istabilità u l-istat tad-dritt,

G. billi, f'April 2006, l-UE saret l-ewwel organizzazzjoni reġjonali li ffirmat ftehim mal-QKI dwar il-kooperazzjoni u l-għajnuna [2],

H. billi l-UE tat aktar minn EUR 40 miljun fuq 10 snin skont l-istrument finanzjarju EIDHR għal proġetti bil-għan li jappoġġjaw il-QKI u l-ġustizzja kriminali internazzjonali,

I. billi l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE kienet attiva fl-iżgurar li l-ġustizzja kriminali internazzjonali tiġi inkluża fil-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE rivedut (Ftehim ta' Kotonù) u adottat diversi riżoluzzjonijiet bil-għan tal-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-impunità fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp u fid-djalogu politiku rilevanti,

J. billi din il-Konferenza ta' Analiżi tirrappreżenta opportunità ewlenija għall-Istati Partijiet, kif ukoll għal dawk li mhumiex Stati Partijiet, għas-soċjetà ċivili u għal partijiet interessati oħra, biex jirriaffermaw b'mod qawwi l-impenn tagħhom favur il-ġustizzja u r-responsabiità,

K. billi l-Istati Partijiet ħatfu l-opportunità tal-Konferenza ta' Analiżi biex imorru lil hinn mill-emendi proposti għall-Istatut ta' Ruma u biex jagħtu ħarsa lejn is-sitwazzjoni tal-QKI aktar minn 10 snin wara li twaqqfet kif ukoll biex jevalwaw b'mod usa' l-istat tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, filwaqt li ssir enfasi fuq erba' suġġetti ewlenin, jiġifieri: il-komplementarjetà, il-koperazzjoni, l-impatt tas-sistema tal-Istatut ta' Ruma fuq il-vittmi u l-komunitajiet milquta, u l-paċi u l-ġustizzja,

L. billi, b'111-il Stat Parti għall-QKI, xi reġjuni, bħal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Asja, għad mhumiex rappreżentati biżżejjed,

M. billi l-koperazzjoni bejn l-istati, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-QKI hija essenzjali għall-effikaċja u s-suċċess tas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità ta' infurzar tal-liġi,

N. billi, fid-19 ta' April 2010, għall-ewwel darba mit-twaqqif tal-QKI, tressqitilha talba għal stħarriġ ta' non koperazzjoni minn stat,

O. billi l-premessa li ssejjes il-prinċipju tal-komplementarjetà, li fuqu huwa bbażat l-Istatut ta' Ruma, hija li għandha tkun ir-responsabilità tal-istat innifsu li jinvestiga u, jekk ikun xieraq, li jtella' l-Qorti lil persuni ssuspettati bit-twettiq ta' delitti skont id-dritt internazzjonali,

[1] L-Artikoli 2, 3(5) u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
[2] ĠU L 115, 28.4.2006, p.50.

P. billi fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitt fejn il-ġustizzja ma ġietx inkorporata bħala parti mill-proċess ta' paċi, reġgħet bdiet il-vjolenza,

1. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-QKI u għall-għanijiet tagħha; jisħaq li l-Istatut ta' Ruma kien irratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE bħala komponent essenzjali tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi tal-Unjoni u għalhekk, jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw għalkollox mal-Istatut bħala parti mill-acquis tal-UE;

2. Jenfasizza l-importanza tal-għażla ta' pajjiż Afrikan, l-Uganda, li jospita l-Konferenza ta' Analiżi, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-talba tal-Qorti li tiftaħ uffiċċju ta' kollegament mal-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa, filwaqt li jirrikonoxxi d-dimensjoni universali tas-"sistema tal-Istatut ta' Ruma";

3. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-universalità tal-Istatut ta' Ruma u jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tippromwovi b'mod attiv l-adeżjoni għall-Istatut u r-ratifika tiegħu;

4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-ebda ftehim ta' immunità ma għandu jippermetti l-impunità ta' kwalunkwe individwu akkużat bi krimini tal-gwerra, krimini kontra l-umanità jew ġenoċidju; jilqà t-tħabbira tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li l-ebda ftehima ġdida fuq l-immunità ma hija se tiġi konkluża u jistieden lill-Istati Uniti u l-imsieħbin tagħhom jabbandunaw dawk ġa eżistenti;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu sehem fil-Konferenza ta' Analiżi fl-ogħla livell possibbli, inklużi l-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, kif ukoll biex jirriaffermaw pubblikament l-impenn tagħhom favur il-QKI;

6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jwiegħdu li se jirriaffermaw l-impenn tagħhom favur il-QKI u jħeġġiġhom jenfasizzaw il-miżuri prattiċi li bihsiebhom jieħdu bħala appoġġ għaliha, billi jwiegħdu, inter alia li jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma, jirratifikaw u jimplimentaw il-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Qorti (APIC), jaħdmu ma' stati oħra li għandhom anqas kapaċitajiet sabiex jippromwovu l-aċċettazzjoni universali tal-Qorti, u jaffermaw il-kontribut tagħhom għat-tisħiħ tas-sistema ta' komplementarjetà u koperazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-impatt fuq il-vittmi u l-komunitajiet milquta, kif ukoll ta' oqsma oħra tal-Istatut ta' Ruma;

7. Jappoġġja b'mod qawwi l-inklużjoni fl-*Artikolu 5.1 tal-Istatut ta' Ruma* tad-delitt tal-aggressjoni fi ħdan il-ġuriżdizzjoni materjali tal-QKI, li fir-rigward tiegħu l-Grupp ta' Ħidma Speċjali tal-Assemblea tal-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma qablu li, għall-fini tal-Istatut, "delitt ta' aggressjoni" jfisser "l-ippjanar, it-tħejjija, il-bidu jew it-twettiq, minn persuna f'pożizzjoni li teżerċita b'mod effikaċi l-kontroll fuq l-azzjoni politika jew militari ta' Stat jew li tmexxiha, ta' att ta' aggressjoni li, min-natura, is-serjetà u l-kobor tiegħu, jikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

8. Jafferma b'mod qawwi li kull deċiżjoni dwar id-definizzjoni ta' delitt ta' aggressjoni trid tirrispetta l-indipendenza tal-Qorti; jirrakkomanda li l-istati għandhom jadottaw il-proposta li ma teħtieġx analiżi ġuriżdizzjonali biex ikun determinat jekk att ta' aggressjoni twettaqx qabel ma l-prosekutur tal-QKI jkun jista' jkompli b'investigazzjoni; kif ukoll li jekk il-Konferenza ta' Analiżi tiddeċiedi li trid tkun stabbilita analiżi ġuriżdizzjonali, għandha teħtieġ li d-determinazzjoni ta' jekk att ta' aggressjoni twettaqx issir mill-Awla rilevanti matul il-proċedimenti legali diġà stabbiliti fl-Istatut ta' Ruma;

9. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod xieraq fl-eżerċizzju ta' rendikont billi jieħdu sehem attivament fid-diskussjonijiet tal-panel uffiċjali kif ukoll fl-avvenimenti organizzati mis-soċjetà ċivili (u partijiet interessati oħra) fil-marġni tal-konferenza uffiċjali;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membru biex jieħdu wkoll l-opportunità tal-Konferenza ta' Analiżi biex jirriaffermaw l-impenn tagħhom favur il-Qorti permezz ta' wegħdiet speċifiċi dwar l-erba' suġġetti ta' għoti ta' rendikont kif ukoll biex jonoraw dawk l-impenji;

11. Jappoġġja lill-QKI matul din il-Konferenza ta' Analiżi fil-proċess tal-għoti ta' rendikont dwar kull stadju tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-Istatut ta' Ruma, filwaqt li titqies il-perspettiva tal-vittmi u tal-komunitajiet milquta;

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

12. Huwa preokkupat dwar l-impatt tas-sistema tal-Istatut ta' Ruma fuq il-vittmi, l-individwi u l-komunitajiet milquta mir-reati taħt il-ġuriżdizzjoni tal-QKI; iqis li huwa essenzjali li jkun żgurat li l-vittmi u l-komunitajiet milquta jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-Qorti u li jifhmu l-ħidma tagħha, kif ukoll li d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi għandhom ikunu preokkupazzjoni ewlenija għall-komunità tal-Istatut ta' Ruma, filwaqt li jitqies li l-QKI hija istituzzjoni ġudizzjarja li tikkomplementa r-rwol primarju tal-istati fl-għoti ta' protezzjoni u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u għal kumpens effettiv għall-vittmi, kemm jekk individwalment kif ukoll kollettivament; iqis li l-Istati Membri għandhom:

— jikkoperaw b'mod attiv meta persuna tkun suġġetta għal mandat ta' arrest tal-QKI, biex ikun iffaċilitat it-trasferiment tal-persuna lill-QKI għall-ġudizzju;

— jirrikonoxxu l-għodod innovattivi għad-dispożizzjoni tal-QKI għall-eżerċitar tad-dritt tal-vittmi għall-ġustizzja, inkluża l-possibilità għall-vittmi li jieħdu sehem fil-proċedimenti tal-QKI u li japplikaw għall-kumpens, filwaqt li jitiqies ir-rwol ta' komplementarjetà tal-Fond Fiduċjarju għall-Vittmi fl-għoti ta' kumpens u għajnuna oħra, inkluża l-protezzjoni tax-xhieda; jiżguraw li l-vittmi, kif ukoll l-avukati tagħhom, jibbenefikaw minn għajnuna u protezzjoni legali xierqa;

— jirrikonoxxu l-progress li għamlet il-Qorti sal-lum fit-twassil tal-informazzjoni tagħha lill-komunitajiet milquta u jinkoraġġuha tiżviluppa aktar dik il-ħidma; u jenfasizzaw l-importanza tal-operazzjonijiet fuq il-post tal-QKI fit-tkabbir tal-impatt tal-Qorti fost il-vittmi u l-komunitajiet milquta;

— jagħtu attenzjoni partikolari lil dawk il-gruppi li storikament ġew marġinalizzati, bħat-tfal u n-nisa u l-persuni indiġeni, biex ikun żgurat li l-ġustizzja kriminali internazzjonali ma ssirx għodda għat-tkomplija tal-ħsara u l-isterjotipar li setgħu ġġarrbu;

— iħabbru kontribuzzjoni finanzjarja sostanzjali lill-Fond Fiduċjarju għall-Vittmi;

— jinvolvu lis-soċjetà ċivili matul il-Konferenza ta' Analiżi biex ikun żgurat li l-fehmiet tagħhom ikunu rappreżentati b'mod xieraq, anke billi jieħdu sehem f'avvenimenti fil-People's Space li qed tkun organizzata min-Netwerk tad-Drittijiet tal-Bniedem;

13. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw koperazzjoni sħiħa bejn l-Istati Partijiet, l-istati firmatarji u l-Qorti, skont l-Artikolu 86 tal-Istatut ta' Ruma, biex jitħarsu l-għan u l-iskop li skonthom, skont il-Preambolu tiegħu, "id-delitti l-aktar serji ta' preokkupazzjoni għall-komunità internazzjonali kollha m'għandhomx jibqgħu ma jkunux ikkastigati", billi:

— jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-koperazzjoni, skont il-Parti IX tal-Istatut ta' Ruma, jekk għadhom ma adottawhiex;

— jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jagħtu lill-Qorti l-koperazzjoni u l-għajnuna bla riżerva;

— iqisu li jilħqu ftehimiet ad hoc mal-Qorti għat-trasferiment tal-vittmi u x-xhieda u għall-infurzar tas-sentenzi tal-Qorti;

— jiżguraw li l-koperazzjoni ssir punt permanenti fl-aġenda tal-Assemblea tal-Istati Partijiet għall-QKI, li jiġu diskussi l-isfidi u l-ħtiġijiet attwali tal-Qorti u li jitkejjel il-progress li jkunu għamlu l-istati;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni u d-diskussjoni tal-Artikolu 124 ("dispożizzjoni tranżitorja") tal-Istatut ta' Ruma, li jippermetti lill-istati jagħżlu li ċ-ċittadini tagħhom ma jkunux suġġetti għall-ġuriżdizzjoni tal-Qorti fuq delitti tal-gwerra għal perjodu ta' seba' snin wara r-ratifika, u jitlob li jitħassar minnufih mill-Istatut sabiex il-liġi tkun applikata bl-istess mod fir-rigward tal-persuni kollha ssuspettati b'delitti allegati tal-gwerra mwettqa fit-territorji tal-Istati Partijiet għall-Istatut jew miċ-ċittadini tagħhom;

15. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-inklużjoni bħala delitt tal-gwerra fi ħdan il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti, tal-użu ta' ċerti armi fil-kuntest ta' kunflitt armat li ma jkunx ta' natura internazzjonali, skont il-proposta Belġjana għal emendi tal-Artikolu 8 tal-Istatut ta' Ruma, imressqa lit-8 sessjoni tal-Assemblea tal-Istati Partijiet u li jestendu l-kriminalizzazzjoni tal-użu tal-veleni, l-armi bil-velenu, il-gassijiet asfissjanti, velenużi jew oħrajn u l-likwidi, materjal jew apparat analogi kollha, kif ukoll l-użu ta' bulitts li jespandu jew jiċċattjaw fil-ġisem, għal kunflitti armati li ma jkunux ta' natura internazzjonali;

16. Jisħaq fuq l-effikaċja tal-prinċipju tal-komplementarjetà tal-Qorti, li huwa l-pedament tas-sistema komprensiva tal-ġustizzja kriminali internazzjonali (is-sistema tal-Istatut ta' Ruma) u li skont dan il-prinċipju d-dmir ewlieni tal-Istati Partijiet li jinvestigaw delitti internazzjonali u li jħarrku lil min wettaqhom huwa msaħħaħ b'mod ċar bil-ġuriżdizzjoni komplementarja (sussidjarja) tal-QKI;

17. Jinsab konvint sew li, waqt it-taħditiet ta' Kampala, l-Istati Membri għandhom:

— jerġgħu jaffermaw l-obbligu primarju tagħhom biex jinvestigaw u jipproċessaw id-delitti tal-gwerra, il-ġenoċidju u d-delitti kontra l-umanità, u jintrabtu li fil-leġiżlazzjoni tagħhom jippromulgaw definizzjonijiet ta' delitti tal-gwerra, ġenoċidju u delitti kontra l-umanità, f'konformità mal-Istatut ta' Ruma;

— jidħlu f''komplementarjetà pożittiva' billi, fost ħwejjeġ oħra, jenfasizzaw il-bżonn ta' proċedimenti nazzjonali effikaċi, anke fil-pajjiżi fejn jeżisti bżonn qawwi ta' ġustizzja, bħal f'sitwazzjonijiet ta' pajjiżi ddifferiti lill-QKI u f'pajjiżi taħt analiżi preliminari mill-QKI;

— jisħqu fuq l-importanza li jagħtu bidu u jimplimentaw proċedimenti nazzjonali effikaċi u, b'mod partikolari, li jittrattaw il-kwistjoni ta' nuqqas ta' rieda politika min-naħa tal-istati;

— jisħqu fuq l-importanza vitali li tissawwar ir-rieda politika tal-istati biex jissodisfaw l-obbligi fl-ambitu tal-komplementarjetà, u jieħdu miżuri biex jinkoraġġixu lill-istati biex ikunu favur il-ġustizzja u kontra l-impunità;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma, speċjalment l-Istati Membri tal-UE, biex jippromulgaw jew jimplimentaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiggarantixxi li huma jkunu jistgħu jikkoperaw bis-sħiħ mal-QKI;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma biex jidħlu fi ftehimiet mal-Qorti dwar it-trasferiment tal-vittmi u tax-xhieda u l-infurzar ta' sentenzi;

20. Jistieden lill-Unjoni, lill-Istati Membri u lid-donaturi internazzjonali l-oħra biex jagħtu s-sostenn lill-proċessi ta' riforma u lill-isforzi nazzjonali għall-bini tal-kapaċitajiet immirati biex isaħħu l-ġudikatura indipendenti, is-settur tal-infurzar tal-liġi u s-sistema penitenzjarja fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw ikkonċernati direttament mill-kummissjoni tad-delitti elenkati fl-Istatut ta' Ruma, b'hekk jiġu garantiti kemm implimentazzjoni effikaċi tal-prinċipju tal-komplementarjetà kif ukoll il-konformità min-naħa tal-istati mad-deċiżjonijiet tal-Qorti;

21. Iħeġġeġ lill-Istati Partijiet għall-Istatut ta' Ruma biex jadottaw riżoluzzjoni, ibbażata fuq it-taħditiet ta' Kampala, li tenfasizza l-importanza li ssir ġustizzja effikaċi mal-vittmi, fil-kuntest ta' proċess ġust u imparzjali;

22. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex iġeddu l-impenn tagħhom favur l-QKI għall-ġejjieni;

23. Jilqà l-proposta magħmula mir-rappreżentawh ta' livell għoli tal-Istati li huma Partijiet għall-Istatut ta' Ruma tal-ICC biex jadottaw is-17 ta' Lulju li huwa l-jum tal-adozzjoni tal-Istatut ta' ruma fl-1998, bħala kl-Jum tal-Ħustizzja Kriminali Internazzjonali;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummussjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

## Ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini

P7_TA(2010)0186

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini (2010/2011(INI))**

(2011/C 161 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew dwar "l-Ewropa 2020, strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Professur Mario Monti lill-Kummissjoni dwar it-tiġdid tas-suq waħdieni ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Aġenda taċ-ċittadin – il-kisba tar-riżultati għall-Ewropa " (COM(2006)0211),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Suq waħdieni għall-Ewropa tas-Seklu 21" (COM(2007)0724) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li hemm miegħu bit-titlu " Is-Suq Waħdieni – reviżjoni tal-kisbiet"(SEC(2007)1521), ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Settembru 2007 dwar ir-reviżjoni tas-suq waħdieni ([2]) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bit-titlu "Ir-reviżjoni tas-suq waħdieni – wara sena" (SEC(2008)3064),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà – lejn viżjoni soċjali ġdida għall-Ewropa tas-Seklu 21" (COM(2007)0726) u l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid" (COM(2007)0725) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-*white paper* tal-Kummissjoni dwar servizzi ta' interess ġenerali ([3]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri biex jittejjeb il-funzjonament tas-suq waħdieni ([4]) u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2004 dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-direttivi li jaffettwaw is-suq intern ([5]),

— wara li kkunsidra t-Tabella tal-Valutazzjoni tas-Suq Intern ta' Lulju 2009 (SEC(2009)1007) u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tad-9 ta' Marzu 2010 ([6]) u tat-23 ta' Settembru 2008 ([7]) dwar it-Tabella tal-Valutazzjoni tas-Suq Intern,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bit-titlu "Strateġija tal-UE għall-Politika tal-Konsumatur 2007-2013 – Aktar poteri lill-konsumaturi, tisħiħ tal-benesseri tagħhom, għal ħarsien effettiv tagħhom" (COM(2007)0099) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-UE għall-Politika tal-Konsumatur 2007-2013' ([8]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2009 bit-titlu "Il-Monitoraġġ tar-riżultati għall-konsumatur fis-suq waħdieni – It-Tieni edizzjoni tat-Tabella tal-Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur" (COM(2009)0025) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li hemm miegħu bit-titlu "It-Tieni Tabella tal-Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur" (SEC(2009)0076),

([1]) Mistenni fApril 2010.
([2]) ĠU C 187 E, 24.7.2008,p. 80.
([3]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 277.
([4]) ĠU L 176, 7.7.2009, p. 17.
([5]) ĠU L 98, 16.4.2005, p. 47.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2010)0051.
([7]) ĠU C 309 E, 4.12.2008, p. 46.
([8]) ĠU C 180 E, 17.7.2008, p. 26.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar "l-infurzar tal-acquis tal-konsumatur" (COM(2009)0330) u r-rapport tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonli responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur (ir-"Regolament dwar kooperazzjoni għall-ħarsien tal-konsumatur") (COM(2009)0336),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2010 dwar il-ħarsien tal-konsumatur ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "in-negozju transkonfinali san-negozju elettroniku tal-konsum fl-UE" (COM(2009)0557),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Sezzjoni għas-Suq Waħdieni, Produzzjoni u Konsum, dwar "Tfixkil għas-Suq Waħdieni Ewropew 2008" ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali 2008 tas-SOLVIT dwar l-iżvilupp u l-eżekuzzjoni tan-netwerk tas-SOLVIT (SEC(2009)0142), id-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2008 dwar pjan ta' azzjoni dwar approċċ integrat għall-provvediment ta' servizzi ta' għajnuna fis-suq waħdieni u liċ-ċittadini u n-negozji (SEC(2008)1882) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Marzu 2010 dwar SOLVIT ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) No 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, li jimmira biex joħloq qafas ġenerali ta' regoli u prinċipji b'relazzjoni mal-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Trattat FUE), li jistipula li "s-suq intern għandu jikkomprendi zona bla fruntiei interni li fiha jkun assigurat il-moviment ħieles tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), li jorbot l-Unjoni biex taħdem għal ekonomija ta' suq soċjali kompetittiv ħafna, bil-mira li jintlaħqu impjieg totali u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u titjib fil-kwalità tal-ambjent',

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif inhuma inkorporati fit-Trattati bl-Artikolu 6 tat-TUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-Trattat FUE, li jistipula li "għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra ħtiġijiet marbutin mal-promozzjoni għal livell għoli ta' impjiegi, għal garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, għal ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u għal livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tat-Trattat FUE, li jistipula li "r-rekwiżiti għall-ħarsien tal-ambjent iridu jkunu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tat-Trattat FUE, li jistipula li "r-rekwiżiti għall-protezzjoni tal-konsumatur għandhom jiġu kkunsidraw fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tat-Trattat FUE u l-Protokol 26 tiegħu dwar servizzi ta' interess (ekonomiku) ġenerali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0046.
([2]) http://www.eesc.europa.eu/smo/news/Obstacles_December-2008.pdf.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0047.

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0132/2010),

A. billi jeżistu ħafna ostakli, riżultat ta' nuqqas ta' informazzjoni dwar drittijiet u opportunitajiet, regolamenti frammentati, nuqqas ta' inizjattivi leġiżlattivi f'għadd ta' oqsma ewlenin, traspożizzjoni li mhix tajba biżżejjed, applikazzjoni u infurzar inadegwati ta' regoli, u nuqqas ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni, li jfixklu liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lill-SMEs li jkunu jixtiequ jiċċaqalqu, jixtru, jbigħu jew jinnegozjaw f'pajjiżi oħra bl-istess sens ta' sigurtà u kunfidenza li huma jgawdu fl-Istati Membri tagħhom stess,

B. billi fl-istess ħin, l-isforzi biex tiġi armonizzata l-leġiżlazzjoni sabiex jingħelbu dawn l-ostakli, xi drabi wasslu għal regolamentazzjoni żejda b'effetti negattivi fuq il-maġġoranza tal-SMEs, b'mod partikolari l-mikroentitajiet li ma jixtiqux joperaw fil-livell tas-suq Ewropew imma jippreferu jibqgħu attivi lokalment, kif ukoll korpi tal-gvern lokali, u għalhekk huwa mitlub li ssir regolamentazzjoni aħjar b'piżijiet amministrattivi mill-anqas,

C. billi perċentwal żgħir biss ta' ħaddiema, fornituri ta' servizzi u professjonisti jiddeċiedu li jiċċaqalqu għal Stat Membru ieħor, inter alia minħabba li l-burokrazija involuta u r-riskju li jitilfu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali jagħmluha kkomplikata u għalja wisq biex jagħmlu hekk,

D. billi ftit huma l-intraprendituri u l-SMEs li joffru l-merkanzija u s-servizzi tagħhom barra s-swieq domestiċi tagħhom, minħabba ostakli tal-lingwa, nuqqas ta' ċertezza rigward investimenti, ħlasijiet u obbligi u minħabba differenzi fit-tradizzjonijiet legali, amministrattivi, soċjali u kulturali tal-Istati Membri differenti,

E. billi s-suq waħdieni ma jistax jitiqies b'mod iżolat minn oqsma oħra ta' politika orizzontali, b'mod partikolari s-saħħa, il-ħarsien soċjali u tal-konsumatur, il-liġi tax-xogħol, l-ambjent, l-iżvilupp sostenibbli u l-politiki esterni,

F. billi l-Istrateġija UE 2020 għandha tistabbilixxi miri realistiċi biex tinkiseb ekonomija soċjali tas-suq ekoloġika u bbażata fuq l-għarfien u tkabbir sostenibbli sal-2020, kif ukoll biex jinħolqu impjiegi, inkluż fis-settur ambjentali; billi l-bażi tal-Istrateġija UE 2020 għandha tkun is-suq waħdieni Ewropew, bl-isfidi ta' ġustizzja soċjali u tkabbir ekonomiku u li tiffoka fuq il-benefiċċji għaċ-ċittadini, il-ħarsien tal-konsumatur u l-SMEs,

G. billi, kulma jmur, il-kwistjonijiet tas-suq waħdieni u tal-kummerċ internazzjonali aktar qed isiru interdipendenti u aktar qed jaffettwaw lil xulxin,

H. billi ħafna ċittadini Ewropej mhumiex konxji mill-benefiċċji prattiċi tas-suq waħdieni li jgawdu minnhom huma stess, peress li hemm ftit wisq tagħrif disponibbli dwar is-suq waħdieni u dan l-anqas m'hu spjegat kif għandu jkun,

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Iqis li l-Unjoni qed tħabbat wiċċha ma' żmien partikularment problematiku fl-istorja tal-integrazzjoni tas-suq waħdieni Ewropew; hu tal-opinjoni li l-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni jridu jiġu indirizzati b'koerenza, determinazzjoni, impenn u qawwa, inevitabilment imsieħba mas-sensitività u l-prattiċità, fi spirtu ta' kooperazzjoni u solidarjetà; jenfasizza li dan il-proċess se joħloq il-ħtieġa ta' awtorità soda u inizjattiva konsiderevoli min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, u impenn politiku mill-Kunsill, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew;

2. Jenfasizza li s-suq waħdieni mhuwiex biss struttura ekonomika, u l-leġiżlazzjoni tas-suq waħdieni tħares u tippreserva drittijiet fundamentali speċifiċi taċ-ċittadini, bħal ma huma s-sigurtà u l-privatezza, u li għal din ir-raġuni suq waħdieni li jiffunzjona bla intoppi jkun fl-aħjar interessi taċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-SMEs Ewropej, meta wieħed iqis il-ħafna sfidi ekonomiċi u oħrajn li bħalissa qed taffaċċja l-UE;

3. Jenfasizza li, minkejja d-dgħufijiet teknoloġiċi u leġislattivi fl-istruttura tiegħu, is-suq waħdieni Ewropew, flimkien maż-żona euro, juri aħjar it-tifsira vera tal-integrazzjoni u l-unità ekonomika tal-UE, u ċertament huwa s-suċċess l-aktar viżibbli tal-integrazzjoni Ewropea għaċ-ċittadini tal-UE;

4. Jenfasizza li s-suq waħdieni għandu jiftaħ orizzonti ġodda fis-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jkun qed jagħmel aktar biex jippromwovi l-iżvilupp ta' merkanzija u servizzi, b'enfasi fuq l-għarfien u t-teknoloġija, li jikkostitwixxu forza li tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku ġejjieni;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon u jappoġġja bis-sħiħ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li "terġa" tpoġġi fil-qalba tas-suq intern lil dawk li jgħixu fih u jużawh kuljum' kif ukoll l-impenn tagħha li tkun difensur sod tas-suq waħdieni permezz tal-użu sħiħ tal-poteri ta' infurzar tagħha u li toħroġ b'viżjoni soċjali u ambjentali tas-suq waħdieni bbażata fuq l-obbligi tat-Trattat ta' Liżbona;

***Il-proċess ta' integrazzjoni tas-suq waħdieni mhux irreversibbli***

6. Jenfasizza li l-integrazzjoni fis-suq waħdieni mhijiex proċess irreversibbli u li m'għandniex inserrħu moħħna mill-eżistenza kontinwa tas-suq waħdieni;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu li jekk jerġa' jitfaċċa l-protezzjoniżmu ekonomiku dan x'aktarx iwassal għall-frammentazzjoni tas-suq waħdieni u għalhekk jeħtieġ li jiġi evitat; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-falliment ekonomiku u finanzjarju attwali jista' jintuża biex jiġġustifika li jerġgħu jitqajmu miżuri ta' protezzjoniżmu f'diversi Stati Membri, filwaqt li, minflok hekk, it-tnaqqis fl-attività ekonomika jitlob mekkaniżmi ta' salva-gwardja komuni;

8. Iqis li l-kriżi għamlet ħafna ħsara lill-proċess ta' integrazzjoni tas-suq waħdieni u li l-antagoniżmu u n-nuqqas ta' fiduċja fir-rigward tas-suq waħdieni kibru b'riżultat tad-difetti u l-inugwaljanzi li ħarġu mis-sistemi ekonomiċi tal-Istati Membri;

9. Ifakkar li l-politiki biex tiġi affrontata l-kriżi ma għandhomx inaqqsu l-proċess ta' integrazzjoni tas-suq waħdieni, imma minflok għandhom jipprovdu żmien ta' opportunità biex tiġi riformata, ikkonsolidata u mtejba l-istruttura preżenti tas-suq waħdieni, fejn jiġi realizzat il-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi ta' ekonomija ħadra u terġa' tinkiseb il-fiduċja u l-kunfidenza taċ-ċittadini, speċjalment tal-konsumaturi u l-SMEs;

10. Jenfasizza li t-tnedija mill-ġdid tas-suq waħdieni ma tridx tkun iddettata kompletament mit-tnaqqis fir-ritmu finanzjarju ta' dan l-aħħar u li l-qawmien mill-ġdid irid imur lil hinn mil-lezzjonijiet fundamentali li ttieħdu mill-kriżi;

11. Jenfasizza li t-tnedija mill-ġdid tas-suq waħdieni għandha tilħaq miri konkreti, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, relevanti u b'kalendarju definit, li jridu jintlaħqu permezz ta' strumenti ta' politika adattati u effikaċi, ibbażati fuq l-erba' libertajiet tal-moviment disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

12. Jenfasizza l-fatt li s-suq waħdieni Ewropew jinsab fi bżonn urġenti ta' imbottatura ġdida, u li hemm bżonn ta' tmexxija qawwija mill-istituzzjonijiet Ewropej, speċjalment mill-Kummissjoni, u sjieda politika mill-Istati Membri biex jerġgħu jitnisslu l-kredibilità u l-fiduċja fis-suq waħdieni;

***Il-bżonn ta' approċċ olistiku u komuni għas-suq waħdieni***

13. Hu tal-fehma li l-idea antika tas-suq waħdieni għandha tiġi ssupplementata sabiex issir iktar inklus-siva; jenfasizza li dawk kollha involuti fil-formazzjoni u l-implimentazzjoni tas-suq waħdieni għandhom bżonn jadottaw approċċ aktar olistiku, li jintegra bis-sħiħ it-tħassib taċ-ċittadini;

14. Jenfasizza li suq waħdieni aktar b'saħħtu, aktar profond u mwessa' huwa ta' importanza vitali għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;

15. Jenfasizza li s-suq waħdieni għandu jkun ċentrali biex tintlaħaq il-mira ta' ekonomija soċjali tas-suq sostenibbli u kompetittiva ħafna fil-kuntest tal-viżjoni ta' terminu twil tal-Istrateġija UE 2020;

16. Jemmen li s-suq waħdieni huwa prerekwiżit importanti ħafna għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020; jipproponi għalhekk li kull strateġija u politika mmirati biex jerġgħu jqajmu mill-ġdid is-suq waħdieni Ewropew għandhom ikunu kkoordinati mill-istituzzjonijiet Ewropej u bbażati fuq ftehim pragmatiku, komprensiv u wiesa' appoġġjat mill-Istati Membri kollha u ffukat prinċipalment fuq prijoritajiet li l-Istati Membri jagħmlu tabilħaqq tagħhom u jimplimentawhom b'mod effikaċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

17. Jenfasizza li s-suq waħdieni għandu jipprovdi benefiċċji għall-konsumaturi f'termini ta' kwalità aħjar, varjetà akbar, prezzijiet raġonevoli u sikurezza tal-merkanzija u s-servizzi;

18. Jitlob li jkun hemm mudell ġdid ta' fehma politika, li tkun tiffoka fuq iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-SMEs fit-tnedija mill-ġdid tas-suq waħdieni Ewropew; huwa tal-fehma li dan jista' jintlaħaq billi ċ-ċittadin Ewropew jitqiegħed fil-qalba tat-tiswir tal-politika tal-Unjoni Ewropea;

19. Isostni li t-tiġdid tas-suq waħdieni jeħtieġ implimentazzjoni effikaċi ta' kontrolli u bilanċi aktar adegwati, u aktar djalogu, sabiex jiġi garantit li l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u l-konsumaturi jitqiesu b'mod adegwat; iqis li approċċ ibbażat fuq l-evidenza u fuq iċ-ċittadin se jgħin lill-Unjoni tirbaħ lura l-fiduċja popolari fis-suq waħdieni Ewropew u ssib il-formula tajba biex jiġu adottati inizjattivi li jagħtu lill-Unjoni l-vantaġġ kompetittiv li għandha bżonn, bla ħsara għad-dimensjoni soċjali;

20. Itenni li evalwazzjoni sinifikanti tal-impatti soċjali, tal-konsumaturi, ambjentali u ekonomiċi tas-suq waħdieni – li għandha tidher fil-proposti kollha għal suq waħdieni – hija kruċjali biex tintrebaħ il-fiduċja pubblika u tiġi assigurata wkoll l-integrazzjoni realistika ta' miri soċjali, tal-protezzjoni tal-konsumatur, ambjentali u ekonomiċi;

21. Jemmen li l-abolizzjoni tal-fruntieri fis-suq waħdieni kompliet issaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa f'dinja globalizzata;

22. Jenfasizza li l-funzjonament kif suppost tas-suq intern ma jistax jinfired mir-rwol li trid twettaq l-Ewropa bħala attur ekonomiku globali; hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropea trid tipproteġi l-mudell soċjali u ambjentali tagħha billi tinforza b'mod strett ir-regoli tagħha fuq s-servizzi u l-prodotti importati u billi tiddefendi bis-sod l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, inkluż b'mod partikolari, fil-kuntest ta' korpi multilaterali u fil-kuntest tal-proċeduri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;

23. Jenfasizza li s-suq intern u l-munita komuni servew ta' tarka ta' protezzjoni fl-Ewropa biex tnaqqas l-impatt negattiv tal-kriżi finanzjarja fuq in-negozji u ċ-ċittadini fl-Ewropa;

***Sfidi u opportunitajiet li jridu jitqiesu fil-politika tas-suq waħdieni***

24. Hu tal-fehma li l-akbar sfida li qed tiffaċċja l-Unjoni hija biex jinstab bilanċ bejn ekonomija miftuħa, li kapaċi tistimula tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' impjiegi u tipprovdi reazzjoni integrata għall-isfidi maġġuri tal-ġejjieni (bħalma huma l-kompetittività, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-politika industrijali, il-kwistjonijiet demografiċi, l-ambjent u t-teknoloġiji l-ġodda), u sistema ekonomika bil-kapaċità ugwali li toffri protezzjoni lill-konsumatur u s-salvagwardji soċjali u ambjentali li jeħtieġu ċ-ċittadini;

25. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tar-regoli tas-suq waħdieni għadha waħda irregolari, peress li n-netwerks tas-suq mhumiex interkonnessi b'mod suffiċjenti, li jfisser li kemm l-intrapriżi u kemm iċ-ċittadini jridu jiffaċċjaw ir-realtà ta' kuljum ta' diffikultajiet li persistenti fl-attivitajiet transkonfinali tagħhom, li għandhom mnejn jinvolvu 27 sistema legali differenti għal transazzjoni waħda;

26. Jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit suq waħdieni aħdar għal teknoloġiji, servizzi u prodotti emerġenti ambjentali u b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi, billi jiġu żviluppati standards għall-UE kollha għall-emissjonijiet tal-karbonju; jinnota li t-tikkettar u l-istandards ċari għall-prodotti effiċjenti f'sens ta' enerġija jridu jsiru, progressivament, mandatorji fl-Unjoni kollha; jinnota li għandhom jitqiesu l-metodoloġiji u l-istandards eżistenti meta jkunu qed jiġu żviluppati standards ġodda għall-marki tal-karbonju; jenfasizza li dawn l-istandards ma għandhomx joħolqu rekwiżiti li jkunu ta' piż esaġerat b'mod partikolari għall-SMEs;

27. Jinsisti li, fl-era diġitali, l-Unjoni għandha tirrealizza bis-sħiħ il-potenzjal u l-opportunitajiet offruti permezz tal-Internet, il-kummerċ elettroniku u d-diffużjoni tal-ICTs fl-SMEs u fl-amministrazzjoni pubblika għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq waħdieni, filwaqt li tagħmilhom disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jenfasizza li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda jrid jagħti kas il-bżonn li jiġu protetti ċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-SMEs u dawk li jinsabu f'qagħda vulnerabbli;

28. Jenfasizza kemm hu importanti li jiġu stabbiliti mudelli kummerċjali ġodda fejn id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati jkunu rimunerati kif għandu jkun mingħajr ma jinħolqu limiti bla bżonn fir-rigward tal-aċċess tal-konsumaturi għal kontenut kreattiv onlajn;

29. Japprova l-inizjattivi meħudin mill-Kummissjoni biex ir-riċerka, l-għarfien u l-innovazzjoni jingħataw prijorità f'kull strateġija futura; jistenna li jiġu allokati fondi suffiċjenti fil-baġits suċċessivi tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet kruċjali; ifakkar, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa urġenti li tiġi riżolta l-kwistjoni pendenti tal-privattiva Komunitarja; jipproponi li l-Kummissjoni tibda teżamina modi possibbli li bihom jistgħu jinstabu punti ta' riferiment konkreti bil-għan li jitkejjel is-suċċess fl-oqsma tar-riċerka, l-għarfien u l-innovazzjoni;

30. Japprova l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi s-sikurezza tal-oġġetti manifatturati permezz tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti;

### *Iċ-ċittadini u l-konsumaturi fis-suq waħdieni*

31. Hu konvint li l-perċezzjoni, il-fehim u l-għarfien taċ-ċittadin Ewropej fir-rigward tas-suq waħdieni huma baxxi, ma jeżistux, konfużi jew saħansitra negattivi, parzjalment minħabba nuqqas ta' impenn politiku u informazzjoni u minħabba livell baxx ta' sensibilizzazzjoni pubblika; huwa tal-fehma li trid tittieħed azzjoni deċiżiva biex ikun żgurat li l-politika ġejjiena tal-Unjoni Ewropea dwar is-suq waħdieni tindirizza l-bżonnijiet taċ-ċittadini, speċjalment tal-konsumaturi u tal-SMEs, u tipprovdilhom riżultati tanġibbli;

32. Jenfasizza li, sabiex jiġu żgurati l-appoġġ soċjali u ekonomiku u l-kooperazzjoni taċ-ċittadini Ewropej, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jippromwovu b'mod intensiv il-possibilitajiet li joħorġu mill-integrazzjoni ekonomika Ewropea u jbiddlu l-perċezzjonijiet popolari tas-suq waħdieni billi jagħmlu n-nies konxji tiegħu u kapaċi jifhmu l-benefiċċji li joffrilhom u l-mezzi biex jitlobu b'mod effikaċi d-drittijiet tagħhom; għalhekk, jemm li huwa importanti li s-setturi b'impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-ħtiġijiet tal-konsumatur għandhom ikunu fiċ-ċentru tas-suq waħdieni;

33. Iqis li wħud mill-problemi l-aktar evidenti li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi, speċjalment fis-settur tas-servizzi, u li jeħtieġ li tittieħed azzjoni dwarhom bħala prijorità sabiex jinkisbu riżultati ta' malajr huma: (1) aċċess għal prodotti sikuri u servizzi ta' kwalità; (2) aċċess għal informazzjoni affidabbli, komparabbli u objettiva, inkluż it-tqabbil tal-prezzijiet; (3) sigurtà u ċarezza legali akbar fir-relazzjonijiet kuntrattwali; (4) sigurtà akbar dwar ħlas; (5) aċċess għal sistemi ta' rimedju adegwati, għall-but ta' kulħadd u effikaċi, u (6) għarfien aħjar u fiduċja akbar fir-rigward tas-sistema;

34. Isostni li ċ-ċittadini mhux qed jingħataw informazzjoni biżżejjed dwar il-leġislazzjoni tas-suq waħdieni u d-disponibilità u l-infurzar tad-drittijiet tagħhom; jenfasizza l-bżonn li jiġu organizzati l-websajts relevanti, is-SOLVIT u l-punti ta' kuntatt b'mod iktar effikaċi; jemmen li hemm bżonn ta' koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar ta' tali inizjattivi, minħabba li s'issa ma rnexxilhomx jilħqu l-udjenza indirizzata tagħhom; jenfasizza r-rwol tal-portal tal-Kummissjoni "L-Ewropa Tiegħek" li jagħti tagħrif kemm liċ-ċittadini u kemm lin-negozji dwar aspetti ta' opportunitajiet ta' għajxien, xogħol u negozju fl-Unjoni Ewropea; jipproponi li l-offerti eżistenti jissaħħu minflok ma jinħolqu punti ta' kuntatt ġodda;

35. Jemmen li approċċ responsabbli mid-dinja tan-negozju, b'rispett għall-prinċipju tar-responsabilità tal-kumpaniji, ir-regoli tal-kompetizzjoni u l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi se jgħin biex inissel fiduċja fil-konsumaturi, u dan hu l-minimu meħtieġ jekk għandu jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumaturi;

36. Isostni li l-inizjattivi għal integrazzjoni ekonomika jirnexxilhom isseħħu aħjar jekk iċ-ċittadini jkunu konvinti li d-drittijiet soċjali tagħhom qed ikunu salvagwardjati u li l-politiki tas-suq intern se jkollhom impatt pożittiv fuq il-politiki soċjali;

37. Jiddeplora l-fatt li perċentwal żgħir biss ta' ċittadini, konsumaturi u SMEs huma konxji mill-mekkaniżmi eżistenti ta' rimedju alternattiv, jew jafu kif jirreġistraw ilment mal-Kummissjoni; jinnota li jeħtieġ li s-sistemi eżistenti għas-soluzzjoni tal-problemi għaċ-ċittadini u n-negozji bħalma hu s-SOLVIT jissaħħu skont ir-rapport tal-Parlament dwar is-SOLVIT tat-2 ta' Marzu 2010 (2009/2138(INI)); jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi proċedura mħaffa ta' ksur tat-Trattat jekk ilment tas-SOLVIT li ma jkunx ġie solvut juri, a prima facie, ksur tal-liġi Komunitarja; iħoss li hu ta' dispjaċir li, minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-mekkaniżmi alternattivi għar-riżoluzzjoni tal-konflitti għadhom ma ġewx stabbiliti b'mod korrett jew għadhom mhumiex joperaw b'mod sodisfaċenti;

38. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur fir-rigward taċ-ċirkulazzjoni ta' tagħrif lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, meta jappoġġaw lill–konsumaturi fit-tilwim tal-konsumatur, u meta jippromwovu l-interessi tal-konsumatur fil-kostruzzjoni tas-suq intern;

***Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-suq waħdieni***

39. Jafferma li l-SMEs jifformaw parti essenzjali mis-sinsla tal-ekonomija Ewropea u huma l-fatturi ewlenin għall-ħolqien ta' impjiegi, it-tkabbir ekonomiku, iċ-ċaqliqa lejn ekonomija ħadra u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa; isostni li l-parteċipazzjoni attiva tal-SMEs fl-UE mkabbra hija essenzjali biex is-suq waħdieni jsir aktar innovattiv u kompetittiv, u jenfasizza li jridu jsiru sforzi akbar biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għas-suq waħdieni, biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tagħhom u biex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-potenzjal intraprenditorjali tagħhom;

40. Iqis li għandhom jitneħħew iktar ostakli li jwaqqfu lill-SMEs milli jkollhom aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku bil-għan li tkompli tingħata spinta lill-kompetittività fis-suq waħdieni, speċjalment billi jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-SMEs fis-sejħiet għall-offerti tal-awtoritajiet kontraenti;

41. Jinkoraġġixxi inizjattivi konġunti futuri mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex: (1) jgħinu n-negozji ż-żgħar li joperaw minn naħa għal oħra tal-fruntieri madwar l-UE; (2) iġibu tnaqqis tanġibbli fil-piżijiet amministrattivi, finanzjarji u regolatorji, partikolarment it-tfixkil amministrattiv li jiffaċċjaw l-SMEs, irrispettivament minn jekk joperawx lokalment, nazzjonalment jew fil-livell Ewropew, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità; f'dan ir-rigward jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw u japplikaw strettament il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" kif spjegat b'mod ġenerali fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar;

42. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha biex tgħin lill-SMEs jegħelbu s-separazzjoni lingwistika li spiss iżżommhom milli jagħmlu negozju fi Stati Membri għajr tagħhom stess, billi toffri t-tagħrif u s-servizzi kollha dwar is-suq waħdieni bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea;

43. Jibqa' impenjat li jnaqqas il-"gold plating" fil-leġiżlazzjoni l-ġdida tas-suq waħdieni u jistieden lill-Istati Membri, u b'mod partikolari lill-parlamenti tagħhom, biex jibqgħu impenjati għall-ġlieda kontra l-"gold plating" meta jkunu qed jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE, peress li dawn il-piżijiet żejda huma partikolarment diffiċli għall-SMEs;

44. Jaqbel li l-implimentazzjoni xierqa tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjoni stretta tat-test tal-SME mill-Kummissjoni meta tkun qed tipproponi miżuri leġiżlattivi ġodda tas-suq intern u l-introduzzjoni ta' statut Ewropew għal kumpanija privata se jiggarantixxi l-integrazzjoni prattika tal-SMEs f'sistema Ewropea waħda relevanti u vijabbli;

45. Jappoġġa bil-qawwa r-regolament li jirregola r-rekwiżiti tat-traduzzjoni għall-privattiva futura tal-UE, li sa fl-aħħar se tagħmel il-Privattiva tal-UE realtà u se ssaħħaħ lill-Ewropa bħala forza li tmexxi l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fid-dinja; barra minn hekk jappoġġa l-eżami mill-ġdid tas-sistema tat-Trade Mark Komunitarja biex jinkisbu kwalità ogħla u perspetti aħjar għal din is-sistema;

46. Jinnota li l-problema l-aktar importanti għall-SMEs fi żminijiet ta' kriżi ekonomika hija l-aċċess tagħhom għall-finanzjament; iħoss li hu ta' dispjaċir li b'riżultat tal-irtirar ta' banek kbar minn żoni rurali u b'popolazzjoni baxxa jew li huma ekonomikament dgħajfa inħolqot problema maġġuri għall-SMEs fir-rigward tal-aċċess għall-finanzjament; jilqa' b'sodisfazzjon ir-rwol importanti tal-banek tat-tfaddil u d-diversi movimenti kooperattivi fir-rigward tal-finanzjament tal-ekonomija reġjonali, kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-ekonomija soċjali tas-suq fil-forma tal-promozzjoni li jagħmlu ta' proġetti etiċi u soċjali;

47. Jaqbel li l-proċedura ta' notifika li ddaħħlet bid-Direttiva 98/34/KE hija għodda effiċjenti ħafna biex tittejjeb il-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq naħa waħda u biex jiġu evitati l-ostakli fis-suq waħdieni, b'mod partikolari għall-SMEs fuq in-naħa l-oħra; jemmen li l-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-mekkaniżmu billi tagħti bidu għal proċedura ta' infrazzjoni li ssir aktar malajr mis-soltu jekk Stat Membru ma jikkonformax ma' opinjoni dettaljata maħruġa mill-Kummissjoni jew jekk ma jirreaġixxix għal opinjoni dettaljata maħruġa minn Stat Membru;

48. Jemmen li politiki ekonomiċi u soċjali differenti bħalma huma l-politiki tal-baġit, tat-taxxa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka għandhom jiġu kkoordinati fil-livell tal-UE;

***Sjieda u infurzar tal-leġislazzjoni tas-suq waħdieni u regolamentazzjoni aħjar***

49. Jasserixxi li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, parti sustanzjali tar-responsabilità amministrattiva u legali għas-suq waħdieni tinsab f'idejn l-Istati Membri u, fejn xieraq, f'idejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom, li flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, għandhom għalhekk jieħdu sjieda reali is-suq waħdieni Ewropew u l-ġestjoni tiegħu;

50. Jargumenta li t-Tabelli tal-Valutazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabelli tal-Valutazzjoni tal-Konsumatur jikxfu b'mod ċar li l-Istati Membri għad ma rnexxilhomx jilħqu l-objettivi tagħhom biex jitrasponu, japplikaw u jinfurzaw il-leġislazzjoni tas-suq waħdieni b'mod korrett u li hemm dewmien fit-traspożizzjoni tal-liġijiet Ewropej, u dan idgħajjef is-sitwazzjoni ta' kondizzjonijiet indaqs għal kulħadd li huma essenzjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb, speċjalment fis-settur tas-servizzi;

51. Jinnota li l-frammentazzjoni gradwali tar-regoli u l-inkonsistenzi fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fl-UE qegħdin juru dejjem iżjed li huma ta' ħsara biex jitlesta s-suq waħdieni; jinnota li l-UE għad trid tadotta sett ta' politiki koerenti b'mod intern maħsuba biex ineħħu ostakli diretti u indiretti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern;

52. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal "regolamentazzjoni aħjar" li ssaħħaħ l-effettività tar-regoli u l-applikazzjoni xierqa tagħhom mill-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli żżomm l-impetu tagħha hawnhekk, minħabba li l-implimentazzjoni mgħaġġla ta' din l-istrateġija tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-suċċess tat-tnedija mill-ġdid tas-suq waħdieni;

53. Jieħu nota tal-kunċett il-ġdid ta' "regolamentazzjoni intelliġenti", kif introdott fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-UE 2020;

***Kisbiet***

*Rwol istituzzjonali aktar b'saħħtu biex jiġu stabbiliti u implimentati r-regoli tas-suq waħdieni*

54. Jipproponi li, bil-ħsieb li jittejbu t-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tas-suq waħdieni, il-Kummissjoni toħloq sħubija bejn il-partijiet interessati kollha involuti fil-formazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' tali leġiżlazzjoni, permezz tal-użu ta' mekkaniżmi ġodda bħalma huwa l-forum annwali propost għas-suq waħdieni;

55. Jistieden lill-Kummissjoni biex tassigura implimentazzjoni u traspożizzjoni xierqa permezz ta' monitoraġġ aktar sistematiku u indipendenti sabiex jitħaffu u jitmexxew 'il quddiem il-proċedimenti ta' ksur; issostni li d-dewmien biex jitranġaw il-proċedimenti ta' ksur se jkollu effett negattiv fuq l-interessi taċ-ċittadini fis-suq waħdieni;

56. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa modi ġodda, minbarra l-proċeduri formali rigward ksur, biex jittejbu t-traspożizzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-suq waħdieni; f'dan il-kuntest, jitlobha tqis mekkaniżmi innovattivi, bħalma hi l-proċedura ta' valutazzjoni reċiproka prevista fid-Direttiva tas-Servizzi, biex jiġu inkuraġġiti r-reviżjoni mill-pari u s-sjieda tal-Istati Membri, kif ukoll biex ittejjeb mekkaniżmi informali għas-soluzzjoni tal-problemi bħalma huma s-SOLVIT u l-EU-PILOT li jkunu ta' benefiċċju sinifikanti għaċ-ċittadini li kuljum jiffaċċjaw frustrazzjonijiet fis-suq waħdieni;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni akbar fir-rigward tal-evalwazzjoni u s-simplifikazzjoni sistematiċi tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-suq waħdieni, filwaqt li tneħħi l-burokrazija kulfejn ikun fattibbli, u dan ikun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini u kemm għall-intrapriżi;

58. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura koordinazzjoni xierqa u taħdem f'kollaborazzjoni mal-Parlament u l-Istati Membri, kif ukoll ma' sħab kummerċjali maġġuri u ma' assoċjazzjonijiet tan-negozji u tal-konsumaturi, fis-sorveljanza tas-suq tal-oġġetti u fl-infurzar transkonfinali tal-liġi tal-ħarsien tal-konsumatur u biex tinforma lill-konsumaturi u ċ-ċittadini Ewropej b'mod iktar effikaċi;

59. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel eżerċizzju indipendenti biex tidentifika l-aktar 20 kawża ta' skuntentizza u frustrazzjoni relatati mas-suq waħdieni li jiltaqgħu magħhom kuljum iċ-ċittadini, b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol, fir-rigward tal-kummerċ elettroniku, il-kura medika transkonfinali, ix-xiri u l-kiri ta' vetturi, it-trasferiment tal-pensjoniiet, ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali, il-kustodja, l-adozzjoni, il-manteniment u l-allowances tat-tfal;

60. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinsisti ħalli jinħoloq mekkaniżmu aħjar għar-reviżjoni ta' kif ir-regoli tas-suq waħdieni japplikaw fil-prattika fil-livelli kollha fl-Stati Membri differenti, u kif iċ-ċittadini u n-negozji huma mogħtija s-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-suq waħdieni;

61. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti aktar għajnuna lill-Istati Membri, u fejn xieraq, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom ħalli tiġi faċilitata konformità xierqa mal-istandards tal-UE; jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali jridu jissikkaw ir-regoli u jinkuraġġixxu lill-Istati Membri biex itejbu t-traspożizzjoni tal-liġijiet b'mod korrett u f'waqtu, sabiex jiġi żgurat li l-istess regoli japplikaw fl-Unjoni kollha;

62. Jappella biex ir-rwol tal-Parlament jissaħħaħ fl-oqsma tal-applikazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-leġislazzjoni tas-suq waħdieni; iqis li r-rwol imtejjeb tal-PE u tal-parlamenti nazzjonali skont it-Trattat ta' Liżbona jrid iġib miegħu sinerġiżmu aħjar bejn iż-żewġ livelli parlamentari;

63. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw koordinazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki aħjar fis-suq waħdieni, b'mod partikolari permezz tas-sistema ta' tagħrif tas-suq intern u t-taħriġ ta' speċjalisti tas-suq waħdieni u l-ħarsien tal-konsumatur fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

64. Jinsisti li l-Kummissjoni tiżgura: skrutinju indipendenti tal-proposti regolatorji fir-rigward tal-kwalità tagħhom; l-adozzjoni ta' mekkaniżmi ex-ante u ex-post biex tiġi aċċertata l-effikaċja tal-leġislazzjoni; l-użu ta' punti ta' riferiment marbuta mal-aħjar prattiki internazzjonali; l-użu ta' valutazzjoni tal-konformità biex jitkejjel l-impatt soċjali, ambjentali u ekonomiku kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;

*Miżuri meħtieġa biex iċ-ċittadini u l-SMEs ikunu informati u mogħtija s-setgħa b'mod aktar effikaċi fis-suq waħdieni*

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni mmirata li tiffoka fuq il-problemi ta' kuljum li ċ-ċittadini jiltaqgħu magħhom meta jmorru joqogħdu u jibdew impjieg fi Stat Membru ieħor, speċjalment meta jagħmlu transazzjonijiet transkonfinali, jiċċaqalqu, jixtru jew ibigħu minn fruntiera għal oħra, u l-istandards soċjali, ta' saħħa, ta' ħarsien tal-konsumatur u protezzjoni ambjentali li jistgħu jserrħu fuqhom; iqis li din l-istrateġija ta' komunikazzjoni għandha tinkludi espressivament metodi għas-soluzzjoni ta' problemi bħalma hu s-Solvit;

66. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li l-istandards użati għall-prodotti fi ħdan is-suq waħdieni jsiru l-istandard globali prinċipali, u b'hekk ikunu żgurati kundizzjonijiet indaqs għall-kumpaniji Ewropej, u b'mod partikolari l-SMEs, li jkunu jixtiequ joperaw lil hinn mis-suq waħdieni;

67. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tippjana l-attivitajiet annwali tagħha, tiffoka fuq il-prijoritizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni relatata mas-suq waħdieni li tkun "favur il-konsumatur" u li tagħmel differenza fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; jemmen li din il-prijoritizzazzjoni trid tiġi segwita b'kampanji ta' tagħrif adegwati sabiex jissaħħu l-perċezzjonijiet taċ-ċittadini dwar is-suq waħdieni;

68. Itenni li huwa importanti li paripassu mal-attivitajiet emblematiċi tal-istil ta' "kampanja ta' pubbliċità" tal-istituzzjonijiet tal-UE jew ir-relazzjonijiet pubbliċi deċentralizzati tal-Istati Membri, jitmexxew miżuri li jassoċjaw b'mod aħjar il-partijiet interessati lokali u l-midja nazzjonali, reġjonali u lokali (filwaqt li jiġu enfasizzati b'mod speċjali l-midja lokali), li huma aktar iffokati fuq il-problemi ta' kuljum li jesperjenzaw il-konsumaturi fis-suq waħdieni (eżempji ta' tariffi bankarji fi Stat Membru ieħor, studju dwar il-possibilitajiet ta' tibdil tal-operatur, paraguni tal-ispejjeż tat-telefonija, eċċ.);

69. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi serje regolari ta' studji li jesploraw ir-relazzjoni bejn is-suq waħdieni u ċ-ċittadin Ewropew medju, li jkunu jiffokaw b'mod partikolari fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji li joħorġu minn din ir-relazzjoni, kif ukoll l-isfidi ta' kuljum li huma jiffaċċjaw;

70. Jistieden lill-Istati Membri, biex bl-għajnuna tal-Kummissjoni jtejbu l-kapaċità ta' mekkaniżmi li jsovu l-problemi, b'mod partikolari s-SOLVIT, billi jallokaw aktar riżorsi finanzjarji u umani u billi jeżaminaw mill-ġdid il-mandat tagħhom sabiex jiżguraw li dawn il-mekkaniżmi jkunu jistgħu jindirizzaw b'mod effikaċi l-firxa wiesgħa ta' problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini u n-negozji; jistieden lill-Kummissjoni biex tlesti l-proġett tas-servizzi ta' assistenza għas-suq waħdieni bħala kwistjoni ta' prijorità, sabiex iċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess faċli għat-tagħrif u l-iggwidar li jeħtieġu, filwaqt jsibu soluzzjonijiet għall-problemi li jiffaċċjaw;

71. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, biex jibqgħu għaddejjin bl-isforzi tagħhom u jżiduhom, permezz ta' kampanji ta' tagħrif u kontrolli aktar stretti, fit-tisħiħ tal-fiduċja taċ-ċittadini fil-marka tas-CE, għodda fundamentali biex ikunu żgurati d-drittijiet tal-konsumatur u l-istandards ta' kwalità fis-suq waħdieni;

72. Jenfasizza r-rwol ewlieni li jwettaq l-"Enterprise Europe Network" billi jagħmilha possibbli għall-SMEs li jagħmlu użu tal-opportunitajiet offruti mis-suq waħdieni; jenfasizza li l-obbligi burokratiċi jirrikjedu riżorsi importanti u minħabba f'hekk iżommu milli jkun hemm fokus aktar qawwi fuq il-ħidma ewlenija tal-"Enterprise Europe Network" li jipprovdi appoġġ imfassal apposta għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel aktar użu tal-"Enterprise Europe Network" għad-distribuzzjoni ta' tagħrif b'miri speċifiċi u biex tnaqqas il-burokrazija għas-sħab tal-"Enterprise Europe Network";

*Rapporti u proposti strateġiċi*

73. Jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li l-istrateġija għas-suq waħdieni għandu jkollha erba' stadji: l-ewwel li tinkludi valutazzjoni jew kontroll tas-saħħa tas-sitwazzjoni attwali biex jiġi eżaminat il-grad ta' tgħawwiġ u pressjoni li d-diversi partijiet li għandhom interess fis-suq waħdieni sofrew, notevolment minħabba l-kriżi; it-tieni biex tara t-tnedija ta' proċess ta' konsolidazzjoni li jorbot it-truf maħlula; it-tielet biex iġġib żvilupp u titjib tas-suq waħdieni; u r-raba' biex tikkonċentra fuq viżjoni iktar fit-tul tas-suq (l-Istrateġija UE 2020);

74. Jemmen li kemm is-servizzi finanzjarji kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament iridu jkunu parti mill-istrateġija UE 2020.

75. Jissuġġerixxi li fl-ewwel stadju tal-kontroll tas-saħħa msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni għandha tmexxi verifika finanzjarja tal-baġit tal-UE u talloka bħala prijorità aktar fondi bħala investimenti fl-edukazzjoni, l-innovazzjoni u r-riċerka; jistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-istess prijoritajiet fl-infieq tal-baġit tagħhom;

76. Jemmen li, biex jiġi stabbilit Suq Waħdieni effikaċi, il-Kummissjoni trid tipproduċi ġabra ċara ta' prijoritajiet politiċi permezz tal-adozzjoni ta' "Att dwar is-Suq Waħdieni", li għandu jkopri kemm l-inizjattivi leġiżlattivi u kemm dawk mhux leġiżlattivi u li jkun intenzjonat biex joħloq suq soċjali u ekonomija ħadra kompetittivi ħafna;

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

77. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta "l-Att" sa Mejju 2011 – ferm qabel l-20 anniversarju tal-Programm għal Suq Waħdieni tal-1992 – biex iċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-SMEs jitqiegħdu fil-qalba tas-suq waħdieni; jenfasizza li għandu jitqies bħala pjan dettalljat għal azzjoni fil-ġejjieni jekk għandna niksbu ekonomija tas-suq li tkun ibbażata fuq l-għerf, kompetittiva ħafna, soċjali, ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u ħadra li tiżguraw wkoll kundizzjonijiet li kredibbilment ikunu ndaqs għal kulħadd;

78. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-"Att dwar is-Suq Waħdieni" tinkorpora miżuri speċifiċi li jkunu indirizzati biex, imma mhux limitati għal:

— iqiegħdu l-interessi tal-konsumatur imsemmijin fl-Artikolu 12 Trattat FUE u l-politika soċjali bbażata fuq l-Artikolul 9 Trattat FUE fil-qalba tas-suq waħdieni;

— ipoġġu lis-suq waħdieni f'kundizzjoni tajba għall-ġejjieni billi jtejbu l-aċċess tal-konsumatur u l-SMEs għall-kummerċ elettroniku u s-swieq diġitali;

— jappoġġaw il-ħolqien ta' suq waħdieni sostenibbli bbażat fuq l-Artikolu 11 Trattat FUE permezz tal-iżvilupp ta' ekonomija inklussiva, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, ħadra u bbażata fuq l-għerf, flimkien ma' miżuri biex titmexxa l-quddiem kwalunkwe innovazzjoni f'teknoloġiji aktar ġodda;

— jiżguraw il-protezzjoni tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fuq il-bażi tal-Artikolu 14 Trattat FUE u l-Protokoll 26;

— joħolqu strateġija għal komunikazzjoni aħjar tal-benefiċċji soċjali tas-suq waħdieni;

79. Jistieden lill-Kummissjoni, fit-tħejjija tal-"Att dwar is-Suq Waħdieni", biex tqis il-konsultazzjonijiet u r-rapporti tad-diversi istituzzjonijiet tal-UE (UE 2020, ir-rapporti Monti, Gonzales u IMCO, eċċ.), u biex tniedi konsultazzjoni pubblika estensiva addizzjonali, bil-għan li titressaq proposta għal politika koordinata għal suq waħdieni aktar koerenti u vijabbli;

80. Jirrakkomanda li ssir analiżi biex jiġu identifikati l-modi u l-mezzi għall-integrazzjoni tal-interess tal-konsumatur fil-politiki relevanti tal-UE, biex b'hekk il-protezzjoni tal-konsumatur awtomatikament ikollha post prominenti fit-tfassil tal-leġislazzjoni relevanti tal-UE;

81. Itenni l-importanza tad-Direttiva dwar is-Servizzi fit-tlestija tas-suq waħdieni u l-potenzjal enormi li għandha biex tipprovdi benefiċċji għall-konsumaturi u l-SMEs; jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' din il-leġiżlazzjoni tirrikjedi impenn u appoġġ politiċi sostnuti mill-atturi kollha fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali; jistieden lill-Kummissjoni biex, wara l-fażi ta' implimentazzjoni, twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi biex tistabbilixxi jekk laħqitx l-għanijiet ewlenin tagħha; jitlob li jkun hemm involviment ċar tal-Parlament Ewropew f'din il-ħidma u jinsisti fuq il-bżonn li jiġi preżervat il-bilanċ bejn il-ħtieġa li jittejjeb is-suq waħdieni fis-servizzi waqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni soċjali;

82. Jikkonsidra li implimentazzjoni xierqa tal-leġislazzjoni dwar is-suq waħdieni (eż. id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, id-Direttiva dwar is-Servizzi u r-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Swieq) għandha tibqa' l-ogħla prijorità għall-Kummissjoni l-ġdida;

83. Jinnota li l-mekkaniżmi ta' rimedju applikabbli fl-Unjoni taw riżultati limitati u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, sa Mejju 2011, tressaq proposta leġislattiva biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' sistema ta' rimedju kollettiv li tkun għall-but ta' kulħadd, espedjenti u aċċessibbli fl-Ewropa kollha kemm hi;

84. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-adozzjoni ta' "Karta għaċ-ċittadini" li tkun tħaddan l-aspetti diversi tad-dritt li wieħed jgħix u jaħdem kullimkien fl-UE; isostni li dan id-dritt irid ikun faċilment disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jenfasizza li fis-suq waħdieni għad fadal ċerti restrizzjonijiet fil-qasam tax-xogħol għall-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda; jistieden lill-Istati Membri biex, waqt li jqisu l-effetti pożittivi u negattivi kollha tal-ftuħ tas-swieq nazzjonali, jikkunsidraw li jneħħu r-restrizzjonijiet eżistenti;

85. Jistieden lill-Kummissjoni biex, waqt il-leġiżlatura parlamentari attwali, tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill proposta għal regolament dwar Statut Ewropew għas-Soċjetajiet u l-Assoċjazzjonijiet Mutwi;

86. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi li hemm bżonn biex, mill-aktar fis possibbli, tipproponi studju dwar il-fattibilità u proċess ta' konsultazzjoni maħsuba biex iwasslu għall-introduzzjoni ta' Statut Ewropew għas-Soċjetajiet Mutwi;

87. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka aktar mill-qrib fuq il-monitoraġġ tas-suq, speċjalment fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji, l-assigurazzjoni, it-telefonija, is-servizzi bankarji u l-utilitajiet, u jemmen li l-monitoraġġ effettiv tas-swieq se jsaħħaħ il-kompetizzjoni ġusta u jżid l-effiċjenza tagħhom, biex b'hekk jibbenefikaw kemm l-ekonomija kif ukoll il-konsumaturi;

88. Hu tal-fehma li l-kwalità tal-protezzjoni tal-konsumatur fis-settur tas-servizzi finanzjarji tirrikjedi titjib konsiderevoli, speċjalment fir-rigward tal-aspetti ta' monitoraġġ u sorveljanza;

89. Isostni li żvilupp sostenibbli kontinwu tas-suq intern jiddependi minn: (1) l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni rigward l-inizjattivi kollha tas-suq meħtieġa biex iqanqlu u jtejbu b'mod sinifikanti l-pożizzjoni u l-vantaġġ kompetittiv tagħna fis-suq globali; (2) l-adozzjoni ta' qafas ġenerali biex jiġi żgurat li s-suq waħdieni tabilħaqq jagħti riżultati lill-partijiet interessati kollha; u, fundamentalment, (3) il-fatt li s-suq waħdieni jilħaq ukoll liċ-ċittadini;

*

* *

90. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet Ewropej

P7_TA(2010)0187

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar id-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji: sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet Ewropej (2009/2099(INI))**

(2011/C 161 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kumissjoni tat-2 ta' April 2009 bl-isem "Sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet: il-Forum tal-UE għad-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji" (COM(2009)0158),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2006 bl-isem "Inwasslu għar-Riżultati tal-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet: l-Edukazzjoni, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni" (COM(2006)0208),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza maħruġa wara l-Kunsill Ewropew ta' Lisbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza maħruġa wara l-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008, b'mod partikolari l-parti dwar "investiment fin-nies u mmodernizzar tas-swieq tax-xogħol",

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza maħruġa wara l-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2009, b'mod partikolari l-parti dawr "l-użu sħiħ tal-Istrateġija mġedda ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi",

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2007 dwar kompetenzi ġodda għal impjiegi ġodda ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2008 bl-isem "It-tagħlim għall-adulti: qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem" ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bolonja u l-mobilità tal-istudenti ([4]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Diċembru 2009 dwar id-djalogu bejn l-universitajiet u n-negozji ([5]) u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2009 ([6]),

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament Ewropew bl-isem "L-iżvilupp ulterjuri tad-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0108/2010),

A. billi l-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2009 stieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu s-sħubijiet bejn in-negozji, ir-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ,

B. billi l-Komunikazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-edukazzjoni għolja, tat-28 u d-29 ta' April 2009, li titlob lill-politiki pubbliċi 'jirrikonoxxu bis-sħiħ il-valur ta' diversi missjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li jvarjaw mit-tagħlim u r-riċerka għas-servizz mogħti lill-komunità u li jinkludu wkoll l-impenn għall-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp kulturali',

C. billi l-universitajiet, fid-dawl tal-irwol triplu tagħhom (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni), għandhom irwol essenzjali għall-futur tal-Unjoni u tat-taħriġ taċ-ċittadini tagħha u billi huwa importanti li wieħed ifakkar li l-irwol tat-tagħlim fil-livell superjuri huwa li joffri ambjent ta' tagħlim li jiffavorixxi –l-awtonomija, il-kreattività u l-valorizzazzjoni tal-kompetenzi,

D. billi r-responsabbiltà għad-definizzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni tibqa' kompitu tal-Istati Membri, li huma responsabbli għall-organizzazzjoni, il-kontenut u r-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom,

E. billi d-differenzi fil-livell ekonomiku u soċjali tal-abitanti ta' partijiet differenti tal-Ewropa jitolbu għall-opportunitajiet indaqs għall-edukazzjoni għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea u jappoġġjaw liż-żgħażagħ li huma ifqar u li għandhom talent,

F. billi minħabba l-kriżi ekonomika kontinwa, li qed twassal għal telf ta' impjiegi, hu importanti li jkun hemm kooperazzjoni effettiva ħafna bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla u n-negozji,

([1]) ĠU C 290, 4.12.2007, p. 1.
([2]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([3]) Testi adottati, P6_TA(2008)0013.
([4]) Testi adottati, P6_TA(2008)0423.
([5]) CdR 157/2009 finali.
([6]) SOC/347.

G. billi huwa urġenti li jiġi implimentat, ikkoordinat u promoss approċċ koerenti fost il-pajjiżi kollha li ffirmaw il-Proċess ta' Bolonja, speċjalment fil-qasam tal-mobbiltà tal-istudenti u r-rikonoxximent sħiħ tal-kwalifiki u billi dan jeħtieġ evalwazzjoni xierqa tal-proċess imsemmi li jidentifika d-diffikultajiet u l-ostakli,

H. billi l-Kummissjoni Ewropea għandha rwol importanti fil-faċilitazzjoni tal-iskambji tal-informazzjoni u tal-prattiki tajbin fost l-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien tal-UE,

I. billi l-firxa mżewqa ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, ċrieki tan-negozju u tipi ta' kooperazzjoni tagħmilha diffiċli li jsir qbil dwar mudell ideali tal-kooperazzjoni li jaqdi l-profil, il-prijoritajiet u r-rekwiżiti ta' kull istituzzjoni fl-Ewropa, billi l-awtononija tal-universitajiet u tal-fakultajiet tagħhom li jagħżlu l-mudelli ta' sħubija man-negozji li jwieġbu l-aħjar għall-objettivi tagħhom għandhom ikunu miżmuma fiċ-ċirkustanzi kollha,

J. billi l-edukazzjoni hija missjoni li s-soċjetà kollha kemm hi hija responsabbli minnha u, għalhekk l-Istat m'għandux jaħrab mir-responsabilitajiet finanzjarji tiegħu,

K. billi l-edukazzjoni għolja tibqa' responsabilità pubblika u billi għalhekk il-finanzjament pubbliku tal-universitajiet huwa kruċjali biex jiġi assigurat finanzjament ġust għall-oqsma kollha, pereżempju l-istudji letterarji, billi huwa importanti li l-universitajiet jingħataw l-appoġġ finanzjarju (pereżempju permezz ta' sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat), filwaqt li fl-istess ħin tiġi ggarantita l-awtonomija u l-assikurazzjoni tal-kwalità tagħhom,

L. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ, li għandhom jippermettu li tinkiseb il-bażi fundamentali tal-kulturi ġenerali u ċivili, huma mezzi eċċelenti biex jgħinu lir-reġjuni sottożviluppati biex jirkupraw, u apparti l-ħolqien tal-impjiegi u l-promozzjoni tal-kompetittività, huma essenzjali għall-pluralità kulturali u intelletwali u l-ħajja ċivili,

M. billi l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji hija mirfuda minn bosta programmi tal-UE, imma l-azzjonijiet ta' dan it-tip mhux dejjem ikunu kkoordinati fost l-istituzzjonijiet,

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija hawn fuq bl-isem "Sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet tal-Ewropa: Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji", u l-oqsma li tipproponi biex tiffoka l-kooperazzjoni fil-ġejjieni;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, li tiżen l-ewwel tliet snin ta' ħidma tal-Forum tal-UE għad-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji u li tistabilixxi l-isfidi għall-futur, bħalma huwa l-appoġġ għall-innovazzjoni, il-promozzjoni tar-riċerka, il-ħolqien tal-intraprenditorija, it-tisħiħ tat-trasferiment tal-għarfien u t-tħajjir ta' riċerkaturi żgħażagħ lejn is-suq tax-xogħol Ewropew;

3. Jirrikonoxxi li l-isfidi identifikati fil-komunikazzjoni mhumiex ġodda, u li s'issa ma ġewx indirizzati b'suċċess; jemmen, madankollu, li d-djalogu u l-kollaborazzjoni kontinwi, f'livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattika dwar programmi u istrumenti, huma essenzjali għall-ħolqien ta' rabtiet u sħubijiet eqreb bejn l-università u l-komunitajiet tan-negozju, sabiex b'hekk jingħelbu l-ostakli kulturali, istituzzjonali u operattivi li jista' jkun hemm bejniethom, kif ukoll tingħata għajnuna għall-ħolqien ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien, għall-iżvilupp ta' riċerka applikata u għat-titjib tal-prospetti tas-suq tal-impjiegi għall-gradwati;

4. Jirrikonixxi l-fatt li hemm differenzi kbar fost l-universitajiet Ewropej fir-rigward tad-daqs, tar-riżorsi, tad-dixxiplini, tal-organizzazzjoni, tan-nazzjonalità u tat-tip tagħhom; jemmen, madankollu, li kull waħda minnhom tista' tibbenefika individwalment minn kollaborazzjoni mal-komunità tan-negozju, sakemm ikun hemm għarfien ċar tal-kuntest reali li fih huma żviluppati l-kapaċitajiet tagħhom għar-riċerka u l-edukazzjoni; huwa tal-fehma li qed jingħata kontribut ewlieni għall-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u l-komunità tan-negozju wkoll fil-livell reġjonali;

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

5. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri Ewropej responsabbli mill-edukazzjoni għolja, tat-28 u d-29 ta' April 2009, li tenfasizza l-impenn tagħhom biex jilħqu l-għanijiet taz-zona Ewropea tal-edukazzjoni għolja, zona fejn l-edukazzjoni għolja hija responsabilità pubblika u fejn l-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni sekondarja huma attenti għall-ħtiġijiet tas-soċjetà b'mod ġenerali permezz tad-diversità tal-missjonijiet tagħhom;

6. Japprova l-fehma li d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jibqgħu prijoritajiet fil-ġejjieni qrib, bl-istess mod li d-djalogu u l-koperazzjoni mas-setturi l-oħra kollha tas-soċjetà, sabiex il-partijiet jistgħu jibbenefikaw minn għarfien kulturali, xjentifiku u tekniku, magħmul u mferrex fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja; jenfasizza b'mod parallel f'dan il-kuntest li l-indipendenza intellettwali u finanzjarja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fir-rigward tal-intrapriżi għandha tkun miżmuma u m'għandhiex ikollha relazzjoni ġerarkika bejn l-edukazzjoni għolja u n-negozji; jenfasizza li l-universitajiet għandhom fiċ-ċirkustanzi kollha jżommu l-awtonomija biex jiddeċiedu dwar il-kurrikulu u lill-istrutturi tal-governanza;

7. Jitlob għall-għarfien u azzjoni konkreta fl-Istati Membri fejn il-qafas legali u finanzjarju għadu jonqos milli jippremja jew jista' saħansitra jtellef l-isforzi tal-universitajiet milli jikkoperaw mas-settur tan-negozju;

8. Jenfasizza li d-djalogu università–negozju m'għandux ikun limitat għas-setturi tal-matematika, tax-xjenza u tat-tekniki biss iżda għandu jikkonċerna wkoll l-oqsma kollha, pereżempju l-istudji letterarji;

9. Iqis li huwa neċessarju li jissaħħu kemm l-interdixxiplinarità u t-transdixxiplinarità tal-programmi ta' edukazzjoni u riċerka u kemm il-koperazzjoni bejn l-universitajiet u li, minn din il-perspettiva, l-ICT huma għodda essenzjali;

10. Jitlob għal titjib tal-prestazzjoni tal-universitajiet Ewropej permezz tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-triangolu tal-għarfien 'riċerka-edukazzjoni-innovazzjoni', fil-qies tal-ħtieġa għal rabtiet aqwa bejn in-negozji u l-universitajiet, hekk kif jagħtu eżempju l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjon (KICs) tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u fl-istess waqt, jinkoraġġixxi lill-universitajiet biex jinkludu l-ambjent ekonomiku u soċjali fl-attività ewlenija tagħhom fl-ambitu tal-programmi tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni;

11. Jenfasizza li djalogu u kollaborazzjoni mtejba bejn l-universitajiet u n-negozji jagħtu opportunitajiet ħalli jinkisbu benefiċċji reċiproki li mhux biss jistimulaw tkabbir ekonomiku, iżda huma wkoll ta' siwi f'sens soċjali iwsa' billi jikkontribwixxu għat-titjib kostanti ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien;

12. Jenfasizza li l-benefiċċji ta' djalogu u kollaborazzjoni mtejba bejn l-universitajiet u n-negozji jkunu daqstant rilevanti f'termini tat-titjib tad-djalogu u tal-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll fit-titjib tal-interazzjoni bejn l-universitajiet u s-soċjetà in ġenerali;

13. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex, flimkien mas-settur privat, jissoktaw fl-esplorazzjoni u fil-finanzjament ta' proċessi għat-titjib tal-interazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozju u għat-tneħħija tal-ostakli amministrattivi li jxekkluhom jinnota li r-regolament dwar il-Fond Strutturali jagħti l-possibilità ta' finanzjament ta' miżuri ta' appoġġ għall-SMEs fuq l-istess linji tas-sistema ta' vawċers ta' għarfien li jintużaw bħalissa f'għadd ta' Stati Membri;

14. Jipproponi li tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għar-riċerka universitarja, billi fl-istess waqt jiżdiedu l-finanzjamenti pubbliċi u jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi;

15. Jenfassizza l-ħtieġa li l-ħidma investigattiva u ta' riċerka tingħata prestiġju u motivazzjoni, mhux biss fl-oqsma xjentifiċi u tekniċi iżda wkoll fl-oqsma tax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi li jikkostitwixxu minjiera ta' għarfien ta' kwalità għall-attivitajiet kummerċjali ewlenin;

16. Jappoġġja r-rwol tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jagħmlu xogħol ta' riċerka billi jqisu prijoritarju fir-rigward tan-networks ta' eċċellenza bbażati fuq proġetti integrati kbar;

17. Jappella lill-intrapriżi u lill-universitajiet biex jikkoperaw biex jirrimedjaw għat-tqassim inugwali tal-irġiel u n-nisa f'ċertu setturi tal-università;

***Tagħlim tul il-Ħajja***

18. Ifakkar fl-importanza tad-definizzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja u tal-bosta kunċetti li tkopri, mill-edukazzjoni ġenerali għall-edukazzjoni nonformali u informali utli għall-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ kontinwu fil-ħajja ekonomika, soċjali, kulturali, u ċivika;

19. Jenfasizza li, billi t-tagħlim tul il-ħajja li jagħti aċċess kostanti mhux biss għall-edukazzjoni u t-taħriġ iżda wkoll għall-kultura, huwa kruċjali li l-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi li l-Istati jappoġġjaw, u li l-universitajiet pubbliċi jħarsu u jiżviluppaw, l-inklużjoni tal-istudji artistiċi fil-programmi edukattivi;

20. Ifakkar li wieħed mill-messaġġi ewlenin huwa li jogħla l-livell tal-investiment fir-riżorsi umani tal-Ewropa, biex nagħtu l-prijorità lill-aktar assi importanti tal-UE – niesha, li jistgħu jadottaw għaċ-ċirkostanzji dejjem jinbidlu tas-suq tax-xogħol;

21. Jinnota l-ħtieġa li l-opportunitajiet tat-tagħlim tul il-ħajja jkunu jikkorrispondu kemm jista' jkun mal-ħtiġijiet tal-individwi, u jenfasizza li t-tibdil kostanti ta' dawk il-ħtiġijiet jagħmel it-tagħlim tul il-ħajja ħtieġa inevitabbli u għalhekk huwa partikolarment attent għall-isfidi li jirriżultaw fil-livell soċjali u finanzjarju; ifakkar li m'għadhiex tgħodd l-idea ta' "impjieg wieħed tul il-ħajja" u li t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid huma essenzjali; itenni li jeħtieġ jinħolqu kundizzjonijiet adegwati biex titrawwem attitudni pożittiva fir-rigward tat-tagħlim mit-tfulija;

22. Jenfasizza li l-edukazzjoni, l-informazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajjja, minbarra li huma vantaġġi partikolarment importanti għas-suq tax-xogħol, jipprovdu wkoll prekundizzjoni għall-iżvilupp u għall-iżvilupp mentali u l-iżvilupp personali sħiħ tal-individwu;

23. Jenfasizza kemm huwa importanti li jinħolqu u jiġu promossi metodi moderni ta' taħriġ tul il-ħajja permezz tal-Internet biex it-taħriġ isir strument aktar dirett u li jeħtieġ inqas ħin għall-persunal tal-intrapriżi;

24. Fid-dawl tat-trasformazzjoni demografika tal-Ewropa (f'soċjetà li qed tixjieħ) u tat-trasformazzjoni fis-suq tax-xogħol minħabba l-kriżi ekonomika, soċjali u tal-impjiegi, jistieden lill-universitajiet biex ikabbru l-aċċess għat-tagħlim u jimmodernizzaw il-programmi tagħhom billi jiffukawhom iktar fuq l-isfidi l-ġodda sabiex itejbu l-kompetenzi tal-impjegati Ewropej;

25. Wara li kkunsidra wkoll il-fatt li l-edukazzjoni hija wieħed mill-mezzi l-aktar importanti u l-aktar effikaċi ta' integrazzjoni soċjali u għall-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi, jappella lill-universitajiet biex iwessgħu l-aċċess għat-tagħlim u għall-programmi ta' skambju internazzjonali għall-persuni b'diżabilità;

26. Itenni l-importanza tat-trażmissjoni u l-iskambju tal-għarfien, ħiliet u esperjenza miksuba mill-adulti, bħala mezz li bih il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ jiġu ggwidati fis-suq tax-xogħol (pereżempju permezz ta' skemi ta' "mentoring");

27. Jipproponi li jintużaw aktar il-metodi edukattivi l-ġodda, bħalma huma t-tagħlim sperimentali, it-tagħlim b'distanza, it-taħriġ online u forom oħra mhallta ta' tagħlim;

28. Jenfasizza li jeħtieġ li tiġi stabbilita, promossa u mseddqa kultura msaħħa ta' tagħlim u li t-taħriġ kontinwu u t-taħriġ mill-ġdid fl-istadji kollha tal-ħajja huwa ta' importanza kritika għall-kompetittività tal-Ewropa u biex jiġu mħeġġa t-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun stimulat iktar l-adattament kontinwu għall-bdil fis-suq tax-xogħol – li hu ta' prijorità għall-Unjoni Ewropea, speċjalment fir-riċessjoni attwali – billi jitrawwem it-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' korsijiet ta' tagħlim b'distanza adattati b'mod speċjali għat-teknoloġiji l-ġodda u għal korsijiet għal dawk ta' aktar minn 45 sena, li huma aktar vulnerabbli u f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali;

30. Iħeġġeġ lin-negozji biex iħeġġu iktar lill-impjegati tagħhom biex jitħarrġu billi jinkoraġġixxu, pereżempju, l-organizzazzjoni ta' seminars regolari u l-iffinanzjar ta' studji post-universitarji;

31. Jissuġġerixxi approċċ ġdid għall-gwida tul il-ħajja, li permezz tiegħu l-universitajiet, l-istudenti u l-oqsma ekonomiċi u soċjali bid-diversitajiet kollha tagħhom jibbenefikaw billi jsegwu aktar mill-qrib lill-gradwati żgħażagħ biex jivvalutaw l-utilità soċjali u ekonomika tal-programmi tal-edukazzjoni;

32. Ifakkar fil-ħtieġa li t-tagħlim virtwali jkompli jsir aktar attraenti u aċċessibbli;

***Mobbiltà, sħubijiet u kurrikulu***

33. Itenni li l-mobbiltà hija ġebla tax-xewka tal-qasam Ewropew tal-edukazzjoni għolja, li fih l-universitajiet Ewropej huma mistiedna jwettqu riforma innovattiva, wiesgħa u metodika tal-kurrikulu; jenfasizza li dan għandu jkun prijorità politika fil-kuntest tar-ridefinizzjoni tal-għanijiet ewlenin tal-Proċess ta' Bolonja lil hinn mill-2010;

34. Jenfasizza li l-mobbiltà bejn il-pajjiżi u bejn l-universitajiet u n-negozji hija fattur ewlieni fl-ilħiq ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn iż-żewġ dinjiet;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas legali maħsub biex jappoġġa u jiffaċilita l-mobbiltà bejn l-universitajiet u n-negozji, u bejn l-istudenti u l-lekċerers tal-università, u biex tenfasizza l-ħtieġa li din is-sura ta' tagħlim tkun rikonoxxuta u ċċertifikata;

36. Jenfasizza mhux biss l-estensjoni u l-espansjoni ta' skemi individwali ta' mobilità bħall-Erasmus għal Intraprendituri Żgħażagħ u l-Erasmus għall-Apprendisti, iżda wkoll l-organizzazzjoni ta' programmi post-lawrja "European Masters of Excellence", b'kooperazzjoni ma' universitajiet differenti u bis-sehem attiv tan-negozji, flimkien ma' boroż ta' studju għall-istudenti u inċentivi għar-riċerkaturi; jemmen li dawn l-inizjattivi jistgħu jservu għat-temma tal-miri ta' mobilità, ta' tagħlim tal-lingwa u tal-kisba ta' esperjenza multikulturali u intraprenditorjali;

37. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istabbilimenti tal-edukazzjoni għolja jżidu l-possibilitajiet, apparti dawk universitarji, ta' tagħlim ta' lingwi oħra, fid-dawl tal-fatt li l-akkwist ta' lingwi ġodda huwa vitali biex inġibu 'l quddiem u ninkoraġġixxu l-mobbiltà u l-iskambju tal-istudenti, ir-riċerkaturi, l-għalliema u l-impjegati tan-negozji;

38. Iħeġġeġ lill-universitajiet biex ifittxu metodi ġodda ta' koperazzjoni bejn l-istabbilimenti pubbliċi u s-settur privat, speċjalment permezz tal-ħolqien ta' fondi komuni ta' innovazzjoni pubbliċi u privati sabiex tittejjeb il-mobilità fis-setturi kollha;

39. Jenfasizza l-vantaġġi importanti li l-istudenti jistgħu jieħdu mill-ksib ta' kompetenzi fil-qasam tat-teknoloġiji l-ġodda, li jżidu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tal-impjiegi;

40. Wara li kkunsidra prattiki tajba fis-seħħ fil-qasam tat-tagħlim f'pajjiżi oħra, jissuġġerixxi li pajjiżi lil hinn mill-UE jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-forum tal-UE biex jaqsmu u jiddibattu l-esperjenzi u l-ħsibijiet tagħhom, fejn dawn id-dibattiti għandhom jibbażaw fuq miri, terminoloġija u kunċetti definiti u jiffukaw fuq oqsma speċifiċi tal-attività;

41. Jenfasizza l-ħtieġa li l-għalliema inkarigati mill-korsijiet ta' tagħlim fil-qasam tal-intraprenditorija jiġu ppreparati u mħarrġa b'mod adegwat; jappoġġa l-idea li l-kultura tal-intraprenditorija tiddaħħal fil-kurrikulu (b'bidu minn dak tal-primarja);

42. Iħeġġeġ lid-dinja tan-negozju biex tieħu sehem attiv fit-tfassil tal-materjal edukattiv dwar kif jiffunzjonaw l-attivitajiet tal-intraprenditorija, li għandu jkun disponibbli għal-livelli kollha tal-edukazzjoni, bl-istituzzjonijiet ta' tagħlim ikunu ħielsa biex jiddeċiedu jekk jużawhx jew le, u biex tippreżenta fuq bażi regolari l-opportunitajiet tal-impjieg li jistgħu joffru lill-Istudenti;

43. Iħeġġeġ lid-dinja tan-negozju biex tgħin biex tadatta l-kurrikulu tal-università, billi tagħti bidu u tiffinanzja korsijiet speċifiċi, bil-għan li l-istudenti jiffamiljarizzaw rwieħhom mal-isfidi tal-intraprenditorija;

44. Jitlob li tiġi studjata u mħeġġa l-integrazzoni tal-lekċerers tal-università fl-intrapriżi u, b'analoġija, dik tal-intraprendituri fl-universitajiet;

45. Jenfasizza l-importanza tat-teknoloġiji l-ġodda, li jiffavorixxu l-mobilità u l-koperazzjoni bejn n-negozji, l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi aktar immedjati;

46. Ifakkar li l-intraprenditorija kummerċjali fid-diversi forom tagħha għandha tiġi prevista bħala waħda mill-alternattivi ta' xogħol għall-gradwati żgħażagħ u li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jipprovdu lill-istudenti tagħhom għarfien dettaljat dwar il-forom kollha ta' intraprenditorija, inkluż dwar l-ekonomija soċjali u solidali, kif ukoll kunċetti profondi relatati ma' ġestjoni responsabbli u etika;

47. Jenfasizza li d-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozju għandhom jissejsu fuq ir-reċiproċità, il-fiduċja, ir-rispett reċiproku u t-trasparenza, biex jitħeġġu universitajiet aktar intraprenditorjali u ukoll kumpaniji aktar ibbażati fuq l-għarfien; itenni li dan jista' jinkiseb, pereżempju, bl-introduzzjoni ta' sistema ta' vawċers ta' għarfien bħal dik li bħalissa qed tintuża f'għadd ta' Stati Membri, li tippermetti li l-SMEs b'mod partikulari jtejbu l-kapaċità tagħhom ta' riċerka mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza, l-awtonomija u n-natura pubblika tal-universitajiet;

48. Jirrikonoxxi li l-edukazzjoni u r-riċerka jeħtieġ li jadottaw approċċ aktar multidixxiplinarju għall-għarfien, u għalhekk jemmen li kemm l-universitajiet kif ukoll in-negozju jistgħu jibbenefikaw mill-iżvilupp konġunt ta' ħiliet interdixxiplinarji, multidixxiplinarji u intraprenditorjali u mill-adattament flessibli ta' oqsma ta' studju, speċjalitajiet u speċjalizzazzjonijiet għall-ħtiġiet tal-ekonomja, inklużi dawk ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza l-inizjattivi ta' suċċess bħalma huma l-apprendistati għall-istudenti u l-istaff, l-użu ta' intraprendituri mistiedna bħala professuri, korsijiet paralleli u staff konġunt;

49. Jenfasizza li sabiex jitrawwem spritu ta' intrapriża fost l-istudenti, dawk kollha involuti (staff akkademiku, studenti u nies tan-negozju) għandhom jingħataw informazzjoni adegwata dwar l-għodod u l-mekkaniżmi li jistgħu jużaw biex jiżviluppaw kooperazzjoni aktar effiċjenti, effettiva u ta' benefiċċju reċiproku; jemmen li hu essenzjali li min-naħa l-waħda jittejjeb it-taħriġ għall-istaff akkademiku universitarju f'dan is-settur permezz ta' inizjattivi bħat-tagħlim tul il-ħajja, u li min-naħa l-oħra l-universitajiet jifthu l-bibien tagħhom għan-negozji u għal min jimpjega sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar il-kontenut tat-tagħlim u t-taħriġ, l-għarfien u l-ħiliet li l-istudenti għandu jkollhom;

50. Jirrakkomanda li jiġu mħarsa bis-sħiħ iċ-ċentri universitarji ta' konsulenza dwar il-karriera fil-livell istituzzjonali, li jkomplu jiġu żviluppati u li jkunu marbuta aktar mill-qrib mas-suq tax-xogħol;

51. Jenfasizza l-importanza li jingħataw opportunitajiet biex jagħmlu żminijiet ta' xogħol fil-kumpaniji bħala parti mill-kurrikulu, speċjalment l-istudenti tal-edukazzjoni għolja u billi dawn l-esperjenzi tax-xogħol ikunu kkumensati b'mod finanzjarju jew permezz tas-Sistema Ewropea ta' trasferiment ta' kredtu;

52. Jitlob lill-Kummissjoni biex tniedi pjan għal dottorat tal-UE fl-industrija ibbażat fuq il-mudell tad-dottorati dwar l-industrija li jeżistu fl-UE bħala attivitajiet Marie Curie tal-programm ta' qafas, sabiex jiġu mħeġġa r-riċerka li tkun immirata u li finanzjarjament tkun tista' tintlaħaq mill-intrapriżi Ewropej kif ukoll il-kontributi tas-settur tan-negozju fl-universitajiet Ewropej;

53. Jipproponi li l-assoċjazzjonijiet tax-xogħol jikkoperaw mal-universitajiet biex iħejju programmi effikaċi li jippermettu lill-istudenti jadatttaw irwieħhom malajr għad-dinja tan-negozju;

54. Jenfasizza l-importanza li d-dinja tan-negozju tisponsorja lill-universitajiet u tinkorġġixxi kumpaniji biex jagħtu boros ta' studju sabiex jagħtu l-opportunità lill-istudenti biex jiksbu l-għarfien u l-ħiliet li għandhom valur sostanzjali fuq is-suq tax-xogħol;

55. Jenfasizza l-importanza kbira li jiġu trażmessi lis-soċjetà l-għarfien u r-riżultati li jirriżultaw mill-kollaborazzjoni bejn id-dinja universitarja u dik tan-negozju;

56. Jistieden lill-intrapriżi jsaħħu l-appoġġ tagħhom għat-talent żagħżugħ permezz ta' boroż ta' studju;

***Riċerka***

57. Jenfasizza l-ħtieġa li l-impriżi jkabbru l-kapaċità tagħhom għall-assorbiment ħalli jużaw u jittrasformaw l-għarfien xjentifiku ġġenerat mill-universitajiet biex titrawwem ir-riċerka interna, it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni kontinwa, u biex iħaddnu politika attiva li tikkomunika l-ħtiġiet tagħhom lill-komunità akkademika u biex jirreklutaw gradwati u riċerkaturi f'livell ta' dottorat u ta' post-dottorat;

58. Jenfasizza l-ħtieġa għal staff speċjalizzat fl-istituzzjonijiet ta' riċerka li jkun kapaċi jidentifika u jimmaniġġja riżorsi ta' għarfien b'potenzjal kummerċjali;

59. Jagħti importanza kbira lit-trasferiment tal-għarfien f'ambjent miftuħ; jirrikonoxxi li hemm strumenti differenti sabiex dan isir, bħalma huma l-pubblikazzjonijiet u s-seminars, l-uffiċċji għat-trasferiment tat-teknoloġija, il-kooperazzjoni reġjonali, l-appoġġ għall-istart-ups u għall-ispin-offs, ir-riċerka kollaborattiva u l-mobilità tar-riċerkaturi; jemmen, madankollu, li d-dimensjoni soċjali u umana tal-interazzjoni hija ferm importanti; għalhekk jappoġġa bis-sħiħ l-inizjattivi li jsostnu l-interazzjoni wiċċ imb'wiċċ bejn l-universitajiet u n-negozju, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

60. Jilqa' t-tnedija ta' netwerk uniku Ewropew taċ-ċentri tan-negozju u tal-innovazzjoni, li jinkludi s-servizzi li bħalissa qed jingħataw mill-Euro Info Centres (EICs) u miċ-Ċentri għat-Tixrid tal-Innovazzjoni (IRCs);

61. Iqis li l-mobilità akbar tar-riċerkaturi - kemm fuq perjodu ta' ż-żmien qasir kif ukoll medju, bejn in-nazzjonijiet u bejn id-dinja l-akkademika u n-negozju, bir-rispett dovut għall-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni - hija fundamentali għat-tisħiħ tat-trasferiment tal-għarfien; f'dan is-sens, jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jirrevedu bir-reqqa l-qafas legali u finanzjarju eżistenti u jnaqqsu x-xkiel bla bżonn għall-mobilità, billi tingħata attenzjoni speċjali għar-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u għat-tnaqqis tal-burokrazija żejda; jistieden lill-universitajiet biex jintroduċu possibilitajiet ta' karriera aktar flessibbli u paralleli għall-istaff tagħhom;

62. Iħeġġeġ lill-Kummisssjoni sabiex toħloq inċentivi għall-iżvilupp ta' suq kompetittiv tal-UE għall-jeddijiet ta' proprjetà intellettwali (IPR) li jippermetti lill-universitajiet, lill-organizzazzjonijiet pubbliċi ta' riċerka, u lill-SMEs isibu sħab u investituri għall-IPR, għall-ħiliet u għall-għarfien tagħhom; jindika li l-ġestjoni tal-IPR tista' tkun aktar professjonali f'ħafna universitajiet;

63. Jenfasizza l-ħtieġa li jitħaffu l-isforzi għall-promozzjoni ta' Privattiva Ewropea Unika li tiżgura ħarsien legali irħis, effiċjenti, effettiv u ta' kwalità għolja għall-prodotti u għas-servizzi innovattivi, speċjalment għall-SMEs, u sistema Ewropea armonizzata dwar is-soluzzjoni ta' tilwim dwar il-privattivi;

64. Jindika li l-parteċipazzjoni konġunta tal-universitajiet u n-negozji fi sħubijiet pubbliċi-privati, bħalma huma l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti u l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni, jistgħu jtejbu l-valorizzazzjoni tal-għarfien u jgħinu lill-UE tindirizza l-isfidi maġġuri li qed tiffaċċja; f'dan is-sens, jiġbed l-attenzjoni għal-Linji-Gwida għal Sħubija Responsabbli eżistenti;

65. Filwaqt li jirrikonoxxi li kull kollaborazzjoni teħtieġ approċċ partikolari u li hemm tipi differenti ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, jemmen li wieħed jista' jitgħallem mill-istrutturi, eżempji, dimostrazzjonijiet u mudelli ta' mġiba li rnexxew u li għandu jissaħħaħ it-tixrid tal-eżempji tal-prattika t-tajba u tal-istejjer ta' suċċess u l-aċċess għall-istess; jenfasizza b'mod speċjali l-ħtieġa li jitqiesu l-prattiki t-tajba implimentati minn impriżi innovattivi, kif ukoll l-għarfien miksub bħala parti mis-Sitt Programm ta' Qafas għar-Riċerka fir-rigward tal-formazzjoni kollaborattiva tad-dottorati.

66. Jemmen li jekk għandhom jinstabu rabtiet eqreb bejn il-komunitajiet tan-negozju u tar-riċerka u l-universitajiet, jeħtieġ li l-Istati Membri u l-Ewropa jiffaċilitaw is-sehem konġunt tal-fondazzjonijiet, sptarijiet u universitajiet pubbliċi u privati fil-proċess edukattiv u fil-promozzjoni għar-riċerka;

***Prattiki tajbin***

67. Jinnota u jilqa' l-eżempji ta' prattiki tajbin fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, li juru l-valur ta' dan it-tip ta' kooperazzjoni għal dawk kollha involuti, bil-kunsiderazzjoni li eżempji bħal dawn huma meħtieġa biex jgħinu ħalli jiżviluppaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għad-djalogu u jkattru l-possibiltajiet tas-suċċess;

68. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi inventarju tal-aqwa prattiki, u jistedinha biex dan l-inventarju tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet kollha interessati;

69. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi forom ġodda ta' sħubija strutturata bejn l-intrapriżi, l-universitajiet u setturi oħra ta' tagħlim u ta' taħriġ, b'mod partikolari l-iskejjel sekondarji u l-aġenziji ta' taħriġ professjonali, speċjalment bl-għan li l-għalliema jkunu jistgħu jaġġornaw irwieħhom; iqis li dawn l-isħubiji jistgħu wkoll jipprevedu l-preżenza ta' entitajiet mis-setturi;

70. Jipproponi li jitwaqqaf website bil-għan tal-qsim u t-tixrid tal-esperjenzi u għall-komunikazzjoni ffukata fuq il-qsim tal-prattiki t-tajba u biex kull min iżur is-sit jingħata ispirazzjoni flimkien ma' għodod u mekkaniżmi konkreti biex ifassal u jimplimenta proġetti ta' kooperazzjoni, u jenfasizza l-importanza tal-użu ta' teknoloġiji ġodda biex titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-universitajiet u l-komunitajiet tan-negozju;

71. Isejjaħ, abbażi tal-prattiki tajba fis-seħħ f'ċertu Stati Membri, għall-promozzjoni ta' Jum Ewopew iddedikat għall-inventuri żgħażagħ jew għal- innovazzjonijiet, l-invenzjonijiet jew il-privattivi maħluqa minn żgħażagħ Ewropej;

72. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissokta tippromwovi d-djalogu fil-livell nazzjonali, lokali u reġjonali filwaqt li tiffoka fuq l-aqwa prattiki, filwaqt li jkun opportun li jiġi żgurat li dan id-djalogu jinvolvi lill-partijiet kollha interessati (pereżempju s-sħab soċjali) u l-forom kollha ta' intrapriżi (SMEs, intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, eċċ) iżda wkoll rappreżentanti ta' pajjiżi terzi (NGOs, eċċ.), bil-ħsieb li joħroġ il-valur miżjud soċjali u ekonomiku tal-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ dinjiet tal-università u tan-negozju;

73. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li tiżgura l-konsistenza fost l-azzjonijiet tal-UE u tevita d-duplikazzjoni tal-attivitajiet, biex grupp ta' ħidma mid-Direttorati Ġenerali differenti jivvalutaw u jiżviluppaw is-sinerġiji bejn dan id-djalogu u inizjattivi oħra, fejn id-diskussjonijiet għandhom ikopru sew il-prijoritajiet politiċi kif ukoll l-opportunitajiet ta' finanzjament;

*

* *

74. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

## L-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni

P7_TA(2010)0189

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni (2009/2243(INI))**

(2011/C 161 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titoli XVII, XVIII u XIX ta' dan,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([3]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2007 dwar il-politika reġjonali futura għall-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid tal-għarfien fil-prattika: strateġija għall-innovazzjoni msejsa fuq bażi wiesgħa għall-Ewropa ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali u l-qagħda tad-diskussjonijiet dwar ir-riforma futura tal-politika għall-koeżjoni ([7]),

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
([2]) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.
([3]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15.
([5]) Testi adottati, P6_TA(2007)0184.
([6]) Testi adottati, P6_TA(2007)0212.
([7]) Testi adottati, P6_TA(2009)0163.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar l-aħjar prattiki fil-qasam tal-politika reġjonali u l-ostakli għall-użu tal-Fondi Strutturali ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-24 ta' Marzu 2009 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Fondi Strutturali 2007-2013: ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji ta' koeżjoni nazzjonali u l-programmi operattivi ([2]),

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament Ewropew imsejjaħ "Sinerġiji bejn is-7 Programm Kwadru għar-Riċerka tal-UE, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u l-Fondi Strutturali",

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament Ewropew imsejjaħ "Lejn territorjalizzazzjoni ta' politiki Ewropej ta' Riċerka u Żvilupp u ta' Innovazzjoni",

— wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament Ewropew imsejjaħ "L-appoġġ tal-Fondi Strutturali għall-innovazzjoni – l-isfidi ta' implimentazzjoni għall-2007-2013 u lil hinn minn dan il-perjodu",

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Awwissu 2007 msejħa "Reġjuni Ewropej Kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni – Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb" (COM(2007)0474),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar it-twassil mill-Istati Membri u r-Reġjuni tal-istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi permezz tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, 2007-2013 (COM(2007)0798),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2008 dwar ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 (COM(2008)0301),

— wara li kkunsidra l-20 rapport annwali tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-fondi strutturali (2008) (COM(2009)0617),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2007 dwar reġjuni li qed jimplimentaw l-innovazzjoni permezz tal-Politika ta' Koeżjoni (SEC(2007)1547),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2009 dwar il-konsultazzjoni dwar l-istrateġija futura tal-"UE2020" (COM(2009)0647),

— wara li kkunsidra l-ħames rapport ta' progress tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2008 dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali - Reġjuni li jikbru, Ewropa li tikber (COM(2008)0371) (il-Ħames Rapport ta' Progress),

— wara li kkunsidra s-sitt rapport ta' progress tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali – Reġjuni kreattivi u innovattivi (COM(2009)0295) (is-Sitt Rapport ta' Progress),

— wara li kkunsidra li n-nota tal-Kumitat għar-Riċerka Xjentifika u Teknika (Crest) tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar ir-rapport imsejjaħ "Lessons for R&D policies on the basis of the national reform programmes and the 2006 Progress Reports" (Lezzjonijiet għal politiki tar-riċerka u l-iżvilupp abbażi tal-programmi nazzjonali ta' riforma u r-Rapporti ta' Progress tal-2006) (CREST1211/06),

— wara li kkunsidra l-gwida tal-Kummissjoni msejħa "Reġjuni Ewropej Kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni – Il-Gwida Prattika għall-Opportunitajiet ta' Finanzjament tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Forum Ewropew tal-Istrateġija dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka msejjaħ "Pjan Direzzjonali Ewropew dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka, Rapport 2006",

([1]) Testi adottati, P6_TA(2009)0156.
([2]) Testi adottati, P6_TA(2009)0165.

— wara li kkunsidra r-rapport indipendenti, imħejji fuq talba tal-Kummissjoni, imsejjaħ "Aġenda għal Riformi tal-Politika ta' Koeżjoni" (rapport ta' Fabrizio Barca) (2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0138/2010),

A. billi l-istrateġija mġedda ta' Lisbona tagħti importanza kbira lir-riċerka u l-innovazzjoni biex tilqa' għal sfidi bħall-bidla fil-klima u l-kompetizzjoni globali li qed tiżdied; filwaqt li fl-era ta' wara l-kriżi l-istimular tat-tkabbir u tal-postijiet tax-xogħol permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni qed isir dejjem aktar importanti, u dan jikkostitwixxi għan ewlieni tal-Istrateġija proposta tal-UE 2020,

B. billi l-implimentazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni hija ħtieġa kondiviża mill-istrata kollha tas-soċjetà u l-iskop tagħha huwa li ttejjeb il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tan-nies,

C. billi l-appoġġ Ewropew għar-riċerka u l-innovazzjoni hu primarjament provdut permezz tal-politika tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-koeżjoni, ladarba l-istrumenti ewlenin tagħhom huma l-Fondi Strutturali, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka (FP7) u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP),

D. billi l-politika ta' koeżjoni hi pilastru essenzjali fil-proċess tal-integrazzjoni Ewropea u hi waħda mill-politiki li kellhom l-aktar suċċess, peress li tiffaċilita l-konverġenza bejn reġjuni li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed jiddistingwu ruħhom minn xulxin u peress li tistimula t-tkabbir u l-impjiegi,

E. billi l-innovazzjoni tiġi indirizzata bl-aktar mod effettiv fil-livell reġjonali fil-prossimità tal-atturi, bħall-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubblika u l-industrija, u tippromwovi s-sħubijiet fit-trasferiment tal-għerf u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn ir-reġjuni,

F. billi t-tieni Linja Gwida Strateġika Komunitarja dwar il-koeżjoni għall-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013 tirreferi għat-titjib tal-għerf u tal-innovazzjoni għat-tkabbir, u konsegwentement 25 % tal-allokazzjoni totali ġew ibbaġitjati,

G. billi l-kumplessità tal-isfidi tal-preżent jirrikjedu taħlita integrata ta' dawn il-politiki; billi s-soċjetà tal-għarfien teħtieġ aktar minn sempliċement aggregazzjoni tal-attivitajiet tas-setturi differenti sinerġija bejn l-aġenti u l-istrumenti hi essenzjali sabiex huma jsaħħu lil xulxin u jappoġġjaw l-implimentazzjoni sostenibbli tal-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni, biex tintlaħaq valorizzazzjoni aħjar tar-riżultati tar-riċerka f'għamla ta' ideat konkreti dwar il-prodott fir-reġjuni,

H. billi, filwaqt li ċerti elementi tal-arkitettura ta' dawn l-istrumenti, bħall-istess qafas ta' żmien u allinjament mal-aġenda ta' Lisbona, jippermettu li jkun hemm sinerġiji, għad hemm xi differenzi, bħal bażijiet legali differenti, fokus tematiku kontra dak territorjali, u ġestjoni kondiviża kontra dik ċentralizzata,

***Il-Politika ta' Koeżjoni biex jintlaħqu objettivi ta' riċerka u innovazzjoni***

1. Japprezza li, fil-perjodu 2007-2013, f'konformità mat-tieni Strateġija tal-Linja Gwida Komunitarja dwar il-Koeżjoni, l-Istati Membri kollha taw ammont sinifikanti mill-allokazzjonijiet finanzjarji totali tagħhom lir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), innovazzjoni u żvilupp ta' ekonomija bbażata fuq l-għerf, u dan irriżulta f'246 Programm Operazzjonali Nazzjonali jew Reġjonali b'madwar EUR 86 biljun allokati għar-riċerka u għall-innovazzjoni, li EUR 50 biljun minnhom diġà ġew allokati għar-R&Ż fundamentali u għall-innovazzjoni; jinnota li l-politika ta' koeżjoni saret sors maġġuri ta' appoġġ Ewropew għal dan il-qasam, li jħabbatha mal-baġit kemm tal-FP7 (EUR 50.5 biljun) u kemm tas-CIP (EUR 3.6 biljun); jenfasizza l-effettività u l-possibilità li jiġu ddeterminati objettiv kwantifikati f'termini tal-ammonti allokati għan-nefqa fir-riċerka u l-iżvilupp;

2. Jilqa' l-fatt li l-metodi finanzjarji l-ġodda eżistenti u jenfasizza l-potenzjal tal-inizjattiva JEREMIE u l-Faċilità Finanzjarja għall-Qsim tar-Riskju tal-Kummissjoni u l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-għoti ta' spinta fl-opportunitajiet ta' ffinanzjar għall-intrapriżi innovattivi; jirrakkomanda li l-atturi reġjonali jesplojtjaw dawn l-opportunitajiet il-ġodda b'mod kumplimentari għall-iffinanzjar tal-Fondi Strutturali; jenfasizza f'dan il-kuntest il-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni effikaċi tal-investimenti pubbliċi u privati;

3. Jistenna r-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni skont kif inhuwa stipulat fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament Ġenerali; jikkunsidra li r-Rapport se jagħti sommarju komprensiv tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi għall-perjodu tal-2007 – 2009 u dan se jservi ta' bażi għal diskussjoni rigward il-prospetti futuri tal-politika ta' koeżjoni;

4. Itenni l-ħtieġa għal approċċ integrat ta' governanza f'diversi livelli lejn politiki speċifiċi fl-UE, jenfasizza li sistema funzjonali ta' governanza f'diversi livelli hi prekundizzjoni għall-iffissar u l-implimetazzjoni tal-objettivi ta' assenjazzjoni b'mod effiċjenti; jinnota li r-responsabilità għall-implimentazzjoni ta' Fondi Strutturali hija tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, filwaqt li s-CIP u l-FP7 huma mmexxija b'mod ċentralizzat mill-Kummissjoni; huwa konxju tad-diversità amministrattiva eżistenti fil-livell tal-Istati Membri u jemmen li huwa importanti li jiġi identifikat il-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet li huwa l-aktar effikaċi għaċ-ċittadini;

5. Jikkunsidra importanti li jiġu koordinati l-politiki Komunitarji li għandhom rwol fil-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; Jemmen li jeħtieġ li ssir analiżi aktar mill-qrib tal-impatt tagħhom fuq it-territorju u fuq il-koeżjoni bil-għan li jiġu promossi sinerġiji effettivi u sabiex jiġu identifikati u promossi l-aktar mezzi xierqa fil-livell Ewropew ta' appoġġ għall-investiment lokali u reġjonali fl-innovazzjoni; ifakkar fil-ħtieġa li jitqiesu ċ-ċirkustanzi soċjali u ekonomiċi differenti tat-tliet tipi ta' reġjuni (konverġenza, tranżizzjoni u kompetittività), u l-varjazzjonijiet fil-kapaċità kreattiva u innovattiva u l-ispirtu ta' intraprendenza; jenfasizza f'dan il-kuntest li l-investiment fir-R&Ż, kif ukoll dak fl-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-teknoloġiji effiċjenti fir-riżorsi, jibbenefika s-setturi tradizzjonali u ż-żoni rurali bħalma jibbenefika l-ekonomiji ta' servizzi ta' ħiliet avvanzati, u għalhekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

6. Jenfasizza l-potenzjal kbir tal-ibliet li jsegwu r-riċerka u l-innovazzjoni; jemmen li politika urbana aktar intelliġenti bbażata fuq l-avvanzi teknoloġiċi u li tindirizza l-fatt li 80 % tal-popolazzjoni tal-Ewropa tgħix fl-ibliet, li propju fihom insibu l-akbar differenzi soċjali, tikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli; u għalhekk jitlob sabiex id-dimensjoni urbana tiddaħħal fil-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni;

***Sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali, l-FP7 u s-CIP***

7. Jirrikonoxxi li, permezz tal-assenjazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-2007-2013, il-politika ta' koeżjoni hi f'pożizzjoni aħjar li toħloq sinerġiji mal-politiki ta' riċerka u ta' innovazzjoni, u li fl-istess waqt id-dimensjoni territorjali saret aktar u aktar importanti fl-FP7 u s-CIP; jappella li tingħata kunsiderazzjoni lil mekkaniżmu ta' assenjazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni b'fokus tematiku aktar b'saħħtu li jippermetti li jingħataw risposti politiki xierqa għall-isfidi l-ġodda;

8. Jinnota li l-infiq fuq ir-R&Ż&I skont il-programm ta' qafas huwa allokat fuq il-bażi tal-kriterji ta' eċċellenza, li jinvolvi modalità aktar kompetittiva tal-aċċess għall-parteċipanti, li jirrikjedi kapaċità teknika għolja u għarfien qawwi tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji; jenfasizza li din is-sitwazzjoni toħloq konċentrazzjoni għolja fil-clusters ekonomiċi u fir-reġjuni ewlenin tal-UE, u b'hekk tillimita s-sinerġiji pożittivi fil-grupp ta' reġjuni u Stati Membri li mixjin fid-direzzjoni t-tajba iżda li għadhom ma laħqux l-għan; jinnota li ż-żieda fid-disparità reġjonali f'termini ta' potenzjal ta' riċerka u innovazzjoni u l-garanzija tal-koerenza reali tal-politika huma sfidi li jridu jiġu indirizzati kemm mill-politika ta' koeżjoni, kif ukoll mill-politika ta' riċerka u innovazzjoni, irrispettivament mill-fatt li l-korpi implimentattivi jeżistu fuq livelli differenti (supranzzjonali, nazzjonali, sottonazzjonali) u huma rregolati minn loġiki differenti (il-koeżjoni vs. l-eċċellenza);

9. Jinsisti li l-innovazzjoni effettiva tiddependi mill-qrubija tas-sinerġiji miksuba, u jiddispjaċih li l-opportunitajiet eżistenti għal dawn is-sinerġiji fl-iffinanzjar għadhom mhumiex magħrufin sew; jistieden lir-reġjuni, bħala l-aġenti prinċipali għall-informazzjoni u l-kapaċità ta' analiżi, kif ukoll lill-Istati Membri, biex iżidu l-isforzi biex itejbu l-komunikazzjoni; jenfasizza li sinerġiji effettivi jeħtieġu sett kumpless ta' relazzjonijiet bejn l-aġenti li jipproduċu, iqassmu, jippromwovu u jimplimentaw forom differenti ta' għarfien; jenfasizza

wkoll li l-korpi nazzjonali, reġjonali u lokali differenti li jamministraw l-FP7, is-CIP u l-Fondi Strutturali għandhom ikunu konxji tal-possibilitajiet offruti minn kull wieħed minn dawn l-istrumenti u jitlob sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar bejn dawn l-atturi u l-politiki;

10. Jenfasizza li l-interventi mmirati lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jikkapitalizzaw fuq l-assi u l-kapaċitajiet reġjonali u jifformaw parti minn strateġija ta' innovazzjoni reġjonali bbażata fuq innovazzjoni intelliġenti; jikkunsidra li tali strateġiji jeħtieġu rwol imsaħħaħ għar-reġjuni u l-ibliet fl-issettjar u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali; jitlob għalhekk sabiex tiġi kkunsidrata l-possibilità li jerġgħu jiġi stabbiliti azzjonijiet innovattivi fi ħdan il-Fondi Strutturali bl-iskop li jippromwovu l-istrateġiji ta' innovazzjoni reġjonali;

11. Jinnota l-possibilitajiet eżistenti tal-finanzjament imħallat; għaldaqstant, jenfasizza li l-finanzjament imħallat mhuwiex permess bejn il-Fondi Strutturali u l-programmi ta' qafas; jenfasizza li l-istrumenti jistgħu jitħalltu biex ikopru jew attivitajiet kumplimentari iżda separati, bħal fil-każ tal-infrastruttura tar-riċerka, jew partijiet konsekuttivi ta' proġetti relatati, bħall-iżvilupp u s-segwitu ta' idea ġdida dwar ir-riċerka, jew inkella proġetti fl-istess netwerk jew kluster;

12. Jemmen li l-fatt li mhuwiex permess il-finanzjament mist bejn il-Fondi Strutturali u l-Programmi Qafas jipprevjenji lir-reġjuni milli jużaw iż-żewġ strumenti fl-istess waqt u li proċessi strateġiċi "minn isfel 'il fuq" effettivi f'livelli reġjonali u lokali jistgħu jgħinu fl-eliminazzjoni tal-qabżiet jew sovrappożizzjonijiet tal-fondi mill-SF, FP7 u CIP;

13. Jenfasizza li s-sinerġija hija b'mod speċjali effiċjenti fil-bini tal-kapaċità; f'dan il-kuntest jirreferi għall-proġett tal-immaniġġjar tal-iffinanzjar fil-Forum għal Strateġija Ewropea dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka (ESFRI) u l-ħtieġa li jkun hemm koordinazzjoni tal-prijoritajiet ta' ffinanzjar tar-riċerka tal-UE fil-livell reġjonali u nazzjonali;

14. Jenfasizza li s-sinerġija tmur lil hinn mill-finanzjament kumplimentari tal-proġett; iqis li l-iżvilupp tal-kapaċità, in-netwerking u t-trasferiment tal-għerf huwa għamla importanti ta' sinerġija u jinnota li l-istrumenti kollha joffru opportunitajiet għal tali skambji;

15. Jinnota li s-sinerġiji attwali mill-perspettiva tal-benefiċjarju dirett tal-finanzjament jiddependu mill-kapaċità organizzattiva u strateġika tal-benefiċjarju li jikkombina l-appoġġ minn strumenti differenti tal-UE; jstieden lill-atturi reġjonali joħolqu strateġiji reġjonali li jistgħu jiffaċilitaw il-kombinament tal-finanzjamenti;

16. Jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jallokaw biżżejjed riżorsi mill-SF għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-innovazzjonijiet sostenibbli, u jsaħħu l-kapaċitajiet għar-riċerka; isostni l-ħtieġa li jkun hemm promozzjoni u applikazzjoni b'suċċess tal-mudelli fit-trijangolu tal-għerf u biex jiġi żgurat li jkun hemm żvilupp sostenibbli tal-oqfsa ta' riċerka reġjonali u strateġiċi għall-innovazzjoni b'kollaborazzjoni mal-intrapriżi, maċ-ċentri tar-riċerka, mal-universitajiet u mal-awtoritajiet pubbliċi; jenfasizza l-potenzjal ta' clusters innovattivi reġjonali ta' għarfien għoli fl-immobilizzazzjoni tal-kompetittività reġjonali u jilqa' l-inklużjoni tal-iżvilupp tal-kluster kemm fl-FP7 u anke fis-CIP (azzjoni tar-Reġjuni ta' Għerf fl-FP7); Jenfasizza l- Komunitajiet għall-Għarfien u l-Innovazzjoni (KICs) il-ġodda stabbiliti fil-qafas tal-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), li jorbtu l-clusters reġjonali Ewropej ta' għarfien intensiv; jinnota li l-iskambju ta' għarfien fil-klusters reġjonali jista' jkun iffaċilitat ukoll mill-Fondi Strutturali; jenfasizza li tali clusters jirrappreżentaw opportunità maġġuri b'mod partikolari għar-reġjuni żvantaġġati;

17. Jitlob lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jagħmlu użu aħjar mill-SF ħalli jibnu l-kapaċità għar-riċerka, l-għarfien u l-innovazzjoni fir-reġjuni tagħhom, ngħidu aħna bit-twaqqif ta' infrastruttura tar-riċerka, billi dan jippermettilhom jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE; jinkoraġġixxi lir-reġjuni jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom ta' R&Ż b'mod li jkunu komplementari għal dawk tal-FP7 u jappella għal ippjanar fit-tul f'livell reġjonali biex jinkisbu s-sinerġiji li jidderivaw mill-komplementarjetajiet tematiċi bejn l-istrumenti li bihom isir il-finanzjament;

18. Jenfasizza l-importanza tal-analizzar, tal-qsim u tal-integrar tal-aqwa prattiki li jirrigwardaw is-sinerġiji bejn l-istrumenti tal-politika; f'dan il-kuntest jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-koperazzjoni interdipartimentali u jitlobha żżid l-analiżi fil-livell reġjonali tal-potenzjal u l-ħtiġijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir tad-dejta kwalitattiva disponibbli; kif ukoll eżami tal-interrelazzjonijiet ma' strumenti oħrajn fl-istudji tal-valutazzjoni dwar wieħed mit-tliet strumenti finanzjarji, sabiex tkun tista' tingħata gwida konġunta;

19. Jinnota b'sosdifazzjon il-Gwida Prattika tal-UE għal Opportunitajiet ta' Finanzjament għar-Riċerka u l-Innovazzjoni; jirrakkomanda li fil-futur tali noti ta' gwida ta' min ikunu pprovduti hekk kif l-oqsfa leġiżlattivi jidħlu fis-seħħ; jistenna d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jinkludi eżempji ta' sinerġiji fil-prattika; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu r-rwol ta' faċilitatur, billi tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki, u tevalwa l-possibilità li tagħti appoġġ espert addizzjonali dwar opportunitajiet ta' finanzjament Komunitarju permezz ta' noti ta' gwida ex-ante u permezz ta' "manwal għall-utent"; għall-immaniġġjar u l-amministrazzjoni prattika tal-proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni bl-iskop li jinkisbu r-riżultati maħsuba;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-burokrazija għall-FP7 u s-CIP biex jissaħħu l-effetti tas-sinerġiji mal-Fondi Strutturali;

21. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq studju dwar kif tista' ssir aktar faċli l-applikazzjoni għall-għajnuna taħt id-diversi programmi permezz tal-użu ta' programmi tal-kompjuter b'manwali standardizzati;

22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-attivitajiet tagħha li għandhom l-għan li jrawmu s-sinerġija, u biex iżżomm lill-Parlament Ewropew aġġornat dwar l-iżvilupp tagħhom, partikolarment dwar is-sitwazzjoni tal-koperazzjoni vertikali bejn l-UE u l-entitajiet nazzjonali u reġjonali;

23. Jappoġġja kollaborazzjoni isħaħ bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-FP7, il-ġesturi tal-programmi tar-R&Ż u tal-aġenziji tal-innovazzjoni, billi jippermettu li l-aspetti jew il-fażijiet differenti tal-proġetti ta' riċerka u żvilupp jiġi ffinanzjati minn għejun differenti;

***Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss***

24. Jilqa' l-enfasi fl-abbozz tal-istrateġija tal-UE 2020 dwar l-interdipendenza bejn il-politiki, l-importanza tal-integrazzjoni tal-politika u l-ħtieġa ta' sinerġiji aħjar u ta' sħubija aktar b'saħħitha fit-tfassil tal-politiki pubbliċi; jappella biex tingħata kunsiderazzjoni lill-ħtieġa espressa mill-bliet u mir-reġjuni għal qafas aktar komprensiv fit-tliet setturi tal-politika inkluża struttura ta' liaison tekniku fi ħdan il-Kummissjoni biex timmonitorja u tikkoordina s-sinerġiji għall-innovazzjoni u r-riċerka u l-programmi ta' żvilupp, u jitlob biex jiġi assoċċjat mat-tifsil u l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-iffinanzjar tal-UE u r-regolamenti tal-għajnuna statali; jappella wkoll sabiex l-koeżjoni territorjali jkollha rwol speċjali f'dan ir-rigward;

25. Jemmen li l-programmi futuri tar-R&Ż&I għandhom jikkumplimentaw l-isforzi nazzjonali, billi jorjentawhom u jiddinamizzawhom bl-iskop li jirrivitalizzaw l-irwol gwidatur u l-effett multiplikatur tal-għarfien, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-investiment nazzjonali fir-R&Ż&I;

26. Jenfasizza li sabiex l-għarfien u l-innovazzjoni jiġu kkonsolidati bħala mezzi ta' tkabbir ekonomiku futur, jeħtieġ li tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni, nibnu fuq ir-riżultati tar-riċerka, nippromwovu l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien madwar l-Unjoni, nisfruttaw l-ITCs bl-aktar mod sħiħ, niżguraw li l-ideat innovattivi jiġu riflessi fil-prodotti u s-servizzi li jiġġeneraw it-tkabbir u l-impjiegi ta' kwalità u li jkkontribwixxu biex jintlaqgħu l-isfidi tal-bidla soċjali fl-Ewropa u fid-dinja, minkoraġġixxu l-intraprendenza, nagħtu prijorità lill-ħtiġijiet tal-utenti u l-opportunitajiet tas-suq, u niggarantixxu ffinanzjar aċċessibbli u adegwat abbażi ta' rwol ewlieni għall-Fondi Strutturali;

27. Jappoġġa t-tliet inizjattivi bandiera tal-Istrateġija tal-UE 2020 għall-kisba tat-tkabbir intelliġenti, jiġifieri "Unjoni għall-Innovazzjoni", "Youth on the move" u "Aġenda diġitali għall-Ewropa", li fl-implimentazzjoni tagħhom il-Fondi Strutturali se jkollhom rwol ewlieni;

28. Iqis li politika reġjonali tal-UE qawwija u ffinanzjata sew u li minnha jibbenefikaw ir-reġjuni kollha tal-UE hija prekundizzjoni biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija tal-UE tal-2020 sabiex jiġi żgurat tkabbir intelliġenti, sostenibbli u integrat b'livelli għolja ta' impjiegi, u produttività, kif ukoll biex tinkiseb koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza mogħtija mill-istrateġija tal-UE 2002 fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni;

29. Jenfasizza l-ħtieġa għal reviżjoni u konsolidazzjoni tal-irwol tal-istrumenti tal-UE li jappoġġaw l-innovazzjoni, speċjalment il-Fondi Strutturali, l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), il-Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp, is-CIP u l-pjan SET, bl-iskop li jkun hemm razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, li jiffaċilitaw l-aċċess għall-iffinanzjar, speċjalment għall-SMEs, u jiġu introdotti mekkaniżmi ta' inċentivi innovattivi bbażati fuq il-kisba tal-objettivi marbuta mat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u integrattiv, kif ukoll għall-promozzjoni ta' koperazzjoni eqreb mal-EIB;

30 Jikkunsidra li l-Fondi Strutturali huma l-istrumenti xierqa ta' appoġġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-kreattività u l-innovazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar flessibilità biex jiġi żgurat l-użu malajr ta' dan l-iffinanzjar għall-iskopijiet ta' promozzjoni ta' inizjattivi innovattivi tan-negozju; jenfasizza f'dan il-kuntest il-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikulari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fuq skala wiesgħa, billi jiġi offrut appoġġ faċilment aċċessibbli, u jiġi pprovdut aċċess imtejjeb għar-riċerka, u t-trasferiment tat-teknoloġija u l-innovazzjoni orjentata lejn applikazzjoni prattika;

31. Jirrikkmanda li t-total tal-finanzjament li ma jintefaqx f'reġjuni partikolari skont in-N+2 u n-N+3 jerġa' jiġi assenjat lil proġetti u inizjattivi Komunitarji fuq bażi reġjonali;

32. Ifakkar li l-koeżjoni territorjali hi ta' natura orizzontali u multisettorjali, u għalhekk il-politiki tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tagħha; itenni li dan il-kunċett mhuwiex limitat għall-effetti tal-politika reġjonali, iżda jiffoka wkoll fuq il-koordinazzjoni ma' politiki oħra tal-Unjoni li huma maħsuba għall-iżvilupp sostenibbli u li joffru riżultati tanġibbli fil-livell reġjonali, sabiex il-forom speċifiċi ta' potenzjal reġjonali jiġu żviluppati u jintużaw bis-sħiħ, u sabiex jiżdied l-impatt tagħhom fuq il-post, biex ir-reġjuni jingħataw spinta ħalli jsiru aktar kompetittivi u attraenti u biex tinkiseb il-koeżjoni territorjali; huwa tal-opinjoni li "l-konċentrazzjoni, il-koperazzjoni, u l-konnessjoni" huma l-koordinati ewlenin tal-koeżjoni territorjali biex jintlaħaq żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat fl-UE;

33. Jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki bbażati lokalment u jqis li l-bliet u r-reġjuni għandhom jistinkaw għal speċjalizzazzjoni intelliġenti u sostenibbli billi jiddefinixxu ftit prijoritajiet ta' innovazzjoni bbażati fuq l-objettivi tal-UE u fuq il-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikati fl-Istrateġiji ta' Innovazzjoni Reġjonali tagħhom, u jikkonċentraw ir-riżorsi assenjati mill-UE fuq dawn il-prijoritajiet identifikati; huwa tal-opinjoni li l-kapaċità ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-intraprendituri li jattiraw u jikkonvertu l-għarfien f'vantaġġ kompetittiv sostenibbli hija kruċjali għall-prestazzjoni ekonomika reġjonali b'valur miżjud anki għar-reġjuni tal-madwar inklużi partijiet ta' Stati Membri ġirien;

34. Jindika li r-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp ta' emissjonijiet baxxi jew saħansitra zero tal-karbonju u l-iffrankar enerġetiku, huma ta' importanza kritika fl-indirizzar tal-isfidi dinjin, bħalma hija l-bidla klimatika u s-sigurtà tal-provvisti enerġetiċi kif ukoll it-titjib tal-kompettittività f'livell reġjonali u lokali;

35. Jappoġġja l-proposta tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-ħolqien ta' "netwerk virtwali ta' kreattività" li jkun miftuħ għal kulħadd (negozji, awtoritajiet lokali u reġjonali, l-awtoritajiet pubbliċi ċentrali, is-settur privat u ċ-ċittadini) u li jipprovdi pariri, assistenza u aċċess għal kapital ta' riskju u servizzi tekniċi; jenfasizza li netwerk virtwali joffri l-vantaġġ addizzjonali li jipprovdi, lill-abitanti ta' gżejjer, reġjuni periferali, żoni rurali u muntanjużi u żoni b'popolazzjoni ta' densità baxxa, aċċess aktar faċli għal pariri esperti, edukazzjoni u informazzjoni, appoġġ għan-negozju u gwida finanzjarja;

36. Jenfasizza li l-koperazzjoni transnazzjonali hi l-bażi fundamentali tal-FP7 u s-CIP, u li l-koperazzjoni territorjali (permmezz ta' programmi transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali) tkun integrata mill-Fondi Strutturali; jitlob lill-Kummissjoni biex fil-futur issaħħaħ l-objettiv tal-koperazzjoni territorjali Ewropea permezz tal-integrazzjoni ulterjuri tagħha; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibilitajiet ta' tisħiħ tal-koperazzjoni territorjali fil-qasam tal-innovazzjoni f'kull wieħed mill-objettivi tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li għarfien aħjar tar-riżultat tal-FP7 u tas-CIP fil-livell reġjonali jiffaċilita l-koordinazzjoni prattika bejn il-politika Reġjonali tal-UE u dawk il-programmi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni partikolari għal din il-koordinazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jieħdu aktar miżuri għal kooperazzjoni transnazzjonali effettiva billi jiżviluppaw strateġiji reġjonali u nazzjonali koerenti għall-ksib tas-sinerġiji; jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-aċċessibilità tad-dejta f'din il-kwistjoni;

37. Jenfasizza li taħt is-Seba' Programm ta' Qafas jingħata appoġġ lill-koperazzjoni transnazzjonali fid-diversi forom tagħha kemm fl-UE u kemm barra l-UE, f'numru ta' oqsma tematiċi li jikkorrispondu għall-oqsma prinċipali tal- għarfien u t-teknoloġija, li fihom huwa neċessarju li r-riċerka ta' kwalità għolja tiġi appoġġjata u kkonsolidata sabiex l-isfidi soċjali, ekonomiċi, ambjentali u industrijali li qed tiffaċċja l-Ewropa jiġu trattati;

38. Jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza l-impatt ta' miżuri ta' simplifikazzjoni meħuda diġà fuq l-immaniġġjar tal-Fondi Strutturali bl-iskop li jiġi ppreparat il-qafas leġiżlattiv futur;

39. Jirrikonoxxi li kemm il-ġestjoni kondiviża kif ukoll il-ġestjoni ċentralizzata jirrikjedu regoli speċifiċi, u li l-approċċ "top-down" tal-FP7 u tas-CPI u l-approċċ "bottom-up" tal-Fondi Strutturali t-tnejn għandhom il-vantaġġi tagħhom; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li r-regoli, proċeduri u prattiki (regoli tal-eliġibilità, prezz standard għal kull unità, pagamenti ta' darba, eċċ.) li jirregolaw strumenti differenti jiġu armonizzati u li jkun żgurat li jkun hemm koordinazzjoni mtejba (tal-iskedi għas-sejħiet għall-proposti, temi u tipi ta' sejħiet, eċċ.); jappella lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilitajiet għal dan l-għan, mingħajr preġudizzju għall-ħiliet tal-Istati Membri u tar-reġjuni li jinsabu taħt ġestjoni kondiviża, filwaqt li jinkuraġġixxi kultura amministrattiva li tippromwovi approċċ multidixxiplinarju permezz ta' strateġiji trans-settorajli komuni f'sensiela ta' oqsma tematiċi, u permezz tad-djalogu kontinwu bejn il-komunitajiet differenti tal-politika sabiex tissaħħaħ il-koerenza fil-politika; jistieden lill-Kummissjoni biex tissimplifika l-amministrazzjoni tal-fondi kkonċernati u jitlob sabiex, fl-istess ħin li jsir użu mis-sinerġiji, iż-żvantaġġi speċifiċi taż-żewġ pilastri ta' appoġġ jiġu promossi u fl-istess waqt jiżdied l-impatt tagħhom;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Pjan tar-Riċerka u l-Innovazzjoni li daqt se jiġi ppreżentat, ikun redatt bil-ħsieb li jsaħħaħ s-sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u l-Programmi ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazjzoni (FP7, CIP);

41. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżviluppa kriterji speċifiċi ta' evalwazzjoni għall-valutazzjoni ta' proġetti inovattivi, u biex tqis il-proponiment ta' inċentivi regolatorji futuri għall-implimentazzjoni ta' miżuri innovattivi;

42. Jara ħtieġa ċara għal aktar għarfien esperti fil-livel reġjonali fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-iffinanzjar, il-proċeduri amministrattivi u finanzjarji, l-immaniġġjar finanzjarju u l-inġinerija finanzjarja; jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja l-possibilità li jiġi pprovdut aktar appoġġ speċjalizzat u li tiżgura koperazzjoni eqreb bejn in-Netwerk Enterprise Europew u l-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fond strutturali u rabta aktar mill-qrib bejn l-Inizjattiva Lead-Market, il-pjattaformi tat-teknoloġija u l-pjanijiet direzzjonali teknoloġiċi reġjonali;

43 Jinsisti dwar l-importanza li jiġu kkunsidrati l-opportunitajiet indaqs meta tiġi evalwata s-sostenibilità ta' proġetti u jiġi determinat l-aċċess għall-iffinanzjar mill-Fondi Strutturali u strumenti Komunitarji oħra;

44. Jenfasizza l-importanza ta' għajnuna aħjar fl-implimentazzjoni ta' politiki u programmi li jkabbru s-sinerġija fi ħdan il-katina ta' infrastrutturi tar-riċerka u l-iżvilupp – innovazzjoni – ħolqien tax-xogħol;

45. Jemmen li infrastrutturi ta' riċerka kbar kofinanzjati mill-Fondi Strutturali għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni ogħla minn bord ta' evalwazzjonijiet inter pares internazzjonali, li jkollha effett pożittiv fuq l-infiq effiċjenti ta' Fondi Strutturali allokati;

46. Huwa konvint li l-impenn mil-leadership politika hija kemm prekondizzjoni għall-koerenza fil-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll għodda għat-titjib tagħha; b'dan quddiem għajnejh, jitlob li jitwaqqaf qafas ta' politika strateġika għar-riċerka u l-innovazzjoni, aġġustat fid-dawl tal-progress, l-informazzjoni ġdida u ċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, u konsistenti mal-miri u l-prijoritajiet nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

47. Itenni li l-mekkaniżmi informali li jiggvernaw il-koeżjoni territorjali u l-ippjanar spazjali fil-Kunsill għandhom jiġu sostitwiti minn strutturi aktar formali; huwa tal-opinjoni li dan l-iżvilupp akkumpanjat mill-ħolqien u t-tisħiħ ta' strutturi integrati u intertematiċi jirriżulta f'koordinazzjoni aħjar tal-politiki;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

## Sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra

P7_TA(2010)0190

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra (2010/2038(INI))**

(2011/C 161 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-12 ta' Awwissu 2009 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM 2009 (SEC(2009)1120),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2009 bit-titolu "Sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra" (COM(2009)0545),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2009 dwar l-aġġornament tal-2009 tal-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Komunità u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2009)0034),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-UEM@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-finanzi pubbliċi fl-UEM 2007–2008 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2007 ([4]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tas-Samit ta' Pittsburgh li jistiednu biex jinżamm l-isforz ta' sostenn tat-tkabbir sakemm l-irkupru jikkonsolida ruħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Baġits (A7–0147/2010),

A. billi l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tesprimi tħassib dwar is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi fil-kuntest ta' livelli ta' defiċit u ta' dejn għoljin, speċjalment fid-dawl ta' popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, u billi l-effett tat-tixjiħ fuq id-distakk tas-sostenibilità, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, jiġi kkalkolat li hu bejn ħames darbiet u 20 darba ogħla mill-effetti tal-kriżi ekonomika attwali,

B. billi l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, minkejja r-reviżjoni tiegħu fl-2005, ma kienx biżżejjed biex jipprevjeni l-kriżi attwali,

C. billi hemm ħtieġa urġenti biex jiġi eżaminat b'aktar reqqa l-fenomenu tar-rata ta' twelid li qed tonqos fl-Unjoni Ewropea u l-kawżi u l-implikazzjonijiet ta' din, bl-għan li tittreġġa' lura din ix-xejra inkwetanti,

([1]) ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 8.
([2]) Testi adottati, P6_TA(2009)0123.
([3]) Testi adottati, P6_TA(2009)0013.
([4]) Testi adottati, P6_TA(2008)0357.

D. billi l-politika fiskali mhijiex waħda sostenibbli jekk timplika akkumulu eċċessiv ta' dejn pubbliku tul iż-żmien,

E. billi, fid-dawl tal-projezzjonijiet tal-komunikazzjoni u l-fatt li t-tixjiħ tal-popolazzjoni se jkollu impatti gravi fuq is-sostenibilità fuq il-medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi Ewropej, orizzont politiku sal-2060 huwa wieħed xieraq,

F. billi ż-żidiet fid-dejn u d-defiċit li qegħdin iġarrbu l-Istati Membri waqt il-kriżi u l-iżviluppi demografiċi proġettati se jagħmlu s-sostenibilità fiskali sfida kbira,

G. billi bidliet demografiċi fuq medda twila ta' żmien, partikolarment it-tixjiħ tal-popolazzjoni, fl-Istati Membri tal-UE għandhom implikazzjonijiet għall-finanzjament tal-iskemi nazzjonali tal-pensjonijiet,

H. billi xi wħud mill-Istati Membri ma ħadux biżżejjed miżuri biex inaqqsu n-nefqa amministrattiva tagħhom, iżommu taħt kontroll l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa u jirriformaw is-sistemi tas-saħħa u tal-pensjonijiet tagħhom, u billi l-Istati Membri kollha għandhom jadottaw l-aħħar prattika f'dan il-qasam,

I. billi matul is-sena 2009, id-defiċits u l-proporzjon ta' dejn tal-Istati Membri kollha żdiedu minħabba t-tnaqqis tad-dħul mit-taxxi kkawżata mill-kriżi u l-implimentazzjoni ta' miżuri eċċezzjonali ta' rkupru,

J. billi, bħala rispons għall-ewwel sinjali ta' rkupru, il-Kunsill Ewropew irrakkomanda f'Settembru 2009 li l-politiki fiskali għandhom ikunu "orjentat[i] mill-ġdid lejn is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien", u enfasizza li "l-istrateġiji ta' ħruġ jeħtieġ li jkunu mfassla issa u mħaddma b'mod koordinat malli l-irkupru jibda jaqbad sew, filwaqt li jittieħed kont tal-qagħda speċifika ta' pajjiżi individwali",

K. billi dan l-aħħar kien possibbli li tiġi osservata korrelazzjoni pożittiva bejn finanzi pubbliċi sodi u r-reżiljenza tal-ekonomija ta' pajjiż,

L. billi ż-żieda fid-dejn pubbliku tpoġġi piż gravi fuq il-ġenerazzjonijiet futuri,

M. billi id-dejn pubbliku f'ċerti Stati Membri żdied b'tali mod li jdgħajjef l-istabbiltà u li jirriżulta fi nfiq pubbliku kbir marbut mal-pagamenti ta' mgħax għad-detriment tan-nefqa li qed issir dejjem aktar importanti fuq is-sistemi tas-saħħa u tal-pensjonijiet,

N. billi s-self pubbliku li qed jiżdied jikkawża tagħwiġ fis-swieq finanzjarji minħabba li jgħolli r-rati ta' mgħax, b'konsegwenzi negattivi fuq il-familji kif ukoll fuq investimenti f'impjiegi ġodda,

O. billi nuqqas ta' governanza statistika effikaċi jew ta' istituzzjonijiet statistiċi indipendenti fl-Istati Membri qiegħda ddgħajjef l-integrità u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi,

P. billi partijiet oħra tad-dinja li sa reċentement kienu qed jikkompetu billi jipproduċu oġġetti ta' kwalità baxxa issa qed jidħlu f'livelli ta' kwalità għolja; billi dawn il-kompetituri jużaw teknoloġija avvanzata, filwaqt li xorta jħallsu pagi moderati bis-siegħa, mingħajr ma jkollhom jaffaċċjaw evoluzzjonijiet demografiċi negattivi, u f'kuntest li fih l-individwu qed itella' għadd kbir ta' sigħat tax-xogħol tul ħajtu; billi fl-Ewropa l-aħħar darba li ntlaħaq livell massimu ta' impjiegi kienet qabel il-kriżi taż-żejt tal-1973, billi l-livell massimu ta' impjiegi jibqa' madankollu objettiv li l-UE għandha tagħmel ħilitha biex tilħaq, b'rispett tal-ispirtu tat-Trattati, u mhux askapitu tal-livell għoli tagħha ta' protezzjoni soċjali u ta' żvilupp uman,

Q. billi jeżistu diversi mezzi li jnaqqsu d-distakk tas-sostenibilità, bħaż-żieda fil-produttività ġenerali, u, l-aktar importanti ż-żieda fil-produttività fis-servizzi soċjali, età tal-irtirar ogħla, iż-żieda fir-rata ta' twelid jew iż-żieda fin-numru ta' immigranti,

R. billi l-evoluzzjonijiet demografiċi jiddependu mill-evoluzzjoni tar-rata ta' fertilità, li hija fil-parti l-kbira tagħha dipendenti fuq stimoli u benefiċċji tal-maternità, u tal-flussi migratorji,

S. billi l-livelli attwali ta' dejn u defiċit jheddu l-istess eżistenza tal-istat soċjali,

T. billi n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' riformi strutturali u ta' konsolidament ta' finanzi pubbliċi se jkollu effett mhux mixtieq fuq in-nefqa fir-rigward tal-kura tas-saħħa, il-pensjonijiet u l-impjiegi,

U. billi bosta Stati Membri qed jiksru l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u billi konformità korretta ma' dan kieku kienet ittaffi l-effetti negattivi tal-kriżi,

V. billi s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi mhux biss hija kruċjali għall-Ewropa inġenerali, imma wkoll speċifikament għall-baġit tal-Unjoni Ewropea,

W. billi, minkejja li l-baġit tal-Unjoni Ewropea fil-preżent huwa limitat għal madwar 1 % tad-Dħul Nazzjonali Gross totali tal-Ewropa, il-prinċipji ġenerali u l-presupposti sottostanti tas-'sostenibilità' għandhom japplikaw ukoll għalih,

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-fondi pubbliċi fir-rigward tal-konsegwenzi tal-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi; ifakkar li l-isforzi magħmula fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qabel il-kriżi kienu fil-parti l-kbira tagħhom immirati biex jilqgħu l-isfida demografika li qed tikber; jirrikonoxxi li ħafna minn dan l-isforz ġie fix-xejn minħabba l-ħtieġa li jiżdied drammatikament l-infiq pubbliku sabiex jiġi evitat kollass mad-dinja kollha tas-sistema finanzjarja u biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali ta' dan il-kollass;

2. Jiddeplora l-fatt li anke qabel ma faqqgħat il-kriżi, il-prestazzjoni ta' għadd ta' Stati Membri fil-konsolidament tal-fondi pubbliċi tagħhom ma kinitx impressjonanti minkejja l-fatt li l-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu favorevoli; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan kien ksur tal-miżuri preventivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, partikolarment wara li ġie mfassal mill-ġdid fl-2005, u li serjament naqqas il-kapaċità tal-Istati Membri li jaġixxu b'mod kontraċikliku hekk kif żvolġiet l-kriżi, u li wassal għal aktar inċertezza, livelli ogħla ta' qgħad u żieda fil-problemi soċjali;

3. Huwa konxju li l-livelli attwali tan-nefqa pubblika ma jistgħux jinżammu b'mod indefinit; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li joqogħd lura milli jiddeċiedi rigward pakkett ta' segwitu ta' miżuri ta' għajnuna sakemm ir-riżultati ta' dan preżenti jkunu ġew analizzati bir-reqqa u l-ħtieġa għal aktar azzjoni tkun intweriet b'mod ċar;

4. Jirrikonoxxi li l-operazzjonijiet maħsuba biex jipprevjenu kollass tas-settur finanzjarju kienu ta' suċċess, għalkemm għad hemm ħtieġa kbira ta' viġilanza; jistenna li jitnaqqas il-piż finanzjarju fir-rigward tal-għajnuna finanzjarja lis-settur bankarju; ifaħħar l-approċċ ikkoordinat tal-banek ċentrali sabiex jiksbu dan l-objettiv; jappoġġa bis-sħiħ ir-riforma tas-sistema ta' superviżjoni prudenzjali u t-tfassil mill-ġdid tal-qafas tal-arkitettura finanzjarja;

5. Jenfasizza li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandu jimmira għall-bilanċ jew bilanċ pożittiv matul iż-żmien, li jirrikjedi bilanċ pożittiv fiż-żminijiet ekonomikament favorevoli u skemi tal-pensjonijiet li huma finanzjati b'mod trasparenti fil-qafas tal-baġits pubbliċi jew minn skemi privati finanzjati;

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien hija essenzjali għall-istabbiltà u t-tkabbir, u biex jinżammu livelli xierqa tan-nefqa pubblika; jenfasizza li livelli għoljin ta' dejn u ta' defiċit huma theddida għas-sostenibilità u se jkollhom effetti negattivi fuq il-kura tas-saħħa pubblika, il-pensjonijiet u l-impjiegi;

7. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-livelli għoljin ta' defiċit u ta' dejn fl-Istati Membri; iwissi kontra l-użu tal-kriżi bħala pretest biex ma jiġux ikkonsolidati l-finanzi pubbliċi, biex ma titnaqqasx in-nefqa pubblika u biex ma jiġux implimentati riformi strutturali, liema fatturi huma essenzjali għal ritorn għat-tkabbir u għall-impjiegi;

8. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-konsolidament tal-finanzi pubbliċi u t-tnaqqis tal-livelli ta' defiċit u ta' dejn huma essenzjali biex jinżamm stat soċjali modern u sistema ta' ridistribuzzjoni li tipprovdi għas-soċjetà kollha kemm hi iżda li tappoġġa b'mod partikolari l-partijiet l-anqas privileġġati tagħha;

9. Jenfasizza li, jekk id-dejn pubbliku u r-rati ta' mgħax ikomplu jiżdiedu, il-ġenerazzjonijiet ta' għada u tal-lum mhumiex se jkunu jistgħu jifilħu jġarrbu spejjeż f'forma ta' pagamenti tar-rata ta' mgħax mingħajr ma jiġu pperikolati l-mudelli tal-istat soċjali;

10. Jinsab imħasseb sew li ħafna Stati Membri qegħdin jiksru l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri naqsu milli jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom fi żminijiet ekonomikament favorevoli qabel ma faqqgħet il-kriżi; jaqbel mal-istqarrija tal-Kummissjoni li s-sostenibilità tad-dejn għandha tingħata rwol prominenti u espliċitu ħafna fil-proċeduri ta' sorveljanza; iħeġġeġ bil-qawwi lill-Kummissjoni biex tiggarantixxi l-konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

11. Iwissi kontra t-twaqqif ħesrem tal-appoġġ għall-ekonomija reali sabiex jiġi evitat li jkun hemm reċessjoni tat-tip "double dip"; jiġbed l-attenzjoni fuq l-effetti mhux mixtieqa jew ta' rtirar prematur tal-miżuri ta' sostenn jew ta' dewmien żejjed biex jittieħdu miżuri korrettivi fir-rigward tas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dawn il-miżuri kienu intenzjonati espliċitament li jkunu f'waqthom, immirati u temporanji; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Kummissjoni fuq l-istrateġija ta' ħruġ mill-miżuri kontinġenti attwali; jappoġġa l-approċċ tal-Kummissjoni msejjes fuq strateġiji ta' ħruġ li huma differenzjati bejn pajjiżi f'termini ta' żmien u ta' ambitu; jifhem li l-irtirar mill-miżuri, għall-ewwel grupp ta' pajjiżi, se jibda fl-2011; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu ħilithom sabiex jimplimentaw l-istrateġiji ta' ħruġ bl-aktar mod sod u mill-aktar fis possibbli;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal Green Paper dwar ir-rata ta' twelid fl-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika l-kawżi u l-implikazzjonijiet tar-rata ta' twelid li qed tonqos, kif ukoll soluzzjonijiet u alternattivi li jirrigwardaw din il-problema;

13. Iqis li l-istrateġija fiskali ta' ħruġ għandha titnieda qabel l-istrateġija monetarja ta' ħruġ sabiex tippermetti li din tal-aħħar tiġi implimentata b'mod korrett, u b'hekk jiġi żgurat li l-BĊE, li b'suċċess irnexxilu jevita milli jaqa' f'deflazzjoni, ikun jista' jiżgura b'mod daqstant ieħor tajjeb li l-inflazzjoni ma tirrovinax l-irkupru; jifhem li l-BĊE tefa' ħjiel li fin-nuqqas ta' riedni fiskali f'waqtu, sfortunatament, il-miżuri monetarji ristrettivi ser ikollhom ikunu iktar stretti milli mistenni;

14. Jenfasizza li t-tnaqqis fl-istimolu finanzjarju għandu jkun ikkumbinat ma' sforzi biex is-suq intern isir aktar dinamiku, kompetittiv u attraenti għall-investiment;

15. Jenfasizza li ħruġ gradwali u kontrollat mid-defiċits huwa ta' importanza kruċjali sabiex ir-rati ta' mgħax jinżammu baxxi u l-piż tad-dejn jinżamm limitat, u b'hekk tiġi salvagwardata l-kapaċità li jinżammu n-nefqa soċjali u l-istandards ta' ħajja għall-familji;

16. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-rati baxxi ta' mgħax iwasslu għal investiment u rkupru; huwa konxju tal-effetti li attivitajiet intensi ta' self ta' gvern għandhom fuq il-livelli ta' mgħax; jiddeplora bil-qawwi l-fatt li dan wassal għal tixrid taż-żieda tar-rati ta' mgħax fl-UE; iwissi lill-Istati Membri biex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-effetti tad-deċiżjonijiet baġitarji tagħhom fuq ir-rati ta' mgħax tas-suq; huwa tal-fehma li finanzi pubbliċi sodi huma prerekwiżit għal impjiegi sikuri; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-gvernijiet, huma u jgħollu l-prezz tas-self, iżidu wkoll il-piż fuq il-baġits tagħhom stess;

17. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-effetti antiċikliċi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jistgħu jaħdmu biss jekk l-Istati Membri jiksbu b'mod effikaċi bilanċ pożittiv tal-baġit fiż-żminijiet favorevoli; jappella, fid-dawl ta' dan, għal implimentazzjoni aħjar tal-miżuri preventivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ukoll; jappella biex jitwarrab il-prinċipju ta' "onfoq l-ewwel u rrimborsa wara" u jieħu postu l-prinċipju ta' "iffranka għal emerġenza futura possibbli", ifakkar li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu, f'terminu medju ta' żmien, baġit li jkun f'bilanċ jew pożittiv, fis-sens li defiċit ta' 3 % mhuwiex objettiv, iżda l-limitu assolut permess, anki fl-ambitu tal-Patt rivedut;

18. Jappella għal riformi strutturali mwettqa b'mod parallel għall-korrezzjoni tal-pakketti tal-għajnuna sabiex jiġu evitati kriżijiet futuri kif ukoll biex tiżdied il-kompetittività tal-impriżi Ewropej, jinkiseb aktar tkabbir u tingħata spinta lill-impjiegi;

19. Jenfasizza li, fil-kuntest li fih ikun hemm ħtieġa li jinkisbu finanzi pubbliċi sodi, sa mhux aktar tard mill-2011 l-Istati Membri kollha għandhom ikunu bdew inaqqsu d-distakk ta' sostenibilità tagħhom;

20. Jirrikonoxxi li l-istimolu fiskali u l-istabbilizzaturi awtomatiċi mingħajr irbit urew li kienu ta' suċċess u jipproponi li l-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri biex jimmiraw għal bilanċ fil-baġit billi l-eċċess tal-baġit primarju jiġi allokat għall-ħlas lura tad-dejn meta l-ekonomija tkun miexja lejn irkupru fit-tul;

21. Jenfasizza l-importanza speċjali tal-miżuri li jippromwovu l-impjiegi u l-investimenti fuq medda twila ta' żmien immirati lejn iż-żieda tal-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku u lejn spinta lill-kompetittività tal-ekonomija Ewropea;

22. Jenfasizza li, fir-rigward tal-isfidi demografiċi attwali li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, il-miżuri għal kontra l-kriżi m'għandux ikollhom effetti għal medda twila ta' żmien fuq il-finanzi pubbliċi, li l-ispiża tagħhom kieku jkollha titħallas mill-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada;

23. Jappoġġa l-idea li koordinament akbar tal-politiki ekonomiċi fi ħdan l-Unjoni Ewropea huwa ħtieġa imperattiva u jġib miegħu sinerġiji addizzjonali;

24. Jirrikonoxxi li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir mhuwiex strument suffiċjenti għall-armonizzazzjoni tal-politiki fiskali u ekonomiċi tal-Istati Membri;

25. Jappoġġa, għaldaqstant, reviżjoni tal-mekkaniżmi meħtieġa biex l-ekonomiji nazzjonali fi ħdan l-UE jitreġġgħu lura għat-triq tal-konverġenza;

26. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tfassal mekkaniżmu adegwat ta' kooperazzjoni flimkien mal-FMI f'każijiet speċjali fejn l-Istati Membri jingħataw appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti mill-FMI;

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-inflazzjoni għolja ma tistax tkun risposta għall-ħtieġa ta' aġġustament fiskali, minħabba li timponi spejjeż ekonomiċi sostanzjali u tirrappreżenta theddida għal tkabbir sostenibbli u inklussiv;

28. Jaqbel mal-Kummissjoni li "l-espansjoni fiskali b'suċċess biex tpatti għar-reċessjoni u s-sostenibilità fiskali fuq medda twila ta' żmien mhumiex inkompatibbli", iżda jwissi kontra r-riskji ta' estensjoni żejda u artifiċjali bbażata fuq nefqa pubblika ogħla, li hemm ċans li jdgħajfu l-politika;

29. Huwa tal-fehma li l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fuq il-bażi ta' sensiela ta' deċiżjonijiet speċifiċi għal medda qasira ta' żmien se tistabbilixxi s-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi, u li huwa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din is-sensiela ta' deċiżjonijiet għal medda qasira ta' żmien, permezz tal-għoti ta' struttura għal medda qasira ta' żmien, li l-kwistjoni tas-sostenibilità tad-dejn pubbliku għandha tiġi indirizzata;

30. Iqis li l-politika baġitarja għandha, b'mod predominanti permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid, tbiddel it-tfaddil disponibbli f'investimenti li jagħtu spinta lit-tkabbir, pereżempju investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, il-modernizzazzjoni tal-bażi industrijali, l-iżvilupp ta' ekonomija tal-UE iktar ekoloġika, iktar intelliġenti, iktar innovattiva u iktar kompetittiva u kapaċi tegħleb l-isfida tal-edukazzjoni;

31. Jenfasizza li proporzjon sostanzjali tan-nefqa pubblika u soċjali tista' tkun spiża produttiva, jekk tkun immirata lejn proġetti li għandhom impatt ta' benefiċċju fuq l-akkumulu ta' kapital fiżiku u uman, kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi kkontrollata ż-żieda fil-piż ikkawżat mid-dejn biex jiġi żgurat li l-ispiża li qed tiżdied għar-rati ta' mgħax ma ċċekkinx in-nefqa soċjali essenzjali; jisħaq fuq il-fatt li riżorsi saħansitra aktar skarsi jagħmlu essenzjali t-titjib tal-kwalità tan-nefqa pubblika;

32. Jenfasizza li l-miżuri li jtaffu l-effett tal-qgħad li huma s-sistemi ta' protezzjoni soċjali rriżultaw partikolarment effikaċi fi żminijiet ta' kriżi; jenfasizza li finanzi pubbliċi stabbli jikkostitwixxu prekundizzjoni biex jiġi żgurat li dan ikun il-każ fil-futur ukoll;

33. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-iskemi statutarji tal-pensjonijiet tiddependi mhux biss mill-evoluzzjoni demografika, iżda wkoll mill-produttività tal-popolazzjoni attiva (li tinfluwenza r-rata tat-tkabbir potenzjali), l-età ta' rtirar effettiva kif ukoll il-parti tal-PDG allokata għall-finanzjament tal-iskemi msemmija; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-fatt li l-konsolidament tal-finanzi pubbliċi u t-tnaqqis tal-livelli tad-dejn u tad-defiċit huma fatturi importanti għas-sostenibilità;

34. Jinnota li demografija li qed tinbidel, partikolarment popolazzjoni li qed tixjieħ, tfisser li l-iskemi tal-pensjonijiet tal-Istat f'ħafna Stati Membri, speċjalment fir-rigward tal-bażi kontributtiva, għandhom jiġu riformati minn żmien għal żmien biex jibqgħu finanzjarjament sostenibbli;

35. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-piż tad-dejn jiżdied meta r-rati ta' mgħax reali huma ogħla mir-rata ta' tkabbir tal-PDG, u li s-swieq jivvalutaw ir-riskji bħal aktar gravi meta jiżdied il-piż tad-dejn;

36. Huwa tal-fehma li r-rati ta' mgħax assoċjati mas-self min-naħa tal-Istat jirriflettu kif is-swieq jivvalutaw is-sostenibilità tad-dejn ta' Stat Membru;

37. Josserva li defiċit li qed jiżdied jgħolli l-prezz tas-self, parzjalment minħabba l-fatt li s-swieq jivvalutaw li r-riskji jkunu aktar gravi meta l-piż tad-dejn ikun qed jiżdied b'ritmu iktar mgħaġġel mit-tkabbir ekonomiku u l-kapaċità li jitħallas lura s-self;

38. Jisħaq fuq il-fatt li l-kriżi finanzjarja attwali enfasizzat bl-iktar mod ċar possibbli r-rabta diretta bejn l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi; jenfasizza, f'dak il-kuntest, il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni superviżorja msaħħa u integrata dwar is-swieq finanzjarji li għandha tinkludi mekkaniżmi sodi għall-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri;

39. Jitlob lill-Kummissjoni biex twettaq studji li jivvalutaw il-kwalità tad-dejn tal-Istati Membri;

40. Josserva li jekk il-finanzi pubbliċi ta' Stat Membru jridu jkunu kredibbli, effettivi u ġenwinament indipendenti, jinħtieġu governanza statistika u viġilanza xierqa mill-Kummissjoni;

41. Jissuġġerixxi, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni tivvaluta l-effetti tan-nefqa fiskali mġarrba mill-Istati Membri biex jagħtu spinta lill-ekonomiji tagħhom, f'termini ta' impatt fuq il-produzzjoni, fuq il-kontijiet pubbliċi u biex jistimulaw u jħarsu l-impjiegi, kemm f'terminu qasir ta' żmien kif ukoll fit-tul;

42. Jinnota li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għadu jifforma s-sinsla tad-dixxiplina meħtieġa biex tintlaħaq sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi u li l-Istati Membri għandhom jiġġeneraw bilanċi pożittivi mill-finanzi pubbliċi tagħhom fi "żminijiet favorevoli" u defiċits fi "żminijiet sfavorevoli" biss;

43. Jenfasizza li l-attakki spekulattivi reċenti fuq bosta ekonomiji Ewropej kellhom bħala mira primarja l-munita euro nnifisha u l-konverġenza ekonomika Ewropea; huwa konvint, f'dan is-sens, li l-problemi Ewropej jeħtieġu soluzzjonijiet Ewropej, li għandhom joffru strumenti interni biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' nuqqasijiet bil-kumbinazzjoni ta' dixxiplina fiskali nazzjonali ma' mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju meta jkun falla kull tentattiv ieħor;

44. Jappella biex id-defiċit strutturali jinżamm bħala wieħed mill-indikaturi użati biex jiddetermina s-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi;

45. Iqis strateġija mġedda għat-tkabbir u l-impjiegi bħala kontributur prinċipali għal finanzi pubbliċi sostenibbli fl-Unjoni Ewropea; jemmen li l-Unjoni Ewropea teħtieġ li timmodernizza l-ekonomija tagħha, partikolarment il-bażi industrijali tagħha; jappella għal allokazzjoni mill-ġdid tal-fondi fil-baġit tal-UE u tal-Istati Membri lejn investiment ikbar fir-riċerka u l-innovazzjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istrateġija l-ġdida "Ewropa 2020" teħtieġ strumenti vinkolanti biex tirnexxi;

46. Jenfasizza l-ħtieġa biex is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE tkun immonitorjata kostantement sabiex jiġi valutat il-kobor tal-isfidi fit-tul; jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal pubblikazzjoni regolari ta' informazzjoni dwar il-passivi miftuħa tas-settur pubbliku u l-passivi tas-sistemi soċjali, eż. l-iskemi tal-pensjonijiet;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra t-tnaqqis fid-distakk tas-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi bħala parti essenzjali mill-istrateġija UE 2020;

48. Jistieden lill-Istati Membri biex wara li jimlew id-distakk tas-sostenibilità tagħhom, inaqqsu l-proporzjon pubbliku tagħhom bejn id-dejn u l-PDG għal massimu ta' 60 %;

49. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-firxa tar-rati ta' mgħax fis-swieq kapitali hija l-indikatur prinċipali tas-solvenza tal-Istati Membri individwali;

50. Huwa estremament imħasseb dwar id-diskrepanzi fil-kwalità tal-istatistika, li tista' tiġi osservata fl-UE b'mod ġenerali u fiż-żona euro b'mod partikolari;

51. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi hija wkoll fundamentalment marbuta mal-baġit tal-UE u mal-finanzjament tiegħu;

52. Jenfasizza r-rwol pożittiv ħafna tal-baġit tal-UE, minkejja li limitat ħafna mill-MFF, fit-taffija tal-effetti tal-kriżi permezz tal-finanzjament tal-Pjan ta' Rkupru Ewropew u r-riallokazzjoni tal-fondi favur oqsma prijoritarji f'dak ir-rigward; jiddeplora, madankollu, in-nuqqas ta' koordinament adegwat bejn il-politiki ekonomiċi u fiskali tal-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-kriżi ekonomika u finanzjarja, kif ukoll biex jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi;

***Id-dimensjoni soċjali u tal-impjiegi tal-istrateġija ta' ħruġ mill-kriżi***

53. Jinnota li ż-żieda fil-qgħad u d-dejn pubbliku kif ukoll it-tnaqqis fit-tkabbir ekonomiku kkawżati mill-kriżi ekonomika ma jaqblux mal-objettiv tal-finanzi pubbliċi sostenibbli; jinnota l-bżonn li l-Istati Membri jikkonsolidaw il-kontijiet tagħhom u jtejbu l-likwidità tal-finanzi pubbliċi biex inaqqsu l-prezz tad-dejn iżda anki l-bżonn li dan isir b'mod bilanċjat f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi partikolari eżistenti fl-Istati Membri; jenfasizza, madankollu, li qtugħ indiskriminat fl-investimenti pubbliċi, ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-iżvilupp għandhom konsegwenzi negattivi fuq il-prospettivi għat-tkabbir, għall-impjiegi u għall-inklużjoni soċjali u għalhekk iqis li investimenti fuq medda twila ta' żmien f'dawn l-oqsma jridu jkomplu jiġu promossi, u fejn meħtieġ imwessgħin;

54. Jenfasizza li l-irkupru attwali għadu fraġli u li l-qgħad għadu qed jiżdied fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u speċjalment iż-żgħażagħ huma dawk l-aktar milquta; jemmen bil-qawwi li l-kriżi finanzjarja ma tistax titħabbar bħala mitmuma sakemm il-qgħad jonqos sostanzjalment u b'mod sostenibbli u jenfasizza l-fatt li s-sigurtà soċjali tal-Ewropa wriet il-valur tagħha billi pprovdiet stabbiltà u kkontribwixxiet għall-irkupru;

55. Iqis li huwa essenzjali li jiġu valutati sew l-effetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tal-kriżi u li tiġi definita fuq livell tal-UE strateġija ta' rkupru bbażata fuq l-appoġġ għall-impjiegi, it-taħriġ u l-investiment li jwassal għal attività ekonomika għolja, it-tisħiħ tal-kompetittività u tal-produttività tal-impriżi, speċjalment għall-SMEs, u r-rivitalizzazzjoni tal-industrija filwaqt li tiżgura t-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija sostenibbli kompetittiva; jemmen li dawn il-miri għandhom ikunu fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020;

56. Hu tal-fehma li l-istrateġija tal-irkupru ekonomiku fl-ebda ċirkostanza ma għandha tagħti lok għal żbilanċi strutturali ġodda u għal disparitajiet tad-dħul prinċipali, li qed iżommu lura l-produttività u l-kompetittività fl-ekonomija, iżda anzi għandha tintroduċi r-riformi meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn l-iżbilanċi; iqis li l-miżuri finanzjarji u fiksali meħuda mill-Istati Membri għandhom iħarsu s-salarji, il-pensjonijiet, il-benefiċċji għall-qgħad u l-kapaċità tal-akkwist tal-familji mingħajr ma jipperikolaw is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi jew il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu servizzi pubbliċi essenzjali fil-futur;

57. Jinnota li t-tixjiħ tal-popolazzjoni mbassar fis-snin li ġejjin se jippreżenta sfida liema bħalha għall-pajjiżi tal-UE; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-miżuri kontra l-kriżi ma għandhomx, fil-prinċipju, joħolqu konsegwenzi fit-tul għall-finanzi pubbliċi jew jitfgħu piż żejjed fuq il-ġenerazzjonijiet futuri bi ħlasijiet lura tad-dejn attwali;

58. Jisħaq fuq l-importanza li l-irkupru ekonomiku jkun marbut ma' politiki mmirati biex ikun indirizzat il-qgħad strutturali, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u n-nisa, bil-għan li jiżdiedu l-impjiegi ta' kwalità, u b'hekk tissaħħaħ il-produttività tax-xogħol u tal-investiment; f'dan ir-rigward, iqis bħala importanti l-politiki li jtejbu l-kwalità tal-kapital uman, bħall-edukazzjoni jew il-politiki fil-qasam tal-kura tas-saħħa mmirati li jiżviluppaw forza tax-xogħol aktar produttiva u li topera aktar fit-tul u l-politiki mmirati biex itawlu l-perjodu tal-attività professjonali; jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex isaħħu l-politiki u l-miżuri tagħhom fil-qasam tal-impjiegi u tas-suq tax-xogħol, billi jqegħduhom fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020;

### *L-impatt tal-bidla demografika u l-istrateġija għall-impjiegi*

59. Iqis li s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi tiddependi ħafna fuq l-abilità li jogħla l-livell ta' persuni impjegati biex jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi u dawk marbuta mal-baġit, b'referenza partikolari għas-sostenibilità tal-iskemi tal-pensjonijiet; huwa tal-fehma li l-kapital uman Ewropew eżistenti jista' jiġi appoġġat fit-terminu medju b'politiki xierqa dwar il-migrazzjoni li jissarrfu fl-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol u fl-għoti taċ-ċittadinanza;

60. Jisħaq fuq il-fatt li żieda fil-livelli ta' impjiegi hija essenzjali biex l-UE tlaħħaq mal-popolazzjoni li qed tixjieħ u jenfasizza li l-parteċipazzjoni għolja fis-suq tax-xogħol hija prekundizzjoni għat-tkabbir ekonomiku, l-integrazzjoni soċjali u l-ekonomija tas-suq soċjali li tkun sostenibbli u kompetittiva;

61. Hu tal-fehma li l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tieħu l-forma ta' "patt dwar il-politika ekonomika, tal-impjiegi u soċjali" li jkollha l-għan li ssostni l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u tiffoka fuq l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol għal kulħadd, jiġifieri waħda li tħares bl-aħjar mod iċ-ċittadini mill-esklużjoni soċjali; jisħaq fuq il-fatt li l-politiki kollha għandhom isaħħu lil xulxin biex jinkisbu sinerġiji pożittivi; hu tal-fehma li l-istrateġija għandha tkun ibbażata fuq linji gwida, u fejn possibbli indikaturi u parametri ta' referenza li jistgħu jitkejlu u jitqabblu kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak tal-UE;

### *Is-sostenibilità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali*

62. Iqis li l-politika tal-finanzi pubbliċi kkoordinata fuq livell tal-UE u orjentata lejn it-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi ta' kwalità u l-adozzjoni tar-riformi meħtieġa biex tkun żgurata l-vijabilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali hija waħda mir-reazzjonijiet meħtieġa għall-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali u l-isfidi tal-bidliet demografiċi u dawk marbuta mal-globalizzazzjoni;

63. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ekwilibriju fit-tul tal-iskemi statutarji tal-pensjonijiet jiddependi mhux biss mill-evoluzzjonijiet tal-popolazzjoni, iżda wkoll mill-produttività ta' dawk attivi f'xogħol, li tinfluwenza r-rata tat-tkabbir potenzjali, kif ukoll mill-proporzjon tal-PDG riservat għall-finanzjament tal-iskemi msemmija;

64. Jisħaq fuq l-importanza tal-Green Paper imminenti dwar ir-riforma tal-pensjonijiet u jqis li l-iżvilupp ta' sistemi tal-pensjonijiet sostenibbli, siguri u diversifikati sew b'sorsi differenti ta' finanzjament marbuta mal-andament tas-suq tax-xogħol jew mas-swieq finanzjarji u li jistgħu jieħdu l-forma ta' skemi tal-kumpaniji, u li jinvolvu skemi pubbliċi, oħrajn supplimentari bbażati fuq minn iħaddem u oħrajn individwali, huma vitali u għandhom ikun mħeġġa kuntrattwalment u fiskalment; jirrikonoxxi, għalhekk, l-importanza tal-litteriżmu tal-pensjoni fost iċ-ċittadini tal-UE;

65. Jenfasizza li, fuq medda twila ta' żmien, l-obbligi tal-pensjonijiet impliċiti jirrappreżentaw waħda mill-akbar partijiet tad-dejn pubbliku totali, u li l-Istati Membri għandhom jippubblikaw regolarment tagħrif dwar l-obbligi tal-pensjonijiet impliċiti tagħhom, billi jsegwu l-metodoloġija komuni li hemm qbil dwarha;

66. Huwa tal-fehma li l-bżonn li jkun hemm finanzi pubbliċi sostenibbli kif ukoll sigurtà soċjali adegwata u skemi ta' inklużjoni jirrikjedi li tiżdied il-kwalità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni u tan-nefqa pubblika, u li l-Istati Membri għandhom jitħeġġew iqisu miżuri biex jiżguraw li l-piż fiskali jinqasam b'mod ekwu bi tnaqqis progressiv u inċiżiv tal-piż fiskali fuq l-impjiegi u fuq l-SMEs; hu tal-fehma li dan għandu jgħin biex jonqos il-faqar, jiggarantixxi l-koeżjoni soċjali u jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u lill-produttività, li huma fatturi fundamentali fil-kompetittività u fis-sostenibilità tal-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew;

*

* *

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BĊE u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

# Il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona

P7_TA(2010)0191

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona (2009/2235(INI))**

(2011/C 161 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 sa 178 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni [1],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji dwar il-Koeżjoni [2],

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar "l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Fondi Strutturali 2007-2013: ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji ta' koeżjoni u l-programmi operazzjonali" [3],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Awwissu 2007 dwar "Reġjuni Ewropej kompetittivi permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni - Kontribuzzjoni lejn aktar tkabbir u impjiegi aktar u itjeb" (COM(2007)0474),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2007 dwar "Reġjuni li jwasslu l-innovazzjoni permezz tal-politika ta' koeżjoni" (SEC(2007)1547),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Naħdmu flimkien għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi. Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona" (COM(2005)0024),

---

(1) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.
(2) ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11.
(3) Testi adottati, P6_TA(2009)0165.

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "Dokument ta' evalwazzjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona" (SEC(2010)0114),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar "It-twassil mill-Istati Membri u r-Reġjuni tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi permezz tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, 2007-2013" (COM(2007)0798),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2008 dwar "Ir-riżultati tan-negozjati dwar l-istrateġiji u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013" (COM(2008)0301),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2009 dwar l-20 rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali (2008) (COM (2009)0617),

— wara li kkunsidra l-evalwazzjonijiet ex post tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2009 dwar Konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Futura "EU2020" (COM(2009)0647),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew Informali tal-11 ta' Frar 2010,

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni dwar l-UE 2020 u r-riżultat tagħha (SEC2010)0116),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020. Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2010 li jheġġeġ dibattitu tal-UE dwar il-koeżjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7–0129/2010),

A. billi, wieħed iżomm f'moħħu li l-għan finali tal-politika ta' koeżjoni huwa li jitnaqqas id-distakk bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni u l-limitu sa fejn ir-reġjuni l-inqas favoriti u l-gżejjer (inklużi ż-żoni rurali) qed jaqgħu lura, mill-2007 r-regolamenti tal-Fondi Strutturali jinkludu l-għoti obbligatorju ta' flus għall-objettivi ta' Lisbona għall-UE15 u mekkaniżmu simili għall-għoti mhux obbligatorju ġie applikat b'mod volontarju mill-UE12, b'tali mod li r-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni jappellaw għall-Istati Membri u r-reġjuni, it-tkabbir u l-impjiegi,

B. billi - b'mod partikolari matul ir-reċessjoni attwali - il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-istrumenti ewlenin biex jitrawmu t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi fl-UE minħabba, fost affarijiet oħra, l-ammont stabbli tagħha ta' fondi għal programmi u politiki ta' żvilupp fuq tul ta' żmien twil, is-sistema ta' mmaniġġjar deċentralizzata applikata u l-inklużjoni ta' prijoritajiet ta' żvilupp sostenibbli Komunitarji fost l-objettivi fundamentali tagħha,

C. billi żewġ terzi tal-investiment tas-settur pubbliku madwar l-UE ġej mil-livelli reġjonali u lokali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali spiss jikkonċentraw kompetenzi sostanzjali tal-politika u huma atturi ewlenin fit-twassil kemm tal-Istrateġija attwali ta' Lisbona kif ukoll tal-Istrateġija futura tal-UE2020,

D. billi l-politika ta' koeżjoni u l-Istrateġija UE 2020 għandhom jiġu integrati minħabba li l-politika ta' koeżjoni hija inkluża fit-Trattat ta' Lisbona sabiex jitrawmu t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjieg, li huma l-objettivi ewlenin tal-Istrateġija,

E. billi l-istrateġija proposta UE2020, simili għall-Istrateġija ta' Lisbona, ma tirriflettix b'mod suffiċjenti l-livelli ta' żvilupp differenti ta' reġjuni u Stati Membri u għalhekk ma tenfasizzax biżżejjed il-koeżjoni ekonomika fl-UE mkabbra,

***Il-Politika ta' Koeżjoni u l-Istrateġija ta' Lisbona***

1. Josserva li fl-allokazzjonijiet tal-programm għall-2007-2013 madwar €228 biljun ġew assenjati matul il-perjodu ta' 7 snin għall-prijoritajiet ta' Lisbona; jindika li l-allokazzjonijiet inġenerali, fl-UE12 ukoll, marru 'l bogħod mill-persentaġġi suġġeriti;

2. Jinnota li l-allokazzjonijiet ivarjaw ħafna madwar l-Istati Membri u fost l-Objettivi; jenfasizza li m'hemmx politika waħda li tgħodd għall-oqsma kollha u li tentattiv bħal dan iwassal għal nuqqas ta' sjieda u identifikazzjoni bi kwalunkwe strateġija għat-tkabbir u jirriżulta fl-implimentazzjoni fqira tagħha;

3. Ifakkar li diġà fil-perjodu 2000-2006, minkejja l-assenza ta' mekkaniżmu ta' assenjazzjoni, ir-rabta bejn il-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Istrateġija ta' Lisbona kienet b'saħħitha b'€10.2 biljuni investiti fir-riċerka u l-innovazzjoni;

4. Huwa tal-fehma li l-Istrateġija ta' Lisbona oriġinali, ibbażata biss fuq il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, strutturalment ma kienx possibbli li jinkisbu l-miri msemmija u li kien biss meta kienet marbuta mal-Politika ta' Koeżjoni li ntlaħqu riżultati veri; jisħaq li dan l-iżball għandu jiġi evitat fl-istrateġija proposta UE 2020;

5. Jiddispjaċih li minħabba d-dewmien għall-bidu tal-programmi u n-nuqqas sussegwenti ta' data dwar l-infiq, il-korrispondenza bejn l-allokazzjonijiet tal-programm u n-nefqa proprja ma tistax tiġi verifikata f'dan l-istadju, u lanqas hu possibbli li jiġi evalwat jekk l-investimenti ta' Lisbona humiex affidabbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' programmar f'pajjiżi inqas avvanzati; jilqa' l-pubblikazzjoni tar-rapport strateġiku tal-Kummissjoni u jitlob li dibattitu interistituzzjonali ta' livell għoli jsir fuq din il-bażi biex janalizza l-kontribuzzjoni tal-politika ta' koeżjoni għall-objettivi ta' Lisbona u biex jevalwa interrelazzjonijiet futuri;

6. Jikkritika n-nuqqas ta' evalwazzjoni ġenerali tal-impatt tan-nefqa ta' koeżjoni dwar l-iżvilupp reġjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt territorjali tal-assenjazzjoni ta' Fondi Strutturali għall-Istrateġija ta' Lisbona u biex tevalwa jekk din is-sistema hijiex verament qiegħda tikkontribwixxi għal żvilupp reġjonali bilanċjat u koerenti;

7. Jirrikonoxxi li evalwazzjoni effettiva għandha tkun ibbażata fuq indikaturi li jippermettu t-tqabbil tad-data u l-aggregazzjoni fost ir-reġjuni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħejji proposta għall-indikaturi tal-evalwazzjoni qabel l-2012 sabiex tipprovdi l-mezzi biex tkejjel ir-riżultat tal-impatt kif ukoll fir-rigward tal-kwantità u l-kwalità u biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss;

8. Jiddispjaċih li, filwaqt li l-objettivi ewlenin tal-Aġenda ta' Lisbona inizjalment inkludew it-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali, it-tnedija mill-ġdid tal-Istrateġija fl-2005 ppreżentat programm anqas ambizzjuż;

9. Jikkunsidra l-governanza dgħajfa f'ħafna livelli bħala waħda mil-limiti ewlenin tal-Istrateġija ta' Lisbona, bl-involviment insuffiċjenti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-soċjetà ċivili fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-komunikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrateġija; jirrakkomanda l-integrazzjoni qawwija tagħhom fil-futur fl-istadji kollha;

10. Jenfasizza li meta l-prinċipju ta' sħubija ġie applikat fl-Istrateġija ta' Lisbona, żied is-sens ta' approprjazzjoni tal-objettivi mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif ukoll mill-partijiet ekonomiċi u soċjali interessati, u sostenibilità ogħla żgurata tal-intervenzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni timmoniterja l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija fl-Istati Membri b'mod aktar effikaċi;

11. Jinnota li r-reġjuni u l-ibliet tal-Ewropa jiżvolġu rwol fundamentali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona, minħabba li huma atturi ewlenin fil-qasam tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-politika ta' edukazzjoni; jindika li huma jimplimentaw aktar minn terz tal-investiment pubbliku kollu fl-UE u kulma jmur qed jiffikuaw aktar l-infiq tal-Fond Strutturali fuq it-tkabbir – u l-objettivi relatati mal-impjiegi;

12. Jindika li l-livell reġjonali u b'mod partikolari dak lokali għandu rwol kruċjali x'jilgħab bħala l-magna biex tilħaq atturi ekonomiċi u soċjali numerużi li jgħixu u jipproduċu fl-Ewropa, partikolarment l-SMEs, u dawk li jrawmu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp;

13. Jiddispjaċih dwar is-sinerġiji dgħajfin li jeżistu bejn l-Oqsfa ta' Referenza Strateġika Nazzjonali u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma skont l-istrateġija; jirrakkomanda djalogu aktar b'saħħtu u regolari fil-livelli kollha, inkluż il-livell Komunitarju, bejn amministrazzjonijiet responsabbli mill-politika ta' koeżjoni u l-Istrateġiji ta' Lisbona/UE2020 u l-isħab relevanti mill-kumitat tal-monitoraġġ;

14. Japprezza li r-riżultati li saru sa issa permezz tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja u l-koperazzjoni mal-BEI fit-trawwim tal-innovazzjoni u r-riċerka permezz ta' forom rinnovabbli ta' finanzjament u jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu r-rabtiet bejn l-istrument ta' finanzjament tal-UE u l-istrumenti ta' finanzjament tal-BEI; jirrikonoxxi l-potenzjal għall-ingranaġġ għal investimenti u jitlob għat-tisħiħ tagħhom b'mod speċjali fir-rigward ta' JEREMIE u JESSICA biex jiżguraw appoġġ aħjar għan-negozji u l-SMEs; jirrakkomanda li r-regoli li jiggvernaw dawn l-istrumenti ikunu simplifikati biex jippermettu użu akbar mill-benefiċjarji;

***Il-Politika ta' Koeżjoni u l-UE2020***

15. Jilqa' d-dibattitu dwar l-istrateġija UE2020; jenfasizza n-natura ta' din l-istrateġija fuq medda twila ta' żmien li għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet qafas għal tkabbir stabbli u ħolqien ta' impjiegi fl-Ewropa u tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli, u jaqbel mal-prijoritajiet definiti; jisħaq fuq il-bżonn li jiġi żviluppat b'mod sussegwenti approċċ ta' governanza fuq ħafna livelli għall-koeżjoni territorjali li tant hemm bżonnha fl-Ewropa;

16. Jiddispjaċih li din l-istrateġija ġiet proposta qabel it-tlestija tar-reviżjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona attwali; Jirrakkomanda bis-sħiħ lill-Kummissjoni biex tipprepara evalwazzjoni onesta tan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Lisbona; Jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport parlamentari għandhom jiġu inklużi fil-verżjoni finali tal-istrateġija l-ġdida;

17. Jitlob għall-bżonn li tiġi żgurata infrastruttura effiċjenti u estensiva billi jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' trasport, jiġu introdotti arranġamenti ta' trasport li ma jħammġux, li jitjieb b'mod kwalitattiv l-aċċess għall-ilma u d-dranaġġ u s-sistemi ta' mmaniġġjar tal-iskart, billi jiġi introdott immaniġġjar ambjentali effettiv, u billi jiġi żgurat l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali u enerġiji rinnovabbli, bil-għan li jkun hemm żvilupp ekonomiku u koeżjoni soċjali mtejba;

18. Iħeġġeġ lill-UE tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi u tieħu azzjoni xierqa biex tilħaq il-ħtiġijiet speċjali ta' reġjuni kkaratterizzati minn nuqqasijiet naturali jew demografiċi ta' natura serja u permanenti, bħal ma huma reġjuni kostali, gżejjer, reġjuni muntanjużi u reġjuni transkonfinali u l-aktar imbiegħda, fid-dawl tal-bażi legali għall-koeżjoni territorjali li jipprovdi t-Trattat ta' Lisbona l-ġdid;

19. Japprezza li d-dimensjoni soċjali hija kkunsidrata fil-proposta, iżda jenfasizza li l-pilastru ekonomiku għandu r-rwol ċentrali f'termini ta' ħolqien tax-xogħol u għalhekk huwa importanti li jitlesta s-Suq Intern ħieles, miftuħ u funzjonali li jippermetti lin-negozji jirreaġixxu mal-flessibilità ta' tendenzi makroekonomiċi; jenfasizza li l-kriżi riċenti wriet li l-ebda strateġija għat-tkabbir ma tista' tittraskura l-objettivi tal-protezzjoni soċjali, l-aċċess għas-servizzi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità;

20. Jilqa' t-talba għal impjiegi aktar sostenibbli u intelliġenti, iżda jagħraf li mudell ġdid ekonomiku jista' jwassal għal distribuzzjoni mhux ugwali tal-ispejjeż u l-benefiċċji fost Stati Membri u reġjuni individwali, u għalhekk biex jipprevjeni dan milli jseħħ, jitlob lill-Unjoni tieħu r-responsabilità u tidentifika oqsma ewlenin tal-azzjoni fejn skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà l-intervent fil-livell Ewropew huwa l-aktar xieraq biex jinkisbu l-aqwa riżultati għal kulħadd;

21. Jenfasizza li r-riċerka u l-innovazzjoni huma strumenti ewlenin għall-iżvilupp tal-UE u biex ikunu jistgħu jagħmluha aktar kompetittiva quddiem sfidi globali; huwa tal-opinjoni li għandu jkun hemm investiment regolari f'dawn l-oqsma kif ukoll evalwazzjoni regolari tal-progress li sar fuq bażi tar-riżultati li nkisbu; f'dan ir-rigward jappella għal koordinazzjoni aħjar tal-Fondi Strutturali u l-Programm ta' Qafas biex ikabbru l-benefiċċji tal-fondi għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-futur u għall-iżvilupp ta' gruppi innovattivi reġjonali fl-Istati Membri u bejniethom;

22. Jinsab konvint li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma prekundizzjonijiet fundamentali għall-iżvilupp tal-UE u biex ikunu jistgħu jagħmluha aktar kompetittiva quddiem sfidi globali; jemmen li l-investiment irid jiġi żgurat f'dan il-qasam b'mod regolari u li l-progress tal-objettivi jrid jiġi valutat regolarment;

23. Jirrikonoxxi li l-istruttura stabbilita ta' oġġetti fil-politiki strutturali taw prova li kien hemm suċċess waqt l-ewwel snin tagħha; jappella f'ġieħ l-affidabilità tal-ippjanar għall-kontinwazzjoni ta' din l-istruttura kif ukoll għall-kontinwazzjoni tal-prinċipju ta' mmaniġġjar maqsum; jirrikonoxxi li jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' aġġustament tal-kontenut oġġettiv għal adattament għall-miri tal-2020;

24. Jinnota li n-nuqqasijiet infrastrutturali, partikolarment f'reġjuni rurali, xorta jvarjaw b'mod konsiderevoli madwar l-Ewropa li jibblokkjaw it-tkabbir potenzjali tagħha u l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern; jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni transkonfinali f'dan ir-rigward u jemmen li jeħtieġ li tinħoloq sitwazzjoni verament bl-istess kondizzjonijiet fit-trasport, l-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet u l-infrastruttura tal-IT, u għandha tiġi inkluża fl-istrateġija u tkompli tkun parti essenzjali tal-politika ta' koeżjoni;

25. Jirrikonoxxi li l-Baġit tal-UE għandu jilgħab rwol ċentrali biex jinkisbu l-miri tal-UE 2020; jikkunsidra li l-politika ta' koeżjoni, minħabba l-fokus strateġiku tagħha, il-kundizzjonalità b'saħħitha u li torbot, l-interventi magħmula bil-qies, u l-monitoraġġ u l-għajnuna teknika, hija mekkaniżmu effiċjenti u effettiv għat-twassil tal-istrateġija UE2020;

26. Jinnota li, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal broadband, jeżistu defiċits kbar f'żoni rurali, li għandhom jingħelbu skont l-objettiv imsemmi fl-Aġenda Diġitali, biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli ta' dawn ir-reġjuni;

27. Jilqa' r-rikonoxximent tar-rwol tal-Fondi Strutturali fit-twassil tal-miri UE2020; madankollu jenfasizza, li l-politika ta' koeżjoni mhijiex sempliċiment is-sors ta' allokazzjonijiet finanzjarji stabbli, iżda hi strument qawwi għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni kollha tal-Ewropa. Il-miri ewlenin tagħha – li jegħlbu n-nuqqas ta' qbil bejn ir-reġjuni u jintroduċu koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali reali fl-Ewropa, u prinċipji - approċċ integrat, governanza fuq ħafna livelli u sħubija reali - huma l-elementi prinċipali kumplimentari għas-suċċess tal-istrateġija u għandhom ikunu kkoordinati magħha;

28. Jenfasizza li politika ta' koeżjoni b'saħħitha u ffinanzjata sew, li tiġbor fiha r-reġjuni Ewropej kollha, għandha tkun element ewlieni għall-Istrateġija UE2020; jemmen li din il-politika, bl-approċċ orizzontali tagħha, hija prekundizzjoni fundamentali għat-twassil b'suċċess tal-miri UE2020, kif ukoll għal ksib ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-UE; jirrifjuta kull tentattiv biex din il-politika ta' koeżjoni tiġi nazzjonalizzata mill-ġdid u jitlob għad-dimensjoni reġjonali biex tkun appoġġjata bis-sħiħ fir-reviżjoni tal-baġit tal-UE;

29. Jenfasizza li d-definizzjoni fil-ħin ta' mekkaniżmi ta' twassil hija ta' importanza kbira għas-suċċess tal-Istrateġija UE 2020;

30. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni mhijiex subordinata għall-Istrateġija UE2020; jenfasizza li filwaqt li l-prijoritajiet tal-politika ta' koeżjoni għandhom ikunu konformi mal-objettivi tal-UE2020, għandha tkun permessa biżżejjed flessibilità biex takkomoda l-ispeċifiċitajiet reġjonali u tappoġġja r-reġjuni anqas b'saħħithom u l-aktar li għandhom bżonn biex jegħlbu d-diffikultajiet soċjoekonomiċi tagħhom, nuqqasijiet naturali u jnaqqsu n-nuqqas ta' qbil;

31. Jitlob għal sistema ta' governanza mtejba fl-Istrateġija UE2020 meta mqabbla mal-Istrateġija ta' Lisbona; jirrakkomanda t-tfassil u l-implimentazzjoni, filwaqt li jintużaw il-fondi ta' Koeżjoni u dawk strutturali, skont il-prinċipju ta' governanza fuq ħafna livelli sabiex jiżgura involviment akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili; jenfasizza li dan l-involviment jaf jinkludi l-adozzjoni ta' ftehimiet ta' governanza fuq ħafna livelli;

32. Jikkunsidra li l-istrateġija tal-UE2020 għandha tkun parti integrali fil-ksib tal-mira ta' koeżjoni territorjali, inkluża bħala objettiv ġdid fit-Trattat ta' Lisbona; jemmen li l-inizjattivi lokali għal koperazzjoni transkonfinali joffru potenzjal għal koeżjoni territorjali li għadha ma ġietx sfruttata biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni biex fil-proposti tagħha tistabbilixxi r-rwol tal-istrateġiji tal-makroreġjuni f'aktar dettall għall-arranġamenti ta' koperazzjoni territorjali futuri;

33. Jindika li dimensjoni territorjali aktar b'saħħitha tal-istrateġija, li tikkunsidra l-ispeċifiċitajiet u l-livelli differenti tal-iżvilupp tar-reġjuni Ewropej, bl-involviment dirett tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-imsieħba kif imsemmija fir-Regolament dwar il-Fondi Strutturali fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi relevanti, twassal għal sens akbar ta' approprijazzjoni tal-miri tiegħu fil-livelli kollha u tiżgura għarfien aħjar tal-objettivi u r-riżultati fir-realtà; jemmen, barra minn hekk, li r-reġjuni jeħtieġu jiġu appoġġjati kontinwament billi jiġu żviluppati strumenti finanzjarji innovattivi biex b'hekk jinżamm ir-rwol tagħhom biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona;

34. Jenfasizza l-importanza ta' għarfien bażiku, kemm lokalment u b'mod reġjonali, għall-objettivi tal-IstrateġijaUE2020; minn dan il-lat, iqis li huwa essenzjali li tiġi żgurata d-dispożizzjoni ta' statistiċi konġunti, kif ukoll titkejjel il-kapaċià fir-rigward tal-indikaturi, kemm fil-livell reġjonali u lokali;

35. Jindika li r-rwol prinċipali tal-ibliet fil-ksib tal-miri UE2020; iħeġġeġ li l-esperjenza u l-kontribuzzjoni tagħhom jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet UE2020, b'mod partikolari fir-rigward ta' tibdil fil-klima, fl-integrazzjoni soċjali u fid-demografija u investimenti fl-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, fl-enerġija, fit-trasport, fil-ġestjoni tal-ilma, fil-kura tas-saħħa, fis-sigurtà pubblika eċċ; jaqbel mal-konklużjonijiet abbozzati tal-Kunsill li r-reġjuni għandhom ikunu involuti fl-istrateġiji tal-impjiegi u tat-tkabbir fil-futur; jissuġġerixxi li, minħabba li kull strateġija f'dan il-qasam għandha tiġi eżegwita f'koperazzjoni mar-reġjuni u l-ibliet, il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom iqisu l-parir tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija UE 2020;

36. Jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta proposti konkreti għall-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni u l-politiki settorali eżistenti skont approċċ integrat; jirrakkomanda razzjonalizzazzjoni tal-objettivi, strumenti u proċeduri amministrattivi tal-programmi u allinjament tat-tul ta' żmien tal-programm ta' dawn il-politiki;

37. Jemmen, madankollu, li l-Unjoni għandha tkompli tuża bħala l-mekkaniżmi ta' finanzjament ewlenin, il-Fond ta' Koeżjoni u l-fondi struturali, li għandhom metodi ta' twassil operazzjonali stabbiliti ħafna; iqis li m'hemmx bżonn jinħolqu fondi tematiċi separati ġodda biex jiġu indirizzati l-miri UE2020 u minflok jaħseb li għandhom jiġu inklużi fil-politika ta' koeżjoni u dik ta' żvilupp rurali;

38. Jirrakkomanda l-adozzjoni ta' approċċ simplifikat għall-użu tal-Fondi Strutturali fil-qafas regolatorju tal-futur; jenfasizza li l-armonizzazzjoni tar-regoli u proċeduri kif ukoll l-attenzjoni mogħtija lill-mudelli tal-aħjar prattika jistgħu jwasslu għal sistemi simplifikati ta' twassil u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni minn benefatturi potenzjali fi programmi kofinanzjati tal-UE;

39. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni twettaq reviżjoni annwali tal-prijoritajiet tal-Istrateġija UE-2020, fuq bażi tar-riżultati miksuba fl-implimentazzjoni tagħha u tqis kwalunkwe tibdil fil-kundizzjonijiet kif previsti mill-bidu u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ġodda bħala dawk marbuta mill-qrib ma' bidliet ta' natura permanenti fil-livell lokali, reġjonali u globali;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament, kemm jista' jkun malajr, programm ta' ħidma strutturat għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija u, fil-futur, evalwazzjonijiet ta' implimentazzjonijiet ċari; barra minn hekk jappella għal dokument ta' ħidma ċar li jistabbilixxi r-relazzjoni bejn il-politika tal-Istrateġija u tal-Koeżjoni;

41. Jikkunsidra li l-Kumitat tar-Reġjuni, permezz tal-Pjattaforma ta' Monitoraġġ ta' Lisbona, għandha tkompli timmoniterja l-progress fuq bażi tal-istrateġija futura UE2020 u li l-Istati Membri għandhom jintalbu jirrappurtaw kull sena, f'manjiera strutturata, fuq il-progress li sar;

*

* *

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Unjoni għall-Mediterran

P7_TA(2010)0192

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar l-Unjoni għall-Mediterran (2009/2215(INI))**

(2011/C 161 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata waqt il-Konferenza Ewro-Mediterranja tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin li saret f'Barċellona fis-27 u t-28 ta' November 1995, li stabbiliet sħubija Ewro-Mediterranja,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem ta' "Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran" (COM(2008)0319),

— wara li kkunsidra l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008 tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit ta' Pariġi għall-Mediterran, li sar f'Pariġi fit-13 ta' Lulju 2008,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Unjoni għall-Mediterran, li saret f'Marsilja fit-3 u l-4 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Bureau tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (EMPA) ta' Pariġi (12 ta' Lulju 2008), tal-Kajr (22 ta' Novembru 2009) u ta' Rabat (22 ta' Jannar 2010),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' ftuħ tal-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (EMRLA), li saret f'Barċellona fil-21 ta' Jannar 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tas-Samit Ewro-Mediterranju tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u ta' Istituzzjonijiet Simili, li sar f'Lixandra fid-19 ta' Ottubru 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-politika Mediterranja tal-Unjoni Ewropea, l-aktar dawk tal-15 ta' Marzu 2007 ([1]) u tal-5 ta' Ġunju 2008 ([2]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2009 bit-titolu "Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran" ([3]),

([1]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 210.
([2]) ĠU C 285 E, 26.11.2009, p. 39.
([3]) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 76.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-Tieni Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar it-Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fis-Soċjetà, li saret f'Marrakesh fil-11 u t-12 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tisħiħ tal-politika Ewropea tal-pajjiżi ġirien ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitati tal-EMPA adottati fis-sitt seduta plenarja li saret f'Amman fit-13 u l-14 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-EMPA adottata fit-13 ta' Ottubru 2008 fil-Ġordan u mibgħuta għall-ewwel laqgħa tal-ministri tal-affarijiet barranin tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran f'Marsilja,

— wara li kkunsidra l-istatuti tas-Segretarjat Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran adottati fit-3 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali kif ukoll tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0133/2010),

A. billi ż-żona Mediterranja hija reġjun ta' importanza kruċjali għall-UE u billi, f'dinji multipolari u interdipendenti, il-blokok reġjonali l-kbar integrati se jkunu iktar kapaċi li jiffaċċjaw l-isfidi soċjali, kulturali, ekonomiċi, ambjentali, demografiċi, politiċi u ta' sigurtà,

B. billi l-Unjoni Ewropea għandha tadotta viżjoni strateġika li tikkunsidra dawn l-isfidi kollha fir-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi ġirien fin-nofsinhar tagħha, bl-iżvilupp soċjali, ekonomiku u demokratiku tar-reġjun bħala prijorità,

C. billi, f'konformità mal-Artikolu 8 tat-Trattat UE, l-Unjoni tiżviluppa mal-pajjiżi viċini tagħha relazzjonijiet privileġġjati, sabiex tistabbilixxi żona ta' prospertià u ta' viċinat tajjeb, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaraterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni,

D. billi l-Unjoni għall-Mediterran tippermetti li tissaħħaħ aktar id-dimensjoni reġjonali u multilaterali tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji u tiftaħ perspettiva għall-bini ta' żona ta' paċi, sigurtà u prosperità għal 800 miljun abitant, u toffri l-qafas ideali biex jiġu identifikati l-isfidi soċjoekonomiċi, tiġi promossa l-integrazzjoni reġjonali u jiġi garantit il-kożvilupp tal-Istati msieħba,

E. billi l-politika tal-viċinat, minħabba li tpoġġi l-enfasi fuq it-tkabbir tar-relazzjonijiet bilaterali differenzjati, waħedha ma tagħmilhiex possibbli li jingħata kontribut għal proċess komuni ta' integrazzjoni u ta' riformi sinifikanti fir-reġjun; billi f'dan il-qafas titqies l-opportunità, offruta mill-implimentazzjoni tal-Unjoni għall-Mediterran, li tissaħħaħ il-kumplimentarità bejn il-politiki bilaterali, minn naħa, u reġjonali, min-naħa l-oħra, sabiex ikun hemm reazzjoni iktar effikaċi għall-objettivi tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja, ibbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' valuri komuni bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; billi jaqbel li wieħed jinsisti biex l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom biex iwettqu l-politika Ewropea tal-Viċinant (PEV) b'mod koerenti u kredibbli skont l-Artikolu 8 tat-Trattat UE,

([1]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 443.

F. billi huwa indispensabbli li jsir użu mill-kisbiet tal-Proċess ta' Barċellona li l-objettivi u t-twettiq tiegħu għandhom jissaħħu mill-Unjoni għall-Mediterran, b'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tat-13 ta' Lulju 2008, u sabiex ma jiġux duplikati u ma jirkbux fuq xulxin l-istrumenti politiċi u l-livelli istituzzjonali diġà eżistenti, sabiex tiġi garantita l-effikaċità u l-koerenza tal-għadd ta' strumenti tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja,

G. billi għal dawn l-aħħar 15-il sena jew qribhom, il-pajjiżi Mediterranji kienu qed jiddiversifikaw b'mod rapidu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi tagħhom (pereżempju mar-Russja, iċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil u l-istati tal-Golf) u s-soċjetajiet tagħhom ikunu suġġetti għal tibdil sostanzjali (xejriet ta' konsum, mobilità, tranżizzjoni demografika, eċċ) li mhumiex mingħajr konsegwenzi fuq l-ekwilibriji interni, b'mod partikolari dawk territorjali,

H. billi l-iskambji kulturali limitati ma jistgħux, waħedhom, jgħaqqdu l-popli tal-Mediterran, u billi l-Ewropea qed titlef progressivament l-influwenza kulturali tagħha fost l-imsieħba Mediterranji tagħha,

I. wara li kkunsidra l-importanza tad-differenzi dejjem jikbru bejn l-istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi Mediterranji, kif ukoll id-diffikultajiet strutturali preokkupanti, ta' natura soċjoekonomika u istituzzjonali, li jirrikjedu rispons komuni b'saħħtu fl-interess komuni tal-istati kollha tal-Unjoni għall-Mediterran; billi l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi terzi tal-Mediterran jinkoraġġixxi din il-perspettiva; billi jinnota l-ħtieġa li tittejjeb l-integrazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar,

J. billi l-kuntest reġjonali li fih qed tissawwar l-Unjoni għall-Mediterran għadu karatterizzat minn kunflitti u minn tensjonijiet politiċi li pprerikolaw u xeħtu lura t-twaqqif tagħha wara s-Samit ta' Pariġi ta' Lulju 2008; billi l-Proċess tal-Paċi tal-Lvant Nofsani llum jinsab f'punt mejjet,

K. billi l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja żdiedu mal-isfidi politiċi, ekonomiċi u soċjali li diġà hemm fil-pajjiżi msieħba, u b'mod partikolari ma' dawk relatati mal-problema tal-qgħad; billi huwa fl-interess ta' kulħadd, kemm ta' dawn il-pajjiżi u kemm tal-UE, li jitnaqqas il-livell tal-qgħad fir-reġjun u li tingħata lill-popolazzjoni tiegħu, speċjalment lin-nisa, liż-żgħażagħ u lill-popolazzjoni rurali, tama għall-ġejjieni,

L. billi t-tnedija mill-ġdid tal-Proċess tal-Paċi fil-Lvant Nofsani u l-prospetti konkreti ta' soluzzjoni globali sostenibbli huma essenzjali għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet Ewro-Mediterranji kif ukoll għall-funzjonament tajjeb u l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Unjoni għall-Mediterran,

M. billi ż-żewġ innovazzjonijiet prinċipali tal-Unjoni għall-Mediterran, jiġifieri dik istituzzjonali (il-kopresidenza, il-kumitat permanenti konġunt u s-segretarjat) u dik operazzjonali (proġetti ta' integrazzjoni) iridu jiffunzjonaw b'mod effikaċi u trasparenti biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għaxjien taċ-ċittadini, il-benefiċjarji ewlenin ta' dan il-proġett,

N. billi s-Segretarjat Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran jeħtieġ li jsir il-qofol tal-istruttura, billi l-effikaċja tagħha tiddependi mill-kapaċità tal-istaff tagħha li jaħdem b'mod indipendenti, u billi l-preżenza ta' uffiċjal għoli Iżraeljan u ta' uffiċjal għoli Palestinjan li jikkooperaw f'organizzazzjoni internazzjonali fuq livell reġjonali hija xi ħaġa ġdida li tnissel tama,

O. billi r-reġjuni tal-Mediterran huma milquta direttament minn kwistjonijiet transnazzjonali bħall-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà tal-provvista enerġetika, il-flussi migratorji, l-iskabji migratorji u t-turiżmu, u billi dawn jiffaċċjaw ukoll problemi transkonfinali bħall-ġestjoni tal-ilma u l-aċċess għalih, it-tniġġis, l-iżvilupp tan-netwerks ta' trasport, u billi, allura, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jikkostitwixxu punti ta' referenza importanti fil-ħolqien ta' politiki territorjali sostenibbli adattati għall-partikolaritajiet lokali u għall-implimentazzjoni tal-proġetti konkreti u inklużivi,

P. wara li kkunsidra l-isfida ewlenija tal-agrikoltura fil-pajjiżi tal-Mediterran, minħabba l-piż soċjoekonomiku tagħha, l-impatt ambjentali tagħha u l-implikazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ekwilibriju territorjali,

Q. billi 60 % tal-popolazzjoni dinjija nieqsa mill-ilma huma kkonċentrati fin-Nofsinhar tal-baċir tal-Mediterran u fil-Lvant Nofsani u billi minn issa sal- 2025, 63 miljun persuna jistgħu, skont ir-rapporti tal-UNDP dwar id-dinja Gharbija u tal-Plan Bleu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' skarsezza tal-ilma,

R. Ifakkar fid-deċiżjoni meħuda fil-Konferenza Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran tal- 4 ta' Novembru 2008 f'Marsilja li titnaqqas il-firda diġitali bejn iż-żewġ xtut tal-Mediterran, li waslet għall-proposta BB-MED (broadband għall-Mediterran),

S. billi wara s-Samit ta' Pariġi, il-proġetti mħabbra fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran batew minn nuqqas ġenerali ta' fondi, ħaġa li jirriskja li jittarda l-implimentazzjoni tagħhom,

T. wara li kkunsidra l-importanza tal-flussi migratorji u tal-isfidi differenti li joħolqu fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran fil-livell uman, soċjali, kulturali u ekonomiku,

U. wara li kkunsidra l-importanza kbira tal-flussi kapitali ġġenerati mill-fondi li l-immigranti jibagħtu lill-popolazzjonijiet tal-pajjiżi fix-xtut tan-nofsinhar tal-Mediterran,

V. wara li kkunsidra, min-naħa l-waħda, id-dħul fis-seħħ reċenti tat-Trattat ta' Lisbona u l-bidliet istituzzjonali li ġab miegħu, u min-naħa l-oħra, id-dibattitu li għaddej dwar it-tħaddim u l-finanzjament tal-Unjoni għall-Mediterran, li jirrikjedi lill-Parlament Ewropew li jsegwi mill-aktar qrib possibbli l-iżviluppi tal-Unjoni għall-Mediterran bil-għan li s-Samit ta' Barċellona jkun suċċess,

1. Jistieden lill-kapijiet ta' stat u ta' gvern fi ħdan l-Unjoni għall-Mediterran, li se jiltaqgħu f'Barċellona fis-7 ta' Ġunju 2010, biex jagħmlu ħilithom sabiex, wara sentejn diffiċli, din il-laqgħa tkun suċċess bil-għan li jitwaqqfu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-Mediterran u jiġu implimentati proġetti kbar u biex issir avvanz fl-aspetti kollha tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja;

2. Jibqa', minkejja l-ħolqien tal-Unjoni għall-Mediterran, imħasseb dwar in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-politika Mediterranja tal-UE u ta' viżjoni strateġika fit-tul għall-iżvilupp u l-istabilizzazzjoni tar-reġjun; jinsisti dwar il-ħtieġa li l-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja jerġa' jsir prijorita politika fl-aġenda tal-UE;

3. Jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi membri tal-Unjoni għall-Mediterran sabiex jirrevedu bir-reqqa, jintensifikaw u jtejbu d-djalogu kontinwu; jinsisti dwar il-fatt li r-rispett u l-komprensjoni reċiproċi jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' dan id-djalogu u jfakkar li l-promozzjoni u r-rispett tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem, jekk ikunux ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali, kif ukoll id-drittijiet kollettivi, għandhom jiddaħħlu b'mod ċar fl-objettivi ta' din l-inizjattiva l-ġdida, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-mekkaniżmi eżistenti; jinsisti f'dan il-qafas fuq l-importnza tar-rispett tal-libertajiet ta' espressjoni, tal-ħsieb u tat-twemmin kif ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu garantiti d-drittijiet tal-minoritajiet, inklużi dawk reliġjużi; jenfasizza li d-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali jirrikjedu attenzjoni partikolari; jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu lill-organizzazzjonijiet politiċi demokratiċi u tas-soċjetà ċivili fix-xatt tan-Nofsinhar tal-Mediterran u jirrikonoxxi x-xogħol ta' valur li jsir minn organizzazzjonijiet tan-nisa;

4. Huwa tal-fehma li t-tensjonijiet politiċi u l-kunflitti reġjonali fil-Mediterran m'għandhomx ifixklu l-possibilità ta' progress tanġibbli lejn il-kooperazzjoni settorjali u multilaterali, u li huwa permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti integraturi kbar u ta' djalogu politiku miftuħ li l-Unjoni għall-Mediterran tikkontribwixxi biex tiżviluppa klima ta' fiduċja xierqa li tiffaċilita t-tiftix ta' objettivi komuni ta' ġustizzja u sigurtà fi spirtu ta' solidarjetà u paċi; jenfasizza, madankollu, li ma jistax ikun hemm suċċess sħiħ tal-Unjoni għall-Mediterran mingħajr ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti reġjonali differenti fl-osservanza tal-liġi internazzjonali, li tagħmel mill-Mediterran xatt wieħed ta' paċi;

5. jinsisti fuq l-urġenza li wieħed jasal għal soluzzjoni ġusta u sostenibbli tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani u jitlob li jkun hemm impenn determinat tal-UE u tal-pajjiżi membri kollha tal-Unjoni tal-Mediterran f'dan is-sens; ifakkar it-talba tiegħu li jerġgħu jibdew negozjati serji fil-qafas tal-proċess ta' paċi, sabiex tinkiseb il-koeżistenza ta' żewġ stati, stat Palestinjan indipendenti, demokratiku u vijabbli, u stat Iżraeljan, li jgħixu

ħdejn xulxin fil-paċi, is-sigurtà u bi fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment; iħeġġeġ il-kontribut importanti li l-Unjoni għall-Mediterran tista’ tagħti għat-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-Iżrael u l-Awtorità Nazzjonali Palestinjana, speċjalment permezz tal-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti Iżraeljani u Palestinjani fi ħdanha;

6. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proċess ta’ dikolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent għadu ma spiċċax;

7. Jifraħ bin-nomina tas-segretarju ġenerali u bl-adozzjoni tal-istatuti tas-segretarjat ġenerali u jirrakkomanda li, bi tħejjija għas-Samit ta’ Barċellona, id-definizzjoni tal-istruttura istituzzjonali u funzjonali tal-Unjoni għall-Mediterran għandha titlesta skont il-passi li ġejjin:

— li s-segretarjat jingħata l-mezzi adegwati meħtieġa, kemm finanzjarji u kemm statutarji, biex ikun jista’ jiffunzjona b’mod effikaċi u indipendenti; jinsisti fuq l-urġenza li s-segretarjat isir kompletament operattiv u fuq il-ħtieġa li l-persunal tiegħu jingħażel fuq il-kriterju tal-mertu, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-prinċipji tad-distribuzzjoni ġeografika u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

— li jiġu ċċarati l-kriterji ta’ deċiżjoni, ta’ finanzjament u ta’ implimentazzjoni tal-proġetti kbar, b’mod partikolari d-definizzjoni tal-prijoritajiet għat-tliet snin li ġejjin;

— li tiġi żgurata r-rappreżentanza konġunta tal-parteċipanti tal-UE (l-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni), skont it-Trattat ta’ Lisbona, filwaqt li fl-istess ħin tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni attiva tal-pajjiżi terzi Mediterranji kollha;

— li tiġi żgurata l-leġittimità demokratika tal-Unjoni għall-Mediterran billi l-EMPA tiġi kkonfermata bħala parti integrali tal-istruttura istituzzjonali;

— li tissaħħaħ il-koordinazzjoni mal-proġetti u l-programmi tal-UE approvati mill-konferenzi ministerjali speċjalizzati billi, b’mod partikolari, jitqiesu l-possibilitajiet ta’ sinerġija;

— li jitħalla li jkun hemm ftehimiet ta’ kooperazzjoni ta’ “ġeometrija varjabbli ” li jkunu miftuħa għall-pajjiżi u għall-istituzzjonijiet multilaterali li jixtiequ jaħdmu flimkien fuq proġetti ta’ interess komuni;

— li jiġi żgurat li jkun hemm kooperazzjoni tajba bejn is-segretarjat u l-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll delimitazzjoni ċara tal-kompetenzi rispettivi tagħhom; li jitlob lill-Kummissjoni biex tikkollabora b’mod attiv fl-Unjoni għall-Mediterran u jitlob għal aktar ċarezza fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħha f’din l-istruttura istituzzjonali ġdida;

— li jiġu żviluppati azzjonijiet ta’ komunikazzjoni biex tkun żgurata l-viżibilità tal-attivitajiet tal-Unjoni għall-Mediterran; li ċ-ċittadini jkunu informati dwar il-proġetti l-kbar u l-avvanzi tal-Unjoni għall-Mediterran b’mod partikolari permezz ta’ sit tal-internet komplut u mtejjeb;

— li tiġi żgurata l-leġittimità demokratika tal-Unjoni għall-Mediterran b’mod li d-deċiżjonijiet jittieħdu b’manjiera trasparenti, bis-sehem tal-Parlament Ewropew, tal-EMPA u tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet; li jenfasizza li l-EMPA għandha tiġi rikonoxxuta bħala parti integrali tal-Unjoni għall-Mediterran ladarba hija komponent parlamentari;

— li jiġi żgurat djalogu mal-partijiet ikkonċernati kollha (awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet relatat mal-proġetti prinċipali;

8. Ifakkar li fis-Samit ta' Pariġi kien hemm qbil dwar sitt oqsma strateġiċi orizzontali ewlenin (il-protezzjoni ċivili, l-awtostradi tal-baħar u dawk tal-art, it-tindif mit-tniġġis tal-Mediterran, il-Pjan dwar l-Enerġija Solari tal-Mediterran, l-Inizjattiva għall-Espansjoni tal-Affarijiet tal-Mediterran u l-Università Ewro-Mediterranja), li fil-maġġoranza tagħhom diġà qed jitwettqu proġetti impenjati fil-qafas tas-sħubija Ewro-Med; jissottolinja allura l-importanza ta' evalwazzjoni fid-dettall tal-programmi reġjonali u tal-mezzi li diġà ġew implimentati fil-qafas tal-isħubija Ewro-Mediterranja u jixtieq li l-għażla tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran tkun ibbażata fuq il-kriterju tal-valur miżjud fil-livell kemm reġjonali kif ukoll lokali; jitlob li dawn il-proġetti prijoritarji jidħlu fis-seħħ mill-iktar fis possibbli;

9. Iqis essenzjali li l-finanzjamenti ta' proġetti permezz ta' taħlita ta' fondi pubbliċi u privati jkunu garantiti, imsaħħa u mobilizzati; f'dan il-kuntest:

— jistieden lill-membri tal-Unjoni għall-Mediterran biex jallokaw fondi għall-proġetti li jkunu proporzjonati mal-kwistjoni kkonċernata u jistenna li jkun hemm impenn storiku mill-parteċipanti waqt is-Samit ta' Barċellona;

— il-fondi allokati għall-komponent tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-UE għall-proġetti tal- Unjoni għall-Mediterran jiżdiedu konsiderevolment; filwaqt li tingħata konsiderazzjoni għall-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja u l-isfidi tal-konsolidazzjoni fiskali;

— jilqa' l-azzjoni ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali, Ewropej (BEI-FEMIP, EBRD) u internazzjonali (Bank Dinji) diġà joperaw fir-reġjun; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu identifikati sinerġiji fir-rigward ta' proġetti kbar u jipproponi l-ħolqien ta' bank Ewro-Mediterranju għall-investiment u l-iżvilupp biex isaħħaħ in-natura ta' parità Tramuntana-Nofsinhar tal-Unjoni għall-Mediterran;

— jinsisti fuq l-irwol tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), li jiżgura l-koordinazzjoni ta' tlieta mis-sitt proġetti prijoritarji (it-tindif mit-tniġġis tal-Mediterran, il-Pjan dwar l-Enerġija Solari u l-awtostradi tal-baħar u tal-art);

— jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet ta' kooperazzjoni ikbar u ta' integrazzjoni finanzjarja u ekonomika aħjar bejn il-pajjiżi Membri tal-Unjoni għall-Mediterran, u b'mod iktar partikolari bejn il-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar;

— jilqa' t-tnedija reċenti ta' fondi ta' investiment għall-finanzjament tal-proġetti tal-Unjoni għall-Mediterran, fosthom il-fond InfraMed, maħsub għall-proġetti ta' infrastruttura, u jistieden lid-diversi partijiet interessati biex jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' inizjattivi simili u biex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-investituri, b'mod partikolari, bejn l-investituri għaż-żmien twil;

— jittama li jkun hemm fondi ta' investiment maħsuba għall-finanzjament tal-proġetti ta' komunitajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli;

10. Jinkoraġġixxi l-isforzi biex jittejjeb l-ambjent ekonomiku u legali fil-pajjiżi terzi, bi prijorità għat-twaqqif ta' istituzzjonijiet finanzjarji subreġjonali vijabbli u kredibbli, li kapaċi jattiraw investimenti barranin; jappella wkoll sabiex:

— tiġi abbozzata karta ta' protezzjoni tal-investimenti konġunti għall-pajjiżi terzi tal-Mediterran sabiex din il-protezzjoni tal-investimenti tkun armonizzata u mtejba u l-investimenti jiġu mħeġġa;

— tinħoloq sistema ta' assigurazzjoni u ta' sigurtà finanzjarja għall-investituri, ibbażata fuq is-sistema tal-Aġenzija Multilaterali għall-Garanzija tal-Investimenti (MIGA) u adattata għall-kuntest Ewro-Mediterranju;

— ikun hemm riformi li jkollhom l-għan li jtejbu l-limiti amministratti u b'mod partikolari li jtejbu u jissimplifikaw it-twettiq tal-kuntratti;

— il-promozzjoni ta' armonizzazzjoni progressiva u effettiva tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol li tirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi membri tal-Unjoni għall-Mediterran;

— it-titjib tal-aċċess għall-kreditu għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju kif ukoll l-offertà fil-qasam tal-formuli ta' krediti u ta' mikrokrediti;

11. Jixtieq jara titjib tal-ambjent ekonomiku u ġuridiku tar-reġjun, garanzija indispensabbli għall-investimenti fil-futur; jisħaq fuq l-għan li jiffavorixxi l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-impjieg b'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju għall-ġlieda kontra l-faqar, jenfasizza li l-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi solidi jikkostitwixxu element ieħor essenzjali sabiex ikun garantit l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun;

12. Iqis li żieda fil-kooperazzjoni ekonomika bilaterali u multilaterali Nofsinhar-Nofsinhar għandha tiġġenera benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u għandha ttejjeb il-klima politika fir-reġjun;

13. jinsisti fuq il-ħtieġa importanti li jittejjeb il-kummerċ bejn il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, li jirrappreżenta 6 % biss tal-kummerċ, u għalhekk biex wieħed jaġixxi sabiex iwessa' l-ftehim ta' Agadir, jiġbed l-attenzjoni dwar l-interess li dawn il-pajjiżi għandhom fit-titjib tar-relazzjonijiet u l-kummernċ tagħhom sabiex jiffurmaw żona ekonomika b'saħħita u magħquda li tattira l-investituri u kapaċi tiddefendi l-interessi tar-reġjun filwaqt li tingħata spinta 'l quddiem lill-iżvilupp tagħha, jenfasizza li l-Unjoni għall-Mediterran għandha tagħmilha aktar faċli biex tirrispondi għat-talbiet għall-għajnuna teknika u finanzjarja bil-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ekonomika tan-Nofsinhar-Nofsinhar, iqis li l-estensjoni u s-simplifikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini Pan-Ewro-Mediterranja tista' tgħin biex jintlaħaq dan;

14. Jenfasizza l-importanza tan-negozjati kurrenti dwar iż-Żona Ewro-Mediterranja ta' Kummerċ Ħieles u jħeġġeġ lill-pajjiżi membri tal-Unjoni għall-Mediterran biex jaħdmu ħalli jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-kuntest tan-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex, waqt in-negozjati tagħha ta' ftehimiet kummerċjali, tqis ir-riżultati tal-istudji eżistenti dwar l-impatt u tevalwa l-effetti soċjali u ambjentali tal-proċess ta' liberalizzazzjoni mill-perspettiva tal-bidla fil-klimla u tal-kriżi ekonomika u soċjali u biex tippermetti applikazzjoni progressiva u asimetrika filwaqt li jiġu protetti setturi ta' produzzjoni simili fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran, li huma aktar possibbli li jaffaċċjaw il-kompetizzjoni b'riżultat ta' liberalizzazzjoni akbar; jistieden lill-Unjoni għall-Mediterran sabiex tagħżel il-proġetti prinċipalment skont il-bżonnijiet soċjali u ekonomiċi u skont il-bżonn li jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent;

16. Jixtieq li l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni jkunu riveduti filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet ġodda marbuta mal-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali, u mal-kriżijiet tal-ikel u tal-enerġija; ifakkar li l-objettivi prinċipali tal-ħolqien ta' żona Ewro-Mediterranja ta' kummerċ ħieles għandhom jibqgħu dawk ta' spinta 'l quddiem tal-kummerċ fil-qasam tal-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar, u jittama li l-pjan direzzjonali tas-Samit ministerjali tad-9 ta' Diċembru 2009 jagħmilha possibbli li jinkiseb dan l-objettiv;

17. Jiddispjaċih li l-aspetti soċjoekonomiċi, kummerċjali u tal-enerġija, bħall-investiment dirett barrani, l-impjiegi, l-effiċjenza fl-enerġija, l-ekonomija informali jew tnaqqis tal-faqar, ma daħlux fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u jitlob li dan jiġi rrimedjat fis-Samit ta' Barċellona;

18. Ifakkar li l-politiki ta' migrazzjoni jikkostitwixxu waħda mill-prijoritajiet tas-sħubija Ewro-Mediterranja u jistieden lill-istati u lill-istituzzjonijiet membri tal-Unjoni għall-Mediterran biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-ġestjoni kkoordinata tal-flussi migratorji; jenfasizza li l-bini tal-Unjoni għall-Mediterran ma tistax tkun separata mill-għoti ta' valur lir-riżorsi umani u lill-iskambji bejn il-popolazzjonijiet fiż-żona tal-Mediterran u jinkoraġġixxi, minbarra l-irregolar tal-flussi u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni klandestina, il-faċilitazzjoni progressiva ta' moviment ħieles bejn iż-żewġt ixtut, it-tisħiħ tal-liġijiet dwar l-integrazzjoni tal-migranti, it-tħejjija tal-politiki attivi favur l-impjieg, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-eżerċitar tad-drittijiet ta' ażil; iqis li għandna niżguraw il-kontinwità tal-konferenza ministerjali Euromed dwar il-migrazzjonijiet li seħħet f'Albufeira fit-18 u d-19 ta' Novembru 2007;

19. Jistieden lill-pajjiżi membri tal-Unjoni għall-Mediterran biex jiffaċilitaw it-trasferimenti ta' fondi mill-immigranti lejn il-popolazzjonijiet tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, l-aktar billi jagħmlu sforz ħalli jitnaqqsu l-ispejjeż involuti;

20. Ifakkar fl-importanza tar-raba' kapitolu tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja (dwar il-migrazzjoni, l-integrazzjoni soċjali, il-ġustizzja u s-sigurtà) u jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni għall-Mediterran tippromwovi l-kooperazzjoni fil-qafas ta' dan il-kapitolu;

21. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-kwistjonijiet tal-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, l-adattament għall-bidla fil-klima, l-użu razzjonali tal-ilma u tal-enerġija fil-pajjiżi Mediterranji u jitlob li l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet agrikoli tkun prijorità politika; iħeġġeġ lill-istati tal-Unjoni għall-Mediterran biex javvanzaw kemm jista' jkun lejn armonizzazzjoni tal-pożizzjonijiet tagħhom fil-qafas tan-negozjati tal-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ u biex jipprogressaw lejn konverġenza akbar tal-politiki agrikoli Ewro-Mediterranji, partikolarment fil-qasam tal-osservanza tal-istandards soċjali xierqa, ta' sikurezza tal-ikel, fitosanitarja u ambjentali, u tal-kwalità tal-prodotti; iqis li dawn il-politiki għandhom jintegraw l-eżiġenzi ta' żvilupp sostenibbli (inkluża l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali), biex jagħmluha possibbli eventwalment li jkun hemm swieq reġjonali, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni partikolari u kompetittiva tal-agrikolturi Mediterranji, kif ukoll iż-żamm' neċessarja ta' settur agrikolu b'saħħtu;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika reġjonali agrikola, skont il-pjan direzzjonali Ewro-Mediterranju għall-agrikoltura, li tippreserva l-produzzjoni tal-ikel lokali u s-sikurezza tal-ikel, u tippromwovi l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u d-diversifikazzjoni tal-prodotti tipiċi Mediterranji, l-iżvilupp tal-isfruttament żgħir u ta' daqs medju, u li tkun adattata għall-iżvilupp sostenibbli; fid-dawl ta' żieda fin-nuqqas ta' sikurezza tal-ikel f'ħafna pajjiżi msieħba Mediterranji, jistieden lill-Kummissjoni biex taċċetta t-talbiet tal-imsieħeb rigward is-salvagwardji estiżi u l-proċeduri ta' malajr biex jimplimentawhom fi żminijiet ta' kriżi alimentari;

23. Jerġa' jikkonferma l-appoġġ tiegħu għad-dimensjoni ambjentali tal-Unjoni għall-Mediterran u jfakkar fl-inizjattiva Ewro-Mediterranja kontra t-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-Mediterran; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, it-tnedija tat-tieni fażi tal-programm ta' investiment għall-eliminazzjoni tas-sorsi prinċipali tat-tniġġis fil-Mediterran – mekkaniżmu ta' finanzjament tal-preparazzjoni u tal-implimentazzjoni tal-proġetti (MeHSIP PPIF); iqis li l-progress fil-qasam speċifiku tal-prevenzjoni tat-tniġġis fil-baħar huwa urġenti u li l-baħar Mediterran għandu jkun suġġett għal attenzjoni partikolari bħala baħar magħluq; jippreċiża li l-proġetti kollha tal-Unjoni għall-Mediterran għandhom jiġu ppjanati u mwettqa b'koerenza mal-programmi eżistenti relatati, b'mod partikolari, fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Mediterran UNEP għall-konvenzjoni ta' Barċellona;

24. Jistieden lill-istati msieħba, fil-qafas tal-proġetti tal-Unjoni għall-Mediterran dwar it-trasport bl-art u bil-baħar, biex itejbu l-infrastrutturi sabiex jiżguraw titjib fil-moviment tal-persuni u tal-merkanzija fil-Mediterran u jiffavorixxu politika sostenibbli tat-trasport, billi jitqiesu l-eżiġenzi ta' żvilupp sostenibbli, ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, ta' effiċjenza f'sens ta' enerġija u ta' intermodalità; jenfasizza li tali sforzi għandhom jitwettqu, partikolarment, f'rabta mal-politika ambjentali, industrijali, tas-saħħa pubblika u tal-iżvilupp territorjali; jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati proġetti ta' awtostradi fil-baħar sabiex jiġu mħeġġa r-rapporti modali u sabiex jinħolqu rotot ta' navigazzjoni kummerċjali siguri, adegwati u sostenibbli;

25. Huwa tal-opinjoni li t-titjib fl-infrastruttura tat-trasport fil-port u bl-art jista' jgħin biex jippromwovi t-tkabbir u l-kummerċ ekonomiku bejn il-pajjiżi Ewro-Mediterranji;

26. jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fil-qasam tal-enerġija u jappella għall-implimentazzjoni immedjata ta' pjanijiet ta' żvilupp li se jiffavorixxu d-distinzjoni tas-sorsi u tal-mezzi ta' provvista tal-enerġija, biex b'hekk wieħed jikkontribwixxi b'mod deċiżiv għal provvista sikurezza tal-enerġija fir-reġjun tal-Mediterran;

27. Ifakkar fil-potenzjal kbir tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari dawk tar-riħ u solari, fir-reġjun Ewro-Mediterranju; jappoġġa implimentazzjoni bla dewmien u kkoordinata tal-Pjan dwar l-Enerġija Solari tal-Mediterran, li l-objettiv prinċipali tagħha hu l-implimentazzjoni, minn issa sal-2020, ta' 20 GW ta' kapaċità ġdida ta' produzzjoni tal-enerġija rinovabbli fil-Mediterran, u tal-inizjattivi industrijali bħad-DESERTEC, kif ukoll l-adozzjoni ta' strateġija Ewro-Mediterranja għall-effikaċità enerġetika; jixtieq li l-proġetti jissodisfaw prijoritarjament il-bżonnijiet tal-pajjiżi fornituri u jenfasizza f'dan ir-rigward il-pass lura fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku għall-pajjiżi msieħba tat-titsħiħ, b'mod partikolari fix-xatt tan-Nofsinhar, tal-infrastrutturi tan-netwerk, tal-implimentazzjoni prograssiva ta' suq reġjonali interdipendenti u l-ħolqien ta' settur industrijali ġdid marbut perezempju mal-fabrikazzjoni tal-komponenti solari;

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

28. Isejjaħ għal aktar promozzjoni u appoġġ għall-inizjattiva "Solari għall-Paċi" fi ħdan il-qafas tal-Proġett Ewro-Mediterranju għal-Integrazzjoni tas-Suq tal-Enerġija (MED-EMIP);

29. Jirrakkomanda li l-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-proċess Ewro-Mediterranju jissieħbu fl-inizjattiva "bliet intelliġenti" prevista fil-Pjan Strateġiku dwar it-Teknoloġija tal-Enerġija (SET Plan);

30. Jappoġġa l-promozzjoni ta' interkonnessjonijiet Ewro-Mediterranji fis-setturi tal-elettriku, il-gass u ż-żejt bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jenfasizza l-importanza li ċ-ċirkuwitu tal-Mediterran għall-elettriku jiġi kkompletat u jappoġġa l-iżvilupp ta' kuritur tal-gass fin-Nofsinhar; jinkoraġġixxi l-użu ta' flussi lura fejn dan ikun ġustifikat f'termini ta' sigurta, effikaċja tan-nefqa u vijabbiltà;

31. Jisħaq li l-miri klimatiċi 202020 se jkollhom effett sinifikanti fuq id-domanda għall-gass, u għaldaqstant il-ħolqien ta' pjan ta' azzjoni dwar l-LNG għal-pajjiżi membri tal-Unjoni għall-Mediterran itejjeb id-diversità u s-sigurtà tal-provvista, speċjalment għall-pajjiżi li jserrħu fuq fornituri esklussivi;

32. Jenfasizza l-importanza tal-progress fit-teknoloġija tal-LNG u tal-investimenti fil-kapaċità tal-bastimenti tat-trasport tal-LNG u fit-terminals għall-rikonverżjoni tal-LNG f'gass; jinnota li, flimkien mal-iżvilupp tal-infrastrutturi, is-sigurtà marittima hija neċessità wkoll;

33. Jinsisti dwar l-urġenza li jinħolqu kooperazzjonijiet imsaħħa fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fil-Mediterran biex jiġu miġġielda l-katasrofi naturali, partikolarment it-terremoti, l-għargħar u n-nirien tal-foresti; iħeġġeġ il-ħolqien ta' istitut Ewro-Mediterranju għan-nirien fil-foresti;

34. Jinsisti dwar l-importanza li fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran jiġu żviluppati proġetti ġodda dedikati għat-tagħlim, l-iskambji skolastiċi u universitarji u għar-riċerka, bħala fatturi li jressqu lejn xulxin il-popli tal-ixtut tal-Mediterran; iqis bħala prijorità, bl-indħil attiv tas-soċjetà ċivili, il-ħolqien ta' spazju veru Ewro-Mediterranju tat-tagħlim superjuri, tax-xjenza u tar-riċerka u, f'dan ir-rigward:

— jifraħ bil-ħolqien tal-Università Ewro-Mediterranja EMUNI u jistieden lill-istituzzjonijiet imsieħba biex japprofondixxi l-impenn tagħhom fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħha;

— jitlob li jissaħħu l-finanzi dedikati għall-programmi ta' skambji universitarji bħal pereżempju "Erasmus Mundus" u li jkun hemm informazzjoni aħjar dwar il-programmi ta' skambju eżistenti; jistieden biex wieħed b'mod partikolari jinspira ruħu mill-esperjenza tal-programm Ewropew Averroes;

— jappella biex jitwaqqaf Erasmus Ewro-Mediterranju għaż-żgħar ambizzjuż, li jagħmilha possibbli li jiġu intensifikati l-iskambji skolari bejn l-istati membri tal-Unjoni għall-Mediterran;

— jitlob kooperazzjoni iktar strutturata fil-qasam tat-tagħlim superjuri u tar-riċerka biex iħeġġeġ ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, l-applikazzjoni tad-diplomi komuni u tal-iskejjel tad-dottorat komuni sabiex b'mod partikolari tikber il-mobilità tar-riċerkaturi, flimkien ma' miżuri għall-ġlieda kontra l-ħarba tal-imħuħ;

— jixtieq li tingħata attenzjoni partikolari lit-tqarrib tal-attivitajiet ta' taħriġ, ta' riċerka u ta' innovazzjoni, b'aċċent fuq id-djalogu bejn l-intrapriżi u l-universitajiet u fuq is-sħubiji pubbliċi-privati fil-qasam tar-riċerka;

35. Jitlob li fl-aġenda tal-Unjoni għall-Mediterran malajr kemm jista' jkun ikun hemm proġetti ġodda li jkollhom l-għan li jiffavorixxu l-fehim reċiproku bejn is-soċjetajiet, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' strateġija Ewro-Mediterranja fil-qasam kulturali u l-iżvilupp tad-djalogu interkulturali u interreliġjuż; jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Konferenza Permanenti tal-Operaturi Awdjoviżivi fil-Mediterran (COPEAM), u b'mod partikolari dak ta' kanal tat-televixin Ewro-Mediterranju, kif ukoll l-edizzjoni mill-ġdid ta' inizjattivi li kellhom suċċess bħall-Ġimgħa Għarbija u l-EurMedScola; jilqa' l-azzjoni tal-Librerija ta' Lixandra, tal-Istitut tad-Dinja Għarbija u tal-Fondazzjoni Anna Lindh, u b'mod partikolari l-organizzazzjoni minn din tal-aħħar ta' jum tal-Forum għad-djalogu interkulturali f'Barċellona f'Marzu 2010; jitlob lill-pajjiżi u lill-istituzzjoni membri tal-Unjoni għall-Mediterran biex iżommu l-impenn tagħhom fil-qafas tal-Alleanza taċ-ċivilizzazzjonijiet tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti;

36. Jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla tal-kandidatura ta' Marseille-Provence bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2013, li l-proġett tagħha, b'mod deċiżiv, ħa xejra Ewro-Mediterranja bl-għan li ż-żewġ popli taż-żewġt ixtut tal-Mediterran jersqu dejjem iktar qrib xulxin; jenfasizza l-għan ta' dan il-proġett kulturali ta' valur simboliku għoli li għandu jwassal għal azzjonijiet konkreti u innovattivi għas-servizz tad-djalogu tal-kulturi tal-Ewropa u tal-Mediterran;

37. Jenfasizza l-importanza tal-istabbiliment ta' politiki industrijali biex itejbu l-ekonomiji tal-iskala, filwaqt li jappoġġaw l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u jsaħħu s-setturi tat-teknoloġija avvanzata; jistieden lill-pajjiżi membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-Mediterran biex jieħdu rwol attiv fl-appoġġ tal-SMEs, b'enfasi partikolari fuq servizzi finanzjarji effiċjenti u l-għajnuna teknika u amministrattiva, biex b'hekk tinħoloq bażi intraprenditorjali qawwija, speċjalment fis-setturi li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku fil-pajjiżi tal-Mediterran;

38. Jenfasizza li l-EMPA għandha l-għan li ssir l-assemblea parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, demokratika leġittima, u jappoġġa l-proposta tas-6 sessjoni plenarja tal-EMPA li saret f'Amman fit-13 u l-14 ta' Marzu 2010 sabiex l-titgħammed mill-ġdid bħala Assemblea Parlamentari - Unjoni għall-Mediterran;

39. Ifakkar fis-setgħat tiegħu fil-proċedura baġitarja tal-Unjoni Ewropea u jenfasizza l-importanza li l-EMPA teżerċita minn issa responsabilitajiet akbar filwaqt li tassumi rwol konsultattiv u ta' kontroll demokratiku fejn jidħlu d-definizzjoni tal-punti prinċipali ta' ħidma, is-segwitu regolari tal-proġetti impenjati u
t-twettiq tal-baġit; jistieden lill-kumitati kompetenti differenti tal-EMPA biex jipproċedu bis-smigħ regolari tas-segretarju ġenerali u tad-deputati segretarji ġenerali; jemmen, madankollu, li din ir-responsabilità trid timxi id f'id mat-titjib tal-funzjonament u tal-metodi ta' ħidma tal-EMPA, inkluż il-provvediment tar-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa kif ukoll allinjament aħjar tal-ħidma tal-EMPA fuq dak tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni għall-Mediterran; jilqa' d-deċiżjonijiet adottati f'dan ir-rigward matul is-sitt sessjoni plenarja tal-EMPA li seħħet f'Amman bejn it-13 u l-14 ta' Marzu 2010;

40. Jilqa' t-twaqqif reċenti tal-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (EMRLA) u jitlob għal sforz sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni xierqa tal-ħidma tal-EMRLA ma' dik tal-EMPA, l-aktar permezz ta' laqgħat konġunti jew stediniet reċiproċi għall-membri tal-bureaux rispettivi tagħhom għal-laqgħat ta' ħidma; jinsisti fuq l-interess ta' dawn l-assembleji li jlaqqgħu lill-eletti taż-żewġt ixtut tal-Mediterran, li jappoġġjaw l-iskambji tal-prattiki demokratiċi tajbin;

41. Jinsisti li s-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-bosta netwerks professjonali u soċjoprofessjonali żviluppati fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja jkunu regolarment ikkonsultati u involuti fl-attivitajiet u fil-proġetti tal-Unjoni għall-Mediterran; u jinkoraġġixxi:

— lill-assemblea ġenerali tal-Kunsilli ekonomiċi u soċjali u lil istituzzjonijiet simili biex jistudjaw it-twaqqif ta' kunsill ekonomiku u soċjali Ewro-Mediterranju;

— l-iżvilupp ta' proġetti li jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet kummerċjali, l-investimenti u s-sħubijiet tal-intrapriżi bjen iż-żewġt ixtut tal-Mediterran, bħal pereżempju l-programm Invest in Med;

— it-twaqqif ta' kmamar tal-kummerċ Ewro-Mediterranji u ta' assoċjazzjonijiet sindikalisti u tal-patruni Ewro-Mediterranji;

— it-tkabbir tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju tal-grupp ta' kooperazzjoni industrijali li huwa inkarigat mill-implimentazzjoni tal-Karta Ewro-Mediterranja għall-intrapriżi sabiex din issir il-mezz li bih jingħeleb kull xkiel għat-tkabbir u l-iżvilupp tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju;

42. Jilqa' l-impenn kkonfermat mill-ġdid fl-okkażjoni tat-tieni konferenza tal-ministri Ewro-Mediterranja dwar it-tisħiħ tal-irwol tan-nisa fis-soċjetà (Marrakech, 11 u 12 ta' Novembru 2009), bl-għan li jiffavorixxu l-ugwaljanza de jure et de facto bejn l-irġiel u n-nisa, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u r-rispett tad-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel; jitlob b'insistenza li jittieħdu miżuri konkreti u jirrakkomanda l-adozzjoni ta' proġett tal-Unjoni għall-Mediterran dwar is-sens ta' intraprenditorjat fost in-nisa u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika; ifakkar il-pożizzjoni kostanti tiegħu li skontha r-rispett tat-tradizzjonijet u tal-użanzi ma jistax iservi ta' skuża għall-vjolenza tad-drittijiet fundamentali tan-nisa;

43. Jistieden lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-UE, lill-Kummissjoni Ewropea u lis-Servizz Ewropew għall-azzjoni esterna maħluq reċentement biex jipprovdu l-isforzi meħtieġa biex jiżguraw il-koerenza tal-UE fil-parteċipazzjoni fl-Unjoni għall-Mediterran u biex jassoċjaw lill-Parlament Ewropew fid-definizzjoni tal-politika Ewropea;

44. Jilqa' l-integrazzjoni reċenti fl-Unjoni għall-Mediterran tal-pajjiżi Balkani tal-Punent li huma kandidati għall-adeżjoni fl-UE;

45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Politika Barranija u s-Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kopresidenza u lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni għall-Mediterran, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-istati sħab.

---

## Il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar

P7_TA(2010)0193

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar (2009/2216(INI))**

(2011/C 161 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nofsinhar tal-Kawkasu, inklużi r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) ([1]), u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar politika aktar effettiva għan-Nofsinhar tal-Kawkasu ([2]) u dwar Approċċ ta' Politika Reġjonali dwar il-Baħar l-Iswed ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni riċenti tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-Ażerbajġan: il-liberta' tal-espressjoni ([4]) tat-3 ta' September 2008 dwar il-Ġeorġja ([5]); tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar id-Deterjorazzjoni tas-Sitwazzjoni fil-Ġeorġja ([6]); u tat-13 ta' Marzu 2008 dwar l-Armenja ([7]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2008 dwar is-Sħubija tal-Lvant (COM(2008)0823),

([1]) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 443.
([2]) ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 53.
([3]) ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 64.
([4]) Testi Adottati, P7_TA(2009)0120.
([5]) ĠU C 295 E, 4.12.2009, p. 26.
([6]) ĠU C 285 E, 26.11.2009, p. 7.
([7]) ĠU C 66 E, 20.03.2009, p. 67.

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit dwar is-Sħubija tal-Lvant li sar fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,

— wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat adottati mal-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), li hu marbut mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ENP,

— wara li kkunsidra r-Rapporti ta' Progress ENPI dwar l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Georġja adottati mill-Kummissjoni fit-23 ta' April 2009,

— wara li kkunsidra d-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi 2007-2013 u l-Programmi Indikattivi Nazzjonali 2007-2010 taħt l-ENPI għall-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra r-Reviżjoni Intermedja tad-Dokumenti ta' Programmar tal-ENPI għall-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Sħubija u Koperazzjoni milħuqa mal-Armenja, mal-Ażerbajġan u mal-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' monitoraġġ rilevanti tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Tfittxija tal-Fatti dwar il-Kunflitt fil-Ġeorġja, li ġie ppubblikat fit-30 ta' Settembru 2009 (ir-Rapport Tagliavini),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0123/2010),

A. billi fil-Kunsill għall-Affarijiet Barranin tat-8 Diċembru 2009 l-UE affermat mill-ġdid l-intenzjoni tagħha li tippromwovi l-istabbiltà, il-koperazzjoni, il-prosperità u l-governanza tajba mal-Kawkasu tan-Nofsinhar kollu, inkluż permezz ta' programmi ta' assistenza teknika,

B. billi minħabba l-gwerra fil-Ġeorġja ta' Awwissu 2008, tal-intervent ta' suċċess mill-UE biex jintlaħaq ftehim ta' waqfien mill-ġlied u tal-ħtieġa kbira għal aktar impenn li segwew wara dawn l-iżviluppi, l-UE saret attur sinifikanti għas-sigurtà fir-reġjun, billi bagħtet il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE, bit-tnedija ta' programm ta' assistenza ta' wara l-gwerra u billi nediet missjoni ta' inkjesta dwar il-kawżi u l-andament tal-gwerra,

C. billi fl-2009 rajna l-intensifikazzjoni tan-negozjati għas-soluzzjoni tal-kunflitt fin-Nagorno Karabakh immexxija mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) tal-Grupp ta' Minsk,

D. billi persuni li kienu spostati bil-forza miż-żoni tal-kunflitt fin-Nofsinhar tal-Kawkasu għadhom miċħuda mid-dritt li jerġgħu lura lejn djarhom; billi minkejja li t-tliet pajjiżi bdew programmi għall-integrazzjoni lokali tar-refuġjati u tal-persuni spostati internament (IDPs) tagħhom, xorta għadhom iħabbtu wiċċhom ma' diversi diffikultajiet li qed ifixklu s-suċċess tagħhom; billi r-refuġjati u l-persuni spostati internament ma għandhomx jintużaw mill-awtoritajiet ikkonċernati bħala strumenti politiċi fil-kunflitti,

E. billi l-iffirmar mill-Armenja u mit-Turkija f'Ottubru 2009 tal-protokolli dwar it-twaqqif u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet diplomatiċi u dwar il-ftuħ tal-fruntiera komuni tagħhom kienu passi promettenti, iżda r-ratifika tal-ftehim ma saritx,

F. billi l-kunflitti staġnati huwa impediment għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u jfixklu t-titjib fil-livell tal-għajxien tar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu kif ukoll l-iżvilupp sħiħ tas-Sħubija tal-Lvant tal-ENP; billi riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti hija essenzjali għall-istabilità fil-Viċinat tal-UE; billi għandhom isiru aktar sforzi biex jiġu identifikati oqsma komuni ta' interess li jistgħu jegħlbu d-diverġenzi, jiffaċilitaw id-djalogu u jippromwovu l-koperazzjoni reġjonali u l-opportunitajiet ta' żvilupp,

G. billi l-UE tirrispetta l-prinċipji ta' sovranità u integrità territorjali fir-relazzjonijiet tagħha mal-istati tan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

H. billi s-Sħubija tal-Lvant toħloq possibbiltajiet ġodda għall-approfondiment tar-relazzjonijiet bilaterali u tintroduċi wkoll il-koperazzjoni multilaterali,

I. billi s-Sħubija tal-Lvant timmira li tħaffef ir-riformi, l-approssimazzjoni legali u l-integrazzjoni ekonomika, u li tagħti għajnuna tanġibbli għall-konsolidazzjoni tal-istatus ta' stat u integrità territorjali ta' pajjiżi sħab, hija bbażata fuq il-prinċipji tal-kundizzjonalità, id-divrenzjar u s-sjieda konġunta u tipprevedi n-negozjar ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ġodda, li ser jeħtieġu l-qbil tal-Parlament Ewropew,

J. billi l-Assemblea Parlamentari tal-Viċinat tal-UE (EURONEST) se titwaqqaf b'mod uffiċjali bħala mekkaniżmu multilaterali kruċjali ta' djalogu interparlamentari intensifikat bejn il-Parlament Ewropew u s-sitt sħab tal-Lvant tal-UE, inklużi l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja, bil-ħsieb li jqarrbu aktar lil dawn il-pajjiżi lejn l-UE,

K. billi s-sitwazzjoni fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu titlob politika dejjem iżjed proattiva fl-impenn tal-UE f'dan ir-reġjun, u billi t-tnedija tas-Sħubija tal-Lvant u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jipprovdu opportunità tajba biex titfassal strateġija tal-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

1. Jikkonferma mill-ġdid li l-objettiv ewlieni tal-UE fir-reġjun huwa li jinkuraġixxi l-iżvilupp tal-Armenja, tal-Ażerbajġan u tal-Ġeorġja lejn stati miftuħa, paċifiċi, stabbli u demokratiċi, li jkunu lesti jistabbilixxu relazzjonijiet tajbin mal-pajjiżi ġirien tagħhom u kapaċi jittrasformaw lin-Nofsinhar tal-Kawkasu f'reġjun ta' paċi, stabilità u prosperità sostenibbli, bil-ħsieb li tissaħħaħ l-integrazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-politiki tal-UE; iqis li sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-UE teħtieġ ikollha rwol politiku dejjem aktar attiv, billi bi ftehim mal-pajjiżi tar-reġjun tiżviluppa strateġija li tgħaqqad is-soft power tagħha ma' approċċ sod u li tkun ikkumplimentata b'politiki bilaterali;

### *Kwistjonijiet ta' sigurtà u s-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti*

2. Jenfasizza li l-persistenza tal-istatus quo fil-kunflitti fir-reġjun hija inaċċettabbli u insostenibbli, peress li din tirrappreżenta r-riskji kontinwi li jeskalaw it-tensjonijiet u li jerġgħu jibdew l-ostilitajiet bl-armi; iqis li n-naħat kollha għandhom jaħdmu b'mod attiv biex jinkisbu l-istabilità u l-paċi; jirrakkomanda l-użu ta' programmi u djalogu transkonfinali fost is-soċjetajiet ċivili bħala għodda biex jiġi ttrasformat il-kunflitt u jkun hemm bini ta' fiduċja bejn il-linji ta' separazzjoni; jenfasizza li l-UE għandha sehem importanti x'tikkontribwixxi favur il-kultura ta' djalogu fir-reġjun u fl-iżgurar li jiġu implimentati r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-NU; inkluża r-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-NU;

3. Jinnota li l-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti kif ukoll id-djalogu bażiku jeħtieġu, inter alia, ir-rikonoxximent tad-drittijiet u tal-interessi leġittimi tal-partijiet u tal-komunitajiet kollha rilevanti, ir-rieda li ssir reviżjoni tal-perċezzjonijiet tal-ġrajjiet tal-imgħoddi u li jintlaħaq fehim komuni dwar dawn il-ġrajjiet, il-volontà li jintgħelbu l-mibegħda u l-biża', id-dispożizzjoni li jsiru kompromessi dwar pożizzjonijiet massimalisti u li jiġu abbandunati attitudnijiet ta' tpattija u d-dispożizzjoni li jiġu diskussi konċessjonijiet reali, sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati l-istabbiltà u l-prosperità;

4. Jirrimarka l-importanza tal-prevenzjoni tal-kunflitti, inkluż permezz tar-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali kollha, it-tolleranza reliġjuża u l-isforzi biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika;

5. Jenfasizza li l-atturi esterni għandhom ir-responsabilità li jużaw is-setgħa u l-influwenza tagħhom b'modi li jkunu konsistenti għalkollox mal-liġi internazzjonali, inkluż mal-liġijiet tad-drittijiet tal-bniedem; jemmen li għand u jkun hemm iżjed koperazzjoni bbilanċjata bejn l-atturi esterni fir-reġjun sabiex jingħata kontribut favur l-ilħiq ta' soluzzjoni paċifika tal-kunflitti; iqis li huwa inaċċettabbli għal kull attur estern li jiġu introdotti kundizzjonijiet għar-rispett lejn is-sovranità u l-integrità territorjali tal-istati tan-Nofsinhar tal-Kawkasu;

*Il-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh*

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pass dinamiku tan-negozjati dwar il-kunflitt Nagorno-Karabakh li ħareġ fid-dieher permezz tas-sitt laqgħat bejn il-presidenti tal-Armenia u tal-Ażerbajġan li saru matul l-2009 fl-ispirtu tad-Dikjarazzjoni ta' Moska; jistieden lill-partijiet jintensifikaw l-isforzi tat-taħditiet tagħhom tal-paċi ħalli tinstab soluzzjoni fix-xhur li ġejjin, juru attitudni iżjed kostruttiva u jabbandunaw il-preferenzi li jipperpetwaw l-istatus quo li nħoloq bil-forza u bla ebda leġittimità internazzjonali, li permezz tiegħu ġiet ikkaġunata l-instabbiltà u twalet it-tbatija tal-popolazzjonijiet milquta mill-gwerra; jikkundanna l-idea ta' soluzzjoni militari u l-konsegwenzi gravi tal-forza militari li diġà ntużat, u jistieden liż-żewġ naħat jevitaw kwalunkwe ksur tal-waqfien mill-ġlied tal-1994;

7. Jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi ta' medjazzjoni tal-Grupp ta' Minsk tal-OSCE, il-Prinċipji Bażiċi li jinsabu fid-Dokument ta' Madrid u d-dikjarazzjoni mill-pajjiżi tal-Kopresidenza tal-Grupp Minsk tal-OSCE li saret fl-10 ta' Lulju 2009 fil-marġini tas-Summit tal-G8 fl-L'Aquila; jistieden lill-komunità internazzjonali turi kuraġġ u rieda politika ħalli tassisti biex jingħelbu l-bqija tal-punti pendenti li qed ixekklu l-ilħiq ta' ftehim;

8. Huwa mħassab ferm dwar il-fatt li l-mijiet ta' eluf ta' refuġjati u IDPs li ħarbu minn djarhom matul jew minħabba l-gwerra tan-Nagorno-Karabakh għadhom imxerrdin u mċaħħda mid-drittijiet tagħhom, inkluż mid-dritt tar-ritorn, mid-drittijiet għall-proprjetà u mid-dritt għas-sigurtà personali; jistieden lill-partijiet kollha biex jirrikonoxxu dawn id-drittijiet mingħajr ambigwità u mingħajr kundizzjoniiet, il-ħtieġa li dawn jitwettqu minnufih u l-ħtieġa li malajr kemm jista' jkun tinstab soluzzjoni għal din il-problema li tkun tirrispetta l-prinċipji tal-liġi internazzjonali; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-forzi Armeni jirtiraw minn kull territorju okkupat tal-Ażerbajġan, akkumpanjati mill-forzi internazzjonali li jkunu organizzati b'mod li jirrispetta l-Karta tan-NU sabiex jiġu pprovduti l-garanziji tas-sigurtà meħtieġa f'dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, li jiżguraw is-sigurtà tal-popolazzjoni ta' Nagorno-Karabakh u jippermettu li l-persuni spostati jirritornaw lejn djarhom u li jiġu evitati iżjed kunflitti minħabba l-persuni bla dar; jistieden lill-awtoritajiet tal-Armenja u tal-Ażerbajġan u lill-mexxejja tal-komunitajiet rilevanti juru l-impenn tagħhom favur il-ħolqien ta' relazzjonijiet interetniċi paċifiċi permezz ta' tħejjijiet prattiċi għar-ritorn ta' persuni spostati u permezz ta' mezzi oħra; iqis li s-sitwazzjoni tal-IDPs u tar-refuġjati għandha tiġi ttrattata b'konformità mal-istandards internazzjonali, inkluż mar-Rakkomandazzjoni 1877 (2009) tal-PACE, "Il-persuni minsija tal-Ewropa: il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li ilhom spostati";

9. Jenfasizza li sforzi reali huma meħtieġa biex iwittu t-triq għal paċi dejjiema; jitlob lill-awtoritajiet rilevanti kollha jevitaw politiki u retoriki provokattivi, dikjarazzjonijiet infjammatorji u manipulazzjonijiet tal-istorja; jistieden lill-mexxejja tal-Armenja u Ażerbajġan biex jaġixxu b'mod responsabbli, ikunu aktar diskreti fid-diskorsi u jippreparaw il-bażi, hekk li l-opinjoni pubblika taċċetta u tifhem sew il-benefiċċji ta' soluzzjoni komprensiva;

10. Jemmen li l-pożizzjoni li skontha n-Nagorno-Karabakh jinkludi l-artijiet okkupati kollha tal-Ażerbajġan li jinsabu madwar Nagorno-Karabakh għandha tiġi abbandunata malajr; jinnota li l-għoti ta' status temporanju għan-Nagorno-Karabakh jista' joffri soluzzjoni sakemm jiġi stabbilit l-istatus finali u li dan jista' joħloq qafas tranżitorju għall-koeżistenza paċifika u għall-koperazzjoni bejn il-popolazzjonijiet Armeni u Ażerbajġani fir-reġjun;

11. Jenfasizza li s-sigurtà għal kulħadd hija element indispensabbli għal kwalunkwe soluzzjoni; jirrikonoxxi l-importanza ta' arranġamenti adegwati għaż-żamma tal-paċi li jkunu konformi mal-istandards tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem li jinvolvu kemm aspetti militari u kemm aspetti ċivili; jistieden lill-Kunsill jesplora l-possibbiltà li jappoġġa l-proċess ta' paċi b'missjonijiet tal-Politika Komuni ta' Sigurtà u Difiża (PKSD), anke billi jibgħat missjoni kbira ta' monitoraġġ fil-post li tkun tista' tiffaċilita l-ħolqien ta' forza internazzjonali għaż-żamma tal-paċi, wara li tkun instabet soluzzjoni politika;

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

*Ir-rapprochement bejn l-Armenja u t-Turkija*

12. Jilqa' b'sodisfazzjon il-protokolli dwar it-twaqqif u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-Armenja u t-Turkija, li jinkludu l-ftuħ tal-fruntiera komuni; jistieden liż-żewġ naħat jaħtfu din l-opportunità biex itejbu r-relazzjonijiet tagħhom permezz tar-ratifika u tal-implimentazzjoni mingħajr kundizzjonijiet minn qabel u fi żmien raġonevoli; jenfasizza li r-rapprochement bejn l-Armenja u t-Turkija u n-negozjati tal-Grupp ta' Minsk tal-OSCE huma proċessi separati li għandhom jimxu 'l quddiem skont ir-razzjonal tagħhom stess; jinnota, madankollu, li progress f'wieħed miż-żewġ proċessi jista' jkollu konsegwenzi wiesgħa u potenzjalment pożittivi ħafna fir-reġjun kollu;

*Il-kunflitti fil-Ġeorġja*

13. Jinsisti fuq l-appoġġ bla kundizzjoni tiegħu għas-sovranità, għall-integrità territorjali u l-invjolabilità tal-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tal-Ġeorġja, u jitlob lir-Russja biex tirrispettahom iħeġġeġ lill-awtoritajietĠeorġjani biex jagħmlu aktar sforzi ħalli tinkiseb soluzzjoni għall-kunflitti interni tal-Ġeorġja fl-Abkażja u fin-Nofsinhar tal-Ossezja; jilqa' b'sodisfazzjon ir-Rapport Tagliavini u jappoġġa l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet ewlenin tiegħu; jistenna li l-ħafna informazzjoni ġenerali provduta minn dan ir-Rapport tista' tintuża għal proċeduri legali quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u minn ċittadini individwali rigward ksur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB); jappoġġa l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ (EUMM) tal-UE; jitlob estensjoni tagħha fit-tul jitlob lir-Russja u l-awtoritajiet de facto tar-reġjuni li jridu jinqatgħu għal rashom tal-Abkażja u tan-Nofsinhar tal-Ossezja biex jieqfu milli jibblukkaw l-implimentazzjoni tagħha;

14. Jinnota b'sodisfazzjon li l-komunità internazzjonali tirrifjuta b'mod kważi unanimu d-dikjarazzjoni unilaterali ta' indipendenza tan-Nofsinhar tal-Ossezja u tal-Abkazja, jikkundanna r-rikonoxximent mill-Federazzjoni Russa tal-indipendenza tal-Abkażja u tan-Nofsinhar tal-Ossezja bħala kuntrarju għal-liġi internazzjonali; u jistieden lill-partijiet kollha biex jirrispettaw il-Ftehim tal-Waqfien mill-Ġlied tal-2008 u jiggarantixxu s-sikurezza u l-aċċess ħieles tal-persunal tal-EUMM fil-post, u jistieden lir-Russja tirrispetta l-impenn li ħadet biex tirtira t-truppi tagħha għall-pożizzjonijiet li kienu fiha qabel ma faqqgħet il-gwerra f'Awwissu 2008; jinnota bi tħassib il-ftehim li sar fis-17 ta' Frar 2010 bejn il-Federazzjoni Russa u l-awtoritajiet de facto tal-Abkazja biex tiġi stabbilita bażi militari Russa fl-Abkazja mingħajr il-kunsens tal-Gvern tal-Ġeorġja, u jinnota li ftehim bħal dak huwa kuntradittorju għall-Ftehimiet ta' Waqfien mill-Ġlied tat-12 ta' Awwissu u tat-8 ta' Settembru 2008;

15. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u tad-drittijiet tal-persuni kollha li għadhom jgħixu f'dawn ir-reġjuni li sseparaw, tal-promozzjoni tar-rispett għad-dritt tal-Ġeorġjani etniċi li jirritornaw f'kundizzjonijiet sikuri u dinjitużi, li jieqaf il-proċess li jsiru passaporti b'mod sfurzat, tal-kisba ta' tnaqqis fil-fruntieri de facto magħluqa u tal-kisba tal-possibbiltà li l-UE u atturi internazzjonali oħrajn jgħinu lill-persuni li qegħdin f'dawn iż-żewġ reġjuni; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm objettivi għal żmien qasir u medju li jkunu identifikati b'mod iżjed ċar f'dan ir-rigward; jinkuraġġixxi lil Ġeorġja tkompli timplementa l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għall-IDPs u tgħin lill-IDPs li jinsabu fit-t-territorju tagħha;

16. Jenfasizza l-bżonn li tiġi indirizzata d-dimensjoni tal-kunflitti bejn il-Ġeorġja u l-Abkazja u bejn il-Ġeorġja u l-Ossezja tan-Nofsinhar u li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-interessi tal-popolazzjonijiet kollha involuti jkunu meqjusa ugwalment; jenfasizza l-fatt li l-iżolament tal-Abkazja u tan-Nofsinhar tal-Ossezja huwa kontraproduttiv għas-soluzzjoni tal-kunflitt, u jilqa' b'sodisfazzjon l-Istrateġija tal-Istat dwar it-teħid ta' impenn permezz tal-koperazzjoni li ġiet adottata fis-27 ta' Jannar 2010; jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet tal-Ġeorġja jikkonsultaw mal-partijiet involuti kollha rigward it-tħejjija ta' pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija; jenfasizza l-importanza ta' miżuri għall-bini tal-kunfidenza u tal-kuntatti bejn il-popli involuti fil-kunflitt; barra minn hekk, iħeġġeġ lill-UE tippromwovi proġetti ta' moviment ħieles flimkien ma' Linji Amministrattivi tal-Fruntiera bejn il-popli milquta;

17. Iqis l-importanza kbir tad-diskussjonijiet ta' Ġinevra bħala l-uniku forum li fih in-naħat kollha involuti fil-kunflitt huma rappreżentati u fejn it-tliet atturi internazzjonali ewlenin – l-UE, l-OSCE u n-NU – jaħdmu b'koperazzjoni mill-qrib għas-sigurtà u l-istabilità tar-reġjun; jiddispjaċih li l-potenzjal ta' dan il-forum għadu ma tatx riżultati sostanzjali u li fuq il-linja tal-waqfien mill-ġlied għadhom għaddejjin l-inċidenti minkejja l-ilħuq tat-twaqqif tal-Mekkaniżmu għall-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Inċidenti;

jistieden lill-partijiet jieħdu vantaġġ bis-sħiħ mill-Mekkaniżmu u mill-potenzjal tiegħu sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà tal-Unjoni (VP/HR) biex tagħmel kull sforz possibbli ħalli tingħata spinta ġdida u friska lil dawn it-taħdidiet bil-ħsieb li tintlaħaq stabilizzazzjoni sodisfaċenti tas-sitwazzjoni u ħalli jiġi implimentat bis-sħiħ il-Ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied ta' Awwissu 2008;

***Progress fit-triq tad-demokratizzazzjoni u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt***

18. Jenfasizza li r-rispett għad-demokratizzazzjoni, għall-governanza tajba, għall-pluraliżmu politiku, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali huwa importanti ħafna sabiex jiġu determinati r-relazzjonijiet ġejjiena tal-Armenja, tal-Ażerbajġan u tal-Ġeorġja mal-UE; jitlob li jsiru sforzi ġodda mill-pajjiżi biex jiġu implimentati bis-sħiħ il-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-ENP, u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tgħinhom f'dawn l-isforzi; huwa mħasseb bil-progress limitat li sar mill-pajjiżi tar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu f'dan il-qasam, kif jidher fir-rapporti ta' progress tal-2009 tal-Kummissjoni u kif rifless fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa; jilqa' b'sodisfazzjon il-bidu tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Ġeorġja u l-Armenja, u jistieden lill-Ażerbajġan u l-UE biex jiffinalizzaw id-diskussjonijiet dwar struttura ta' koperazzjoni ekwivalenti;

19. Jenfasizza l-importanza li titkompla l-parteċipazzjoni f'riformi demokratiċi u tar-rwol essenzjali tad-djalogu u tal-koperazzjoni politiċi bħala fatturi kruċjali fl-iżvilupp ta' konsensus nazzjonali; jenfasizza l-importanza li jissaħħu istituzzjonijiet aktar indipendenti, trasparenti u aktar b'saħħithom demokratikament, inklużi l-indipendenza tal-ġudikatura, it-tisħiħ tal-kontroll parlamentari fuq l-eżekuttiv u l-iżgurar tal-bidla demokratika tal-poter, l-appoġġ u t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-iżvilupp tal-kuntatti bejn il-popli fil-promozzjoni tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt; jinnota l-progress kajman fil-proċess tad-demokratizzazzjoni, minkejja l-impenji li saru;

20. Jinnota li l-korruzzjoni għadha mifruxa fir-reġjun u jistieden lill-awtoritajiet iżidu l-miżuri biex jissiltulha, peress li din thedded it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-pajjiżi kkonċernati; għandha tingħata iżjed attenzjoni lill-ġlieda kontra l-monopolji kif ukoll lill-ingaġġ tal-persunal fis-servizz pubbliċi; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar mill-Ġeorġja fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

21. Jinnota l-elezzjonijiet li saru dan l-aħħar fil-pajjiżi tar-reġjun; u jenfasizza l-importanza ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti li jsiru skont l-impenji u l-istandards internazzjonali u l-ħtieġa li dawn il-pajjiżi jagħmlu sforzi ulterjuri biex jadottaw u jimplimentaw riformi ħalli jilħqu dawn l-istandards, inkluż bil-ħsieb li jissaħħu l-mekkaniżmi tal-kontroll ta' wara l-elezzjoni u jkun żgurat li jkun hemm stħarriġ u responsabbiltà xierqa fir-rigward ta' kull inċident vjolenti li jiġri wara l-elezzjoni; jenfasizza r-rwol tal-UE fl-għoti ta' għajnuna teknika u fl-iżgurar li jkun hemm monitoraġġ internazzjonali u indipendenti tal-elezzjonijiet; jikkonferma l-pożizzjoni li l-UE ma tirrikonoxxix il-qafas kostituzzjonali u legali li fih isiru l-elezzjonijiet fit-territorji mifrudin u jiddefendi d-drittijiet politiċi tal-persuni spostati;

22. Iqis li l-libertà tal-espressjoni hija dritt u prinċipju fundamentali u li r-rwol tal-midja huwa essenzjali, u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-midja tkun libera u indipendenti; huwa imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà tal-espressjoni u dwar in-nuqqas ta' pluraliżmu tal-midja fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu, u jistieden lill-awtoritajiet biex jiżgurawhom it-tnejn; jiddeplora l-atti ta' fastidju u ta' intimidazzjoni li qed isru b'mod kontinwi fuq il-professjonisti tal-midja, u l-attakki, it-tortura u t-trattament ħażin tal-ġurnalisti; iqis li jeħtieġ li l-prinċipji u l-mekkaniżmi awto-regolatorji - li huma element importanti tal-libertà tal-kelma - ikunu mtejba u msaħħa minn korpi professjonali kompetenti;

— huwa mħasseb dwar l-attakki li saru fuq il-ġurnalisti fl-Armenja u b'mod partikulari dwar id-detenzjoni kontinwa tal-attivist u ġurnalist tal-oppożizzjoni Nikol Pashinian, minkejja l-amnestija tat-18 Ġunju 2009;

— għadu mħasseb dwar id-deterjorazzjoni tal-klima tal-midja fl-Ażerbajġan; filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-maħfra Presidenzjali lil 99 priġunier li ngħatat fil-25 ta' Diċembru 2009, u lil 62 priġunier fis-17 ta' Marzu 2010, jikkundanna d-detenzjoni u l-għoti tas-sentenza lil żewġ attivisti u bloggejja żgħażagħ Emin Milli u Adnan Hajizade;

— għaldaqstant jitlob li huma jinħelsu; jistieden lill-awtoritajiet Ġeorġjani jiċċaraw is-sitwazzjoni rigward is-sjieda tal-midja u l-għoti tal-liċenzji tal-midja; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Parlament Ġeorġjan biex jkabbar il-Bord tax-Xandir Pubbliku ħalli jinkludi aktar rappreżentanti tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili u jistenna li jara r-riżultati f'dan ir-rigward;

23. Huwa tal-fehma li għandha tkun iggarantita l-libertà tas-sħubija, peress li din hija essenzjali fl-iżvilupp ta' soċjetà libera, demokratika u vibranti; huwa jinnota bi tħassib id-diffikultajiet, diretti u indiretti, li qed tiffaċċja s-soċjetà ċivili biex torganizza ruħha, u jinsab imħasseb dwar l-adozzjoni ta' liġijiet u prattiki li b'mod indirett jistgħu jillimitaw il-libertà tas-sħubija, inkluż il-fastidju amministrattiv dwar kwistjonijiet fiskali; jenfasizza r-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili fil-proċessi tad-demokratizzazzjoni, tal-paċi u tar-rikonċiljazzjoni fir-reġjun;

24. Jistieden lill-pajjiżi fir-reġjun biex jieħdu sehem b'mod attiv fil-ħidma tal-UE u l-Assemblea Parlamentari (EURONEST) u biex jużaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħha bħala qafas għall-iskambji multilaterali u bilaterali ta' fehmiet, kif ukoll għall-approsimazzjoni leġiżlattiva lejn l-istandards tal-UE u l-iskrutinju parlamentari fuq ir-riformi demokratiċi; f'dan ir-rigward jinnota li d-djalogu intensifikat bejn il-membri tal-parlament tal-pajjiżi fir-reġjun huwa fattur kruċjali; jittama li dan jista' joħloq qafas għal laqgħat bilaterali bejn il-membri tal-parlamenti tal-Armenja u l-Ażerbajġan sabiex jibdew djalogu parlamentari, fil-preżenza ta' membri tal-Parlament Ewropew; jappella lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE interessati u lill-Parlament Ewropew biex isaħħu l-koperazzjoni parlamentari mal-parlamenti tar-reġjun sabiex isaħħu r-rwol u l-kapaċitajiet tagħhom fit-tfassil tal-politika;

### *Il-kwistjonijiet ekonomiċi u l-iżvilupp soċjali*

25. Huwa tal-fehma li koperazzjoni usa' f'livell reġjonali u mal-UE f'setturi bħall-ekonomija, it-trasport, l-enerġija u l-ambjent hija essenzjali biex dawn is-setturi jiżviluppaw bl-aqwa mod possibbli u biex tiġi żgurata l-istabilità fir-reġjun, iżda jemmen ukoll li l-koperazzjoni għandha tinkludi wkoll il-bini tal-kapital uman fir-reġjun kollu bħala investiment fit-tul; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li t-tliet pajjiżi qed jibbenefikaw mis-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, tal-UE, u jinnota li dawn jikkwalifikaw kollha kemm huma għall-GSP+ għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba; jinnota li l-koperazzjoni reġjonali fl-oqsma tal-pulizija u tal-ġudikatura u l-istabbiliment ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri huma essenzjali biex issir iżjed promozzjoni tal-mobilità fir-reġjun u lejn l-UE; jikkundanna l-fatt li l-implimentazzjoni ta' proġetti reġjonali bl-involvimrnt tat-tliet pajjiżi kollha għadha mxekkla bil-persistenza ta' kunflitti mhux riżolti;

26. Jenfasizza l-importanza tal-bini ta' klima favorevoli għan-negozju u l-iżvilupp tas-settur privat; jinnota li t-tkabbir ekonomiku notevoli tal-Ażerbajġan huwa prinċipalment ibbażat fuq id-dħul miż-żejt u l-gass; jappoġġa l-proċess ta' riforma, li tagħmel l-ekonomija aktar attraenti għall-investituri barranin; jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Ażerbajġani biex jgħaġġlu n-negozjati dwar id-dħul f-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), u jappella lill-Kummissjoni biex tappoġġja aktar lill-Ażerbajġan f'dan il-proċess; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fir-riformi ekonomiċi fl-Armenja u fil-Ġeorġja; jinnota, madankollu, li l-iżvilupp ekonomiku tal-Armenja u tal-Ġeorġja ntlaqat mill-kriżi ekonomika globali, u jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li ħadet l-UE fl-aħħar tal-2009 li tingħata għajnuna makrofinanzjarja liż-żewġ pajjiżi;

27. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-infiq li qiegħed jiżdied b'rata mgħaġġla fuq il-militar u tad-difiża fil-Kawkasu t'Isfel u dwar l-akkumulazzjoni ta' ħażniet militari; jindika li din il-parti relevanti tal-baġits domestiċi taħli ammont kbir ta' riżorsi finanzjarji li setgħu jintużaw għal kwistjonijiet aktar urġenti bħat-tnaqqis tal-faqar, is-sigurtà soċjali u l-iżvilupp ekonomiku; jappella, f'dan ir-rigward, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ma jħallux għajnuna makrofinanzjarja tal-UE tiffinanzja indirettament lejn it-tkabbir tal-militar fir-reġjun;

28. Jinnota l-pożizzjoni ġeopolitika strateġika tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u l-importanza dejjem tikber tagħha bħala kuridur ta' enerġija, trasport u komunikazzjoni li jgħaqqad ir-reġjun Kaspju u l-Asja Ċentrali mal-Ewropa; iqisha tal-akbar importanza, għalhekk, li l-koperazzjoni bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Kawkasu tingħata prijorità għolja, mhux anqas f'materji relatati mal-enerġija; jenfasizza li r-rwol tat-tliet pajjiżi huwa essenzjali għat-tranżitu tar-riżorsi tal-enerġija, kif ukoll għad-diversifikazzjoni tal-provvista u r-rotot

tal-enerġija tal-UE; f'dan id-dawl, ifakkar għal darb'oħra li l-Unjoni għandha tieħu passi konkreti biex tiżgura l-istabilità politika fir-reġjun; jilqa' b'sodisfazzjon il-volontà tal-Gvernijiet tal-Ażerbajġan u tal-Ġeorġja biex ikomplu jagħtu sehem attiv fil-promozzjoni tal-provvista tal-enerġija bbażata fuq is-suq u tad-diversifikazzjoni tat-tranżitu fir-reġjun; jirrakkomanda bil-qawwi li l-pajjiżi involuti u l-Kummissjoni għandhom jinkludu lill-Armenja fi proġetti relevanti ta' trasport u enerġija fir-reġjun;

29. Jirrikonoxxi s-sinifikat tar-reġjun għall-koperazzjoni fl-enerġija u sigurtà tal-enerġija tal-UE speċjalment fil-kuntest ta' żvilupp tal-Kuridur tan-Nofsinhar (pipeline tan-Nabucco); jenfasizza l-importanza tal-approfondiment tas-sħubija bejn l-UE u l-Ażerbajġan u jinnota l-valur kbir tar-riżorsi tal-enerġija l-Ażerbajġan u r-rwol essenzjali tagħhom fl-iżvilupp ekonomiku tagħha; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-benefiċċji li jittieħdu mill-isfruttament tar-riżorsi naturali jkunu mqassma b'mod ugwali u investiti fl-iżvilupp tal-pajjiż kollu, sabiex il-pajjiż ikun jista' jilqa' kontra l-konsegwenzi negattivi ta' tnaqqis eventwali fil-produzzjoni taż-żejt; jinnota li l-isħubija bejn ir-Russja u l-Ażerbajġan qiegħda tkompli tintensifika ruħha, b'mod partikulari fis-settur tal-enerġija, u f'dan il-kuntest jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Ażerbajġan li jiddiversifika l-ekonomija tiegħu; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fis-settur tal-enerġija f'dan ir-reġjun bħala rekwiżit ewlieni għall-fiduċja tal-investituri, u jfaħħar lill-Ażerbajġan għall-parteċipazzjoni tiegħu fl-Inizjattivia ta' Trasparenza tal-Industriji Estrattivi;

30. Jirrikonoxxi r-rwol vitali tal-iżvilupp ta' infrastrutturi ġodda u ta' kurituri tat-trasport, proġetti li jgħaqqdu l-Baħar Kaspju mar-reġjuni tal-Baħar l-Iswed permezz tal-Kawkasu tan-Nofsinhar jew minnu, kif imsemmi wkoll fil-komunikazzjoni dwar "It-Tieni Analiżi Strateġika tal-Enerġija"; f'dan il-kuntest, jappoġġa l-inizjattivi li ser jagħtu kontribut favur it-twaqqif ta' djalogu aktar b'saħħtu bejn il-produtturi u l-konsumaturi u l-pajjiżi ta' tranżitu, bi skambju ta' kompetenzi dwar sistemi regolatorji tal-enerġija u dwar is-sikurezza tal-leġiżlazzjonijiet fuq il-provvista kif ukoll bi skambju tal-aħjar prattiki, inklużi l-mekkaniżmi ta' trasparenza u solidarjetà u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' twissija bikrija dwar interruzzjonijiet fl-enerġija; jemmen li dan imur id f'id mal-konverġenza tal-oqfsa regolatorji, tal-integrazzjoni tas-suq u tar-reġim mhux diskriminatorju għall-infrastrutturi tat-trasmissjoni transkonfinali;

31. Jenfasizza l-importanza li ssir promozzjoni għal miżuri effiċjenti tal-enerġija, li jsir investiment fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li jiġi żgurat li jiġi ttrattat it-tħassib dwar l-ambjent; jirrikonoxxi li l-ġenerazzjoni tad-diversità fil-provvista hija vitali u tista' tinkiseb biss permezz ta' koperazzjoni msaħħa mal-istati ġirien; hu tal-fehma li ċ-Ċentru Ambjentali Reġjonali għall-Kawkasu għandu jingħata fondi u jkun megħjun b'mod adegwat sabiex ikunu jistgħu jsiru wkoll proġetti transkonfinali li jkunu kredibbli; iqis li l-pjanijiet imħabbra mill-Ażerbajġan biex l-iżvilupp ta' sorsi alternattivi tal-enerġija jsir prijorità tal-gvern huma ta' min ifaħħarhom, u jinkuraġġixxi li jibqgħu jiġu segwiti għanijiet bħal dawn; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Armenja biex tiddiżattiva l-impjant nukleari f'Medzamor, u jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet tal-Armenja biex isibu soluzzjonijiet alternattivi u vijabbli għall-provvista tal-enerġija, kif mitlub mill-UE; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-gvern Ġeorġjan biex jiżviluppa settur tal-idroenerġija u jenfasizza l-bżonn ta' appoġġ mill-UE f'dan ir-rigward;

32. Iqis li l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u tad-djalogu soċjali permezz tal-involviment tal-atturi soċjali kollha, il-promozzjoni tal-ugwaljanzi bejn il-ġeneri u tad-drittijiet tan-nisa, l-investiment fl-edukazzjoni u fis-saħħa, l-iżvilupp tal-kapital uman u l-iżgurar ta' livelli xierqa ta' għajxien huma essenzjali sabiex jinbnew soċjetajiet demokratiċi u vibranti; jinnota pożittivament l-adozzjoni mit-tliet pajjiżi tal-programmi rispettivi tagħhom dwar it-tnaqqis tal-faqar u jinkuraġġixxi l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom;

***Lejn strateġija tal-UE***

33. Jilqa' b'sodisfazzjon is-Sħubija tal-Lvant u jieħu nota tal-inizjattivi relatati li ġew attivati u tal-laqgħat li saru; jenfasizza li biex issir aktar kredibbli għandha tkun akkumpanjata bi proġetti konkreti u inċentivi adegwati; bihsiebu jkompli jiżviluppa d-dimensjoni parlamentari tas-Sħubija;

34. Jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità provduta mis-Sħubija tal-Lvant li tqawwi r-relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u tal-UE billi jiġu stabbiliti relazzjonijiet kuntrattwali ġodda fil-forma ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni; jenfasizza l-importanza ta' kisbiet prinċipali u standards inkorporati biex

jiġu inklużi fid-dokumenti tal-Pjanijiet ta' Azzjoni kurrenti; ifakkar li l-kundizzjonijiet biex jinbdew in-negozjati jridu jinkludu livell suffiċjenti ta' demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi għajnuna teknika fejn ikun hemm bżonn sabiex tgħin lill-pajjiżi jissodisfaw il-prekundizzjonijiet; jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikulari, il-Programm Komprensiv ta' Bini ta' Istituzzjonijiet offrut mis-Shubija tal-Lvant bħala għodda innovattiva, speċifikament maħsuba biex tgħin lill-pajjiżi jissodisfaw dawn il-prekundizzjonijiet; jinsisti li l-prerogattiva tal-Parlament Ewropew tkun infurmata minnufih u kollha kemm hi fl-istadji kollha tal-proċess tan-negozjati tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, ukoll ladarba jkollha tagħti l-kunsens tagħha għall-konklużjoni tagħhom; jistenna li l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta'Assoċjazzjoni mill-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar tal-Kawkasu jgħaġġlu l-proċess ta' integrazzjoni ekonomika u koperazzjoni politika mal-UE;

35. Iqis li l-Pjanijiet ta' Azzjoni ENP u l-implimentazzjoni tagħhom jikkostitwixxu bażi essenzjali għall-valutazzjoni tar-rispett għall-impenji u l-progress tar-relazzjonijiet bilaterali mal-UE u biex jiġi kkunsidrat it-titjib tar-relazzjonijiet kuntrattwali mal-pajjiżi kkonċernati; jinnota l-impenn tal-Armenja u tal-Ġeorġja favur l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ENP, u jappella lill-Ażerbajġan biex jgħaġġel l-isforzi tiegħu f'dan ir-rigward; huwa tal-fehma li l-Parlament Ewropew għandu jkun involut f'dan il-proċess; jinnota l-progress differenti magħmul mit-tliet pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ENP rispettivi; jemmen li n-negozjati dwar il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni l-ġodda għandhom iqisu dawn id-differenzi u l-objettivi differenti kif ukoll id-dimensjoni reġjonali u li l-pajjiżi iridu jiġu trattati b'mod ugwali;

36. Hu tal-fehma li d-dimensjoni reġjonali tal-Istrateġija tal-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu għandha tiġi msaħħa kif imiss; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi finanzjarji għall-ENPI fi ħdan il-qafas tas-Shubija tal-Lvant għal programmi ta' żvilupp reġjonali u koperazzjoni multilaterali; jappella lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi sett ta' proġetti reġjonali u transkonfinali u programmi għat-tliet pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu f'oqsma bħat-trasport, l-ambjent, il-kultura u s-soċjetà ċivili, sabiex tipprovdi inċentivi konkreti għal titjib tal-koperazzjoni u bini tal-fiduċja bejn il-partijiet;

37. Ifakkar li l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu huma wkoll parti mill-inizjattiva tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, li ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-imsieħba billi trawwem il-koperazzjoni reġjonali f'ċerti zoni, anke permezz ta' programmi transkonfinali; jenfasizza l-importanza li għandu r-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-UE, u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u speċjalment lill-Viċipresident tal-Kummissjoni/Rappreżentat Għoli għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà tal-Unjoni, biex jiżviluppaw ideat u strateġiji għal koperazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed u għat-tkabbir ta' kuntatti mal-Unjoni Ewropea; minħabba dan, jirrakkomanda t-twaqqif ta' struttura istituzzjonalizzata li tieħu s-sura ta' Unjoni tal-Baħar l-Iswed;

38. Isostni li l-pożizzjonijiet tar-Russja, tat-Turkija u tal-Istati Uniti għandhom rwol importanti fis-soluzzjoni tal-kunflitt fin-Nofsinhar tal-Kawkasu; jirrimarka li l-iżvilupp tas-Shubija tal-Lvant mhux maħsub biex jiżola lir-Russja iżda, għall-kuntrarju, għandu l-ħsieb li jġib il-paċi, l-istabilità u l-progress ekonomiku sostenibbli lill-partijiet kollha konċernati, b'benefiċċji għar-reġjun kollu u għall-pajjiżi ġirien;

*Kwistjonijiet ta' sigurtà u s-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti*

39. Jemmen li l-għoti ta' appoġġ favur il-proċessi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti huwa kruċjali, u jemmen ukoll li l-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tappoġġa l-bini tal-fiduċja, ir-rikostruzzjoni u r-rijabilitazzjoni u li għandha l-possibilità li tgħin lill-komunitajiet milquta biex jinvolu ruħhom; f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' spazji għal impenn ċiviku mhux biss bejn il-mexxejja iżda wkoll bejn l-organizzazzjonijiet ċiviċi huwa tal-akbar importanza; barra minn dan, iqis li huwa essenzjali li jinżamm livell għoli ta' attenzjoni internazzjonali fuq il-kunflitti fir-reġjun biex jiġi żgurat li dawn jinħallu malajr; jirrikonoxxi li l-koperazzjoni reġjonali hija kundizzjoni meħtieġa għall-bini ta' fiduċja u għat-tisħiħ tas-sigurtà skond il-prijoritajiet tal-ENP; jappella lill-partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ fid-direzzjoni tas-Shubija tal-Lvant lejn koperazzjoni multilaterali mingħajr ma jorbtuha mas-soluzzjoni finali tal-kunflitti;

40. Jenfasizza l-potenzjal perikoluż għal tixrid ta' kunflitti staġnati fir-reġjun; f'dan il-kuntest, jirrakkomanda t-tlaqqigħ ta' Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Koperazzjoni fin-Nofsinhar tal-Kawkasu, li tħaddan il-pajjiżi konċernati u l-atturi relevanti reġjonali u globali, bil-ħsieb li jiġi żviluppat Patt ta' Stabilità għan-Nofsinhar tal-Kawkasu;

41. Jieħu nota tal-involviment attwali tal-UE fil-proċessi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti fir-reġjun, u jemmen li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jiġġustifika rwol aktar prominenti għall-UE; jappoġġja bis-sħiħ ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (EUSR) għan-Nofsinhar tal-Kawkasu, is-Sur Peter Semneby; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Missjoni ta' Monitoraġġ (EUMM) fil-Ġeorġja u jistieden lill-UE biex tieħu azzjoni iżjed b'saħħitha ħalli tikkonvinċi lir-Russja u lill-awtoritajiet de facto rilevanti biex ma jkomplux jimblokkaw id-dħul tal-EUMM fin-Nofsinhar tal-Ossezja u fl-Abkazja; iqis li l-UE issa għandha l-opportunità li tappoġġa s-soluzzjoni tal-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh, u jenfasizza l-importanza tal-kontribut tal-UE f'dan ir-rigward; għalhekk iqis li huwa inevitabbli li jiġi aġġornat ir-rwol tal-UE fil-Grupp Minsk permezz tat-twaqqif ta' mandat tal-UE għall-President Konġunt Franċiż tal-Grupp Minsk; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li tiġi provduta għajnuna u assistenza umanitarja lill-popolazzjoni tar-reġjun tan-Nagorno-Karabakh kif ukoll lill-IDPs u lir-refuġjati li ħarbu mir-reġjun; jitlob lill-Kummissjoni u lill-EUSR Semneby jikkunsidraw jestendu l-istess tip ta' għajnuna u tixrid ta' informazzjoni lin-Nagorno-Karabakh bħal ma sar fl-Abkazja u f'Ossezja;

42. Jitlob lill-Viċipresident tal-Kummissjoni/Rappreżentat Għoli għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà tal-Unjoni biex isegwi mill-qrib l-iżviluppi fir-reġjun u biex ikun involut b'mod attiv fil-proċessi tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jirrikonoxxi l-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali għan-Nofsinhar tal-Kawkasu u jesprimi t-tama li r-Rappreżentant Għoli ser tiżgura l-kontinwità u l-konsistenza tagħha; jinkuraġġixxi lill-Kunsill biex jikkunsidra l-possibilità tal-użu ta' għodod mill-PSDK biex iżid il-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċessi tat-tisħiħ tal-paċi u tal-ġestjoni tal-kunflitti;

43. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità li tagħti appoġġ finanzjarju u tekniku sostanzjali sabiex tappoġġa miżuri li jibnu l-fiduċja u li jippromwovu l-fiduċja bejn u fost il-popolazzjonijiet, u biex tieħu sehem fir-rijabilitazzjoni u fir-rikostruzzjoni tar-reġjuni milquta mill-kunflitti, permezz ta' proġetti li jiġġeneraw id-dħul u ta' proġetti relatati mal-integrazzjoni soċjoekonomika tal-IDPs u r-ripatrijati u permezz tar-rijabilitazzjoni tad-djar u tal-isforzi favur id-djalogu u l-medjazzjoni, u jistedinha wkoll telabora u tappoġġa proġetti tas-soċjetà ċivili li jkollhom l-għan li jmexxu 'l quddiem ir-rikonċiljazzjoni u l-kuntatti bejn il-popolazzjonijiet lokali u l-individwi;

*Id-demokratizzazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt*

44. Jappoġġja l-finanzjament u l-assistenza mill-UE għar-reġjun biex tippromwovi dawn il-prinċipji u l-proċessi, u jqis li din l-assistenza mill-UE għandha tingħata fil-qafas tal-kundizzjonalità politika, bħar-riforma tal-ġudikatura u l-progress fil-proċessi tad-demokratizzazzjoni; iwissi kontra l-possibilità li l-gvernijiet jużaw ħażin il-kunflitti biex jaljenaw l-interess tal-komunità internazzjonali mill-kwistjonijiet domestiċi;

45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li jkunu rrispettati l-impenji inklużi f'pakketti ta' kundizzjonalità politika, bħall-impenn speċifiku mill-Gvern Ġeorġjan li jagħti spinta ġdida lir-riformi demokratiċi inklużi fl-assistenza fl-UE ta' wara l-kunflitt li dwarha sar ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Ġeorġja f'Jannar 2009, u sabiex b'mod regolari tressaq rapporti dwar il-progress lill-Parlament Ewropew;

46. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli tal-UE lill-Armenja; jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità ta' aktar assistenza finanzjarja fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, inkluża l-assistenza fin-negozjar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni l-ġdid mal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tistħarreġ il-possibilità li toffri assistenza maħsuba apposta lill-Ażerbajġan u lill-Ġeorġja wkoll;

47. Huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, u jinkuraġġixxi lill-Armenja, lill-Ażerbajġan u lill-Ġeorġja jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni pubblika fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem li jippromwovu l-valuri tat-tolleranza, tal-pluraliżmu u tad-diversità, inkluż ir-rispett lejn il-minoranzi sesswali u lejn gruppi oħra li huma emarġinati u stigmatizzati;

48. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward ir-rifjut ta' Eutelsat li jxandar is-servizz tax-xandir pubbliku Ġeorġjan bil-lingwa Russa billi dan ir-rifjut jidher li hu motivat politikament; jindika li dan ir-rifjut iħalli de facto monopolju fit-trażmissjoni bis-satellita fuq udjenza reġjonali li titkellem bir-Russu lill-Intersputnik u lill-klijent prinċipali tiegħu, Gazprom Media Group; jenfasizza li hu importanti ħafna li f'soċjetà demokratika u pluralistika x-xandir ta' midja indipendenti ma jiġix imfixkel;

49. Jirrikonoxxi r-rwol potenzjali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Isħubija tal-Lvant bħala l-ispazju fejn jitrawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili ġenwina u jissaħħu l-għeruq tiegħu fl-istati tar-reġjun, u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-Forum jirċievi biżżejjed appoġġ finanzjarju u tekniku; jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza tal-finanzjament ta' proġetti tas-soċjetà ċivili u tar-rwol li għandhom id-Delegazzjonijiet tal-UE fir-reġjun fl-għażla tagħhom, u dwar l-importanza li jista' jkollhom dawn il-proġetti fil-promozzjoni ta' kuntatti f'livell reġjonali;

*Il-koperazzjoni ekonomika u l-iżvilupp soċjali*

50. Iqis li l-UE għandha tkompli tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-investiment fir-reġjun u li politika ta' kummerċ hija fattur fundamentali għall-istabilità politika u għall-iżvilupp ekonomiku u li jwassal għal tnaqqis fil-faqar fin-Nofsinhar tal-Kawkasu; jemmen li f'dan ir-rigward, in-negozjar u u t-twaqqif ta' Zona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva għandha sehem importanti ħafna; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi possibbli biex tgħin lill-pajjiżi fir-reġjun fit-tħejjija, fin-negozjar u fl-implimentazzjoni tagħhom fil-ġejjieni, anke fiż-żamma tal-impenji li jirriżultaw mill-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles profondi u komprensivi (DCFTAs), u jistedinha wkoll tipprovdi fi żmien xieraq evalwazzjoni komprensiva tal-impatt soċjali u ambjentali ta' dawn il-ftehimiet; aktar minn hekk, jinkuraġġixxi lill-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu biex iqisu li jistabbilixxu zona ta' kummerċ ħieles bejniethom;

51. Jenfasizza l-qagħda ġeopolitika tal-Armenja, tal-Ġeorġja u tal-Ażerbajġan fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, tat-Turkija bħala pajjiż kandidat tal-UE, u tar-Russja u tal-Iran; iqis li l-kummerċ huwa wieħed mill-komponenti ewlenin tal-politika ġenerali tal-UE li trawwem l-istabilità politika, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, it-tkabbir sostenibbli u l-prosperità, u huwa tal-fehma li d-dimensjoni reġjonali tal-Istrateġija tal-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu teħtieġ approċċ reġjonali fir-rigward tan-negozjati tal-ftehimiet kummerċjali; jappella lill-Kummissjoni biex tidentifika l-oqsma komuni ta' interess ekonomiku li jistgħu jegħlbu d-diverġenzi, jiffaċilitaw id-djalogu u jippromwovu l-koperazzjoni reġjonali; jappella biex ikun hemm iżjed impenn u involviment mill-UE favur il-kisba tal-integrazzjoni fir-reġjun, ġaladarba l-Komunità issa għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward tal-politika kummerċjali;

52. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjonijiet tal-istudji ta' fattibilità għall-Ġeorġja u l-Armenja ta' Mejju 2008, li wrew li d-DCFTAs iġibu benefiċċji ekonomiċi sinifikanti għal dawk il-pajjiżi u għall-UE, u b'hekk jippermettu lill-Kummissjoni tidħol f'fażi preparatorja għal negozjati ġejjiena dwar id-DCFTAs; jinkuraġġixxi lill-Ġeorġja, lill-Armenja u lill-Ażerbajġan sabiex itejbu l-progress tagħhom bil-għan li jirrispettaw il-Pjanijiet ta' Azzjoni ENP rispettivi tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-aktar fir-rigward tat-titjib tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali tagħhom u tal-implimentazzjoni tar-riformi regolatorji (speċjalment fir-rigward tal-livelli baxxi ħafna ta' ħarsien tal-proprjetà intellettwali fit-tliet pajjiżi), li huwa wieħed mill-prekundizzjonijiet għall-implimentazzjoni effettiva, u għas-sostenn tal-effetti ta' dawn l-FTAs ambizzjużi; jemmen li l-konklużjoni ta' FTAs mal-Ġeorġja, l-Armenja u l-Ażerbajġan tista' twassal mhux biss għal tkabbir ekonomiku, iżda tista' wkoll iżżid l-investiment barrani, toħloq impjiegi ġodda u teqred il-faqar;

53. Ifakkar li s-sigurtà fl-enerġija hija tħassib komuni; għalhekk iħeġġeġ lill-UE tagħti appoġġ aktar b'saħħtu lill-proġetti tal-enerġija fir-reġjun f'konformità mal-istandards Ewropej, inklużi proġetti li jmexxu 'l quddiem l-effiċjenza tal-enerġija u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija alternattiva, biex tikkopera iżjed fil-kwistjonijiet tal-enerġija u biex taħdem bis-sħiħ ħalli malajr kemm jista' jkun jitlesta l-kuridur tal-enerġija tan-nofsinhar, inkluż il-linja ta' pajpijiet Nabukko; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proġetti tal-enerġija u tat-trasport fin-Nofsinhar tal-Kawkasu jrawmu relazzjonijiet bejn it-tliet pajjiżi u biex taċċerta li dawn ma jikkawżawx l-esklużjoni ta' ċerti komunitajiet; jafferma mill-ġdid l-importanza tal-Inizjattiva Baku u l-programmi korrispondenti tagħha li jappoġġjawha, jiġifieri l-INOGATE u t-TRACECA;

54. Jenfasizza li l-istabilità politika hija essenzjali għall-forniment affidabbli u bla interruzzjonijiet ta' riżorsi ta' enerġija sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet xierqa għal żvilupp infrastrutturali; f'dan ir-rigward, ifakkar li l-kuritur doppju tal-enerġija ffurmat mil-linja ta' pajpijiet Baku-Tbilisi-Ceyhan (BTC) u l-Baku-Tbilisi-Erzerum (BTE) irawwem it-tqarrib bejn l-UE u r-reġjun Kaspju; jitlob li jerġgħu jitħeġġu l-ftehimiet bilaterali eżistenti jew tal-Memoranda ta' Ftehim li kienu ġew konklużi mat-tliet pajjiżi taln-Nofsinhar tal-Kawkasu fil-qasam tal-enerġija, bl-inklużjoni ta' "klawsola ta' sigurtà tal-enerġija" li tistabbilixxi kodiċi ta' mġiba u miżuri speċifiċi fil-każ ta' interruzzjoni fil-provvista tal-enerġija; iqis li l-provvista tal-enerġija u tad-dispożizzjonijiet ta' tranżitu għandhom ikunu komponent fin-negozjar ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni wiesgħa ma' dawk il-pajjiżi;

55. Itenni l-importanza tal-kuntatti interpersonali u tal-programmi ta' mobilità, speċjalment ta' dawk maħsuba għaż-żgħażagħ, u tal-programmi ta' ġemellaġġi ma' reġjuni tal-UE u komunitajiet lokali li għand-homminoritajiet nazzjonali li qed jesperjenzaw livell għoli ta' awtonomija; jemmen li hemm bżonn ta' żjieda kbira fin-numru ta' studenti, għalliema u riċerkaturi li jipparteċipaw fi programmi ta' mobilità; jilqa' b'sodis-fazzjon l-iffirmar tal-ftehimiet mal-Ġeorġja dwar il-faċilitar tal-viżi u tar-riammissjoni u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu progress lejn l-iffaċilitar tal-viżi u ftehimiet ta' riammissjoni mal-Armenja u l-Ażerbajġan;

56. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-UE tiżviluppa strateġija għan-Nofsinhar tal-Kawkasu, minħabba l-importanza tar-reġjun għall-UE u r-rwol potenzjali li għandha l-UE fit-trawwim ulterjuri tal-iżvilupp tar-reġjun u fis-soluzzjoni tal-kunflitti tiegħu;

*

* *

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà tal-Unjoni, tal-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Armenja, tal-Ażerbajġan u tal-Ġeorġja.

## Il-libertà reliġjuża fil-Pakistan

P7_TA(2010)0194

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-libertà reliġjuża fil-Pakistan**

(2011/C 161 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Pakistan, b'mod partikolari dawk tat-12 ta' Lulju [1], tal-25 ta' Ottubru [2] u tal-15 ta' Novembru 2007 [3],

— wara li kkunisdra l-konklużjonijiet tal-Kunsill adotatti fis-16 ta' Novembru 2009 dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin li fihom il-Kunsill jenfasizza l-importanza strateġika ta' din il-libertà u tal-ġlieda kontra l-intolleranza reliġjuża,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Pakistan tas-17 ta' Ġunju 2009, li fiha ż-żewġ naħat saħqu fuq l-importanza ta' strateġija integrata u fit-tul li tinkludi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku u l-istat tad-dritt, kif ukoll irrikonoxxew is-sinifikat ta' mezzi mhux militari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,

(1) Testi adottati, P6_TA(2007)0351.
(2) ĠU C 263 E, 16.10.2008, p. 666.
(3) ĠU C 282 E, 6.11.2008, p. 434.

— f'antiċipazzjoni tat-tieni Samit UE-Pakistan fl-4 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar il-"Ġlieda kontra d-diffamazzjoni tar-reliġjon" adottata b'maġġoranza żgħira tal-voti fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fis-26 ta' Marzu 2009, proposta kull sena mill-Pakistan f'isem l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Iżlamika (OIC),

— wara li kkunsidra l-isqarrija tal-4 ta' April 2010 mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton dwar attakki fil-Pakistan, kif ukoll dik tal-20 ta' April 2010 dwar l-adozzjoni tat-18-il Emenda Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 18 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 (UDHR),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha tal-Intolleranza u tad-Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon u t-Twemmin, tal-25 ta' Novembru 1981,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-promozzjoni tad-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili huma prinċipji u miri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu bażi komuni għar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi,

B. billi fil-Pakistan l-Iżlam Sunnita huwa r-reliġjon tal-maġġoranza u tal-Istat u gruppi reliġjużi u ta' twemmin minoritarji jikonsistu fi Nsara, Ħindu, Sikh, Xiiti, Aħdmadi, Buddisti, Parsi, Baħa'I u oħrajn,

C. billi l-Pakistan huwa wieħed mill-pajjiżi ewlenin fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tifrix tal-estremiżmu vjolenti,

D. billi l-istabbiltà interna u l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż għaddejjin minn prova ħarxa minħabba l-għadd li qed jiżdied ta' attakki vjolenti minn estremisti, li jiġru kważi ta' kuljum,

E. billi t-theddida ma taqta' xejn minn forzi Muslim radikali li joperaw fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera tal-Pakistan mal-Afganistan ikomplu jagħmluha ħtieġa saħansitra aktar imperattiva li jsiru sforzi internazzjonali konċertati biex l-iżvilupp soċjali tal-Pakistan jintrifed u jitqawwa,

F. billi d-drittijiet ugwali għall-minoranzi kienu parti mill-viżjoni tal-missier fundatur tal-Pakistan, Moħammed Ali Jinnah, kif esprima fid-diskors tiegħu quddiem l-Assemblea Kostitwenti fl-1947: "Tista' tappartjeni għal kwalunkwe reliġjon, kasta jew twemmin – dak xejn m'għandu x'jaqsam mal-Istat… Qed nitiliqu minn dan il-prinċipju fundamentali, li lkoll kemm aħna ċittadini, u ċittadini ta' Stat wieħed",

G. billi l-kapitolu dwar id-Drittijiet Fundamentali fil-Kostituzzjoni tal-Pakistan tal-1973 jiggarantixxi "l-libertà tat-tħaddin ta' reliġjon u l-ġestjoni ta' istituzzjonijiet reliġjużi" (l-Artikolu 20), l-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha (l-Artikolu 25) u "d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-minoranzi" (l-Artikol 26),

H. billi, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 260 tal-Kostituzzjoni jiddistingwi bejn il-Musulmani u dawk li mhumiex, biex b'hekk jippermetti d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon;

I. billi rapporti u stħarriġiet minn aġenziji indipendenti jikxfu li l-minoranzi fil-Pakistan huma mċaħħda mil-libertajiet ċivili bażiċi u mill-opportunitajiet indaqs fix-xogħol, fl-edukazzjoni u fir-rappreżentanza politika,

J. billi huwa stmat li aktar minn 85 % tan-nisa fil-Pakistan jiffaċċaw l-abbuż domestiku li jinkludi l-abbuż fiżiku u dak psikoloġiku; filwaqt li l-vjolenza kontra t-tfajliet u n-nisa, inklużi l-istupru, il-vjolenza domestika u ż-żwieġ sfurzat, għadhom problemi serji, li parzjalment jistgħu ikunu attribwiti għal-liġi Xarija,

K. billi l-gvern tal-Pakistan ħatar kelliemi għall-minoranzi u lill-Membru tal-Parlament tal-Pakistan Shabaz Bhatti laħħqu Ministru Federali għall-Affarijiet tal-Minoranzi f'Novembru 2008, filwaqt li għall-ewwel darba refa’ din il-kariga għal-livell tal-kabinett,

L. billi fil-perjodu minn Novembru 2008 l-Gvern tal-Pakistan ħoloq kwota ta’ ħamsa fil-mija għall-minoranzi fis-settur tal-impjiegi federali, irrikonoxxa vaganzi pubbliċi mhux Musulmani, iddikjara l-11 ta’ Awwissu bħala l-Jum Nazzjonali tal-Minoranzi u rriserva xi siġġijiet fis-Senat għal rappreżentanti tal-minoranzi,

M. billi fil-25 ta’ Diċembru 2009 il-President Asif Ali Zardari tenna l-wegħda tal-Partit tal-Poplu tal-Pakistan li jirrispetta d-dritt tal-minoranzi kollha li jiġu ttrattati bħala ċittadini ugwali,

N. billi hemm kontradizzjoni bejn l-impenn tal-gvern tal-Pakistan favur il-libertà tar-reliġjon u r-rwol ewlieni tiegħu fl-OIC f'li jmexxi l-aġenda tal-“Ġlieda kontra d-Diffamazzjoni tar-Reliġjon” fin-Nazzjonijiet Uniti,

O. Bili d-dispożizzjonijiet legali magħrufin bħala l-“liġijiet dwar atti blasfemi”, introdotti fl-1982 u fl-1986, jimminaw id-drittijiet fundamentali reliġjużi u tal-minoranzi mogħtija bil-Kostituzzjoni, filwaqt li s-sentenza tal-mewt jew il-priġunerija għall-ħajja huma previsti taħt is-sezzjoni 295 C fil-Kodiċi Penali tal-Pakistan (PPC) f'każijiet ta’ atti blasfemi,

P. billi l-liġijiet dwar l-atti blasfemi jiġu abbużati mill-gruppi estremisti u minn dawk li jkollhom aġenda personali kontra ħaddieħor u wasslu għal tkattir tal-vjolenza kontra membri tal-minoranzi reliġjużi, partikolarment l-Aħmadi, imma wkoll l-Insara, il-Ħindu, is-Sikh, ix-Xiiti, il-Buddisti, il-Parsi, il-Baħa’i kif ukoll ċittadini kritiċi li jazzardaw jgħollu leħinhom kontra l-inġustizzja,

Q. billi l-maġġoranza kbira tan-nies akużati taħt il-liġijiet dwar l-atti blasfemi huma Musulmani, imma l-akkużi kontra individwi minn reliġjonijiet minoritarji jistgħu jiskattaw vjolenza sproporzjonata kontra komunità sħiħa, billi kienu akkużi ta’ atti blasfemi li skattaw il-vjolenza tal-folla kontra l-Insara f'Gojra u Korian fis-sajf tal-2009, li ħallew tmienja mejta u tal-anqas mitt dar meqruda,

R. billi 76 ruħ ġew akkużati fl-2009 b'atti blasfemi f'25 każ reġistrat, inklużi 17-il ruħ akkużati taħt is-sezzjoni 295 C tal-Kodiċi Penali tal-Pakistan (PPC),

S. billi l-avukati u l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan spiss jesperjenzaw theddid ta’ qtil u fastidju, u l-avukati li jiddefendu f'kawżi ta’ atti blasfemi huma speċjalment vulnerabbli għal riskji bħal dawn, u saħansitra anki dawk li jkunu nħelsu mill-akkużi jkollhom jgħaddu l-bqija ta’ ħajjithom moħbija,

T. billi f'Awwissu 2009 il-Prim Ministru tal-Pakistan Gilani ħabbar it-twaqqif ta’ kumitat biex jirrevedi u jtejjeb “liġijiet li jagħmlu l-ħsara għall-armonija reliġjuża”, meta fl-istqarrija tiegħu għamel allużjoni għal-liġijiet tal-1982 u l-1986 dwar l-atti blasfemi, billi, madankollu, sal-lum l-ebda reviżjoni tali għadha ma ġiet proposta,

U. billi l-Musulmani Aħmadija fil-Pakistan ibatu minn diskriminazzjoni u persekuzzjoni frekwenti mirfuda mid-dispożizzjonijiet kontra l-Aħmadija fis-sezzjoni 298 tal-Kodiċi Penali tal-Pakistan, u eżempju riċenti ta’ dan kien il-qtil ta’ professur Aħmadi rtirat minn irġiel armati u b'wiċċhom mgħammad fil-5 ta’ Jannar 2010,

V. billi l-Gvern tal-Pakistan jinsab fil-proċess li jirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni tan-NU tal-1984 kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra;

1. Jilqa’ l-miżuri meħuda fl-interess tal-minoranzi reliġjużi mill-gvern tal-Pakistan minn Novembru 2008 “l hawn, bħalma huwa t-twaqqif ta’ kwota ta’ ħamsa fil-mija għall-minoranzi fis-settur tal-impjiegi federali, ir-rikonoxximent tal-vaganzi pubbliċi mhux Musulmani u d-dikjarar ra” Jum Nazzjonali tal-Minoranzi;

2. Jappoġġja għalkollox l-isforzi tal-Ministru Federali għall-Affarijiet tal-Minoranzi biex jistabbilixxi netwerk ta' Kumitati għall-Armonija bejn ir-Reliġjonijiet Lokali biex iħeġġeġ id-djalogu u jtaffi t-tensjonijiet reliġjużi; jitlob lil-livelli l-oħra kollha tal-gvern, inklużi l-Istati, biex jilqgħu dawn il-miżuri bis-sħiħ;

3. Jilqa' l-impenn li ħa l-Prim Ministru tal-Pakistan biex jagħti drittijiet tal-proprjetà lil minoranzi li jgħixu fis-slums f'Islamabad;

4. Jilqa' l-impenn tal-gvern tal-Pakistan biex jipprovdi siġġijiet fis-Senat għall-minoranzi, inkluż għar-rappreżentanti nisa tal-gruppi tal-minoranzi fis-Senat, u jispera li dawn l-impenji jitwettqu;

5. Jistieden lill-Gvern Pakistani biex jirrevedi l-prattika li jinkludi l-identità reliġjuża taċ-ċittadini tiegħu fil-passaporti l-ġodda kollha bil-għan li jevita kull prattiki diskriminatorja;

6. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-gvern tal-Pakistan fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u t-tifrix tal-estremiżmu vjolenti;

7. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu li l-liġijiet dwar l-atti blasfemi - li fil-Pakistan jistgħu jġorru magħhom il-piena tal-mewt u li ta' spiss jintużaw biex jiġġustifikaw iċ-ċensura, il-kriminalizzazzjoni, il-persekuzzjoni u f'ċerti każijiet il-qtil ta' minoranzi politiċi, razzjali u reliġjużi - huma suxxettibbli għal użu ħażin li jaffettwa l-popli tar-reliġjonijiet kollha fil-Pakistan;

8. Jitlob lill-gvern tal-Pakistan biex jirrevedi sew il-liġijiet dwar l-atti blasfemi u l-applikazzjoni attwali tagħhom kif ukoll, fost l-oħrajn, is-Sezzjoni 295 C tal-Kodiċi Penali li titkellem dwar il-piena tal-mewt mandatorja għal kull min jinstab ħati ta' atti blasfemi u, sadanittant, biex jimplimenta emendi kif suġġerit mill-Ministru Federali għall-Affarijiet tal-Minoranzi;

9. Jitlob lill-Gvern biex iżomm il-wegħda tiegħu tal-2008 li jbiddel il-pieni kollha tal-mewt għal żmien il-ħabs bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni lejn it-tneħħija tal-piena tal-mewt;

10. Ifakkar fl-istqarrija ripetuta tal-Kummissjoni, bħala tweġiba għall-mistoqsijiet parlamentari bil-miktub, li hija qiegħda ssegwi mill-qrib ir-rispons tal-gvern tal-Pakistan għall-vjolenza tal-massa li bdiet minħabba l-akkużi ta' atti blasfemi f'Gojra u Korian; jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex titlob għal dettalji dwar il-progress tanġibbli li sar, b'mod partikolari rigward it-tressiq ta' dawk responsabbli duddiem il-qrati;

11. Jesprimi t-tħassib partikolari tiegħu għad-diskriminazzjoni li għaddejja bħalissa kontra l-komunità Aħmadija fil-Pakistan u għall-persekuzzjoni tagħha u jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex jirrevoka s-Sezzjoni 298 tal-Kodiċi Penali tal-Pakistan li tfixkel bil-kbir il-ħajja ta' kuljum ta' dan il-grupp, u biex jiskoraġġixxi avvenimenti xewwiexa bħalma huma l-konferenzi dwar "Tmiem il-Profeti" ġewwa Lahore;

12. Jitlob lill-awtoritajiet Pakistani biex jimplimentaw għalkollox is-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Pakistan li biha għandhom l-obbligu jiżguraw ir-reġistrazzjoni tal-votanti eliġibbli kollha fil-listi elettorali l-ġodda, inklużi l-Musulmani Aħmadija;

13. Huwa mħasseb dwar il-possibiltà ta' użu ħażin tal-kampanja "Ġlieda Kontra d-Diffamazzjoni tar-Reliġjon" fin-NU, waqt li jisħaq dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009;

14. Jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex jirratifika għalkollox u mingħajr riservi l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966 u l-Konvenzjoni tan-NU tal-1984 kontra t-Tortura u t-Trattament jew il-Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra; Iqis li l-libertà tat-twemmin, kif imnaqqxa fil-Patt tan-NU, tipprovdi l-qafas u r-referenza adegwati li għandhom jaderixxu magħhom il-firmatarji kollha, b'tali mod li jipprovdu protezzjoni għaċ-ċittadini tagħhom sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw il-fidi tagħhom liberament;

15. Jitlob lill-Gvern biex jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem tal-minoranzi stipulati fil-Kostituzzjoni u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari Artikolu 18, li jipprevedi li "kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon";

16. Jappoġġa kull inizjattiva li għandha l-għan li tippromwovi d-djalogu u r-rispett reċiproku fost il-komunitajiet; jistieden lill-awtoritajiet reliġjużi u politiċi biex jippromwovu t-tolleranza u biex jieħdu inizjattivi kontra l-mibegħda u l-estremiżmu vjolenti;

17. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Pakistan biex jimplimenta r-riformi proposti tas-sistema edukattiva u biex jirregola u jispezzjona l-Madrasas; jistieden lill-awtoritajiet Pakistani biex ineħħu kull propaganda ta' mibegħda, superjorità reliġjuża u diffamazzjoni ta' reliġjonijiet mill-kotba tal-iskola approvati mill-fergħa tal-kurrikulu nazzjonali tal-Ministeru tal-Edukazzjoni;

18. Jistieden lill-Gvern tal-Pakistan biex jiffaċilita żjara fil-Pakistan tar-Rapporteur Speċjali tan-NU għal-Libertà tar-Reliġjon jew tat-Twemmin, is-Sinjura Asma Jahangir;

19. Jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jinkludu d-drittijiet tal-minoranzi fil-Pakistan fl-aġenda tas-samit li ġej, bil-għan li tinbeda riforma bikrija tal-leġiżlazzjoni diskriminatorja dwar l-atti blasfemi;

20. Jitlob lill-Kunsill biex jinkludi l-kwistjoni tat-tolleranza reliġjuża fis-soċjetà fid-djalogu tiegħu mal-Pakistan dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ġaladarba din hija ta' importanza ċentrali fil-ġlieda fit-tul kontra l-estremiżmu reliġjuż;

21. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea biex ikomplu l-appoġġ finanzjarju tal-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u biex joħolqu miżuri prattiċi ħalli jappoġġaw il-moviment dejjem jikber tas-soċjetà ċivili fil-Pakistan kontra l-liġijiet dwar l-atti blasfemi u leġiżlazzjoni diskriminatorja oħra;

22. Ifakkar fl-istqarrija ripetuta tal-Kummissjoni, bħala tweġiba għall-mistoqsijiet parlamentari bil-miktub, li hija qiegħda ssegwi mill-qrib ir-rispons tal-gvern tal-Pakistan għall-vjolenza kontra l-Insara f'Gojra u Korian, u jitlob lill-Kummissjoni biex titlob għal dettalji dwar il-progress tanġibbli li sar, b'mod partikolari rigward it-tressiq ta' dawk responsabbli duddiem il-qrati;

23. Jitlob lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jinsistu li l-Gvern tal-Pakistan jimxi mal-klawsola tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem imnaqqxa fil-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan; Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u dwar il-klawsola tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;

24. Jitlob lill-Kunsill biex jappoġġa lill-Gvern tal-Pakistan fl-iżvilupp tal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Bniedem tiegħu, u fit-twaqqif ta' Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem bis-sens, indipendenti u awtorevoli;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Pakistan.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

## Is-sitwazzjoni fit-Tajlandja

P7_TA(2010)0195

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar it-Tajlandja**

(2011/C 161 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Bażiċi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu tas-Saħħa u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi tal-1990,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tat-8 u t-13 ta' April 2010 dwar is-sitwazzjoni politika fit-Tajlandja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN tat-12 ta' April 2010 dwar is-sitwazzjoni fit-Tajlandja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Tajlandja rat taqtigħ vjolenti bejn 'l hekk imsejħa dimostranti tal-"Qomos Ħomor" u l-gvern, flimkien mal-armata bl-appoġġ tal-moviment tal-"Qomos Sofor", taqtigħ fejn diġà tilfu ħajjithom 'il fuq minn 60 persuna u ndarbu iktar minn 1 700 persuna,

B. billi ġie ddikjarat stat ta' emerġenza f'iktar minn 20 provinċja madwar il-pajjiż,

C. billi fl-10 ta' April 2010 faqqgħet il-vjolenza bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà f'Bangkok,

D. billi fit-3 ta' Mejju 2010, il-Prim Ministru Abhisit Vejjajiva ressaq pjan direzzjonali bi pjan b'ħames punti li għandu jwassal għal elezzjonijiet ġenerali fl-14 ta' Novembru 2010,

E. billi mit-13 ta' Mejju 2010, kien hemm iktar ġlied vjolenti bejn id-dimostranti militanti u l-forzi tas-sigurtà f'Bangkok,

F. billi l-istat ta' emerġenza ddikjarat mill-Gvern Tajlandiż wassal għal ċensura ta' stazzjon tat-televiżjoni satellitari, ta' bosta stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni u ta' siti tal-internet; billi l-Unjoni Ewropea esprimiet tħassib kbir dwar it-theddida fir-rigward tal-libertà tal-istampa, u affermat mill-ġdid li l-libertà tal-espressjoni tikkostitwixxi dritt fundamentali, kif imħaddan fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

G. billi waqt operazzjoni tal-armata mibdija fid-19 ta' Mejju 2010 biex iċċekken il-kuritur ta' sigurtà madwar il-kamp ewlieni ta' dimostranti, nqatlubosta persuni, inkluż ġurnalista Taljan, u għexieren ta' persuni sfaw midruba,

H. billi s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Ban Ki-Moon, esprima tħassib dwar il-vjolenza u appella kemm lid-dimostranti kif ukoll lill-awtoritajiet Tajlandiżi biex jagħmlu kull ma hu fis-setgħa tagħhom biex jevitaw vjolenza u mwiet ulterjuri; billi l-Vjetnam, li għandu l-presidenza tal-ASEAN, esprima tħassib dwar is-sitwazzjoni fit-Tajlandja li sejra għall-agħar u stieden lill-partijiet kollha biex jevitaw il-vjolenza u jfittxu r-rikonċiljazzjoni,

1. Jesprimi tħassib kbir fir-rigward tal-kunflitt vjolenti bejn id-dimostranti u l-forzi tas-sigurtà fit-Tajlandja, li joħloq theddida għad-demokrazija fil-pajjiż, u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Tajlandiż u mal-familji kollha li tilfu lil dawk qrib tagħhom fil-ġimgħat li għaddew;

2. Ifakkar li l-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar l-Użu tas-Saħħa u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi jipprevedu li l-awtoritajiet, sakemm ikun possibbli, għandhom japplikaw mezzi mhux vjolenti qabel ma jagħmlu użu mis-saħħa u mill-armi tan-nar, u kull meta l-użu legali ta' dawn tal-aħħar ikun inevitabbli, l-awtoritajiet għandhom jillimitaw dan l-użu u jaġixxu b'mod proporzjonali għas-serjetà tal-reat;

3. Jistieden lill-partijiet kollha biex jagħmlu l-ikbar sforz possibbli sabiex irażżnu lilhom infushom u jwaqqfu l-vjolenza politika;

4. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Gvern Tajlandiż li jistabbilixxi kumitat, magħmul minn esperti forensiċi u rappreżentanti ta' istituzzjonijiet akkademiċi, biex jistħarreġ l-imwiet marbuta mal-avvenimenti tal-10 ta' April 2010, u jistieden lill-gvern biex jestendi dan l-istħarriġ għall-każijiet reċenti ta' mwiet; jappoġġa l-inizjattiva biex il-Ministeru għall-Iżvilupp Soċjali u s-Sigurtà tal-Bnedmin iniedi ċentru li jgħin lill-persuni midruba u lill-qraba tal-persuni li nqatlu fil-ġlied ta' bejn l-uffiċjali tal-istat u d-dimostranti tal-Front Magħqud għad-Demokrazija Kontra d-Dittatorjat;

5. Jirrikonoxxi l-pjan direzzjonali ppreżentat mill-Prim Ministru Abhisit Vejjajiva fit-3 ta' Mejju 2010;

6. Jistieden lill-Gvern Tajlandiż biex jiżgura li d-dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza ma twassalx għal restrizzjoni sproporzjonata tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet individwali; jistieden lill-Gvern Tajlandiż biex itemm iċ-ċensura u r-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal-libertà tal-espressjoni;

7. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex minnufih jagħtu bidu għal djalogu kostruttiv sabiex jintlaħaq malajr ftehim dwar soluzzjoni u biex il-kriżi attwali tissolva b'mezzi paċifiċi u demokratiċi;

8. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kumitat Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem li jorganizza laqgħa konsultattiva li tlaqqa' intellettwali, rappreżentanti tal-movimenti soċjali, mexxejja reliġjużi u l-4 ex-Prim Ministri, Anand Panyarachun, Banharn Silapa-acha, Chavalit Yongchaiyudh u Chuan Leekpai, biex tinstab u titressaq soluzzjoni ħalli tintemm din il-kriżi;

9. Jenfasizza r-rieda tiegħu li jappoġġa d-demokrazija fit-Tajlandja, billi jqis ir-rabtiet eċċellenti bejn l-UE u t-Tajlandja u r-rwol tat-Tajlandja bħala sors ta' prosperità u ta' stabilità fir-reġjun;

10. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tagħmel l-isforzi kollha possibbli ħalli tintemm il-vjolenza; iħeġġeġ lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex issegwi s-sitwazzjoni politika mill-qrib u tikkoordina l-azzjoni mal-ASEAN sabiex jitrawwem id-djalogu u tissaħħaħ id-demokrazija fit-Tajlandja;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern tat-Tajlandja, lis-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

# IL-Mjanmar

P7_TA(2010)0196

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Burma/Mjanmar

(2011/C 161 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 18 sa 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mir-Rapporteur Speċjali tan-NU Tomás Ojea Quintana fil-5 ta' Mejju 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/Mjanmar adottat fit-3009 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin li saret il-Lussemburgu fis-26 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tal-1 ta' Marzu 2010 dwar l-oġġezzjoni għall-appell ta' Aung San Suu Kyi mill-Qorti Suprema tal-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-President tas-16-il Samit tal-ASEAN li sar f'Hanoi fid-9 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew - Dikjarazzjoni dwar il-Burma/Mjanmar tad-19 ta' Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/Mjanmar adottati fl-2938 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Barranin li saret il-Lussemburgu fis-27 ta' April 2009,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-UE tat-23 ta' Frar 2009 li sejħet għal djalogu globali inklussiv bejn l-awtoritajiet u l-forzi demokratiċi fil-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Awwissu 2009 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-26 ta' Marzu 2010 dwar is-Sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Mejju 2009 dwar l-arrest ta' Aung San Suu Kyi,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. wara li kkunsidra l-avviż mill-awtoritajiet Burmiżi dwar l-elezzjonijiet nazzjonali fl-2010, l-ewwel elezzjonijiet mill-1990,

B. billi fil-forma ppubblikata tagħhom il-ħames liġijiet elettorali u l-erba' digrieti jiksru l-prinċipji demokratiċi u jagħmluha impossibbli biex isiru elezzjonijiet ħielsa, partikolarment billi jeskludu l-2 200 priġunier politiku magħrufa; billi l-membri tal-ordnijiet reliġjużi fil-Burma/Myanmar, inklużi madwar 400 000 patri buddist, huma pprojbiti espliċitament milli jivvutaw, li juri d-diskriminazzjoni perpetwa mill-ġunta militari abbażi ta' reliġjon jew status,

C. billi dawn il-liġijiet jiksru l-prinċipji bażiċi tal-libertà ta' espressjoni u d-dritt ta' assoċjazzjoni; billi l-midja Burmiża bbażata barra l-pajjiż, li tikkostitwixxi s-sors ewlieni ta' aħbarijiet għall-poplu Burmiż, għadhom ipprojbiti milli joperaw fil-Burma/Mjanmar,

D. billi dawn il-liġijiet huma bbażati fuq il-Kostituzzjoni tal-2010, li tiggarantixxi l-impunità għar-reati li twettqu mir-reġim attwali u tipprovdi għall-waqfien totali tad-drittijiet fundamentali waqt stat ta' emerġenza, għal perjodu ta' żmien indefinit; billi l-kostituzzjoni l-ġdida tal-Burma/Mjanmar hija mfassla biex iżżomm dittatorjat taħt impressjoni ċivili, u ma tagħti l-ebda dritt tal-bniedem jew toffri l-ebda prospett ta' bidla ġenwina,

E. billi kwalunkwe espressjoni ta' opinjonijiet politiċi ta' oġġezzjoni titrażżan b'mod brutali u sistematiku (eż. permezz ta' arresti arbitrarji, proċessi inġusti, priġunerija, torturi u qtil extra-ġudizzjarji),

F. billi l-elezzjonijiet ma jistgħux jitqiesu ħielsa u ġusti jekk ma jkunx hemm l-involviment tal-oppożizzjoni,

G. billi l-Lega Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD), ir-rebbieħa b'mod ċar fl-aħħar elezzjonijiet demokratiċi, iddeċidiet li topponi l-elezzjonijiet mħabbra għall-2010, fid-dawl tal-kundizzjonijiet imposti fuq il-parteċipazzjoni; billi l-NLD ġiet imxolta bil-liġi fis-6 ta' Mejju 2010, wara li ma rreġistratx għall-elezzjonijiet,

H. billi d-dikjarazzjoni tas-16-il Samit tal-ASEAN tenfasizza l-importanza ta' rikonċiljazzjoni u li jsiru elezzjonijiet ġenerali regolari ħielsa u miftuħa għal kulħadd,

I. billi r-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Burma/Mjanmar kkundanna l-abbużi "goffi u sistematiċi" tad-drittijiet tal-bniedem li saru mid-dittatorjat tal-Burma/Mjanmar, billi qal li jinvolvu "politika tal-istat li tinvolvi l-awtoritajiet fl-ambitu eżekuttiv, militari u ġudizzjarju fuq il-livelli kollha", u talab li tiġi stabbilita kummissjoni ta' inkjesta tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità li twettqu mid-dittatorjat,

J. billi l-Gvern tal-Burma/Mjanmar jibqa' kontra l-permess għaż-żjara tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Burma f'pajjiżu u li jibda fi djalogu, minkejja bosta talbiet matul ħafna xhur,

K. billi mill-2003 l-Gvern tal-Burma Mjanmar oġġezzjona għal kull proposta min-Nazzjonijiet Uniti u l-komunità internazzjonali biex jiġi riformat il-"pjan direzzjonali lejn id-demokrazija" f'seba' stadji,

L. billi bħalissa hemm 2 200 priġunier politiku magħruf li qegħdin jinżammu l-ħabs minħabba li pparteċipaw f'attivitajiet paċifiċi fil-Burma/Mjanmar, u billi iktar minn 140 priġunier politiku intenzjonament mhumiex qed jingħataw trattament mediku, inkluż Ko Mya Aye mexxej mill-grupp 88 Generation Student, li għandu kundizzjoni f'qalbu li tista' twassal għall-mewt,

M. billi l-militar baqa' jwettaq vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-popolazzjonijiet ċivili f'żoni ta' kunflitti etniċi, inkluż qtil extra-ġudizzjarju, xogħol furzat u vjolenza sesswali,

N. billi jkomplu l-attakki kontra ċ-ċittadini tal-minoranza etnika fil-Lvant tal-Burma/Mjanmar, li wasslu biex mijiet ta' eluf ta' nies ġew spostati, li ħafna minnhom, minħabba restrizzjonijiet fuq l-għajnuna umanitarja mid-dittatorjat, jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' għajnuna transkonfinali mill-pajjiżi ġirien,

O. billi Aung San Suu Kyi, il-kap tal-oppożizzjoni NLD, ilha taħt arrest domiċiljari mill-2003; billi fl-14 ta' Mejju 2009 l-awtoritajiet arrestawha b'akkużi li kienet kisret it-termini tal-arrest domiċiljari tagħha billi ħalliet lil John Yettaw, Amerikan, iżurha; billi fil-11 ta' Awwissu 2009 qorti kriminali fil-ħabs Insein f'Rangoon ikkundannat lil Aung San Suu Kyi għal tliet snin ħabs għall-ksur tal-arrest domiċiljari, sentenza li mbagħad tnaqqset għal 18-il xahar ta' arrest domiċiljari; billi fl-1 ta' Marzu 2010 l-Qorti Suprema tal-Burma/Mjanmar oġġezzjonat għall-appell ta' Aung San Suu Kyi kontra s-sentenza inġusta imposta fuqha fl-2009,

P. billi l-UE tibqa' donatur ewlieni għall-Burma/Mjanmar u hija lesta biex iżżid l-għajnuna tagħha għall-poplu tal-pajjiż, sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tagħhom,

Q. billi l-ECHO naqqas il-fondi għar-rifuġjati fuq il-fruntieri bejn it-Tajlandja u l-Burma minkejja li għadd ta' rifuġjati jibqgħu kważi fl-istess sitwazzjoni, u waqqaf il-finanzjament għall-iskejjel li joffru faċilitajiet ta' akkomodazzjoni għal għajxien fihom fil-kampijiet tar-refuġjati,

R. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u bosta gvernijiet qalu li s-soluzzjoni għall-problemi tal-Burma hija djalogu tripartitiku xieraq bejn Aung San Suu Kyi u l-NLD, rappreżentanti etniċi ġenwini u l-Gvern tal-Burma/Mjanmar, u billi l-Gvern tal-Burma/Mjanmar għadu qed joġġezzjoni li jidħol fi djalogu bħal dan,

1. Jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għan-nies tal-Burma/Mjanmar;

2. Jikkundanna li jsiru elezzjonijiet f'kundizzjonijiet assolutament mhux demokratiċi u abbażi ta' regoli li jeskludu lill-partit demokratiku ewlieni fl-oppożizzjoni u li jiċħdu mijiet ta' eluf ta' ċittadini Burmiżi mid-dritt tagħhom biex jivvutaw u joħorġu għall-elezzjoni, f'attentat ovvju tal-esklużjoni tal-oppożizzjoni kollha tal-pajjiż mill-votazzjoni;

3. Jiddeplora l-fatt li, skont il-kostituzzjoni l-ġdida, il-militar se jiġi garantit b'tal-inqas 25 % tas-siġġijiet fil-parlament u se jkollu s-setgħa li jwaqqaf il-libertajiet ċivili u jkollu l-awtorità leġiżlattiva kull meta jħoss li hemm il-ħtieġa fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali;

4. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar biex jieħu passi mingħajr dewmien li huma meħtieġa biex jiġi żgurat proċess elettorali ħieles, ġust u trasparenti, inkluż il-parteċipazzjoni tal-votanti kollha, il-partiti politiċi kollha u l-partijiet interessati rilevanti kollha fil-proċess elettorali, u jaqbel li jkun hemm preżenti osservaturi internazzjonali; jitlob li jithassru l-liġijiet elettorali ppubblikati f'Marzu 2010, li jagħmluha impossibbli li jsiru elezzjonijiet ħielsa u trasparenti;

5. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex jagħtu widen lill-appelli tal-komunità internazzjonali biex Aung San Suu Kyi u l-priġunieri tal-kuxjenza l-oħrajn kollha jitħallew jipparteċipaw fil-proċess politiku;

6. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tagħmel kull sforz biex tiżgura li jsiru elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi;

7. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar biex ineħħi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' għaqda, assoċjazzjoni, moviment u espressjoni, inkluża l-midja ħielsa u indipendenti, parzjalment billi s-servizzi tal-Internet u l-mowbajl isiru disponibbli u aċċessibbli u biex titwaqqaf l-użu taċ-ċensura;

8. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolazzjonijiet sistematiċi u li għadhom għaddejjin tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet demokratiċi bażiċi tan-nies tal-Burma/Mjanmar; jitlob lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex iwaqqfu l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

9. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar biex jeħles lill-priġunieri tal-kuxjenza mingħajr dewmien, mingħajr kundizzjonijiet u bl-għoti lura tad-drittijiet politiċi kollha tagħhom u biex ma jibqax iwettaq arresti b'intenzjonijiet politiċi;

10. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex jappoġġaw pubblikament ir-rakkomandazzjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Burma/Mjanmar biex in-Nazzjonijiet Uniti tistabbilixxi kummissjoni ta' inkjesta dwar ir-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità fil-Burma/Mjanmar, u biex din it-talba tiddaħħal fl-abbozz ta' riżoluzzjoni li għandu jiġi diskuss fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2010;

11. Jenfasizza li l-isfidi politiċi u soċjoekonomiċi għall-Burma/Mjanmar jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' djalogu ġenwin bejn il-partijiet interessati kollha, inklużi l-gruppi etniċi u l-oppożizzjoni;

12. Jafferma mill-ġdid l-importanza essenzjali ta' proċess ġenwin ta' djalogu u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali għal tranżizzjoni għad-demokrazija; jitlob lill-Gvern tal-Burma/Mjanmar biex minnufih jibda djalogu ġenwin mal-partiti kollha u mal-gruppi etniċi kollha; jilqa' f'dan il-kuntest l-isforzi ta' medjazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tar-Rapporteur Speċjali tan-NU fil-Burma/Mjanmar;

13. Iħeġġeġ lill-Gvernijiet taċ-Ċina, l-Indja, u r-Russja biex jużaw l-influwenza ekonomika u politika konsiderevoli tagħhom mal-awtoritajiet tal-Burma sabiex ikun hemm titjib sostanzjali fil-Burma/Mjanmar u sabiex jitwaqqaf il-forniment ta' armi u ta' riżorsi strateġiċi oħra; jistieden lill-gvernijiet tal-pajjiżi ASEAN u taċ-Ċina, li għandhom "relazzjoni privileġġjata" mal-Burma/Mjanmar, biex jużaw l-uffiċċji tajbin tagħhom partikolarment biex jippruvaw ireġġgħu lura l-politika tal-Burma tat-tindif etniku kontra r-Rohingya, li qed twassal għall-ħarba ta' mijiet ta' eluf ta' nies fuq il-fruntieri għal ġol-Bangladexx u qed iżżid fit-tbatija ta' dawk f'faqar estrem li qed jgħixu fid-distrett Cox's Bazaar;

14. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għat-tkomplija tal-ħidma tal-Mibgħut Speċjali tal-UE u jistieden lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex jikkooperaw bis-sħiħ miegħu;

15. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jestendi b'sena l-miżuri restrittivi pprovduti fid-Deċiżjoni attwali tal-UE u jenfasizza r-rieda tiegħu biex jirrevedi, jemenda jew isaħħaħ il-miżuri diġà adottati fid-dawl tal-iżviluppi fil-post;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tagħti l-fondi li kienet naqqset mill-fondi għar-refuġjati fuq il-fruntieri bejn it-Tajlandja u l-Burma, u biex minnufih tibda tiffinanzja għajnuna transkonfinali, partikolarment għajnuna medika;

17. Itenni it-talba tiegħu għal soluzzjoni għall-problema tar-refuġjati ta' Rohingya fil-Bangladexx; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Bangladexx biex jawtorizza r-reġistrazzjoni uffiċjali tagħhom bħala refuġjati u lill-awtoritajiet tal-Burma/Mjanmar biex jieqfu minn kwalunkwe forma ta' persekuzzjoni tar-Rohingya u biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom bħala minoranza relgijuża u etnika;

18. Jilqa' l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-embargo fuq l-armi globali u jħeġġeġ lill-gvernijiet Ewropej u lill-Kummissjoni biex jibdew jaħdmu b'mod attiv biex jintlaħaq kunsens globali favur projbizzjoni bħal din;

19. Jappoġġa lill-missjoni ta' medjazzjoni li qiegħda f'idejn is-Segretarju Ġenerali tan-NU u jilqa' l-impenn tiegħu biex isolvi din il-problema;

20. Jagħti istruzzjonijiet lid-delegazzjonijiet tiegħu għar-relazzjonijiet mal-ASEAN, iċ-Ċina, ir-Russja, l-Istati Uniti, l-Indja, il-pajjiżi tal-Asja tan-Nofsinhar u l-Ġappun biex iqiegħdu lill-Burma/Mjanmar fuq l-aġenda fil-laqgħat tagħhom mal-kontrapartijiet tagħhom u l-imsieħba ta' diskussjoni f'dawk il-pajjiżi;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi-President tal-Kummissjoni/lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Burma, lill-Kunsill tal-Istat tal-Burma għall-Paċi u għall-Iżvilupp, lill-gvernijiet tal-istati membri tal-ASEAN u l-ASEM, lis-segretarjat tal-ASEM, lill-Caucus Interparlamentari tal-ASEAN dwar il-Mjanmar, lil Daw Aung San Suu Kyi, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burma/Mjanmar.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Stabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ***II

P7_TA(2010)0158

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (16626/2/2009 – C7-0049/2010 – 2009/0027(COD))**

(2011/C 161 E/24)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fl-ewwel qari (16626/2/2009 – C7-0049/2010),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0066),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), l-Artikolu 63, l-ewwel paragrafu, punti (1) u (2) u l-Artikolu 66 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0071/2009),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa " (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7), l-Artikolu 74 u l-Artikolu 78(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0118/2010),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

([1]) Testi adottati, 7.5.2009, P6_TA(2009)0379.

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## Ir-rendiment enerġetiku tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid) ***II

P7_TA(2010)0159

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid) (05386/3/2010 – C7-0095/2010 – 2008/0223(COD))**

(2011/C 161 E/25)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05386/3/2010 – C7-0095/2010),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0780),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0413/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titolu "Il-Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwl qari ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-14 ta' Mejju 2009 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-21 ta' April 2009 tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0124/2010),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill;

([1]) Testi adottati, 23.4.2009, P6_TA(2009)0278.
([2]) ĠU C 277, 17.11.2009, p. 75
([3]) ĠU C 200, 25.8.2009, p. 41.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2. Japprova l-istqarrija konġunta mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tal-istqarrijiet tal-Kummissjoni annessi ma din ir-riżoluzzjoni;

4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESS

## DIKJARAZZJONIJIET

### dwar id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid)

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 290 tat-TFUE**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/31/UE għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE jew atti leġiżlattivi individwali li fihom dawn id-dispożizzjonijiet."

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar perijodi ta' vaganzi**

"Il-Kummissjoni Ewropea tinnota li minbarra f'każijiet fejn l-atti leġiżlattivi jipprovdu għal proċedura ta' urġenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw li n-notifika tal-atti delegati għandha tikkunsidra l-perjodi tal-vaganzi tal-istituzzjonijiet (fix-xitwa, fis-sajf u waqt l-elezzjonijiet Ewropej), sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu kapaċi jeżerċitaw il-prerogattivi tagħhom fi ħdan il-limiti tal-ħin stabbiliti fl-atti leġiżlattivi rilevanti, u hija lesta li taġixxi skont dan."

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Finanzjament għall-Effiċjenza fl-użu tal-Enerġija fil-Bini**

"Il-Kummissjoni tenfasizza r-rwol kruċjali li għandhom l-istrumenti ta' finanzjament sabiex tirnexxi t-trasformazzjoni tas-settur tal-bini Ewropew f'wieħed effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'użu baxx tal-karbonju. Il-Kummissjoni se tkompli tinkuraġġixxi lill-Istati Membri jużaw b'mod estensiv il-fondi disponibbli skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (bħalissa sa 4 % tal-ammonti nazzjonali totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, li jirrappreżentaw ammont ta' EUR 8 biljuni, jistgħu jintużaw biex jiżdiedu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tad-djar, flimkien mal-appoġġ finanzjarju mhux limitat li diġà huma disponibbli għall-enerġija sostenibbli f'bini pubbliku u kummerċjali/industrijali) u se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri biex jużaw aħjar il-fondi disponibbli kollha u l-finanzjament li jista' jaġixxi bħala azzjoni biex tistimula l-investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tiżviluppa iktar l-inizjattivi eżistenti kollha, bħall-inizjattiva tal-Bliet Għaqlin (Smart Cities) (SET-Plan COM (2009)0519) jew l-użu tal-baġit tal-Ewropa II – Enerġija Intelliġenti, pereżempju, għall-fini tal-qsim tal-għarfien u l-assistenza teknika sabiex jiġu stabbiliti fondi nazzjonali li jistgħu jerġgħu jintużaw.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tipprepara sinteżi u analiżi tal-mekkaniżmi ta' finanzjament li huma attwalment applikabbli fl-Istati Membri u tikkunsidra s-sejbiet biex tipprova xxerred l-aqwa prattiki madwar l-UE.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, wara l-analiżi msemmija fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2010/31/UE, se tikkunsidra l-iżvilupp possibbli ta' inċentivi finanzjarji fil-ġejjieni (inter alia fir-rigward tal-istrumenti tal-Unjoni msemmija għal din il-fini fl-Artikolu 10(5)(a)) u l-aqwa użu tagħhom għall-investimenti fl-effiċjenza mtejba fl-użu tal-enerġija tal-bini."

## Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2008-2013 (emenda tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Kunsill) ***I

P7_TA(2010)0160

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (COM(2009)0456 – C7-0123/2009 – 2009/0127(COD))**

(2011/C 161 E/26)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009)0456),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 63(2)(b) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0123/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titolu: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 78(2) u l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0125/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## P7_TC1-COD(2009)0127

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2) u l-Artikolu 80 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Fid-dawl tat-twaqqif ta' Programm Konġut tal-UE għar-Risistemazzjoni mmirat biex iżid l-impatt tal-isforzi ta' risistemazzjoni ***fl-Unjoni*** fil-provvediment ta' protezzjoni għal refuġjati u fil-massimizzar tal-impatt strateġiku ta' risistemazzjoni permezz ta' indirizzar iktar iffokat fuq il-persuni li għandhom ħtieġa ikbar għal risistemazzjoni, għandhom jiġu fformulati prijoritajiet komuni fir-rigward tar-risistemazzjoni ***fl-Unjoni*** fuq bażi regolari.

(2) ***Sabiex jinkisbu l-objettivi tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])*** l-Kummissjoni ***għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi*** prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** fir-rigward tar-reġjuni ġeografiċi ▌u nazzjonalitajiet ***u*** dwar il-kategoriji speċifiċi ta' refuġjati li għandhom jiġu risistemati. ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.***

(3) Filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' risistemazzjoni ***li għanhom jiġu*** stabbiliti ***fid-***deċiżjoni tal-Kummissjoni ***li tistabbilixxi l-***prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** għar-risistemazzjoni ***f'konformita' ma' din id-Deċiżjoni***, huwa wkoll meħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali għar-risistemazzjoni ta' persuni fir-rigward tar-reġjuni ġeografiċi ▌u nazzjonalitajiet ***u*** għal kategoriji speċifiċi ta' refuġjati li għandhom jiġu risistemati, fejn ir-risistemazzjoni hija determinata li tkun is-soluzzjoni l-iktar xierqa għall-bżonnijiet partikolari tagħhom.

(4) F'dan il-kuntest, huwa xieraq li l-iskeda tiġi adattata fir-rigward tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tad-dejta meħtieġa għall-kalkolu tal-allokazzjonijiet annwali bejn l-Istati Membri, l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-programmi annwali mill-Istati Membri u l-iskadenza għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' finanzjament mill-Kummissjoni.

***(5) Sabiex aktar Stati Membri jitħeġġu biex jieħdu sehem f'azzjonijiet ta' risistemazzjoni, għandu jingħata appoġġ finanzjarju addizzjonali lil l-Istati Membri li qed jieħdu sehem fil-programm ta' risistemazzjoni għall-ewwel darba.***

(6) Huwa wkoll neċessarju li jiġu stabbiliti r-regoli għall-eliġibbiltà ta' nfiq għall-appoġġ finanzjarju addizzjonali għar-risistemazzjoni,

---

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010.

([2]) ***ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1.***

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 13 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jsir il-paragrafu 3;

(b) il-paragrafu 3 jsir il-paragrafu 4 u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jirċievu ammont stabbilit ta' EUR 4 000 għal kull persuna risistemata ***skont*** il-prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni li għandhom jiġu*** stabbiliti skont ***il-paragrafi 6 u 7,*** fir-rigward ta' reġjuni ġeografiċi u nazzjonalitajiet ▌.

***Il-kategoriji li ġejjin ta' gruppi vulnerabbli ta' refuġjati għandhom jitqiesu bħala prijoritajiet annwali komuni tal-Unjoni skont il-paragrafi 6 u 7, indipendentement mill-prijoritajiet annwali fir-rigward ta' reġjuni ġeografiċi u nazzjonalitajiet:***

— ***tfal u nisa f'riskju, b'mod partikulari ta' vjolenza jew esplojtazzjoni psikoloġika, fiżika jew sesswali;***

— ***minuri mhux akkumpanjati li r-risistemazzjoni tkun fl-aqwa interess tagħhom, b'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;***

— ***persuni li għandhom ħtiġijiet mediċi serji li jkunu jeħtieġu trattament speċjali, b'mod partikulari kundizzjonijiet li jistgħu jiġu ttrattati biss wara r-risistemazzjoni;***

— ***superstiti ta' vjolenza u tortura;***

— ***persuni li għandhom bżonn ta' risistemazzjoni b'emerġenza jew urġenti minħabba bżonnijiet legali u ta' protezzjoni***";

***(c) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"4a. Għal dawk l-Istati Membri li japplikaw għall-finanzjament skont dan l-Artikolu għall-ewwel darba, l-ammont stabbilit għal kull persuna risistemata għandu jkun EUR 6 000 fl-ewwel sena kalendarja u EUR 5 000 fit-tieni waħda. Fis-snin sussegwenti l-ammont stabbilit għandhu jkun EUR 4 000 għal kull persuna risistemata. L-ammont addizzjonali li jirċievu l-Istati Membri parteċipanti l-ġodda fl-ewwel sentejn tal-parteċipazzjoni tagħhom għandu jiġi investit fl-iżvilupp ta' programm ta' risistemazzjoni sostenibbli.";***

(d) Il-paragrafu 4 jsir il-paragrafu 5 u jiġi sostitwit kif ġej:

"5. Fejn Stat Membru jistabbilixxi persuna li taqa' taħt aktar minn kategorija waħda minn dawk imsemmijin fil-prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** għar-risistemazzjoni stabbiliti skont ***il-paragrafi 6 u 7***, huwa għandu jirċievi ammont fiss għal din il-persuna darba biss.";

(e) Il-paragrafu 6 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. ***Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni li r-risistemazzjoni ssir strument ta' protezzjoni effikaċi,*** il-Kummissjoni għandha ***tadotta deċiżjoni li*** tistabbilixxi l-prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** għar-risistemazzjoni ***permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 52a, u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 52b u 52c***.";

*(f)* ***Jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:***

"*7.* ***F'każ ta' emerġenza mhux mistennija li tkun tirrikjedi aġġornament tal-prijoritajiet annwali komuni tal-Unjoni għar-risistemazzjoni, l-Artikolu 52d għandu japplika għal atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.***

***8.*** Fi żmien għoxrin jum kalendarju wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** għar-risistemazzjoni skont ***il-paragrafi 6 u 7***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni stima tan-numru ta' persuni li għalihom se joffru risistemazzjoni skont ***dik id-deċiżjoni*** matul is-sena kalendarja sussegwenti. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika ***dawk l-estimi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***.

***9.*** Ir-riżultati u l-impatt tal-inċentiv finanzjarju għall-attivitajiet ta' risistemazzjoni skont il-prijoritajiet annwali komuni tal-***Unjoni*** għandhom jiġu ***inklużi*** mill-Istati Membri fir-***rapporti tagħhom skont*** l-Artikolu 50(2) u mill-Kummissjoni fir-rapport ***tagħha skont*** l-Artikolu 50(3).".

(2) L-Artikolu 20 jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sal-1 ta' Settembru ta' kull sena sal-2013, stima tal-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-sena ta' wara mit-total ta' approprjazzjonijiet allokati taħt il-proċedura baġitarja annwali, ikkalkolati kif previst fl-Artikolu 13.";

(b) Il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena sal-2013, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skont il-programm pluriennali u li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali;

(c) deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali; it-tqassim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn id-diversi azzjonijiet tal-programm u indikazzjoni tal-ammont mitlub biex ikopri l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 16 għall-fini tal-implimentazzjoni tal-programm annwali.";

(c) Il-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tal-finanzjament, li tapprova l-programm annwali, sal-1 ta' April tas-sena kkonċernata. Id-deċiżjoni għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat u l-perijodu li għalih l-infiq huwa eliġibbli.".

(3) Fl-Artikolu 35 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5. L-ammont stabbilit ta' EUR 4 000 għal kull persuna li tiġi risistemata allokata għall-Istati Membri għandha tingħata bħala somma sħiħa għal kull persuna li tiġi effetivament risistemata.".

*(4) Jiddaħħlu l-artikoli li ġej:*

*"Artikolu 52a*

*Eżerċizzju tad-delega*

*1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 13(6) u (7) għall-perijodu msemmi fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1.*

*2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 52b u 52c. Meta jkun hemm raġunijiet importanti ta' urġenza, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 52d.*

*Artikolu 52b*

*Revoka tad-delega*

*1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13(6) u (7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

*2. L-istituzzjoni li tniedi proċedura interna biex tiddeċiedi jekk ma tirrevokax id-delega tas-setgħa għandha timpenja ruħha li tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni filwaqt li tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.*

*3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data iktar tard li tkun speċifikata fiha. Id-deċiżjoni m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 52c*

*Oġġezzjonijiet għal atti delegati*

*1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat fi żmien perijodu ta' xahar mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahar.*

*2. Jekk, meta jiskadi dan il-perijodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata hemmhekk.*

*3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għalfejn oġġezzjonat għall-att delegat.*

*Artikolu 52d*

*Proċedura ta' urġenza*

*1. Atti delegati adottat taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni b'mod konformi mal-paragrafu 2. In-notifika tal-att delegat adottat taħt dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.*

***2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat adottat taħt dan l-Artikolu fi żmien perijodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika. F'dan il-każ, l-att ma jibqax japplika. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet tagħha għalfejn oġġezzjonat."***

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi […] jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi ,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

## Il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (emenda tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008) *

P7_TA(2010)0161

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2009)0508 – C7-0244/2009 – 2009/0136(NLE))**

(2011/C 161 E/27)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0508),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 66 u 67 tat-Trattat KE, skond liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0244/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali li jinsabu għaddejjin" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0126/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Minkejja l-fatt li l-Kunsill qed jittratta s-SIS I+ RE bħala pjan ta' kontinġenza f'każ ta' falliment tas-SIS II, il-Parlament, bħala koleġiżlatur għat-twaqqif tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (Regolament (KE) Nru 1987/2006 ([1]) u awtorità baġitarja, jirriserva d-dritt tiegħu li jżomm fir-riserva l-fondi li jridu jiġu allokati għall-iżvilupp tas-SIS II fil-baġit annwali tal-2011, sabiex jiżgura li l-Parlament ikollu skrutinju sħiħ u superviżjoni kompleta tal-proċess.

3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tibdel il-proposta tagħha skont dan, skont l-Artikolu 293(2) tat-TFUE;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jinnnotfika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (3) Il-prekundizzjonijiet għall-migrazzjoni mhumiex se jiġu ssodisfati sat-30 ta' Ġunju 2010. Sabiex l-SIS II tkun tista' ssir operattiva kif mitlub mir-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI għandhom għalhekk ikomplu japplikaw sakemm tkun tlestiet il-migrazzjoni. | (3) Il-prekundizzjonijiet għall-migrazzjoni mhumiex se jiġu ssodisfati sat-30 ta' Ġunju 2010. Sabiex l-SIS II tkun tista' ssir operattiva kif mitlub mir-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI għandhom għalhekk ikomplu japplikaw sakemm tkun tlestiet il-migrazzjoni. ***F'każ li l-proġett attwali SIS II ifalli, trid titfassal soluzzjoni teknika alternattiva u l-implikazzjonijiet finanzjarji sħaħ tagħha jridu jiġu mgħarrfa lill-partijiet kollha kkonċernati.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkoperaw mill-qrib matul il-passi kollha tal-migrazzjoni sabiex il-proċess ikun jista' jitlesta. ***Għandu jitwaqqaf grupp ta' esperti sabiex iwieżen l-istruttura organizzattiva preżenti.*** | (4) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkoperaw mill-qrib matul il-passi kollha tal-migrazzjoni sabiex il-proċess ikun jista' jitlesta. ***Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-SIS II tas-26 u s-27 ta' Frar 2009 u tal-4 u l-5 ta' Ġunju 2009, ġie stabbilit korp informali li jikkonsisti f'esperti mill-Istati Membri u msejjaħ "Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm" sabiex itejjeb il-koperazzjoni u jipprovdi appoġġ dirett mill-Istati Membri għall-proġett ċentrali tal-SIS II. Grupp ta' esperti, imsejjaħ "Bord tal-Ġestjoni Globali tal-Programm" (GPMB), għandu għaldaqstant jiġi stabbilit skont dan ir-Regolament sabiex jikkomplementa l-istruttura organizzattiva attwali. Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-infiq effikaċi, il-membri tal-BĠGP għandhom jinħatru fuq bażi permanenti u l-għadd tagħhom għandu jkun limitat.*** |

([1]) Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (6) ***Pjan tekniku ta' kontinġenza għall-kisba tal-funzjonalitajiet tal-SIS II għandu jkun previst.*** Id-deskrizzjoni tal-komponenti tekniċi tal-arkitettura tal-migrazzjoni ***għaldaqstant*** għandha tiġi adattata sabiex tagħmel possibbli soluzzjoni teknika oħra dwar l-iżvilupp tal-SIS II Ċentrali. | (6) ***Jeħtieġ li l-qafas legali jiġi adattat sabiex jippermetti l-possibilità ta' migrazzjoni lejn soluzzjonijiet tekniċi alternattivi fil-każ li t-testijiet juru li s-SIS II ma tistax tiġi implimentata b'suċċess.*** Id-deskrizzjoni tal-komponenti tekniċi tal-arkitettura tal-migrazzjoni għandha tiġi adattata sabiex tagħmel possibbli soluzzjoni teknika oħra dwar l-iżvilupp tal-SIS II Ċentrali. ***Kwalunkwe soluzzjoni teknika għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar teknoloġija disponibbli, tkun ta' nfiq effikaċi u tiġi implimentata skont skeda ċara u raġonevoli. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta f'waqtha evalwazzjoni baġitarja bir-reqqa tal-ispejjeż assoċjati ma' tali soluzzjoni teknika alternattiva. Għandu jkun iddikjarat espliċitament li l-qafas legali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 japplika għas-soluzzjonijiet tekniċi kollha, tkun xi tkun in-natura teknika tiegħu.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(16a) Billi l-Parlament Ewropew huwa responsabbli bħala koleġiżlatur għat-twaqqif, l-operazzjoni u l-użu tal-SIS II kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u billi l-migrazzjoni hija ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni, li għalih il-Parlament Ewropew huwa wkoll koresponsabbli, il-Parlament Ewropew għandu jkun integrat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni. Opinjoni favorevoli mill-Parlament, fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet, għandha tkun rekwiżit qabel ma ssir il-bidla għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen il-ġdida.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 1 – paragrafu 1

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(-1) L-Artikolu 1(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:*** <br><br> **"1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen tal-1990 (SIS 1+), għandha tinbidel b'sistema ġdida, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) *jew kwalunkwe soluzzjoni teknika oħra li hija bbażata fuq l-aqwa teknoloġija disponibbli u li hija raġonevoli f'termini ta' skeda ċara għall-implimentazzjoni tagħha u ta' nfiq effikaċi.* L-istabbiliment, l-operat u l-użu ta' sistema ġdida huma rregolati permezz tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006."** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 1 - paragrafu 1 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | *(-1a) Fl-Artikolu 1, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:* |
| | ***"1a. Fil-każ li l-proġett SIS II attwali jitwaqqaf u tiġi applikata soluzzjoni teknika differenti, ir-referenzi għas-SIS II f'dan ir-Regolament għandhom jinqraw bħala referenzi għas-soluzzjoni teknika applikata."*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 11 – paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-SIS 1+ għandhom jemigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura temporanja għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni. | 2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-SIS 1+ għandhom jemigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura temporanja għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Fil-każ li soluzzjoni teknika oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 11(5a) tiġi implimentata, din id-data għandha tinbidel skont il-proċedura ddefinita fl-Artikolu 17(2).*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)**
(KE) Nru 1104/2008
Artikolu 11 – paragrafu 5

| | |
|---|---|
| | ***(3a) L-Artikolu 11(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:*** |
| | **"5. Il-bidla prevista fil-proċess ta' migrazzjoni għandha ssir wara l-validazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7)*u wara li l-Parlament ikun ta opinjoni favorevoli fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet ipprovduti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006."*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 11 – paragrafu 6 (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(3b) Fl-Artikolu 11, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"5a. L-iżvilupp tas-SIS II jista' jintlaħaq permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjoni teknika alternattiva."*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 10**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 c (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 14 - paragrafu 6 (ġdid)

| | |
|---|---|
| | *(3c) Fl-Artikolu 14 jiżdied il-paragrafu li ġej:*<br><br>***"5a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u timplimenta pakkett b'miżuri addizzjonali sabiex tevita l-ħruġ mhux awtorizzat ta' informazzjoni dwar data personali mill-bażi tad-data u biex tiżgura l-protezzjoni tad-data personali għat-tul kollu tat-testijiet u l-migrazzjoni mis-SIS I għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)."*** |

**Emenda 11**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 17 a – paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet rispettivi tal-Kummissjoni, Franza, u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SIS 1+, grupp ta' esperti tekniċi, imsejjaħ il-Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm (minn hawn 'il quddiem il-"GPMB"), huwa b'dan imwaqqaf. Il-GPMB għandu jipprovdi forum ***għall-koordinazzjoni*** tal-proġetti ċentrali u nazzjonali tal-SIS II. | 1. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet rispettivi tal-Kummissjoni, Franza, u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SIS 1+, grupp ta' esperti tekniċi, imsejjaħ il-Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm (minn hawn 'il quddiem il-"GPMB"), huwa b'dan imwaqqaf. Il-GPMB għandu jipprovdi forum ***għall-għajnuna għall-iżvilupp tal-proġett Ċentrali tas-SIS II. Għandu jiffaċilita l-konsistena u jipprovdi koordinazzjoni*** tal-proġetti ċentrali u nazzjonali tal-SIS II. |

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 17 a – paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. Il-GPMB għandu jikkonsisti minn massimu ta' 10 ***esperti***. Massimu ta' tmien ***esperti*** u numru ugwali ta' sostituti għandhom jiġu nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill. Żewġ ***esperti*** u żewġ sostituti għandhom jiġu nnominati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni minn fost l-uffiċjali tal-Kummissjoni. L-uffiċjali ***l-oħra*** tal-Kummissjoni ***li jkollhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-GPMB.*** | 2. Il-GPMB għandu jikkonsisti minn massimu ta' 10 ***membri, li għandu jkollhom l-abilità li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp tas-SIS II u li għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari***. Massimu ta' tmien ***membri*** u numru ugwali ta' sostituti għandhom jiġu nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill. ***Massimu*** ta' żewġ ***membri*** u żewġ sostituti għandhom jiġu nnominati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni minn fost l-uffiċjali tal-Kummissjoni. ***Membri interessati jew persunal rilevanti tal-Parlament Ewropew, esperti mill-Istati Membri u*** l-uffiċjali tal-Kummissjoni ***involuti direttament fl-iżvilupp tal-proġetti tal-SIS II jistgħu jattendu l-laqgħat tal-GPMB bil-kundizzjoni li l-ispejjeż involuti jitħallsu mill-amministrazzjoni jew l-istituzzjoni rispettiva tagħhom. Il-GPMB jista' jistieden esperti oħrajn biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-GPMB kif definit fit-termini ta' referenza, bil-kundizzjoni li l-ispejjeż involuti jitħallsu mill-amministrazzjoni, l-istituzzjoni jew il-kumpanija rispettiva tagħhom.*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 17 a – paragrafu 5

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 5. Il-GPMB għandu jistabbilixxi t-termini ta' referenza tiegħu stess. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ wara li tingħata opinjoni favorevoli mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni. | 5. Il-GPMB għandu jistabbilixxi t-termini ta' referenza tiegħu stess. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ wara li tingħata opinjoni favorevoli mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni. ***It-termini ta' referenza tal-GPMB għandhom jinkludu rekwiżit li jiġu ppubblikati rapporti regolari u li dawn ir-rapporti jkunu disponibbli għall-Parlament Ewropew sabiex ikun żgurat li jkun hemm skrutinju u sorveljanza parlamentari totali.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 17 a – paragrafu 6

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 6. Bla ħsara għall-Artikolu 15(2), l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-GPMB għandhom jinġarru mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, safejn dawn ma jkunux irrimborsati minn sorsi oħra. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-esperti fil-GPMB nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u esperti mistiedna skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jirriżultaw b'konnessjoni mal-ħidma tal-GPMB, ir-'Regoli dwar ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru minn persuni minn barra l-Kummissjoni mistiedna sabiex jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti' tal-Kummissjoni għandhom japplikaw. | 6. Bla ħsara għall-Artikolu 15(2), l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-GPMB għandhom jinġarru mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, safejn dawn ma jkunux irrimborsati minn sorsi oħra. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-esperti fil-GPMB nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u esperti mistiedna skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jirriżultaw b'konnessjoni mal-ħidma tal-GPMB, ir-'Regoli dwar ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru minn persuni minn barra l-Kummissjoni mistiedna sabiex jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti' tal-Kummissjoni għandhom japplikaw. ***L-approprjazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu koperti l-ispejjeż li jirriżultaw mil-laqgħat tal-GPMB għandhom jiġu mill-approprjazzjonijiet li huma bħalissa previsti fl-Ipprogrammar Finanzjarju 2010-2013 għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 1104/2008
Artikolu 19

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Din għandha tiskadi fid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006. | **Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.** Din għandha tiskadi fid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skont l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006***, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## Il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)(emenda tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI) *

P7_TA(2010)0162

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2010)0015 – C7-0040/2010 – 2010/0006(NLE)**

(2011/C 161 E/28)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM (2010)0015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0040/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7–0127/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Minkejja l-fatt li l-Kunsill qed jittratta s-SIS 1+RE bħala pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' falliment tas-SIS II, il-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur dwar l-istabbiliment tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (Regolament (KE) Nru 1987/2006 [1]) u bħala awtorità baġitarja, jirriserva d-dritt tiegħu li jżomm fir-riserva l-fondi li jridu jiġu allokati għall-iżvilupp tas-SIS II fil-baġit annwali tal-2011, sabiex jiżgura li jsiru skrutinju parlamentari sħiħ u superviżjoni kompleta tal-proċess;

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 293(2) tat-TFUE;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) Il-prekundizzjonijiet għall-migrazzjoni mhumiex se jiġu ssodisfati sat-30 ta' Ġunju 2010. Sabiex l-SIS II tkun tista' ssir operattiva kif mitlub mir-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI għandhom għalhekk ikomplu japplikaw sakemm tkun tlestiet il-migrazzjoni. | (3) Il-prekundizzjonijiet għall-migrazzjoni mhumiex se jiġu ssodisfati sat-30 ta' Ġunju 2010. Sabiex l-SIS II tkun tista' ssir operattiva kif mitlub mir-Regolament (KE) 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, ir-Regolament (KE) Nru 1104/2008 u d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI għandhom għalhekk ikomplu japplikaw sakemm tkun tlestiet il-migrazzjoni. ***Fil-każ li l-proġett attwali SIS II ifalli, wara t-testijiet, għandha titfassal soluzzjoni teknika alternattiva u l-implikazzjonijiet finanzjarji sħaħ tagħha għandhom jiġu żvelati lill-partijiet kollha kkonċernati.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Premessa 4**

| | |
|---|---|
| **(4)** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkoperaw mill-qrib matul il-passi kollha tal-migrazzjoni sabiex il-proċess ikun jista' jitlesta. ***Għandu*** jitwaqqaf grupp ta' esperti sabiex iwieżen l-istruttura organizzattiva preżenti. | **(4)** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkoperaw mill-qrib matul il-passi kollha tal-migrazzjoni sabiex il-proċess ikun jista' jitlesta. ***Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-SIS II ta' bejn is-26 u s-27 ta' Frar 2009 u ta' bejn l-4 u l-5 ta' Ġunju 2009, ġie stabbilit korp informali li jikkonsisti f'esperti mill-Istati Membri u msejjaħ Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm sabiex itejjeb il-koperazzjoni u jipprovdi appoġġ dirett mill-Istati Membri għall-SIS II Ċentrali. Għalhekk għandu*** jitwaqqaf ***b'mod formali, skont dan ir-Regolament,*** grupp ta' esperti***, imsejjaħ il-Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm (GPMB),*** sabiex iwieżen l-istruttura organizzattiva preżenti. ***Biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effikaċja mil-lat tal-ispejjeż, il-membri tal-GPMB għandhom jinħatru fuq bażi permanenti u n-numru tagħhom għandu jkun limitat.*** |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) ***Pjan tekniku ta' kontinġenza għall-kisba tal-funzjonalitajiet tal-SIS II għandu jkun previst.*** Id-deskrizzjoni tal-komponenti tekniċi tal-arkitettura tal-migrazzjoni ***għaldaqstant*** għandha tiġi adattata sabiex tagħmel possibbli soluzzjoni teknika oħra dwar l-iżvilupp tal-SIS II Ċentrali. | (6) ***Huwa neċessarju li jiġi adattat il-qafas legali biex tkun tista' ssir il-migrazzjoni għal soluzzjoni teknika alternattiva possibbli jekk it-testijiet juru li l-SIS II ma tistax tkun implimentata b'suċċess.*** Id-deskrizzjoni tal-komponenti tekniċi tal-arkitettura tal-migrazzjoni għandha tiġi adattata sabiex tagħmel possibbli soluzzjoni teknika oħra dwar l-iżvilupp tal-SIS II Ċentrali. ***Kwalunkwe soluzzjoni teknika alternattiva għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar teknoloġija disponibbli u għandha tkun effikaċi mil-lat tal-ispejjeż u tiġi implimentata skont skeda preċiża u raġonevoli. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta fi żmien xieraq valutazzjoni baġitarja bir-reqqa tal-ispejjeż assoċjati ma' din is-soluzzjoni teknika alternattiva. Għandu jingħad b'mod ċar li l-qafas legali stabbilit mid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI japplika għal kull soluzzjoni, irrispettivament min-natura teknika tagħha.*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(16a) Billi l-Parlament Ewropew huwa responsabbli, bħala koleġiżlatur, għat-twaqqif, l-operazzjoni u l-użu tal-SIS II kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u billi l-migrazzjoni hija ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni, li għalih il-Parlament Ewropew huwa wkoll koresponsabbli, il-Parlament Ewropew għandu jkun integrat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-migrazzjoni. Għandha tkun rikjesta opinjoni favorevoli mill-Parlament Ewropew, fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tat-test, qabel ma tidħol fis-seħħ Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ġdida.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 (ġdid)**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 1 – paragrafu 1

| | |
|---|---|
| | ***(-1) L-Artikolu 1(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:***<br><br>"1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS I+), stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen, għandha tiġi sostitwita b'sistema ġdida, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) ***jew kwalunkwe soluzzjoni teknika alternattiva li tkun ibbażata fuq l-aqwa teknoloġija disponibbli u tkun raġonevoli f'termini ta' skedi ta' żmien ċari għall-implimentazzjoni tagħha u ta' effikaċja mil-lat tal-ispejjeż***. L-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ***tas-sistema l-ġdida*** huma rregolati bid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI." |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt -1 a (ġdid)**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 1 - paragrafu 1 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***(-1a) Fl-Artikolu 1, qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***<br><br>***"1a. Jekk il-proġett attwali tas-SIS II ma jitkompliex u tiġi implimentata soluzzjoni teknika alternattiva, ir-referenzi għas-SIS II f'din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bħala referenzi għal dik is-soluzzjoni teknika alternattiva."*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 11 – paragrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jemigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura *temporanju* għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni. | 2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jemigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura *temporanja* għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni***, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Jekk tiġi implimentata soluzzjoni teknika alternattiva kif imsemmi fl-Artikolu 11(5a), dik id-data tista' titbiddel skont il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 17(2).*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 a (ġdid)**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 11 - paragrafu 5

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(3a) L-Artikolu 11(5) qed jinbidel b'dan li ġej:*** ***"5. Il-konverżjoni prevista fil-proċess ta' migrazzjoni għandha titwettaq wara l-validazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7), u wara li l-Parlament ikun ta opinjoni favorevoli fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet mogħtija mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 71(4) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI."*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3 b (ġdid)**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 11 – paragrafu 5 a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(3b) Fl-Artikolu 11, qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** ***"5a. L-iżvilupp tal-SIS II jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' soluzzjoni teknika alternattiva."*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3c (ġdid)**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 14 – paragrafu 5 a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(3c) Fl-Artikolu 14, qed jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** ***"5a. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u timplimenta pakkett b'miżuri addizzjonali sabiex ma jitħalla ebda ħruġ tal-informazzjoni tad-data personali mill-bażi tad-data u biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali matul il-perjodu kollu tal-ittestjar u l-migrazzjoni mill-SIS I għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)."*** |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 17a – paragrafu 1

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet rispettivi tal-Kummissjoni, Franza, u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SIS 1+, grupp ta' esperti tekniċi, imsejjaħ il-"Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm" (minn hawn 'il quddiem il-"GPMB"), huwa b'dan imwaqqaf. Il-GPMB għandu jipprovdi forum ***għall-koordinazzjoni*** tal-proġetti ċentrali u nazzjonali tal-SIS II. | 1. Bla ħsara għar-responsabbiltajiet u l-attivitajiet rispettivi tal-Kummissjoni, Franza, u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-SIS 1+, grupp ta' esperti tekniċi, imsejjaħ il-"Bord Globali tal-Ġestjoni tal-Programm" (minn hawn 'il quddiem il-"GPMB"), huwa b'dan imwaqqaf. Il-GPMB għandu jipprovdi forum ***għall-iżvilupp tal-SIS II Ċentrali. Dan għandu jiffaċilita l-konsistenza u jipprovdi*** koordinazzjoni tal-proġetti ċentrali u nazzjonali tal-SIS II. |

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 17a – paragrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-GPMB għandu jikkonsisti minn massimu ta' 10 ***esperti***. Massimu ta' tmien ***esperti*** u numru ugwali ta' sostituti għandhom jiġu nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill. ***Żewġ esperti*** u żewġ sostituti għandhom jiġu nnominati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni minn fost l-uffiċjali tal-Kummissjoni. ***L-uffiċjali l-oħra*** tal-Kummissjoni ***li jkollhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-GPMB.*** | 2. Il-GPMB għandu jikkonsisti minn massimu ta' 10 ***membri, li għandhom ikunu kkwalifikati biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp tal-SIS II u li għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari***. Massimu ta' tmien ***membri*** u numru ugwali ta' sostituti għandhom jiġu nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill. ***Massimu ta' żewġ membri*** u żewġ sostituti għandhom jiġu nnominati mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni minn fost l-uffiċjali tal-Kummissjoni. ***Membri interessati jew persunal rilevanti tal-Parlament Ewropew, esperti mill-Istati Membri u uffiċjali*** tal-Kummissjoni ***involuti direttament fl-iżvilupp tal-proġetti tal-SIS II jistgħu jattendu l-laqgħat tal-GPMB bil-kundizzjoni li l-ispejjeż involuti jitħallsu mill-amministrazzjoni jew l-istituzzjoni rispettiva tagħhom. Il-GPMB jista' jistieden esperti oħrajn biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-GPMB kif definit fit-termini ta' referenza, bil-kundizzjoni li l-ispejjeż involuti jitħallsu mill-amministrazzjoni, l-istituzzjoni jew il-kumpanija rispettiva tagħhom.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 17 a – paragrafu 5

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Il-GPMB għandu jistabbilixxi t-termini ta' referenza tiegħu stess. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ wara li tingħata opinjoni favorevoli mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni. | 5. Il-GPMB għandu jistabbilixxi t-termini ta' referenza tiegħu stess. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ wara li tingħata opinjoni favorevoli mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni. ***It-termini ta' referenza tal-GPMB għandhom jinkludu rekwiżit li jiġu ppubblikati rapporti regolari u li dawn ir-rapporti jkunu disponibbli għall-Parlament Ewropew sabiex ikun żgurat li jkun hemm skrutinju u sorveljanza parlamentari sħaħ.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 14**
**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 4**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 17 a – paragrafu 6

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 6. Bla ħsara għall-Artikolu 15(2), l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-GPMB għandhom *jinġarru* mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, safejn dawn ma jkunux irrimborsati minn sorsi oħra. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-esperti fil-GPMB nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u esperti mistiedna skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jirriżultaw f'konnessjoni mal-ħidma tal-GPMB, ir-"Regoli dwar ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru minn persuni minn barra l-Kummissjoni mistiedna sabiex jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti" tal-Kummissjoni għandhom japplikaw. | 6. Bla ħsara għall-Artikolu 15(2), l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-GPMB għandhom *jitħallsu* mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, safejn dawn ma jkunux irrimborsati minn sorsi oħra. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-esperti fil-GPMB nnominati mill-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u esperti mistiedna skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jirriżultaw f'konnessjoni mal-ħidma tal-GPMB, ir-"Regoli dwar ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru minn persuni minn barra l-Kummissjoni mistiedna sabiex jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti" tal-Kummissjoni għandhom japplikaw. ***L-approprjazzjonijiet neċessarji sabiex jiġu koperti l-ispejjeż li jirriżultaw mil-laqgħat tal-GPMB se jiġu mill-approprjazzjonijiet li bħalissa huma previsti fl-Ipprogrammar Finanzjarju 2010-2013 għas-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal regolament - att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 5**
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI
Artikolu 19

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Din għandha tiskadi fid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skont l-Artikolu 71(2) tad-Deċiżjoni Nru *533/2007*/ĠAI. | Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal* Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Din għandha tiskadi fid-data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skont l-Artikolu 71(2) tad-Deċiżjoni Nru *2007/533*/ĠAI***, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013***. |

---

## Trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom ***II

P7_TA(2010)0167

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva 86/613/KEE (17279/3/2009 – C7-0075/2010 – 2008/0192(COD))**

(2011/C 161 E/29)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (17279/3/2009 – C7-0075/2010),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0636),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 141(3) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0341/2008),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0146/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Testi adottati, 6.5.2009, P6_TA(2009)0364.
([2]) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 107.

## P7_TC2-COD(2008)0192

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2010/41/UE.)*

# Ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti ***I

P7_TA(2010)0168

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti (COM(2009)0031 – C6-0048/2009 – 2009/0006(COD))**

(2011/C 161 E/30)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009)0031),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0048/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009 (1),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0122/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

(1) Għadha mhux ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

## P7_TC1-COD(2009)0006

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolamen (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE, id-Direttiva 96/73/KE u d-Direttiva 2008/121/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE tas-26 ta' Frar 1973 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' tliet fibri ([3]), id-Direttiva 96/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar ċerti metodi għall-analizi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' żewġ fibri tat-tessuti ([4]) u d-Direttiva ***2008/121/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-14 ta' Jannar 2009*** dwar ismijiet tat-tessuti (abbozzata mill-ġdid) ([5]) ġew emendati bosta drabi. Billi għandhom isiru aktar emendi, dawn ***l-atti*** għandhom jinbidlu bi strument legali uniku, fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Il-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** dwar l-Ismijiet tat-Tessuti u l-Ittikkettjar ta' Prodotti tat-Tessuti hija teknika ħafna fil-kontenut tagħha, b'dispożizzjonijiet dettaljati li jridu jiġu adattati regolarment. Biex jiġi evitat li l-Istati Membri jittrasponu l-emendi tekniċi f'leġiżlazzjoni nazzjonali u għalhekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali u biex jiġu adottati aktar malajr l-ismijiet il-ġodda ta' fibri ***tat-tessuti*** biex jiġu applikati fl-istess ħin madwar ***l-Unjoni*** kollha, Regolament jidher li huwa l-iżjed strument legali adattat għat-twettiq tas-simplifikazzjoni leġiżlattiva.

(3) Biex jiġu eliminati l-ostakoli potenzjali għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern ikkawżati minn dispożizzjonijiet diverġenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-ismijiet, il-kompożizzjoni u l-ittikkettjar tal-prodotti tat-tessuti, hija meħtieġa l-armonizzazzjoni tal-ismijiet tal-fibri tat-tessuti u l-indikazzjonijiet li jidhru fuq it-tikketti, l-immarkar u d-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti tat-tessuti fl-istadji varji tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tagħhom.

(4) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jippermettu lill-manifatturi jsaqsu għall-inklużjoni ta' isem ġdid ta' fibra ***tat-tessuti*** fuq il-lista ta' ismijiet permessi ta' fibri.

(5) Għandha ssir dispożizzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti li mhumiex magħmulin esklussivament minn materjal tat-tessut iżda li għandhom kontenut ta' tessut li jikkostitwixxi parti essenzjali tal-prodotti jew li ***l-operaturi ekonomiċi jkunu ġibdu*** l-attenzjoni għalih.

([1]) Opinjoni tas-16 ta' Diċembru 2009 (Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010.
([3]) ĠU L 83, 30.3.1973, p. 1
([4]) ĠU L 32, 3.2.1997, p. 1.
([5]) ***ĠU L 19, 23.1.2009, p. 29***.

(6) It-tolleranza fir-rigward ta' "fibri oħra", li ma għandhomx jidhru fuq it-tikketta għandha tapplika kemm għall-prodotti puri kif ukoll għal taħlitiet.

(7) L-ittikkettjar tal-kompożizzjoni għandu jkun obbligatorju biex ikun żgurat li qed jingħata tagħrif korrett lill-konsumaturi kollha ***fl-Unjoni*** f'livell uniformi. F'każijiet fejn huwa teknikament diffiċli li tiġi speċifikata l-kompożizzjoni ta' prodott fiż-żmien tal-manifattura, għandu jkun possibbli li jidher, fuq it-tikketta, dawk il-fibri biss li huma magħrufa fiż-żmien tal-manifattura sakemm dawn ikunu jiffurmaw ċertu perċentwali mill-prodott mitmum.

(8) Huwa meħtieġ, biex jiġu evitati d-differenzi ta' prattika fost l-Istati Membri, li jiġu stipulati l-metodi eżatti ta' ittikkettjar għal ċerti prodotti tat-tessuti magħmulin minn żewġ komponenti jew aktar, u li jiġu speċifikati l-komponenti ta' prodotti tat-tessuti li mhemmx għalfejn jiġu kkunsidrati għall-finijiet tal-ittikkettjar u tal-analiżi.

(9) Prodotti tat-tessuti soġġetti biss għall-ħtiġijiet ta' ittikkettjar inklussiv, u dawk mibjugħin bil-metru jew maqtugħin f'tulijiet, għandhom ***isiru disponibbli fis-suq*** b'tali mod li l-konsumatur jista' jsir jaf tajjeb it-tagħrif kollu mwaħħal mal-pakkett ġenerali jew mar-romblu.

(10) L-użu ta' deskrizzjonijiet jew ta' ismijiet li jgawdu prestiġju partikolari fost l-utenti u l-konsumaturi għandhom ikunu soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, biex jingħata tagħrif lill-utenti u lill-konsumaturi, huwa xieraq li l-ismijiet tal-fibri ***tat-tessuti*** jkunu relatati mal-karatteristiċi tal-fibra.

(11) Is-sorveljanza tas-suq ta' prodotti li jaqgħu taħt l-ambitu ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri ***hija*** suġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1] ***kif ukoll għal dawk tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti [2].***

(12) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti metodi għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ta' prodotti tat-tessuti biex tkun eskluża kwalunkwe possibilità ta' oġġezzjoni għall-metodi użati. Il-metodi użati għat-testijiet uffiċjali mwettqa fl-Istati Membri biex jiddeterminaw il-kompożizzjoni tal-fibra tal-prodotti tat-tessuti magħmula minn taħlitiet ta' żewġ u ta' tliet fibri għandhom ikunu uniformi, kemm fir-rigward tat-trattament minn qabel tal-kampjun kif ukoll fir-rigward tal-analiżi kwantitattiva tiegħu; għalhekk dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi metodu uniformi ta' analiżi għall-parti l-kbira tal-prodotti tat-tessuti magħmulin minn taħlitiet ta' żewġ u ta' tliet fibri li jinsabu fis-suq. ***Madankollu, sabiex dan ir-Regolament jiġi ssimplifikat u metodi uniformi bħal dawn jiġu adattati għall-progress tekniku, hu xieraq li l-metodi stipulati f'dan ir-Regolament jinbidlu fi standards Ewropej. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha torganizza t-transizzjoni mis-sistema attwali, fejn il-metodi huma deskritti f'dan ir-Regolament, għal sistema bbażata fuq standards Ewropej.***

(13) Fil-każ ta' taħlitiet ta' ▌ fibri li għalihom ma jeżisti l-ebda metodu uniformi ta' analiżi f'livell ***tal-Unjoni***, il-laboratorju responsabbli mill-ittestjar għandu jkun jista' jiddetermina l-kompożizzjoni ta' taħlitiet bħal dawn ▌, waqt li jindika r-riżultat miksub fir-rapport tal-analiżi ***il-metodu użat*** u ***l-grad*** ta' preċiżjoni ***tiegħu***.

(14) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-konċessjonijiet miftiehma li għandhom jiġu applikati fuq il-piż anidru ta' kull fibra waqt id-determinazzjoni bl-analiżi tal-kontenut tal-fibra tal-prodotti tat-tessuti, u għandu jagħti żewġ konċessjonijiet differenti miftiehma għall-kalkolazzjoni tal-kompożizzjoni ta' fibri mqardxa jew mimxuta li fihom is-suf u/jew il-pil tal-annimali. Billi mhux dejjem jista' jiġi stabbilit jekk prodott huwiex imqardax jew mimxut, u għalhekk l-applikazzjoni tat-tolleranzi matul il-verifiki ta' konformtià fir-rigward tal-prodotti tat-tessuti mwettqa ***fl-Unjoni*** tista' twassal għal riżultati inkonsistenti. Il-laboratorji li jwettqu dawn il-verifiki għandhom ikunu awtorizzati li japplikaw konċessjoni waħda miftiehma f'każijiet ta' dubju.

(15) Għandhom jiġu stipulati regoli fir-rigward ta' prodotti eżentati mir-rekwiżiti ġenerali tal-ittikkettjar ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-prodotti li jintremew wara l-użu jew għall-prodotti li jeħtieġu biss ittikkettjar inklussiv.

(16) Jixraq li tiġi stabbilita proċedura, ***bl-inklużjoni ta' rekwiżiti speċifiċi,*** li għandha tiġi osservata minn kwalunkwe manifattur jew ***minn kwalunkwe persuna li tkun qed tagixxi f'ismu li tixtieq tinkludi*** isem ġdid ta' fibra ***tat-tessuti fil-lista armonizzata ta' ismijiet ta' fibri tat-tessuti stipulata fl-Anness I***.

▌

[1] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

[2] ***ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.***

(17) ***Sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament filwaqt li jinżamm il-pass mal-progress tekniku,*** il-Kummissjoni ***għandha tingħata s-setgħa tadotta, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, atti ddelegati mfassla biex jissuplementaw jew jemendaw l-elementi mhux essenzjali tal-Annessi I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ta' dan ir-Regolament***.

***(18) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-immarkar tal-oriġini (***[1]***), il-Parlament Ewropew enfasizza li l-ħarsien tal-konsumatur jeħtieġ regoli trasparenti u konsistenti tal-kummerċ, inklużi l-indikazzjonijiet ta' oriġini. L-għan ta' tali indikazzjonijiet għandu jkun li jippermettu lill-konsumaturi li jkunu kompletament konxji tal-oriġini eżatta tal-prodotti li jixtru, biex ikunu protetti kontra dikjarazzjonijiet ta' oriġini qarrieqa, mhux eżatti jew li jiżgwidawhom. Għandhom jiġu stabbiliti regoli armonizzati għal dan il-għan fir-rigward ta' prodotti tat-tessuti. Fir-rigward ta' prodotti impurtati, dawk ir-reogoli għandhom jieħdu l-forma ta' rekwiżiti obbligatorji dwar it-tikkettar. Għal dawk il-prodotti li mhumiex soġġetti għal tikettar obbligatorju tal-oriġini, għandu jkun hemm regoli li jiżguraw li dikjarazzjonijiet eventwali tal-oriġini ma jkunx foloz jew ta' diżgwid.***

***(19) Ir-rekwiżiti ta' ttikkettjar rigward oriġini stipulati f' dan ir-Regolament dwar is-settur speċifiku ta' prodotti tat-tessuti għandhom ikunu bla ħsara għad-diskussjonijiet li qed isiru dwar skema ta' mmarkar ta' oriġini li tapplika b'mod ġenerali għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi li għandha titwaqqaf bħala parti mill-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.***

(20) Billi l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri l-adozzjoni ta' regoli uniformi għall-użu ta' ismijiet ta' tessuti u għall-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fuq livell ***tal-Unjoni***, ***l-Unjoni*** tista' tadotta miżuri skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat ***tal-Unjoni Ewropea***. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

***(21) Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet ibbażati fuq it-tagħrif meta jixtru prodott magħmul mit-tessuti, għandhom ikunu jafu jekk prodott bħal dan jinkludix partijiet mhux magħmula mit-tessuti li joriġinaw mill-annimali. Għalhekk hu essenzjali li t-tikketta tindika l-preżenza ta' materjali li joriġinaw mill-annimali.***

***(22) Dan ir-Regolament hu limitat għal regoli li jikkonċernaw l-armonizzazzjoni ta' ismijiet ta' fibri tat-tessuti u l-ittikkettjar u l-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessuti. Sabiex jiġu eliminati l-ostakli possibbli għall-funzjonament xieraq tas-suq intern, ikkawżati minn disposizzjonijiet jew prattiki diverġenti tal-Istati Membri, u sabiex wieħed ilaħħaq mal-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku u l-isfidi futuri fis-suq għall-prodotti tat-tessuti, l-armonizzazzjoni jew l-istandardizzazzjoni ta' aspetti oħra ta' tikkettar tat-tessuti għandhom jiġu eżaminati. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward rekwiżiti ġodda ta' ttikketjar li jista' jinħtieġ li jiddaħħlu fil-livell tal-Unjoni bil-għan li jiġi ffaċilitat l-moviment ħieles tal-prodotti tat-tessuti fis-suq intern u biex jinkiseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur madwar l-Unjoni. Ir-rapport għandu jeżamina b'mod partikulari l-fehmiet tal-konsumaturi rigward l-ammont ta' tagħrif li għandu jingħata fuq it-tikketta ta' prodotti tat-tessuti, u jinvestiga liema mezzi minbarra l-ittikkettjar jistgħu jintużaw biex jipprovdu tagħrif addizzjonali għall-konsumaturi.Ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati kollha, stħarriġ tal-konsumaturi u analiżi bir-reqqa tal-benefiċċju meta mqabbel man-nefqa u, fejn xieraq, għandu jkun fih proposti leġiżlattivi. Ir-rapport għandu jeżamina, b'mod partikolari, il-valur miżjud lill-konsumatur ta' rekwiżiti tat-tikkettar possibbli fir-rigward tat-trattament, id-daqs, is-sustanzi perikolużi, il-fjammabbiltà u l-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti tat-tessuti, l-użu ta' simboli li ma jiddependux fuq il-lingwa għall-identifikazzjoni tal-fibri tat-tessuti, it-tikkettar soċjali u elettroniku kif ukoll l-inklużjoni ta' numru ta' identifikazzjoni fuq it-tikketta biex wieħed ikun jista' jikseb informazzjoni addizzjonali jekk jixtieq, speċjalment permezz tal-Internet, dwar il-karatteristiċi tal-prodotti.***

[1] ***Testi adottati, P7_TA(2009)0093.***

(23) Id-Direttivi 73/44/KEE, 96/73/KE u ***2008/121/KE***, għandhom jitħassru,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu 1

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw l-użu ta' ismijiet ***tal-fibri ta'*** tessuti, ***l-ittikkettjar*** tal-prodotti tat-tessuti ***u d-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessuti b'metodi uniformi ta' analiżi kwantitattiva, bil-għan li jittejjeb il-moviment ħieles tagħhom fis-suq intern u li l-konsumaturi jingħataw tagħrif eżatt***.

### Artikolu 2

### Ambitu

1. Dan ir-Regolament ***għandu*** japplika għall-prodotti tat-tessuti.

***Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament***, il-prodotti li ġejjin ***għandhom jitqiesu bl-istess mod li jitqiesu l-prodotti tat-tessuti***:

(a) prodotti li fihom għallinqas 80 % bil-piż ta' fibri tat-tessuti;

(b) għata tal-għamara, umbrelel u tined li jkun fihom għallinqas 80 % bil-piż ta' komponenti tat-tessuti;

(c) il-komponenti tat-tessuti ta' għata b'aktar minn saff wieħed ta' pavimenti, saqqijiet u oġġetti tal-ikkampjar, u inforra li ssaħħan għax-xedd tas-saqajn, ingwanti, mittens u mitts, sakemm dawn il-partijiet jew dan il-kisi jkunu jikkostitwixxu għallinqas 80 % bil-piż tal-prodott sħiħ;

(d) tessuti inkorporati fi prodotti oħra u li jiffurmaw parti integrali minnhom, fejn il-kompożizzjoni tagħhom hija speċifikata.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m' għandhomx japplikaw għall-prodotti tat-tessuti li:

(a) huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi;

(b) li jidħlu fi Stati Membri, taħt kontroll doganali, għall-għanijiet ta' tranżitu;

(c) li jiġu importati minn pajjiżi terzi għal ipproċessar għall-intern;

(d) li jiġu mogħtija b'kuntratt lil persuni li jaħdmu fi djarhom stess, jew lil ditti indipendenti li jwettqu xogħol minn materjali fornuti mingħajr ma l-karatteristici tagħhom jiġu ttrasferiti għal konsiderazzjoni;

***(e) jitwasslu għand il-konsumaturi aħħarin individwali bħala artikoli magħmula għall-individwu.***

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "prodotti tat-tessuti" tfisser kwalunkwe prodotti mhux maħdumin, nofshom maħdumin, maħdumin, nofshom immanifatturati, immanifatturati, nofshom-lesti u lesti li jkunu esklussivament magħmulin minn fibri tat-tessuti, mingħajr ma jingħata kas għall-proċess ta' taħlit jew ta' assemblaġġ użat;

(b) "fibra tat-tessuti" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(i) unità ta' materja kkaratterizzata mill-flessibilità, mill-irquqija u mill-proporzjon għoli ta' tul għall-akbar dimensjoni trasversali tagħha, li tagħmilha xierqa għal applikazzjonijiet f'tessuti;

(ii) strixxi jew tubi flessibbli, li l-wisa' apparenti tagħhom ma taqbiżx il-5 mm, inklużi strixxi maqtugħin minn strixxi jew films usa, prodotti minn sostanzi użati għall-manifattura tal-fibri elenkati fit-tabella 2 fl-Anness I u xierqa għal applikazzjonijiet f'tessuti;

(c) "il-wisa' apparenti" hija l-wisa' tal-istrixxa jew tubu meta milwijin, iċċattjati, ikkompressati jew mibrumin, jew il-wisa' medja fejn il-wisa' mhijiex uniformi;

(d) "il-komponent tat-tessuti" jfisser parti minn prodott tat-tessuti b'kontenut ta' fibra distint;

(e) "fibri estranji" huma fibri oħra għajr dawk imsemmija fuq it-tikketta;

(f) "inforra" tfisser oġġett separat użat fit-tiswir ta' ħwejjeġ u ta' prodotti oħra, magħmul minn saff wieħed jew ħafna ta' materjal tat-tessuti mwaħħal b'mod laxk fuq ġewwa tul tarf wieħed jew aktar;

***(g) "ittikkettjar" tfisser li t-tagħrif meħtieġ ikun indikat fuq il-prodott tat-tessuti billi titwaħħal tikketta miegħu, jew bil-ħjata, ir-rakkmar, l-istampar, l-intaljar jew bl-użu ta' kull teknoloġija oħra ta' applikazzjoni;***

(h) "ittikkettjar inklussiv" ifisser mod ta' tikkettjar fejn tikketta waħda tintuża għal bosta prodotti tat-tessuti jew komponenti;

(i) "prodotti li jintremew wara l-użu" tfisser prodotti tat-tessuti mfassla biex jintużaw darba biss jew għal żmien limitat, u li l-użu normali tagħhom jimpedixxi kwalunkwe ristorazzjoni għal użu sussegwenti għall-istess skop jew għal skop simili.

***2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet "magħmul disponibbli fis-suq", "tqegħid fis-suq", "manifattur", "rappreżentant awtorizzat", "importatur", "distributur", "operaturi ekonomiċi", "standard armonizzat", "sorveljanza tas-suq" u "awtoritat tas-sorveljanza tas-suq" tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.***

Artikolu 4

Regoli ġenerali

1. Il-prodotti tat-tessuti ***għandhom ikunu disponibbli fis-suq biss jekk ikunu ttikkettjati jew jekk ikollhom magħhom id-dokumenti kummerċjali b'konformità mad-dispożizzjonijiet*** ta' dan ir-Regolament.

2. ***Ħlief għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan*** ir-Regolament, ***ir-regoli*** nazzjonali u ***tal- Unjoni*** dwar il-ħarsien ta' proprjetà industrijali u kummerċjali, dwar indikazzjonijiet ta' provenjenza, marki ta' oriġini u l-ħarsien minn kompetizzjoni inġusta ***għandhom jibqgħu applikabbli għall-prodotti tat-tessuti***.

Kapitolu 2

Ismijiet ta' fibri tat-tessuti u rekwiżiti relatati tal-ittikkettjar

Artikolu 5

Ismijiet ta' fibri tat-tessuti

1. L-ismijiet tal-fibri ***tat-tessuti*** elenkati fl-Anness I biss għandhom jintużaw ***biex jindikaw il-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessuti***.

2. L-użu ta' ismijiet elenkati fl-Anness I għandu jkun riżervat għal fibri li n-natura tagħhom tikkorrispondi mad-deskrizzjoni stipulata f'dak l-Anness.

Dawk l-ismijiet ma għandhomx jintużaw għal fibri oħra, sew jekk waħedhom sew jekk bħala għerq jew bħala aġġettiv.

Il-kelma "ħarir" ma tistax tintuża biex tindika figura jew preżentazzjoni partikolari fi ħjut kontinwu ta' fibri tat-tessuti.

Artikolu 6

Applikazzjonijiet għal **ismijiet ġodda ta' fibri *tat-tessuti***

Kwalunkwe manifattur jew ***persuna li qed taġixxi f'ismu tista' tapplika*** għand il-Kummissjoni biex ***iżżid*** isem ġdid ta' fibra ***tat-tessuti*** mal-lista stipulata fl-Anness I.

L-applikazzjoni għandha tinkludi fajl tekniku kkompilat skont l-Anness II.

Artikolu 7

Prodotti puri

1. Prodotti tat-tessuti komposti esklussivament mill-istess fibra biss jistgħu jiġu ttikkettjati bħala "100 %", "puri" jew "kollu."

Dawn it-termini jew oħrajn simili ma għandhomx jintużaw għal prodotti oħra.

2. Prodott tat-tessuti ***jista'*** jitqies bħala esklussivament kompost mill-istess fibra jekk ikun fih ***mhux aktar minn*** 2 % bil-piż minn fibri ***estranji***, sakemm din il-kwantità tkun iġġustifikata ***bħala teknikament inevitabbli fil-prattika tajba tal-manifattura*** u ma tkunx miżjuda bħala materja ta' rutina.

Taħt l-istess kundizzjoni, prodott tat-tessuti, li għadda minn proċess ta' tqardix, ***jista'*** jitqies bħala magħmul esklussivament mill-istess fibra jekk ikun fih ***mhux aktar minn*** 5 % bil-piż ta' fibri ***oħra***.

Artikolu 8

Prodotti tas-suf

1. Prodott tat-tessuti jista' jkun ittikkettjat b'wieħed mill-ismijiet imniżżel fl-Anness III sakemm dan ikun magħmul esklussivament minn fibra tas-suf li ma kinitx ġiet inkorporata qabel fi prodott lest, li ma kienx ġie soġġett għal kwalunkwe proċessi ta' brim u/jew ta' feltru għajr dawk meħtieġa fil-manifattura ta' dak il-prodott, u li ma kienx ġie mħassar bi trattament jew b'użu.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-ismijiet elenkati fl-Anness III jistgħu jintużaw biex jiddeskrivu s-suf li jkun hemm f'taħlita ta' fibra jekk il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ntlaħqu:

(a) is-suf kollu li jkun hemm f'dik it-taħlita jissodisfa l-ħtiġijiet definiti fil-paragrafu 1;

(b) dan is-suf ikun jifforma mhux inqas minn 25 % mill-piż totali tat-taħlita;

(c) fil-każ ta' taħlita mħarrbxa, is-suf ikun imħallat ma' fibra waħda oħra biss.

Il-perċentwali sħiħ ta' kompożizzjoni ta' taħlita bħal din għandu jingħata.

3. ***Il-fibri oħra*** fil-prodotti msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi l-prodotti tas-suq li għaddew minn proċess ta' tqardix, ma għandhomx jaqbżu ż-0,3 % ***tal-'piż totali tagħhom*** u dan għandu jkun ġustifikat ***bħala teknikament mhux evitabbli f'prattika ta' manifattura tajba***.

Artikolu 9

Prodotti tat-tessuti multi-fibri

1. Prodott tat-tessuti ***għandu jkun ittikkettjat bl-isem tal-fibri kostitwenti kollha f'ordni dixxendenti tal-perċentwali skont il-piż***.

2. ***Bħala deroga mill-paragrafu 1, u bla ħsara għall-Artikolu 7 (2),*** fibri ***li individwalment ikopru sa 3 % tal-piż totali tal-prodott tessili, jew fibri li kollettivament jammontaw għal sa 10 %*** tal-piż totali, ***jistgħu jiġu deskritti bit-terminu "fibri oħra", segwit bil-persentaġġ tagħhom*** skont il-piż***, sakemm dawn ma jkunux jistgħu jiġi ddikjarati faċilment fil-waqt tal-manifattura.***

3. Prodotti li jkollhom medd ta' qoton pur u tgħama ta' kittien pur, li l-perċentwali ta' qanneb fihom jagħmel għallinqas 40 % tal-piż totali tat-tessut mhux imdaqqas jista' jingħata l-isem ta' "unjoni ta' għażel u qoton" li għandu jkun akkumpanjat mill-ispeċifikazzjoni tal-kompożizzjoni "medd ta' qoton pur - tgħama ta' qanneb pur".

4. ***Bla ħsara għall-Artikolu 5(1)*** għall-prodotti tat-tessuti li l-kompożizzjoni tagħhom ma tistax tingħata faċilment fil-ħin tal-manifattura tagħhom, it-terminu "fibri mħallta" jew it-terminu "kompożizzjoni tat-tessut mhux speċifikata" jista' jintuża fuq it-tikketta.

***5. Bħala deroga mill-paragrafu 1, fibra li mhijiex inkluża fl-Anness I tista' tiġi deskritta mit-terminu "fibri oħra", segwit bil-persentaġġ totali tal-piż tagħha, sakemm tkun tressqet applikazzjoni għall-inklużjoni ta' tali fibra fl-Anness I skont l-Artikolu 6.***

Artikolu 10

Fibri dekorattivi u fibri b'effett antistatiku

Fibri viżibbli, iżolabbli li jservu biss bħala dekorazzjoni u li ma jaqbżux is-7 % tal-piż tal-prodott lest ma għandhom għalfejn jissemmew fil-kompożizzjonijiet ta' fibri stipulati fl-Artikoli 7 u 9.

l-istess għandu japplika għal fibri metalliċi u għal fibri oħra li jiġu inkorporati biex jinkiseb effett antistatiku u li ma jaqbżux it-2 % tal-piż tal-prodott lest.

Fil-każ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 9(3), perċentwali bħal dawn għandhom jiġu kkalkolati fuq il-piż tad-drapp u fuq dak tat-tgħama separatament.

***Artikolu 11***

***Materjali li joriġinaw mill-annimali***

***1. Meta prodott tat-tessuti jinkludi partijiet mhux magħmula minn tessuti li joriġinaw mill-annimali, għandu jkollu tikketta li tiddikjara li dawn il-partijiet huma magħmula minn materjali li joriġinaw mill-annimali. L-ittikkettjar m'għandux jiżgwida u għandu jiġi preżentat b'tali mod li l-konsumatur ikun jista' jifhem faċilment għal liema parti tal-prodott jirreferi t-tagħrif fuq it-tikketta.***

***2. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-metodi analitiċi li huma jużaw biex jidentifikaw il-materjali li joriġinaw mill-annimali sa … (*) u sussegwentement kull meta jkun meħtieġ kif indikat minn żviluppi ġodda.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati, bi qbil mal-Artikoli 24, 25 u 26, li jispeċifikaw il-forma dettaljata ta' u l-modalitajiet għall-ittikettjar fuq il-prodotti tat-tessuti msemmija fil-punt 1 u jistabilixxu l-mezzi analitiċi li għandhom jintużaw fl-identifikazzjoni ta' materjali li joriġinaw mill-annimali.***

Artikolu 12

***L-ittikkettjar***

1. Il-prodotti tat-tessuti għandhom jiġu ttikkettjati jew immarkati kull meta ***jsiru disponibbli*** fis-suq.

***It-tikketti għandhom ikunu faċilemt aċċessibbli, viżibbli u mwaħħla sew mal-prodott tat-tessuti. Għandhom jibqgħu leġġibbli tul il-perjodu ta' użu normali tal-prodott. L-ittikkettjar u l-mod kif jiġi mwaħħal għandhom jitwettqu b'tali mod li l-iskumdità kkawżata lill-konsumatur tkun minima meta jkun liebes l-prodott.***

Madankollu, ***it-tikketti jistgħu jinbidlu jew jiġu ssupplimentati*** b'dokumenti kummerċjali li jakkumpanjawhom meta l-prodotti ***fornuti lil operaturi ekonomiċi fil-katina tal-forniment***, jew meta jkunu qegħdin jitwasslu għal ordni magħmula ***minn kwalunkwe awtorità kontraenti kif definita fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [1].***

***L-ismijiet u d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 7, 8, u 9 għandhom ikunu indikati b'mod ċar f'dokumenti kummerċjali bħal dawn li jkunu mal-prodotti.***

***L-abbrevjazzjonijiet m'għandhomx jintużaw ħlief għal kodiċi ta' pproċessar mekkanizzat, jew fejn dawn huma definiti fl-istandards rikonoxxuti internazzjonalment, sakemm l-abbrevjazzjonijiet huma spjegati fl-istess dokument kummerċjali.***

2. ***Meta jqiegħed prodott tat-tessuti fis-suq, il-manifattur, jew jekk dan ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-importatur*** għandu jiżgura l-provvista tat-tikketta u l-preċiżjoni tat-tagħrif stampat fuqha.

***Meta jagħmel prodott tat-tessuti disponibbli fis-suq,*** għandu jiżgura li l-prodotti tat-tessuti ▌jkollhom l-ittikkettjar xieraq preskritt minn dan ir-Regolament.

***Distributur għandu jitqies manifattur għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament meta jagħmel prodott tat-tessuti disponibbli fis-suq b'ismu jew bit-trademark tiegħu, iwaħħal it-tikketta jew jibdel il-kontenut tat-tikketta.***

***L-operaturi ekonomiċi*** msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jiżguraw li kwalunkwe tagħrif mogħti meta prodotti tat-tessuti ***jsiru disponibbli*** fis-suq ma jkunx jista' jiġi mfixkel mal-ismijiet u mad-deskrizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(*) ***Id-dħul fis-seħħ ta'dan ir-Regolament.***
[1] ***ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114***.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Artikolu 13

L-użu ta' ismijiet u ta' deskrizzjonijiet

▌

1. ***Meta prodott tat-tessuti jsir disponibbli fis-suq, l-ismijiet u l-kompożizzjoni tal-fibri msemmija*** fl-Artikoli 5, 7, 8, u 9 għandhom jiġu indikati fil-katalogi u fil-letteratura kummerċjali, fuq l-ippakkeġġjar, ***u fuq it-tikketti b'mod li jkun faċilment aċċessibbli, viżibbli u*** leġibbli u ***b'mod li l-ittri/n-numri jkunu*** uniformi ***rigward id-daqs, l-istil u t-tipa***. ***Dan it-tagħrif għandu jkun viżibbli b'mod ċar għall-konsumatur qabel ma jixtri, anke f'każijiet meta x-xiri jsir b'mezzi elettroniċi.***

2. It-trejdmarks jew l-isem tal-impriża jistgħu jidhru eżatt qabel jew wara l-ismijiet u d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 7, 8, u 9.

Madankollu, fejn trejdmark jew isem ta' impriża jkun fih, waħdu jew bħala aġġettiv jew għerq, wieħed mill-ismijiet imniżżla fl-Anness I jew isem li jista' jiġi konfuż magħhom, dan it-trejdmark jew isem għandu jitpoġġa eżatt qabel jew wara l-ismijiet u d-deskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 5, 7, 8, u 9.

Tagħrif ieħor għandu dejjem jidher separatament.

3. L-ittikkettjar ***għandu jkun*** disponibbli ***bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem faċilment mill-konsumatur aħħari fl-Istat Membru li fih il-prodotti tat-tessuti jsiru disponibbli. Meta jkun xieraq, l-ismijiet tal-fibri tat-tessuti jistgħu jinbidlu b'simboli intelliġibbli li ma jiddependux mil-lingwa, jew jiġu kombinati magħhom***.

Fil-każ ta' mkebba, irkiekel, marelli u kobob, jew kwantità żgħira oħra ta' ħjut tal-ħjata, tat-tiswija u r-rakkmu, l-ewwel subparagrafu għandu japplika għall-ittikkettjar inklussiv imsemmi fl-Artikolu 16(3). ***Meta prodotti bħal dawn jinbiegħu individwalment lill-utent aħħari, jistgħu jiġu ttikkettjati bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni, sakemm ikollhom ukoll ittikkettjar inkluživ***. ***Meta jkun xieraq, l-ismijiet tal-fibri tat-tessuti jistgħu jinbidlu b'simboli intelliġibbli li ma jiddependux mil-lingwa, jew jiġu kombinati magħhom.***

***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikoli 24, 25 u 26, li jistabbilixxu kundizzjonijiet dettaljati dwar l-użu tas-simboli msemmija f'dan il-paragrafu.***

Artikolu 14

Prodotti tat-tessuti multi-komponenti

1. Kwalunkwe prodott tat-tessuti li fih żewġ komponenti jew iżjed għandu jkollu tikketta li fuqha jidher il-kontenut tal-fibra ta' kull komponent.

Ittikkettjar bħal dan ma għandux ikun obbligatorju għall-komponenti għajr għat-tberfil ewlieni u li jirrappreżentaw inqas minn 30 % tal-piż totali tal-prodott.

2. Fejn żewġ prodotti tat-tessuti jew aktar għandhom l-istess kontenut ta' fibra u normalment jiffurmaw unità waħdanija, dawn jeħtieġu li jkollhom tikketta waħda biss.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet speċjali

Il-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti mniżżla fl-Anness IV għandha tiġi indikata skont ir-regoli tal-ittikkettjar stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 16

Derogi

1. B'deroga mill-Artikoli 12, 13 u 14, ir-regoli stipulati fil-paragrafi 2, 3, u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw.

Fi kwalukwe każ, il-prodotti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jsiru disponibbli fis-suq b'tali mod li l-konsumatur aħħari jista' jsir jaf fid-dettall dwar il-kompożizzjoni ta' dawn il-prodotti.

2. L-indikazzjoni tal-ismijiet ta' fibri ***tat-tessuti*** jew tal-kompożizzjoni tal-fibri fuq it-tikketti jew l-immarkar tal-prodotti tat-tessuti msemmija fl-Anness V mhijiex meħtieġa.

Madankollu, fejn trejdmark jew isem ta' impriża jkun fih, waħdu jew bħala aġġettiv jew għerq, wieħed mill-ismijiet imniżżla fl-Anness I jew isem li jista' jiġi konfuż miegħu, l-Artikoli 12, 13 u 14 għandhom japplikaw.

3. Fejn prodotti tat-tessuti mniżżla fl-Anness VI huma tal-istess tip u kompożizzjoni, dawn jistgħu ***jsiru disponibbli fis-suq*** flimkien taħt tikketta inklussiva.

4. Il-kompożizzjoni ta' prodotti tat-tessuti mibjugħin bil-metru għandha tintwera biss fuq it-tul tar-romblu li ***jsir disponibbli fis-suq***.

Kapitolu 3

***Is-sorveljanza tas-suq*** ▌

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-awtoritajiet ▌ għas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu verifiki fir-rigward tal-konformità tal-kompożizzjoni tal-prodotti tat-tessuti bit-tagħrif provdut dwar il-kompożizzjoni ta' dawk il-prodotti skont ***dan ir-Regolament***.

2. ***Għall-għan li tkun determinata l-kompożizzjoni tal-fibri tal-prodotti tat-tessuti,*** il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu skont il-metodi ***jew l-istandards armonizzati*** stipulati fl-Anness VIII.

Għal dawn il-finijiet, il-perċentwali ta' fibra stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 9 għandhom jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tal-konċessjoni miftehma xierqa għall-massa anidra ta' kull fibra stabbilita fl-Anness IX, wara li jkunu tneħħew l-oġġetti msemmija fl-Anness VII.

***Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-fibri stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 9, l-oġġetti mniżżla fl-Anness VII ma għandhomx jitqiesu.***

3. Kwalunkwe laboratorju ***akkreditat u approvat mill-awtoritajiet tal-Istati Membri għall-ittestjar*** ta' taħlitiet ta' tessuti li għalihom ma hemm l-ebda metodu ta' analiżi uniformi fil-livell ***tal-Unjoni*** għandu jiddetermina l-kompożizzjoni ***tal-fibri*** ta' taħlitiet bħal dawn ▌, waqt li jindika r-riżultat miksub fir-rapport tal-analiżi ***il-metodu li ntuża,*** u ***l-grad*** ta' preċiżjoni ***ta' dan il-metodu***.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Artikolu 18

Tolleranzi

1. Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-kompożizzjoni tal-prodotti tat-tessuti maħsuba għall-konsumatur aħħari, it-tolleranzi stipulati fil-paragrafi 2, 3, u 4 għandhom japplikaw.

2. Il-preżenza ta' fibri estranji fil-kompożizzjoni li għandhom jingħataw skont l-Artikolu 9 ma għandhiex għalfejn tiġi indikata jekk il-perċentwali ta' dawn il-fibri ma jilħaqx dawn il-punti li ġejjin:

(a) 2 % tal-piż totali tal-prodott tat-tessuti, sakemm din il-kwantità tkun ġustifikata ***bħala teknikament inevitabbli fil-prattika tajba tal-manifattura*** u ma tkunx ġiet miżjuda bħala kwistjoni ta' rutina;

(b) ***taħt l-istess kundizzjoni***, 5 % ***tal-piż totali fil-każ ta'*** prodotti ***tat-tessuti*** li jkunu għaddew minn proċess ta' tqardix.

Il-punt (b) ta' dan il-paragrafu għandu jkun bla ħsara għall-Artikolu 8(3).

3. Għandha tkun permessa tolleranza ta' manifattura ta' 3 % bejn il-perċentwali tal-fibra mistqarra li għandhom jingħataw skont l-Artikolu 9 u l-perċentwali miksuba mill-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 17, fir-rigward tal-piż totali tal-fibri muri fuq it-tikketta. Tolleranza bħal din għandha tapplika wkoll għal dan l-ġej:

(a) fibri li huma elenkati mingħajr l-ebda indikazzjoni tal-perċentwali tagħhom skont l-Artikolu 9(2);

(b) il-perċentwali ta' suf imsemmi fl-Artikolu 8(2)(b).

Għall-finijiet tal-analiżi, it-tolleranzi għandhom jiġu kkalkulati b'mod separat. Il-piż totali li għandu jitqies fil-kalkolu tat-tolleranza msemmija f'dan il-paragrafu għandu jkun dak tal-fibri tal-prodott lest li minnu għandu jitnaqqas il-piż ta' kwalunkwe fibri estranji misjuba meta tkun ġiet applikata t-tolleranza msemmija fil-paragrafu 2.

Iż-żieda tat-tolleranzi li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun permessa biss jekk xi fibri estranji misjuba b'analiżi, meta tiġi applikata t-tolleranza msemmija fil-paragrafu 2, tinzerta tkun tal-istess tip kimiku bħala waħda jew iktar mill-fibri murija fuq it-tikketta.

4. Fil-każ ta' prodotti partikolari li għalihom il-proċess tal-manifattura jitlob tolleranzi ogħla minn dawk mogħtija fil-paragrafi 2 u 3, tolleranzi ogħla jistgħu jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni meta l-konformità tal-prodott tiġi kkontrollata skont l-Artikolu 17(1) f'każijiet eċċezzjonali biss u fejn tkun ipprovduta ġustifikazzjoni xierqa mill-manifattur.

Il-manifattur għandu jressaq talba li tagħti raġunijiet u evidenza biżżejjed taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-manifattura.

*Kapitolu 4*

*Indikazzjoni ta' oriġini għall-prodotti tat-tessuti*

*Artikolu 19*

*Indikazzjoni ta' oriġini għall-prodotti tat-tessuti impurtati minn pajjiżi terzi*

*1. Għall-għan ta' dan l-Artikolu, it-termini "oriġini" jew "li joriġinaw" għandhom jirreferu għal oriġini mhux preferenzjali skont l-Artikoli 35 u 36 tar- Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) [1].*

*2. L-importazzjoni jew t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti tat-tessuti impurtati minn pajjiżi terzi, barra minn dawk li joriġinaw mit-Turkija u l-Pajjiżi Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE, għandhom ikunu soġġetti għall-ittikkettjar tal-oriġini skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.*

*3. Il-pajjiż tal-oriġini ta' prodotti tat-tessuti għandu jiġi indikat fuq it-tikketta ta' dawk il-prodotti. F'każijiet fejn il-prodotti huma ppakkjati, għandu jkun hemm indikazzjoni separata fuq il-pakkett. L-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini ma tistax tiġi sostitwita b' indikazzjoni li tikkorrispondi fid-dokumenti kummerċjali li jakkumpanjaw il-prodott.*

*4. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati, skont l-Artikoli 24, 25 u 26, sabiex jiġu stabbiliti l-każijiet fejn l-indikazzjoni tal-oriġini fuq il-pakkett għandha tiġi aċċettata minflok l-ittikkettjar tal-prodotti nfushom. Dan jista' jkun il-każ, partikolarment meta l-prodotti normalment jaslu għand il-konsumatur jew l-utent aħħari fil-pakkett normali tagħhom.*

*5. Il-kliem "made in" flimkien mal-isem tal-pajjiż tal-oriġini għandhom jindikaw l-oriġini tal-prodotti tat-tessuti. L-ittikkettjar għandu jkun disponibbli bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem faċilment mill-konsumatur aħħari fl-Istat Membru li fih il-prodotti ser isiru disponibbli fis-suq fis-suq.*

*6. L-ittikkettjar tal-oriġini għandu jkun jidher sew, jinqara b'mod ċar u ma jitħassarx, għandu jkun viżibbli tul l-immaniġġjar normali, distint b'mod ċar minn kull informazzjoni oħra u għandu jkun ippreżentat b'tali mod li la jiżgwida u l-anqas ma' jagħti impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tal-prodott.*

*7. Il-prodotti tat-tessuti għandu jkollhom it-tikkettjar meħtieġ fil-ħin tal-importazzjoni. Dan l-ittikkettjar ma jistax jitneħħa jew jiġi mbgħabas sa meta l-prodotti ma jinbigħux lill-konsumatur jew lill-utent aħħari.*

*Artikolu 20*

*Indikazzjoni ta' oriġini għal prodotti oħra tat-tessuti*

*1. Meta l-oriġini tal-prodott tat-tessuti barra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 19 tkun indikata fuq it-tikketta, din l-indikazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.*

*2. Il-prodott għandu jitqies li joriġina mill-pajjiż fejn għadda minn minn tal-inqas tnejn mill-istadji ta' manifattura li ġejjin:*

*— għażil;*

*— insiġ;*

*— irfinar;*

*— tiswir.*

[1] *ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.*

*3. Il-prodott tat-tessut ma jistax jiġi deskritt fuq it-tikketta bħala li joriġina kollu kemm hu minn pajjiż jekk ma jkunx għadda mill-istadji ta' manifattura kollha f'dak il-pajjiż, kif imsemmi f'punt 2.*

*4. Il-kliem "made in" flimkien mal-isem tal-pajjiż tal-oriġini għandhom jindikaw l-oriġini tal-prodotti tat-tessuti. L-ittikkettjar għandu jkun disponibbli bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni li tinftiehem faċilment mill-konsumatur aħħari fl-Istat Membru li fih il-prodott ser isiru disponibbli fis-suq fis-suq.*

*5. L-ittikkettjar tal-oriġini għandu jkun jidher sew, jinqara b'mod ċar u ma jitħassarx, għandu jkun viżibbli tul l-immaniġġjar normali, distint b'mod ċar minn kull informazzjoni oħra u għandu jkun ppreżentat b'tali mod li ma jiżgwidax u lanqas ma' jagħti impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tal-prodott.*

*Artikolu 21*

*Atti ddelegati*

*Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikoli 19a, 19b u 19c sabiex:*

*— tiddetermina l-forma dettaljata ta u l-modalitajiet tal-ittikkettjar tal-oriġini;*

*— tistabbillixxi lista ta' termini fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni li jesprimu b'mod ċar li l-prodotti joriġinaw mill-pajjiż indikat fuq it-tikketta;*

*— tiddetermina l-każijiet fejn l-abbrevjazzjonijiet użati normalment jindikaw b'mod ċar il-pajjiż tal-oriġini u jistgħu jintużaw għall-għan ta' dan ir-Regolament;*

*— tiddetermina l-każijiet fejn il-prodotti ma jistgħux jew ma jeħtiġux li jiġu ttikkettar għal raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi;*

*— tiddetermina regoli oħrajn li jistgħu jinħtieġu meta jidher li l-prodotti ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.*

*Artikolu 22*

*Dispożizzjonijiet komuni*

*1. Il-prodotti tat-tessuti msemmija fl-Artikolu 19 għandhom jitqiesu li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jekk:*

*— ma jkollhomx tikketta tal-oriġini;*

*— it-tikketta tal-oriġini ma taqbilx mal-oriġini tal-prodotti;*

*— it-tikketta tal-oriġini tkun inbidlet jew tneħħiet u jew tbgħabset b'xi mod ieħor, barra meta tkun inħtieġet korrezzjoni f'konformità mal-punt 5 ta' dan l-Artikolu.*

*2. Il-prodotti tat-tessuti barra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 19 għandhom jitqiesu li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament jekk:*

*— it-tikketta tal-oriġini ma taqbilx mal-oriġini tal-prodotti;*

*— it-tikketta tal-oriġini tkun inbidlet jew tneħħiet u jew tbgħabset b'xi mod ieħor, barra meta tkun inħtieġet korrezzjoni f'konformità mal-punt 5 ta' dan l-Artikolu.*

It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010

*3. Il-kummissjoni tista' tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikoli 24, 25 u 26 fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti ta' prova li jistgħu jitqiesu li jixhdu konformità ma' dan ir-Regolament.*

*4. L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard minn (*)… , u għandhom javżawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.*

*5. Meta l-prodotti ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom konsegwentement jadottaw il-miżuri meħtieġa li jitolbu lis-sid tal-prodotti jew lil kull persuna responsabbli oħra, biex jittikkettjaw dawk il-prodotti bi qbil ma' dan ir-Regolament u bi spejjeż għalihom.*

*6. Fejn meħtieġ għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu skambju tad-data miġbura waqt il-kontrolli ta' konformità ma' dan ir-Regolament, inklużi mal-awtoritajiet u ma' persuni jew organizzazzjonijiet oħrajn li ngħataw is-setgħa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar negozju mhux ġust lill-konsumatur skont prattiċi kummerċjali fis-suq intern ([1]).*

Kapitolu 5

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 23

***Adattament għall-progress tekniku***

***Emendi għall-Annessi*** I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX li hija meħtieġa għall-adattament ta' ***dawk*** l-Annessi għall-progress tekniku ***għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 24, u suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 25 u 26***.

***Artikolu 24***

***L-eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 11, 13, 19, 21, 22 u 23 għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin wara … (**). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħat iddelegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Ma' dak ir-rapport, jekk ikun xieraq, għandha ssir proposta leġiżlattiva sabiex jittawwal il-perjodu ta' żmien tad-delega.***

***2. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***Artikolu 25***

***Revoka tad-delega***

***Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 11, 13, 19, 21, 22 u 23 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.***

(*) ***Disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
([1]) *ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.*
(**) ***Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

***Artikolu 26***

***Oġġezzjonijiet għall-atti ddelegati***

***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat fi żmien tliet xhur mid-data ta' notifika.***

***Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.***

***2. Jekk, kif jintemm il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, jew kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw, l-att għandu jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.***

▌

Artikolu 27

Rappurtar

Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'enfasi fuq it-talbiet u l-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda ta' fibri ***tat-tessuti u, meta jkun ġustifikat, għandha tressaq proposta leġiżlattiva***.

***Artikolu 28***

***Reviżjoni***

***1. Sal- … (**), il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward rekwiżiti ġodda possibbli li jistgħu jiġu introdotti fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li jipprovdu lill-konsumaturi informazzjoni preċiża, rilevanti, intelliġibbli u komparabbli dwar il-karatteristiċi tal-prodotti tat-tessuti. Ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati kollha, stħarriġ tal-konsumaturi u analiżi bir-reqqa tal-benefiċċju meta mqabbel man-nefqa u, fejn xieraq, għandu jkun fih proposti leġiżlattivi. Ir-rapport għandu jeżamina, inter alia, il-kwistjonijiet li ġejjin:***

- ***sistema ta' tikkettjar armonizzata rigward il-kura,***
- ***sistema uniformi fl-UE kollha ta' tikketti tal-istess daqs għall-ilbies u ż-żraben,***
- ***indikazzjoni ta' kull sustanza potenzjalment allerġenika jew perikoluża użata fil-manifattura jew l-ipproċessar ta' prodotti tat-tessuti,***
- ***tikkettar ekoloġiku marbut mal-prestazzjoni ambjentali u l-produzzjoni sostenibbli ta' prodotti tat-tessuti,***
- ***tikkettar soċjali biex jinforma lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet soċjali li taħthom sar il-prodott tat-tessuti,***
- ***tikketti ta' twissija dwar il-prestazzjoni rigward il-fjammabilità tal-prodotti tat-tessuti, b'mod partikulari l-ilbies b'periklu kbir li jaqbad,***
- ***tikkettar elettroniku, inkluża l-Identifikazzjoni tal-Frekwenza tar-Radju (RFID),***

(*) ***Tliet snin*** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
(**) ***Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***— l-inklużjoni ta' numru ta' identifikazzjoni fuq it-tikketta li għandha tintuza sabiex wieħed jakkwista tagħrif addizzjonali dwar il-prodott jekk jixtieq, per eżempju permezz tal-Internet,***

***— l-użu ta' simboli li ma jiddependux mil-lingwa għall-identifikazzjoni tal-fibri użati għall-manifattura ta' prodott tat-tessuti, li jippermetti lill-konsumatur jifhem faċilment il-kompożizzjoni tiegħu u, b'mod partikulari, l-użu ta' fibri naturali jew sintetiċi.***

***2. Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tagħmel studju biex tevalwa jekk is-sustanzi użati fil-manifattura jew l-ipproċessar tal-prodotti tat-tessuti jistgħux ikunu perikolużi għas-saħħa tal-bniedem. Dan l-istudju għandu jevalwa b'mod partikulari jekk hemmx rabta każwali bejn ir-reazzjonijiet allerġeniċi u l-fibri sintetiċi, il-koloranti, il-bijoċidi, il-preservattivi jew in-nanopartiċelli użati fil-prodotti tat-tessuti. Dan l-istudju għandu jissejjes fuq evidenza xjentifika u għandu jqis ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-swieq. Abbażi tal-istudju, il-Kummissjoni, meta jkun ġustifikat, għandha tippreżenta proposti leġiżlattivi bil-għan li tipprojbixxi jew tillimita l-użu ta' sustanzi potenzjalment perikolużi użati fil-prodotti tat-tessuti, b'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.***

***Artikolu 29***

***Dispożizzjoni transizzjonali***

***Prodotti tat-tessuti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/121/KE u li tqiegħdu fis-suq qabel… (**) jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq sa … (***).***

Artikolu 30

Tħassir

Id-Direttivi ***73/44/KEE***, 96/73/KE u ***2008/121/KE*** [jew abbozzati mill-ġdid] huma mħassra b'effett minn …. (****).

Ir-referenzi magħmula għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

Artikolu 31

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| Il-President | Il-President |

(*) ***Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
(**) ***Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
(***) ***Sentejn u sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***
(****) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS I

TABELLA TAL-FIBRI TAT-TESSUTI

| Numru | Isem | Deskrizzjoni tal-fibra |
|---|---|---|
| 1 | suf | Fibri mis-suf tan-nagħaġ jew tal-ħrief (Ovis aries) jew taħlita ta' fibri mis-suf tan-nagħaġ jew tal-ħrief u x-xagħar tal-annimali elenkati fil-punt 2 |
| 2 | alpaka, ljama, ġemel, kaxmer, moher, vikunja Angoraangora, jak, guanako, kaxgora, kastur, lontra, segwiti jew le bl-isem "suf" jew "xagħar" | xagħar tal-annimali li ġejjin: alpaka, ljama, ġemel, mogħża tal-kaxmer, mogħża tal-angora, fenek tal-angora, vikunja, jak, guanako, mogħża tal-kaxgora, kastur, lontra |
| 3 | xagħar tal-annimal jew taż-żiemel, bi jew mingħajr indikazzjoni tat-tip ta' annimal (eż. xagħar tal-merħla, xagħar tal-mogħża komuni, xagħar taż-żiemel) | xagħar ta' annimali varji mhux imsemmija f'1 u 2 |
| 4 | ħarir | fibra miksuba esklussivament minn insetti li jobżqu l-ħarir |
| 5 | qoton | fibra miksuba mill-ifsdqa tal-pjanta tal-qoton (Gossypium) |
| 6 | kapok | fibra miksuba mill-intern tal-frotta tal-kapok (Ceiba pentandra) |
| 7 | kittien | fibra miksuba mill-qalba tal-pjanta tal-kittien (Linum usitatissimum) |
| 8 | qanneb ġenwin | fibra miksuba mill-qalba tal-qanneb (Cannabis sativa) |
| 9 | ġuta | fibra miksuba mil-qalba tal-Corchorus olitorius u l-Corchorus capsularis. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, fibri tal-qalba miksuba minn l-ispeċi segwenti għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-ġuta: Hibiscus cannabinus, Hibiscus sabdariffa, Abultilon avicennae, Urena lobata, Urena sinuata |
| 10 | abaka (Qanneb ta' Manila) | fibra miksuba mill-weraq ta' barra tal-Musa textilis |
| 11 | alfa | fibra miksuba mill-weraq tal-Istipa tenacissima |
| 12 | kajjar (ġewż tal-Indi) | fibra miksuba mill-frotta tal-Cocos nucifera |
| 13 | ġummar | fibra miksuba mill-qalba tas-Cytisus scoparius u/jew tal-iSpartium Junceum |
| 14 | rami | fibra miksuba mill-qalba tal-Boehmeria nivea u l-Boehmeria tenacissima |
| 15 | sisal | fibra miksuba mill-weraq tal-Agave sisalana |
| 16 | Sunn | fibra mill-qalba tal-Crotalaria juncea |
| 17 | Sabbara | fibra mill-qalba tal-Agave Fourcroydes |
| 18 | Maguey | fibra mill-qalba tal-Agave Cantala |
| 19 | aċetat | fibra tal-aċetat taċ-ċelluluża fejn inqas minn 92 % imma għal-linqas 74 % tal-gruppi hydroxyl huma aċetilatati |

| Numru | Isem | Deskrizzjoni tal-fibra |
|---|---|---|
| 20 | alġinat | fibra miksuba minn imluħa metalliċi u l-aċidu alġiniku |
| 21 | kupro (cuprammonium rayon) | fibra taċ-ċelluluża riġenerata miksuba bil-proċess cuprammonium |
| 22 | modal | fibra taċ-ċelluloża riġenerata miksuba minn proċess viskuż modifikat li għandu saħħa qawwija li jkisser u modulu għoli ta' tixrib. Is-saħħa biex tkisser ($B_C$) fl-istat ikkundizzjonat u l-forza (($B_M$) meħtieġa biex tipproduċi titwil ta' 5 % fi stat imxarrab huma:<br>$B_C$ (CN) ≥ 1,3 √T + 2 T<br>$B_M$ (CN) ≥ 0,5 √T<br>fejn T hija d-densità lineari medja f'decitex |
| 23 | proteina | fibra miksuba minn sostanzi ta' proteina naturali riġenerati u stabbilizzati permezz ta' azzjoni ta' aġenti kimiċi |
| 24 | triaċetat | fibra tal-aċetat taċ-ċelluloża fejn għallinqas 92 % tal-gruppi hydroxyl huma aċetilitati |
| 25 | viskuż | fibra taċ-ċelluluża riġenerata miksuba bil-proċess viskuż għal fibra tal-filament u fibra diskontinwa |
| 26 | akrilik | fibra ffurmata minn makromollikuli linejari li jinkludu għal-linqas 85 % (bil-piż) fil-katina tal-mudell acrylonitrilic |
| 27 | chlorofibre | fibra ffurmata minn makromollikuli lineari li jkollhom fil-katina tagħhom iktar minn 50 % bil-piż ta' unitajiet mono-meriċi ta' vinil klorinat u vinilidene klorinat |
| 28 | fluorofibre | fibra ffurmata minn makromollikuli lineari magħmula minn monomeri fluorcarbon aliphatic |
| 29 | modakrilik | fibra ffurmata minn makromollikuli lineari li jkollhom fil-katina tagħhom iktar minn 50 % u inqas minn 85 % (bil-piż) tal-mudell acrylonitrilic |
| 30 | poliamide jew najlon | fibra magħmula minn makromollikuli sintetiċi lineari li jkollhom fit-katina rabtiet rikorrenti ma' amide li minnu mill-inqas 85 % huwa magħqud ma' unitajiet alifatiċi jew ċikloalifatiċi' |
| 31 | aramid | fibri magħmulin minn makromollikuli lineari sintetiċi magħ-mula minn gruppi aromatiċi magħqudin b'rabtiet ta' amide jew imide, li minnhom mill-inqas 85 % huma magħqudin direttament ma' żewġ ċrieki aromatiċi u bin-numru ta' konnessjonijiet ta' imide, jekk dawn tal-aħħar ikunu preżenti, ma jaqbżix in-numru ta' konnessjonijiet ta' amide |
| 32 | polyimide | fibri ffurmati minn makromollikuli sintetiċi lineari li fit-taħlita fihom unitajiet ripetuti ta' imide |
| 33 | lyocell | fibra taċ-ċelluloża riġenerata miksuba mit-tidwib, u proċess ta' solvent organiku (taħlita ta' kimiċi organiċi u ilma) b'tidwir, mingħajr ma jiffurmaw derivati |
| 34 | polylactide | fibra magħmula minn makromollikuli lineari- li jkollhom fil-katina mill-inqas 85 % (f'massa) ta' unitajiet ta' esteri ta' aċidu lattiku derivati minn zokkor naturali, u li jkollhom tempera-tura li fiha jinħallu ta' mill-inqas 135 °C |
| 35 | poliester | fibra ffurmata minn makromollikuli linejari li jkun fihom għallinqas 85 % (bil-piż) fil-katina ta' ester ta' aċidu diol u tereftaliku |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| Numru | Isem | Deskrizzjoni tal-fibra |
|---|---|---|
| 36 | polyethylene | fibra ffurmata minn makromollikuli linejari ta' idrokarbonju saturizzat allifatiku mhux sostitwit |
| 37 | polipropilene | fibra ffurmata minn makromollikulu linejari ta' idrokarbonju saturizzat alifatiku fejn atomu wieħed tal-karbonju minn kull tnejn iġorr methyl side chain fid-dispożizzjoni isotattika u mingħajr iktar sostituzzjoni |
| 38 | polyicarbamide | fibra ffurmuta minn makromolekuli lineari li jkollhom fil-katina l-grupp funzjonali tal-ureylene rikorrenti (NH—CO—NH) |
| 39 | poliurethane | fibra ffurmata minn makromollikuli lineari magħmula minn ktajjen bil-grupp funzjonali tal-urethane rikorrenti |
| 40 | vinilal | fibra ffurmata minn makromollikuli lineari li l-katina tagħhom hija magħmula bil-poly(alkoħol tal-vinil) b'livelli differenti ta' aċetalizzazzjoni |
| 41 | trivinil | fibra ffurmata minn acrylonitrile terpolymer, monomer ta' vinil klorinat u t-tielet monomeru tal-vinil, li l-ebda wieħed minnhom ma jirrappreżenta daqs 50 % tal-piż totali |
| 42 | elastodiene | elastofibre magħmul minn polyisoprene naturali jew sintetiku, jew magħmul minn dienes polimerizzat wieħed jew iktar bi jew mingħajr monomeru tal-vinil wieħed jew aktar, u li, meta miġbud għal tliet darbiet it-tul oriġinali tiegħu u rilaxxat, jirkupra minnufih u b'mod sostanzjali t-tul inizjali tiegħu |
| 43 | elastane | elastofibre magħmul minn għallinqas 85 % (bil-piż) ta' polyurethane segmentat u li, meta miġbud għal tliet darbiet it-tul oriġinali tiegħu u rrilaxxat, jirkupra minnufih u b'mod sostanzjali t-tul inizjali tiegħu |
| 44 | fibra tal-ħġieġ | fibra magħmula mill-ħġieġ |
| 45 | isem li jikkorrispondi għall-materjali li minnhom huma magħmula l-fibri, eż. metall (metalliku, metallizzat), asbestos, karta, segwiti jew le mill-kelma "ħjut" jew "fibra" | fibri miksubin minn materjali ġodda jew mixxellanji mhux elenkati hawn fuq |
| 46 | elastomultiester | fibra ffurmata b'azzjoni bejn makromollikuli lineari kimikament distinti f'żewġ fażijiet jew aktar (li minnhom l-ebda wieħed ma jaqbeż il-85 % bħala piż ) u li fiha gruppi ta' esteri bħala unitajiet funzjonali dominanti (mill-inqas 85 %) u li, wara trattamemt adatt meta miġbuda għal darba u nofs it-tul oriġinali u rilaxxata, tirkupra malajr u b'mod sostanzjali għat-tul oriġinali tagħha |
| 47 | Elastolefin | fibri magħmulin minn mill-inqas 95 % (bħala piż) tal-makromollikuli mmaljati salib parzjalment, magħmulin mill-ethylene u mill-inqas minn olefin wieħed ieħor u li, meta miġbudin darba u nofs it-tul oriġinali tagħhom u rilaxxati, jirkupraw malajr u b'mod sostanzjali għat-tul oriġinali tagħhom |
| 48 | Melamine | fibra magħmula minn mill-inqas 85 % bħala piż tal-makromollikuli mmaljati salib magħmula mid-derivati tal-melamina |

ANNESS II

REKWIŻITI MINIMI GĦAL FAJL TEKNIKU BIEX JAPPLIKA GĦAL ISEM ĠDID TA' FIBRA ***TAT-TESSUTI***

(Artikolu 6)

Fajl tekniku li jrid jipproponi isem ġdid ta' fibra ***tat-tessuti*** għall-inklużjoni fl-Anness I, kif imsemmi fl-Artkolu 6, għandu jkun fih mill-inqas it-tagħrif li ġej:

— Isem propost tal-fibra;

L-isem propost għandu jkun relatat mal-kompożizzjoni kimika u għandu jipprovdu tagħrif dwar il-karatteristiċi tal-fibra, jekk xieraq. L-isem propost għandu jkun ħieles mid-drittijiet u ma għandux ikun marbut mal-manifattur.

— Definizzjoni proposta tal-fibra;

Il-karatteristiċi msemmija fid-definizzjoni tal-fibra l-ġdida, bħal pereżempju l-elastiċità, għandhom ikunu verifikabbli permezz ta' metodi ta' ittestjar li għandhom jitressqu flimkien mal-fajl tekniku u r-riżultati esperimentali tal-analiżi.

— Identifikazzjoni tal-fibra: formula kimika, differenzi mill-fibri eżistenti, flimkien ma', fejn rilevanti, dejta fid-dettall bħall-punt tat-tidwib, id-densità, l-indiċi rifrattiv, l-aġir fi ħruq u l-ispettru FTIR;

— It-tolleranza miftiehma proposta;

— Metodi ta' identifikazzjoni u ta' kwantifikazzjoni żviluppati biżżejjed, inkluża dejta esperimentali;

L-applikant għandu jevalwa l-possibilità li juża l-metodi elenkati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament biex janalizza t-taħlitiet kummerċjali l-aktar mistennija tal-fibra l-ġdida ma' fibri oħra u għandu jipproponi mill-inqas waħda minn dawn il-metodi. Għal dawk il-metodi fejn il-fibra tista' titqies bħala komponent li ma jinħallx, l-applikant għandu jivvaluta l-fatturi ta' korrezzjoni tal-massa tal-fibra l-ġdida. Id-dejta kollha esperimentali għandha titressaq mal-applikazzjoni.

Jekk il-metodi mniżżla f'dan ir-Regolament mhumiex adattati, l-applikant għandu jipprovdi raġunament xieraq u jipproponi metodu ġdid.

L-applikazzjonijiet għandu jkun fihom id-dejta esperimentali għall-metodi proposti. Dejta dwar il-preċiżjoni, ir-robustezza u r-ripetittività tal-metodi għandha tingħata mal-fajl.

— ***Ir-riżultati tat-testijiet li saru biex ikunu evalwati reazzjonijiet allerġeniċi possibbli jew effetti negattivi oħra tal-fibra l-ġdida fuq is-saħħa tal-bniedem, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE;***

— Tagħrif addizzjonali ta' appoġġ għal mal-applikazzjoni: proċess ta' produzzjoni, rilevanza għall-konsumatur;

— Il-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jipprovdi kampjuni rappreżentattivi tal-fibra pura l-ġdida u t-taħlitiet rilevanti tal-fibra meħtieġa għat-twettiq tal-validazzjoni tal-metodi ta' identifikazzjoni u ta' kwantifikazzjoni proposti, jekk mitluba mill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS III

ISMIJIET LI JIDRHU FL-ARTIKOLU 8(1)

- bil-Bulgaru: "необработена вълна",
- bl-Ispanjaol: "lana virgen" jew "lana de esquilado",
- biċ-Ċek: "střižní vlna",
- bid-Daniż: "ren, ny uld",
- bil-Ġermaniż: Schurwolle',
- bl-Estonjan: "uus vill",
- bl-Irlandiż: 'olann lomra'
- bil-Grieg: "παρθένο μαλλί",
- bl-Ingliż: "fleece wool" jew "virgin wool",
- bil-Franċiż: "laine vierge" jew "laine de tonte",
- bit-Taljan: "lana vergine" jew "lana di tosa",
- bil-Latvjan: "pirmlietojuma vilna" jew "cirptā vilna",
- bil-Litwan: "natūralioji vilna",
- bl-Ungeriż: "élőgyapjú",
- bil-Malti: "suf verġni",
- bl-Olandiż: "scheerwol",
- bil-Pollakk: "żywa wełna",
- bil-Portugiż: "lã virgem",
- bir-Rumen: "lână virgină",
- bis-Slovakk: "strižná vlna",
- bis-Sloven: "runska volna",
- bil-Finlandiż: "uusi villa",
- bl-Iżvediż: "ren ull".

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS IV

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ITIKKETTJAR TA' ĊERTI PRODOTTI

(Artikolu 15)

| Prodotti | Id-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar |
|---|---|
| 1. Il-prodotti tal-kriepet li ġejjin: | Il-kompożizzjoni tal-fibri għandha tiġi indikata fuq it-tikketta billi tingħata l-kompożizzjoni tal-prodott kollu jew, inklussivament jew b'mod separat, il-kompożizzjoni tal-komponenti elenkati rispettivament: |
| (a) Riċipetti | Id-drapp ta' ġewwa u ta' barra tal-boroż u d-dahar |
| (b) Kriepet | Il-panewijiet webbiesa ta' quddiem, ta' wara u tal-ġnub |
| (c) Corselettes | Id-drapp ta' barra u ta' ġewwa tal-boroż, il-panewijiet webbiesa ta' quddiem u ta' wara u l-panewijiet tal-ġnub |
| 2. Prodotti oħra tal-kriepet mhux elenkati hawn fuq | Il-kompożizzjoni tal-fibri għandha tiġi indikata billi tingħata l-kompożizzjoni tal-prodott kollu jew, inklussivament jew b'mod separat, il-kompożizzjoni tal-komponenti varji tal-prodotti. Ittikkettjar bħal dan ma għandux ikun obbligatorju għal komponenti li jirrappreżentaw inqas minn 10 % tal-piż totali tal-prodott |
| 3. Il-prodotti kollha tal-kriepet | L-ittikkettjar separat tal-partijiet varji tal-prodotti tal-kriepet għandu jsir b'tali mod li l-konsumatur aħħari jkun jista' jifhem faċilment għal liema parti tal-prodott jirreferi t-tagħrif fuq it-tikketta |
| 4. Tessuti stampati b'inċiżjoni | Il-kompożizzjoni tal-fibra għandha tingħata għall-prodott bħala ħaġa sħiħa u tista' tkun indikata billi, il-kompożizzjoni tad-drapp bażiku u dik tal-partijiet inċiżi jiġu ddikjarati separatament. Dawn il-komponenti għandhom jissemmew b'isimhom |
| 5. Tessuti rrakkmati | Il-kompożizzjoni tal-fibra għandha tingħata għall-prodott bħala ħaġa sħiħa u tista' tkun indikata billi, il-kompożizzjoni tad-drapp bażiku u dik tal-ħajt tar-rakkmu jiġu ddikjarati separatament. Dawn il-komponenti għandhom jissemmew b'isimhom. L-ittikkettjar bħal dan huwa obbligatorju biss għall-partijiet irrakkmati li jammontaw għal mill-inqas 10 % tal-wiċċ tal-prodott |
| 6. Ħjut li jikkonsistu minn qalba u kisja magħmula minn fibri differenti u jsiru disponibbli fis-suq bħala tali lill-konsumatur | Il-kompożizzjoni tal-fibra għandha tingħata għall-prodott bħala ħaġa sħiħa u tista' tkun indikata billi tingħata l-kompożizzjoni tal-qalba u tal-kisja b'mod separat. Dawn il-komponenti għandhom jissemmew b'isimhom |
| 7. Tessuti tal-bellus u tal-filpa, jew tessuti li jixbħu l-bellus jew il-filpa | Il-kompożizzjoni tal-fibra għandha tingħata għall-prodott sħiħ, u fejn il-prodott ikun fih dahar distint u wiċċ tal-użu magħmul minn fibri differenti, din tista' tiġi ddikjarata separatament għal dawk il-komponenti. Dawn il-komponenti għandhom jissemmew b'isimhom |
| 8. Kisi tal-art u twapet li d-dahar u l-wiċċ tal-użu tagħhom huma magħmula minn fibri differenti | Il-kompożizzjoni tista' tingħata għall-wiċċ tal-użu waħdu. Il-wiċċ tal-użu għandu jissemma b'ismu |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS V

PRODOTTI LI GĦALIHOM L-ITTIKKETTJAR JEW L-IMMARKAR MHUWIEX OBBLIGATORJU

(Artikolu 15(2))

1. Faxex tal-kmiem
2. Ċineg tal-arloġġi magħmulin minn materjali tat-tessut
3. Tikketti u badges
4. Ingwanti imbottiti għall-irfigħ ta' oġġetti sħan ta' materjali tat-tessut
5. Għata tal-kafè
6. Għata tat-te
7. Protezzjoni tal-kmiem
8. Manxò (muffs) għajr dawk magħmula mid-drapp tal-pil
9. Fjuri artifiċjali
10. Kuxxinetti tal-labar
11. Kanvas miżbugħ
12. Prodotti tat-tessut bħala bażi jew drappijiet minn taħt jew fursetti

▌

13. Prodotti antiki tat-tessut iffabbrikati, fejn mistqarra tali b'mod espliċitu
14. Takkalji
15. Ippakkjar, mhux ġdid u mibjugħ bħala tali

▌

16. Reċipjenti li huma rotob u mingħajr bażi, partijiet magħmulin minn sarrag, jew minn materjali tat-tessut
17. Oġġetti tal-vjaġġi magħmulin minn materjal tat-tessut
18. Tapezzeriji rrakkmati bl-idejn, lesti jew mhux lesti, u materjali għall-produzzjoni tagħhom, li jinkludu ħjut tal-irrakkmar, mibjugħin separatament mill-kanvas u ppreżentati b'mod speċjali biex jintużaw f'tapezzeriji bħal dawn
19. Żippijiet
20. Buttuni u bokkli miksija b'materjali tat-tessut
21. Kisi tal-kotba magħmulin minn materjal tat-tessut

▌

22. Partijiet tat-tessut ta' xedd tas-saqajn, għajr il-kisi li jsaħħan

23. Sottoplatti li jkollhom bosta komponenti u arja tal-wiċċ ta' mhux iktar minn 500 ċm$^2$

24. Ingwanti u ċraret tal-forn

25. Għata tal-bajd

26. Kaxex tal-make-up

27. Boroż tat-tabakk magħmulin minn materjal tat-tessut

28. Kaxex magħmulin minn materjal tat-tessut tan-nuċċalijiet, sigarretti u sigarri, lajters u pettnijiet

29. Tagħmir ta' protezzjoni użat fl-isports bl-eċċezzjoni tal-ingwanti

30. Kaxex tat-twaletta

31. Kaxex għat-tindif taż-żraben

32. Oġġetti tal-funerali

33. Prodotti li jintremew wara l-użu, bl-eċċezzjoni tat-tajjar

34. Prodotti tat-tessuti soġġetti għar-regoli tal-Farmakopija Ewropea u koperti b'referenza għal dawk ir-regoli, faxex għal użu mediku u ortopediku li ma jintremewx wara l-użu u prodotti ortopediċi tat-tessuti ġenerali

35. Prodotti tat-tessuti inklużi ċwiemi, ħbula u spag, soġġetti għal punt 12 tal-Anness VI normalment maħsuba:

    (a) għal użu bħala komponenti ta' apparat fil-manifattura u fl-ipproċessar ta' oġġetti;

    (b) għal inkorporazzjoni f'magni, stallazzjonijiet domestiċi (eż. tisħin, arja kundizzjonata jew dawl) u apparat ieħor, vetturi u mezzi oħra tat-trasport, jew għat-tħaddim, manutenzjoni jew apparat tagħhom, għajr għata ta' tarpolin u aċċessorji tat-tessuti ta' vetturi b'magna mibjugħin separatament mill-vettura

36. Prodotti tat-tessuti għal għanijiet ta' protezzjoni u ta' sigurtà bħal ċintorini tas-sigurtà, paraxutijiet, ġkieket tas-salvataġġ, siġġijiet ta' emerġenza, apparat għat-tifi tan-nar, ġkieket għal kontra l-bulits u lbies protettiv speċjali (eż: protezzjoni kontra n-nar, kontra sostanzi kimiċi u perikoli oħra għas-sigurtà)

37. Strutturi mirfudin fl-arja (eż: swali tal-isport, stands tal-wirjiet jew faċilitajiet ta' ħżin), sakemm jiġu pprovduti d-dettalji tar-rendimenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' dawn il-prodotti

38. Qlugħ

39. Għata tal-annimali

40. Bnadar u bandalori

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS VI

PRODOTTI LI GĦALIHOM L-ITTIKKETTJAR U L-IMMARKAR INKLUSSIV BISS HUWA OBBLIGATORJU

(Artikolu 16(3))

1. Ċraret tal-art
2. Ċraret tat-tindif
3. Tberfil u tirqim
4. Passementerie
5. Ċintorini
6. Ċineg
7. Takkalji u ġarrettieri
8. Lazzijiet taż-żraben u tal-boots
9. Żigarelli
10. Lastiku
11. Ippakkjar ġdid mibjugħ bħala tali
12. Spag tal-ippakkjar u tal-agrikoltura; spag, kordaġġ u ħbula għajr dawk li jaqgħu taħt il-punt 35 tal-Anness V [1]
13. Sottoplatti
14. Imkatar
15. Xbieki tax-xagħar
16. Ingravajjet u ċfuf għat-tfal
17. Vavalori; ingwanti tal-ħasil u flanelli tal-wiċċ
18. Ħjut tal-ħjata, tat-tiswija u tar-rakkmu ppreżentati għall-bejgħ bl-imnut fi kwantitajiet żgħar b'piż nett ta' gramma waħda jew inqas
19. Tejp għall-purtieri u persjani u xaters

---

[1] Għall-prodotti li jaqgħu taħt dan il-punt u mibjugħin f'tulijiet maqtugħin, l-ittikkettjar inklussiv għandu jkun dak tar-rukkell. Iċ-ċwiemi u l-ħbula li jaqgħu taħt dan il-punt inklużi dawk użati għall-isport tal-muntanji u tal-ilma.

**It-Tlieta 18 ta’ Mejju 2010**

ANNESS VII

OĠĠETTI LI MA GĦANDHOMX JITQIESU GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-PERĊENTWALI TAL-FIBRI

(Artikolu 17)

| Prodotti | Oġġetti esklużi |
|---|---|
| a) Il-prodotti kollha tat-tessuti | (i) Partijiet mhumiex tat-tessuti, ċmusa, tikketti u badges, borduri u tirqim li ma jiffurmawx parti integrali mill-prodott, buttuni u bokkli miksijin bil-materjal tat-tessut, aċċessorji, dekorazzjonijiet, żigarelli mhux tal-lastiku, ħjut elastiċi u ċineg miżjuda f'punti speċifiċi u limitati tal-prodott.<br><br>(ii) Sostanzi grassi, tberfil, piżijiet, daqsijiet u dressings, prodotti li ma jgħaddix l-ilma minnhom, prodotti addizzjonali ta’ żebgħa u ta’ stampar u prodotti oħra tal-ipproċessar tat-tessuti |
| b) Kisi tal-art u twapet: | Il-komponenti l-oħra kollha għajr tal-wiċċ tal-użu |
| c) Drappijiet tal-kisi | Meddijiet u tgħamiet tat-tberfil u tal-mili li ma jiffurmawx parti mill-wiċċ tal-użu |
| d) Dendil u purtieri | Meddijiet u tgħamiet tat-tberfil u tal-mili li mhumiex parti min-naħa t-tajba tad-drapp |
| e) Kalzetti | Ħjut tal-lastiku użati fil-pulzieri u l-fursetti u l-ħajt ta’ rinfurzar fis-swaba’ tas-saqajn u fl-għarqub |
| f) Tajts | Ħjut tal-lastiku użati fiċ-ċinturin u l-fursetti u l-ħajt ta’ rinfurzar fis-swaba tas-saqajn u fl-għarqub |
| g) Prodotti oħra tat-tessuti għajr dawk taħt punti b) sa f) | Id-drapp bażiku jew ta’ taħt, fursetti u rinforzamenti, inter-linings u qiegħ tal-kanvas, ħjut tal-ħjata u tal-assemblaġġ sakemm ma jissostitwixxux il-medd u/jew it-tgħama tad-drapp, mili li ma għandux funzjoni ta’ iżolazzjoni u, soġġetta għall-Artikolu 14(1), inforra.<br><br>Għall-finijiet ta’ din id-dispożizzjoni:<br><br>(i) il-bażi tal-materjal ta’ taħt ta’ prodotti tat-tessuti li sservi bħala qiegħ għall-wiċċ tal-użu, b'mod partikolari fi gvieret u drappijiet doppji, u bħala qiegħ għal drappijiet tal-bellus u tal-filpa u prodotti simili ma għandhomx jitqiesu bħala qigħan li għandhom jitwarrbu<br><br>(ii) “fursetti u rinforzamenti” jfissru ħajt jew materjali miżjuda f'punti speċifiċi u limitati tal-prodotti tat-tessuti biex isaħħuhom jew jagħtuhom riġidità jew ħxuna |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS VIII

METODI GĦALL-ANALIŻI KWANTITATTIVA TA' TAĦLITIET TA' FIBRI TA' TESSUTI TA' ŻEWĠ U TA' TLIET FIBRI

KAPITOLU 1

I. Tħejjijiet ta' kampjuni ta' ttestjar u eżemplari ta' testijiet biex jiddeterminaw il-kompożizzjoni ta' fibri tal-prodotti tat-tessuti

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-Kapitolu jagħti proċeduri għall-kisba ta' kampjuni tat-testijiet tal-laboratorju ta' daqs tajjeb għal trattament minn qabel għal analiżi kwantitattiva (jiġifieri għal piż li ma jaqbiżx il-100 g) minn kampjuni tal-laboratorju f'lott, u għall-għażla ta' eżemplari tat-test minn kampjuni tat-testijiet tal-laboratorju li jkunu ġew ittrattati minn qabel biex titneħħa l-materja mhux fibruża ([1]).

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. Sors tal-lott — Il-kwantità ta' materjal li tiġi ġġudikata fuq il-bażi ta' sensiela waħda ta' riżultati tat-test. Dan jista' jkun fih, pereżempju, il-materjal kollu f'kunsinna waħda ta' drapp; id-drapp kollu minsuġ minn mitwa partikolari; kunsinna ta' ħajt, balla jew grupp ta' balel ta' fibra mhux maħduma.

2.2. Kampjun tal-lott tal-laboratorju — l-porzjon tas-sors tal-lott meħud biex ikun rappreżentattiv tal-kunsinna kollha, u li jkun disponibbli għal-laboratorju. Id-daqs u n-natura tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju għandhom ikunu biżżejjed biex jegħlbu b'mod adegwat il-varjabilità tas-sors tal-lott u biex jiffaċilitaw in-nuqqas ta' xkiel fit-tqandil fil-laboratorju ([2]).

2.3. Kampjun tat-test tal-laboratorju — Dak il-porzjon tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju li jiġi soġġett għal trattament minn qabel biex titneħħa materja mhux fibruża, u li minnu jittieħdu kampjuni tat-test. Id-daqs u n-natura tal-kampjun tat-test tal-laboratorju għandhom ikunu biżżejjed biex jegħlbu b'mod adegwat il-varjabilità tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju ([3]).

2.4. Kampjun tat-test — Il-porzjon tal-materjal meħtieġ biex jagħti riżultat tat-test individwali, u magħżul mill-kampjun tat-test tal-laboratorju.

3. IL-PRINĊIPJU

Il-kampjun tat-test tal-laboratorju jintagħżel biex ikun rappreżentattiv tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju.

L-eżemplari tat-test jittieħdu mill-kampjun tat-test tal-laboratorju b'tali mod li kull wieħed minnhom ikun rappreżentattiv tal-kampjun tat-test tal-laboratorju.

4. TEĦID TA' KAMPJUNI MINN FIBRI MAĦLULA

4.1. Fibri mhux orjentati — Ikseb il-kampjun tat-test tal-laboratorju billi tagħżel b'mod każwali mostri mill-eżemplari tal-lott tal-laboratorju. Ħallat sewwa l-kampjun kollu tat-test tal-laboratorju permezz ta' moxt tal-laboratorju ([4]). Għaddi n-nisġa jew it-taħlita, inklużi l-fibri maħlula u l-fibri li jeħlu mat-tagħmir użat għat-taħlit minn trattament li jsir qabel. Imbagħad agħżel eżemplari tat-test, fi proporzjon tal-piż rispettivi tagħhom, min-nisġa jew mit-taħlita, mill-fibri maħlula u mill-fibri li jeħlu mat-tagħmir.

Jekk in-nisġa mimxuta tibqa' intatta wara t-trattament minn qabel, agħżel l-eżemplari tat-test bil-mod deskritt f'4.2. Jekk in-nisġa mimxuta tiġi ddisturbata mit-trattament minn qabel, agħżel kull eżemplari tat-test billi tneħħi b'mod każwali għallinqas 16-il mostra żgħira ta' daqs tajjeb u li bejn wieħed u ieħor ikunu tal-istess daqs u mbagħad għaqqadhom.

4.2. Fibri orjentati, (mxat, nsiġ, frak, truf) - Minn partijiet magħżula b'mod każwali mill-kampjun tal-lott tal-laboratorju aqta' mhux inqas minn 10 strixxi kull waħda ta' piż bejn wieħed u ieħor ta' 1 g. Għaddi l-kampjuni tat-test tal-laboratorju li ġew iffurmati minn trattament li jsir qabel. Erġa' għaqqad l-istrixxi billi tpoġġihom ġenb maġenb u ikseb l-eżemplari tat-test billi taqta' minnhom biex hekk tieħu porzjon minn kull wieħed mill-10 tulijiet.

([1]) F'xi każijiet huwa meħtieġ li l-eżemplari individwali tat-test jiġi trattat minn qabel.
([2]) Għal oġġetti magħmula u lesti ara t-Taqsima 7.
([3]) Ara l-punt 1.
([4]) Il-moxt tal-laboratorju jista' jinbidel bi blender tal-fibra, jew il-fibri jistgħu jitħalltu bil-metodu tat-"trofof u l-fdalijiet"

5. ĦAJT GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI

5.1. Ħajt f'pakketti jew bil-piż — Ittestja l-pakketti kollha fil-kampjun tal-lott tal-laboratorju.

Neħħi t-tulijiet indaqs kontinwi xierqa minn kull pakkett jew billi tkebbeb marelli tal-istess numru ta' dwawar fuq rukkell ([1]), jew b'xi mezz ieħor. Għaqqad it-tulijiet ġenb maġenb jew bħala marella waħda jew inkella bħala stoppa biex tifforma kampjun tat-test tal-laboratorju, waqt li tiżgura li hemm tulijiet ugwali minn kull pakkett fil-marella jew fl-istoppa.

Agħmel il-kampjun tat-test tal-laboratorju soġġett għat-trattament minn qabel.

Ħu eżemplari tat-test mill-kampjun tat-test tal-laboratorju billi taqta' mazz ħjut tal-istess daqs mill-marella jew stoppa, waqt li toqgħod attent li l-mazz ikun fih il-ħajt kollu fil-kampjun.

Jekk it-teks tal-ħajt huwa t u n-numru tal-pakketti magħżula mill-kampjun tal-lott tal-laboratorju huwa n, allura biex tikseb il-kampjun tat-test ta' 10 g, it-tul ta' ħajt li għandu jitneħħa minn kull pakkett huwa ta' $10^6/nt$ cm

Jekk l-nt huwa għoli, jiġifieri aktar minn 2 000, kebbeb marella itqal u aqtagħha min-naħa għall-oħra f'żewġ postijiet biex tagħti piż xieraq lill-istoppa. It-truf ta' kwalunkwe kampjun f'forma ta' stoppa għandhom jintrabtu sew qabel it-trattament minn qabel u l-eżemplari tat-test għandhom jittieħdu minn post 'il bogħod mill-post tal-irbit.

5.2. Ħajt fuq medd — Ħu kampjun tat-test tal-laboratorju billi taqta' tul mit-tarf tal-medd, mhux inqas minn 20 ċm fit-tul u li jinkludu l-ħjut kollha fil-medd għajr il-ħjut tat-tarf li jiġu mwarrba. Orbot il-mazz ta' ħjut flimkien qrib tarf minnhom. Jekk il-kampjun ikun kbir wisq għal trattament minn qabel bħala ħaġa sħiħa aqsmu f'żewġ porzjonijiet jew iktar, kull wieħed marbut għal trattament minn qabel, u erġa' għaqqad il-porzjonijiet wara li kull wieħed ikun ġie trattat minn qabel separatament. Ħu kampjun tat-test billi taqta' tul tajjeb mill-kampjun tat-test tal-laboratorju mit-tarf 'il bogħod mill-għoqda, u waqt li tgħaqqad il-ħjut kollha fil-medd. Għal medd ta' ħjut N ta' teks t, it-tul ta' kampjun ta' piż 1 g huwa ta' $10^5/Nt$ cm.

6. DRAPP GĦAT-TEĦID TAL-KAMPJUNI

6.1. Minn kampjun tal-lott tal-laboratorju li jikkonsisti f'qatgħa waħdanija rappreżentattiva tad-drapp

Aqta' strixxa dijagonali minn rokna għal oħra u neħħi t-truf. Din l-istrixxa hija l-kampjun tat-test tal-laboratorju. Biex tikseb kampjun tat-test tal-laboratorju ta' x g, id-daqs tal-istrixxa għandu jkun ta' $x10^4/G$ $cm^2$.

fejn G huwa l-piż tad-drapp f'$g/m^2$.

Agħmel il-kampjun tat-test tal-laboratorju soġġett għat-trattament minn qabel u mbagħad aqta' l-istrixxa b'mod trasversali f'erba' tulijiet indaqs u poġġihom fuq xulxin. Ħu kampjuni tat-test minn kwalunkwe parti tal-materjal fi strixxi billi taqta' mill-istrixxi kollha biex b'hekk kull kampjun ikun fih tul ugwali ta' kull strixxa.

Jekk id-drapp għandu disinn minsuġ, agħmel li l-wisa' tal-kampjun tat-test tal-laboratorju, imkejla b'mod parallel għad-direzzjoni tal-medd, tkun mhux inqas minn repetizzjoni waħda tal-medd tad-disinn. Jekk b'din il-kundizzjoni sodisfatta, il-kampjun tat-test tal-laboratorju jkun kbir wisq biex jiġi ttrattat kollu f'salt, aqtgħu f'partijiet ugwali, ittrattahom separatament minn qabel, u poġġi fuq xulxin dawn il-partijiet qabel għażla ta' kampjun tat-test, waqt li toqgħod attent li l-partijiet li jikkorrispondu tad-disinn ma jikkoinċedux.

6.2. Minn kampjun tal-lott tal-laboratorju magħmul minn bosta qatgħat

Ittratta kull qatgħa kif deskritt f'6.1, u agħti kull riżultat separatament.

7. TEĦID TA' KAMPJUNI TA' PRODOTTI MAGĦMULA U LESTI

Il-kampjun tal-lott tal-laboratorju huwa normalment prodott magħmul u lest għal kollox jew frazzjoni rappreżentattiva ta' wieħed.

Fejn xieraq agħti l-perċentwali tal-partijiet differenti tal-prodott li ma għandhomx l-istess kontenut ta' fibra, biex tivverifika l-konformità mal-Artikolu 14.

([1]) Jekk il-pakketti jistgħu jiġu mmuntati fuq kavetta konvenjenti jkun possibbli li numru minnhom jiddawru fl-istess ħin.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Agħżel kampjun tat-test tal-laboratorju rappreżentattiv tal-parti tal-prodott magħmul u lest, li l-kompożizzjoni tiegħu għandha tintwera fuq it-tikketta. Jekk il-prodott ikollu diversi tikketti, agħżel kampjuni tat-test tal-laboratorju rappreżentattivi għal kull parti li tikkorrispondi għat-tikketta mogħtija.

Jekk il-prodott li l-kompożizzjoni tiegħu għad trid tiġi ddeterminata mhuwiex uniformi, jista' jkun meħtieġ li tagħżel il-kampjuni tat-test tal-laboratorju minn kull waħda mill-partijiet tal-prodott u li tiddetermina l-proporzjoniiet relattivi tal-partijiet varji rigward il-prodott kollu kkonċernat.

Imbagħad ikkalkula l-perċentwali waqt li jitqiesu l-proporzjonijiet relattivi tal-partijiet tal-kampjuni meħudin.

Agħmel il-kampjuni tat-test tal-laboratorju soġġetti għat-trattament minn qabel.

Imbagħad agħżel kampjuni tat-test rappreżentattivi tal-kampjuni tat-test tal-laboratorju ttrattati minn qabel.

II. Introduzzjoni għall-metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' fibri ta' tessuti

Metodi għal analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' fibri huma msejsa fuq żewġ proċessi ewlenin, is-separazzjoni manwali u s-separazzjoni kimika tal-fibri.

Il-metodu ta' separazzjoni manwali għandu jintuża kull meta jkun possibbli minħabba li ġeneralment jagħti riżultati iktar preċiżi mill-metodu kimiku. Jista' jintuża għat-tessuti kollha li l-fibri komponenti tagħhom ma jiffurmawx taħlita intima, bħala pereżempju fil-każ tal-ħajt kompost minn diversi elementi li kull wieħed minnhom huwa magħmul minn tip wieħed ta' fibra biss, jew tessuti li l-fibra fihom tal-medd hija ta' tip differenti għal dik tat-tgħama, jew drappijiet innittjati li jistgħu jiġu miftuqa magħmulin minn ħajt ta' tipi differenti.

B'mod ġenerali, il-metodi tal-analiżi kimika kwantitattiva huma msejsa fuq soluzzjoni selettiva tal-komponenti individwali. Wara t-tneħħija ta' komponent il-fdal li ma jdubx għandu jintiżen, u l-proporzjon ta' komponent li jdub jiġi kkalkulat mit-telf tal-piż. Din l-ewwel parti tal-Anness tagħti l-informazzjoni komuni tal-analiżi b'dan il-metodu tat-taħlitiet tal-fibri kollha li ġew ittrattati fl-Anness, tkun xi tkun il-kompożizzjoni tagħhom. Għalhekk għandu jintuża mas-sezzjonijiet individwali suċċessivi tal-Anness, li fihom il-proċeduri ddettaljati applikabbli għal taħlitiet ta' fibri partikolari. Kultant, analiżi tkun ibbażata fuq prinċipju differenti minn soluzzjoni selettiva; f'każijiet bħal dawn, jiġu mogħtija dettalji sħaħ fis-sezzjoni x-xierqa.

Taħlitiet ta' fibri matul l-ipproċessar u, ftit inqas, tessuti lesti jista' jkun fihom materja mhux fibruża, bħal xaħmijiet, xama' jew faxex, jew materja li ddub fl-ilma, li jew ikunu naturali jew jiġu miżjuda biex jiffaċilitaw l-ipproċessar. Il-materja mhux fibbruża għandha titneħħa qabel l-analiżi. Għal din ir-raġuni qiegħed jingħata wkoll metodu ta' kif jitneħħew ix-xaħmijiet, ix-xama' u l-materja li tinħall fl-ilma.

Flimkien ma' dan, it-tessuti jista' jkun fihom reżini jew materja oħra miżjuda biex jingħatawlhom kwalitajiet speċjali. Materja bħal din, inkluża ż-żebgħa f'każijiet eċċezzjonali, tista' tfixkel l-azzjoni tar-reaġent fuq il-komponent li jdub fl-ilma u/jew tista' titneħħa parzjalment jew kompletament mir-reaġent. Dan it-tip ta' materja miżjuda jista' għalhekk joħloq żbalji u għandu jitneħħa qabel issir l-analiżi tal-kampjun. Jekk ma jkunx possibbli li titneħħa materja miżjuda bħal din, il-metodi tal-analiżi kimika kwantitattiva mogħtija f'dan l-Anness ma jibqgħux iktar applikabbli.

Żebgħa fi drappijiet miżbugħin titqies bħala parti integrali mill-fibra u ma titneħħiex.

L-analiżi jitwettqu fuq il-bażi tal-piż xott u tingħata proċedura biex jiġi stabbilit il-piż xott.

Ir-riżultat jinkiseb permezz tal-applikazzjoni mal-piż ta' kull fibra xotta tal-konċessjonijiet miftehma mniżżla fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

Qabel ma tkompli bl-analiżi, il-fibri kollha preżenti fit-taħlita għandhom ikunu ġew identifikati. F'xi metodi, il-komponent ta' taħlita li ma jdubx fl-ilma jista' jinħall parzjalment fir-reaġent użat biex idewweb il-komponent/i li jdub/u.

Fejn possibbli, intagħżlu reaġenti li għandhom effett żgħir jew li ma għandhom l-ebda effett fuq il-fibri li jdubu. Jekk ikun magħruf li jkun hemm telf fil-piż waqt l-analiżi, ir-riżultat għandu jiġi kkoreġut; fatturi ta' korrezzjoni għal dan l-għan huma mogħtija. Dawn il-fatturi kienu determinati f'diversi laboratorji billi ġew ittrattati fibri mnaddfa bil-trattament minn qabel, b'reaġent xieraq kif speċifikat fil-metodu tal-analiżi.

Dawn il-fatturi ta' korrezzjoni japplikaw biss għall-fibri sottogradati u jistgħu jkunu meħtieġa fatturi differenti ta' korrezzjoni jekk il-fibri jkunu ġew sottogradati qabel jew matul l-ipproċessar. Il-proċeduri mogħtija japplikaw għal determinazzjonijiet singoli.

Tal-inqas żewġ determinazzjonijiet fuq kampjuni tat-test separati għandhom isiru, kemm fil-każ ta' separazzjoni manwali kif ukoll fil-każ ta' separazzjoni kimika.

Għall-konferma, jekk mhux teknikament impossibbli, huwa rakkomandat li jintużaw proċeduri alternattivi fejn il-kostitwent li kien il-fdal fil-metodu standard ikun maħlul l-ewwel.

## KAPITOLU 2

### Metodi għall-analiżi kwantitattivi ta' ċerti taħlitiet ta' żewġ fibri

I. Tagħrif ġenerali komuni għall-metodi mogħtija għall-analiżi kimika kwantitattiva ta' taħlit ta' fibri tat-tessuti.

I.1. Ambitu u qasam tal-applikazzjoni

Il-qasam ta' applikazzjoni għal kull metodu jispeċifika għal liema fibri japplika l-metodu.

I.2. Prinċipju

Wara l-identifikazzjoni tal-komponenti ta' taħlita, il-materjal mhux fibruż jitneħħa bi trattament minn qabel addattat u mbagħad wieħed mill-komponenti, ġeneralment b'soluzzjoni selettiva [1]. Ir-residwu li ma jdubx jintiżen, u l-proporzjon ta' komponent li jdub jiġi kkalkulat mit-telf tal-piż. Għajr fejn dan jippreżenta diffikultajiet tekniċi, huwa preferibbli li l-fibra preżenti tinħall fil-proporzjon il-kbir, biex b'hekk tikseb il-fibra preżenti fil-proporzjon iż-żgħir bħala fdal.

I.3. Materjali u apparat

I.3.1. Apparat

I.3.1.1. Griġjoli filtru u flixkien tal-użin kbar biżżejjed li jżommu fihom griġjoli bħal dawn, jew kwalunkwe apparat li jagħti riżultati identiċi.

I.3.1.2. Termos.

I.3.1.3. Dessikkatur li jkun fih is-silika-ġel li jindika fih innifsu.

I.3.1.4. Forn ventilat għall-inxif tal-eżemplari f'105 ± 3 °C.

I.3.1.5. Miżien analitiku, eżatt sa 0,0002 g.

I.3.1.6. Soxhlet extractor jew apparat ieħor li jagħti riżultati identiċi.

I.3.2. Reaġenti

I.3.2.1. Żejt mhux raffinat ħafif, iddistillat mill-ġdid, medda ta' togħlija minn 40 sa 60 °C.

I.3.2.2. Reaġenti oħra huma speċifikati fis-sezzjonijiet addattati ta' kull metodu. Ir-reaġenti kollha użati għandhom ikunu kimikament puri.

(1) Il-Metodu 12 huwa eċċezzjoni. Huwa msejjes fuq determinazzjoni tal-kontenut ta' sustanza kostitwenti ta' wieħed miż-żewġ komponenti.

I.3.2.3. Ilma ddistillat jew dejonizzat.

I.3.2.4. Aċetun.

I.3.2.5. Aċidu ortofosforiku.

I.3.2.6. Urea.

I.3.2.7. Bikarbonat tas-sodju.

Ir-reaġenti kollha użati għandhom ikunu kimikament puri.

I.4. Atmosfera ta' kundizzjonar u ttestjar

Minħabba li jiġu stabbiliti piżijiet xotti, mhux meħtieġ li tikkundizzjona l-kampjun jew li twettaq analiżi fl-atmosfera kkundizzjonata.

I.5. Kampjun tat-test tal-laboratorju

Ħu kampjun tat-test tal-laboratorju li huwa rappreżentattiv tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju u biżżejjed biex jipprovdi l-kampjuni kollha, kull wieħed ta' mill-inqas 1 g, li huma meħtieġa.

I.6. Trattament minn qabel tal-kampjun tat-test tal-laboratorju ([1])

Fejn tkun preżenti sostanza li ma għandhiex titqies fil-kalkoli perċentwali (ara l-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva), din għandha l-ewwel titneħħa permezz ta' metodu xieraq li ma jaffettwa l-ebda kostitwent tal-fibri.

Għal dan l-għan, materja mhux fibruża li tista' tiġi estratta b'żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma titneħħa billi l-kampjun tat-test imnixxef bl-arja f'estrattur Soxhlet jiġi ttrattat b'żejt mhux raffinat ħafif għal siegħa b'rata minima ta' sitt ċikli fis-siegħa. Ħalli ż-żejt ħafif jevapora mill-kampjun, li mbagħad jiġi estratt bi trattament dirett li jkun jikkonsisti fit-tixrib tal-kampjun fl-ilma fit-temperatura tal-kamra għal siegħa u mbagħad xarrbu fl-ilma f'65 ± 5 °C għal siegħa oħra, waqt li tħawwad il-likur minn ħin għal ieħor. Uża proporzjon tal-kampjun-likur ta' 100:1. Neħħi l-ilma żejjed mill-kampjun billi tagħsru, tiġbdu jew bl-użu ta' magni ċentrifugi u mbagħad ħalli l-kampjun jinxef bl-arja.

F'każ ta' elastolefin jew ta' taħlitiet ta' fibri li fihom l-elastolefin jew fibri oħra (suf, xagħar tal-annimali, ħarir, qoton, kittien, qanneb ġenwin, ġuta, abaka, alfa, kajjar, ġummar, rami, sisal, kupru, modal, proteina, viskuż, akrilik, poliamide jew najlon, poliesteri, elastomultiester) il-proċedura li għadha kemm ġiet deskritta għandha tkun daqsxejn modifikata, fil-fatt, iż-żejt mhux raffinat eteru ħafif għandu jinbidel bl-aċetun.

F'każ ta' taħlitiet b'żewġ fibri li fihom l-elastolefin u l-aċetat il-proċedura li ġejja għandha tapplika bħala t-trattament ta' qabel. Oħroġ il-kampjun għal 10 minuti f'temperatura ta' 80 °C b'soluzzjoni ta' 25 g/l ta' 50 % aċidu ortofosforiku u 50 g/l ta' urea. Uża proporzjon tal-kampjun-likur ta' 100:1. Aħsel il-kampjun fl-ilma, qattar u aħslu f'soluzzjoni ta' 0,1 % bikarbonat tas-sodju, fl-aħħar nett aħsel sewwa fl-ilma.

Meta materja mhux fibruża ma tkunx tista' titneħħa biż-żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma, għandha titneħħa billi tissostitwixxi l-metodu tal-ilma deskritt hawn fuq b'metodu adattat li bl-ebda mod ma jbiddel sostanzjalment kwalunkwe mill-kostitwenti tal-fibra. Madankollu, għal xi fibri ta' ħaxix naturali mhux ibbliċjati (eż. il-ġuta, il-kajjar), għandu jiġi osservat li t-trattament normali ta' qabel biż-żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma ma jneħħix is-sostanzi mhux fibrużi naturali kollha; madankollu t-trattament addizzjonali ta' qabel ma jiġix applikat għajr jekk il-kampjun ikun fih sostanzi użati għat-tirqim li la jinħallu fiż-żejt mhux raffinat ħafif u lanqas fl-ilma.

Ir-rapporti tal-analiżi għandhom jinkludu dettalji sħaħ tal-metodi użati għat-trattament ta' qabel.

([1]) Ara l-Kapitolu 1.1.

I.7. Proċedura tat-test

I.7.1. Struzzjonijiet ġenerali

I.7.1.1. Tnixxif

Wettaq l-operazzjonijiet kollha tat-tnixxif għal mhux anqas minn erba' sigħat u mhux aktar minn 16-il siegħa f'105 ± 3C f'forn ventilat bil-bieba tal-forn magħluqa minn kullimkien. Jekk il-perjodu tat-tnixxif huwa inqas minn 14-il siegħa, il-kampjun għandu jintiżen biex jiġi vverifikat li l-piż tiegħu sar kostanti. Il-piż jista' jitqies li sar konstanti jekk, wara perjodu ieħor ta' tnixxif ta' 60 minuta, il-varjazzjoni tiegħu hija inqas minn 0,05 %.

Evita li tmiss il-griġjoli u l-flixken tal-użin, il-kampjuni jew ir-residwi bl-idejn waqt l-operazzjonijiet ta' tnixxif, tibrid u użin.

Kampjuni xotti fi flixkun tal-użin bl-għatu tiegħu maġenbu. Wara t-tnixxif, agħlaq il-flixkun tal-użin bit-tapp qabel ma tneħħih mill-forn, u ttrasferih mill-iktar fis possibbli lejn id-dessikatur.

Nixxef il-griġjol filtru fi flixkun tal-użin bl-għatu tiegħu maġenbu fil-forn. Wara t-tnixxif, agħlaq il-flixkun tal-użin u ttrasferih mill-iktar fis possibbli lejn id-dessikatur.

Fejn jiġi użat apparat ieħor għajr griġjol filtru, l-operazzjonijiet ta' tnixxif fil-forn għandhom jitwettqu b'tali mod li jippermettu li jiġi stabbilit il-piż xott tal-fibri mingħajr telf.

I.7.1.2. Tibrid

Wettaq l-operazzjonijiet kollha ta' tibrid fid-dessikatur b'dan tal-aħħar imqiegħed ħdejn il-miżien, sakemm jinkiseb it-tibrid sħiħ tal-fliexken tal-użin, u fi kwalunkwe każ għal mhux inqas minn sagħtejn.

I.7.1.3. Użin

Wara t-tkessiħ, kompli l-użin tal-flixkun tal-użin fi żmien żewġ minuti minn meta tneħħih mid-dessikatur. Iżen sa preċiżjoni ta' 0,0002 g.

I.7.2. Proċedura

Ħu kampjun tat-test mill-kampjun tat-test tal-laboratorju ttrattat minn qabel li jkun jiżen għallinqas 1 g. Aqta' ħajta jew biċċa f'tulijiet ta' madwar 10 mm, mifrudin kemm jista' jkun possibbli. Nixxef il-kampjun fi flixkun tal-użin, berrdu fid-dessikatur u iżnu. Ittrasferixxi l-kampjun għar-reċipjent tal-ħġieġ speċifikat fis-sezzjoni x-xierqa tal-metodu rilevanti tal-***Unjoni***, erġa' iżen il-flixkun tal-użin minnufih u ikseb il-piż xott tal-kampjun permezz tad-differenza. Kompli t-test kif speċifikat fis-sezzjoni x-xierqa tal-metodu applikabbli. Eżamina l-fdal mikroskopikali biex tikkontrolla li fil-fatt it-trattament ikun neħħa għal kollox il-fibra li ddub.

I.8. Kalkolu u espressjoni tar-riżultati

Fisser il-piż tal-komponent li ma jdubx bħala perċentwali tal-piż totali tal-fibra fit-taħlita. Il-perċentwali tal-komponent li jdub jinkiseb permezz tad-differenza. Ikkalkula r-riżultati fuq il-bażi ta' piż xott, nadif, aġġustati b'(a) il-konċessjoni miftehma u (b) il-fatturi tal-korrezzjoni meħtieġa biex jagħtu kas tat-telf tal-materja waqt it-trattament minn qabel u l-analiżi. Il-kalkoli għandhom isiru bl-applikazzjoni tal-formula mogħtija f'I.8.2.

I.8.1. Il-kalkolu tal-perċentwali tal-komponent li ma jdubx fuq bażi ta' piż xott, nadif, li ma jagħtix kas tal-piż tal-fibra mitluf waqt it-trattament minn qabel.

$$P_1\% = \frac{100\,rd}{m}$$

fejn

$P_1$ % huwa l-perċentwali ta' komponent li ma jdubx xott, nadif,

m huwa l-perċentwali ta' piż xott tal-kampjun wara t-trattament minn qabel,

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

r huwa l-piż xott tal-fdal,

d huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż tal-komponent li ma jdubx fir-reaġent waqt l-analiżi. Il-valuri xierqa ta' "d" huma mogħtija fis-sezzjoni rilevanti ta' kull metodu.

Naturalment, valuri bħal dawn ta' "d" huma l-valuri normali applikabbli għal fibri sottogradati kimikament.

I.8.2. Il-kalkolu tal-perċentwali tal-komponent li ma jdubx fuq bażi ta' piż xott, nadif, b'aġġustament b'fatturi konvenzjonali u fejn xieraq fatturi ta' korrezzjoni għal telf fil-piż waqt it-trattament minn qabel.

$$P_{1A}\% = \frac{100\,P_1\left(1 + \frac{(a_1 + b_1)}{100}\right)}{P_1\left(1 + \frac{a_1 + b_1}{100}\right) + (100 - P_1)\left(1 + \frac{a_2 + b_2}{100}\right)}$$

fejn

$P_{1A}$ % huwa l-perċentwali ta' komponent li ma jdubx, aġġustat b'konċessjonijiet konvenzjonali miftehma u għal telf ta' piż waqt it-trattament minn qabel,

$P_1$ huwa l-perċentwali ta' komponent li ma jdubx xott, nadif kif ikkalkulat mill-formula murija f'I.8.1,

$a_1$ hija l-konċessjoni konvenzjonali miftiehma għall-komponent li ma jdubx (ara l-Anness IX),

$a_2$ hija l-konċessjoni konvenzjonali miftiehma għall-komponent li jdub (ara l-Anness IX),

$b_1$ huwa t-telf tal-perċentwali tal-komponent li ma jdubx ikkawżat bit-trattament minn qabel,

$b_2$ huwa t-telf tal-perċentwali tal-komponent li jdub ikkawżat bit-trattament minn qabel.

Il-perċentwali tat-tieni komponent huwa $P_{2A}\% = 100 - P_{1A}\%$.

Fejn ikun intuża trattament minn qabel speċjali, il-valuri ta' b1 u b2 għandhom jiġu stabbiliti, jekk possibbli, billi tkun sottomessa kull waħda mill-kostitwenti tal-fibri puri għat-trattament minn qabel applikat fl-analiżi. Fibri puri huma dawk ħielsa minn materjal mhux fibruż għajr dak li normalment ikun preżenti fihom (kemm b'mod naturali jew minħabba l-proċess ta' manifattura), fl-istat (mhux ibbliċjat, ibbliċjat) li fih jinstabu fil-materjal li għandu jiġi analizzat.

Fejn l-ebda fibri kostitwenti separati nodfa użati fil-manifattura tal-materjal li għandu jiġi analizzat ma jkunu disponibbli, għandhom jintużaw il-valuri medji ta' b1 u b2 kif miksuba mit-testijiet imwettqa fuq fibri nodfa simili għal dawk fit-taħlita li tkun qegħda tiġi eżaminata.

Jekk jiġi applikat trattament normali minn qabel permezz tal-estrazzjoni biż-żejt mhux raffinat ħafif u l-ilma, il-fatturi ta' korrezzjoni b1 u b2 jistgħu ma jitqisux, għajr fil-każ ta' qoton mhux ibbliċjat, kittien mhux ibbliċjat u qanneb mhux ibbliċjat, fejn it-telf ikkawżat minn trattament minn qabel huwa qiegħed konvenzjonalment jitqies ta' 4 %, u fil-każ ta' polipropilene, fejn qed jitqies ta' 1 %.

Fil-każ ta' fibri oħra, it-telf dovut għat-trattament minn qabel huwa mwarrab b'mod konvenzjonali fil-kalkoli.

II. Metodu ta' analiżi kwantitattiva b'separazzjoni manwali

II.1. Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-metodu huwa applikabbli għal fibri tat-tessuti ta' kull tip sakemm dawn ma jiffurmawx taħlita intima u sakemm ikun possibbli li dawn jiġu mifrudin bl-idejn.

II.2. Prinċipju

Wara l-identifikazzjoni tal-kostitwenti tat-tessuti, il-materjal mhux fibruż jitwarrab bi trattament minn qabel addattat u mbagħad il-fibri jiġu sseparati bl-idejn, imnixxfa u miżuna sabiex jiġi kkalkulat il-proporzjon ta' kull fibra fit-taħlita.

II.3. Apparat

II.3.1. Flixkun tal-użin jew xi apparat ieħor li jagħti riżultati identiċi.

II.3.2. Dessikkatur li jkun fih is-silika-ġel li jindika fih innifsu.

II.3.3. Forn ventilat għall-inxif tal-eżemplari f'105 ± 3 °C.

II.3.4. Miżien analitiku, eżatt sa 0,0002 g.

II.3.5. Soxhletextractor, jew apparat ieħor li jagħti riżultat identiku.

II.3.6. Labra.

II.3.7. Twist tester jew apparat simili.

II.4. Reaġenti

II.4.1. Żejt mhux raffinat ħafif, distillat mill-ġdid, medda ta' togħlija 40 sa 60 °C.

II.4.2. Ilma ddistillat jew dejonizzat.

II.5. Atmosfera ta' kundizzjonar u ttestjar

Ara I.4.

II.6. Kampjun tat-test tal-laboratorju

Ara I.5.

II.7. Trattament minn qabel tal-kampjun tat-test tal-laboratorju

Ara I.6.

II.8. Proċedura

II.8.1. Analiżi tal-ħajt

Agħżel mill-kampjun tal-test tal-laboratorju li ġie trattat minn qabel, eżamplari ta' piż mhux inqas minn 1 g. Għal ħajt fin ħafna, l-analiżi tista' ssir fuq tul minimu ta' 30 m, ikun kemm ikun il-piż.

Aqta' l-ħajt f'biċċiet ta' tul addattat u ifred it-tipi ta' fibri permezz ta' labra u, jekk ikun meħtieġ, twist tester. It-tipi ta' fibri hekk miksuba jitqiegħdu fi fliexken tal-użin li twieżnu minn qabel u mnixxfa f'105 ± 3 °C sakemm jinkiseb piż kostanti, kif deskritt f'I.7.1 u I.7.2.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

II.8.2. Analiżi tad-drapp

Agħżel minn kampjun tat-test tal-laboratorju ttrattat minn qabel, 'il bogħod sewwa mit-truf tiegħu, kampjun ta' piż mhux inqas minn 1 g, bit-truf ittrimmjati sewwa biex jiġi evitat il-ftuq u imxi b'mod parallel mal-ħjut tat-tgħama jew tal-medd, jew fil-każ ta drappijiet innittjati fil-linja tal-għoqod u l-korsijiet. Ifred it-tipi tal-fibri differenti, iġborhom fi fliexken tal-użin miżuna qabel u kompli kif deskritt f'II.8.1.

II.9. Kalkolu u espressjoni tar-riżultati

Esprimi l-piż tal-fibri kostitwenti bħala perċentwali tal-piż totali tal-fibri fit-taħlita. Ikkalkula r-riżultati fuq il-bażi ta' piż xott, nadif, aġġustat b'(a) il-konċessjonijiet miftehma u (b) il-fatturi tal-korrezzjoni meħtieġa biex jagħtu kas tal-materja waqt it-trattament minn qabel.

II.9.1. Il-kalkolu tal-piżijiet tal-perċentwali tal-fibra niexfa, nadifa, mingħajr ma jingħata kas tal-piż tal-fibra mitluf waqt it-trattament minn qabel:

$$P_1\% = \frac{100\, m_1}{m_1 + m_2} = \frac{100}{1 + \frac{m_2}{m_1}}$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott, nadif,

$m_1$ huwa l-piż nadif, niexef tal-ewwel komponent,

$m_2$ huwa l-piż nadif, niexef tat-tieni komponent.

II.9.2. Għall-kalkolu tal-perċentwali ta' kull komponent b'aġġustament tal-konċessjonijiet miftehma u, fejn xieraq, bil-fatturi tal-korrezzjoni għat-telf ta' materja waqt it-trattament minn qabel, ara I.8.2.

III.1. Preċiżjoni tal-metodi

Il-preċiżjoni indikata f'metodi individwali għandha x'taqsam mar-riproduċibilità.

Ir-riproduċibilità tirreferi għall-affidabilità, jiġifieri l-viċinanza ta' ftehim bejn valuri esperimentali miksubin minn operaturi f'laboratorji differenti jew fi żminijiet differenti li jużaw l-istess metodu u li jiksbu riżultati individwali fuq kampjuni ta' taħlita identika konsistenti.

Ir-riproduċibilità hija espressa bil-limiti ta' fiduċja tar-riżultati għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

Għalhekk, ifisser li d-differenza bejn żewġ riżultati f'sensiela ta' analiżi magħmula f'laboratorji differenti tinqabeż biss f'ħames każi minn 100, dejjem jekk jintuża metodu tal-applikazzjoni korrett u normali għal taħlita konsistenti u identika.

III.2. Rapport tat-test

III.2.1. Għid li l-analiżi saret skont dan il-metodu.

III.2.2. Agħti dettalji ta' xi trattament minn qabel speċjali (ara I.6).

III.2.3. Agħti r-riżultati individwali u l-medja aritmetika, kollha sa l-eqreb 0,1.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

IV. Metodi speċjali

TABELLA SOMMARJA

| Il-metodu osservat | Kamp ta' applikazzjoni | | Reaġent |
|---|---|---|---|
| | Komponent li jinħall | Komponent li ma jinħallx | |
| 1. | Aċetat | Ċerti fibri oħra | Aċetun |
| 2. | Ċerti fibri ta' proteina | Ċerti fibri oħra | Ipoklorit |
| 3. | Viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | Qoton, elastolefin jew melamina | Aċidu formiku u klorur taż-żingu |
| 4. | Poliamide jew najlon | Ċerti fibri oħra | Aċidu formiku, 80 % m/m |
| 5. | Aċetat | Triaċetat, elastolefin jew melamina | Alkoħol tal-benżil |
| 6. | Triaċetat jew polilactid | Ċerti fibri oħra | Diklorometan |
| 7. | Ċerti fibri ċellulożi | Poliester, elastomultiester jew elastolefin | Aċidu sulfuriku, 75 % m/m |
| 8. | Akriliki, ċerti modakriliki jew ċerti klorofibri | Ċerti fibri oħra | Dimethylformamide |
| 9. | Ċerti klorofibri | Ċerti fibri oħra | Disulfid tal-karbonju/aċetun, 55.5/44.5 v/v |
| 10. | Aċetat | Ċerti klorofibri, elastolefin jew melamina | Aċidu aċetiku glaċjali |
| 11. | Ħarir | Suf, xagħar, elastolefin jew melamina | Aċidu sulfuriku, 75 % m/m |
| 12. | Ġuta | Ċerti fibri tal-annimali | Metodu bil-kontenut ta' nitroġenu |
| 13. | Polipropilene | Ċerti fibri oħra | Ksilin |
| 14. | Ċerti fibri oħra | Klorofibri (omopolimeri tal-klorur tal-vinil), elastolefin jew melamina | Metodu ta' aċidu sulfuriku konċentrat |
| 15. | Klorofibri, ċerti modakriliki, ċerti elastani, aċetati, triaċetati | Ċerti fibri oħra | Ċikloesanun |
| 16. | Melamina | Qoton jew aramid | Aċidu formiku jaħraq, 90 % m/m |

METODU Nru 1

AĊETAT U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu tal-aċetun)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. aċetat (19)

ma'

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), kittien (7), qanneb ġenwin (8), ġuta (9), abaka (10), alfa (11), kajjar (12), ġummar (13), rami (14), sisal (15), kupru (21), modal (22), proteina (23), viskuż (25), akrilik (26), poliamide jew najlon (30), poliester (35), elastomultiester (46), elastolefin (47) u melamina (48).

Il-metodu, f'ebda ċirkostanza ma huwa applikabbli għal fibri tal-aċetat li jkunu ġew deaċetilitati fuq il-wiċċ.

2. IL-PRINĊIPJU

L-aċetat jiġi maħlul minn piż xott magħruf tat-taħlita, mal-aċetun. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-aċetat xott jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (addizzjonali għal dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

Flasks konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' għallinqas 200 ml.

3.2. Reaġent

Aċetun.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fil-flask konikali bit-tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' għallinqas 200 ml, żid 100 ml ta' aċetun għal kull gramma tal-kampjun, ħawwad il-flask, ħallih joqgħod għal 30 minuta f'temperatura tal-kamra, minn ħin għall-ieħor ħawdu, u mbagħad għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru miżun.

Irrepeti t-trattament għal darbtejn oħra (b'kollox agħmel tliet estrazzjonijiet), iżda għal perjodi ta' 15-il minuta biss, biex hekk il-ħin totali tat-trattament fl-aċetun ikun ta' siegħa. Ittrasferixxi l-fdal għall-griġjol filtru. Aħsel il-fdal fil-griġjol filtru bl-aċetun u nixxfu bil-ġbid tal-arja. Erġa' imla l-griġjol filtru bl-aċetun u ħallih jinxef taħt il-gravità.

Finalment, nixxef il-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 2

ĊERTI FIBRI TA' PROTEINA U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu bl-użu tal-ipoklorit)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. ċerti fibri ta' proteina, li huma: suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), proteina (23)

ma'

2. qoton (5), kupru (21), viskuż (25), akrilik (26), klorofibri (27), poliamide jew najlon (30), poliester (35), polipropilene (37), elastan (43), fibri ta' ħġieġ (44), elastomultiester (46), elastolefin (47) u melamina (48).

Jekk fibri ta' proteina differenti huma preżenti, il-metodu jagħti t-total tal-ammonti tagħhom imma mhux il-kwantitajiet individwali tagħhom.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-proteina tiddewweb minn piż magħruf tat-taħlita niexfa, b'soluzzjoni ta' ipoklorit. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-fibra tal-proteina niexfa jinstab permezz tad-differenza.

Jistgħu jintużaw jew ipoklorit tal-litju jew ipoklorit tas-sodju għall-preparazzjoni tas-soluzzjoni tal-ipoklorit.

L-ipoklorit tal-litju huwa rrakkomandat f'każijiet li jinvolvu numru żgħir ta' analiżi jew għal analiżi magħmula f'intervalli aktarx twal. Dan minħabba li l-perċentwali ta' ipoklorit fl-ipoklorit tal-litju solidu — differenti mill-ipoklorit tas-sodju — huwa virtwalment kostanti. Jekk il-perċentwali ta' ipoklorit huwa magħruf, ma hemmx bżonn li l-kontenut ta' ipoklorit jiġi kkontrollat jodometrikament għal kull analiżi, minħabba li jista' jintuża porzjon miżun kostanti tal-ipoklorit tal-litju.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Erlenmeyer flask b'tapp tal-ħġieġ, 250 ml.

(ii) Thermostat, li jista' jiġi aġġustat għal 20 (± 2) °C.

3.2. Reaġenti

(i) Reaġent tal-ipoklorit

(a) Soluzzjoni tal-Ipokloritta l-Litju

Din tikkonsisti f'soluzzjoni mħejjija friska li jkun fiha 35 (± 2) g/l ta' klorin attiv (bejn wieħed u ieħor 1 M), li magħha jiġu miżjudin 5 (± 0,5) g/l ta' idrossidu tas-sodju maħlul qabel. Biex tipprepara, dewweb 100 gramma tal-ipoklorit tal-litju li jkun fih 35 % ta' klorin attiv (jew 115-il gramma li jkun fihom 30 % klorin attiv) f'bejn wieħed u ieħor 700 ml ilma ddistillat, żid 5 grammi ta' idrossidu tas-sodju maħlul f'bejn wieħed u ieħor 200 ml ilma ddistillat u imla sa litru wieħed bl-ilma ddistillat. Is-soluzzjoni li tkun ġiet imħejjija friska ma hemmx bżonn li tiġi kkontrollata b'mod jodometriku.

(b) Soluzzjoni tal-Ipokloritta s-sodju

Din tikkonsisti f'soluzzjoni mħejjija friska li jkun fiha 35 (± 2) g/l ta' klorin attiv (bejn wieħed u ieħor 1 M), li miegħu jiżdiedu 5 (± 0,5) g/l ta' idrossidu tas-sodju maħlul qabel.

Ivverifika l-kontenut ta' klorin attiv tas-soluzzjoni jodometrika qabel kull analiżi.

(ii) Aċidu aċetiku, soluzzjoni dilwita

Iddilwa 5 ml ta' aċidu aċetiku glaċjali għal litru wieħed bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej: ħallat bejn wieħed u ieħor gramm wieħed mill-kampjun ma' bejn wieħed u ieħor 100 ml tas-soluzzjoni tal-ipoklorit (ipoklorit tal-litju jew tas-sodju) fi flask ta' 250 ml u ħawdu sewwa biex ixxarrab il-kampjun.

Imbagħad saħħan il-flask għal 40 minuta f'thermostat f'20 °C u ħawwdu kontinwament, jew għallinqas f'intervalli regolari. Minħabba li t-tidwib tas-suf jibqa' sejjer b'mod eżotermiku, ir-reazzjoni tas-shana ta' dan il-metodu għandha tkun imqassma u mneħħija. Inkella, jistgħu jinħolqu żbalji mis-dissoluzzjoni inizjali tal-fibri li ma jdubux.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Wara 40 minuta, iffiltra l-kontenut tal-flask minn ġewwa griġjol filtru tal-ħġieġ miżun u ttrasferixxi kwalunkwe fdal tal-fibri fil-griġjol filtru billi tlaħlaħ il-flask b'daqsxejn reaġent tal-ipoklorit. Ixxotta l-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja u aħsel il-fdal suċċessivament bl-ilma, iddilwa l-aċidu aċetiku, u fl-aħħar bl-ilma, waqt li tixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja wara kull addizzjoni. La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma kull likur tal-ħasil ikun ixxotta taħt gravità.

Fl-aħħar nett, ixxotta l-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00, għajr għall-qoton, il-viskuż, il-modal u l-melamina, li għalihom "d" = 1,01, u l-qoton mhux ibbliċjat, li għalih "d" = 1,03.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 3

VISKUŻ, KUPRU JEW ĊERTI TIPI TA' MODAL U QOTON

(Metodu li juża l-aċidu formiku u l-klorur taż-żingu)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. viskuż (25) jew kupru (21), inklużi ċerti tipi ta' fibra tal-modal (22),

ma'

2. qoton (5), elastolefin (47) u melamina (48).

Jekk jinstab li tkun preżenti fibra tal-modal, għandu jsir test preliminarju biex jivverifika jekk din iddubx fir-reaġent.

Dan il-metodu mhuwiex applikabbli għal taħlitiet li fihom, il-qoton ġarrab degradazzjoni kimika eċċessiva, u lanqas meta l-viskuż jew il-kupru jiġi mdewweb għal kollox bil-preżenza ta' ċerti żebgħat jew tirqim li ma jistgħux jiġu mwarrba għal kollox.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-viskuż, tal-kupru jew tal-modal tiġi mdewwba minn piż xott magħruf tat-taħlita, b'reaġent li jkun magħmul mill-aċidu formiku u mill-klorur taż-żingu. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-piż tiegħu kkorreġut huwa mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita. Il-perċentwali tal-fibra tal-vikuż, kupru u modal xotti jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flasks konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Apparat biex iżomm il-flasks f'40 (± 2) °C.

3.2. Reaġenti

(i) Soluzzjoni li jkun fiha 20 g ta’ klorur taż-żingu anidruż mdewweb u 68 g ta’ aċidu formiku anidruż magħmul minn 100 g bl-ilma (jiġifieri 20 parti bil-piż ta’ klorur taż-żingu anidruż imdewweb għal 80 parti bil-piż ta’ 85 % mm ta’ aċidu formiku).

Innota sewwa:

F’dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni, għall-punt I.3.2.2, li jistabbilixxi li r-reaġenti kollha użati għandhom ikunu kimikament puri; barra minn hekk, huwa essenzjali li jintuża klorur taż-żingu anidruż imdewweb biss.

(ii) Soluzzjoni tal-idrossidu tal-ammonja: iddilwa 20 ml ta’ soluzzjoni tal-ammonja kkonċentrata (gravità speċifika 0,880 g/ml) għal litru wieħed bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej: poġġi l-kampjun minnufih fil-flask, imsaħħan minn qabel għal 40 °C. Żid 100 ml tas-soluzzjoni tal-aċidu formiku u klorur taż-żingu, imsaħħna minn qabel għal 40 °C għal kull gramma tal-kampjun. Daħħal it-tapp u ħawwad il-flask sewwa. Żomm il-flask u l-kontenut tiegħu f’temperatura kostanti ta’ 40 °C għal sagħtejn u nofs, waqt li tħawwad il-flask f’intervalli ta’ siegħa.

Iffiltra l-kontenut tal-flask minn griġjol filtru miżun u bl-għajnuna ta’ reaġent ittrasferixxi għal ġewwa l-griġjol xi fibri li jifdal fil-flask. Laħlaħ b’20 ml tar-reaġent.

Aħsel il-griġjol u l-fdal sewwa bl-ilma f’40 °C. Laħlaħ il-fdal fibruż f’bejn wieħed u ieħor 100 ml ta’ soluzzjoni ta’ ammonja kiesħa (3.2.ii) waqt li tiżgura li dan il-fdal jibqa’ mgħaddas għal kollox fis-soluzzjoni għal 10 minuti; imbagħad laħlaħ sew bl-ilma kiesaħ.

La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma kull likur tal-ħasil ikun ixxotta taħt gravità.

Finalment, ixxotta l-likwidu li jifdal bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, u berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta’ “d” huwa 1,02 għall-qoton, 1,01 għall-melamina u 1,00 għall-elastolefin.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta’ materjali tat-tessuti, il-limiti ta’ fiduċja tar-riżultati miksuba b’dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 2 għal livell ta’ fiduċja ta’ 95 %.

METODU Nru 4

POLIAMIDE JEW NAJLON, U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Metodu li juża 80 % m/m ta’ aċidu formiku)

1. IL-QASAM TA’ APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta’:

1. poliamide jew najlon, (30),

ma’

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), qoton (5), kupru (21), modal (22), viskuż (25), akrilik (26), klorofibra (27), poliester (35), polipropilene (37), fibra tal-ħġieġ (44), elastomultiester (46), elastolefin (47) u melamina (48).

Kif issemma hawn fuq, dan il-metodu huwa applikabbli wkoll għal taħlitiet bis-suf, iżda meta l-kontenut ta' suf jaqbeż il-25 %, għandu jiġi applikat il-metodu Nru 2 (tħoll is-suf f'taħlita ta' alkalin sodju ipokloritu).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-poliamide tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, bl-aċidu formiku. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-poliamide xott jew najlon jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

3.2. Reaġenti

(i) Aċidu formiku (80 % m/m, densità relattiva f'20 °C: 1,186). Iddilwa 880 ml ta' 90 % m/m aċidu formiku (densità relattiva f'20 °C: 1,204) għal litru wieħed bl-ilma. Inkella, iddilwa 780 ml ta' 98 sa 100 % m/m aċidu formiku (densità relattiva f'20 °C: 1,220) għal litru wieħed bl-ilma.

Il-konċentrazzjoni mhijiex kritika fi ħdan il-medda ta' 77 sa 83 % m/m aċidu formiku.

(ii) Ammonja, soluzzjoni dilwita: iddilwa 80 ml ta' soluzzjoni ta' ammonja kkonċentrata (densità relattiva f'20 °C: 0,880) għal litru wieħed bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej: għall-kampjun miżmum fi flask konikali ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid 100 ml ta' aċidu formiku għal kull gramm ta' kampjun. Poġġi t-tapp, ħawwad il-flask biex ixarrab il-kampjun. Ħalli l-flask għal 15-il minuta f'temperatura tal-kamra, waqt li tħawdu minn ħin għal ieħor. Iffiltra l-kontenut tal-flask minn ġewwa l-griġjol filtru miżun u ttrasferixxi kwalunkwe fdal tal-fibri fil-griġjol filtru billi taħsel il-flask b'daqsxejn reaġent tal-aċidu formiku.

Ixxotta l-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja u aħsel il-fdal fuq il-filtru suċċessivament bir-reaġent tal-aċidu formiku, ilma sħun, soluzzjoni ta' ammonja ddilwita, u fl-aħħar bl-ilma kiesaħ, waqt li tixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja wara kull addizzjoni. La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma kull likur tal-ħasil ikun ixxotta taħt gravità.

Fl-aħħar nett, nixxef il-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

METODU Nru 5

AĊETAT U TRIAĊETAT

(Il-metodu bl-użu tal-alkoħol tal-benżil)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

— aċetat (19)

ma'

— triaċetat (24), elastolefin (47) u melamina (48).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-aċetat tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, bl-alkoħol tal-benżil fi 52 ± 2 °C.

Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-piż tiegħu huwa mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita. Il-perċentwali tal-aċetat xott jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Xejker mekkaniku.

(iii) Thermostat jew apparat ieħor biex iżomm il-flask f'temperatura ta' 52 ± 2 °C.

3.2. Reaġenti

(i) Alkoħol tal-benżil.

(ii) Etanol.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fil-flask konikali, żid 100 ml ta' alkoħol tal-benżil għal kull gramm tal-kampjun. Daħħal it-tapp, orbot il-flask mal-ħawwâd biex ikun mgħaddas fil-banju bl-ilma, miżmum fi 52 ± 2 °C, u ħawwad għal 20 minuta f'din it-temperatura.

(Minflok l-użu ta' xejker mekkaniku, il-flask jista' jitħawwad bis-saħħa bl-idejn).

Għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Żid doża oħra ta' alkoħol tal-benżil fil-flask u ħawwdu bħal qabel fi 52 ± 2 °C għal 20 minuta.

Għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru. Irrepeti ċ-ċiklu tal-operazzjonijiet għat-tielet darba.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Fl-aħħar battal il-likwidu u l-fdal fil-griġjol filtru; aħsel xi fibri li jifdal mill-flask għal ġewwa l-griġjol bi kwantità żejda ta' alkoħol tal-benżil fi 52 ± 2 °C. Ixxotta sewwa l-griġjol.

Ittrasferixxi l-fibri fi flask, laħlaħ bl-etanol u wara li tħawwad b'mod manwali għaddi mill-griġjol filtru.

Irrepeti l-proċess tat-tlaħliħ għal darbtejn jew tliet darbiet oħra. Ittrasferixxi l-fdal fil-griġjol u xxotta sewwa. Nixxef il-griġjol u l-fdal u berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 6

TRIAĊETATI U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu bl-użu tad-diklorometan)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. triaċetat (24) jew polilactide (34)

ma'

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), (21), modal (22), viskuż (25), akrilik (26), poliamide jew najlon (30), poliester (35), fibra tal-ħġieġ (44), elastomultiester (46), elastolefin (47). u melamina (48).

*Nota*

Fibri triaċetati li saritilhom l-aħħar passata li wasslet għal idrolisi parzjali ma jibqgħux jinħallu kompletament f'dan ir-reaġent. F'każijiet bħal dawn, il-metodu mhuwiex applikabbli.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibri tat-triaċetat jew tal-polylactide jiddewbu minn piż xott magħruf tat-taħlita, bid-diklorometan. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tat-triaċitat jew tal-polylactide niexef jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

3.2. Reaġent

Diklorometan.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fil-flask konikali bit-tapp tal-ħġieġ ta' 200 ml, żid 100 ml ta' diklorometan għal kull gramma tal-kampjun, daħħal it-tapp, ħawwad il-flask kull 10 minuti biex ixxarrab il-kampjun u ħallih għal 30 minuta fit-temperatura tal-kamra, waqt li tħawwad il-flask f'intervalli regolari. Għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Żid 60 ml ta' diklorometan fil-flask li fih il-fdal, ħawwad b'mod manwali u ffiltra l-kontenut tal-flask mill-griġjol filtru. Ittrasferixxi l-fibri residwi għall-griġjol billi taħsel il-flask minn ġewwa bi ftit iktar diklorometan. Ixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja biex tneħħi l-likwidu żejjed, erġa' imla l-griġjol bid-diklorometan u ħallih jixxotta taħt gravità.

Fl-aħħar, applika l-ġbid tal-arja biex telimina l-eċċess tal-likwidu, imbagħad ittratta l-fdal bil-misħun biex telimina s-solvent kollu, applika l-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00, barra fil-każ tal-poliester, tal-elastomultiester, tal-elastolefin, u tal-melamina li għalihom il-valur ta' "d" huwa ta' 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 7

ĊERTI FIBRI TAĊ-ĊELLULOŻA U POLYESTER

(Metodu li juża 75 % m/m ta' aċidu sulfuriku)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. qoton (5), kittien (7), qanneb ġenwin (8), rami (14), kupru (21), modal (22), viskuż (25)

ma'

2. poliester (35), elastomultiester (46) u elastolefin (47).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra taċ-ċelluloża tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, b'75 % m/m aċidu sulfuriku. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-piż tiegħu huwa mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita. Il-proporzjon tal-fibra taċ-ċelluloża niexfa jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 500 ml.

(ii) Thermostat jew apparat ieħor biex iżomm il-flask f'temperatura ta' 50 ± 5 °C.

3.2. Reaġenti

(i) Aċidu sulfuriku, 75 ± 2 % m/m

Ħejji billi żżid b'attenzjoni, waqt li tberred, 700 ml ta' aċidu sulfuriku (densità relattiva f'20 °C: 1,84) sa 350 ml ta' ilma ddistillat.

Wara li s-soluzzjoni tkun birdet għat-temperatura tal-kamra, iddilwa għal litru wieħed bl-ilma.

(ii) Ammonja, soluzzjoni dilwita

Iddilwa 80 ml ta' soluzzjoni ta' ammonja (densità relattiva f'20 °C: 0,88) għal litru wieħed bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fil-flask konikali bit-tapp tal-ħġieġ ta' kapaċita ta' għallinqas 500 ml, żid 200 ml ta' 75 % ta' aċidu sulfuriku għal kull gramm tal-kampjun, daħħal it-tapp u b'attenzjoni ħawwad il-flask biex ixxarrab il-kampjun.

Żomm il-flask f'50 ± 5 °C għal siegħa, ħawwdu f'intervalli regolari ta' bejn wieħed u ieħor 10 minuti. Iffiltra l-kontenut mill-griġjol filtru miżun permezz tal-ġbid tal-arja. Ittrasferixxi xi fibri residwi billi taħsel il-flask b'daqsxejn aċidu sulfuriku ta' 75 %. Ixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja u aħsel il-fdal fuq il-filtru darba bil-mili tal-griġjol b'porzjon frisk ta' aċidu sulfuriku. La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma l-aċidu jkun ixxotta taħt gravità.

Aħsel suċċessivament il-fdal diversi drabi bl-ilma kiesaħ, darbtejn b'soluzzjoni ta' ammonja dilwita, u mbagħad waħda sew bl-ilma kiesaħ, waqt li tixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja wara kull addizzjoni. La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma kull likur tal-ħasil ikun ixxotta taħt gravità. Fl-aħħar nett, ixxotta l-likwidu li jifdal mill-griġjol bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 8

AKRILIKI, ĊERTI MODAKRILIKI JEW ĊERTI KLOROFIBRI U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu bl-użu tad-dimethylformamide)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. akriliki (26), ċerti modakriliki (29), jew ċerti klorofibri (27) ([1]).

ma'

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), kupru (21), modal (22), viskuż (25), poliamide jew najlon (30), poliester (35), elastomultiester (46), elastolefin (47) u melamina (48).

Huwa applikabbli ugwalment għall-akriliki, u ċerti modakriliki, ittrattati b'żebgħa mmetallizzata minn qabel, iżda mhux għal dawk miżbugħin b'żebgħat afterchrome.

([1]) It-tidwib ta' modaċriliki bħal dawn jew ta' klorofibri fir-reaġent għandu jiġi vverifikat qabel ma titwettaq l-analiżi.

2. IL-PRINĊIPJU

L-akrilik, il-modakrilik jew il-klorofibra jiġi mdewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, bid-dimethylformamide msaħħan f'banju ilma fil-punt tat-togħlija. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen. Il-piż tiegħu, ikkorreġut jekk ikun meħtieġ, jiġi mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita u l-perċentwali tal-akrilik, il-modakrilik jew tal-klorofibra niexfa jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Banju tal-ilma fil-punt tat-togħlija.

3.2. Reaġent

Dimethylformamide (punt tat-togħlija 153 ± 1 °C) li ma jkunx fih iktar minn 0,1 % ilma.

Ir-reaġent huwa tossiku u l-użu ta' għata huwa għalhekk rakkommandabbli.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-eżemplari miżmum fil-flask konikali bit-tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid għal kull gramma tal-eżemplari 80 ml ta' dimethylformamide, imsaħħan qabel f'banju bl-ilma fil-punt tat-togħlija, daħħal it-tapp, ħawwad il-flask biex ixxarrab l-eżemplari u saħħan fil-banju bl-ilma fil-punt tat-togħlija għal siegħa. Ħawwad il-flask u l-kontenut tiegħu ġentilment bl-idejn għal ħames darbiet waqt dan il-perjodu.

Għaddi l-likwidu mill-griġjol filtru miżun, waqt li żżomm il-fibri fil-flask. Żid 60 ml oħra ta' dimethylformamide fil-flask u saħħan għal 30 minuta oħra, waqt li tħawwad il-flask u l-kontenut tiegħu ġentilment bl-idejn għal darbtejn matul dan il-perjodu.

Iffiltra l-kontenut tal-flask mill-griġjol filtru permezz tal-ġbid tal-arja.

Ittrasferixxi kwalunkwe fibra residwa fil-griġjol billi taħsel it-tazza minn ġewwa bid-dimethylformamide. Ixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja. Aħsel il-fdal b'madwar litru misħun jaħraq f'70 — 80 °C, waqt li timla l-griġjol kull darba.

Wara kull żieda ta' ilma, applika għal ftit ħin il-ġbid tal-arja imma mhux qabel ma l-ilma jkun ixxotta taħt gravità. Jekk il-likur tal-ħasil joħroġ mill-griġjol bil-mod ħafna tista' tinġibed l-arja kemm xejn.

Fl-aħħar nixxef il-griġjol mal-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr fil-każijiet li ġejjin:

suf 1,01

qoton 1,01

kupru 1,01

modal 1,01

poliester 1,01

elastomultiester 1,01

melamina 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 9

ĊERTI KLOROFIBRI U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Metodu li juża taħlita ta' 55,5/44,5 ta' disulfid tal-karbonju u aċetun)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. ċerti klorofibri (27), b'mod partikolari ċerti fibri tal-klorur tal-polivinil, kemm jekk ikklorinati wara kif ukoll jekk le ([1]).

ma'

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), kupru (21), modal (22), viskuż (25), akrilik (26), poliamide jew najlon (30), poliester (35), fibra tal-ħġieġ (44), elastomultiester (46), u melamina (48).

Meta l-kontenut tas-suf jew tal-ħarir tat-taħlita jaqbeż il-25 %, għandu jintuża l-metodu Nru 2.

Meta l-kontenut tal-poliamide jew najlon tat-taħlita jaqbeż il-25 %, għandu jintuża l-metodu Nru 4.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-klorofibra tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, b'taħlita ażeotropika ta' disulfid tal-karbonju u aċetun. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-fibra tal-klorur tal-polivinil niexfa jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Xejker mekkaniku.

3.2. Reaġenti

(i) Taħlita ażeotropika ta' disulfid tal-karbonju u aċetun (b'volum ta' 55,5 % ta' disulfid tal-karbonju sa 44,5 % aċetun). Billi dan ir-reaġent huwa tossiku, l-użu ta' għata protettiva huwa rakkommandabbli.

(ii) Etanol (volum ta' 92 %) jew metanol.

([1]) Qabel titwettaq l-analiżi għandu jiġi vverifikat it-tidwib tal-klorur tal-polivinil fir-reaġent.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fi flask konikali ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid 100 ml ta' taħlita ażeotropika għal kull gramma ta' kampjun. Issiġilla sewwa l-flask, u ħawwad il-flask fuq xejker mekkaniku, jew b'mod vigoruż bl-idejn, għal 20 minuta f'temperatura tal-kamra.

Għaddi l-likwidu li jgħum fil-wiċċ minn ġewwa l-griġjol filtru miżun.

Irrepeti t-trattament b'100 ml ta' reaġent frisk. Kompli dan iċ-ċiklu ta' operazzjonijiet sakemm ebda depożitu ta' polimeri ma jibqa' fuq il-ħġieġa tal-laboratorju meta tevapora qatra mill-estrazzjoni. Ittrasferixxi l-fdal għall-griġjol filtru billi tuża iktar reaġent, applika l-ġbid tal-arja biex tneħħi l-likwidu, u laħlaħ il-griġjol u l-fdal b'20 ml ta' alkoħol u mbagħad tliet darbiet bl-ilma. Ħalli l-likur tal-ħasil jixxotta taħt gravità qabel ma jixxotta bil-ġbid tal-arja. Nixxef il-griġjol u l-fdal u berridhom u iżinhom.

*Nota:*

Ma' ċerti taħlitiet li jkollhom kontenut għoli ta' klorofibra, il-kampjun jista' jinxtorob b'mod sostanzjali waqt il-proċedura tat-tnixxif, li b'riżultat ta' dan it-tidwib tal-klorofibra bis-solvent jittardja.

Dan, iżda, ma jaffettwax it-tidwib aħħari tal-klorofibra fis-solvent.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksubin b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 10

AĊETAT U ĊERTI KLOROFIBRI

(Metodu li juża l-aċidu aċetiku glaċjali)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. aċetat (19)

ma'

2. ċerti klorofibri (27), b'mod partikolari ċerti fibri tal-klorur tal-polivinil, kemm jekk ikklorinati wara kif ukoll jekk le, elastolefin (47) u melamina (48).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-aċetat tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, b'aċidu aċetiku glaċjali. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-aċetat xott jinstab permezz tad-differenza.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Xejker mekkaniku.

3.2. Reaġent

Aċidu aċetiku glaċjali (iktar minn 99 %). Dan ir-reaġent għandu jiġi ttrattatt b'attenzjoni minħabba li huwa kawstiku ħafna.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fi flask konikali ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid 100 ml ta' aċidu aċetiku glaċjali għal kull gramma tal-eżemplari. Issiġilla sewwa l-flask, u ħawwdu fuq xekjer mekkaniku, jew b'mod vigoruż bl-idejn, għal 20 minuta f'temperatura tal-kamra. Għaddi l-likwidu li jgħum fil-wiċċ minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Irrepeti t-trattament għal darbtejn, billi tuża 100 ml ta' reaġent frisk kull darba, waqt li tagħmel tliet estrazzjonijiet b'kollox.

Ittrasferixxi l-fdal għall-griġjol filtru, ixxotta bil-ġbid tal-arja biex tneħħi l-likwidu u laħlaħ il-griġjol u l-fdal b'50 ml ta' aċidu aċetiku glaċjali, u mbagħad tliet darbiet bl-ilma. Wara kull tlaħliħa, ħalli l-likwidu jixxotta taħt gravità qabel ma tapplika l-ġbid tal-arja. Nixxef il-griġjol u l-fdal u berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksubin b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 11

ĦARIR U SUF JEW XAGĦAR

(Metodu li juża 75 % m/m ta' aċidu sulfuriku)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. ħarir (4)

ma'

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), elastolefin (47) u melamina (48).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-ħarir tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, b'75 % m/m aċidu sulfuriku [1].

Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen. Il-piż tiegħu, korrett jekk meħtieġ, huwa mfisser bħala perċentwali tal-piż xott tat-taħlita. Il-perċentwali ta' ħarir xott jinstab permezz tad-differenza.

[1] Il-ħarir selvaġġ, bħall-ħarir tussah, ma jdubx għal kollox f'75 % m/m ta' aċidu sulfuriku.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

3.2. Reaġenti

(i) Aċidu sulfuriku (75 ± 2 % m/m)

Ħejji billi żżid b'attenzjoni, waqt li tberred, 700 ml ta' aċidu sulfuriku (densità ta' 20 °C: 1,84) ma' 350 ml ta' ilma ddistillat.

Wara li tberred għat-temperatura tal-kamra, iddilwa għal litru wieħed bl-ilma.

(ii) Aċidu sulfuriku, soluzzjoni dilwita: żid 100 ml aċidu sulfuriku (densità ta' 20 °C: 1,84) bil-mod ma' 1 900 ml ta' ilma ddistillat.

(iii) Ammonja, soluzzjoni dilwita: iddilwa 200 ml ta' ammonja konċentrata (densità ta' 20 °C: 0,880) għal 1 000 ml bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fi flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid 100 ml ta' 75 % m/m aċidu sulfuriku għal kull gramma tal-eżemplari u poġġi t-tapp. Ħawwad b'mod vigoruż u ħallih għal 30 minuta f'temperatura tal-kamra. Ħawwad mill-ġdid u ħallih joqgħod għal 30 minuta.

Ħawwad għall-aħħar darba u ffiltra l-kontenut tal-flask minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Aħsel kwalunkwe fibri li jkun fadal mill-flask bir-reaġent ta' 75 % ta' aċidu sulfuriku. Aħsel il-fdal fuq il-griġjol suċċessivament b'50 ml ta' reaġent ta' aċidu sulfuriku dilwit, 50 ml ilma u 50 ml ta' soluzzjoni ta' ammonja dilwita. Kull darba ħalli li l-fibri jibqgħu f'kuntatt mal-likwidu għal madwar 10 minuti qabel ma tapplika l-ġbid bl-arja. Finalment laħlaħ bl-ilma, waqt li tħalli l-fibri f'kuntatt mal-ilma għal madwar 30 minuta.

Ixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 0,985 għas-suf, 1,00 għall-elastolefin u 1,01 għall-melamina.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 12

ĠUTA U ĊERTI FIBRI TAL-ANNIMALI

(Il-metodu bid-determinazzjoni tal-kontenut tan-nitroġenu)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. ġuta (9)

ma'

2. ċerti fibri tal-annimali.

Il-komponent tal-fibra tal-annimali jista' jkun magħmul biss minn xagħar (2 u 3) jew suf (1) jew minn kwalunkwe taħlita tat-tnejn. Dan il-metodu mhuwiex applikabbli għal taħlitiet tat-tessuti li jkun fihom materja mhux fibruża (żebgħa, tirqim, eċċ) b'bażi ta' nitroġenu.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-kontenut tan-nitroġenu tat-taħlita jiġi determinat, u minn dan u mill-kontenut magħruf jew maħsub tan-nitroġenu taż-żewġ komponenti, jiġi kkalkulat il-proporzjon ta' kull komponent.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask tad-diġestjoni Kjeldahl, ta' kapaċità ta' 200 — 300 ml.

(ii) Apparat tad-distillazzjoni Kjeldahl b'injezzjoni tal-fwar.

(iii) Apparat tat-titrazzjoni, li jippermetti preċiżjoni ta' 0,05 ml.

3.2. Reaġenti

(i) Toluene.

(ii) Metanol.

(iii) Aċidu sulfuriku, densità relattiva f'20 °C: 1,84.

(iv) Sulfat tal-potassju.

(v) Diossidu tas-selenju.

(vi) Soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju (400 g/litru). Dewweb 400 g ta' idrossidu tas-sodju f'400 – 500 ml ilma u ddilwa sa litru wieħed bl-ilma.

(vii) Indikatur imħallat. Dewweb 0,1 g ta' metil aħmar f'95 ml etanol u 5 ml ilma, u ħallat ma' 0,5 g ta' bromocresol aħdar imdewweb f'475 ml etanol u 25 ml ilma.

(viii) Soluzzjoni ta' aċidu boriku. Dewweb 20 g ta' aċidu boriku f'litru wieħed tal-ilma.

(ix) Aċidu sulfuriku, 0,02N (soluzzjoni volumetrika standard).

4. TRATTAMENT MINN QABEL TA' KAMPJUN TAT-TEST

Il-trattament minn qabel li ġej huwa sostitwit bit-trattament minn qabel deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali:

Islet il-kampjun mingħajr arja f'apparat Soxhlet ma' taħlita ta' volum wieħed ta' toluene u tliet volumi ta' metanol għal erba' sigħat f'rata minima ta' ħames ċikli kull siegħa. Ħalli s-solvent jevapora mill-kampjun fl-arja, u neħħi l-aħħar traċċi f'forn f'105 ± 3 °C. Imbagħad agħmel estrazzjoni tal-kampjun fl-ilma (50 ml għal kull gramm tal-kampjun) billi tgħallih taħt rifluss għal 30 minuta. Iffiltra, reġġa' lura l-kampjun fil-flask, u rripeti l-estrazzjoni b'volum identiku ta' ilma. Iffiltra, neħħi l-ilma żejjed mill-kampjun bit-tagħsir, ġbid jew billi tiċċentrifugah u mbagħad ħalli l-kampjun jinxef bl-arja.

*Nota:*

L-effetti tossiċi tat-toluene u l-metanol għandhom jitqiesu l-ħin kollu u għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha fl-użu tagħhom.

5. PROĊEDURA TAT-TEST

5.1. Struzzjonijiet ġenerali

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali rigward l-għażla, it-tnixxif u l-użin tal-kampjun.

5.2. Proċedura ddettaljata

Ittrasferixxi l-kampjun għal ġewwa flask tad-diġestjoni Kjeldahl. Għall-eżemplari li jiżen għallinqas 1 g miżmum fil-flask tad-diġestjoni, żid, bl-ordni li ġejja, 2,5 g sulfat tal-potassju, 0,1 — 0,2 g diossidu tas-selenju u 10 ml aċidu sulfuriku (densità relattiva 1,84). Saħħan il-flask, fil-bidu b'mod ħafif, sakemm tinqered il-fibra kollha, u mbagħad saħħnu iktar bis-saħħa sakemm is-soluzzjoni ssir ċara u kważi bla kulur. Saħħanha għal 15-il minuta oħra. Ħalli l-flask jibred, iddilwa l-kontenut b'attenzjoni b'10 — 20 ml ilma, berred, ittrasferixxi l-kontenut b'mod kwantitattiv għal flask gradwat ta' 200 ml u żid il-volum bl-ilma biex tifforma s-soluzzjoni diġestiva. Poġġi madwar 20 ml soluzzjoni ta' aċidu boriku fi flask konikali ta' 100 ml u poġġi l-flask taħt il-kondenser tal-apparat tad-distillazzjoni Kjeldahl b'tali mod li t-tubu tat-twassil jogħdos eżatt taħt il-wiċċ tas-soluzzjoni tal-aċidu boriku. Ittrasferixxi eżattament 10 ml tas-soluzzjoni diġestiva fil-flask tad-distillazzjoni, żid mhux inqas minn 5 ml soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju fil-lembut, għolli ftit it-tapp u ħalli s-soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju tinżel bil-mod fil-flask. Jekk is-soluzzjoni diġestiva u s-soluzzjoni tal-idrossidu tas-sodju jibqgħu bħala żewġ saffi separati, ħallathom billi taġita b'mod ħafif. Saħħan il-flask tad-distillazzjoni ġentilment u għaddih fil-fwar mill-ġeneratur. Iġbor madwar 20 ml tad-distillat, baxxi l-flask konikali biex it-tarf tat-tubu tat-twassil tal-kondenser ikun madwar 20 mm 'l fuq mill-wiċċ tal-likwidu u ddistilla għal minuta oħra. Laħlaħ it-tarf tat-tubu tat-twassil bl-ilma, waqt li taqbad il-likwidu maħsul fil-flask konikali. Neħħi l-flask konikali u ibdlu ma' flask konikali ieħor li jkun fih bejn wieħed u ieħor 10 ml soluzzjoni ta' aċidu boriku u iġbor madwar 10 ml mill-iddistillat.

Ittitra ż-żewġ distillati separatament b'0,02N aċidu sulfuriku, uża l-indikatur imħallat. Irreġistra t-titrazzjoni totali għaż-żewġ distillati. Jekk it-titrazzjoni għat-tieni distillat hija iktar minn 0,2 ml, irrepeti t-test u ibda d-distillazzjoni mill-ġdid b'użu ta' alikwot tas-soluzzjoni diġestiva friska.

Wettaq determinazzjoni vojta, jiġifieri diġestjoni u distillazzjoni li fiha tuża biss ir-reaġenti.

6. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

6.1. Ikkalkula l-perċentwali tal-kontenut tan-nitroġenu fil-kampjun xott kif ġej:

$$A\,\% = \frac{28(V - b)N}{W}$$

fejn

A = perċentwali ta' nitroġenu fil-kampjun nadif xott,

V = il-volum totali f'ml ta' aċidu sulfuriku standard użat fid-determinazzjoni,

b = volum totali f'ml ta' aċidu sulfuriku standard użat fid-determinazzjoni vojta,

N = normalità tal-aċidu sulfuriku standard,

W = piż xott (g) tal-kampjun.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

6.2. Billi tuża l-valuri ta' 0,22 % għall-kontenut tan-nitroġenu tal-ġuta u 16,2 % għall-kontenut tan-nitroġenu tal-fibri tal-annimali, waqt li ż-żewġ perċentwali jiġu espressi fuq il-piż xott tal-fibra, ikkalkula l-komposizzjoni tat-taħlita kif ġej:

$$PA\ \% = \frac{A - 0{,}22}{16{,}2 - 0{,}22} \times 100$$

fejn

PA = il-perċentwali tal-fibra tal-annimali fil-kampjun nadif xott.

7. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 13

FIBRI TAL-POLIPROPILENE U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu tal-Ksilin)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. fibri tal-polipropilene (37)

ma'

2. suf (1), xagħar tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), aċetat (19), kupru (21), modal (22), triaċetat (24), viskuż (25), akrilik (26), poliamid jew najlon (30), poliester (35), fibra tal-ħġieġ (44), elastomultiester (46) u melamina (48).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibra tal-polipropilene tiġi mdewwba minn piż xott magħruf tat-taħlita bil-ksilin jagħli. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tal-polipropilene jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Reflux condenser (tajjeb għal likwidi b'punt tat-togħlija għolja), li joqgħod fi flask konikali (i).

3.2. Reaġent

Iddistillar tal-ksilin bejn 137 u 142 °C.

*Nota:*

Dan ir-reaġent jista' jieħu n-nar faċilment u għandu duħħan tossiku. Meta jintuża wieħed irid jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-eżemplari miżmum fil-flask konikali (3.1 (i)), żid 100 ml ta' ksilin (3.2) għal kull gramm tal-eżemplari. Waħħal il-kondenser (3.1 (ii)), wassal il-kontenut għat-togħlija u żommu fil-punt tat-togħlija għal tliet minuti.

Minnufih għaddi l-likwidu sħun minn ġewwa l-griġjol filtru miżun (ara Nota 1). Irrepeti dan it-trattament għal darbtejn oħra, waqt li kull darba tuża porzjon frisk ta' 50 ml tas-solvent.

Aħsel il-fdal li jibqa' fil-flask b'mod suċċessiv bi 30 ml ta' ksilin jagħli (darbtejn), imbagħad b'75 ml ta' żejt mhux raffinat ħafif (I.3.2.1 tal-istruzzjonijiet ġenerali) (darbtejn). Wara t-tieni ħasla bil-petroleum ħafif, iffiltra l-kontenut tal-flask mill-griġjol, ittrasferixxi kwalunkwe fibri residwi għall-griġjol bl-għajnuna ta' kwantità żgħira ta' żejt mhux raffinat ħafif u ħalli s-solvent jevapora. Nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

*Noti:*

1. Il-griġjol filtru li minnu jiġi mferra' l-ksilin għandu jissaħħan minn qabel.

2. Wara t-trattament bil-ksilin jagħli, żgura li l-flask li jkun fih il-fdal jiġi mberred biżżejjed qabel ma jiġi introdott iż-żejt mhux raffinat ħafif.

3. Biex tnaqqas il-perikli tan-nar u ta' tossiċità għall-operatur, jista' jintuża apparat jaħraq ta' estrazzjoni li juża l-proċeduri xierqa, u li jagħti riżultati identiċi ([1]).

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

METODU Nru 14

KLOROFIBRI (OMOPOLIMERI TAL-KLORUR TAL-VINIL) U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Metodu tal-aċidu sulfuriku konċentrat)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. klorofibri (27) ibbażati fuq omopolimeri tal-klorur tal-vinil, kemm jekk wara li ġew klorinati kif ukoll jekk le, elastolefin (47)

   ma'

2. qoton (5), aċetat (19) kupru (21), modal (22), triaċetat (24), viskuż (25), ċerti akriliki (26), ċerti modakriliki (29), poliamid jew najlon (30), poliester (35), elastomultiester (46), u melamina (48).

Il-modakriliki konċernati huma dawk li jagħtu soluzzjoni limpida meta mgħaddsa fl-aċidu sulfuriku kkonċentrat (densità relattiva 1,84 f'20 °C).

Dan il-metodu jista' jintuża minflok il-metodi Nri 8 u 9.

([1]) Ara pereżempju l-apparat deskritt f'*Melliand Textilberichte* 56 (1975), p. 643-645.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2. IL-PRINĊIPJU

Il-kostitwent għajr il-klorofibra u l-elastolefin (jiġifieri l-fibri li ssemmew fil-paragrafu 1.2) jinħall mill-piż xott magħruf tat-taħlita mal-aċidu sulfuriku konċentrat (densità relattiva 1,84 f'temperatura ta' 20 °C).

Il-fdal, li jikkonsisti fi klorofibra jew f'elastolefin, jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tat-tieni kostitwenti tinkiseb mid-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Virga tal-ħġieġ bit-tarf iċċattjat.

3.2. Reaġenti

(i) Aċidu sulfuriku kkonċentrat (densità relattiva 1,84 f'20 °C).

(ii) Aċidu sulfuriku, bejn wieħed u ieħor 50 % (m/m) ta' soluzzjoni milwiema.

Ħejji billi żżid b'attenzjoni, waqt li tberred, 400 ml ta' aċidu sulfuriku (densità relattiva 1,84 f'20 °C) ma' 500 ml ilma ddistillat jew dejonizzat. Wara li tberred għat-temperatura tal-kamra, iddilwa s-soluzzjoni għal litru wieħed bl-ilma.

(iii) Ammonja, soluzzjoni dilwita.

Iddilwa 60 ml ta' soluzzjoni ta' ammonja konċentrata (densità relattiva ta' 0,880 f'20 °C) għal litru wieħed bl-ilma ddistillat.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-eżemplari miżmum fil-flask (3.1 (i)), żid 100 ml ta' aċidu sulfuriku (3.2 (i)) għal kull gramma tal-eżemplari.

Żomm il-kontenut tal-flask f'temperatura tal-kamra għal 10 minuti u f'dan il-ħin ħawwad il-kampjun tat-test okkażjonalment permezz tal-virga tal-ħġieġ. Jekk drapp minsuġ jew innittjat ikun qiegħed jiġi ttrattat, ikkumpressah bejn il-flask u l-virga tal-ħġieġ u uża pressa ħafifa biex tissepara l-materjal imdewweb bl-aċidu sulfuriku.

Għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Żid fil-flask porzjon ġdid ta' 100 ml ta' aċidu sulfuriku (3.2 (i)) u rrepeti l-istess proċess. Ittrasferixxi l-kontenut ta' ġewwa l-flask fil-griġjol filtru u ttrasferixxi l-fdal fibruż għal hemm bl-għajnuna tal-virga tal-ħġieġ. Jekk meħtieġ, żid daqsxejn aċidu sulfuriku kkonċentrat (3.2 (i)) fil-flask biex tneħħi xi fibri li jkunu weħlu mal-ġenb tal-ħġieġ tal-flask. Ixxotta l-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja; neħħi l-filtrat billi tbattal jew tbiddel il-flask filtru, aħsel il-fdal fil-griġjol suċċessivament b'50 % soluzzjoni ta' aċidu sulfuriku (3.2 (ii)), ilma ddistillat jew dejonizzat (I.3.2.3) tal-istruzzjonijiet ġenerali, soluzzjoni ta' ammonja (3.2 (iii)) u fl-aħħar aħsel sewwa bl-ilma ddistillat jew dejonizzat, waqt li tixxotta l-griġjol bil-ġbid tal-arja wara kull addizzjoni. (Tapplikax il-ġbid tal-arja waqt l-operazzjoni tal-ħasil, iżda biss wara li l-likwidu jixxotta bil-gravità). Nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa ta' 1,00 għajr għall-melamina, li għaliha "d" = 1,01.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

METODU Nru 15

KLOROFIBRI, ĊERTI MODAKRILIKI, ĊERTI ELASTANI, AĊETATI, TRIAĊETATI U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Il-metodu bl-użu tas-cyclohexanone)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. aċetat (19), triaċetat (24), klorofibra (27), ċerti modakriliki (29), ċerti elastani (43)

ma'

2. suf (1), suf tal-annimali (2 u 3), ħarir (4), qoton (5), cupro (21), modal (22), viskuż (25), poliamid jew najlon (30), akrilik (26), fibra tal-ħġieġ (44) u melamina (48).

Fejn il-modakriliki jew l-elastani huma preżenti għandu l-ewwel jitwettaq test preliminari biex jiddetermina jekk il-fibra ddubx kompletament fir-reaġent.

Huwa wkoll possibbli li t-taħlitiet li fihom il-klorofibri jiġu analizzati bl-użu tal-metodu Nru 9 jew 14.

2. IL-PRINĊIPJU

Il-fibri tal-aċetat u tat-triaċetat, il-klorofibri, ċerti modakriliki u ċerti elastani jiddewbu minn piż xott magħruf bis-Cyclohexanone f'temperatura qrib il-punt tat-togħlija. Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali ta' klorofibra, modakrilik, elastane, aċetat u triaċetat jinstab permezz tad-differenza.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Apparat ta' estrazzjoni sħun addattat għall-użu fil-proċedura tat-test fis-sezzjoni 4. (Ara l-figura: dan huwa varjant tal-apparat deskritt fil-Melliand Textilberichte 56 (1975) 643 — 645).

(ii) Griġjol filtru li jesa' l-eżemplari.

(iii) Regolatur poruż (grad tal-porożità 1).

(iv) Kondenser tar-riflaks li jista' jiġi addattat għall-flask tad-distillazzjoni.

(v) Strument tas-sħana.

3.2. Reaġenti

(i) Cyclohexanone, il-punt tat-togħlija 156 C.

(ii) Alkoħol etiliku, 50 % bil-volum.

*INNOTA SEWWA:*

Is-cyclohexanone jieħu n-nar malajr u huwa tossiku. Meta jintuża wieħed irid jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Ferragħ fil-flask tad-distillazzjoni 100 ml ta' cyclohexanone għal kull gramm ta' materjal, daħħal ir-reċipjent tal-estrazzjoni li fih ikun tpoġġa qabel il-griġjol filtru li fih il-kampjun u r-regolatur poruż, kemxejn inklinat. Daħħal il-kondenser tar-riflaks. Wassal għat-togħlija u kompli l-estrazzjoni għal 60 minuta bir-rata minima ta' 12-il ċiklu fis-siegħa.

Wara l-estrazzjoni u t-tibrid neħħi r-reċipjent tal-estrazzjoni, oħroġ il-griġjol filtru u neħħi r-regolatur poruż. Aħsel il-kontenut tal-griġjol filtru tlieta jew erba' darbiet b'50 % alkoħol tal-etiliku msaħħan sa madwar 60 °C u sussegwentement b'litru ilma f'60 °C.

La tapplikax ġbid tal-arja waqt jew bejn l-operazzjonijiet tal-ħasil. Ħalli l-likwidu jixxotta taħt gravità u mbagħad applika l-ġbid tal-arja.

Fl-aħħar, nixxef il-griġjol bil-fdal, berrdu u iżnu.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" huwa 1,00 bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

— ħarir u melamina 1,01

— akrilik 0,98.

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' fibri tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ±1 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

Dijagramma msemmija fil-punt 3.1 (i) tal-metodu n° 15



METODU 16

MELAMINA U ĊERTI FIBRI OĦRA

(Metodu li juża l-aċidu formiku jaħraq)

1. IL-QASAM TA' APPLIKAZZJONI

Dan il-metodu huwa applikabbli għal taħlitiet binarji, wara li titneħħa materja mhux fibruża, ta':

1. melamina (47)

ma'

2. qoton (5) u aramid (31).

2. IL-PRINĊIPJU

Il-melamina tiddewweb minn piż xott magħruf tat-taħlita, bl-aċidu formiku jaħraq (90 % bil-piż).

Il-fdal jinġabar, jinħasel, jitnixxef u jintiżen; il-massa, ikkoreġuta jekk ikun meħtieġ, hija espressa f'perċentwali tal-massa niexfa tat-taħlita. Il-perċentwali tat-tieni kostitwenti jinkiseb mid-differenza.

*Nota:*

Imxi strettament mal-medda ta' temperatura rakkomandata minħabba li t-tidwib tal-melamina jiddependi bil-kbir fuq it-temperatura.

3. APPARAT U REAĠENTI (għajr dawk speċifikati fl-istruzzjonijiet ġenerali)

3.1. Apparat

(i) Flask konikali b'tapp tal-ħġieġ ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml.

(ii) Banju tal-ilma jew xi apparat ieħor biex tħawwad u żżomm il-flask f'temperatura ta' 90 ± 2 °C.

3.2. Reaġenti

(i) Aċidu formiku (90 % m/m, densità relattiva f'20 °C: 1,204 g/ml). Iddilwa 890 ml ta' 98 sa 100 % m/m aċidu formiku (densità relattiva f'20 °C: 1,220 g/ml) għal litru wieħed bl-ilma.

L-aċidu formiku jaħraq huwa ferm korruživ u jrid jiġi mmaniġġjat b'attenzjoni.

(ii) Ammonja, soluzzjoni dilwita: iddilwa 80 ml ta' soluzzjoni ta' ammonja kkonċentrata (densità relattiva f'20 °C: 0,880) għal litru wieħed bl-ilma.

4. PROĊEDURA TAT-TEST

Segwi l-proċedura deskritta fl-istruzzjonijiet ġenerali u kompli kif ġej:

Mal-kampjun miżmum fi flask konikali ta' kapaċità ta' mill-inqas 200 ml, żid 100 ml aċidu formiku għal kull gramma tal-eżemplari. Poġġi t-tapp, ħawwad il-flask biex ixarrab il-kampjun. Żomm il-flask f'banju tal-ilma biex tħawwad f'temperatura ta' 90 ± 2 °C għal siegħa filwaqt li tħawdu bis-saħħa. Berred il-flask sa ma jiġi għat-temperatura tal-kamra. Għaddi l-likwidu minn ġewwa l-griġjol filtru miżun. Żid 50 ml ta' aċidu formiku fil-flask li fih il-fdal, ħawwad b'mod manwali u ffiltra l-kontenut tal-flask mill-griġjol filtru. Ittrasferixxi l-fibri residwi li jista' jifdal għall-griġjol billi taħsel il-flask bi ftit iktar reaġent ta' aċidu formiku. Qattar il-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja u aħsel il-fdal bir-reaġent tal-aċidu formiku, misħun, soluzzjoni ta' ammonja mħallta, u fl-aħħar bl-ilma kiesaħ, waqt li tqattar il-griġjol bil-ġbid tal-arja wara kull żieda. La tapplikax il-ġbid tal-arja qabel ma kull likur tal-ħasil ikun ixxotta taħt gravità. Fl-aħħar nett, nixxef il-griġjol filtru bil-ġbid tal-arja, nixxef il-griġjol u l-fdal, berridhom u iżinhom.

5. IL-KALKOLU U L-ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

Ikkalkola r-riżultati kif deskritt fl-istruzzjonijiet ġenerali. Il-valur ta' "d" għall-qoton u l-aramid huwa ta' 1,02.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

6. PREĊIŻJONI

Fuq taħlita omoġenja ta' materjali tat-tessuti, il-limiti ta' fiduċja tar-riżultati miksuba b'dan il-metodu mhumiex ikbar minn ± 2 għal livell ta' fiduċja ta' 95 %.

KAPITOLU 3

Analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet ta' tliet fibri

DAĦLA

B'mod ġenerali, il-metodi ta' analiżi kimika kwantitattiva huma bbażati fuq is-soluzzjoni selettiva tal-komponenti indvidwali. Hemm erba' varjanti possibbli ta' dan il-metodu:

1. Bl-użu ta' żewġ eżemplari tat-test differenti, komponent (a) jiġi maħlul mill-ewwel eżemplari tat-test, u komponent ieħor (b) mit-tieni eżemplari tat-test. Il-fdal li ma jinħallx ta' kull eżemplari jintiżen u l-perċentwali ta' kull wieħed miż-żewġ komponenti li jinħallu jiġi kkalkulat mit-telf fil-piż rispettiv. Il-perċentwali tat-tielet komponent (c) jiġi kkalkulat permezz tad-differenza.

2. Bl-użu ta' żewġ eżemplari tat-test differenti, komponent (a) jiġi maħlul mill-ewwel eżemplari tat-test, u żewġ komponenti (a u b) mit-tieni eżemplari tat-test. Il-fdal li ma jinħallx tal-ewwel eżemplari tat-test jintiżen u l-perċentwali tal-komponent (a) jiġi kkalkolat mit-telf fil-piż. Il-fdal li ma jinħallx tat-tieni eżemplari tat-test jintiżen; dan ikun jikkorrispondi għal komponent (ċ). Il-perċentwali tat-tielet komponent (b) jiġi kkalkolat permezz tad-differenza.

3. L-użu ta' żewġ eżemplari tat-test differenti, żewġ komponenti (a u b) jiġu mdewwba mill-ewwel eżemplari tat-test, u żewġ komponenti (b u ċ) mit-tieni eżemplari tat-test. Il-fdalijiet li ma jinħallux jikkorrispondu għal żewġ komponenti (ċ) u (a) rispettivament. Il-perċentwali tat-tielet komponent (b) jiġi kkalkolat permezz tad-differenza.

4. Bl-użu ta' eżemplari ta' test wieħed, wara t-tneħħija ta' wieħed mill-komponenti, il-fdal li ma jinħallx iffurmat miż-żewġ fibri l-oħra jintiżen u l-perċentwali tal-komponent li jinħall jiġi kkalkolat mit-telf fil-piż. Waħda miż-żewġ fibri tal-fdal tiddewweb, il-komponent li ma jinħallx jintiżen u l-perċentwali tat-tieni komponent li jinħall jiġi kkalkolat mit-telf fil-piż.

Fejn tista' ssir għażla, huwa tal-parir li jintuża wieħed mill-ewwel tliet varjanti.

Fejn tintuża analiżi kimika, l-espert responsabbli għall-analiżi għandu jieħu ħsieb li jagħżel metodi li jużaw solventi li jdewbu biss il-fibra(i) korretta(i), filwaqt li jħalli l-fibra(i) l-oħra intatta(i).

Permezz ta' eżempju, hemm tabella mogħtija fil-Kapitolu 3.VI li fiha ċertu numru ta' taħlit ta' tliet fibri, flimkien ma' metodi għall-analiżi ta' taħlit ta' żewġ fibri li jistgħu, fil-prinċipju, jintużaw għall-analiżi ta' dan it-taħlit bi tliet fibri.

Biex il-possibilità ta' żball titnaqqas għal minimu, huwa rrakkomandat li, kull meta jkun possibbli, għandha ssir analiżi kimika bl-użu ta' għallinqas tnejn mill-erba' varjanti hawn fuq imsemmija.

Qabel tgħaddi għal analiżi oħra, il-fibri kollha preżenti fit-taħlita għandhom jiġu identifikati. F'xi metodi kimiċi, il-komponent ta' taħlita li ma jdubx fl-ilma jista' jinħall parzjalment fir-reaġent użat biex idewweb il-komponent/i li jdub/u fl-ilma. Kull fejn kien possibbli, intgħażlu reaġenti li għandhom ftit jew l-ebda effett fuq il-fibri li ma jinħallux. Jekk ikun magħruf li jkun hemm telf fil-piż waqt l-analiżi, ir-riżultat għandu jiġi kkoreġut; għal dan l-għan, qed jingħataw fatturi ta' korrezzjoni. Dawn il-fatturi kienu determinati f'diversi laboratorji billi ġew ittrattati fibri mnaddfa bil-trattament minn qabel, bir-reaġent xieraq kif speċifikat fil-metodu tal-analiżi. Dawn il-fatturi ta' korrezzjoni japplikaw biss għall-fibri sottogradati u jistgħu jkunu meħtieġa fatturi differenti ta' korrezzjoni jekk il-fibri jkunu ġew degradati qabel jew matul l-ipproċessar. Jekk għandu jintuża r-raba' varjant, li fih il-fibra tat-tessut tkun soġġetta għall-azzjoni suċċessiva ta' żewġ solventi differenti, għandhom jiġu applikati fatturi ta' korrezzjoni għal telf possibbli fil-piż li fibra tkun għaddiet minnu fiż-żewġ trattamenti. Għallanqas għandhom isiru żewġ determinazzjonijiet, kemm fil-każ ta' separazzjoni manwali kif ukoll fil-każ ta' separazzjoni kimika.

I. Tagħrif komuni dwar metodi għall-analiżi kimika kwantitattiva ta' taħlit ta' tliet fibri.

Tagħrif komuni għall-metodi mogħtija għall-analiżi kimika kwantitattiva ta' taħlit ta' tliet fibri.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

I.1. Ambitu u qasam tal-applikazzjoni

Il-qasam ta' applikazzjoni ta' kull metodu għall-analizzar ta' taħlit b'żewġ fibri jispeċifika għal liema fibri l-metodu huwa applikabbli. (Ara l-Kapitolu 2, li għandu x'jaqsam ma' ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva ta' taħlit ta' żewġ fibri).

I.2. Prinċipju

Wara l-identifikazzjoni tal-komponenti ta' taħlita, il-materjal mhux fibruż jitneħħa permezz ta' trattament minn qabel addattat, u wara, jiġi applikat wieħed jew aktar mill-erba' varjanti tal-proċess ta' soluzzjoni selettiva deskritt fl-introduzzjoni. Għajr fejn dan joħloq diffikultajiet tekniċi, huwa preferibbli li l-komponent ewlieni tal-fibra jiddewweb biex jinkiseb il-komponent minuri tal-fibra bħala fdal finali.

I.3. Materjali u apparat

I.3.1. Apparat

I.3.1.1. Griġjoli filtru u flixkien tal-użin kbar biżżejjed li jżommu fihom griġjoli bħal dawn, jew kwalunkwe apparat li jagħti riżultati identiċi.

I.3.1.2. Termos.

I.3.1.3. Dessikkatur li jkun fih is-silika-ġel li jindika fih innifsu.

I.3.1.4. Forn ventilat għall-inxif tal-eżemplari f'105 ± 3 °C.

I.3.1.5. Miżien analitiku, preċiż sa 0,0002 g.

I.3.1.6. Soxhlet extractor jew apparat ieħor li jagħti riżultati identiċi.

I.3.2. Reaġenti

I.3.2.1. Żejt mhux raffinat ħafif, iddistillat mill-ġdid, medda ta' togħlija minn 40 sa 60 °C.

I.3.2.2. Reaġenti oħra huma speċifikati fis-sezzjonijiet addattati ta' kull metodu.

Ir-reaġenti kollha użati għandhom ikunu kimikament puri.

I.3.2.3. Ilma ddistillat jew dejonizzat.

I.3.2.4. Aċetun

I.3.2.5. Aċidu ortofosforiku.

I.3.2.6. Urea.

I.3.2.7. Bikarbonat tas-sodju.

I.4. Atmosfera ta' kundizzjonar u ttestjar

Minħabba li jiġu stabbiliti piżijiet xotti, mhux meħtieġ li tikkundizzjona l-kampjun jew li twettaq analiżi fl-atmosfera kkundizzjonata.

I.5. Kampjun tat-test tal-laboratorju

Ħu kampjun tat-test tal-laboratorju li huwa rappreżentattiv tal-kampjun tal-lott tal-laboratorju u huwa biżżejjed biex jipprovdi l-kampjuni kollha, kull wieħed ta' mill-inqas 1 g, li huma meħtieġa.

I.6. Trattament minn qabel tal-kampjun tat-test tal-laboratorju [1]

Fejn tkun preżenti sostanza li ma għandhiex titqies fil-kalkolazzjonijiet perċentwali (ara l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament), din għandha l-ewwel titneħħa permezz ta' metodu xieraq li ma jaffettwa l-ebda kostitwent tal-fibri.

(1) Ara l-Kapitolu 1.1.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Għal dan l-għan, materja mhux fibruża li tista' tiġi estratta b'żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma titneħħa billi l-kampjun tat-test imnixxef bl-arja f'estrattur Soxhlet jiġi ttrattat b'żejt mhux raffinat ħafif għal siegħa b'rata minima ta' sitt ċikli fis-siegħa. Ħalli ż-żejt ħafif jevapora mill-kampjun, li mbagħad jiġi estratt bi trattament dirett li jkun jikkonsisti fit-tixrib tal-kampjun fl-ilma fit-temperatura tal-kamra għal siegħa u mbagħad xarrbu fl-ilma f'65 ± 5 °C għal siegħa oħra, waqt li tħawwad il-likur minn ħin għal ieħor. Uża likur: proporzjon tal-kampjun ta' 100:1. Neħħi l-ilma żejjed mill-kampjun billi tagħsru, tiġbdu jew bl-użu ta' magni ċentrifugi u mbagħad ħalli l-kampjun jinxef bl-arja.

F'każ ta' elastolefin jew ta' taħlitiet ta' fibri li fihom l-elastolefin jew fibri oħra (suf, xagħar tal-annimali, ħarir, qoton, kittien, qanneb ġenwin, ġuta, abaka, alfa, kajjar, ġummar, rami, sisal, kupru, modal, proteina, viskuż, akrilik, poliamide jew najlon, poliesteri, elastomultiester) il-proċedura li għadha kemm ġiet deskritta għandha tkun daqsxejn modifikata, fil-fatt, iż-żejt mhux raffinat eteru ħafif għandu jinbidel bl-aċetun.

Meta materja mhux fibruża ma tkunx tista' titneħħa biż-żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma, għandha titneħħa billi tissostitwixxi l-metodu tal-ilma deskritt hawn fuq b'metodu adattat li bl-ebda mod ma jbiddel sostanzjalment kwalunkwe mill-kostitwenti tal-fibra. Madankollu, għal xi fibri ta' ħaxix naturali, mhux ibbliċjati (eż. l-ġuta, l-kajjar), għandu jiġi nnotat li trattament minn qabel normali biż-żejt mhux raffinat ħafif u bl-ilma ma jneħħix is-sostanzi mhux fibrużi naturali kollha; madankollu t-trattament addizzjonali ta' qabel ma jiġix applikat għajr jekk il-kampjun ikun fih tirqim li ma jinħallx la fiż-żejt mhux raffinat ħafif u lanqas fl-ilma.

Ir-rapporti tal-analiżi għandhom jinkludu dettalji sħaħ tal-metodi użati għat-trattament ta' qabel.

I.7. Proċedura tat-test

I.7.1. Struzzjonijiet ġenerali

I.7.1.1. Tnixxif

Mexxi l-operazzjonijiet kollha tat-tnixxif għal mhux anqas minn erba' siegħat u mhux aktar minn 16-il siegħa f'105 ± 3 C f'forn ventilat bil-bieba tal-forn magħluqa minn kullimkien. Jekk il-perjodu ta' tnixxif ikun inqas minn 14-il siegħa, il-kampjun għandu jkollu l-piż ikkontrollat biex jiġi determinat jekk it-toqol tiegħu huwiex kostanti. Il-piż jista' jitqies li huwa konstanti jekk, wara perjodu ieħor ta' tnixxif ta' 60 minuta, il-varjazzjoni tiegħu hija inqas minn 0,05 %.

Evita li tmiss il-griġjoli u l-fliexken tal-użin, il-kampjuni jew ir-residwi bl-idejn waqt l-operazzjonijiet ta' tnixxif, tat-tibrid u tal-użin.

Kampjuni xotti fi flixkun tal-użin bl-għatu tiegħu maġenbu. Wara t-tnixxif, agħlaq il-flixkun tal-użin bit-tapp qabel ma tneħħih mill-forn, u ttrasferih mill-iktar fis possibbli lejn id-dessikatur.

Nixxef il-griġjol filtru fi flixkun tal-użin bl-għatu tiegħu maġenbu fil-forn. Wara t-tnixxif, agħlaq il-flixkun tal-użin u ttrasferih mill-iktar fis possibbli lejn id-dessikatur.

Fejn jintuża apparat ieħor għajr griġjol tal-filtru, għandhom jitwettqu proċessi ta' tnixxif fil-forn biex jiddeterminaw il-piż xott tal-fibri mingħajr telf.

I.7.1.2. Tibrid

Mexxi l-operazzjonijiet kollha tat-tibrid f'dessikatur, imqiegħed maġenb il-miżien, sakemm ikun intemm it-tibrid tal-fliexken tal-kejl, u f'kull każ għal mhux anqas minn sagħtejn.

I.7.1.3. Użin

Wara t-tkessiħ, kompli l-użin tal-flixkun tal-użin fi żmien żewġ minuti minn meta tneħħih mid-dessikatur; iżen sa preċiżjoni ta' 0,0002 g.

I.7.2. Proċedura

Ħu kampjun tat-test mill-kampjun tat-test tal-laboratorju ttrattat minn qabel ta' mill-inqas 1 g (fil-piż). Aqta' ħajt jew drapp f'tulijiet ta' madwar 10 mm, mifrudin kemm jista' jkun possibbli. Nixxef il-kampjun(i) fi flixkun/-fliexken tal-użin, berrdu/berridhom f'dessikatur u iżnu/iżinhom. Ittrasferixxi l-kampjun(i) għar-reċipjent(i) tal-ħġieġ speċifikat fit-taqsima xierqa tal-metodu tal-***Unjoni***, iżen mill-ġdid il-flixkun/fliexken tal-użin minnufih u kkalkula piż niexef/piżijiet niexfa tal-kampjun(i) permezz tad-differenza; wettaq it-test kif speċifikat fit-taqsima x-xierqa tal-metodu applikabbli. Eżamina l-fdal(ijiet) mikroskopikament biex tivverifika li fil-fatt it-trattament neħħa għal kollox il-fibra(i) li tinħall(jinħallu).

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

I.8. Kalkolu u espressjoni tar-riżultati

Esprimi l-piż ta' kull komponent bħala perċentwali tal-piż totali tal-fibra fit-taħlita. Ikkalkula r-riżultati fuq il-bażi tal-piż xott medju, aġġustat permezz (a) tal-konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma u (b) tal-fatturi ta' korrezzjoni meħtieġa biex jitqies it-telf ta' materja mhux fibruża matul it-trattament minn qabel u l-analiżi.

I.8.1. Kalkolu tal-perċentwali tal-piż tal-fibri xotti u nodfa mingħajr ma jingħata kas tat-telf tal-piż tal-fibra matul it-trattament minn qabel.

I.8.1.1. - VARJANT 1 -

Formoli li għandhom jiġu applikati fejn komponent tat-taħlita jitneħħa minn kampjun wieħed u jitneħħa komponent ieħor minn tieni kampjun:

$$P_1\ \% = \left[\frac{d_2}{d_1} - d_2 \times \frac{r_1}{m_1} + \frac{r_2}{m_2} \times \left(1 - \frac{d_2}{d_1}\right)\right] \times 100$$

$$P_2\ \% = \left[\frac{d_4}{d_3} - d_4 \times \frac{r_2}{m_2} + \frac{r_1}{m_1} \times \left(1 - \frac{d_4}{d_3}\right)\right] \times 100$$

$$P_3\ \% = 100 - (P_1\ \% + P_2\ \%)$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif (komponent fl-ewwel eżemplari li dab fl-ewwel reaġent);

$P_2$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif (komponent fit-tieni eżemplari li dab fit-tieni reaġent);

$P_3$ % huwa l-perċentwal tat-tielet komponent xott nadif (komponent li ma dab fl-ebda wieħed miż-żewġ eżemplari);

$m_1$ huwa l-piż xott tal-ewwel eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$m_2$ huwa l-piż xott tat-tieni eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$r_1$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħa l-ewwel komponent mill-ewwel eżemplari fl-ewwel reaġent;

$r_2$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħa t-tieni komponent mit-tieni eżemplari fit-tieni reaġent;

$d_1$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fl-ewwel reaġent, tat-tieni komponent li ma dabx fl-ewwel eżemplari [1];

$d_2$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fl-ewwel reaġent, tat-tielet komponent li ma dabx fl-ewwel eżemplari;

[1] Il-valuri ta' d huma indikati fil-Kapitolu 2 ta' dan l-Anness relatat mal-metodi varji għall-analiżi tat-taħlitiet b'żewġ fibri

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

$d_3$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fit-tieni reaġent, tal-ewwel komponent li ma dabx fit-tieni eżemplari;

$d_4$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fit-tieni reaġent, tat-tielet komponent li ma dabx fit-tieni eżemplari.

I.8.1.2. - VARJANT 2 -

Formoli li għandhom jiġu applikati fejn komponent (a) jitneħħa mill-ewwel kampjun tat-test, filwaqt li jħalli bħala fdal iż-żewġ komponenti l-oħra (b + ċ), u jitneħħew żewġ komponenti (a + b) mit-tieni kampjun tat-test, bit-tielet komponent (ċ) jitħalla bħala fdal:

$$P_1\ \% = 100 - (P_2\ \% + P_3\ \%)$$

$$P_2\ \% = 100 \times \frac{d_1 r_1}{m_1} - \frac{d_1}{d_2} \times P_3\ \%$$

$$P_3\ \% = \frac{d_4 r_2}{m_2} \times 100$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif (komponent fl-ewwel eżemplari li dab fl-ewwel reaġent);

$P_2$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif (komponent li jdub, fl-istess ħin tal-ewwel komponent tat-tieni eżemplari, fit-tieni reaġent);

$P_3$ % huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif (komponent li ma dab fl-ebda wieħed miż-żewġ eżemplari);

$m_1$ huwa l-piż xott tal-ewwel eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$m_2$ huwa l-piż xott tat-tieni eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$r_1$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħa l-ewwel komponent mill-ewwel eżemplari fl-ewwel reaġent;

$r_2$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħew l-ewwel u t-tieni komponenti mit-tieni eżemplari fit-tieni reaġent;

$d_1$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fl-ewwel reaġent, tat-tieni komponent li ma dabx fl-ewwel eżemplari;

$d_2$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fl-ewwel reaġent, tat-tielet komponent li ma dabx fl-ewwel eżemplari;

$d_4$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fit-tieni reaġent, tat-tielet komponent li ma dabx fit-tieni eżemplari.

I.8.1.3. - VARJANT 3 -

Formoli li għandhom jiġu applikati fejn jitneħħew żewġ komponenti (a + b) minn kampjun, filwaqt li t-tielet komponent (ċ) jitħalla bħala fdal, imbagħad jitneħħew żewġ komponenti (b + ċ) minn kampjun ieħor, bl-ewwel komponent (a) jitħalla bħala fdal:

$$P_1\ \% = \frac{d_3 r_2}{m_2} \times 100$$

$$P_2\ \% = 100 - (P_1\% + P_3\%)$$

$$P_3\ \% = \frac{d_2 r_1}{m_1} \times 100$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif (komponent li dab permezz tar-reaġent);

$P_2$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif (komponent li dab permezz tar-reaġent);

$P_3$ % huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif (komponent li dab fit-tieni eżemplari permezz tar-reaġent);

$m_1$ huwa l-piż xott tal-ewwel eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$m_2$ huwa l-piż xott tat-tieni eżemplari wara t-trattament minn qabel;

$r_1$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħew l-ewwel u t-tieni komponenti mill-ewwel eżemplari bl-ewwel reaġent;

$r_2$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħew it-tieni u t-tielet komponenti mit-tieni eżemplari bit-tieni reaġent;

$d_2$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fl-ewwel reaġent, tat-tielet komponent li ma dabx fl-ewwel eżemplari;

$d_3$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż fit-tieni reaġent tal-ewwel komponent li ma dabx fit-tieni eżemplari.

I.8.1.4. - VARJANT 4 -

Formola li għandha tiġi applikata fejn żewġ komponenti jitneħħew wara xulxin mit-taħlita bl-użu tal-istess kampjun:

$$P_1\ \% = 100 - (P_2\ \% + P_3\ \%)$$

$$P_2\ \% = \frac{d_1 r_1}{m} \times 100 - \frac{d_1}{d_2} \times P_3\ \%$$

$$P_3\ \% = \frac{d_3 r_2}{m} \times 100$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif (l-ewwel komponent li jdub);

$P_2$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif (it-tieni komponent li jdub);

$P_3$ % huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif (komponent li ma jdubx);

m huwa l-piż xott tal-kampjun wara t-trattament minn qabel;

$r_1$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħa l-ewwel komponent mill-ewwel reaġent;

$r_2$ huwa l-piż xott tal-fdal wara li jitneħħew l-ewwel u t-tieni komponenti mill-ewwel u t-tieni reaġent;

$d_1$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż tat-tieni komponent fl-ewwel reaġent;

$d_2$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż tat-tielet komponent fl-ewwel reaġent;

$d_3$ huwa l-fattur ta' korrezzjoni għat-telf fil-piż tat-tielet komponent fl-ewwel u t-tieni reaġenti.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

1.8.2. Kalkolu tal-perċentwali ta' kull komponent bl-aġġustament permezz ta' konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma u, fejn xieraq, permezz ta' fatturi ta' korrezzjoni għal telf fil-piż matul proċessi ta' trattament minn qabel:

Mogħtija:

$$A = 1 + \frac{a_1 + b_1}{100} \quad B = 1 + \frac{a_2 + b_2}{100} \quad C = 1 + \frac{a_3 + b_3}{100}$$

imbagħad:

$$P_1A\,\% = \frac{P_1A}{P_1A + P_2B + P_3C} \times 100$$

$$P_2A\,\% = \frac{P_2B}{P_1A + P_2B + P_3C} \times 100$$

$$P_3A\,\% = \frac{P_3C}{P_1A + P_2B + P_3C} \times 100$$

$P_1A$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif, inkluż il-kontenut tal-umdità u t-telf fil-piż matul it-trattament minn qabel;

$P_2A$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif, inkluż il-kontenut tal-umdità u t-telf fil-piż matul it-trattament minn qabel;

$P_3A$ % huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif, inkluż il-kontenut tal-umdità u t-telf fil-piż matul it-trattament minn qabel;

$P_1$ huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott nadif miksub permezz ta' waħda mill-formuli mogħtija f'I.8.1;

$P_2$ huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif miksub permezz ta' waħda mill-formuli mogħtija f'I.8.1;

$P_3$ huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif miksub permezz ta' waħda mill-formuli mogħtija f'I.8.1;

$a_1$ hija l-konċessjoni konvenzjonali miftiehma tal-ewwel komponent;

$a_2$ hija l-konċessjoni konvenzjonali miftiehma tat-tieni komponent;

$a_3$ hija l-konċessjoni konvenzjonali miftiehma tat-tielet komponent;

$b_1$ hija l-perċentwali tat-telf fil-piż tal-ewwel komponent matul it-trattament minn qabel;

$b_2$ hija l-perċentwali tat-telf fil-piż tat-tieni komponent matul it-trattament minn qabel;

$b_3$ hija l-perċentwali tat-telf fil-piż tat-tielet komponent matul it-trattament minn qabel.

Fejn jintuża trattament minn qabel speċjali, għandhom jiġu stabbiliti l-valuri $b_1$, $b_2$ u $b_3$, jekk ikun possibbli, billi kull komponent tal-fibra pura jiġi sottomess għal trattament minn qabel applikat fl-analiżi. Fibri puri huma dawk ħielsa minn kull materjal mhux fibruż għajr dawk li normalment ikunu jinsabu fihom (jew b'mod naturali jew minħabba l-proċess tal-manifattura), fl-istat (mhux ibbliċjat, ibbliċjat) li jinstabu fil-materjal li għad irid jiġi analizzat.

Fejn mhumiex disponibbli fibri kostitwenti separati u nodfa użati fil-manifattura tal-materjal li għandu jiġi analizzat, għandhom jintużaw il-valuri medji ta' $b_1$, $b_2$ u $b_3$ kif miksuba mit-testijiet imwettqa fuq fibri nodfa simili għal dawk fit-taħlita li tkun qegħda tiġi eżaminata.

Jekk jiġi applikat trattament normali minn qabel permezz tal-estrazzjoni biż-żejt mhux raffinat ħafif u l-ilma, il-fatturi ta' korrezzjoni $b_1$, $b_2$ u $b_3$ jistgħu ġeneralment ma jitqisux, għajr fil-każ ta' qoton mhux ibbliċjat, kittien mhux ibbliċjat u qanneb mhux ibbliċjat, fejn it-telf ikkawżat minn trattament minn qabel jitqies bħala ta' 4 %, u fil-każ ta' polipropilene, bħala 1 %.

Fil-każ ta' fibri oħra, normalment, ma jingħatax kas tat-telf minħabba trattament minn qabel fil-kalkoli.

I.8.3. Nota

Eżempji ta' kalkoli jinsabu fil-Kapitolu 3.V.

II. Metodu ta' analiżi kwantitattiva b'separazzjoni manwali ta' taħlitiet bi tliet fibri

II.1. Ambitu

Dan il-metodu huwa applikabbli għal fibri tat-tessuti ta' kull tip sakemm dawn ma jiffurmawx taħlita intima u sakemm ikun possibbli li dawn jiġu mifrudin bl-idejn.

II.2. Prinċipju

Wara l-identifikazzjoni tal-komponenti tat-tessuti, il-materja mhux fibruża titneħħa permezz ta' trattament minn qabel xieraq u mbagħad il-fibri jiġu sseparati bl-idejn, imnixxfa u jintiżnu biex jiġi kkalkolat il-proporzjon ta' kull fibra fit-taħlita.

II.3. Apparat

II.3.1. Fliexken tal-użin jew apparat ieħor li jagħti riżultati identiċi.

II.3.2. Dessikkatur li jkun fih is-silika-ġel li jindika fih innifsu.

II.3.3. Forn ventilat għall-inxif tal-eżemplari f'105 ± 3 °C.

II.3.4. Miżien analitiku preċiż sa 0,0002 g.

II.3.5. Soxhlet extractor jew apparat ieħor li jagħti riżultati identiċi.

II.3.6. Labra.

II.3.7. Twist tester jew apparat simili.

II.4. Reaġenti

II.4.1. Żejt mhux raffinat ħafif, distillat mill-ġdid, medda ta' togħlija 40 sa 60 °C.

II.4.2. Ilma ddistillat jew dejonizzat.

II.5. Atmosfera ta' kundizzjonar u ttestjar

Ara I.4.

II.6. Kampjun tat-test tal-laboratorju

Ara I.5.

II.7. Trattament minn qabel tal-kampjuni tat-test tal-laboratorju

Ara I.6.

II.8. Proċedura

II.8.1. Analiżi tal-ħajt

Mill-kampjun tal-test tal-laboratorju li ġie trattat minn qabel, agħżel eżamplari ta' piż mhux inqas minn1 g. Għal ħajt fin ħafna, l-analiżi tista' ssir fuq tul minimu ta' 30 m, ikun kemm ikun il-piż.

Aqta' l-ħajt f'biċċiet ta' tul addattat u ifred it-tipi ta' fibri permezz ta' labra u, jekk ikun meħtieġ, twist tester. It-tipi ta' fibra hekk miksuba jitqiegħdu fi fliexken tal-użin li jkunu ntiżnu minn qabel u mnixxfa għal 105 ± 3 °C sa toqol kostanti, kif deskritt f'I.7.1 u I.7.2.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

II.8.2. Analiżi tad-drapp

Mill-kampjun tat-test tal-laboratorju ttrattat minn qabel, agħżel eżemplari ta' piż ta' mhux anqas minn 1 g, li ma jinkludix ċmusa, bi truf mirqumin b'attenzjoni biex ikun evitat it-tiżrit u li jkun parallel mat-tgħama jew mal-ħjut għall-medd, jew fil-każ ta' drappijiet innittjati fil-linja tal-għoqod u l-korsijiet. Ifred it-tipi differenti ta' fibri u iġborhom fi fliexken tal-użin li jintiżnu minn qabel u pproċedi kif deskritt fi II.8.1.

II.9. Kalkolu u espressjoni tar-riżultati

Esprimi l-piż ta' kull fibra komponent bħala perċentwali tal-piż totali tal-fibri fit-taħlita. Ikkalkula r-riżultati fuq il-bażi ta' piż nadif u xott, aġġustati permezz (a) tal-konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma u (b) tal-fatturi ta' korrezzjoni meħtieġa biex jitqies it-telf fil-piż matul l-operazzjonijiet tal-trattament minn qabel.

II.9.1. Kalkolu tal-perċentwali tal-piż ta' fibra xotta u nadifa, mingħajr ma jingħata kas tat-telf fil-piż tal-fibra matul it-trattament minn qabel:

$$P_1\,\% = \frac{100\,m_1}{m_1 + m_2 + m_3} = \frac{100}{1 + \frac{m_2 + m_3}{m_1}}$$

$$P_2\,\% = \frac{100\,m_2}{m_1 + m_2 + m_3} = \frac{100}{1 + \frac{m_1 + m_3}{m_2}}$$

$$P_3\,\% = 100 - (P_1\,\% + P_2\,\%)$$

$P_1$ % huwa l-perċentwali tal-ewwel komponent xott, nadif;

$P_2$ % huwa l-perċentwali tat-tieni komponent xott nadif;

$P_3$ % huwa l-perċentwali tat-tielet komponent xott nadif;

$m_1$ huwa l-piż nadif niexef tal-ewwel komponent;

$m_2$ huwa l-piż nadif niexef tat-tieni komponent;

$m_3$ huwa l-piż nadif niexef tat-tielet komponent;

II.9.2. Għall-kalkolu tal-perċentwali ta' kull komponent bl-aġġustament permezz ta' konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma u, fejn xieraq, permezz ta' fatturi ta' korrezzjoni għal telf fil-piż matul it-trattament minn qabel: ara I.8.2.

III. Metodu ta' analiżi kwantitattiva ta' taħlitiet bi tliet fibri b'kombinazzjoni ta' separazzjoni bl-idejn u separazzjoni kimika

Fejn ikun possibbli, għandha tintuża separazzjoni manwali, waqt li jitqiesu l-proporzjonijiet ta' komponenti separati qabel jgħaddu għal kwalunkwe trattament kimiku ta' kull wieħed mill-komponenti separati.

IV.1. Preċiżjoni tal-metodi

Il-preċiżjoni indikata f'kull metodu tal-analiżi ta' taħlit ta' żewġ fibri għandha x'taqsam mar-riproduċibilità (ara l-Kapitolu 2 relatat ma' ċerti metodi għall-analiżi kwantitattiva tat-taħlit ta' żewġ fibri tat-tessut).

Ir-riproduċibilità tirreferi għall-affidabilità, jiġifieri l-qrubija tal-qbil bejn valuri esperimentali miksubin minn operaturi f'laboratorji differenti jew fi żminijiet differenti bl-użu tal-istess metodu u bil-kisba ta' riżultati individwali fuq eżemplari ta' taħlita omoġenja identika.

Ir-riproduċibilità hija espressa permezz ta' limiti ta' fiduċja tar-riżultati għal-livell ta' fiduċja ta' 95 %.

Dan ifisser li d-differenza bejn żewġ riżultati f'sensiela ta' analiżi magħmula f'laboratorji differenti, f'applikazzjoni normali u korretta tal-metodu għal taħlita omoġenja u identika, tinqabeż biss f'ħames każijiet minn 100.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Biex tiġi stabbilita l-preċiżjoni tal-analiżi ta' taħlita ta' tliet fibri, il-valuri indikati fil-metodi għall-analiżi ta' taħlit ta' żewġ fibri li ntużaw għall-analiżi tat-taħlita bi tliet fibri jiġu applikati bil-mod normali.

Billi fl-erba' varjanti tal-analiżi kimika kwantitattiva ta' taħlit ta' tliet fibri, hemm dispożizzjoni għal żewġ dissoluzzjonijiet (bl-użu ta' żewġ eżemplari separati għall-ewwel tliet varjanti u eżemplari singolari għar-raba' varjant) u, billi wieħed jassumi li $E_1$ u $E_2$ jirrappreżentaw il-preċiżjoni taż-żewġ metodi għall-analizzar ta' taħlit ta' żewġ fibri, il-preċiżjoni tar-riżultati għal kull komponent qed tintwera fit-tabella li ġejja:

| Fibra komponent | Varjanti | | |
|---|---|---|---|
| | 1 | 2 u 3 | 4. |
| a | $E_1$ | $E_1$ | $E_1$ |
| b | $E_2$ | $E_1+E_2$ | $E_1+E_2$ |
| c | $E_1+E_2$ | $E_2$ | $E_1+E_2$ |

Jekk ir-raba' varjant jintuża, il-grad ta' preċiżjoni jista' jinstab li jkun aktar baxx minn dak ikkalkulat bil-metodu muri hawn fuq, minħabba azzjoni possibbli tal-ewwel reaġent fuq il-fdal magħmul mill-komponenti b u c, li għandu jkun diffiċli li jiġi evalwat.

IV.2. Rapport tat-test

IV.1. Indika l-varjant(i) użati għat-twettiq tal-analiżi, il-metodi, ir-reaġenti u l-fatturi ta' korrezzjoni.

IV.2. Agħti dettalji ta' kwalunkwe trattament minn qabel speċjali (Ara I.6).

IV.3. Agħti r-riżultati individwali u l-medja aritmetika, kull wieħed sa punt deċimali wieħed.

IV.4. Kull meta jkun possibbli, agħti l-preċiżjoni tal-metodu għal kull komponent, ikkalkolat skont it-tabella fit-taqsima IV.1.

V. Eżempji tal-kalkolu tal-perċentwali tal-komponenti ta' ċertu taħlit ta' tliet fibri li jagħmlu użu minn xi wħud mill-varjanti deskritti fil-punt I.8.1.

Ikkonsidra l-każ ta' taħlita ta' fibra li meta analizzata b'mod kwantitattiv għall-kompożizzjoni ta' materja prima, tat il-komponenti li ġejjin: 1. suf imqardax; 2.najlon (poliamide); 3.qoton mhux ibbliċjat.

VARJANT Nru. 1

Bl-użu ta' dan il-varjant, jiġifieri bl-użu ta' żewġ eżemplari differenti u t-tneħħija ta' komponent wieħed (a = suf) permezz ta' dissoluzzjoni mill-ewwel eżemplari u t-tieni komponent (b = poliamide) mit-tieni eżemplari, jistgħu jinkisbu r-riżultati li ġejjin:

1. Il-piż xott tal-ewwel eżemplari wara t-trattament minn qabel huwa ta' $(m_1) = 1{,}6000$ g;

2. Il-piż xott tal-fdal wara t-trattament bl-ipoklorit tas-sodju alkalin (poliamide+qoton) $(r_1) = 1{,}4166$ g;

3. Il-piż xott tat-tieni eżemplari wara t-trattament minn qabel $m_2) = 1{,}8000$ g;

4. Il-piż xott tal-fdal wara t-trattament bl-aċidu formiku (suf+qoton) $(r_2) = 0{,}9000$ g

Trattament bl-ipoklorit tas-sodju alkalin ma jinvolvi l-ebda telf fil-piż ta' poliamide, filwaqt li qoton mhux ibbliċjat jitlef 3 %, għalhekk $d_1 = 1{,}0$ u $d_2 = 1{,}03$.

Trattament bl-aċidu formiku ma jinvolvi l-ebda telf fil-piż ta' suf jew qoton mhux ibbliċjat, għalhekk $d_3$ u $d_4 = 1{,}0$.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

Jekk il-valuri miksuba permezz tal-analiżi kimika u l-fatturi ta' korrezzjoni jiġu mibdula fil-formula taħt punt I.8.1.1, jinkiseb ir-riżultat li ġej:

$P_1$ % (suf) = [1,03/1,0 – 1,03 × 1,4166/1,6000 + 0,9000/1,8000 × (1 – 1,03/1,0)] × 100 = 10,30

$P_2$ % (poliamide) = [1,0/1,0 – 1,0 × 0,9000/1,8000 + 1,4166/1,6000 × (1– 1,0/1,0)] × 100 = 50,00

$P_3$ % (qoton) = 100 – (10,30 + 50,00) = 39,70.

Il-perċentwali tad-diversi fibri xotti u nodfa fit-taħlita huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| suf | 10,30 % |
| poliamide | 50,00 % |
| qoton | 39,70 %. |

Dawn il-perċentwali għandhom jiġu korretti skont il-formoli taħt punt I.8.2 biex jitqiesu wkoll il-konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma u l-fatturi ta' korrezzjoni għal kwalunkwe telf fil-piż wara t-trattament minn qabel.

Kif indikat fl-Anness IX, il-konċessjonijiet konvenzjonali miftiehma huma kif ġej: suf imqardax 17,0 %, poliamide 6,25 %, qoton 8,5 %, u wkoll il-qoton mhux ibbliċjat juru tnaqqis fil-piż ta' 4 %, wara trattament minn qabel b'żejt mhux raffinat ħafif u ilma.

Għalhekk:

$P_1A$ % (suf) = 10,30 × [1 + (17,0+0,0)/100]/[10,30 × (1 + (17,0 + 0,0)/100) + 50,00 × (1 + (6,25 + 0,0)/100) + 39,70 × (1 + (8,5 + 4,0/100)] × 100 = 10,97

$P_2A$ % (poliamide) = 50,0 × (1 + (6,25 + 0,0)/100)/109,8385 × 100 = 48,37

$P_3A$ % (qoton) = 100 – ((10,97 + 48,37) = 40,66.

Il-kompożizzjoni tal-materja prima tal-ħajta hija għalhekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| poliamide | 48,4 % |
| qoton | 40,6 % |
| suf | 11,0 % |
| | 100,0 %. |

VARJANT Nru. 4:

Ikkonsidra l-każ ta' taħlita ta' fibra li meta analizzata b'mod kwantitattiv tat il-komponenti li ġejjin: suf imqardax, viskuż, qoton mhux ibbliċjat.

Ejja ngħidu li bl-użu ta' varjant 4, jiġifieri t-tneħħija suċċessiva ta' żewġ komponenti mit-taħlita ta' kampjun waħdieni singolari, jinkisbu r-riżultati li ġejjin:

1. Il-piż xott tal-eżemplari wara t-trattament minn qabel ($m_1$) = 1,6000 g;

2. Il-piż xott tal-fdal wara t-trattament bl-ipoklorit tas-sodju alkalin (viskuż+qoton)

$(r_1)$ = 1,4166 g;

3. Il-piż xott tal-fdal wara t-tieni trattament tal-fdal $r_1$ bil-klorur taż-żingu/aċidu formiku (qoton)

$(r_2)$ = 0,6630 g.

Trattament bl-ipoklorit tas-sodju alkalin ma jinvolvi l-ebda telf fil-piż ta' viskuż, filwaqt li qoton mhux ibbliċjat jitlef 3 %, għalhekk $d_1$ = 1,0 u $d_2$ = 1,03.

Bħala riżultat ta' trattament bl-aċidu formiku-klorur taż-żingu, il-piż tal-qoton jiżdied b'4 %, biex b'hekk $d_3$ = 1,03 × 0,96 = 0,9888; li huwa approssimativ għal 0,99, (b'$d_3$ jkun il-fattur ta' korrezzjoni għat-telf rispettiv jew żieda fil-piż tat-tielet komponent fl-ewwel u t-tieni reaġenti).

Jekk il-valuri miksuba permezz tal-analiżi kimika u l-fatturi ta' korrezzjoni jiġu mibdula fil-formula mogħtija f'punt I.8.1.4, jinkiseb ir-riżultat li ġej:

$P_2$ % (viskuż) = 1,0 × 1,4166/1,6000 × 100 – 1,0/1,03 × 40,98 = 48,75 %

$P_3$ % (qoton) = 0,99 × 0,6630/1,6000 × 100 = 41,02 %

$P_1$ % (suf) = 100 - (48,75 + 41,02) = 10,23 %.

Kif diġà ġie indikat għall-Varjant 1, dawn il-perċentwali għandhom jiġu korretti permezz tal-formoli indikati f'punt I.8.2.

$P_1A$ % (suf) = 10,23 × [1 + (17,0+0,0 / 100)]/[10,23 × (1 + (17,00 + 0,0)/100) + 48,75 × (1 + (13 + 0,0/100) + 41,02 × (1 + (8,5 + 4,0)/100)] × 100 = 10,57 %

$P_2A$ % (viskuż) = 48,75 × [1 + (13 + 0,0)/100]/113,2041 ×100 = 48,65 %

$P_3A$ % (qoton) = 100 - ((10,57 + 48,65) = 40,78 %.

Il-kompożizzjoni tal-materja prima tat-taħlita hija għalhekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| viskuż | 48,6 % |
| qoton | 40,8 % |
| suf | 10,6 % |
| | 100,0 %. |

VI. Tabella ta' taħlitiet tipiċi bi tliet fibri li jistgħu jiġu analizzati bl-użu ta' metodi tal-Unjoni ta' analiżi ta' taħlitiet ta' żewġ fibri (għall-għanijiet illustrattivi)

| Nru tat-Tahlita | Fibri komponent | | | Varjant | In-numru tal-metodu użat u r-reaġent għal taħlitiet b'żewġ fibri |
|---|---|---|---|---|---|
| | Komponent 1 | Komponent 2 | Komponent 3 | | |
| 1. | suf jew xagħar | Viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | 1 u/jew 4 | 2. (ipolklorit tas-sodju alkalin) u 3 (klorur taż-żingu/aċidu formiku) |
| 2. | suf jew xagħar | poliamide 6 jew 6-6 | qoton, viskuż, kupru jew modal | 1 u/jew 4 | 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 3. | suf, xagħar jew ħarir | ċerti klorofibri | viskuż, kupru,modal jew qoton | 1 u/jew 4 | 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) u 9 (disulfid tal-karbonju/aċetun 55,5/44,5 w/w) |
| 4. | suf jew xagħar | poliamide 6 jew 6-6 | poliester, polipropilene, akrilik jew fibra tal-ħġieġ | 1 u/jew 4 | 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 5. | suf, xagħar jew ħarir | ċerti klorofibri | poliester, akrilik, poliamide, jew fibra tal-ħġieġ | 1 u/jew 4 | 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) u 9 (disulfid tal-karbonju/aċetun 55,5/44,5 w/w) |
| 6. | ħarir | suf jew xagħar | poliester | 2 | 11. (aċidu sulfuriku 75 % w/w) u 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) |
| 7. | poliamide 6 jew 6-6 | akrilik | qoton, viskuż, kupru jew modal | 1 u/jew 4 | 4. (aċidu formiku 80 % w/w) u 8. (dymethylformamide) |
| 8. | ċerti klorofibri | poliamide 6 jew 6-6 | qoton, viskuż, kupru jew modal | 1 u/jew 4 | 8. (dymethylformamide) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w)<br>jew 9. (disulfid tal-karbonju/aċetun, 55,5/44,5 % w/w) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 9. | akrilik | poliamide 6 jew 6-6 | poliester | 1 u/jew 4 | 8. (dymethylformamide) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 10. | aċetat | poliamide 6 jew 6-6 | viskuż, qoton, kupru jew modal | 4 | 1. (aċetun) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 11. | ċerti klorofibri | akrilik | poliamide | 2 u/jew 4 | 9. (disulfid tal-karbonju/aċetun, 55,5/44,5 % w/w) u 8. (dymethylformamide) |
| 12. | ċerti klorofibri | poliamide 6 jew 6-6 | akrilik | 1 u/jew 4 | 9. (disulfid tal-karbonju/aċetun, 55,5/44,5 % w/w) u 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) |
| 13. | poliamide 6 jew 6-6 | viskuż, kupru, modal jew qoton | poliester | 4 | 4. (aċidu formiku, 80 % w/w) u 7. (aċidu sulfuriku, 75 % w/w) |
| 14. | aċetat | viskuż, kupru, modal jew qoton | poliester | 4 | 1. (aċetun) u 7 (aċidu sulfuriku, 75 % w/w) |
| 15. | akrilik | viskuż, kupru, modal jew qoton | poliester | 4 | 8. (dymethylformamide) u 7 (aċidu sulfuriku, 75 % w/w) |
| 16. | aċetat | suf, xagħar jew ħarir | qoton, viskuż, kupru, modal, poliamide, poliester, akrilik | 4 | 1. (aċetun) u 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) |
| 17. | triaċetat | suf, xagħar jew ħarir | qoton, viskuż, kupru, modal, poliamide, poliester, akrilik | 4 | 6. (diklorometan) u 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) |
| 18. | akrilik | suf, xagħar jew ħarir | poliester | 1 u/jew 4 | 8. (dymethylformamide) u 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) |

| Nru tat-Tahlita | Fibri komponent | | | Varjant | In-numru tal-metodu użat u r-reaġent għal tahlitiet b'żewġ fibri |
|---|---|---|---|---|---|
| | Komponent 1 | Komponent 2 | Komponent 3 | | |
| 19. | akrilik | ħarir | suf jew xagħar | 4 | 8. (dymethylformamide) u 11. (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 20. | akrilik | suf, xagħar jew ħarir | qoton, viskuż, kupru jew modal | 1 u/jew 4 | 8. (dymethylformamide) u 2 (ipoklorit tas-sodju alkalin) |
| 21. | suf, xagħar jew ħarir | qoton, viskuż, modal, kupru | poliester | 4 | 2. (ipoklorit tas-sodju alkalin) u 7. (aċidu sulfuriku 75 %) |
| 22. | viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | poliester | 2 u/jew 4 | 3. (klorur taż-żingu/aċidu formiku) u 7 (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 23. | akrilik | viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | 4 | 8. (dymethylformamide) u 3 (klorur taż-żingu/aċidu formiku) |
| 24. | Ċerti klorofibri | viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | 1 u/jew 4 | 9. (disulfid tal-karbonju/aċetun, 55,5/44,5 % w/w) u 3. (korur taż-żinġu/aċidu formiku) jew 8 (dymethylformamide) u 3. (klorur taż-żingu/aċidu formiku) |
| 25. | aċetat | viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | 4 | 1. (aċetun) u 3 (klorur taż-żingu/aċidu formiku) |
| 26. | triaċetat | viskuż, kupru jew ċerti tipi ta' modal | qoton | 4 | 6. (diklorometan) u 3 (klorur taż-żingu/aċidu formiku) |
| 27. | aċetat | ħarir | suf jew xagħar | 4 | 1. (aċetun) u 11. (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 28. | triaċetat | ħarir | suf jew xagħar | 4 | 6. (diklorometan) u 11. (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 29. | aċetat | akrilik | qoton, viskuż, kupru jew modal | 4 | 1. (aċetun) u 8. (dymethylformamide) |
| 30. | triaċetat | akrilik | qoton, viskuż, kupru jew modal | 4 | 6. (diklorometan) u 8. (dymethylformamide) |
| 31. | triaċetat | poliamide 6 jew 6-6 | qoton, viskuż, kupru jew modal | 4 | 6. (diklorometan) u 4. (aċidu formiku 80 % w/w) |
| 32. | triaċetat | qoton, viskuż, kupru jew modal | poliester | 4 | 6. (diklorometan) u 7 (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 33. | aċetat | poliamide 6 jew 6-6 | poliester jew akrilik | 4 | 1. (aċetun) u 4. (aċidu formiku 80 % w/w) |
| 34. | aċetat | akrilik | poliester | 4 | 1. (aċetun) u 8. (dymethylformamide) |
| 35. | ċerti klorofibri | qoton, viskuż, kupru jew modal | poliester | 4 | 8. (dymethylformamide) u 7. (aċidu sulfuriku 75 % w/w)<br>jew 9 (disulfid tal-karbonju/aċetun, 55,5/44,5 % w/w) u 7. (aċidu sulfuriku 75 % w/w) |
| 36 | qoton | poliester | elastolefin | 2 u/jew 4 | 7 (aċidu sulfuriku 75 % w/w) u 14 (aċidu sulfuriku konċentrat) |
| [37 | Ċerti modakriliki | poliester | melamina | 2 u/jew 4 | 8 (dimethylformamide) u 14 (aċidu sulfuriku konċentrat)] |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS IX

KONĊESSJONIJIET MIFTIEHMA UŻATI BIEX JIĠI KKALKOLAT L-AMMONT TA' FIBRI KONTENUTI FI PRODOTT TAT-TESSUTI

(Artikolu 17(2))

| Nru tal-Fibra | Fibri | Perċentwali |
|---|---|---|
| 1—2 | Suf u xagħar tal-annimali: | |
| | fibri mimxuta | 18,25 |
| | fibri mqardxa | 17,00 (1) |
| 3 | Xagħar tal-annimali: | |
| | fibri mimxuta | 18,25 |
| | fibri mqardxa | 17,00 (1) |
| | Xagħar taż-żiemel: | |
| | fibri mimxuta | 16,00 |
| | fibri mqardxa | 15,00 |
| 4 | Ħarir | 11,00 |
| 5 | Qoton: | |
| | fibri normali | 8,50 |
| | fibri mogħtija l-leqqa | 10,50 |
| 6 | Kapok | 10,90 |
| 7 | Kittien | 12,00 |
| 8 | Qanneb ġenwin | 12,00 |
| 9 | Ġuta | 17,00 |
| 10 | Abaka | 14,00 |
| 11 | Alfa | 14,00 |
| 12 | Kajjar | 13,00 |
| 13 | Ġummar | 14,00 |
| 14 | Rami (fibra bbliċjata) | 8,50 |
| 15 | Sisal | 14,00 |
| 16 | Sunn | 12,00 |
| 17 | Sabbara | 14,00 |
| 18 | Maguey | 14,00 |
| 19 | Aċetat | 9,00 |
| 20 | Alġinat | 20,00 |
| 21 | Kupru | 13,00 |
| 22 | Modal | 13,00 |
| 23 | Proteina | 17,00 |
| 24 | Triaċetat | 7,00 |
| 25 | Viskuż | 13,00 |

| Nru tal-Fibra | Fibri | Perċentwali |
|---|---|---|
| 26 | Akrilik | 2,00 |
| 27 | Klorofibra | 2,00 |
| 28 | Fluorofibra | 0,00 |
| 29 | Modakrilik | 2,00 |
| 30 | Poliamide jew najlon: | |
| | fibra mhux kontinwa | 6,25 |
| | filament | 5,75 |
| 31 | Aramid | 8,00 |
| 32 | Polijimide | 3,50 |
| 33 | Lyoċell | 13,00 |
| 34 | Polilaktid | 1,50 |
| 35 | Poliester | |
| | fibra mhux kontinwa | 1,50 |
| | filament | 1,50 |
| 36 | Polietilene | 1,50 |
| 37 | Polipropilene | 2,00 |
| 38 | Polikarbamid | 2,00 |
| 39 | Poliurethane | |
| | fibra mhux kontinwa | 3,50 |
| | filament | 3,00 |
| 40 | Vinilal | 5,00 |
| 41 | Trivinil | 3,00 |
| 42 | Elastodin | 1,00 |
| 43 | Elastan | 1,50 |
| 44 | Fibra tal-ħġieġ: | |
| | b'dijametru medju ta' iktar minn 5 µm | 2,00 |
| | b'dijametru medju ta' 5 µm jew inqas | 3,00 |
| 45 | Fibra tal-metall | 2,00 |
| | Fibra metalizzata | 2,00 |
| | Asbestos | 2,00 |
| | Ħjut tal-karta | 13,75 |
| 46 | Elastomultiester | 1,50 |
| 47 | Elastolefin | 1,50 |
| 48 | Melamina | 7,00 |

(1) Il-konċessjonijiet miftehma ta' 17,00 % għandhom jiġu applikati wkoll fejn huwa impossibbli li jiġi aċċertat jekk il-prodott tat-tessut li fih is-suf u/jew ix-xagħar tal-annimali huwiex mimxut jew imqardex.

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

ANNESS X

TABELLI TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva **2008/121/KE** | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 2(1)(a) | Artikolu 3(1)(a) |
| Artikolu 2(1)(b),kliem ta' introduzzjoni | Artikolu 3(1) kliem ta' introduzzjoni |
| Artikolu 2(1)(b)(i) l-ewwel inċiż | Artikolu 3(1)(b)(i) |
| Artikolu 2(1)(b)(ii)it-tieni inċiż | Artikolu 3(1)(b)(ii) |
| Artikolu 2(2) kliem ta' introduzzjoni | Artikolu 2(1) kliem ta' introduzzjoni |
| Artikolu 2(2)(a) | Artikolu 2(1)(a) |
| Artikolu 2(2)(b) it-tieni inċiż | Artikolu 2(1)(b) u (c) |
| Artikolu 2(2)(c) it-tielet inċiż | Artikolu 2(1)(d) |
| Artikolu 3 | Artikolu 5 |
| Artikolu 4 | Artikolu 7 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 8(1) u Anness III |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 8(2) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 9(2) |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 9(3) |
| Artikolu 6(4) | Artikolu 9(4) |
| Artikolu 6(5) | Artikolu 18 |
| Artikolu 7 | Artikolu 10 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 12(1) |
| Artikolu 8(2) | ▌ |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 13(1) u (2) |
| Artikolu 8(4) | Artikolu 13(3) |
| Artikolu 8(5) | — |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 14(1) |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 14(2) |
| Artikolu 9(3) | L-Artikolu 15 u l-Anness IV |
| Artikolu 10(1)(a) | Artikolu 16(2) |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| Direttiva **2008/121/KE** | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 10(1)(b) | Artikolu 16(3) |
| Artikolu 10(1)(ċ) | Artikolu 16(4) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 16(1) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 11 | Artikolu 12(2) ir-raba subparagrafu |
| Artikolu 12 | ▌Anness VII |
| Artikolu 13 | Artikolu 17(2) |
| Artikolu 14(1) | — |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 4(2) |
| Artikoli 15 u 16 | Artikoli 23 ▌ |
| Artikolu 17 | — |
| Artikoli 19 u 20 | — |
| Anness I, Nru 1 sa 46 | Anness I, Nru 1 sa 47 |
| Anness II, Nru 1 sa 46 | Anness IX, Nru 1 sa 47 |
| Anness III | Anness V |
| Anness III, punt 36 | Artikolu 3(1)(i) |
| Anness IV | Anness VI |

| Direttiva 96/73/KE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Anness VIII, kapitolu 1, taqsima I (2) |
| Artikolu 3 | Artikolu 17(2) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4 | Artikolu 17(3) |
| Artikolu 5(1) | ▌ |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 23 |
| Artikolu 6 | ▌ |
| Artikolu 7 | — |
| Artikolu 8 | — |
| Artikolu 9 | — |
| Anness I | Anness VIII, kapitolu 1, taqsima I |
| Anness II (1) introduzzjoni | Anness VIII, kapitolu 1, taqsima II |
| Anness II (1) taqsimiet I, II u III | Anness VIII kapitolu 2 taqsimiet I, II u III |
| Anness II(2) | Anness VIII, kapitolu 2, taqsima IV |

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

| Direttiva 73/44/KEE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Anness VIII, kapitolu 1, taqsima I |
| Artikolu 3 | Artikolu 17(2) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4 | Artikolu 17(3) |
| Artikolu 5 | Artikolu 23 ▌ |
| Artikolu 6 | — |
| Artikolu 7 | — |
| Anness I | Anness VIII kapitolu 3 introduzzjoni u taqsimiet I sa IV |
| Anness II | Anness VIII, kapitolu 3, taqsima V |
| Anness III | Anness VIII, kapitolu 3, taqsima VI |

## Għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina ***I

P7_TA(2010)0169

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (COM(2009)0580 – C7-0277/2009 – 2009/0162(COD))**

(2011/C 161 E/31)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0580),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0101/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titlu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665) u l-addendum għaliha (COM(2010)0147),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tas-17 ta' Mejju 2010 biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0058/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinstab hawn hekk;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din il-pożizzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2009)0162

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Deċiżjoni Nru 388/2010/UE.)*

---

# Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni (Emenda tar-Regolament (KE) Nru 247/2006) ***I

P7_TA(2010)0170

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (COM(2009)0510 – C7-0255/2009 – 2009/0138(COD))**

(2011/C 161 E/32)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM (2009)0510),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 36, 37 u 299(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0255/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u l-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikoli 42, 43(2) u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regola 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0054/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari stipulata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2009)0138

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 641/2010.)*

---

# L-estimi tad-dħul u tal-infiq għas-sena 2011 - Taqsima I - Il-Parlament

P7_TA(2010)0171

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2011 (2010/2005(BUD))**

(2011/C 161 E/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2010 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit 2011 – it-Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau bl-għan li jitħejja l-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2011,

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-estimi mħejji mill-Bureau fid-19 ta' April 2010 skont l-Artikoli 23(6) u 79(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-estimi mħejji mill-Kumitat għall-Baġits skont l-Artikolu 79(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 79 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0134/2010),

A. billi biex jaqdi l-ħidmiet tiegħu taħt it-Trattat il-Parlament qed jimmira li jużа u jiżviluppa bis-sħiħ il-prerogattivi tiegħu u billi dan jirrikjedi t-tisħiħ ta' għadd ta' oqsma prijoritarji waqt li fl-istess ħin, jirrikjedi approċċ strett għall-użu tar-riżorsi disponibbli,

B. billi, f'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni baġitarja marbuta mal-intestatura 5 (nefqa amministrattiva) għall-2011 teħtieġ aktar minn qatt qabel approċċ attent u dixxiplinat għall-baġit tal-Parlament sabiex jiġu rikonċiljati l-għanijiet politiċi u l-iffinanzjar tagħhom,

C. billi proċess pilota ta' kooperazzjoni msaħħa bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits beda sentejn ilu u nżamm għall-proċedura tal-2011,

D. billi l-prerogattivi tal-plenarja biex jiġu adottati l-estimi u l-baġit finali għandhom jinżammu għal kollox skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u r-Regoli ta' Proċedura,

E. billi saru żewġ laqgħat ta' prekonċiljazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits fl-24 ta' Marzu 2010 u fit-13 ta' April 2010, li matulhom ġew diskussi għadd ta' kwistjonijiet ewlenin bejn iż-żewġ delegazzjonijiet,

### *Il-qafas ġenerali u l-baġit globali*

1. Jinnota li l-livell tal-baġit tal-2011, kif issuġġerit mill-Bureau, jammonta għal EUR 1 710 547 354, li jirrappreżenta 20.32 % tal-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali (MFF); jinnota li ż-żieda ssuġġerita hija ta' 5.8 % fuq il-baġit tal-2010, inkluż l-Abbozz ta' baġit ta' emenda (DAB) Nru 1/2010;

2. Filwaqt li konxju sew mill-isfidi futuri, hu tal-fehma li r-rata ta' tkabbir u l-livell finali tal-baġit jeħtieġ li jiġu aġġustati f'dawn l-estimi; jiddeċiedi li f'dan l-istadju, il-livell ġenerali tal-baġit huwa ta' EUR 1 706 547 354 miljun, li jirrappreżenta rata ta' żieda ta' 5.5 % u li jirrappreżenta sehem perċentwali ta' 20.28 % tal-intestatura 5; jimmira wkoll li jikkjarifika bosta kwistjonijiet u jeżamina ulterjorment il-miżuri proposti, kif ukoll jidentifika ffrankar ta' flus, qabel jiġi stabbilit il-baġit finali fil-Ħarifa 2010;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0087.

3. Ifakkar fil-fehma tiegħu li, abbażi tar-referenzi oriġinali tal-MFF nnegozjati fl-2006 u li daħlu fis-seħħ fl-2007, l-infiq tiegħu għandu jiġi stabbilit madwar il-limitu tradizzjonali ta' 20 %, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet l-oħrajn u l-marġni disponibbli; jinnota f'dan ir-rigward ir-rikjesti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għal aktar minn EUR 10 miljun għas-sena 2010 biss; itenni li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jista' jkollu impatt ukoll fuq l-intestatura 5; jikkonferma l-fehma tiegħu li l-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits għandhom jaħdmu flimkien biex jivvalutaw mill-ġdid dan il-limitu qabel ma jiftħu djalogu interistituzzjonali dwar din il-kwistjoni; jissuġġerixxi li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma għal dan il-għan, li għandu jibda l-ħidma tiegħu qabel tmiem Lulju 2010;

4. Ifittex kjarifika dwar l-ipprogrammar finanzjarju ta' nofs it-terminu għall-intestatura 5 u l-marġini previsti ta' EUR 109 miljun għall-2011, EUR 102 miljun għall-2012 u EUR 157 miljun għall-2013; iqis li jkun ta' għajnuna li jinkiseb tagħrif dwar l-ipoteżi ta' ħidma tal-Parlament dwar is-sitt rapport tas-segretarji-ġenerali (Ottubru 2009) f'termini tal-baġit u tal-karigi meta mqabblin mal-proposta għall-estimi li issa hija disponibbli; jixtieq jikkjarifika liema proġetti (potenzjali) sinifikanti u żviluppi tal-persunal diġà huma inklużi f'dan l-ipprogrammar għas-sentejn tlieta li ġejjin; jenfasizza, fl-istess ħin, li l-ipprogrammar finanzjarju huwa biss strument ta' ppjanar indikattiv li ma jorbotx u li l-awtorità baġitarja tieħu d-deċiżjonijiet finali;

5. Filwaqt li m'huwiex kontra r-raġunament prinċipali li 1 % tal-baġit jiġi allokat bħala riżerva ta' kontinġenza raġonevoli għal infiq mhux mistenni, jaqbel mal-proposta tal-Bureau, meta jikkunsidra s-sitwazzjoni ristretta ħafna fl-intestatura 5, li din ir-riżerva tiġi stabbilita għal EUR 14-il miljun;

6. Jifhem li, fir-rigward tal-każ dwar is-salarji li jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-"effett" totali għall-Parlament fl-2011, li jista' jammonta għal EUR 12-il miljun fil-każ ta' sentenza favur il-Kummissjoni, huwa inkluż bħala provvediment, f'bosta linji baġitarji, fil-proposta;

7. Ifakkar fir-rikjesti preċedenti tiegħu li proposta sħiħa tal-baġit għandha tiġi ppreżentata fl-istadju tal-estimi fir-Rebbiegħa u konsegwentement jistenna biss tibdil minuri jew tekniku fl-hekk imsejħa "ittra ta' emenda" fil-Ħarifa;

8. Jenfasizza mill-ġdid l-importanza li jorbot mal-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits fil-kjarifika konġunta dwar il-konsegwenzi baġitarji tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu; jenfasizza wkoll li fi ħdan kull entità ta' teħid tad-deċiżjonijiet, huwa kruċjali l-użu ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji li jagħtu preżentazzjoni ċara lill-membri dwar il-konsegwenzi baġitarji kollha;

## *Kwistjonijiet speċifiċi*

*Kwistjonijiet relatati mat-Trattat ta' Lisbona*

9. Jilqa' b'sodisfazzjon u japprova l-iffinanzjar tas-suġġerimenti tal-Bureau fir-rigward ta' dawn il-miżuri, i.e. il-ħolqien ta' riżerva speċifika għat-18-il Membru, ta' EUR 9.4 miljun;

10. Jaqbel mal-iffukar tal-Bureau fuq it-tisħiħ tal-kompetenza li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-eċċellenza leġiżlattiva;

11. F'dan ir-rigward, jappoġġja l-idea li tinstab taħlita ta' kompetenza interna u esterna għad-dipartimenti tal-politika li jiddependu fuq it-tip ta' informazzjoni meħtieġa għall-fajls speċifiċi taħt kunsiderazzjoni iżda jixtieq spjegazzjonijiet addizzjonali dwar jekk u kif iż-żieda proposta fil-persunal tista' tintuża b'mod flessibbli u jixtieq jirċievi aktar tagħrif dwar ir-rati ta' implimentazzjoni tal-passat u t-talba mill-kumitati għal din il-kompetenza;

12. Jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-Bureau kkunsidra t-tħassib muri dwar il-proporzjon tal-ADs u l-ASTs, li rriżulta fi tnaqqis ta' 3 karigi AST, meta mqabbla mal-proposta inizjali; japprova l-approprjazzjonijiet għall-ħolqien ta' 19-il kariga AD 5 u 13-il kariga AST 1 għad-dipartiment tal-politka kif qed jissuġġerixxi issa l-Bureau;

13. Iħaddan il-bżonn li jissaħħu l-istudji esterni u jilqa' bi pjaċir il-ftehim milħuq bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits li l-ammont addizzjonali jiġi stabbilit għal EUR 1.7 miljun;

14. Jinnota l-proposta li l-librerija tissaħħaħ bi 28 kariga, li minnhom 13 għas-servizz ta' għoti ta' informazzjoni għall-membri (qabel kienu persunal b'kuntratt); jista' japprova l-finanzjament u l-integrazzjoni ta' dawn it-tlettax-il kariga fl-organigramma sakemm tingħata l-assigurazzjoni li dawn se jimtlew permezz ta' kompetizzjonijiet miftuħa u li jsir iffrankar korrispondenti fil-pakkett finanzjarju għall-kuntratti; iqis li aktar tisħiħ f'termini ta' fondi u riżorsi umani tas-servizzi tal-informazzjoni eżistenti tal-PE irid jimxi id f'id mal-iżvilupp ta' sistema li faċli tintuża mill-utent, hekk li jippermetti li l-Membri jkunu jistgħu jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni kollha prodotta internament; jiddeċiedi li jdaħħal l-approprjazzjonijiet għal 15-il kariga addizzjonali fl-estimi iżda jqiegħed nofs dan l-ammont fir-riżerva sakemm:

— jingħataw ġustifikazzjonijiet ulterjuri dwar kif dawn il-karigi għandhom jintużaw biex jitjiebu s-servizzi ta' għarfien espert għall-Membri;

— tingħata informazzjoni konkreta dwar il-passi li ttieħdu mill-Bureau u mill-amministrazzjoni sabiex tiġi implimentata Sistema ta' Ġestjoni tal-Għarfien interna, inkluża l-iskeda ppjanata għall-implimentazzjoni tagħha u l-iffrankar li jirriżulta mir-razzjonalizzazzjoni tar-sorsi ta' informazzjoni;

15. Iqis li l-għarfien u l-viżibilità għaż-żewġ servizzi ta' appoġġ indirett imsemmija hawn fuq, inkluż permezz tal-paġni fuq il-websajt tal-Parlament, għandhom jiġu żgurati għall-benefiċċju tal-Membri;

16. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-linji gwida li fiha diġà ġiet mitluba valutazzjoni, inkluż dikjarazzjoni finanzjarja dettaljata tal-ispejjeż ġenerali li jirriżultaw miż-żieda proposta tal-allowances ta' assistenza; għalhekk jiddeċiedi li jintroduċi fir-riżeva l-approprjazzjonijiet korrispondenti;

*Tkabbir*

17. Jilqa' d-dispożizzjonijiet għat-tkabbir biex tiġi inkluża l-Kroazja u japprova l-approprjazzjonijiet korrispondenti u l-miżuri marbuta mal-persunal;

*L-organigramma ġenerali*

18. Jinnota li apparti mir-rikjesti għal 68 kariga marbuta ma' Lisbona u 62 marbuta mat-tkabbir, (inklużi 11-il kariga għall-gruppi), 17-il kariga huma mitluba biex tiġi finalizzata t-tieni sena tal-pjan ta' tliet snin għal DĠ INLO li kien hemm qbil dwaru fil-proċedura tal-2010 u 30 kariga għal oqsma oħra li ma setgħux jiġu koperti anki wara li kien ġie identifikat l-użu mill-ġdid ta' 20 kariga mill-2011, li jġib it-total għal 180 kariga ġdida; jirrikjedi tagħrif aktar dettaljat dwar il-karigi użati mill-ġdid jew trasferiti mill-bidu tal-leġiżlatura, inkluż l-estimi tal-użu mill-ġdid tal-karigi u t-trasferimenti għall-2010 u, fejn possibbli, l-2011; jiddeċiedi li jdaħħal l-approprjazzjonijiet għall-ħolqien ta' dawn il-karigi fl-estimi iżda jqiegħed l-ammont marbut mal-ħolqien ta' 30 kariga għal "oqsma oħra" f'riżerva sakemm issir analiżi tal-informazzjoni mitluba;

19. Jinnota li l-proposta tal-Bureau issa tinkludi wkoll kariga waħda AD5 u kariga waħda AST1 għall-Assemblea Parlamentari Ewromediterranja u 3 karigi AD5 u kariga waħda AST1 għall-Immaniġġjar tar-Riskju, iżda m'għadhiex tinkludi pjani għal EUR 3 miljun addizzjonali għad-DĠ ITEC;

20. Jinnota wkoll li l-Bureau inkluda 56 kariga addizzjonali għall-gruppi politiċi;

21. Japprova l-miżuri u l-karigi tal-2011 kif imressqa għat-tieni sena tal-programm ta' tliet snin ta' DĠ INLO li kien hemm qbil dwaru s-sena li għaddiet;

22. Jixtieq jirċievi aktar tagħrif dwar l-allokazzjoni tal-approprjazzjonijiet tal-aġenti kuntrattwali u perspettiva ġenerali tal-ispejjeż netti jew tal-iffrankar nett fil-pakkett li għandu x'jaqsam mal-aġenti kuntrattwali, li rriżultaw minn żidiet mogħtija għall-organigramma tiegħu, speċjalment fir-rigward tal-internalizzazzjoni tal-funzjonijiet differenti fil-qasam tas-sigurtà, l-ICT u l-librerija;

*Bini*

23. Jenfasizza li politika tal-bini raġonevoli hija intimament marbuta mal-proċedura tal-2011 u anki mal-kwistjoni ġenerali ta' baġit sostenibbli;

24. Jilqa' l-fatt li l-Bureau, bid-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2010, wara t-talba li saret mill-Parlament Ewropew, ikkonforma mal-politika tal-proprjetà u l-bini fuq terminu medju sa terminu twil; jesprimi tħassib inizjali dwar jekk huwiex fattibbli li jitmexxew b'mod parallel l-operazzjonijiet tal-bini preżenti u ppjanati li jistgħu joħorġu mill-istrateġija tal-bini fuq terminu medju sa terminu twil; mhuwiex ċar kif l-ammont kbir ta' proġetti se jidħlu fl-MFF u jitlob għall-kjarifiki meħtieġa;

25. Jinnota f'dan ir-rigward il-proposta tal-Bureau li juża EUR 85.9 miljun ta' dħul assenjat (li għandu jintuża fi ħdan il-qasam tal-politika tal-bini tal-Parlament) għall-uffiċċji tal-Membri fi Brussell; ifakkar li kull proġett marbut mal-bini li probabbli jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-baġit huwa suġġett għall-konsultazzjoni tal-awtorità baġitarja skont l-Artikolu 179(3) tar-Regolament Finanzjarju; ifakkar ulterjorment li fir-rigward tat-trasferimenti 'l quddiem ir-Regolament Finanzjarju jistipula li d-dħul assenjat trasferit 'il quddiem għandu jintuża l-ewwel; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-Parlament, permezz tar-rimborż tal-istat Belġjan ta' EUR 85.9 miljun, issa huwa fil-pożizzjoni li jagħti prijorità lil proġetti ġodda ta' kostruzzjoni u b'hekk jimplimenta b'aktar ħeffa parti mill-istrateġija tal-bini fuq terminu medju;

26. Ma jistax jaqbel li dan id-dħul assenjat jiġi riżervat għal dan il-proġett tal-bini partikolari;

27. Jitlob li fil-ġejjieni l-fondi neċessarji skont l-ippjanar tal-bini fuq terminu medju jiġu stabbiliti fil-baġit; jitlob ukoll li tinħoloq linja speċifika tal-baġit għall-proġetti kbar ta' bini, biex jiġi ffaċilitat pjan ta' finanzjament fuq terminu medju għall-proġetti ta' kostruzzjoni u sabiex tiżdied it-trasparenza;

28. Jinnota li sar provvediment għal finanzjament minn qabel dirett tal-istadju inizjali tal-kostruzzjoni tal-bini tal-KAD il-ġdid għal EUR 10.2 miljun fuq il-linja baġitarja għall-ħlasijiet tal-kera fil-proposta tal-Bureau; jirrikonoxxi li dan il-finanzjament minn qabel volontarju jgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' finanzjament iżda, meta titqies is-sitwazzjoni stretta immens għall-2011, jiddeċiedi li jdaħħal ammont aktar baxx ta' EUR 6.2 miljun għal dan il-għan fl-estimi; lest biex jerġa' jevalwa dan l-ammont fil-Ħarifa tal-2010 abbażi ta' aġġornament tas-sitwazzjoni baġitarja u tal-iżviluppi fil-politika tal-bini tal-Parlament;

*Sigurtà*

29. Jorbot importanza mar-reviżjoni fid-dettall dwar il-politika tas-sigurtà mħabbra mill-Bureau u, f'dan ir-rigward, ifakkar li jemmen fl-użu prudenti tar-riżorsi u, b'mod partikolari, fil-bilanċ effettiv f'sens ta' nefqa bejn persunal intern u aġenti esterni; jitlob lill-Bureau biex jeżamina sew l-implikazzjonijiet operattivi u finanzjarji ta' strateġija ġdida, li għandha l-għan li ssib bilanċ tajjeb fil-proposti li għandhom isiru bejn it-tħassib tas-sigurtà minn naħa u l-aċċessibilità u t-trasparenza min-naħa l-oħra; jenfasizza li l-Parlament għandu jibqa' kemm jista' jkun istituzzjoni miftuħa u aċċessibbli; għalhekk jixtieq jirċievi aktar informazzjoni mill-amministrazzjoni dwar l-hekk imsejjaħ "proġett Wiertz" sabiex jevalwa l-implikazzjonijiet tiegħu relatati mal-aċċessibilità tal-pubbliku għall-Parlament;

*L-istrateġija ICT*

30. Jilqa' l-approċċ aktar strutturat tal-ICT u l-elaborazzjoni ta' strateġija komprensiva f'dan il-qasam; itenni wkoll l-appoġġ tiegħu għal internalizzazzjoni biżżejjed tal-funzjonijiet biex titnaqqas id-dipendenza fuq fornituri esterni; jinnota, madankollu, li karigi ġodda diġà ngħataw għal tliet snin wara xulxin; għalhekk iqis li din hija kwistjoni li trid tiġi kkjarifikata;

31. Jinnota li EUR 5 miljun ġew allokati għal proġett ta' mobilità tal-IT tal-Membri u, b'mod partikolari biex ikopru l-komunikazzjonijiet mobbli; jixtieq jirċievi aktar tagħrif minħabba l-ammont relattivament għoli;

*Kwistjonijiet marbuta mal-ambjent*

32. Jilqa' ż-żieda modesta fl-iffinanzjar għall-implimentazzjoni tal-EMAS u l-miżuri għat-tnaqqis tas-$CO_2$, mifruxa mal-baġit kollu, u jenfasizza ulterjorment l-importanza li jorbot ma' din il-kwistjoni;

33. Jinnota l-evoluzzjoni ta' indikaturi ta' rendiment prinċipali sa mill-2006 f'dan ir-rigward kif inkluż fir-Reviżjoni tal-Ġestjoni Ambjentali għas-Sena 2008, primarjament it-tnaqqis fil-marka tal-karbonju ta' 12.9 %, it-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku ta' 0.8 %, iż-żieda fil-konsum tal-gass/żejt/sħana ta' 7.4 % fl-2008, wara tnaqqis ta' 17.5 % fl-2007, iż-żieda fl-emissjonijiet tal-mobilità/tat-trasport ta' 8.8 %, iż-żieda fil-perċentwali ta' skart riċiklat minn 49.8 % fl-2006 għal 55.4 % fl-2008, iż-żieda fil-konsum tal-ilma ta' 18.1 % u t-tnaqqis tal-konsum ta' karti ta' 16.9 %;

34. Jilqa' l-anness baġitarju dwar il-ġestjoni ambjentali li tagħti perspettiva teknika tajba tal-partiti baġitarji involuti; jilqa' wkoll kieku, f'dan il-kuntest u li fl-istess anness, l-inklużjoni fir-rapporti annwali tal-EMAS ta' aktar tagħrif dwar il-marka tal-karbonju differenzjata tal-bini tal-Parlament fi Strasburgu, Brussell u l-Lussemburgu kif ukoll fuq it-trasport u l-ivvjaġġar marbut mas-sessjoni, biex ikunu ppreżentati r-riżultati attwali dwar it-tnaqqis tal-marka tal-karbonju tal-Parlament u jiġi illustrat l-impatt benefiku għall-ambjent bħala riżultat ta' dawn l-investimenti, u fil-verità kull iffrankar miksub fuq terminu ta' żmien itwal;

35. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-tmexxija ta' miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu ulterjorment il-marka tal-karbonju tal-Parlament. Jilqa' f'dan ir-rigward l-istudji li jinsabu għaddejjin dwar l-aspetti tal-iffrankar tal-enerġija marbuta mal-bini u l-modi kif jiġu implimentati skemi ta' newtralizzazzjoni tal-emissjonijiet għall-ivvjaġġar; barra minn hekk jappoġġja inċentivi għall-użu ta' trasport pubbliku minflok karozzi u d-disponibilità ta' aktar roti fi Strasburgu;

36. Jinnota li l-partita baġitarja għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-Membri hija fil-verità ogħla minn dik tas-salarji; jenfasizza l-bżonn għall-użu responsabbli tal-allowances, primarjament l-allowances tal-ivvjaġġar, u jinnota li mingħajr ma jinbidlu r-regoli attwali u bl-użu, fejn possibbli, ta' mezzi oħra ta' trasport li ma jkunux titjiriet f'business class minn u għall-postijiet tax-xogħol tal-Parlament, il-marka tal-karbonju tista' titnaqqas u l-ispejjeż iffrankati fl-istess ħin; jistieden lill-Bureau biex jippreżenta, kif miftiehem fl-aħħar laqgħa ta' prikonċiljazzjoni, fil-ħin qabel l-ewwel qari fil-Parlament, studju li jiffoka fuq il-funzjonament tas-sistema l-ġdida u s-soluzzjonijiet possibbli għall-iffrankar li jrid ikun hemm;

37. Ifakkar li fuq inizjattiva tas-Sur Barroso l-baġits tal-Istituzzjonijiet Ewropej ingħataw allokazzjoni mill-awtorità baġitarja sabiex jiffinanzjaw sussidju marbut mat-trasport pubbliku għall-persunal, bħala miżura ambjentali; jitlob għal aġġornament dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-Parlament;

38. Jitlob li, fejn possibbli u xieraq, id-dikjarazzjonijiet ambjentali jiżdiedu mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji użati fl-istituzzjoni;

39. Jemmen li d-direttivi dwar ix-xiri pubbliku jeħtieġ jiġu adattati aħjar, fejn possibbli u xieraq, biex jiffaċilitaw l-inklużjoni ta' klawżoli ambjentali u soċjali;

*Proġetti pluriennali u punti oħra ta' infiq*

40. Jilqa' l-ftehim għal żieda ta' EUR 2.6 miljun sabiex jiġu ffinanzjati 110 viżitatur annwali flok il-100 preżenti li l-Membri jistgħu jistiednu; hu tal-fehma li xieraq li jkun hemm iżjed żmien biex jiġi valutat il-funzjonament taċ-ċentru l-ġdid għall-viżitaturi qabel titqies xi żieda oħra; is-servizzi responsabbli għall-organizzazzjoni taż-żjarat għandhom iqisu wkoll li l-Membri jistgħu jaqsmu l-gruppi ta' viżitaturi f'daqsijiet differenti matul is-sena;

41. Japprova EUR 3 miljun allokati fir-rigward tal-ftuħ taċ-ċentru għall-viżitaturi u l-ispejjeż operattivi għal sena sħiħa standard; jinnota l-bżonn li s-sena inizjali tiġi evalwata wkoll mill-perspettiva finanzjarja, inkluż dawn l-ispejjeż rikorrenti;

42. Jinnota d-deċiżjoni tal-Bureau li jiddaħħlu allowances għall-persuni li jkollhom karigi b'impatt baġitarju ta' EUR 400 000; jinnota, madankollu, li d-diskussjoni fuq il-prinċipju kienet kontroversjali; f'dan ir-rigward, jilqa' bi pjaċir il-fatt li jridu jiġu pprovduti dokumenti ta' ġustifikazzjoni sabiex jiġu rimbursati għall-ispejjeż żejda li jagħmlu fil-qadi ta' dmirijiethom;

43. Jinnota l-proposta tal-Bureau biex jiddaħħlu EUR 2.5 miljun għad-Dar tal-Istorja Ewropea, dwar studji li jsegwu r-riżultati tal-kompetizzjoni tal-periti li attwalment qed tiġi vvalutata; ifakkar fit-talba tiegħu tas-sena l-oħra li jirċievi deskrizzjoni ċara tal-ispejjeż previsti għall-proġett kollu kemm hu, inklużi l-ispejjeż amministrattivi, sa mhux aktar tard mill-istadju tal-abbozz preliminari tal-estimi għall-proċedura baġitarja tal-2011; ifakkar ukoll fil-ftehim mal-Bureau li sar fil-laqgħa ta' qabel il-konċiljazzjoni fl-2009; jenfasizza li r-rapport tal-Kumitat ta' esperti għad-Dar tal-Istorja Ewropea jelenka 11-il punt li jinvolvu aktar spejjeż: (1)"konsulenti akkademiċi magħmula minn esperti u speċjalisti tal-mużewijiet", (2) "indipendenza istituzzjonali tal-istituzzjoni", (3) "offerti pedagoġiċi tal-mużew estensivi" (4) "post fejn jiltaqgħu l-akkademiċi żgħażagħ", (5) "evalwazzjoni permanenti" (6) "esebizzjoni temporanja u esebizzjoni li tivvjaġġa", (7) "avvenimenti relevanti b'referenza Ewropea", (8) "pubblikazzjonijiet proprji", (9) "offerti on-line estensivi" (10) "Il-ħolqien ta' kollezzjoni tal-mużewijiet proprja", (11) "l-iżvilupp kontinwu ta' esebizzjonijiet u tal-infrastruttura tal-mużew"; għalhekk jenfasizza li l-ispiża globali ta' dan il-proġett jeħtieġ li tiġi identifikata b'urġenza;

*Kwistjonijiet orizzontali*

44. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni ta' analiżi inizjali li tidentifika l-ispejjeż fissi u varjabbli fil-proposta tal-baġit; jirrikonoxxi d-diffikultajiet metodoloġiċi involuti iżda konvint li dawn il-kunċetti għandhom jiġu eżaminati ulterjorment; f'dan ir-rigward, ifakkar li qed jistenna tweġiba mill-entitajiet kompetenti dwar kif il-kunċett ta' politika baġitarja b'bażi ta' żero, li tiddistingwi wkoll bejn l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli, jista' jiġi applikat fil-kuntest tal-proċedura tal-baġit tal-Parlament; jitlob eżami aktar dettaljat tal-ispejjeż fissi li jiddistingwi bejn spejjeż permanenti fissi, spejjeż fissi għal termini fissi u oqsma fejn jista' jiġi ġġenerat iffrankar; jitlob eżami aktar dettaljat rigward spejjeż varjabbli li jagħmel rabta aktar ċara bejn spejjeż u objettivi, politiki u azzjonijiet, u li jidentifika u jqassam il-prijoritajiet skont l-importanza;

45. Jinnota li l-limiti ta' referenza għall-proċeduri differenti tax-xiri pubbliku attwalment huma iktar stretti għall-istituzzjonijiet Ewropej minn dawk stipulati fid-direttivi Ewropej dwar ix-xiri pubbliku u li din is-sitwazzjoni twassal għal spejjeż amministrattivi addizzjonali u użu ta' riżorsi umani li jistgħu jiġu ffrankati b'allinjament aħjar tal-limiti ta' referenza;

46. Jappoġġja attivitajiet li għandhom dimensjoni soċjali, kulturali jew lingwistika, għall-persunal u l-familji tagħhom, iżda ma jaqbilx ma sussidji individwali mogħtija f'dan il-kuntest u għalhekk jimmodifika r-rimarki għall-partita baġitarja rilevanti;

47. Jappoġġja bis-saħħa sforzi ulterjuri biex l-istituzzjoni issir aktar adattata għall-persuni b'diżabilità kemm fir-rigward tal-bidliet meħtieġa għall-infrastruttura kif ukoll għall-miżuri tal-persunal;

***Kunsiderazzjonijiet finali***

48. Jenfasizza li eżami aktar dettaljat tal-partiti baġitarji individwali, inkluża analiżi tar-rati ta' implimentazzjoni, għandu jseħħ qabel il-votazzjoni fuq l-abbozz tal-baġit fil-Ħarifa; għalhekk se jeżamina u se jieħu d-deċiżjonijiet baġitarji finali dak iż-żmien;

49. Jadotta tal-estimi għas-sena finanzjarja 2011 u jfakkar li l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-Abbozz tal-Baġit, kif modifikat mill-Kunsill, se sseħħ f'Ottubru 2010, skont il-proċedura ta' votazzjoni stipulata fit-Trattat;

50. Japprova l-konklużjonijiet konġunti tat-trilogu baġitarju tal-25 ta' Marzu 2010 anness hawnhekk;

*

* *

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-estimi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS

**KONKLUŻJONIJIET KONĠUNTI TAT-TRILOGU BAĠITARJU TAL-25 TA' MARZU 2010**

**TRILOGU BAĠITARJU**

**25 ta' Marzu 2010**

*Konklużjonijiet*

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ħadu nota tat-tħassib espress mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u mis-Segretarji Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fl-ittra tagħhom mibgħuta lis-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-proċedura baġitarja l-ġdida u speċjalment dwar il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Huma jissuġġerixxu li dawn l-istituzzjonijiet jiġu mistiedna jibagħtu direttament bil-miktub ir-rimarki tagħhom lill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar l-impatt tal-pożizzjoni tal-Kunsill u l-emendi tal-Parlament Ewropew.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

## Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 (emenda tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE) ***II

P7_TA(2010)0177

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u bil-bidla tal-limiti għall-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet (16627/1/2009 – C7-0051/2010 – 2009/0026(COD))**

(2011/C 161 E/34)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (16627/1/2009 – C7-0051/2010),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0067),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 63, l-ewwel paragrafu, punt (2)(b) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ssottomettiet il-proposta lill-Parlament (C6-0070/2009),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 78(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0117/2010),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) Testi adottati, 7.5.2009, P6_TA(2009)0375.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

# Indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (tfassil mill-ġdid) ***II

P7_TA(2010)0178

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (tfassil mill-ġdid) (05247/1/2010 – C7-0094/2010 – 2008/0222(COD))**

(2011/C 161 E/35)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05247/1/2010 – C7-0094/2010),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0778),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0412/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa " (COM(2009)0665) u l-addendum għaliha (COM(2010)0147),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwl qari ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-24 ta' Marzu 2009 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

— wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0128/2010),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill;

2. Japprova l-istqarrija konġunta mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni annessa ma din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tal-istqarrijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

([1]) Testi adottati, 5.5.2009, P6_TA(2009)0345.
([2]) ĠU C 228 22.9.2009, p. 90.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

ANNESS

**Stqarrijiet**

**dwar id-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti relatati mal-enerġija (tfassil mill-ġdid)**

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 290 tat-TFUE**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/30/UE għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE jew atti leġiżlattivi individwali li fihom dawn id-dispożizzjonijiet."

**Stqarrijiet tal-Kummissjoni dwar ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/30/UE**

**Art. 1(2)**

"Meta titfassal il-lista ta' prijorità għall-prodotti relatati mal-enerġija msemmijin fil-Premessa 7, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni xierqa wkoll lill-prodotti relatati mal-enerġija li jintużaw fil-kostruzzjoni, filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-iffrankar potenzjali tal-enerġija li jista' jkun hemm bis-saħħa ta' ttikkettar ta' wħud minn dawk il-prodotti, peress li l-bini jirrappreżenta 40 % tal-konsum tal-enerġija kollha fl-UE."

**Art. 10**

"Meta tkun qed tħejji atti delegati taħt id-Direttiva 2010/30/UE, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi evitata kwalunkwe leġiżlazzjoni ripetuta u li tinżamm konsistenza ġenerali fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti."

**Art. 10(4)(d)**

Proporzjon sinifikanti tal-prodotti għall-analiżi tal-klassifikazzjoni tat-tikketti

"Il-Kummissjoni tqis li l-proporzjon tal-prodotti fl-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika huwa meqjus bħala sinifikanti meta jista' jiġi stmat li

— l-għadd ta' mudelli li huma disponibbli fis-suq intern li jiksbu l-klassi A+++ jew A++ huwa madwar terz jew iktar tal-għadd totali tal-mudelli rilevanti disponibbli,

— jew inkella li s-sehem tal-bejgħ annwali tal-prodotti fis-suq intern li jiksbu l-klassi A+++ jew A++ huwa ta' madwar terz jew iktar,

— jew it-tnejn li huma."

**Stqarrija tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni għall-konsumatur**

"Il-Kummissjoni tappoġġa l-użu tal-istrumenti tal-Komunità bħalma huwa l-Programm Ewropew - Enerġija Intelliġenti sabiex tikkontribwixxi għal:

— inizjattivi li jrawmu l-għarfien tal-utenti aħħarin dwar il-benefiċċji ta' ttikkettar rigward l-enerġija

— inizjattivi li jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tas-suq u l-iżvilupp teknoloġiku li jwassal għal prodotti li huma iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'mod partikolari billi jidentifikaw l-aqwa mudelli ta' prestazzjoni fil-gruppi ta' prodotti varji u li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli lill-partijiet interessati kollha, bħalma huma l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, l-industrija u l-għaqdiet ambjentali mhux governattivi bil-għan ta' tixrid wiesa' tal-informazzjoni lill-konsumaturi.

Dan il-monitoraġġ jista' jservi wkoll bħala indikatur għall-analiżi tal-miżuri ta' Ttikkettar u/jew Ekodisinn skont id-Direttivi 2010/30/UE u 2009/125/KE."

**Stqarrija tal-Kummissjoni dwar perjodi ta' vaganzi**

"Il-Kummissjoni Ewropea tinnota li, għajr fil-każijiet meta l-att leġiżlattiv ikun jipprevedi l-użu ta' proċedura ta' urġenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw li fin-notifika tal-atti delegati għandhom jitqiesu l-perjodi tal-vaganzi tal-istituzzjonijiet (fix-xitwa, fis-sajf u waqt elezzjonijiet Ewropej), biex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jużaw il-prerogattivi tagħhom fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-atti leġiżlattivi rilevanti, u hija lesta taġixxi skont dan."

## Baġit ta' emenda Nru 1/2010: Taqsima I – Il-Parlament

P7_TA(2010)0179

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (09807/2010 – C7-0125/2010 – 2010/2045(BUD))**

(2011/C 161 E/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]), u b'mod partikolari l-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) previst fil-Parti I tiegħu u stabbilit fl-Anness I tiegħu,

([1]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, kif finalment ġie adottat fis-17 ta' Diċembru 2009 ([1]),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-estimi adottat mill-Parlament fil-25 ta' Frar 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2010 mfassal mill-Kummissjoni fid-19 ta' Marzu 2010 (COM(2010)0107),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2010 stabbilit fit-18 ta' Mejju 2010 (09807/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0158/2010),

A. billi matul il-proċedura baġitarja 2010, kien hemm qbil, li kull nefqa marbuta speċifikament mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandha tiġi indirizzata, jekk meħtieġ, permezz tal-istrumenti baġitarji eżistenti, bħall-baġit ta' emenda, wara l-adozzjoni tal-baġit oriġinali tal-2010,

B. billi ġie enfasizzat li, f'każ bħal dan u fil-limiti massimi possibbli, jeħtieġ li tiġi eżaminata bis-sħiħ ir-riorganizzazzjoni tar-riżorsi eżistenti qabel ma ssir kwalunkwe talba għal riżorsi addizzjonali,

C. billi ġie partikolarment enfasizzat li l-livell oriġinali adottat tal-baġit tiegħu li ammonta għal 19,87 % tan-nefqa awtorizzata taħt l-intestatura 5 (approprjazzjonijet amministrattivi) tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali ma inkluda ebda adattament fid-dawl tat-Trattat ta' Lisbona, partikolarment fil-qasam leġiżlattiv,

D. billi, fl-istess ħin, ġie rikonoxxut li, minħabba l-marġni limitati disponibbli, se jkun meħtieġ aktar iffrankar u użu mill-ġdid tal-flus biex ikun possibbli li jkunu ssodisfati ħtiġijiet addizzjonali,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2010 tal-Kummissjoni, imfassal bis-sħiħ f'konformità mal-estimi tal-Parlament tal-25 ta' Frar 2010;

2. Jieħu nota tal-pożizzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2010, li tapprova l-proposta mingħajr emenda, b'rispett sħiħ għall-Ftehim Informali;

3. Jenfasizza li dibattitu politiku estensiv u analiżi tal-miżuri mressqa, diġà seħħew matul il-fażi tal-estimi f'Jannar u Frar 2010;

4. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2010 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 1/2010 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU L 64, 12.3.2010.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0038.

## L-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant ***I

P7_TA(2010)0181

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant (COM(2008)0818 – C6-0480/2008 – 2008/0238(COD))**

(2011/C 161 E/37)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0818),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 152(4)(a) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0480/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fuq il-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet interistituzzjonali li jinsabu għaddejjin" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 168(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0106/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni wara l-ewwel qari kif qiegħda mniżżla hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni u jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa hawnhekk, li se tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv finali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid.

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 64.

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

## P7_TC1-COD(2008)0238

### Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2010/53/UE.)*

---

ANNESS

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 290 TFUE**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe pożizzjoni futura tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 TFUE jew ta' atti leġiżlattivi individwali li fihom tali dispożizzjonijiet.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (Urġenza)**

Il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati għalkollox dwar il-possibilità li jiġi adottat att delegat skont il-proċedura ta' urġenza. Malli s-servizzi tal-Kummissjoni jipprevedu li att delegat jista' jkun adottat skont il-proċedura ta' urġenza, għandhom javżaw b'mod informali lis-segretarjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

## Assistenza finanzjarja tal-Komunità dwar id-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija – "Il-Programm Kozloduy" *

P7_TA(2010)0188

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill fuq assistenza finanzjarja tal-Komunità dwar id-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija – "Il-Programm Kozloduy" (COM(2009)0581 – C7-0289/2009 – 2009/0172(NLE))**

(2011/C 161 E/38)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (KUMM(2009)0581),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 30 tal-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-emendi tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa, fir-rigward tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar is-sikurezza nukleari fl-Unjoni Ewropea "Nuclear safety in the European Union", COM(2002)0605),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom, liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7–0289/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7–0142/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Iqis li l-proposta għal regolament tal-Kunsill hija konformi mal-limitu massimu għas-sottointestatura 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali (MFF) għall-2007-2013 iżda jqis li l-marġni li jibqa' fis-sottointestatura 1a għall-2011-2013 huwa limitat ħafna; jenfasizza li l-finanzjament għal attivitajiet ġodda ma jridx jostakola l-programmi u l-inizjattivi eżistenti taħt is-sottointestatura 1a;

3. Itenni t-talba tiegħu, għalhekk, għall-preżentazzjoni ta' strateġija pluriennali għall-programm ta' dekummissjonar ta' Kozloduy, kif ukoll għal prijoritajiet politiċi oħra taħt is-sottointestatura 1a, fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-MFF attwali, flimkien ma' proposti konkreti biex jiġi aġġustat u rrevedut qabel it-tmiem tal-ewwel semestru tal-2010 billi jintużaw il-mekkaniżmi kollha disponibbli skont il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1] (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), partikolarment dawk fil-punti 21 sa 23 tiegħu;

4. Jinnota li l-ammont annwali allokat għall-programm ta' dekummissjonar ta' Kozloduy se jiġi determinat waqt il-proċedura baġitarja annwali skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tibddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom u l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

6. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

7. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni:*

(1) ***Il-Bulgarija kkommettiet ruħha*** li tagħlaq l-Unitajiet 1 u 2 u l-Unitajiet 3 u 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy sal-31 ta' Diċembru 2002 u 31 ta' Diċembru 2006, rispettivament u *tagħmel* tiddekummissjona dawn l-unitajiet. L-Unjoni Ewropea esprimiet ir-rieda tagħha li tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja sal-2009 bħala estensjoni tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni ppjanata taħt il-programm Phare b'sapport għall-isforzi tad-dekummissjonar tal-Bulgarija.

*Emenda:*

(1) ***Matul in-negozjati ta' adeżjoni fl-2005, il-Bulgarija qablet*** li tagħlaq l-Unitajiet 1 u 2 u l-Unitajiet 3 u 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy sal-31 ta' Diċembru 2002 u *sal*-31 ta' Diċembru 2006, rispettivament, u *li* tiddekummissjona dawn l-unitajiet. L-Unjoni Ewropea esprimiet ir-rieda tagħha li tkompli tipprovdi assistenza finanzjarja sal-2009 bħala estensjoni tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni ppjanata taħt il-programm Phare b'sapport għall-isforzi tad-dekummissjonar tal-Bulgarija. ***L-Unjoni Ewropea, f'dak iż-żmien, assigurat ukoll li l-assistenza finanzjarja kienet se tiġi kkunsidrata bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tal-appoġġ Komunitarju għall-perjodu 2007-2013.***

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni:*

(2) It-Trattat tal-2005 li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari Artikolu 30 tal-Att li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Romanija u l-emendi tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa, stabbilixxa fid-dawl tal-impenn tal-Bulgarija biex tagħlaq Unità 3 u Unità 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy programm ta' assistenza (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Il-Programm Kozloduy") b'baġit ta' EUR 210 miljun għall-perjodu 2007 sa 2009.

*Emenda:*

(2) It-Trattat tal-2005 li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari Artikolu 30 tal-Att li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Romanija u l-emendi tat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa, stabbilixxa fid-dawl tal-impenn tal-Bulgarija biex tagħlaq Unità 3 u Unità 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy programm ta' assistenza (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Il-Programm Kozloduy") b'baġit ta' EUR 210 miljun għall-perjodu 2007 sa 2009. ***Dak il-programm jinkludi għajnuna biex tkopri t-telf tal-kapaċità bħala konsegwenza tal-għeluq tal-impjant nukleari ta' Kozloduy.***

**Emenda 3**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 2 a (ġdida)**

*Emenda:*

***(2a) Il-prinċipji ta' solidarjetà tal-Unjoni u t-trattament ugwali jirrikjedu li, bħalma ġara fil-passat, issa jittieħed approċċ imparzjali għall-Istati Membri fil-bżonn ta' għajnuna finanzjarja għad-dekummissjonar tal-impjanti nukleari, wara l-impenji li ħadu biex jagħlqu l-unitajiet tal-impjanti nukleari, kif stipulat fit-Trattati tal-Adeżjoni tagħhom jew fil-Protokolli annessi.***

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

**Emenda 4**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (4) L-Unjoni tirrikonoxxi l-isforzi magħmula u l-progress tajjeb miksub mill-Bulgarija fl-istadju ta' preparazzjoni għad-dekummissjonar tal-Programm Kozloduy u utilizzat il-fondi tal-Komunità sal-2009, u l-ħtieġa għal aktar għajnuna finanzjarja wara l-2009 sabiex jitkompla l-progress fl-operazzjoni *taiż-żarmar*. | (4) L-Unjoni tirrikonoxxi l-isforzi magħmula u l-progress tajjeb miksub mill-Bulgarija fl-istadju ta' preparazzjoni għad-dekummissjonar tal-Programm Kozloduy u utilizzat il-fondi tal-Komunità sal-2009, u l-ħtieġa għal aktar għajnuna finanzjarja wara l-2009 sabiex jitkompla l-progress fl-operazzjoni *taż-żarmar* ***bi qbil mat-Trattat ta' Adeżjoni 2005, filwaqt li jiġu applikati l-ogħla standards tas-sikurezza***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (5) Huwa daqstant importanti li jintużaw ir-riżorsi stess tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, għax dan jikkontribwixxi biex ikun hemm l-kompetenza neċessarja u fl-istess ħin itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-għeluq kmieni billi jitħaddem kontinwament l-istaff mill-impjant nukleari magħluq. L-għajnuna finanzjarja kontinwata hija għalhekk importanti biex iżżomm ***l-istandard*** meħtieġ għas-sikurezza. | (5) Huwa daqstant importanti li jintużaw ir-riżorsi stess tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, għax dan jikkontribwixxi biex ikun hemm l-expertise neċessarju, ***iżid l-għarfien*** u ***l-ħiliet, u*** fl-istess ħin itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-għeluq kmieni billi jitħaddem kontinwament l-istaff mill-impjant nukleari magħluq. L-għajnuna finanzjarja kontinwata hija għalhekk importanti biex iżżomm ***l-istandards*** meħtieġ għas-sikurezza, ***għas-saħħa u għall-ambjent***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (6) L-Unjoni tagħraf ukoll il-bżonn għall-għajnuna finanzjarja biex timxi *'l* quddiem ***b'miżuri ta' taffija fis-settur tal-enerġija wara t-telf minħabba l-għeluq tal-unitajiet nukleari u l-impatt tiegħu*** fuq is-sigurtà tal-provvista ***fir-reġjun***. | (6) L-Unjoni tagħraf ukoll il-bżonn ***u n-neċessità*** għall-għajnuna finanzjarja biex timxi *'l* quddiem ***favur ekonomija aktar effiċjenti fl-enerġija li jkollha impatt pożittiv*** fuq is-sigurtà tal-provvista***, fuq il-prezzijiet tal-elettriku u fuq il-volum ta' emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra fil-Bulgarija. Billi hemm bżonn ta' aktar progress fil-Bulgarija fir-rigward tal-iżmaltiment finali tal-fjuwil użat u ta' skart radjuattiv ħafna, u billi l-iżmaltiment finali ta' kull sustanza radjuattiva li tirriżulta mill-għeluq tal-impjant nukleari ta' Kozloduy huwa proċess importanti ħafna li għandu bżonn ikun ippjanat bir-reqqa, l-Unjoni għandha tgħin lill-Gvern Bulgaru fil-proċess tal-identifikazzjoni tas-soluzzjonijiet finali tal-iżmaltiment, jekk ikun xieraq fuq il-bażi ta' studju mill-Gvern Bulgaru rigward l-iżmaltiment sikur finali tas-sustanzi radjuattivi kollha involuti fid-dikummissjonar.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***(6a) It-telf tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni minħabba l-għeluq bikri tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy wassal għal volum addizzjonali sinifikattiv ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, stmat għal 15 TWh għall-perjodu 2011-2013 b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO ta' madwar 1,2 Gg/GWh, u wassal għal kważi 18 000 Gg (jew 18 000 kt) ta' effett addizzjonali ekwivalenti ta' CO għall-Bulgarija, li se jirrikjedi tnaqqis ulterjuri ta' CO.*** |

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 8**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(6b) L-Unjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li ttaffi l-effett tad-dannu ambjentali u tal-emissjonijiet li dejjem jiżdiedu minħabba l-kapaċità ta' sostituzzjoni, ikkaġunata l-iktar minn żieda fl-użu tal-impjanti ta' faħam artab kannella (lignite).*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 6 c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(6c) Miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqas l-impatt soċjoekonomiku tal-għeluq tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, bħal programmi ta' taħriġ mill-ġdid għall-istaff milqut biex jużaw il-ħiliet tagħhom f'setturi oħra, pereżempju għar-riċerka industrijali jew għall-enerġija li tiġġedded, jistgħu jeħtieġu l-assistenza finanzjarja tal-UE.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) ***Għaldaqstant,*** għandu jkun jiġi pprovdut għas-somma ta' EUR 300 miljun mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea biex jiffinanzja d-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy matul il-perjodu mill-2010 sal-2013. | (7) ***Jekk wieħed jirrikonoxxi li l-għeluq qabel iż-żmien ta' dawn l-impjanti ma ppermettiex allokazzjoni adegwata ta' fondi għad-dekummissjonar u għat-trattament ta' skart radjuattiv minn profitti operattivi,*** għandu jkun jiġi pprovdut għas-somma ta' EUR 300 miljun mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea biex jiffinanzja d-dekummissjonar ***tal-Unitajiet 1 sa 4*** tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy matul il-perjodu mill-2010 sal-2013. ***Minn din is-somma, EUR 180 miljun għandhom jintużaw biex jappoġġjaw il-programm tad-dekummissjonar u l-EUR 120 miljun li jibqa' biex jiffinanzjaw kemm l-effiċjenza tal-enerġija kif ukoll il-miżuri għall-iffrankar tal-enerġija.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(7a) Fid-dawl tal-Evalwazzjoni Ex Ante tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2009 [1], EUR 180 miljun tal-fondi huma maħsuba biex jgħinu l-proġetti li ġejjin: (1) ġestjoni tal-proġetti, assistenza teknika u appoġġ għall-implimentazzjoni tal-programm tad-dekommissjonar; (2) il-ħlas ta' salarji għal esperti (operazzjoni, manutenzjoni, appoġġ tekniku, ġestjoni ta' proġetti) fuq is-sit ta' Kozloduy, li jaħdmu għad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1-4; (3) kontribuzzjoni għall-kostruzzjoni tal-Faċilità Nazzjonali għar-Rimi ta' Skart Radjuattiv, kruċjali għall-implimentazzjoni tal-programm ta' dekummissjonar, b'mod partikolari għall-ħżin ta' skart ta' livell baxx u intermedjarju fl-ewwel 10 snin tal-implimentazzjoni; (4) infrastruttura tas-sit u trattament tal-iskart żarmat (inkluż allokazzjoni addizzjonali għal proġetti li diġà qegħdin fi proċess ta' offerti). It-titjib tal-infrastruttura tas-sit imsemmija fil-proġett 4 jista' jinkludi biss miżuri relatati mad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4.*** |

***[1] SEC (2009) 1431.***

### Emenda 12
### Proposta għal Regolament
### Premessa 8

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (8) L-approprijazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għad-dekummissjonar m'għandhomx iwasslu għal tfixkil fil-kompetizzjoni tal-kumpaniji li jipprovdu l-enerġija fis-suq tal-enerġija fl-Unjoni. Dawn l-approprijazzjonijiet għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri ***li jikkompensaw it-telfien tal-kapaċità tal-produzzjoni*** skont l-acquis. | (8) L-approprijazzjonijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għad-dekummissjonar m'għandhomx iwasslu għal tfixkil fil-kompetizzjoni tal-kumpaniji li jipprovdu l-enerġija fis-suq tal-enerġija fl-Unjoni. Dawn l-approprijazzjonijiet għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri ***għall-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija*** skont l-acquis ***u r-regoli tal-funzjonament tas-suq tal-enerġija Ewropea komuni***. |

### Emenda 13
### Proposta għal Regolament
### Premessa 10

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (10) Il-kompiti tal-EBRD jinkludu l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi allokati għall-programmi tad-dekummissjonar ***tal-impjanti*** nukleari ***u tal-monitoraġġmonitoraġġ tal-kontroll*** finanzjarju ta' dawn il-programmi sabiex jottimizzaw l-użu tal-flus pubbliċi. Barra minn hekk, l-EBRD tmexxi l-kompiti tal-baġit fdat lilha mill-Kummissjoni mal-bżonnijiet tal-Artikolu *53quinquies* tar-Regolament Finanzjarju. | (10) Il-kompiti tal-EBRD jinkludu l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi allokati għall-programmi tad-dekummissjonar ***ta' dawk l-unitajiet*** nukleari ***li kienu soġġetti għal ftehimiet ta' għeluq marbuta mal-adeżjoni. L-EBRD qed jimmonitorja l- kontroll*** finanzjarju ta' dawn il-programmi sabiex jottimizzaw l-użu tal-flus pubbliċi. Barra minn hekk, l-EBRD tmexxi l-kompiti tal-baġit fdat lilha mill-Kummissjoni mal-bżonnijiet tal-Artikolu *53d* tar-Regolament Finanzjarju. |

### Emenda 14
### Proposta għal Regolament
### Premessa 11

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (11) Sabiex tkun *assiguratab* l-ogħla effiċjenza possibbli, id-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy għandu jitwettaq permezz tal-aħjar għarfien espert tekniku disponibbli, filwaqt li jitqiesu kif xieraq in-natura u l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi tal-unitajiet li se jingħalqu. | (11) Sabiex tkun *assigurata* l-ogħla effiċjenza possibbli ***u jkunu mminimizzati l-konsegwenzi ambjentali possibbli***, id-dekummissjonar ***tal-Unitajiet 1 sa 4*** tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy għandu jitwettaq permezz tal-aħjar għarfien espert tekniku disponibbli, filwaqt li jitqiesu kif xieraq in-natura u l-ispeċifikazzjonijiet teknoloġiċi tal-unitajiet li se jingħalqu. |

### Emenda 15
### Proposta għal Regolament
### Premessa 11 a (ġdida)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(11a) Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika u t-trasparenza, għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa kollha matul id-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy biex ikunu rrispettati l-obbligi stipulati fil-konvenzjonijiet internazzjonali li diġà jipprovdu għar-rekwiżiti meħtieġa fil-kuntesti nazzjonali, internazzjonali jew transkonfinali, bħalma huma l-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 [1].*** |

***[1] ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.***

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 16**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (12) Id-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy jitmexxa skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/EEC tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima *taleffetti* ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. | (12) Id-dekummissjonar tal-***Unitajiet 1 sa 4 fl-*** Impjant Nukleari ta' Kozloduy jitmexxa ***b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali Bulgara, l-arranġamenti għal-liċenzjar tagħha u*** skont il-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, b'mod partikulari d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima *tal-effetti* ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. |

**Emenda 17**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(12a) L-attivitajiet relatati mad-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy se jsiru b'konformità mal-objettiv fundamentali li l-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali jkunu mħarsa mill-effetti dannużi tar-radjazzjonijiet jonizzanti (1), kif previst fil-leġiżlazzjoni eżistenti, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli mir-radjazzjonijiet jonizzanti, u b'hekk ikun żgurat l-ogħla livell ta' sikurezza u ħarsien għas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali. Il-miżuri li jtaffu fis-settur tal-enerġija permezz tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli għandhom ikunu appoġġjati minn strateġija nazzjonali speċifika Bulgara.***<br><br>***(1) ĠU L 159, 29.6.1996, p.1.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 12 b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(12b) Il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività fir-rigward tal-fondi allokati għandhom jiġu żgurati permezz ta' evalwazzjoni u verifiki tal-prestazzjoni tal-programmi ffinanzjati preċedentement.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13a) L-Artikoli 53d, 108a u 165 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (1), u l-Artikoli 35 u 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (2) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati skont il-metodu ta' ġestjoni konġunta tal-implimentazzjoni tal-baġit.***<br><br>***(1) ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.***<br>***(2) ĠU L 357, 31.12.2002, p.1.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 20**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 13 b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13b) Il-każ ta' Kozloduy għandu jservi ta' eżempju, u l-Kummissjoni għandha tfassal baġit sħiħ u preċiż tad-dekummissjonar għall-analiżi u għall-previżjoni tal-ispejjeż għad-dekummissjonar futur ta' impjanti nukleari.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm u jagħti regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità biex jindirizza ***d-dekummissjonar*** tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy u l-konsegwenzi tal-għeluq tagħhom fil-Bulgarija (hawn taħt imsejjaħ "Il-Programm Kozloduy"). | Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm u jagħti regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità biex jindirizza ***l-proċess ulterjuri tad-dekummissjonar*** tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy u l-konsegwenzi, ***fir-rigward tal-ambjent, l-ekonomija u s-sigurtà tal-provvista fir-reġjun,*** tal-għeluq ***bikri*** tagħhom fil-Bulgarija (hawn taħt imsejjaħ "Il-Programm Kozloduy"). |

**Emenda 22**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm Kozloduy tingħata biex tipprovdi għajnuna finanzjarja għal miżuri konnessi mad-dekummissjonar tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, miżuri għal titjib ambjentali skont l-acquis u għall-immodernizzar tal-kapaċità ***konvenzjonali*** *tall-produzzjoni* biex tissostitwixxi l-kapaċità tal-produzzjoni tal-erba' reatturi tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, u miżuri oħra li jinbtu minn din id-deċiżjoni biex ***jingħalaq*** u ***jkun iddekummissjonat l-impjant*** u li jikkontribwixxu għal ristrutturazzjoni, it-titjib tal-ambjent u l-modernizzazzjoni neċessarji tas-setturi tal-*produzzjoni,* it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija fil-Bulgarija kif ukoll biex titkabbar is-sikurezza tal-provvista ***u*** tal-effiċjenza tal-enerġija fil-Bulgarija. | Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-programm Kozloduy tingħata ***primarjament*** biex tipprovdi għajnuna finanzjarja għal miżuri konnessi mad-dekummissjonar ***tal-Unitajiet 1 sa 4*** tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy.***Barra minn hekk hija tipprevedi*** miżuri għal titjib ambjentali skont l-acquis u għall-immodernizzar tal-kapaċità *tal-produzzjoni* biex tissostitwixxi l-kapaċità tal-produzzjoni tal-erba' reatturi tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy, u miżuri oħra li jinbtu minn din id-deċiżjoni biex ***jingħalqu*** u ***jkunu ddekummissjonati dawk l-unitajiet*** u li jikkontribwixxu għal ristrutturazzjoni, it-titjib tal-ambjent u l-modernizzazzjoni ***u t-tisħiħ*** neċessarji tas-setturi tal-*produzzjoni,* it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija fil-Bulgarija kif ukoll biex titkabbar is-sikurezza ***u standard ogħla*** tal-provvista u tal-effiċjenza tal-enerġija ***u l-użu tal-enerġija rinnovabbli*** fil-Bulgarija***, filwaqt li jitħeġġu miżuri għall-iffrankar tal-enerġija u jiġu promossi l-enerġiji rinnovabbli. L-għajnuna finanzjarja tista' tingħata wkoll biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni soċjoekonomika fil-komunitajiet milquta, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' impjiegi u industriji ġodda sostenibbli.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-ammont neċessarju tar-referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-programm Kozloduy għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 300 miljun. | 1. L-ammont neċessarju tar-referenza finanzjarja***, fi ħdan it-tifsira tal-punt 38 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006,*** għall-implimentazzjoni tal-programm Kozloduy għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 300 miljun. |

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 24**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-approprijazzjonijiet annwali jkunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji. | 2. L-approprijazzjonijiet annwali jkunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji ***u skont ir-rekwiżiti tal-proċess tad-dekummissjonar***. |

**Emenda 25**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. L-ammont tal-approprijazzjonijiet allokati għall-Programm Kozloduy ***jista'*** jkun revedut matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex ***jeżamina*** l-progress magħmul bl-implimentazzjoni tal-programm u jassigura li l-programm u l-allokazzjoni tar-riżorsi huma bbażati fuq il-ħtiġijiet reali tal-ħlas u l-kapaċità tal-assorbiment. | 3. L-ammont tal-approprijazzjonijiet allokati għall-Programm Kozloduy ***għandu*** jkun revedut kull sena matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex ***jitqiesu*** l-progress magħmul bl-implimentazzjoni tal-programm ***u l-impatti fuq medda twila ta' żmien kif ukoll il-konsegwenzi għall-ambjent, l-ekonomija u s-sigurtà tal-provvista bl-għeluq bikri tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy,*** u jassigura li l-programm u l-allokazzjoni tar-riżorsi huma bbażati fuq il-ħtiġijiet reali tal-ħlas u l-kapaċità tal-assorbiment. |

**Emenda 26**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-miżuri taħt il-Programm Kozloduy *ikunu* adottati skont l-Artikolu 8(2). | 2. Il-miżuri taħt il-Programm Kozloduy *għandhom jiġu* adottati skont l-Artikolu 8(2). ***Huma għandhom jirrispettaw ir-regoli Ewropej li jirrigwardaw l-akkwist pubbliku.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kommissjoni jista' jkollha verifika tal-użu tal-assistenza mwettqa jew direttament mill-persunal tagħha stess jew minn xi awtorità kkwalifikata oħra barranija li tagħżel hi. Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu matul il-perjodu tal-ftehim bejn il-Komunità u l-EBRD fuq il-fondi tal-Komunità għall-Fond Internazzjonali ta' Għajnuna għad-Dekummissjonar ta' Kozloduy u għall-perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ. Fejn ikun xieraq, ir-riżultati tal-verifika jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni. | 1. Il-Kommissjoni ***għandha timmoniterja, u*** jista' jkollha verifika tal-użu tal-assistenza mwettqa jew direttament mill-persunal tagħha stess jew minn xi awtorità kkwalifikata oħra barranija li tagħżel hi. Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu matul il-perjodu tal-ftehim bejn il-Komunità u l-EBRD fuq il-fondi tal-Komunità għall-Fond Internazzjonali ta' Għajnuna għad-Dekummissjonar ta' Kozloduy ***b'konformità mar-regoli tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija*** u għall-perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ. Fejn ikun xieraq, ir-riżultati tal-verifika jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni. ***L-iffinanzjar ta' tali verifiki u kwalunkwe stima oħra ma jaqgħux fil-qasam ta' applikazzjoni tal-baġit għall-assistenza għad-dekummissjonar.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 - subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persunal minn barra awtorizzat mill-Kummissjoni għandu jkollhom dritt xieraq għall-aċċess, b'mod partikulari għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa sabiex jitmexxew dawn ir-reviżjonijiet. | 2. Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persunal minn barra awtorizzat mill-Kummissjoni għandu jkollhom dritt xieraq għall-aċċess, b'mod partikulari għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa sabiex jitmexxew dawn ir-reviżjonijiet. ***Il-verifiki għandhom ikopru wkoll l-istat ta' approvazzjoni li jkun intlaħaq fil-qafas tad-dekummissjonar.*** |

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 29**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-Qorti tal-Awdituri ***jkollha*** l-istess drittijiet, speċjalment tal-aċċess, bħall-Kummissjoni. | Il-Qorti tal-Awdituri ***u l-Parlament Ewropew għandu jkollhom*** l-istess drittijiet, speċjalment tal-aċċess, bħall-Kummissjoni. |

**Emenda 30**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-Kommissjoni tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tirrapporta f'intervalli regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għandha twettaq ***reviżjoni*** ta' nofs it-terminu, kif ipprovdut f'Artikolu 3 (3). | Il-Kommissjoni tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tirrapporta f'intervalli regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar l-użu ta' fondi u l-attivitajiet imwettqa***. Għandha twettaq ***evalwazzjoni*** ta' nofs it-terminu ***u evalwazzjoni ex post***, kif ipprovdut fl-Artikolu 3(3) ***u tirrapportahom it-tnejn lill-Parlament Ewropew***. |
| | ***L-evalwazzjoni ex-post għandu jkollha baġit sħiħ u preċiż tal-ispejjeż għad-dekummissjonar tal-impjant nukleari sabiex tkun tista' tippjana għan-nefqa tad-dekummissjonar għall-ġejjieni. Għandha tanalizza wkoll l-ispejjeż ekonomiċi, soċjali u ambjentali, u tiffoka fuq l-impatt tar-residwi tar-radjazzjoni ħielsa u l-konsegwenzi għas-sigurtà tal-provvista.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 7 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 7a*** |
| | ***Qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' kontribuzzjoni, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità, b'konformità mal-istandards aċċettati fuq livell internazzjonali, għall-anqas għal dawk li huma l-proċeduri tal-kontabilità, tal-verifika, tal-kontroll intern u tal-akkwist tal-EBRD.*** |

2011/C 161 E/16 L-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tas-sinerġiji tal-fondi assenjati għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-bliet u r-reġjuni kif ukoll fl-Istati Membri u fl-Unjoni (2009/2243(INI)) ... 104

2011/C 161 E/17 Sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sostenibilità fuq medda twila ta' żmien tal-finanzi pubbliċi għal ekonomija li qed tirkupra (2010/2038(INI)) ... 112

2011/C 161 E/18 Il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona (2009/2235(INI)) ... 120

2011/C 161 E/19 Unjoni għall-Mediterran

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar l-Unjoni għall-Mediterran (2009/2215(INI)) .. 126

2011/C 161 E/20 Il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-ħtieġa ta' strateġija Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar (2009/2216(INI)) ... 136

2011/C 161 E/21 Il-libertà reliġjuża fil-Pakistan

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-libertà reliġjuża fil-Pakistan ... 147

2011/C 161 E/22 Is-sitwazzjoni fit-Tajlandja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar it-Tajlandja ... 152

2011/C 161 E/23 IL-Mjanmar

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Burma/Mjanmar ... 154

---

III *Atti preparatorji*

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 18 ta' Mejju 2010**

2011/C 161 E/24 Stabbiliment ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (16626/2/2009 – C7-0049/2010 – 2009/0027(COD)) ... 158

2011/C 161 E/25 Ir-rendiment enerġetiku tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid) ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid) (05386/3/2010 – C7-0095/2010 – 2008/0223(COD)) ... 159

ANNESS ... 160

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2011/C 161 E/26 Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perjodu 2008-2013 (emenda tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Kunsill) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (COM(2009)0456 – C7-0123/2009 – 2009/0127(COD)) 161

P7_TC1-COD(2009)0127

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" . . . . . . . . . . 162

2011/C 161 E/27 Il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (emenda tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2009)0508 – C7-0244/2009 – 2009/0136(NLE)) . . . . . . . . . . 166

2011/C 161 E/28 Il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)(emenda tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI) *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda d-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2010)0015 – C7-0040/2010 – 2010/0006(NLE) . . . . . . . . . . 172

2011/C 161 E/29 Trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva 86/613/KEE (17279/3/2009 – C7-0075/2010 – 2008/0192(COD)) . . . . . . . . . . 177

P7_TC2-COD(2008)0192

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE 178

2011/C 161 E/30 Ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti (COM(2009)0031 – C6-0048/2009 – 2009/0006(COD)) . . . . . . . . . . 179

P7_TC1-COD(2009)0006

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolamen (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE, id-Direttiva 96/73/KE u d-Direttiva 2008/121/KE 180

ANNESS I . . . . . . . . . . 196

ANNESS II . . . . . . . . . . 199

ANNESS III . . . . . . . . . . 200

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

ANNESS IV ........ 201

ANNESS V ........ 202

ANNESS VI ........ 204

ANNESS VII ........ 205

ANNESS VIII ........ 206

ANNESS IX ........ 252

ANNESS X ........ 254

2011/C 161 E/31 Għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (COM(2009)0580 – C7-0277/2009 – 2009/0162(COD)) ........ 256

P7_TC1-COD(2009)0162

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina 257

2011/C 161 E/32 Miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni (Emenda tar-Regolament (KE) Nru 247/2006) ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni (COM(2009)0510 – C7-0255/2009 – 2009/0138(COD)) .... 257

P7_TC1-COD(2009)0138

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni ........ 258

2011/C 161 E/33 L-estimi tad-dħul u tal-infiq għas-sena 2011 - Taqsima I - Il-Parlament

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2011 (2010/2005(BUD)) ........ 258

ANNESS ........ 265

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2010**

2011/C 161 E/34 Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 (emenda tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE) ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u bil-bidla tal-limiti għall-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet (16627/1/2009 – C7-0051/2010 – 2009/0026(COD)) ........ 266

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2011/C 161 E/35 Indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (tfassil mill-ġdid) ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (tfassil mill-ġdid) (05247/1/2010 – C7-0094/2010 – 2008/0222(COD)) .......... 267

ANNESS .......... 268

2011/C 161 E/36 Baġit ta' emenda Nru 1/2010: Taqsima I – Il-Parlament

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 1/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew (09807/2010 – C7-0125/2010 – 2010/2045(BUD)) .......... 269

2011/C 161 E/37 L-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant (COM(2008)0818 – C6-0480/2008 – 2008/0238(COD)) .......... 271

P7_TC1-COD(2008)0238

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Mejju 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2010/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għat-trapjant .......... 272

ANNESS .......... 272

**Il-Ħamis 20 ta' Mejju 2010**

2011/C 161 E/38 Assistenza finanzjarja tal-Komunità dwar id-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija – "Il-Programm Kozloduy" *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Mejju 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill fuq assistenza finanzjarja tal-Komunità dwar id-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija – "Il-Programm Kozloduy" (COM(2009)0581 – C7-0289/2009 – 2009/0172(NLE)) ...... 273

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT